2024

Rapporti Annwali

- **dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2024 u**
- **dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2024**

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

NB: ta' min jinnota li, minħabba l-ittondjar, xi totali fiċ-ċifri ppreżentati f'dan id-dokument jaf ma jkunux ugwali għas-somma tal-elementi individwali.

Skont l-Artikolu 287(1) u (4) tat-TFUE, l-Artikolu 264(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), u l-Artikolu 42(2) u l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323, moqri flimkien mal-Artikolu 279 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) u l-Artikolu 92(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea, fil-laqgħat tagħha tat-3 ta' Lulju u l-10 ta' Lulju 2025, adottat ir-

RAPPORTI ANNWALI
għas-sena finanzjarja 2024

Ir-rapporti, flimkien mar-risposti tal-Istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti, intbagħtu lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-Istituzzjonijiet l-oħra.

Fiż-żmien meta ġew adottati dawn ir-rapporti, il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri kienu:

Tony Murphy (President), Nikolaos Milionis, Klaus-Heiner Lehne, Iliana Ivanova, Bettina Jakobsen, Jan Gregor, Mihails Kozlovs, Ildikó Gáll-Pelcz, Annemie Turtelboom, Ivana Maletić, François-Roger Cazala, Joëlle Elvinger, Helga Berger, Marek Opioła, Jorg Kristijan Petrovič, Stef Blok, George Marius Hyzler, Lefteris Christoforou, Laima Liucija Andrikienė, Keit Pentus-Rosimannus, Katarína Kaszasová, João Leão, Alejandro Blanco Fernández, Carlo Alberto Manfredi Selvaggi, Petri Sarvamaa, Hans Lindblad, Lucian Romașcanu

Werrej

Paġna

Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2024 5

Risposti tal-istituzzjonijiet għar-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2024 454

Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2024 550

Risposti tal-Kummissjoni Ewropea għar-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2024 588

Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2024

Ix-xogħol fuq ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2024 tmexxa minn Jan Gregor, il-Membru responsabbli għar-rapport annwali. Il-membri relaturi responsabbli mill-kapitoli individwali kienu Jan Gregor (il-Kapitolu 1 u l-Kapitolu 11), Lefteris Christoforou (il-Kapitolu 2), Jorg Kristijan Petrovič (il-Kapitolu 3 u l-Kapitolu 12), Katarína Kaszasová (il-Kapitolu 4), Mihails Kozlovs (il-Kapitolu 5), Stef Blok (il-Kapitolu 6), Klaus-Heiner Lehne (il-Kapitolu 7), Marek Opioła (il-Kapitolu 8), Laima Liucija Andrikienė (il-Kapitolu 9) u Ildikó Gáll-Pelcz (il-Kapitolu 10).

Mix-xellug għal-lemin: Ildikó Gáll-Pelcz, Mihails Kozlovs, Katarína Kaszasová, Jan Gregor, Laima Liucija Andrikienė, Stef Blok, Klaus-Heiner Lehne, Jorg Kristijan Petrovič, Lefteris Christoforou u Marek Opioła.

Werrej

		Paġna
Introduzzjoni ġenerali		8
Kapitolu 1	Dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni u informazzjoni ta’ sostenn	11
Kapitolu 2	Ġestjoni bażitarja u finanzjarja	62
Kapitolu 3	Kisba ta’ riżultati mill-bażit tal-UE	110
Kapitolu 4	Dħul	163
Kapitolu 5	Suq uniku, innovazzjoni u diġitali	193
Kapitolu 6	Koeżjoni, reżiljenza u valuri	216
Kapitolu 7	Riżorsi naturali u ambjent	266
Kapitolu 8	Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri Sigurtà u difiża	289
Kapitolu 9	Il-viċinat u d-dinja	312
Kapitolu 10	Amministrazzjoni pubblika Ewropea	336
Kapitolu 11	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	349
Kapitolu 12	Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali tagħna mill-2021	397
Appendiċi		446
Risposti tal-Istituzzjonijiet		454

Introduzzjoni

0.1. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-awditur estern tal-finanzi tal-UE. F'din il-kapaċità, aħna naġixxu bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini kollha tal-UE, notevolment billi nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE.

0.2. F'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)[1], ir-rapport annwali tagħna dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE jkopri kemm id-dħul kif ukoll in-nefqa. Huwa jippreżenta d-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* tagħna dwar jekk il-kontijiet tal-UE humiex affidabbli u jekk il-baġit tal-UE ntużax skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Din id-dikjarazzjoni hija ssupplimentata minn valutazzjonijiet speċifiċi għal oqsma ewlenin ta' nfiq tal-baġit tal-UE. Din is-sena, ir-rapport annwali tagħna jinkludi valutazzjoni speċifika ġdida għall-Intestatura 6 "Il-viċinat u d-dinja" tal-*qafas finanzjarju pluriennali (QFP)*. Rapport annwali separat ikopri l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

0.3. Il-baġit ġenerali tal-UE jiġi adottat kull sena mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew. F'Mejju 2020, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta n-*NextGenerationEU (NGEU)*, li huwa strument temporanju li ġie stabbilit b'rispons għall-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 u li jiġi ffinanzjat permezz tal-ħruġ ta' bonds. L-NGEU jipprovdi finanzjament għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)[2], li jammonta għal madwar 90 % tal-finanzjament taħt l-NGEU, kif ukoll għal supplimenti għal programmi eżistenti tal-QFP 2021-2027, li jridu jintefqu f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur. Nippreżentaw opinjoni separata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF.

0.4. Kemm il-baġit ġenerali tal-UE kif ukoll il-finanzjament taħt l-NGEU huma suġġetti għall-*proċedura ta' kwittanza*. Permezz ta' din il-proċedura, il-Parlament, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, jiddeċiedi jekk il-Kummissjoni Ewropea tkunx issodisfat ir-responsabbiltajiet baġitarji tagħha b'mod sodisfaċenti. Ir-rapport annwali tagħna, flimkien ma' prodotti oħra tagħna, jipprovdi bażi għall-proċedura ta' kwittanza. Hekk kif jiġi ppubblikat, aħna ngħaddu r-rapport annwali tagħna lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

---

[1] L-Artikoli 285 sa 287 tat-TFUE.

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

0.5. Ir-rapport annwali huwa strutturat kif ġej:

— il-***Kapitolu 1*** fih id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, sommarju tar-riżultati tal-awditjar li wettaqna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet tad-dħul u tan-nefqa li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, inkluża l-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni u sommarju tal-approċċ tal-awditjar tagħna. Minn hawn 'il quddiem f'dan ir-rapport annwali, aħna nużaw it-terminu "regolarità" bl-istess tifsira bħal "legalità u regolarità";

— il-***Kapitolu 2*** jippreżenta l-analiżi tagħna tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-UE;

— il-***Kapitolu 3*** jippreżenta l-aspetti tal-prestazzjoni (jiġifieri l-*ekonomija*, l-*effiċjenza* u l-*effettività*) tal-implimentazzjoni tal-baġit, billi jiffoka fuq l-analiżi li wettaqna u fuq is-sinteżi tal-informazzjoni ewlenija dwar il-prestazzjoni minn rapporti speċjali li ġew adottati fl-2024, il-prestazzjoni ta' programmi ta' nfiq taħt l-Intestatura 1 tal-QFP, u s-segwitu li wettaqna tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna tal-2021 dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE;

— il-***Kapitolu 4*** jippreżenta r-riżultati tal-ittestjar li wettaqna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet tad-dħul tal-UE, l-eżaminar li għamilna tal-elementi tas-sistemi ta' kontroll intern għall-ġestjoni tad-dħul u r-rieżaminar li sar minna tar-*rapporti annwali tal-attività* tal-Kummissjoni;

— il-***Kapitoli 5 sa 10*** juru, għall-intestaturi differenti tal-QFP 2021–2027, ir-riżultati tal-ittestjar li wettaqna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet u tar-rieżaminar li sar minna tar-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni, elementi tas-sistemi ta' kontroll intern tagħha u arranġamenti oħra ta' governanza;

— il-***Kapitolu 11*** jippreżenta l-valutazzjoni li wettaqna tal-konformità mal-kundizzjonijiet ta' pagament tal-RRF, kif ukoll ir-rieżaminar li sar minna tar-*rapporti annwali tal-attività* tal-Kummissjoni, l-eżaminar li għamilna ta' sistemi ta' superviżjoni u kontroll magħżula u l-approċċ tal-awditjar tagħna għall-RRF;

— il-***Kapitolu 12*** jippreżenta s-segwitu li wettaqna tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali tagħna mill-2021;

— l-***Appendiċi*** jirrapporta dwar kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti li tinħoloq b'riżultat tat-twettiq, mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, tal-kompiti tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni.

0.6. Aħna għandna l-għan li nippreżentaw is-sejbiet tagħna b'mod ċar u konċiż. Mhux dejjem inkunu nistgħu nevitaw li nużaw termini li huma speċifiċi għall-UE, għall-politiki u l-baġit tagħha, jew għall-kontabbiltà u l-awditjar. Fuq is-sit elettroniku tagħna, ippubblikajna glossarju bi spjegazzjonijiet ta' dawn it-termini speċifiċi. It-termini ddefiniti fil-glossarju jidhru bil-*korsiv* meta jintużaw għall-ewwel darba f'kull kapitolu.

0.7. Ir-risposti tal-Kummissjoni għas-sejbiet tagħna (u, fejn xieraq, ir-risposti ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE) huma ppreżentati flimkien ma' dan ir-rapport.

Kapitolu 1

Dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni u informazzjoni ta’ sostenn

Werrej

	Paragrafu
Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti	**I. - XL.**
Introduzzjoni	**1.1. - 1.3.**
Affidabbiltà tal-kontijiet	**1.4. - 1.7.**
Il-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali	**1.4. - 1.6.**
Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar rigward ir-rapporti finanzjarji 2024	**1.7.**
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**1.8. - 1.26.**
L-opinjoni tagħna tkopri d-dħul bażitarju u t-tranżazzjonijiet tan-nefqa	**1.9. - 1.11.**
L-ebda żball materjali fid-dħul, iżda proporzjon sinifikanti tal-infiq huwa milqut minn żball materjali	**1.12. - 1.22.**
L-iżbalji ta' eliġibbiltà għadhom l-akbar kontributur għal-livell ta' żball stmat u żdiedu mis-sena l-oħra 'l hawn	**1.23. - 1.26.**
L-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni	**1.27. - 1.37.**
Il-livell ta' żball irrappurtat mill-Kummissjoni mhuwiex direttament kumparabbli mal-istima tagħna ta' żball u x'aktarx li huwa stmat b'mod insuffiċjenti	**1.27. - 1.37.**
Aħna nirrappurtaw frodi suspettata lill-UPPE u lill-OLAF	**1.38. - 1.45.**
Konklużjonijiet	**1.46. - 1.48.**
Annessi	
Anness 1.1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar	

Id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

I. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea, li jinkludu r-rapporti finanzjarji konsolidati[1] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[2] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2024, u li ġew approvati mill-Kummissjoni fil-25 ta’ Ġunju 2025;

(b) il-legalità u r-regolarità tat-*tranżazzjonijiet* ta’ bażi, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

II. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea (UE) għas-sena li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2024 jippreżentaw b’mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE fil-31 ta’ Diċembru 2024, ir-*riżultati* tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

---

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) – (ĠU L 2024/2509, 26.9.2024, p. 1, l-Artikolu 249).

[2] *Ibid.*, l-Artikolu 250.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul

III. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Nefqa

IV. Għall-2024, aħna nkomplu nipprovdu żewġ opinjonijiet separati dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa. Dan jirrifletti l-fatt li l-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)* hija strument temporanju mwassal u ffinanzjat b'mod li huwa fundamentalment differenti mill-infiq tal-baġit taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP).

Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja

V. Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjoni deskritta taħt "Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja", in-nefqa baġitarja aċċettata fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 hija milquta minn livell materjali ta' żball.

Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF

VI. Fl-opinjoni tagħna, bl-eċċezzjoni tal-effetti u l-effetti possibbli tal-kwistjonijiet deskritti taħt "Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF", in-nefqa taħt l-RRF aċċettata fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 hija legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Bażi għal opinjonijiet

VII. Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC), l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-istandards u kodiċijiet huma deskritti f'aktar dettall fit-taqsima "Responsabbiltajiet tal-awditur" fir-rapport tagħna. F'dik it-taqsima, aħna nipprovdu wkoll aktar informazzjoni dwar il-bażi għall-opinjoni tagħna dwar id-dħul (ara l-paragrafu ***XXXV***) u n-nefqa taħt l-RRF (ara l-paragrafu ***XXXVII***). Irrispettajna wkoll ir-rekwiżiti tal-indipendenza u wettaqna l-obbligi etiċi tagħna skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professjonali tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti. Nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjonijiet tagħna.

Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja

VIII. Il-livell kumplessiv ta' żball stmat minna għan-nefqa baġitarja aċċettata fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa ta' 3.6 %. Proporzjon sostanzjali ta' din in-nefqa huwa milqut minn livell materjali ta' żball. Dan jirrigwarda nefqa suġġetta għal regoli kumplessi, prinċipalment ibbażata fuq rimborżi, fejn il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5.2 %. Din in-nefqa ammontat għal EUR 115.7-il biljun fl-2024, u tirrappreżenta 68.9 % tal-popolazzjoni li awditjajna[3]. Għalhekk, l-effetti tal-iżbalji li sibna huma kemm materjali kif ukoll pervażivi għan-nefqa aċċettata tas-sena.

Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF

IX. Sibna l-elementi kwantitattivi u kwalitattivi li ġejjin:

- mit-28 pagament taħt l-RRF li saru lill-Istati Membri (u l-approvazzjonijiet relatati tal-prefinanzjamenti), 6 kienu milquta minn sejbiet kwantitattivi. Ħamsa minn dawn il-pagamenti kienu milquta minn żball materjali. Ninnutaw li hemm xejra li qed tiżdied fl-impatt finanzjarju kumplessiv tas-sejbiet kwantitattivi;
- dgħufijiet fil-valutazzjoni *ex ante* mwettqa mill-Kummissjoni;
- każijiet ta' stadji importanti/miri ddefiniti b'mod vag li kkontribwew għal valutazzjoni aktar diskrezzjonali tal-ilħuq sodisfaċenti tagħhom;
- dgħufijiet persistenti fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri; u
- problemi b'rabta mal-affidabbiltà tal-informazzjoni li l-Istati Membri inkludew fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tagħhom.

X. Barra minn hekk, aħna sibna dgħufijiet serji fil-ħatra tal-imħallfin marbuta mar-riforma biex jissaħħu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati fil-Polonja permezz tar-riforma tar-reġim dixxiplinari għall-imħallfin. Hemm kawża li għadha għaddejja fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rigward talba għal deċiżjoni preliminari relatata direttament ma' din il-kwistjoni. Fl-istennija ta' deċiżjoni finali mill-QĠUE dwar din il-kwistjoni, aħna ma nisiltux konklużjoni dwar l-ilħuq sodisfaċenti taż-żewġ stadji importanti relatati f'dan l-istadju. L-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti kien prekundizzjoni għal kwalunkwe pagament taħt l-RRF lill-Polonja.

XI. Abbażi ta' dawn l-elementi, inqisu li l-effetti kumplessivi tas-sejbiet tagħna huma materjali, iżda mhux pervażivi għan-nefqa taħt l-RRF aċċettata tas-sena.

Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar

Ivvalutajna l-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati

XII. Il-karta tal-bilanċ tal-UE tinkludi obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati li ammontaw għal EUR 93.1 biljun fi tmiem l-2024 (2023: EUR 90.8 biljun).

XIII. Il-biċċa l-kbira mill-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati hija relatata mal-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Uffiċjali u l-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, li tammonta għal EUR 84.8 biljun (2023: EUR 82.7 biljun). L-obbligazzjoni rreġistrata fil-kontijiet hija stima tal-valur attwali tal-pagamenti futuri mistennija li l-UE se jkollha twettaq biex tissodisfa l-obbligi tagħha tal-pensjoni.

XIV. Il-benefiċċji mħallsa taħt din l-iskema tal-pensjonijiet jitħallsu mill-baġit tal-UE. Filwaqt li l-UE ma ħolqotx fond tal-pensjonijiet imfassal apposta biex ikopri l-kost tal-obbligi futuri tal-pensjoni, l-Istati Membri jiggarantixxu b'mod konġunt il-pagament tal-benefiċċji, u l-uffiċjali jikkontribwixxu terz tal-kost għall-finanzjament tal-iskema. L-Eurostat jikkalkula din l-obbligazzjoni kull sena f'isem l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, billi juża parametri bħall-profil tal-età u l-istennija tal-għomor tal-uffiċjali tal-UE, kif ukoll suppożizzjonijiet dwar kundizzjonijiet ekonomiċi futuri. Dawn il-parametri u s-suppożizzjonijiet jiġu wkoll ivvalutati mill-konsulenti attwarji tal-Kummissjoni.

[3] Aħna nipprovdu aktar informazzjoni fir-Rapport Annwali 2024 tagħna, il-paragrafi ***1.15*** u ***1.18***.

XV. Fl-2024, l-obbligazzjoni tal-pensjoni baqgħet stabbli, u ż-żieda żgħira ġiet attribwita għall-progressjoni mistennija tal-kost tas-servizzi u tal-imgħax. Barra minn hekk, ir-rata ta' skont żdiedet b'0.3 %.

XVI. It-tieni l-akbar parti tal-obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati hija kostitwita mill-obbligazzjoni stmata tal-UE lejn ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard, li ammontat għal EUR 6.9 biljun fi tmiem l-2024 (2023: EUR 6.3 biljun). Din l-obbligazzjoni hija relatata mal-kostijiet tal-kura tas-saħħa li huma pagabbli lill-membri tal-persunal tal-UE matul il-perjodi ta' wara l-attività (netti mill-kontribuzzjonijiet tagħhom).

XVII. Bħala parti mill-awditjar tagħna, aħna nivvalutaw is-suppożizzjonijiet attwarji li saru għal dawn l-iskemi u l-valwazzjoni riżultanti. Aħna nibbażaw l-evalwazzjoni tagħna fuq xogħol li jitwettaq minn esperti attwarji esterni indipendenti. Nivverifikaw id-*data* bażika li fuqha huma bbażati l-kalkoli, il-parametri attwarji u l-kalkolu tal-obbligazzjoni. Neżaminaw ukoll il-preżentazzjoni tal-obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ konsolidata u n-noti għar-rapporti finanzjarji konsolidati.

XVIII. F'dan il-kuntest, aħna eżaminajna wkoll l-obbligazzjoni pendenti tar-Renju Unit relatata mal-Iskema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej u r-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard, li tammonta għal EUR 9.9 biljun (2023: EUR 10.2 biljun). Ivverifikajna l-preċiżjoni tad-*data* użata għall-kalkolu u li s-sehem rilevanti biss tal-obbligazzjoni kumplessiva tqassam lir-Renju Unit.

XIX. Nikkonkludu li l-istima tal-obbligazzjoni kumplessiva għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati, kif ukoll is-sehem tar-Renju Unit ta' dik l-obbligazzjoni, huma ppreżentati b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Aħna vvalutajna stimi sinifikanti ta' tmiem is-sena li ġew ippreżentati fil-kontijiet

XX. Fi tmiem l-2024, il-valur stmat tan-nefqa eliġibbli mġarrba li kienet dovuta lill-benefiċjarji, iżda li kienet għadha ma ntalbitx, kien ta' EUR 160.7 biljun (2023: EUR 155.2 biljun). Dawn l-ammonti ġew irreġistrati bħala spejjeż dovuti[4].

[4] Dawn jinkludu imposti dovuti ta' EUR 66.8 biljun fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ u, fuq in-naħa tal-assi, EUR 93.9 biljun li jnaqqsu l-valur tal-prefinanzjament.

XXI. Iż-żieda fl-istima fil-programmi kollha hija prinċipalment xprunata mill-fatt li l-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti qed jasal fi tmiemu u li l-użu tal-fondi tal-QFP 2021–2027 kien aktar bil-mod milli antiċipat. Għalhekk, il-valur tat-talbiet reali ppreżentati kien aktar baxx milli mistenni u proporzjon akbar kellu jiġi stmat fi tmiem is-sena. Id-dovuti rreġistrati fir-rigward tal-RRF, li huma bbażati fuq tbassir ta' pagamenti futuri, ammontaw għal EUR 7.9 biljun (2023: EUR 7.4 biljun).

XXII. Biex nivvalutaw dawn l-istimi ta' tmiem is-sena, aħna eżaminajna s-sistema li l-Kummissjoni kienet stabbiliet għall-kalkoli tal-cut-off biex niżguraw il-korrettezza u l-kompletezza tagħhom fid-direttorati ġenerali li fihom iġġarrbet il-biċċa l-kbira min-nefqa. Matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna fuq il-kampjun ta' fatturi u ta' pagamenti ta' prefinanzjamenti, aħna eżaminajna l-kalkoli tal-cut-off rilevanti sabiex nindirizzaw ir-riskju li l-ammont dovut jiġi ddikjarat b'mod skorrett.

XXIII. Nikkonkludu li l-istima tal-ammont kumplessiv ta' imposti dovuti u ta' pagamenti bil-quddiem oħra mħallsa lill-Istati Membri hija ppreżentata b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Ivvalutajna l-impatt li l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna kellha fuq il-kontijiet

XXIV. Billi l-UE tipprovdi assistenza lill-Ukrajna fil-għamla ta' self u għotjiet, aħna vvalutajna l-kalkoli li l-Kummissjoni kienet għamlet rigward l-esponiment finanzjarju relatat tal-UE, kif ukoll il-bażi sottostanti tagħhom, biex naraw li l-konsegwenzi reali u dawk potenzjali żgur kienu riflessi b'mod xieraq fil-kontijiet tal-UE. Aħna, kif ukoll espert estern indipendenti, ivvalutajna l-kalkoli tal-Kummissjoni biex naraw li żgur tqieset l-informazzjoni rilevanti kollha.

XXV. Nikkonkludu li t-trattament tal-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fuq il-kontijiet konsolidati huwa ppreżentat b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Ivvalutajna l-impatt tal-NGEU fuq il-kontijiet

XXVI. Bin-NextGenerationEU (NGEU), l-UE mobilizzat riżorsi sostanzjali biex timmitiga l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19. Biex tiffinanzja l-NGEU, il-Kummissjoni Ewropea tiġbor dejn fis-swieq kapitali. Dawn il-fondi qed jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri fil-għamla ta' għotjiet mhux ripagabbli jew self sa ammont ta' allokazzjoni li dwarha jkun intlaħaq qbil qabel. Dawn l-inizjattivi għandhom effett sinifikanti fuq ir-rapporti finanzjarji. L-aktar parti sinifikanti tal-NGEU hija l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li permezz tagħha kienu ġew żborżati EUR 197.5 biljun ta' għotjiet u EUR 108.7 biljun ta' self sa tmiem l-2024.

XXVII. Bħala parti mill-proċeduri normali tal-awditjar tagħna, aħna awditjajna l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż ta-UE, inklużi dawk relatati mal-NGEU. Nikkonkludu li dawn huma ppreżentati b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati.

Kwistjonijiet oħra

Informazzjoni inkluża fit-taqsima "Financial highlights of the year"

XXVIII. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-provvediment ta' "informazzjoni oħra". Dan it-terminu jinkludi l-punti finanzjarji ewlenin tas-sena ("Financial highlights of the year"), iżda mhux il-kontijiet konsolidati jew ir-rapporti tagħna dwarhom. L-opinjoni tagħna dwar il-kontijiet konsolidati ma tkoprix din l-informazzjoni l-oħra, u aħna ma nesprimu l-ebda forma ta' konklużjoni ta' aċċertament dwarha. Ir-responsabbiltà tagħna fir-rigward tal-awditu tal-kontijiet konsolidati hija li naqraw l-informazzjoni l-oħra u nqisu jekk din l-informazzjoni tkunx materjalment inkonsistenti mal-kontijiet konsolidati jew mal-għarfien li nkunu ksibna fl-awditu, jew jekk jidhirx li tkun saret xi dikjarazzjoni skorretta materjali oħra. Jekk aħna nikkonkludu li jkun hemm dikjarazzjoni skorretta materjali tal-informazzjoni l-oħra, aħna meħtieġa nirrappurtaw dan il-fatt kif meħtieġ. Aħna ma għandna xejn x'nirrappurtaw f'dan ir-rigward.

Trattament tar-rikavati mit-teħid b'self għall-finanzjament tal-NGEU

XXIX. Ninnutaw li l-ammonti mislufa għall-finanzjament tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli tal-NGEU huma ppreżentati b'mod differenti fil-baġit u fir-rapporti finanzjarji konsolidati. L-ammonti mislufa biex jiffinanzjaw appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli lill-Istati Membri fil-kuntest tal-NGEU, li jipprovdi 29 % tad-dħul tal-UE fl-2024, huma ttrattati bħala dħul assenjat estern, li huwa addizzjonali għall-baġit ivvutat, f'konformità mar-Regolament dwar l-RRF. Ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja ma jinkludix dawn l-ammonti bħala dħul, iżda jinkludi l-ispejjeż relatati mal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli tal-NGEU, u dan iwassal għal impatt negattiv fuq ir-riżultat ekonomiku għas-sena. Riżultati ekonomiċi negattivi jżidu d-defiċit fl-assi netti kif rifless fil-karta tal-bilanċ tal-UE, u għalhekk iridu jiġu ffinanzjati minn baġits futuri.

Responsabbiltajiet tal-maniġment

XXX. F'konformità mal-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u mar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni hija responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet konsolidati tal-UE abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment, u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba *frodi* u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli milli jara li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji żgur ikunu jikkonformaw mal-awtoritajiet (liġijiet, regolamenti, prinċipji, regoli u standards) li jirregolawhom. Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

XXXI. Fit-tħejjija tal-kontijiet konsolidati, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-UE li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga kull kwistjoni rilevanti u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma jkunx biħsiebu jillikwida l-entità jew itemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollu l-ebda alternattiva realistika ħlief li jagħmel dan.

XXXII. Il-Kummissjoni hija responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-UE.

XXXIII. Skont ir-Regolament Finanzjarju (it-Titolu XIII), l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni jeħtieġlu jippreżenta l-kontijiet konsolidati tal-UE biex jiġu awditjati, l-ewwel bħala kontijiet proviżorji sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara u mbagħad bħala kontijiet finali sal-31 ta' Lulju. Il-kontijiet proviżorji jridu diġà jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE. Għalhekk, huwa imperattiv li l-entrati kollha tal-kontijiet proviżorji jiġu ppreżentati bħala kalkoli finali, biex b'hekk aħna nkunu nistgħu nwettqu l-kompitu tagħna f'konformità mat-(Titolu XIII) tar-Regolament Finanzjarju u sad-dati ta' skadenza mogħtija. Kull bidla bejn il-kontijiet proviżorji u dawk finali normalment tkun tirriżulta mill-osservazzjonijiet tagħna biss.

Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet konsolidati u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

XXXIV. L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet konsolidati tal-UE jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li l-awditu jkun neċessarjament qabad il-każijiet kollha ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw kull deċiżjoni ekonomika li tittieħed fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet konsolidati.

XXXV. Għad-dħul, l-eżaminar li wettaqna tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross, it-taxxa fuq il-valur miżjud u l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-istatistika u d-data li fuqhom dawn jiġu kkalkulati, u jivvaluta s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tagħhom sal-punt li fih il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, aħna neżaminaw il-kontijiet tal-awtoritajiet doganali u nanalizzaw il-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jkunu ġew riċevuti mill-Kummissjoni u rreġistrati fil-kontijiet. Hemm riskju li d-dazji doganali jew ma jiġux iddikjarati jew inkella jiġu ddikjarati b'mod skorrett lill-awtoritajiet doganali nazzjonali min-naħa tal-importaturi. Għalhekk id-dazji tal-importazzjoni realment miġbura se jkunu inqas mill-ammont li teoretikament jenħtieġ li jinġabar. Din id-differenza hija magħrufa bħala n-"nuqqas doganali". Dawn l-ammonti evaži ma jinqabdux mis-sistemi kontabilistiċi tar-riżorsi proprji tradizzjonali tal-Istati Membri u ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu tal-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar id-dħul.

XXXVI. Għan-nefqa, neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament ladarba n-nefqa tkun ġiet imġarrba, irreġistrata u aċċettata. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti fil-punt meta jsiru, ħlief il-pagamenti bil-quddiem. Aħna neżaminaw il-pagamenti bil-quddiem ladarba r-riċevitur tal-fondi jkun ipprovda evidenza dwar l-użu xieraq tagħhom u l-istituzzjoni jew il-korp ikunu aċċettaw dik l-evidenza billi japprovaw il-pagament bil-quddiem, u dan għandu mnejn ma jseħħx qabel is-sena sussegwenti.

XXXVII. Għan-nefqa taħt l-RRF, mhux bħal nefqa baġitarja oħra, il-kundizzjoni għall-pagament hija l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti jew il-miri predefiniti. Rekwiżiti oħra huma: li l-miri jew l-istadji importanti li preċedentement ikunu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti ma kellhomx jitreġġgħu lura, u li ma hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' finanzjament doppju. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-Regolament jinkludu l-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà, il-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (DNSH), u n-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti. Konsegwentement, l-awditu li wettaqna jiffoka fuq jekk dawn il-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' eliġibbiltà ġewx issodisfati. Billi l-konformità tan-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali mhijiex kundizzjoni għall-pagamenti taħt l-RRF, l-opinjoni tal-awditjar tagħna ma tkoprix ir-regolarità tan-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali. Ir-Regolament dwar l-RRF ma jistipulax kriterji ulterjuri dwar kif għandha tiġi interpretata l-kelma "sodisfaċenti", u għalhekk lill-Kummissjoni jħallilha diskrezzjoni wiesgħa meta tivvaluta l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri. Il-valutazzjoni tal-kisbiet kwalitattivi tirrikjedi l-għemil ta' diversi ġudizzji, fatt li jwassal għal interpretazzjonijiet possibbli differenti. Dan ir-riskju huwa preżenti partikolarment meta l-istadji importanti jew il-miri jkunu mfassla b'mod vag.

XXXVIII. Aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

(a) nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. infasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi jaf tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jingħeleb il-kontroll intern. B'konsegwenza ta' dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.

(b) niksbu fehim tal-kontroll intern rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa, iżda mhux bl-iskop li nagħtu opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern.

(c) nevalwaw l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jintużaw mill-maniġment, kif ukoll ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru minn dawn tal-aħħar.

(d) nilħqu konklużjoni dwar l-adegwatezza tal-użu mill-maniġment tal-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbażi tal-evidenza għall-awditjar miksuba, dwar jekk tkunx teżisti inċertezza materjali minħabba avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità ta' entità li tkompli bħala negozju avvjat. Jekk nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali bħal din, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet konsolidati jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jaf iwasslu biex l-entità ma tkomplix bħala negozju avvjat.

(e) nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet konsolidati, inklużi d-divulgazzjonijiet kollha, u nivvalutaw jekk il-kontijiet konsolidati jkunux jirrappreżentaw it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' bażi b'mod ġust.

(f) niksbu evidenza adegwata u suffiċjenti għall-awditjar rigward l-informazzjoni finanzjarja dwar l-entitajiet koperti mill-ambitu tal-konsolidazzjoni tal-UE biex nesprimu opinjoni dwar il-kontijiet konsolidati u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aħna għandna r-responsabbiltà li niddirieġu, nissorveljaw u nwettqu l-awditu, u aħna unikament responsabbli mill-opinjoni tal-awditjar li nagħtu.

XXXIX. Nikkomunikaw mal-Kummissjoni u ma' entitajiet awditjati oħra rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ippjanati tal-awditu u dwar osservazzjonijiet sinifikanti tal-awditjar, inkluża kwalunkwe defiċjenza sinifikanti fil-kontroll intern.

XL. Mill-kwistjonijiet li ddiskutejna mal-Kummissjoni u ma' entitajiet oħra awditjati, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet konsolidati, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar għall-perjodu attwali. Niddeskrivu dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika jew meta, f'każijiet rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji għall-interess pubbliku.

L-10 ta' Lulju 2025

Tony Murphy
Il-President

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 il-Lussemburgu

Introduzzjoni

1.1. Dan il-kapitolu tar-rapport annwali:

(a) jiddeskrivi l-bażi għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* tagħna u jagħti stampa ġenerali tal-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u r-regolarità tat-*tranżazzjonijiet* ta' bażi għad-dħul u n-nefqa tal-*qafas finanzjarju pluriennali* (QFP);

(b) jinkludi informazzjoni dwar ir-rappurtar li nwettqu ta' każijiet ta' frodi suspettata lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u lill-Uffiċċju tal-UE ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u dwar l-awditi li nwettqu rigward l-azzjoni tal-UE fil-ġlieda kontra l-*frodi*;

(c) jiġbor fil-qosor l-approċċ tal-awditjar tagħna (ara l-***Anness 1.1***).

1.2. Fl-2024, l-infiq totali tal-gvernijiet estiżi tal-Istati Membri (EUR 8 833 biljun) kien jirrappreżenta 49.7 % tal-*introjtu nazzjonali gross (ING)* tagħhom (EUR 17 776 biljun). L-infiq tal-baġit tal-UE ammonta għal EUR 191.1 biljun, li jirrappreżenta 2.2 % tal-infiq totali tal-gvernijiet estiżi tal-Istati Membri tal-UE u 1.1 % tal-ING tagħhom (ara l-***Figura 1.1***). Meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pagamenti addizzjonali mid-*dħul assenjat* għall-għotjiet tal-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza* (RRF) ta' EUR 55.9 biljun (ara l-paragrafu ***2.22***) iffinanzjati mid-dejn tal-UE, il-pagamenti fl-2024 b'kollox ammontaw għal EUR 247.0 biljun[5].

[5] Il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024, ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u n-noti ta' spjegazzjoni, it-Taqsima 6.3 "QFP: implimentazzjoni tal-*approprjazzjonijiet ta' pagament*".

Figura 1.1 – L-infiq tal-baġit tal-UE għall-2024 u n-nefqa tal-gvernijiet estiżi tal-EU-27 b'mod proporzjonat għall-ING



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* dwar l-ING tal-EU-27 mill-kontijiet annwali konsolidati tal-Kummissjoni Ewropea għall-2024 – l-Anness A – Dħul; nefqa tal-gvernijiet estiżi tal-EU-27: il-bażi ta' *data* tal-Eurostat – Government revenue, expenditure and main aggregates; (*data* estratta fit-28 ta' April 2025); infiq tal-baġit tal-UE: il-Kummissjoni Ewropea – il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

1.3. Il-fondi tal-UE jiġu żborżati lill-*benefiċjarji* jew permezz ta' pagamenti uniċi/pagamenti parzjali annwali jew inkella permezz ta' sensiela ta' pagamenti fi ħdan skemi ta' nfiq pluriennali. Il-pagamenti li saru mill-Baġit 2024 tal-UE kienu jinkludu prefinanzjamenti ta' EUR 49.0 biljun u pagamenti oħra li ammontaw għal EUR 142.1 biljun. Kif turi l-***Figura 1.2***, l-akbar ishma tal-baġit tal-UE marru għand "Riżorsi naturali u ambjent" u "Koeżjoni, reżiljenza u valuri", segwiti minn "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali".

Figura 1.2 – Infiq tal-baġit tal-UE fl-2024 għal kull intestatura tal-QFP

(biljun EUR)



QFP 1 (il-Kapitolu 5)	Suq uniku, innovazzjoni u diġitali
QFP 2 (il-Kapitolu 6)	Koeżjoni, reżiljenza u valuri
QFP 3 (il-Kapitolu 7)	Riżorsi naturali u ambjent
QFP 4 (il-Kapitolu 8)	Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri
QFP 5 (il-Kapitolu 8)	Sigurtà u difiża
QFP 6 (il-Kapitolu 9)	Il-viċinat u d-dinja
QFP 7 (il-Kapitolu 10)	Amministrazzjoni pubblika Ewropea
Mekkaniżmu ta' solidarjetà	(lil hinn mill-QFP)

Sors: il-QEA.

Affidabbiltà tal-kontijiet

Il-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali

1.4. Is-sejbiet tagħna jikkonċernaw il-*kontijiet konsolidati*[6] (il-"kontijiet") tal-UE għas-sena finanzjarja 2024. Aħna rċevejniehom, flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjonijiet tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, fit-30 ta' Ġunju 2025, li hija d-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni stabbilita fir-*Regolament Finanzjarju*. Il-kontijiet huma akkumpanjati minn taqsima bit-titolu "Financial highlights of the year"[7], li mhijiex koperta mill-opinjoni tal-awditjar tagħna. Madankollu, skont l-istandards tal-awditjar, aħna vvalutajna l-konsistenza tagħha mal-informazzjoni fil-kontijiet.

1.5. Il-kontijiet ippubblikati mill-Kummissjoni juru li, fil-31 ta' Diċembru 2024, l-obbligazzjonijiet totali kienu jammontaw għal EUR 827.3 biljun meta mqabbla ma' assi totali ta' EUR 518.5 biljun. Id-differenza ta' EUR 308.8 biljun kienet tirrappreżenta l-assi netti (negattivi), li jinkludu riżervi u dik il-parti tal-ispejjeż li l-UE kienet diġà ġarrbet sal-31 ta' Diċembru u li trid tiġi ffinanzjata minn baġits futuri. Il-***Figura 1.3*** turi diżaggregazzjoni dettaljata tal-assi u tal-obbligazzjonijiet. Ir-*riżultat ekonomiku* (negattiv) għall-2024 kien ta' EUR 97.2 biljun. L-ammonti li ntefqu għan-*NextGenerationEU* (NGEU) ikkontribwew sinifikattivament għall-assi netti negattivi u għar-riżultat ekonomiku negattiv.

---

[6] L-Artikolu 247 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

[7] Il-Linja Gwida ta' Prattika Rakkomandata 2 (RPG 2) – "Financial Statement Discussion and Analysis", tal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSASB).

Figura 1.3 – Assi u obbligazzjonijiet tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2024



Sors: il-QEA

1.6. L-awditu li wettaqna sab li l-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali. Aħna nippreżentaw ir-riżultati ta' xogħolna dwar il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja tal-fondi tal-UE fil-***Kapitolu 2***.

Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar rigward ir-rapporti finanzjarji 2024

1.7. Il-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar huma dawk li, skont il-ġudizzju professjonali tagħna, kienu tal-akbar sinifikat fl-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati fil-kuntest tal-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji fit-totalità tagħhom, kif ukoll aħna u nifformulaw l-opinjonijiet tagħna dwarhom, iżda ma nipprovdux opinjoni separata dwar dawn il-kwistjonijiet. Aħna nirrappurtaw dwar kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

1.8. Eżaminajna d-dħul u n-nefqa tal-UE biex nivvalutaw jekk ir-riżorsi kinux inġabru u ntefqu f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli[8]. Hawn taħt niġbru fil-qosor ir-riżultati tal-awditjar tagħna, li huma ppreżentati fid-dettall għad-dħul fil-***Kapitolu 4*** u għan-nefqa fil-***Kapitoli 5–10***. Il-ħarsa ġenerali hawn taħt ma tinkludix ir-riżultati tax-xogħol tal-awditjar li wettaqna fuq in-nefqa taħt l-RRF, li huma rrappurtati fil-***Kapitolu 11***.

L-opinjoni tagħna tkopri d-dħul baġitarju u t-tranżazzjonijiet tan-nefqa

1.9. Għad-dħul, aħna ksibna aċċertament raġonevoli għall-opinjoni tal-awditjar tagħna billi vvalutajna s-sistemi ewlenin magħżula, ikkomplementati bi ttestjar tat-tranżazzjonijiet. Il-kampjun ta' 65 tranżazzjoni eżaminati kien maħsub biex ikun rappreżentattiv tas-sorsi kollha ta' dħul baġitarju tal-UE, li jinkludi dħul minn *riżorsi proprji* (dazji doganali u riżorsi bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), u r-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING u l-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik) u dħul li jirriżulta minn sorsi oħra. Il-kampjun tagħna kopra wkoll *dħul assenjat* estern użat biex jiffinanzja l-komponent (għotja) mhux ripagabbli tal-RRF, li jirrappreżenta l-ammonti mislufa mill-Kummissjoni taħt l-NGEU (ara l-paragrafi ***4.2–4.4***). L-UE se jkollha tħallas lura dawn l-ammonti fil-ġejjieni. Fl-2024, il-popolazzjoni li awditjajna għad-dħul kienet tammonta għal EUR 250.6 biljun (ara l-***Figura 4.1***).

[8] Inkluży tranżazzjonijiet mill-QFP 2014–2020 u minn QFP preċedenti.

1.10. Għan-nefqa, aħna għażilna kampjun rappreżentattiv ta' 812-il tranżazzjoni mill-popolazzjoni li awditjajna, li jinkludi *approvazzjonijiet* ta' pagamenti ta' prefinanzjament kif ukoll pagamenti *interim* u pagamenti finali aċċettati mill-Kummissjoni (jew istituzzjoni jew korp ieħor li jimmaniġġjaw fondi tal-UE) u mħallsa mill-baġit tal-UE lir-*riċevituri finali*. L-ittestjar li wettaqna ta' dawn it-tranżazzjonijiet ikkontribwixxa għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna u għall-istima tagħna tal-proporzjon ta' tranżazzjonijiet irregolari fil-popolazzjoni kumplessiva li awditjajna, fil-partijiet tan-nefqa li nqisu li huma milquta minn żball materjali (ara l-paragrafu ***1.15***) u f'kull intestatura tal-QFP li għaliha nipprovdu valutazzjoni speċifika (l-Intestaturi 1, 2, 3, 6 u 7). It-tranżazzjonijiet eżaminati u l-eżempji ppreżentati f'dan ir-rapport ma jipprovdux bażi biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-Istati Membri, l-Istati benefiċjarji jew ir-reġjuni speċifiċi kkonċernati (ara l-paragrafu ***(22)*** tal-***Anness 1.1***).

1.11. Il-popolazzjoni tagħna għan-nefqa b'kollox kienet tammonta għal EUR 167.9 biljun fl-2024, inklużi s-supplimenti tal-NGEU għall-programmi li diġà jeżistu tal-QFP 2021–2027, li jridu jintefqu f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur. Dan l-ammont jinkludu kemm kontribuzzjonijiet mir-Renju Unit kif ukoll pagamenti magħmula lilu, f'konformità mal-kundizzjonijiet deskritti fil-Ftehim dwar il-Ħruġ[9]. Il-***Figura 1.4*** turi l-infiq tal-baġit tal-UE u l-popolazzjoni li awditjajna għan-nefqa, diżaggregati skont l-intestatura tal-QFP (qasam baġitarju) u t-tip ta' pagament: pagamenti *interim* u pagamenti finali; l-*approvazzjoni* tal-prefinanzjament; u d-deċiżjonijiet annwali biex jiġu aċċettati l-kontijiet (ara l-paragrafi ***(19)*** u ***(20)*** tal-***Anness 1.1***)

[9] L-Artikoli 136 u 138 tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Figura 1.4 – Tqabbil bejn il-popolazzjoni li awditjajna (EUR 167.9 biljun) u l-infiq tal-baġit tal-UE (EUR 191.1 biljun) skont l-intestatura tal-QFP fl-2024



Sors: il-QEA.

L-ebda żball materjali fid-dħul, iżda proporzjon sinifikanti tal-infiq huwa milqut minn żball materjali

1.12. F'dak li jikkonċerna r-regolarità tad-dħul u n-nefqa tal-UE, is-sejbiet ewlenin tagħna kienu:

(a) **Dħul:** L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-livell ta' żball fid-dħul ma kienx materjali. Is-sistemi għall-ġestjoni tad-dħul li eżaminajna kienu b'mod ġenerali effettivi. Madankollu, xi elementi tas-sistemi ta' kontroll għall-ġestjoni tar-riżervi tal-VAT u tal-*punti miftuħa tar-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT)* kienu parzjalment effettivi. Barra minn hekk, l-għoti ta' informazzjoni dwar ir-*riżervi tal-ING* u r-rappurtar ta' *data* dwar ir-riżorsa proprja tal-plastik, kif ukoll xi elementi tal-kontrolli interni ewlenin tar-RPT li vvalutajna fi tliet Stati Membri, kienu parzjalment effettivi (ara l-***Kapitolu 4***).

(b) **Nefqa**: l-evidenza tagħna għall-awditjar tindika li l-livell kumplessiv ta' żball[10] kien materjali f'rata ta' 3.6 %. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li l-*livell ta' żball stmat* fil-popolazzjoni jinsab bejn 2.6 % (il-limitu inferjuri tal-iżball) u 4.6 % (il-limitu superjuri tal-iżball). Il-livell ta' żball huwa mmexxi prinċipalment minn "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" li kien l-akbar kontributur għal din ir-rata (1.8 punti perċentwali), segwit minn "Riżorsi naturali u ambjent" (0.9 punt perċentwali), "Il-viċinat u d-dinja" (0.4 punt perċentwali) u "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" (0.4 punt perċentwali) (ara l-***Figura 1.5***).

[10] Definizzjoni ta' "żball" fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***(25)***.

Figura 1.5 – Livell ta' żball stmat fin-nefqa u l-akbar kontributuri fl-2024



Sors: il-QEA.

1.13. Mill-2021 'il hawn, il-limitu inferjuri tal-*intervall ta' fiduċja*[11] tagħna ta' 95 % għal-livell ta' żball stmat baqa' ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2.0 %. Dan ifisser li għandna aċċertament raġonevoli li l-livell ta' żball fil-popolazzjoni li awditjajna huwa ogħla mis-*soll ta' materjalità* għal kull waħda minn dawn is-snin. Il-***Figura 1.6*** tqabbel il-livelli ta' żball stmati bejn l-2020 u l-2024.

[11] Ara l-paragrafu ***(27)*** tal-***Anness 1.1*** għal spjegazzjoni tal-intervall ta' fiduċja ta' 95 %.

Figura 1.6 – Livelli ta’ żball stmati (2020–2024)



Sors: il-QEA.

1.14. Il-***Figura 1.7*** tqabbel il-livelli ta’ żball stmati minna għal “Suq uniku, innovazzjoni u diġitali”, “Koeżjoni, reżiljenza u valuri”, “Riżorsi naturali u ambjent” bejn l-2020 u l-2024 u turi l-livell ta’ żball stmat minna għal “Il-viċinat u d-dinja” fl-2024. Il-paragrafi ***1.19***–***1.22*** u l-***Kapitoli 5, 6, 7 u 9*** jipprovdu aktar informazzjoni.

Figura 1.7 – Livelli ta' żball stmati għall-Intestaturi 1, 2, 3 u 6 tal-QFP (2020–2024)



*Ma pprovdejniex valutazzjoni speċifika għal "Il-viċinat u d-dinja" bejn l-2020 u l-2023.

Sors: il-QEA.

1.15. Ir-riżultati tal-awditjar tagħna għall-2024 jaffermaw mill-ġdid il-valutazzjoni li wettaqna, li saret fi snin preċedenti, jiġifieri li l-mod kif il-fondi jiġu żborżati għandu impatt fuq ir-riskju ta' żball. Il-***Figura 1.8*** turi li l-oqsma awditjati milquta minn żball materjali jirrappreżentaw 68.9 % tal-popolazzjoni li awditjajna (2023: 64.4 %). Filwaqt li nieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-ittestjar li wettaqna fl-intestaturi kollha tal-QFP, aħna nistmaw li l-livell ta' żball f'din il-parti tan-nefqa huwa ta' 5.2 % (2023: 7.9 %).

Figura 1.8 – Proporzjon tal-popolazzjoni li awditjajna għall-2024 li huwa milqut minn żball materjali



Sors: il-QEA.

1.16. L-oqsma awditjati milquta minn żball materjali jinkludu prinċipalment **pagamenti bbażati fuq rimborżi**, fejn il-benefiċjarji jridu jippreżentaw talbiet għall-kostijiet eliġibbli li jkunu ġarrbu. Għal dan il-fini, kif ukoll biex juru li jkunu involuti f'attività eliġibbli għall-appoġġ, huma jeħtiġilhom jipprovdu evidenza tal-kostijiet rimborżabbli li jkunu ġarrbu. Meta jagħmlu dan, jeħtiġilhom ta' sikwit isegwu regoli kumplessi rigward x'jista' jintalab (eliġibbiltà) u kif il-kostijiet jistgħu jiġġarrbu b'mod xieraq (regoli dwar l-*akkwist pubbliku* jew dwar l-*għajnuna mill-Istat*).

1.17. Nikkonkludu li 31.1 % tal-popolazzjoni li awditjajna hija ħielsa minn żball materjali, u dan ifisser li l-livell ta' żball stmat f'din il-parti tan-nefqa huwa taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 % (ara l-***Figura 1.8***). Din il-parti tal-popolazzjoni tinkludi nefqa relatata ma' **pagamenti bbażati fuq drittijiet** li għalihom il-benefiċjarji jeħtiġilhom jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet (eż. *pagamenti diretti* għall-bdiewa, eskluż l-*ekoskemi*), kif ukoll parti min-nefqa amministrattiva (salarji u pensjonijiet tal-persunal tal-UE), appoġġ baġitarju għal pajjiżi mhux tal-UE, u azzjonijiet ta' mobbiltà għall-istudenti u azzjonijiet ta' mobbiltà oħra taħt *Erasmus+* (ara l-***Figura 1.9***). Din il-parti tan-nefqa kienet ukoll ħielsa minn żball materjali fi snin preċedenti. Madankollu, tabilħaqq identifikajna żbalji li jikkonċernaw kostijiet ineliġibbli.

1.18. Kif turi l-***Figura 1.9***, "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" huwa l-akbar kontributur għall-parti tal-popolazzjoni li awditjajna li hija milquta minn żball materjali (EUR 49.1 biljun), segwit minn "Riżorsi naturali u ambjent" (EUR 28.4 biljun), "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" (EUR 15.3-il biljun) u "Il-viċinat u d-dinja" (EUR 11.8-il biljun). Il-paragrafi ***1.19–1.22*** jiġbru fil-qosor is-sejbiet tagħna għall-oqsma ta' politika prinċipali.

Figura 1.9 – Diżaggregazzjoni tal-popolazzjoni li awditjajna skont il-livell ta' żball u l-intestatura tal-QFP



Sors: il-QEA.

1.19. "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" (il-***Kapitolu 5***): bħal fi snin preċedenti f'dan il-qasam, in-nefqa għar-riċerka u l-innovazzjoni (prinċipalment Orizzont 2020), li tirrappreżenta l-maġġoranza tal-pagamenti taħt din l-intestatura, tibqa' s-sors prinċipali tal-iżbalji. L-iżbalji f'dan il-qasam jinkludu kategoriji differenti ta' kostijiet ineliġibbli (b'mod partikolari, ammonti ineliġibbli relatati ma' kostijiet diretti għall-persunal, *kostijiet diretti* oħra u sottokuntrattar ineliġibbli). Sibna wkoll kostijiet indiretti ineliġibbli fi proġett tal-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa*.

1.20. “Koeżjoni, reżiljenza u valuri” (il-***Kapitolu 6***): in-nefqa f’dan il-qasam tiġi implimentata prinċipalment permezz tal-*Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali* (FEŻR), il-*Fond ta’ Koeżjoni* (FK)u l-*Fond Soċjali Ewropew Plus* (FSE+), u tinkludi prinċipalment pagamenti bbażati fuq rimborżi. Din is-sena, kemm il-livell ta’ żball stmat kif ukoll l-għadd ta’ żbalji li sibna għal din l-intestatura baqgħu sinifikanti iżda kienu aktar baxxi milli kienu s-sena l-oħra. It-tipi prinċipali ta’ żball li kkwantifikajna kienu kostijiet u proġetti ineliġibbli, irregolaritajiet fil-proċeduri ta’ akkwist pubbliku u nuqqas ta’ dokumenti essenzjali ta’ sostenn.

1.21. “Riżorsi naturali u ambjent” (il-***Kapitolu 7***):ir-riżultati tagħna jindikaw li l-livell ta’ żball kien materjali għall-oqsma ta’ nfiq li ġejjin meħuda flimkien: ekoskemi, żvilupp rurali, miżuri tas-suq, u oqsma oħra ta’ politika tal-Intestatura 3 tal-QFP lil hinn mill-*politika agrikola komuni (PAK)*. Dawn l-oqsma jirrappreżentaw madwar 54 % tan-nefqa taħt din l-intestatura, li prinċipalment tieħu l-għamla ta’ rimborż. Żbalji amministrattivi, nefqa ineliġibbli, nuqqas ta’ rispett tal-impenji agroambjentali/klimatiċi/tal-ekoskemi huma l-aktar żbalji komuni li nstabu f’dawn l-oqsma.

1.22. “Il-viċinat u d-dinja” (il-***Kapitolu 9***): in-nefqa f’dan il-qasam hija, fil-biċċa l-kbira, ibbażata fuq rimborżi u tkopri *azzjoni esterna* ffinanzjata mill-baġit tal-UE. It-tipi kollha ta’ nefqa taħt din l-intestatura kienu milquta minn żball materjali, ħlief għall-pagamenti ta’ *appoġġ baġitarju* u n-nefqa amministrattiva, li jirrappreżentaw madwar 15 %. Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji li nstabu f’dan il-qasam kienu jikkonċernaw kostijiet ineliġibbli, nuqqas ta’ konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, nuqqas ta’ dokumenti essenzjali ta’ sostenn, u proġetti jew benefiċjarji ineliġibbli.

L-iżbalji ta’ eliġibbiltà għadhom l-akbar kontributur għal-livell ta’ żball stmat u żdiedu mis-sena l-oħra ’l hawn

1.23. Hawn taħt niddeskrivu fid-dettall it-tipi ta’ żball li nstabu fil-parti tal-popolazzjoni li awditjajna li fiha għad hemm żball materjali. Il-***Figura 1.10*** tqabbel il-livelli ta’ żball stmati għal din il-parti tal-popolazzjoni li awditjajna u l-evoluzzjoni tat-tipi prinċipali ta’ żball bejn l-2020 u l-2024 u turi l-kontribut ta’ kull tip ta’ żball għal-livell ta’ żball stmat fl-2024.

Figura 1.10 – Il-livell ta' żball stmat għall-parti tan-nefqa milquta minn żball materjali u l-kontribut ta' kull tip ta' żball



Sors: il-QEA.

1.24. Fl-2024, aħna komplejna nsibu li żbalji ta' eliġibbiltà, prinċipalment f'"Koeżjoni, reżiljenza u valuri", "Riżorsi naturali u ambjent", "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" u "Il-viċinat u d-dinja" kienu l-akbar kontributuri għal-livell ta' żball stmat għall-parti tal-popolazzjoni li awditjajna milquta minn żball materjali, f'rata ta' 64 % (2023: 53 %). Minn dawn l-iżbalji, il-proġetti jew il-benefiċjarji ineliġibbli kkontribwew 17 %, in-nefqa mhux imġarrba jew mhux relatata mal-proġett 15 %, il-kostijiet diretti ineliġibbli tal-persunal jew kostijiet diretti oħra 10 %, id-dikjarazzjoni skorretta ta' żona agrikola/annimali jew ksur tal-impenji 6 % u l-attivitajiet ineliġibbli 4 % (ara l-***Figura 1.11***).

Figura 1.11 – Diżaggregazzjoni tal-iżbalji ta' eliġibbiltà fl-2024



Sors: il-QEA.

1.25. Żbalji relatati ma' ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u tal-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet, prinċipalment f'"Koeżjoni, reżiljenza u valuri" u "Il-viċinat u d-dinja", ikkontribwew 16 % (2023: 31 %) għal-livell ta' żball stmat għal din il-parti tan-nefqa fl-2024. It-tnaqqis kien prinċipalment dovut għall-fatt li f'"Koeżjoni, reżiljenza u valuri" fl-2024 sibna inqas każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. It-tipi prinċipali ta' żball misjuba fl-akkwist pubbliku kienu modifika sostanzjali mhux ġustifikata tal-kuntratt mingħajr proċedura ta' akkwist jew sejħa għal proposti ġdida (li kkontribwiet 5 % għal-livell ta' żball), kriterji tal-għażla jew kriterji għall-aġġudikazzjoni li kienu illegali jew diskriminatorji u li kienu stabbiliti f'avviżi dwar kuntratti jew f'dokumenti tal-offerta (li kkontribwew 5 %) u nuqqas ta' dokumentazzjoni tal-proċedura ta' akkwist pubbliku (li kkontribwixxa 4 %) (ara l-***Figura 1.12***).

Figura 1.12 – Diżaggregazzjoni ta' żbalji serji fl-akkwist pubbliku, fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet u fl-għajnuna mill-Istat fl-2024



Sors: il-QEA.

1.26. Barra minn hekk, żewġ tipi oħra ta’ żball laqtu l-livell ta’ żball f’din il-parti tan-nefqa. L-ewwel nett, l-iżbalji mill-Kummissjoni u mill-korpi intermedjarji u żbalji oħra, prinċipalment mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, għal tranżazzjonijiet rigward ekoskemi li ġew introdotti reċentement f’“Riżorsi naturali u ambjent”, ikkontribwew 11 % (2023: 3 %) għal-livell ta’ żball stmat. It-tieni, il-pagamenti li għalihom ma ġiet ipprovduta l-ebda dokumentazzjoni essenzjali ta’ sostenn, prinċipalment f’“Koeżjoni, reżiljenza u valuri” u “Il-viċinat u d-dinja”, ikkontribwew 9 % (2023: 13 %).

L-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni

Il-livell ta' żball irrappurtat mill-Kummissjoni mhuwiex direttament kumparabbli mal-istima tagħna ta' żball u x'aktarx li huwa stmat b'mod insuffiċjenti

1.27. Il-Kummissjoni hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli mill-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE[12], irrispettivament mill-mod ta' ġestjoni (jiġifieri *ġestjoni diretta*, *indiretta* jew *kondiviża*).

1.28. Fir-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni* (AMPR) tagħha, il-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni ewlenija aggregata dwar il-kontroll intern u l-ġestjoni finanzjarja msemmija fir-*rapporti annwali tal-attività* (RAA) tad-diversi direttorati ġenerali tal-Kummissjoni. Id-diretturi ġenerali huma responsabbli għall-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta fir-RAA rispettivi tagħhom, filwaqt li l-kulleġġ tal-Kummissarji jadotta l-AMPR u għalhekk fl-aħħar mill-aħħar jassumi r-responsabbiltà għall-produzzjoni tar-rapport u għall-informazzjoni li dan ir-rapport jippreżenta.

1.29. Fl-AMPR, il-Kummissjoni tippreżenta l-istima tagħha tar-riskju fil-waqt tal-pagament[13] fl-2024 għall-intestaturi kollha tal-QFP ħlief l-Intestatura 3 "Riżorsi naturali u ambjent". Il-***Figura 1.13*** tippreżenta l-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament għall-intestaturi tal-QFP li għalihom aħna nipprovdu valutazzjoni speċifika flimkien mal-firxiet tal-intervall ta' fiduċja tagħna ta' 95 %[14] għal-livell ta' żball stmat. Iċ-ċifri tal-Kummissjoni huma taħt il-firxa tal-intervall ta' fiduċja tagħna għall-Intestaturi 2 u 6 u fin-nofs inferjuri tal-firxa għall-Intestatura 1.

---

[12] L-Artikolu 317 TFUE.

[13] L-Artikolu 253(1)(b)(i) tar-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li l-AMPR jinkludi stima tal-livell ta' żball fin-nefqa tal-UE.

[14] Ara l-paragrafu ***(28)*** tal-***Anness 1.1*** għal spjegazzjoni tal-intervall ta' fiduċja ta' 95 %.

Figura 1.13 – Il-livell ta' żball stmat minna għall-2024 u r-riskju fil-waqt tal-pagament stmat mill-Kummissjoni, għall-Intestaturi 1, 2 u 6 tal-QFP



Sors: il-QEA.

1.30. Hemm diversi raġunijiet għaliex l-istimi mill-Kummissjoni huma aktar baxxi mil-livelli ta' żball stmati minna. Dawn ir-raġunijiet jinkludu differenzi inerenti bejn ir-rwoli u l-mandati rispettivi tal-Kummissjoni u tal-QEA, iżda wkoll limitazzjonijiet fis-*sistemi ta' ġestjoni u kontroll* (ara l-paragrafu ***1.34***).

1.31. Il-QEA hija l-awditur estern tal-UE u tipprovdi opinjoni tal-awditjar indipendenti dwar il-*legalità u r-regolarità* tat-tranżazzjonijiet finanzjarji f'sena partikolari. Meta tagħmel dan, il-QEA hija meħtieġa tirrapporta dwar kwalunkwe każ ta' irregolarità, irrispettivament minn jekk *korrezzjoni finanzjarja* tistax tkun applikabbli jew le. B'kuntrast ma' dan, il-Kummissjoni tiffoka fuq każijiet ta' irregolarità li fihom tara li hemm raġunijiet legali għall-irkupru tal-ammonti kkonċernati. Il-Kummissjoni ma tapplikax korrezzjoni finanzjarja jekk, pereżempju, l-irregolarità misjuba tkun dovuta għal dgħufija fl-operazzjonijiet tagħha stess.

1.32. B'mod aktar konkret, l-istima mill-Kummissjoni tal-"irregolaritajiet" hija bbażata fuq id-definizzjoni stabbilita fir-*Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni*: "kwalunkwe ksur tal-liġi applikabbli, li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li jkollu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jitlob li titħallas nefqa mhux ġustifikata minn dak il-baġit".

1.33. Aħna niddefinixxu "żball" bħala ammont ta' flus li tħallas mill-baġit tal-UE u li għalih il-kundizzjonijiet ta' pagament ma ġewx issodisfati. Għalhekk, id-definizzjoni tagħna tinkludi mhux biss ksur tal-liġi applikabbli li jirriżulta minn atti jew ommissjonijiet minn operaturi ekonomiċi, iżda wkoll żbalji li jkunu ta' detriment għall-baġit tal-UE li jsiru minn amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali jew mill-Kummissjoni nnifisha. Barra minn hekk, il-livell ta' żball stmat li nirrappurtaw ma għandux jiġi interpretat bħala ekwivalenti għall-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji li l-Kummissjoni tista' potenzjalment timponi f'konformità mar-regoli applikabbli.

1.34. Bħal fi snin preċedenti, sibna limitazzjonijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jolqtu l-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament f'oqsma ta' politika differenti. Analiżi tal-limitazzjonijiet misjuba fl-Intestaturi 1, 2 u 6 tal-QFP hija ppreżentata fil-paragrafi li ġejjin.

1.35. Għall-Intestatura 1 **"Suq uniku, innovazzjoni u diġitali"** (nefqa rilevanti totali mill-Kummissjoni: EUR 24 biljun): l-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament kienet ta' 1.6 %, fin-nofs inferjuri tal-firxa ta' żball tagħna (intervall ta' fiduċja) u taħt il-livell ta' żball stmat minna ta' 3.2 % (ara l-paragrafi ***5.10*** u ***5.40***). Din l-intestatura tinkludi prinċipalment nefqa kklassifikata mill-Kummissjoni bħala b'riskju baxx (56 % tan-nefqa totali ta' din l-intestatura). Ir-*rata tal-iżball residwu* kumulattiva tal-Kummissjoni għal *Orizzont 2020*, *Orizzont Ewropa* u Ewropa Diġitali, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-azzjonijiet korrettivi, hija ta' madwar 1.8 %. Għal Orizzont 2020, din hija bbażata fuq ir-rati ta' żball misjuba. Għall-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, il-Kummissjoni għad ma għandhiex rata ta' żball ibbażata fuq kontrolli *ex post* iffinalizzati u għalhekk użat ir-rata fil-mira ta' mhux aktar minn 2 % biex tistma r-rata ta' żball (ara l-paragrafi ***5.41*** u ***5.42***).

1.36. Għall-Intestatura 2 **"Koeżjoni, reżiljenza u valuri"** (nefqa rilevanti totali mill-Kummissjoni: EUR 62 biljun): l-istima mill-Kummissjoni kienet ta' 2.9 %, sinifikattivament taħt il-firxa ta' żball tagħna (ara l-Figura ***6.6***). Din l-intestatura tinkludi *programmi operazzjonali* kklassifikati mill-Kummissjoni prinċipalment bħala b'riskju aktar baxx jew medju (61 % tan-nefqa totali ta' din l-intestatura) skont x'kienu r-rati ta' żball ikkonfermati tagħhom. Għall-2024, aħna stmajna livell ta' żball ta' 5.7 % fl-Intestatura 2 tal-QFP (ara l-paragrafu ***6.10***).

Il-Kummissjoni tikkalkula rata ta' żball għal skopijiet ta' ġestjoni u kontroll. Din ir-rata ta' żball tinkiseb mir-rati rrappurtati mill-*awtoritajiet tal-awditjar*, li l-Kummissjoni tivverifika permezz ta' analiżijiet mhux fuq il-post u awditi tal-konformità bbażati fuq ir-riskju. Madankollu:

— l-analiżijiet mhux fuq il-post għandhom limitazzjonijiet inerenti, fis-sens li mhumiex imfassla biex jidentifikaw nefqa irregolari li tkun baqgħet ma nqabditx mill-Istati Membri[15]. Barra minn hekk, dawn mhumiex biżżejjed biex jaqbdu dgħufijiet fis-sistemi fix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar.

— il-Kummissjoni tkompli taqbad irregolaritajiet permezz tal-awditi tal-konformità li twettaq[16]. Madankollu, billi twettaq biss għadd limitat ta' awditi ta' dan it-tip u ma testrapolax ir-riżultati għall-parti tal-popolazzjoni tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni mhux koperta mill-awditu tagħha, hemm riskju għoli li ħafna żbalji jibqgħu ma jinqabdux u sussegwentement ma jitteħdux inkunsiderazzjoni fl-istabbiliment tar-rata kumplessiva ta' żball. Is-supplimenti u r-rati fissi għall-programmi mhux awditjati inklużi fir-rata massima tal-Kummissjoni mill-2021 'il hawn jindirizzaw din il-kwistjoni parzjalment biss[17].

Barra minn hekk, aħna nidentifikaw regolarment żbalji li ma jkunux inqabdu minħabba dgħufijiet fix-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet tal-awditjar[18]. B'riżultat ta' dan, nikkonkludu li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri għadhom mhux dejjem effettivi biex jipprevienu u jaqbdu irregolaritajiet fin-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji (ara l-paragrafu ***6.65***). Għalhekk, il-Kummissjoni stmat ir-riskju fil-waqt tal-pagament b'mod insuffiċjenti, u r-rata ta' żball reali x'aktarx li hija ogħla minn dik irrappurtata mill-Kummissjoni.

[15] Ir-Rapport Analitiku 03/2024, il-paragrafi VI u 65–66.

[16] *Ibid.*, il-paragrafu 68.

[17] *Ibid.*, il-paragrafi 41 u 42.

[18] Ir-Rapport Speċjali 26/2021: "Regolarità tal-infiq fil-politika ta' Koeżjoni tal-UE – Il-Kummissjoni tiddivulga, kull sena, livell ta' żball stmat minimu li mhuwiex finali".

1.37. Għall-Intestatura 6 **“Il-viċinat u d-dinja”** (nefqa rilevanti totali mill-Kummissjoni: EUR 20 biljun): l-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament (0.8 %) kienet taħt il-firxa ta’ żball tagħna (ara l-paragrafu ***9.28***). Il-Kummissjoni tqis li 92 % tan-nefqa taħt din l-intestatura hija b’riskju baxx. L-eżitu tal-istudju dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER) huwa l-element prinċipali użat għall-kalkolu tar-riskju fil-waqt tal-pagament għal din l-intestatura. Fl-2024, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrevedi l-metodoloġija għall-istudju dwar l-RER b’effett mill-2025. Madankollu, l-awditu li wettaqna sab li għadhom jeżistu xi nuqqasijiet fil-metodoloġija. Għall-2024, aħna stmajna livell ta’ żball ta’ 4.9 % fl-Intestatura 6 tal-QFP, li jindika li l-Kummissjoni qed tkompli tistma b’mod insuffiċjenti r-riskju fil-waqt tal-pagament.

Aħna nirrappurtaw frodi suspettata lill-UPPE u lill-OLAF

1.38. Il-frodi hija kwalunkwe att jew ommissjoni intenzjonali relatati mal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni meħtieġa u l-użu mhux xieraq tal-fondi tal-UE[19]. Il-frodi għandha l-effett li tagħmel ħsara jew li potenzjalment tagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-UE.

1.39. Ir-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' frodi hija kemm f'idejn il-maniġment ta' entità kif ukoll f'idejn dawk inkarigati mill-governanza tagħha. L-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiġġieldu kontra l-frodi jew attivitajiet illegali oħra, li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-UE.

1.40. Bħala l-awditur estern tal-UE, aħna ma għandniex mandat biex ninvestigaw każijiet ta' frodi suspettata fil-konfront tal-interessi finanzjarji tal-UE. Madankollu, aħna obbligati li nirrappurtaw każijiet ta' dan it-tip lill-awtoritajiet kompetenti, bħala parti mill-obbligu tagħna skont l-Artikolu 287(2) TFUE li nirrappurtaw dwar "każijiet ta' irregolarità" li naqbdu waqt li nkunu qed neżaminaw il-legalità, ir-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja tajba tad-dħul kollu u tan-nefqa kollha tal-UE. Aħna nieħdu kont tar-riskju ta' frodi qabel ma nagħtu bidu għall-awditi (ara l-paragrafi ***(32)***-***(34)*** fl-***Anness 1.1***) u nirrieżaminaw il-proċeduri tagħna regolarment.

[19] L-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (id-"Direttiva PIF").

1.41. Aħna ngħaddu lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) kwalunkwe suspett ta' reati kriminali li jaqgħu fil-kompetenza tiegħu u li jinvolvu lill-Istati Membri parteċipanti, u ngħaddu lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) kwalunkwe suspett ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-UE. Tali suspetti jistgħu jirriżultaw jew mix-xogħol tal-awditjar tagħna (inklużi l-awditi tal-prestazzjoni) jew inkella minn informazzjoni rrappurtata lilna direttament minn partijiet terzi. L-UPPE u l-OLAF imbagħad jagħtu segwitu għal dawn il-każijiet, jiddeċiedu jekk jibdewx investigazzjoni kriminali (fil-każ tal-UPPE) jew investigazzjoni amministrattiva (fil-każ tal-OLAF) u jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tal-Istati Membri. Minn Marzu 2022 'il hawn, għaddejna każijiet ta' frodi suspettata kemm lill-UPPE kif ukoll lill-OLAF meta dawn kienu jikkonċernaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza taż-żewġ korpi.

1.42. Fl-2024 lill-OLAF irrappurtajnielu 19-il każ (2023: 20 każ) ta' frodi suspettata, li minnhom 15 ġew identifikati matul l-awditu li wettaqna tan-nefqa għall-2023, 3 matul l-awditu li wettaqna tan-nefqa għall-2022 u wieħed fil-kuntest ta' awditu tal-prestazzjoni mwettaq fl-2023 li kien ikopri perjodu ta' programmazzjoni li jibda fl-2017 u jispiċċa fl-2025. Abbażi ta' dan ir-rappurtar, l-OLAF diġà fetaħ sitt investigazzjonijiet. B'mod parallel, irrappurtajna sebgħa minn dawn il-każijiet lill-UPPE, li kollha rriżultaw fil-ftuħ ta' investigazzjonijiet min-naħa tal-UPPE. Żewġ każijiet oħra li jikkonċernaw il-Polonja, li oriġinarjament kienu ntbagħtu lill-OLAF biss, intbagħtu lill-UPPE fil-bidu tal-2025, meta daħlet fis-seħħ il-ħatra tal-Prosekutur Ewropew Pollakk għall-UPPE. L-awditu li wettaqna tan-nefqa għall-2024 diġà identifika seba' każijiet ta' frodi suspettata.

1.43. L-aktar raġunijiet frekwenti għas-suspett ta' frodi kienu:

- l-użu jew il-preżentazzjoni intenzjonali ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompleti u/jew in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni bi ksur ta' obbligu speċifiku, li jirriżultaw fil-miżapproprjazzjoni jew fiż-żamma illeċita ta' fondi tal-UE;
- il-ħolqien artifiċjali tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex jinkiseb finanzjament mill-UE; u
- użu ħażin tal-fondi tal-UE, jiġifieri għal skopijiet oħra għajr dawk li għalihom ikunu ngħataw oriġinarjament.

Skont l-OLAF, huwa rrakkomanda l-irkupru ta' EUR 545.6 miljun b'kollox wara investigazzjonijiet magħluqa abbażi ta' informazzjoni li rriżultat mix-xogħol tal-awditjar li wettaqna bejn l-2010 u l-2024, wara li ntbagħtu 254 każ matul l-istess perjodu.

1.44. Minbarra li nirrappurtaw każijiet lill-UPPE u lill-OLAF, f'dan ir-rapport annwali nipprovdu informazzjoni dwar kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri implimentaw il-politiki tagħhom dwar ir-riskju ta' frodi. Fil-***Kapitolu 6*** nirrappurtaw li identifikajna nuqqasijiet fl-ippjanar u fit-tħejjija tax-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar, bħal dgħufijiet fl-approċċi tal-kampjunar u listi ta' kontroll mhux kompleti li ma kinux jinkludu mistoqsijiet speċifiċi dwar finanzjament doppju jew frodi (ara l-paragrafu ***6.46***). Nirrappurtaw ukoll li l-Kummissjoni implimentat fil-biċċa l-kbira mill-aspetti r-Rakkomandazzjoni 5.2 tar-Rapport Annwali 2020 tagħna dwar iż-żamma ta' rekord tar-riskju ta' frodi fl-awditi li l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu fir-rigward tal-operazzjonijiet (ara l-Anness ***6.2***).

1.45. Inkopru wkoll il-frodi f'awditi separati oħra. Fl-2024 ippubblikajna rapport speċjali dwar l-irkupru tan-nefqa irregolari tal-UE[20], li fih ikkonkludejna li s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tan-nefqa irregolari mġarrba mill-benefiċjarji tal-fondi tal-UE kienu parzjalment effettivi. Aktar kmieni fl-2025 ippubblikajna wkoll rapport speċjali dwar il-frodi tal-VAT fuq l-importazzjonijiet[21]. Nikkonkludu li l-interessi finanzjarji tal-UE ma kinux protetti biżżejjed kontra l-frodi tal-VAT fuq l-importazzjonijiet meta ntużaw proċeduri doganali għall-importazzjoni simplifikati. Barra minn hekk, sibna li kien hemm dgħufijiet serji fil-kontrolli tal-Istati Membri u nuqqasijiet fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, fil-livell tal-UE u fil-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-attivitajiet li l-Istati Membri jagħmlu biex jiġġieldu l-abbuż minn dawn il-proċeduri. Barra minn hekk, ikkonkludejna li l-miżuri li jeżistu ma kinux adegwati biex jipprevienu u jaqbdu frodi tal-VAT fuq l-importazzjonijiet b'mod effettiv fil-qafas ta' dawn il-proċeduri u biex iżommu bilanċ bejn il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Bħalissa qed inwettqu awditu dwar is-sistemi ta' kontroll tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri biex jipprevienu l-frodi fl-RRF, kif ukoll awditu dwar l-istruttura tal-korpi tal-UE li jiġġieldu kontra l-frodi u dwar il-mod kif dawn jikkooperaw.

---

[20] Ir-Rapport Speċjali 07/2024: "Is-sistemi tal-Kummissjoni għall-irkupru tan-nefqa irregolari tal-UE – Potenzjal ta' rkupru akbar, u aktar malajr".

[21] Ir-Rapport Speċjali 08/2025: "Frodi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq l-importazzjonijiet – L-interessi finanzjarji tal-UE mhumiex protetti biżżejjed fil-qafas tal-proċeduri doganali għall-importazzjoni simplifikati".

Konklużjonijiet

1.46. Dan il-kapitolu jsostni l-opinjoni tal-awditjar ippreżentata fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Aħna nippreżentaw ir-riżultati tal-awditjar relatati fil-paragrafi ***1.47*** u ***1.48***.

1.47. Nikkonkludu li l-kontijiet ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

1.48. Fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet, nikkonkludu li t-tranżazzjonijiet tad-dħul kienu ħielsa minn żball materjali. Għan-nefqa, ir-riżultati tal-ittestjar tal-awditjar li wettaqna ta' kampjun rappreżentattiv ta' 812-il tranżazzjoni juru li l-livell ta' żball stmat huwa ta' 3.6 %. Nikkonkludu li proporzjon sostanzjali ta' din in-nefqa huwa milqut minn żball materjali. Dan jirrigwarda nefqa suġġetta għal regoli kumplessi, prinċipalment ibbażata fuq rimborżi, fejn il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5.2 %.
Din in-nefqa ammontat għal EUR 115.7-il biljun fl-2024, u tirrappreżenta 68.9 % tal-popolazzjoni li awditjajna (2023: 64.4 %). L-iżbalji fl-eliġibbiltà u fl-akkwist kienu l-akbar kontributuri għal-livell ta' żball stmat minna.

Annessi

Anness 1.1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

(1) Dan l-anness jiddeskrivi fil-qosor l-approċċ u l-metodoloġija tagħna għall-awditjar tal-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għad-dħul u għan-nefqa (infiq tal-bagit) taħt l-oqsfa finanzjarji pluriennali (QFP). L-approċċ tal-awditjar tagħna għan-nefqa taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li hija differenti u temporanja, huwa deskritt fil-qosor fil-***Kapitolu 11***.

(2) L-approċċ tal-awditjar tagħna nfassluh sabiex lill-utenti intenzjonati nipprovdulhom aċċertament raġonevoli. Il-metodoloġija tal-awditjar tagħna tikkonforma mal-istandards internazzjonali dwar l-awditjar maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI). Din tippermetti li l-konklużjonijiet tal-awditjar tagħna żgur ikunu appoġġati minn evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u xierqa.

(3) Aħna nipprovdu opinjoni tal-awditjar (id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, issupplimentata minn valutazzjonijiet speċifiċi għal oqsma ewlenin tal-attivitajiet tal-UE. Dawn il-valutazzjonijiet jipprovdu riżultati u konklużjonijiet tal-awditjar dettaljati dwar it-tranżazzjonijiet ta' bażi u s-sistemi f'dawk l-oqsma.

PARTI 1 – Approċċ tal-awditjar għall-affidabbiltà tal-kontijiet

(4) Aħna neżaminaw il-kontijiet konsolidati tal-UE biex niddeterminaw l-affidabbiltà tagħhom. Dawn jikkonsistu:

(a) fir-rapporti finanzjarji konsolidati; u

(b) fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-bagit.

(5) Il-kontijiet konsolidati jridu jippreżentaw b'mod xieraq, fl-aspetti materjali kollha:

(a) il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fi tmiem is-sena;

(b) ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha; u

(c) il-bidliet fl-assi netti għas-sena li tkun intemmet.

(6) Fl-awditu tagħna, aħna:

(a) nifhmu l-komponenti tal-kontroll intern;

(b) nevalwaw l-ambjent tal-kontroll kontabilistiku;

(c) nivverifikaw il-funzjonament ta' proċeduri kontabilistiċi ewlenin u l-proċess ta' għeluq fi tmiem is-sena;

(d) nanalizzaw id-*data* kontabilistika prinċipali għall-konsistenza u r-raġonevolezza;

(e) nanalizzaw u nirrikonċiljaw il-kontijiet u/jew il-bilanċi kif ukoll id-divulgazzjonijiet relatati;

(f) inwettqu testijiet sostantivi ta' impenji, pagamenti u entrati speċifiċi fil-karta tal-bilanċ, abbażi ta' kampjuni rappreżentattivi u kunsiderazzjonijiet ta' materjalità;

(g) nevalwaw jekk il-preżentazzjoni kumplessiva tar-rapporti finanzjarji hijiex f'konformità mal-qafas tar-rappurtar finanzjarju applikabbli;

(h) nagħmlu użu minn xogħol ta' awdituri oħra fejn possibbli, skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, partikolarment waqt l-awditjar ta' attivitajiet ta' għoti u ta' teħid b'self immaniġġjati mill-Kummissjoni, u li għalihom ikun hemm disponibbli rapporti tal-awditjar estern.

PARTI 2 – Approċċ tal-awditjar għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet

(7) It-tranżazzjonijiet ta' bażi huma trasferimenti ta' fondi mill-baġit tal-UE sa għand ir-riċevituri finali tagħhom, u trasferimenti ta' dħul minn Stati Membri u sorsi oħra lill-baġit tal-UE.

(8) L-approċċ tal-awditjar tagħna biex nivvalutaw jekk it-tranżazzjonijiet tan-nefqa li fuqhom huma bbażati l-kontijiet jikkonformawx mar-regoli u r-regolamenti tal-UE huwa li nserrħu prinċipalment fuq l-ittestjar dirett tal-konformità għal kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet. Dan jista' jiġi kkomplementat minn eżaminar ta' sistemi magħżula ta' ġestjoni u kontroll.

(9) Norganizzaw ix-xogħol tal-awditjar tagħna madwar id-diversi intestaturi tal-QFP u nirrappurtaw ir-riżultati tagħna kif meħtieġ, f'konformità mal-istruttura tal-baġit deċiża mil-leġiżlatur.

Eżaminar tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

(10) Il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, kif ukoll il-pajjiżi u r-reġjuni benefiċjarji jistabbilixxu sistemi ta' kontroll biex jimmaniġġjaw ir-riskji għall-baġit u biex jissorveljaw u jaraw li t-tranżazzjonijiet żgur ikunu regolari. Kull sena, aħna neżaminaw is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll magħżula u nippreżentaw ir-riżultati tax-xogħol li wettaqna fuq is-sistemi, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet għal titjib, fil-***Kapitoli 4–10***.

Ittestjar tat-tranżazzjonijiet

(11) B'segwitu għall-analiżi tar-riskju annwali li wettaqna, u li hija bbażata fuq il-mod kif il-fondi jiġu żborżati, fuq riżultati tal-awditjar preċedenti tagħna u fuq valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, aħna naqsmu l-popolazzjoni li awditjajna tat-tranżazzjonijiet ta' bażi f'nefqa b'riskju għoli u nefqa b'riskju baxx, biex nagħżlu l-kampjun rappreżentattiv tagħna. Nużaw ukoll din il-klassifikazzjoni fl-istadju tar-rappurtar biex niddeterminaw, mir-riżultati tal-awditjar tagħna, il-proporzjon tal-popolazzjoni li awditjajna milquta minn livell materjali ta' żball. Il-***Figura 1.14*** turi kif l-analiżi annwali tar-riskju tibni fuq ir-riżultati tal-awditjar tas-snin preċedenti.

Figura 1.14 – Il-proċess annwali tal-awditjar għan-nefqa



Sors: il-QEA.

(12) L-ewwel niddeterminaw id-daqs kumplessiv tal-kampjun tagħna ta' tranżazzjonijiet għan-nefqa kollha tal-UE abbażi tal-kategorizzazzjoni tagħna tal-popolazzjoni li awditjajna f'nefqa b'riskju baxx (prinċipalment nefqa bbażata fuq drittijiet) u f'nefqa b'riskju għoli (prinċipalment nefqa bbażata fuq rimborżi), u s-suppożizzjonijiet tagħna rigward il-livell ta' żball stmat u d-devjazzjoni standard. Ir-raġunijiet prinċipali għal dan l-approċċ huma biex ix-xogħol tal-awditjar li nwettqu jsir aktar effettiv billi jiffoka aktar fuq oqsma b'riskju għoli u biex niksbu bażi suffiċjenti ħalli nikkonkludu dwar jekk l-iżball materjali li nsibu permezz ta' xogħolna huwiex pervażiv (ara l-paragrafi ***(37)*** u ***(38)***).

(13) Inqisu li partijiet mill-popolazzjoni jkunu b'riskju baxx (li x'aktarx ikunu ħielsa minn żball materjali) meta jkollna evidenza suffiċjenti li l-livell ta' żball stmat ikun taħt is-soll ta' materjalità, abbażi tal-ittestjar sostantiv li wettaqna fi snin preċedenti u, fejn disponibbli, l-aċċertament li nistgħu niksbu mill-eżistenza u t-tħaddim tas-sistemi ta' kontroll. Inqisu li nefqa tkun b'riskju għoli (li x'aktarx tkun milquta minn żball materjali) meta r-riżultati ta' xogħolna fi snin preċedenti jindikaw li l-livell ta' żball stmat ikun ogħla mis-soll ta' materjalità u/jew meta l-evidenza miġbura sal-lum ma tippermettilniex nikkonkludu mod ieħor.

(14) Biex niddeterminaw id-daqsijiet tal-kampjuni għal kull intestatura tal-QFP, aħna nqisu l-ammont tan-nefqa aċċettata, il-qsim tagħna tal-popolazzjoni f'nefqa b'riskju għoli u nefqa b'riskju baxx, u jekk nipprovdux valutazzjoni speċifika jew le. Għal dan l-iskop, nużaw mudell ta' aċċertament li jibni fuq il-valutazzjoni tar-riskju kkombinata tagħna tar-riskju inerenti u ta' kontroll, u li jieħu kont tal-aċċertament li jista' jinkiseb mis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Taħt kull intestatura tal-QFP li għaliha nipprovdu valutazzjoni speċifika (il-***Kapitoli 5, 6, 7, 9*** u ***10***), nittestjaw kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet, u dan jippermettilna nipprovdu livell ta' żball stmat għal din l-intestatura.

(15) Nużaw ukoll valutazzjoni tar-riskju kkombinata biex niddeterminaw id-daqs tal-kampjun għat-tranżazzjonijiet tad-dħul.

(16) Aħna nużaw *kampjunar f'unitajiet monetarji* stratifikat biex nagħżlu talbiet jew pagamenti u, f'livell aktar baxx, elementi individwali fi ħdan tranżazzjoni). Għal kull tranżazzjoni magħżula neżaminaw kif it-talba jew l-ammont tal-pagament ġie kkalkulat. Dan jinvolvi l-ittraċċar tat-tranżazzjoni mill-kontijiet baġitarji sar-riċevitur finali (eż. bidwi, l-organizzatur ta' kors ta' taħriġ, jew proġett tal-għajnuna għall-iżvilupp), filwaqt li nittestjaw il-konformità f'kull livell.

(17) Aħna niddeterminaw jekk it-talba jew jekk il-pagament ikunux saru għall-iskop approvat fil-baġit u speċifikat fil-leġiżlazzjoni, jew le, u kinux f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tal-UE. Dawn jinkludu r-regoli finanzjarji (it-TFUE, ir-Regolament Finanzjarju), il-leġiżlazzjoni bażika li tistabbilixxi l-politika, il-programm jew l-attività kkonċernata, kwalunkwe regola jew regolament stabbiliti skont dik il-leġiżlazzjoni bażika, u l-qafas kuntrattwali. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, ħafna regoli jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali. Dawn jinkludu mhux biss direttivi li jittrasponu d-dritt tal-UE f'dak nazzjonali (eż. direttivi dwar l-akkwist pubbliku) iżda wkoll kriterji ta' eliġibbiltà għal ħafna skemi ta' ġestjoni kondiviża. Il-valutazzjoni li nwettqu tieħu kont dovut tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE u dak nazzjonali li tkun ingħatat minn qrati ġudizzjarji nazzjonali jew minn korpi indipendenti u awtoritattivi nazzjonali u mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(18) Meta jiġu ttestjati t-tranżazzjonijiet tad-dħul (il-***Kapitolu 4***), l-eżaminar li nwettqu tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross, it-taxxa fuq il-valur miżjud u l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-istatistika u d-*data* li abbażi tagħhom dawn jiġu kkalkulati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, neżaminaw id-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet tal-awtoritajiet doganali u l-fluss tad-dazji – hawn ukoll sal-punt meta dawn ikunu ġew riċevuti u rreġistrati mill-Kummissjoni.

(19) Aħna neżaminaw in-nefqa fil-punt meta ġġarrbet mir-riċevituri finali tal-fondi tal-UE fit-twettiq ta' attivitajiet u sussegwentement ġiet aċċettata mill-Kummissjoni ("*nefqa aċċettata*"). Dan japplika għall-kategoriji kollha ta' pagamenti. Fil-prattika, dan ifisser li l-popolazzjoni ta' tranżazzjonijiet li nawditjaw tkopri l-pagamenti *interim* u dawk finali. Ma neżaminawx il-pagamenti ta' prefinanzjamenti (pagamenti bil-quddiem) fil-punt meta jkunu saru, iżda pjuttost ladarba:

(a) ir-riċevitur finali tal-fondi tal-UE (eż. bidwi, istitut ta' riċerka, kumpanija li tipprovdi xogħlijiet jew servizzi wara proċeduri ta' akkwist pubbliku) ikun ipprovda evidenza dwar l-użu tagħhom, jiġifieri ladarba jkun sar progress fl-attivitajiet iffinanzjati u/jew ikunu ġġarrbu l-kostijiet; u

(b) il-Kummissjoni (jew istituzzjoni jew korp ieħor li jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE) tkun aċċettat l-użu finali tal-fondi (il-progress li sar u/jew il-kostijiet relatati) billi tapprova l-pagament li jkun sar bil-quddiem.

(20) Il-bidliet li ġew introdotti mil-leġiżlazzjoni tal-QFP 2014-2020 'il hawn għal "Koeżjoni" kellhom impatt fuq dik li l-Kummissjoni tqis li hija "nefqa aċċettata" f'dan il-qasam. Mill-2017 'il hawn, il-popolazzjoni li awditjajna għal din l-intestatura tal-QFP kienet u għadha tikkonsisti fin-nefqa inkluża fil-kontijiet aċċettati kull sena mill-Kummissjoni. Dan ifisser li l-approċċ tagħna huwa li nittestjaw tranżazzjonijiet li għalihom, skont il-leġiżlazzjoni, suppost l-Istati Membri jkunu implimentaw l-azzjonijiet rilevanti kollha biex jikkoreġu żbalji li huma stess ikunu identifikaw. L-objettiv tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet imwettaq minna fil-qasam ta' "Koeżjoni", minbarra li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, huwa li nirrieżaminaw ix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar u nikkonkludu dwar l-affidabbiltà tal-indikatur ewlieni tar-regolarità rrappurtat mill-Kummissjoni għal dan il-qasam – ir-rata tal-iżball residwu.

(21) Il-kampjun tal-awditjar tagħna huwa maħsub biex jipprovdi stima tal-livell ta' żball għan-nefqa fit-totalità tagħha aktar milli għal tranżazzjonijiet individwali (eż.proġett partikolari). Jenħtieġ li r-rati ta' żball li jiġu rrappurtati għall-elementi tal-kostijiet magħżula ma jitqisux bħala konklużjoni dwar it-tranżazzjonijiet rispettivi tagħhom; pjuttost jikkontribwixxu direttament għal-livell kumplessiv ta' żball għan-nefqa tal-UE.

(22) Aħna ma neżaminawx tranżazzjonijiet li jsiru f'kull Stat Membru, stat benefiċjarju u reġjun f'sena partikolari. Filwaqt li nistgħu nsemmu ċerti Stati Membri, Stati benefiċjarji u/jew reġjuni, dan ma jfissirx li eżempji simili ma jseħħux fi bnadi oħra wkoll. L-eżempji illustrattivi ppreżentati f'dan ir-rapport ma jiffurmawx bażi biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-Istati Membri, l-Istati benefiċjarji u/jew ir-reġjuni speċifiċi kkonċernati.

(23) Madankollu, aħna nqisu jekk inkunux nistgħu ninqdew b'mod effiċjenti bil-verifiki fuq ir-regolarità li jkunu diġà twettqu minn awdituri oħra. Jekk inkunu nixtiequ nużaw ir-riżultati ta' dawn il-verifiki fix-xogħol tal-awditjar tagħna, f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-awditjar, aħna nivvalutaw l-indipendenza u l-kompetenza ta' dawk l-awdituri l-oħra kif ukoll l-ambitu u l-adegwatezza ta' xogħolhom.

(24) Għall-parti tal-popolazzjoni li nkunu qed nawditjaw rigward l-aġenziji u l-impriżi konġunti tal-UE, ninqdew bir-riżultati tax-xogħol tal-awditjar li twettaq għar-rapporti annwali speċifiċi dwar dawn l-aġenziji[22] u l-impriżi[23].

Evalwazzjoni tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

(25) Aħna niddefinixxu "żball" bħala ammont ta' flus li ma kellux jitħallas mill-baġit tal-UE. Żbalji jseħħu meta l-flus ma jintużawx f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE jew mar-regoli nazzjonali speċifiċi rilevanti.

(26) Żball jaf jikkonċerna l-ammont kollu involut fi tranżazzjoni individwali, jew parti minnu. Aħna nqisu jekk l-iżbalji jkunux kwantifikabbli jew mhux kwantifikabbli, jiġifieri jekk ikunx possibbli li jitkejjel kemm mill-ammont eżaminat kien milqut mill-iżball.

[22] Ir-Rapport Annwali 2023 dwar l-aġenziji tal-UE.

[23] Ir-Rapport Annwali 2023 dwar l-impriżi konġunti tal-UE.

(27) Niddeterminaw l-impatt kumplessiv tal-iżbalji billi nqisu kemm l-aspetti kwalitattivi kif ukoll dawk kwantitattivi. L-evalwazzjoni kwalitattiva tieħu inkunsiderazzjoni l-importanza tar-regoli li nkisru kif ukoll is-serjetà tal-fatti u l-konsegwenzi reali jew potenzjali. Il-valutazzjoni kwantitattiva hija bbażata fuq żbalji kwantifikabbli li jiġu identifikati bl-ittestjar ta' kampjun ta' tranżazzjonijiet, li aħna nestrapolaw biex nipprovdu stima statistika – il-livell ta' żball stmat. Barra minn hekk, nikkalkulaw intervall ta' fiduċja ta' 95 % għal-livell ta' żball fil-popolazzjoni li nkunu qed nawditjaw. Dan ifisser firxa li fiha ninsabu 95 % fiduċjużi li jinsab il-livell ta' żball tal-popolazzjoni awditjata.

(28) Żbalji li jkunu nqabdu u ġew ikkoreġuti qabel it-twettiq tal-verifiki tagħna u indipendentement minnhom jiġu eskluży mill-kalkolu ta' żball, peress li l-fatt li nqabdu u ġew ikkoreġuti juri li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ikunu ħadmu b'mod effettiv.

(29) Il-kriterji tagħna għall-kwantifikazzjoni tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku huma differenti minn dawk li jintużaw mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri. Aħna nikkwantifikaw biss ksur serju tar-regoli dwar l-akkwist. Nikkwantifikaw bħala 100 % żbalji fl-akkwist dak il-ksur biss li jkun ippreviena l-aħjar offerta milli tirbaħ il-proċedura ta' sejħa għal offerti, u b'hekk in-nefqa kollha taħt dan il-kuntratt tisfa ineliġibbli. Ma nużawx rati fissi għat-tipi differenti ta' ksur tar-regoli dwar l-akkwist, għall-kuntrarju ta' dak li tagħmel il-Kummissjoni[24]. Nibbażaw il-kwantifikazzjoni li nagħmlu tal-iżbalji fl-akkwist pubbliku fuq l-ammonti ta' nefqa ineliġibbli fit-tranżazzjonijiet eżaminati. Mill-2025 'il quddiem, iddeċidejna li nallinjaw il-metodu tagħna ta' kwantifikazzjoni tal-iżbalji fl-akkwist ma' dak li l-Kummissjoni tuża fil-qasam ta' koeżjoni.

(30) Għal dawk l-intestaturi tal-QFP li għalihom nipprovdu valutazzjoni speċifika, kif ukoll għad-dħul u għall-baġit tal-UE fit-totalità tiegħu, aħna nippreżentaw livell ta' żball stmat, li jieħu kont tal-iżbalji kwantifikabbli biss u jiġi espress bħala perċentwal. Eżempji ta' żbalji kwantifikabbli huma: kostijiet u proġetti ineliġibbli, ksur tal-kundizzjonijiet ta' kuntratt jew ta' għotja, nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u dwar l-għajnuna mill-Istat, u nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn. Aħna nistmaw ukoll il-limitu inferjuri tal-iżball u l-limitu superjuri tal-iżball.

[24] Id-Deċiżjoni C(2019)3452 li tinkludi anness li jistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru fin-nefqa ffinanzjata mill-UE għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

(31) L-approċċ tagħna mhuwiex maħsub biex jiġbor *data* dwar il-frekwenza ta' żbalji fil-popolazzjoni kollha. Għalhekk, iċ-ċifri ppreżentati dwar l-għadd ta' żbalji li jkunu nqabdu f'intestatura tal-QFP, fin-nefqa mmaniġġjata minn direttorat ġenerali jew fl-infiq fi Stat Membru partikolari mhumiex indikazzjoni tal-frekwenza ta' żbalji fi tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-UE jew fi Stati Membri individwali.

PARTI 3 – Proċeduri tal-awditjar fir-rigward ta' frodi

(32) Aħna nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball.

(33) infasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi jaf tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jingħeleb il-kontroll intern. B'konsegwenza ta' dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.

(34) Jekk ikollna raġuni biex nissuspettaw li tkun twettqet attività frodulenti, aħna nirrappurtaw dan lill-UPPE u lill-OLAF, abbażi tal-kompetenza tagħhom.

PARTI 4 – Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni – iffurmar tal-opinjoni tal-awditjar tagħna

(35) Aħna nibbażaw l-opinjoni tagħna fuq evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u xierqa, li niksbu permezz ta' eżaminar tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u permezz tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet.

(36) Ix-xogħol li nwettqu jippermettilna naslu għal opinjoni infurmata dwar jekk l-iżbalji fil-popolazzjoni jaqbżux jew jaqgħux fi ħdan il-limiti ta' materjalità. Aħna nużaw il-livell ta' 2.0 % bħala s-soll ta' materjalità għall-opinjoni tagħna. Nieħdu wkoll kont tan-natura, l-ammont u l-kuntest tal-iżbalji kif ukoll ta' informazzjoni oħra li tkun disponibbli (ara l-paragrafu ***(27)***).

(37) Meta nsibu livell materjali ta' żball u niddeterminaw l-impatt tiegħu fuq l-opinjoni tal-awditjar, jeħtiġilna niddeterminaw jekk l-iżbalji jkunux "perważivi"[25] għall-popolazzjoni li nkunu qed nawditjaw. Meta l-iżbalji jkunu materjali u perważivi, aħna noħorġu opinjoni avversa.

(38) Żbalji u/jew nuqqas ta' evidenza għall-awditjar jitqiesu "perważivi" jekk, fil-ġudizzju tal-awditur, ma jkunux ristretti għal elementi, kontijiet jew entrati speċifiċi fir-rapporti finanzjarji (jiġifieri jseħħu fil-kontijiet jew fit-tranżazzjonijiet ittestjati). Anki jekk dawn ikunu ristretti b'dan il-mod, xorta jkunu perważivi jekk jirrappreżentaw, jew jistgħu jirrappreżentaw, proporzjon sostanzjali tar-rapporti finanzjarji, jew ikunu relatati ma' divulgazzjonijiet li jkunu fundamentali għall-fehim mill-utenti tar-rapporti finanzjarji.

PARTI 5 – Rabta bejn l-opinjonijiet tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet

(39) L-istandards internazzjonali dwar l-awditjar[26] jispeċifikaw li meta l-awdituri joħorġu opinjonijiet tal-awditjar kemm dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet kif ukoll dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, opinjoni modifikata dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, fiha nfisha, ma twassalx għal opinjoni modifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet.

[25] International Standard on Auditing (ISA) 705 (revised), Modifications to the Opinion in the Independent Auditor's Report.

[26] L-ISSAI 4000, il-paragrafu 16.

Kapitolu 2

Ġestjoni bażitarja u finanzjarja

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**2.1.**
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja fl-2024	**2.2. - 2.28.**
Minħabba l-NGEU, il-pagamenti qabżu l-impenji fl-2024	**2.2. - 2.11.**
Ix-xejra reċenti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn li ntużaw kważi kollha kompliet fl-2024	**2.6. - 2.8.**
Il-pagamenti eżegwiti kienu ogħla milli kien ippjanat inizjalment u kienu taħt il-limitu massimu tal-QFP	**2.9. - 2.11.**
Assorbiment ta' fondi taħt ġestjoni kondiviża: il-QFP 2014–2020 kważi ġie ffinalizzat, filwaqt li l-livelli tal-QFP 2021–2027 għadhom baxxi	**2.12. - 2.19.**
L-assorbiment tal-FSIE 2014–2020 laħaq is-97 %, u 21 Stat Membru jaqbżu l-95 %	**2.12. - 2.15.**
L-assorbiment tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021–2027 skont ir-RDK għadu baxx	**2.16. - 2.18.**
Il-pagamenti mill-FAEŻR taħt il-PAK il-ġdida qabdu ritmu mgħaġġel fl-2024	**2.19.**
L-implimentazzjoni tal-għotjiet taħt l-RRF kienet aktar baxxa milli mistenni, filwaqt li l-assorbiment tas-supplimenti tal-NGEU qabad ritmu mgħaġġel fl-2024	**2.20. - 2.25.**
L-impenji pendenti totali bdew jinżlu fl-2024 iżda aktar bil-mod milli kien mistenni	**2.26. - 2.28.**
Riskji u sfidi	**2.29. - 2.69.**
Riskju dejjem akbar ta' diżimpenji u ħtieġa għal implimentazzjoni aċċellerata	**2.29. - 2.31.**
Riskji għall-assorbiment f'waqtu tal-fondi tal-RRF	**2.32. - 2.33.**

QFP futuri se jkollhom iqisu l-piż dejjem akbar mill-obbligi ta' teħid b'self taħt l-NGEU 2.34. - 2.50.

It-teħid b'self pendenti tal-UE żdied b'aktar minn 30 % fl-2024 2.35. - 2.42.

Ir-ripagament tat-teħid b'self taħt l-NGEU huwa differit għal QFP futuri 2.43. - 2.47.

Il-kostijiet mistennija tat-teħid b'self taħt l-NGEU għall-QFP attwali ġew riveduti 'l isfel fl-2024, iżda xorta jistgħu jkunu d-doppju tal-istimi inizjali 2.48. - 2.50.

Il-bażit tal-UE kompla jipprovdi appoġġ lill-Ukrajna matul il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja 2.51. - 2.56.

L-esponiment tal-bażit tal-UE qed ikompli jiżdied 2.57. - 2.65.

L-esponiment tal-bażit tal-UE huwa pprojettat li jkompli jiżdied 2.60. - 2.61.

Il-prestazzjoni finanzjarja kumulattiva tal-fond ta' proviżjonament komuni ssir pożittiva għall-ewwel darba 2.62. - 2.65.

L-inflazzjoni tal-UE qed terġa' tinżel għal 2 %, u dan jillimita l-impatt negattiv addizzjonali tagħha fuq il-QFP attwali 2.66. - 2.69.

Konklużjonijet u rakkomandazzjonijiet 2.70. - 2.78.

Konklużjonijiet 2.70. - 2.78.

Rakkomandazzjoni

Introduzzjoni

2.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-kwistjonijiet prinċipali b'rabta mal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Baġit 2024 tal-UE u l-finanzjament addizzjonali tiegħu. Nirrappurtaw ukoll dwar ir-riskji u l-isfidi baġitarji u finanzjarji li l-UE jaf tiffaċċja fis-snin futuri. Il-kapitolu huwa bbażat fuq ir-rieżaminar li wettaqna rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, u r-rieżaminar rigward dokumenti ppubblikati mill-Kummissjoni u minn partijiet ikkonċernati oħra. Huwa jieħu kont ukoll tax-xogħol li wettaqna u li ppreżentajna fir-rapporti speċjali u fl-opinjonijiet tagħna.

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja fl-2024

Minħabba l-NGEU, il-pagamenti qabżu l-impenji fl-2024

2.2. F'din it-taqsima, aħna nanalizzaw l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE fl-2024. Din kienet ir-raba' sena ta' implimentazzjoni tal-*qafas finanzjarju pluriennali* (QFP) 2021–2027u tan-*NextGenerationEU* (NGEU).

2.3. Mill-2023 'il hawn, fl-analiżi tagħna inkludejna t-tipi kollha ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament (approprjazzjonijiet baġitarji annwali, *riporti* u ammonti magħmula disponibbli mill-ġdid, dħul assenjat tal-NGEU u tipi oħra ta' dħul assenjat). Is-self huwa punt barra l-baġit u għalhekk barra mill-ambitu tagħna.

2.4. Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP, adottata fi Frar 2024, introduċiet aġġustament tekniku rivedut[1] li, fost affarijiet oħra, żied il-limitu massimu tal-QFP għall-2024 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn minn EUR 186.0 biljun għal EUR 186.8 biljun, filwaqt li żamm il-limitu massimu tal-QFP għall-2024 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament għal EUR 170.5 biljun. Hija stabbiliet ukoll ir-*Riżerva għall-Ukrajna* u l-*Istrument EURI* bħala strumenti speċjali ġodda lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.

2.5. Il-***Figura 2.1*** turi l-Baġit 2024 totali tal-UE disponibbli għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u għall-approprjazzjonijiet ta' pagament. Il-baġit annwali tal-UE jammonta għal 85.8 % tat-total tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli u 54.3 % tat-total tal-approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli, filwaqt li d-dħul assenjat tal-NGEU, dħul assenjat ieħor u riporti u ammonti magħmula disponibbli mill-ġdid jikkostitwixxu l-parti li jifdal. Mill-2024, l-impenji mid-dħul assenjat tal-NGEU huma limitati għan-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni[2].

---

[1] COM (2024) 110.

[2] L-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Figura 2.1 — Total tal-approprjazzjonijiet disponibbli inklużi l-għotjiet taħt l-NGEU fl-2024



Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024, u *data* oħra mill-Kummissjoni.

Ix-xejra reċenti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn li ntużaw kważi kollha kompliet fl-2024

2.6. L-awtorità baġitarja approvat baġit annwali inizjali tal-UE għall-2024 ta' EUR 189.4 biljun għall-approprjazzjonijiet ta' impenn, ara l-***Figura 2.2***. Matul l-2024 ġew adottati ħames baġits emendatorji. L-effett nett kumplessiv tal-baġits emendatorji kien żieda ta' EUR 5.9 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal EUR 195.3 biljun, li huwa ogħla mil-limitu massimu tal-QFP ta' EUR 186.8 biljun. Dan sar possibbli permezz ta' *strumenti speċjali* tal-QFP. Dawn l-istrumenti jipprovdu fondi addizzjonali lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għal avvenimenti ġodda jew mhux previsti.

2.7. L-impenji totali li saru taħt il-baġit finali tal-2024 kienu ta' EUR 193.1 biljun, jiġifieri 98.9 % tal-ammont disponibbli. L-approprjazzjonijiet ta' impenn mhux użati ta' EUR 2.2 biljun kienu prinċipalment mill-*Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)* (EUR 0.8 biljun), mill-*Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)* (EUR 0.5 biljun), u mill-*Fond ta' Koeżjoni (FK)* (EUR 0.2 biljun). Mill-approprjazzjonijiet mhux użati, EUR 1.0 biljun ġew riportati għall-2025, li minnhom EUR 0.5 biljun kienu għall-NDICI, u EUR 0.3 biljun għar-*Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea*. L-approprjazzjonijiet mhux użati li fadal, b'valur ta' EUR 1.2 biljun, skadew. Minn dawn, EUR 1.1 biljun huma relatati ma' approprjazzjonijiet ta' impenn sospiżi b'segwitu għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/2506.

Figura 2.2 — Implimentazzjoni tal-impenji annwali tal-baġit tal-UE għall-2024



Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

2.8. Inklużi impenji addizzjonali ta' EUR 19.7-il biljun minn dħul assenjat, flimkien ma' EUR 0.9 biljun ta' riporti u ammonti magħmula disponibbli mill-ġdid, l-impenji totali fl-2024 laħqu l-EUR 213.7-il biljun. L-użu tal-baġit għall-impenji kien ta' 93.9 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn totali ta' EUR 227.7 biljun.

Il-pagamenti eżegwiti kienu ogħla milli kien ippjanat inizjalment u kienu taħt il-limitu massimu tal-QFP

2.9. Il-baġit ivvutat inizjali għall-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2024 kien ta' EUR 142.6 biljun, li huwa taħt il-limitu massimu tal-QFP ta' EUR 170.5 biljun (ara l-***Figura 2.3***). Il-baġits emendatorji żiedu l-approprjazzjonijiet ta' pagament b'EUR 7.1 biljun, u b'hekk il-baġit finali totali tela' għal EUR 149.7 biljun.

2.10. Il-pagamenti totali li saru taħt il-baġit finali kienu ta' EUR 146.1 biljun, jiġifieri 97.6 % tal-ammont disponibbli. Mill-approprjazzjonijiet mhux użati ta' EUR 3.6 biljun, total ta' EUR 3.5 biljun ġie riportat għall-2025, li minnhom EUR 1.9 biljun kienu għall-kostijiet tat-teħid b'self taħt l-NGEU. L-approprjazzjonijiet mhux użati li fadal, b'valur ta' EUR 0.1 biljun, skadew.

Figura 2.3 — Implimentazzjoni tal-pagamenti annwali tal-baġit tal-UE għall-2024



Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

2.11. Inklużi pagamenti addizzjonali ta' EUR 98.2 biljun minn dħul assenjat (prinċipalment NGEU u REPowerEU), flimkien ma' EUR 2.7 biljun ta' riporti u ammonti magħmula disponibbli mill-ġdid, il-pagamenti totali fl-2024 laħqu l-EUR 247.0 biljun. B'hekk, l-użu tal-baġit għall-pagamenti kien ta' 89.6 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament totali ta' EUR 275.8 biljun.

Assorbiment ta' fondi taħt ġestjoni kondiviża: il-QFP 2014–2020 kważi ġie ffinalizzat, filwaqt li l-livelli tal-QFP 2021–2027 għadhom baxxi

L-assorbiment tal-FSIE 2014–2020 laħaq is-97 %, u 21 Stat Membru jaqbżu l-95 %

2.12. Il-*Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej* (FSIE) huma mmaniġġjati b'mod konġunt mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Id-*data* tiġi rrappurtata fuq pjattaforma ta' *data* miftuħa online. Fi tmiem l-2024, il-pagamenti totali għall-FSIE 2014–2020 ammontaw għal EUR 475.2 biljun, jew 97.0 % tal-fondi totali disponibbli (EUR 489.9 biljun). Il-pagamenti fl-2024 ammontaw għal EUR 27.3 biljun.

2.13. Fil-***Figura 2.4***, nippreżentaw ir-rati ta' assorbiment kumulattivi għal kull fond SIE, bl-esklużjoni tar-riżorsi tal-NGEU, fi tmiem l-2024. Ir-rata ta' assorbiment tesprimi, bħala perċentwal, il-*prefinanzjament* u l-*pagamenti interim* magħmula mill-baġit tal-UE lill-Istati Membri għan-nefqa ddikjarata meta mqabbel mal-ammonti totali allokati għal perjodu partikolari. Il-pagamenti *interim* lill-Istati Membri jsiru wara li jkunu ppreżentaw talbiet għall-pagament lill-Kummissjoni. B'riżultat ta' dan, ir-rati ta' assorbiment li nippreżentaw mhux neċessarjament juru l-progress sħiħ tal-implimentazzjoni tal-proġetti u lanqas l-ammont totali li l-*benefiċjarji* diġà rċevew mill-Istati Membri.

Figura 2.4 — Assorbiment tal-FSIE 2014–2020 (bl-esklużjoni tal-NGEU), fi tmiem l-2024

(biljun EUR)



FEŻR: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
FAEŻR: Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
FSE: Fond Soċjali Ewropew
FK: Fond ta' Koeżjoni
YEI: Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ
FEMS: Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd
FEAD: Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn

(*) Il-linja l-ħamra turi r-rata ta' assorbiment li kieku ġew eskluż l-allokazzjonijiet addizzjonali tal-2021 u l-2022 għall-FAEŻR ta' EUR 28.1 biljun mill-QFP 2021–2027. Il-FAEŻR irċieva dawn l-allokazzjonijiet addizzjonali minħabba perjodu tranżitorju ta' sentejn, li warajh waqa' kompletament taħt il-qafas tal-pjanijiet strateġiċi tal-politika agrikola komuni għall-perjodu 2023–2027.
(**) Il-YEI tinkludi allokazzjoni speċifika mill-FSE.

Sors: il-QEA, abbażi tal-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-Kummissjoni, kif kienet fis-6 ta' Jannar 2025, u *data* oħra mill-Kummissjoni.

2.14. Progress ulterjuri bil-pagamenti tal-FSIE fl-2024 wassal biex 21 Stat Membru assorbew aktar minn 95 % tal-Fondi SIE allokati tagħhom sa tmiem l-2024, ara l-***Figura 2.5***.

Figura 2.5 — Rati ta' assorbiment tal-FSIE 2014–2020 (bl-esklużjoni tal-NGEU), fi tmiem l-2024



Sors: il-QEA, abbażi tal-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-Kummissjoni, fis-6 ta' Jannar 2025.

2.15. Fl-2024, id-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet finali għall-pagamenti *interim* taħt il-Fondi SIE kollha (ħlief il-*Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)*) ġiet estiża b'sena sal-31 ta' Lulju 2025. Il-bilanċ finali se jiġi saldat sa tmiem l-2026.

L-assorbiment tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021–2027 skont ir-RDK għadu baxx

2.16. Fl-2024, il-pagamenti annwali għall-fondi taħt *ġestjoni kondiviża* skont ir-*Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni* (RDK)[3] ammontaw għal EUR 14.7-il biljun (2023: EUR 6.3 biljun), li minnhom EUR 5.2 biljun kienu pagamenti ta' prefinanzjament (2023: EUR 4.1 biljun) u EUR 9.5 biljun kienu pagamenti *interim* (2023: EUR 2.2 biljun). Sa tmiem l-2024, il-pagamenti totali ammontaw għal EUR 27.6 biljun, li kien biss 7 % tal-ammont għal dawn il-fondi fil-QFP 2021–2027 (EUR 395 biljun), ara l-***Figura 2.6***.

Figura 2.6 — Assorbiment tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021–2027 fil-qafas tar-RDK, fi tmiem l-2024



Nota: l-ammonti għall-JTF jinkludu ċ-ċifri tal-NGEU.

Sors: il-QEA, abbażi tal-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-Kummissjoni, fis-6 ta' Jannar 2025.

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/1060.

2.17. L-implimentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni (il-FEŻR, il-FK u l-FSE+), li jirrappreżentaw aktar minn 90 % tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża fil-qafas tar-RDK għall-perjodu 2021–2027, baqgħet baxxa. Meta nqabblu l-implimentazzjoni tagħhom (il-prefinanzjament u l-pagamenti *interim*) mal-*perjodu ta' programmazzjoni* preċedenti (ara l-***Figura 2.7***), ir-rata ta' assorbiment kumplessiva ta' dawn it-tliet fondi kienet biss ta' 5 % sa tmiem l-2024 meta mqabbla ma' 14 % fil-punt ekwivalenti tal-QFP preċedenti (tmiem l-2017). Billi t-tmiem tal-perjodu ta' eliġibbiltà għan-nefqa sottostanti[4] u d-data ta' skadenza għall-pagament tal-bilanċ finali[5] għall-QFP 2021–2027 jiġu stabbiliti sena qabel minn dawk fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, il-pressjoni biex jiġu assorbiti l-fondi tal-UE se tkompli tiżdied.

Figura 2.7 — Implimentazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni fis-sena 4: il-QFP attwali b'inqas minn nofs ir-rata tal-QFP preċedenti



Nota: inkluż il-prefinanzjament u l-pagamenti *interim*.

Sors: il-QEA, abbażi tal-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-Kummissjoni, fis-6 ta' Jannar 2025.

[4] L-Artikolu 63(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[5] *Ibid.*, l-Artikolu 102(5).

2.18. Il-*Figura 2.8* turi r-rata ta' assorbiment għal kull Stat Membru.

Figura 2.8 — Rati ta' assorbiment tal-Istati Membri tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021–2027 fil-qafas tar-RDK, fi tmiem l-2024

(biljun EUR)



Sors: il-QEA, abbażi tal-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-Kummissjoni, fis-6 ta' Jannar 2025.

Il-pagamenti mill-FAEŻR taħt il-PAK il-ġdida qabdu ritmu mgħaġġel fl-2024

2.19. Mill-2023, il-FAEŻR beda jiġi kopert mir-regolamenti l-ġodda tal-*politika agrikola komuni* (PAK)[6]. L-assorbiment tal-finanzjament mill-FAEŻR għall-perjodu 2023–2027 beda fl-2023, wara l-perjodu tranżitorju 2021–2022[7]. Fi tmiem l-2024[8], il-pagamenti mill-FAEŻR ammontaw għal EUR 6.3 biljun (2023: EUR 0.7 biljun), b'rata ta' assorbiment ta' 9.5 % meta mqabbla ma' 1 % fl-2023.

L-implimentazzjoni tal-għotjiet taħt l-RRF kienet aktar baxxa milli mistenni, filwaqt li l-assorbiment tas-supplimenti tal-NGEU qabad ritmu mgħaġġel fl-2024

2.20. Fi Frar 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill emendaw ir-Regolament dwar l-RRF biex b'hekk ikun jista' jiġi inkluż kapitolu *REPowerEU* fil-pjanijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-RRF sabiex titneħħa gradwalment id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi u jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima. Sa tmiem l-2024, l-Istati Membri kollha għajr il-Bulgarija kellhom kapitolu REPowerEU fil-pjanijiet riveduti tagħhom tal-RRF.

2.21. Il-Kummissjoni se tuża dħul mill-*iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS)* sa EUR 19.5-il biljun biex tiffinanzja s-26 kapitolu REPowerEU li ġew adottati sa issa, flimkien ma' allokazzjonijiet mir-*Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (RAB)*[9] sa EUR 2.1 biljun. B'finanzjament mill-ETS u mir-RAB, minbarra l-NGEU, l-ammont totali tal-għotjiet taħt l-RRF, inkluż ir-REPowerEU, jista' jilħaq it-EUR 359.5 biljun. Dan jeskludi n-nefqiet amministrattivi, fejn l-ammonti huma żgħar ħafna. Mit-EUR 359.5 biljun, EUR 0.6 biljun għad iridu jiġu impenjati.

---

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 u r-Regolament (UE) 2021/2116.

[7] Ir-Regolament (UE) 2020/2220.

[8] Il-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-Kummissjoni, fil-31 ta' Marzu 2025.

[9] L-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/435.

2.22. Il-pagamenti annwali tal-għotjiet taħt l-RRF ammontaw għal EUR 55.9 biljun fl-2024, li minnhom EUR 7.9 biljun ġew iffinanzjati minn REPowerEU u EUR 48.0 biljun minn għotjiet taħt l-NGEU. Il-pagamenti annwali għall-għotjiet taħt l-RRF iffinanzjati mill-NGEU kienu biss nofs dak li l-Kummissjoni kienet stenniet f'Ġunju 2023 (EUR 96 biljun)[10]. Madankollu, 15-il Stat Membru kienu ppreżentaw talbiet għall-pagament li kienu jammontaw għal EUR 58.5 biljun f'Diċembru 2024[11].

2.23. B'pagamenti, sa tmiem 2024, ta' EUR 197.5 biljun minn EUR 358.9 biljun ta' impenji li saru, l-għotjiet taħt l-RRF sa EUR 161.4 biljun jibqgħu disponibbli biex jitħallsu sa tmiem l-2026, ara l-***Figura 2.9***.

Figura 2.9 — Implimentazzjoni tal-għotjiet taħt l-RRF skont is-sors, fi tmiem l-2024



Nota: in-nefqiet amministrattivi mhumiex inklużi.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024, u *data* oħra mill-Kummissjoni.

2.24. Hemm differenzi sinifikanti fil-livell sa fejn l-Istati Membri assorbew l-għotjiet taħt l-RRF sa issa, ara l-***Figura 2.10***.

[10] COM(2023) 390, it-Tabella 3.

[11] Skeda ta' żmien tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Kummissjoni.

Figura 2.10 — Għotjiet taħt l-RRF imħallsa u ammonti li għandhom jitħallsu abbażi tal-allokazzjonijiet riveduti skont l-Istati Membri, fi tmiem l-2024

(biljun EUR)



Noti: in-nefqiet amministrattivi mhumiex inklużi.
L-ammont li għandu jitħallas huwa bbażat fuq allokazzjoni riveduta li tinkludi EUR 0.6 biljun li għandhom jiġu impenjati sa tmiem l-2026.
L-Iżvezja ppreżentat l-ewwel talba għall-pagament tagħha (EUR 1.6 biljun) f'Diċembru 2024. L-Ungerija rċeviet biss prefinanzjament u għadha ma ppreżentat l-ebda talba għall-pagament.

Sors: il-QEA, abbażi tat-tabella ta' valutazzjoni tal-RRF u *data* oħra mill-Kummissjoni.

2.25. L-impenji totali tas-supplimenti tal-NGEU għall-programmi tal-QFP jammontaw għal EUR 82.9 biljun[12], ara l-***Figura 2.11***. Il-pagamenti annwali tas-supplimenti tal-NGEU għall-programmi eżistenti tal-QFP ammontaw għal EUR 24.6 biljun fl-2024. Dan jimmarka żieda sinifikanti mis-snin preċedenti (2021: EUR 7.2 biljun; 2022: EUR 16.1-il biljun; 2023: EUR 19.0-il biljun), u jilħaq total ta' EUR 66.9 biljun sa tmiem l-2024. B'riżultat ta' dan, il-pagamenti sa EUR 16-il biljun jistgħu jsiru sa tmiem l-2026. Iż-żieda qawwija fil-pagamenti mill-*Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF)* kienet prinċipalment riżultat tal-prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba mħallas f'Marzu 2024 (EUR 5.9 biljun)[13] wara l-adozzjoni tar-Regolament STEP[14], kif deskritt fir-Rapport Annwali 2023[15] tagħna.

[12] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 2.26.

[13] COM(2024) 276, p. 1.

[14] L-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2024/795.

[15] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 2.19.

Figura 2.11 — Implimentazzjoni tal-NGEU relatata mas-supplimenti għall-programmi tal-UE, fi tmiem l-2024



Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

L-impenji pendenti totali bdew jinżlu fl-2024 iżda aktar bil-mod milli kien mistenni

2.26. *Impenji pendenti* huma s-somma ta' impenji li saru iżda li għadhom ma tħallsux. Sa tmiem l-2024, l-impenji pendenti totali, li se jkollhom jitħallsu fis-snin ta' wara sakemm ma jiġux diżimpenjati, ammontaw għal EUR 507.4 biljun, li minnhom EUR 166.3 biljun kienu relatati mal-finanzjament ta' għotjiet taħt l-NGEU. Għalkemm l-impenji pendenti kienu inqas mil-livell għoli rekord tal-2023 ta' EUR 543 biljun, it-total kien għadu EUR 33.5 biljun ogħla mill-istima ta' EUR 473.9 biljun magħmula mill-Kummissjoni f'Ġunju 2024[16]. Il-***Figura 2.12*** tiddiżaggrega l-impenji pendenti totali kif jidher.

Figura 2.12 — Impenji pendenti totali skont is-sors u l-intestatura tal-QFP, fi tmiem l-2024



Nota: il-Fond għall-Innovazzjoni huwa ffinanzjat mid-dħul assenjat u lil hinn mill-QFP, iżda jiġi ddivulgat fil-kontijiet tal-UE.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024 u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit mis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni.

[16] COM(2024) 276, it-Tabella 4.

2.27. Il-***Figura 2.13*** turi l-impenji pendenti totali fi tmiem l-2024 skont is-sena tal-oriġini.

Figura 2.13 — Impenji pendenti totali skont is-sena tal-oriġini u t-tip ta' finanzjament, fi tmiem l-2024



Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024 u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit mis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni.

2.28. L-impenji pendenti tal-NGEU huma mistennija jinżlu fl-2025 u l-2026 billi l-pagamenti se jkollhom isiru sa tmiem l-2026, inkella l-impenji jkollhom jiġu diżimpenjati. Madankollu, l-impenji pendenti mill-QFP attwali huma mistennija jiżdiedu fis-snin li ġejjin. Fl-2024, il-Kummissjoni rrevediet it-tbassir tagħha tal-impenji pendenti mill-implimentazzjoni tal-QFP fi tmiem l-2027 minn EUR 322.9 biljun[17] għal EUR 364.7 biljun[18], ara l-***Figura 2.14***.

[17] COM(2023) 390, it-Tabella 4.

[18] COM(2024) 276, it-Tabella 4.

Figura 2.14 — Impenji pendenti, impenji u pagamenti għall-2007 sal-2024, u t-tbassir għall-2025 sal-2027



Nota: it-tbassir mill-2025 'il quddiem ma jinkludix riporti jew dħul assenjat għajr l-approprjazzjonijiet tal-NGEU u tal-Faċilità għall-Ukrajna.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* mill-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-perjodu 2007–2024, u COM(2024) 276.

Riskji u sfidi

Riskju dejjem akbar ta' diżimpenji u ħtieġa għal implimentazzjoni aċċellerata

2.29. Fl-2024, il-Kummissjoni bassret diżimpenji għall-perjodu 2025–2027 għal EUR 8.8 biljun[19] (tbassir għall-2023: EUR 8.1 biljun għall-perjodu 2024–2027[20]). Din iż-żieda fid-diżimpenji stmati kienet prinċipalment xprunata mill-programmi ta' koeżjoni taħt il-QFP attwali u mill-FAEŻR. Id-diżimpenji mill-FAEŻR huma mistennija meta l-programmi tal-QFP preċedenti jagħlqu fl-2026, filwaqt li l-programmi ta' koeżjoni għall-QFP 2021–2027 se jħabbtu wiċċhom ma' riskji sinifikanti ta' diżimpenji mill-2027 'il quddiem.

2.30. Għall-FK, il-FEŻR, u l-FSE+, il-Kummissjoni tbassar diżimpenji totali ta' EUR 2.7 biljun. Din hija żieda sinifikanti mit-tbassir tal-2023 ta' EUR 2.2 biljun u kważi seba' darbiet it-tbassir tal-2022 ta' EUR 0.4 biljun[21]. Il-projezzjoni tassumi aċċellerazzjoni qawwija fl-implimentazzjoni ta' dawn il-fondi fl-2026 u l-2027. Jekk dan ma jseħħx, l-ammonti f'riskju ta' diżimpenn se jkomplu jiżdiedu, anki jekk jittieħed inkunsiderazzjoni l-impatt mistenni ta' STEP[22]. Biex jiġi evitat dan ir-riskju, jeħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-fondi b'pass ħafna aktar mgħaġġel milli fil-perjodu 2014–2020, ara l-***Figura 2.7***. Barra minn hekk, skont il-QFP attwali, l-eliġibbiltà tintemm sena qabel u l-pagament tal-bilanċ final wkoll jiġi riportat b'sena, ara ***2.17***. Għalhekk, ir-rakkomandazzjoni li għamilna fl-2023[23], jiġifieri li jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu azzjoni fir-rigward tal-programmi f'riskju ta' diżimpenji, għadha valida. Madankollu, aħna ninnutaw li fl-1 ta' April 2025, il-Kummissjoni għamlet żewġ proposti leġiżlattivi fir-rigward tar-regolamenti dwar il-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027[24] li, f'ċerti ċirkustanzi, jistgħu jnaqqsu r-riskju li dawn il-fondi jiġu diżimpenjati.

---

19 COM(2024) 276, it-Tabella 2.

20 COM(2023) 390, it-Tabella 2.

21 COM(2022) 315, it-Tabella 2.

22 COM(2024) 276, 2.3. Diżimpenji.

23 Ir-Rapport Annwali 2023, ir-Rakkomandazzjoni 2.1.

24 COM(2025)123 u COM(2025)164

2.31. Skont il-Kummissjoni[25], il-biċċa l-kbira minn dawn id-dižimpenji huma eliġibbli għall-Istrument EURI[26], li huwa maħsub biex jiffinanzja l-kostijiet akbar milli ppjanat tat-teħid b'self taħt l-NGEU li jkunu ogħla mid-disponibbiltajiet tal-baġit, qabel ma jiġu mobilizzati l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri[27].

Riskji għall-assorbiment f'waqtu tal-fondi tal-RRF

2.32. Fi tmiem l-2024, il-pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF lill-Istati Membri ammontaw għal EUR 197.5 biljun (55 % tat-total disponibbli), ara l-***Figura 2.9***. Madankollu, dawn il-pagamenti mhux neċessarjament jirriflettu l-għadd jew is-sinifikat tal-istadji importanti u l-miri li laħqu l-Istati Membri, u r-relazzjoni bejn il-fondi riċevuti u l-istadji importanti milħuqa tvarja minn Stat Membru għal ieħor.

2.33. F'rapport speċjali dwar l-RRF fl-2024[28], ikkonkludejna li kien hemm riskji għall-assorbiment u t-tlestija f'waqthom tal-miżuri fit-tieni nofs tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRF. Barra minn hekk, il-konċentrazzjoni tal-istadji importanti u l-miri matul din il-fażi, b'mod partikolari għall-investimenti, toħloq riskju sinifikanti għal assorbiment sħiħ, billi l-investimenti tipikament jirrikjedu żminijiet itwal ta' implimentazzjoni.

QFP futuri se jkollhom iqisu l-piż dejjem akbar mill-obbligi ta' teħid b'self taħt l-NGEU

2.34. Għall-analiżi li wettaqna tad-dejn tal-UE, aħna eżaminajna t-teħid b'self mis-swieq finanzjarji, li jikkonsisti prinċipalment minn bonds għal żmien twil. Dan it-teħid b'self jiffinanzja l-NGEU u l-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE. Il-***Figura 2.15*** tagħti diżaggregazzjoni tal-programmi tal-UE ffinanzjati minn teħid b'self tal-UE.

---

[25] COM(2024) 276, 2.3. Dižimpenji.

[26] L-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/765.

[27] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 2.32.

[28] Ir-Rapport Speċjali 13/2024.

Figura 2.15 — Programmi ffinanzjati minn teħid b'self pendenti tal-UE, fi tmiem l-2024



BtP	Bilanċ tal-Pagamenti
EFSM:	Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja
AMF:	Assistenza Makrofinanzjarja
NGEU:	NextGenerationEU
SURE:	Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza

Nota: l-ammonti ma jinkludux il-parti tal-għotjiet taħt l-RRF iffinanzjati mir-RAB jew mill-ETS.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

It-teħid b'self pendenti tal-UE żdied b'aktar minn 30 % fl-2024

2.35. F'dawn l-aħħar 5 snin, il-Kummissjoni żiedet b'mod sinifikanti l-ħruġ ta' bonds billi kienet qed isserraħ fuq is-swieq kapitali biex tiffinanzja programmi akbar, bħal SURE u NGEU, ara l-***Figura 2.16***. Sal-2027, it-teħid b'self pendenti tal-UE jista' jaqbeż id-EUR 900 biljun, kważi 10 darbiet il-livell tal-2020 qabel l-NGEU.

Figura 2.16 — Bonds pendenti tal-UE mill-2010 ’l hawn



Nota: il-ħruġ ta’ bonds tal-UE b’valur nominali tad-dejn gross. Il-kambjali tal-UE (EUR 23.1 biljun) huma esklużi.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024 u informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

2.36. Mill-EUR 578.2 biljun f’bonds pendenti tal-UE fi tmiem l-2024, EUR 254.7 biljun (44 %) kienu ġew żborżati għal *appoġġ mhux ripagabbli* taħt l-NGEU, li mhuwiex marbut ma’ xi obbligu ta’ ripagament għall-Istati Membri. Dan l-ammont ma jinkludix il-parti tal-għotjiet taħt l-RRF iffinanzjati mir-RAB jew mill-ETS.

2.37. Minn Diċembru 2022, il-Kummissjoni adottat *strateġija ta’ finanzjament diversifikata*[29] bħala l-approċċ standard tagħha għall-finanzjament ta’ programmi ta’ assistenza finanzjarja permezz ta’ teħid b’self[30]. Fi tmiem l-2024, il-valur nominali tat-teħid b’self pendenti tal-UE kien ta’ EUR 601.3 biljun (2023: EUR 458.5 biljun). It-teħid b’self pendenti kien jinkludi kambjali tal-UE b’valur nominali ta’ EUR 23.1 biljun (2023: EUR 15.2-il biljun). Dawn għandhom maturità ta’ inqas minn sena, u jinħarġu għall-ġestjoni tal-likwidità. Il-***Figura 2.17*** turi l-maturitajiet tat-teħid b’self tal-UE, esklużi l-kambjali tal-UE, skont il-perjodu ta’ programmazzjoni. L-istruttura tal-maturità attwali hija distribwita fost il-QFP attwali u dawk sussegwenti. Dan biex l-obbligi ta’ ripagament żgur jinfirxu maż-żmien aktar milli jiġu kkonċentrati f’QFP wieħed.

[29] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 2.36.

[30] L-Artikolu 224 tar-Regolament Finanzjarju.

Figura 2.17 — Il-volumi annwali ta' bonds pendenti tal-UE li jimmaturaw, fi tmiem l-2024



Nota: ammonti f'valur nominali. Il-kambjali tal-UE mhumiex inklużi.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

2.38. L-operazzjonijiet ta' teħid b'self tal-UE huma appoġġati minn mekkaniżmu ta' garanzija mfassal biex l-obbligi ta' servizz tad-dejn żgur ikunu jistgħu jiġu ssodisfati dejjem. Din il-garanzija hija pprovduta permezz tal-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-UE, li huwa l-marġni annwali bejn il-limitu massimu tar-riżorsi proprji (jiġifieri l-ammont massimu li l-UE tista' titlob mill-Istati Membri) u r-riżorsi proprji meħtieġa biex jiġi ffinanzjat il-livell reali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament taħt il-QFP. Għall-perjodu 2021–2027, il-limitu massimu tar-riżorsi proprji huwa stabbilit għal 1.4 % tal-*introjtu nazzjonali gross (ING)* tal-UE. Il-Baġit 2024 kien jinkludi riżorsi proprji ta'

0.79 % tal-ING tal-UE għall-finanzjament tan-nefqa tal-baġit[31], li jfisser li fi tmiem is-sena kien hemm marġni disponibbli ta' 0.61 % biex jiġu koperti l-obbligazzjonijiet baġitarji.

2.39. Fil-prattika, il-marġni ta' manuvra jaġixxi bħala garanzija tal-aħħar istanza għall-investituri: f'każ li l-UE tħabbat wiċċha ma' diffikultajiet biex tħallas id-dejn tagħha (eż. minħabba ħlasijiet lura mdewma jew mhux kompleti min-naħa tal-benefiċjarji tas-self), dan jippermetti lill-Kummissjoni titlob kontribuzzjonijiet supplimentari mill-Istati Membri biex twettaq dawk l-obbligi. Qabel ma ssir kwalunkwe sejħa ta' dan it-tip, il-Kummissjoni tirrapporta li għandha fis-seħħ miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju u ta' ġestjoni tal-likwidità[32]. Il-marġni ta' manuvra mhuwiex riżerva prefinanzjata; huwa jirriżulta biss f'pagamenti mill-Istati Membri jekk ir-riżorsi baġitarji standard tal-UE u l-influssi mill-mutwatarji ma jkunux biżżejjed biex ikopru r-ripagament tat-teħid b'self tal-UE. Dan il-mekkaniżmu[33] jikkostitwixxi impenn legali vinkolanti mill-Istati Membri.

2.40. Il-Kummissjoni tirrapporta annwalment, lil-leġiżlatur tal-UE, dwar l-*obbligazzjonijiet kontinġenti* li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja u s-sostenibbiltà ta' dawk l-obbligazzjonijiet kontinġenti[34] Abbażi tad-*data* disponibbli fi tmiem l-2023, il-Kummissjoni tistma li l-marġni ta' manuvra disponibbli taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji, wara li jitnaqqsu r-riżorsi proprji meħtieġa biex jiġu ffinanzjati l-approprjazzjonijiet ta' pagament mill-baġit tal-UE (bl-esklużjoni tal-NGEU), jammonta għal EUR 114.7-il biljun fl-2025, EUR 89.1 biljun fl-2026[35], u EUR 86.9 biljun fl-2027, ara l-***Figura 2.18***. Dawn iċ-ċifri jikkorrispondu għal 0.6 %, 0.5 %, u 0.4 % tal-ING tal-UE, rispettivament.

2.41. Minbarra l-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji, id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji introdotta, sal-2058, żieda temporanja u eċċezzjonali addizzjonali fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 0.6 % tal-ING tal-UE esklużivament biex tiggarantixxi r-ripagament tat-teħid b'self taħt l-NGEU. Il-Kummissjoni tistma li għall-perjodu sal-2027, kważi l-marġni ta' manuvra kollu taħt

---

31 Il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024, in-Nota 6.7.

32 *Ibid.*

33 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053

34 COM (2024) 507.

35 *Ibid.*, l-Annessi.

il-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji se jibqa' disponibbli[36], ara l-***Figura 2.18***.

Figura 2.18 — Il-marġni ta' manuvra taħt il-limiti massimi permanenti u temporanji tar-riżorsi proprji



Sors: il-QEA, ibbażat fuq COM(2024) 507.

[36] *Ibid.*, l-Annessi.

2.42. Sabiex tiġi salvagwardjata s-sostenibbiltà tal-QFP futuri, se jkun hemm il-ħtieġa li jitqies il-piż dejjem akbar tal-obbligi relatati mat-teħid b'self, b'mod partikolari r-ripagament tal-kapital u tal-imgħax, u d-disponibbiltà tal-garanziji korrispondenti.

Ir-ripagament tat-teħid b'self taħt l-NGEU huwa differit għal QFP futuri

2.43. Il-programm NGEU ġie stabbilit biex jipprovdi finanzjament lill-Istati Membri sa EUR 712-il biljun, li minnhom sa EUR 291 biljun kienu għal self taħt l-RRF u sa EUR 421 biljun għal appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU. Sa tmiem l-2024, l-UE kienet żborżat EUR 363.5 biljun, ara l-***Figura 2.19***. L-UE jaf xorta tissellef sa EUR 348.5 biljun għall-NGEU qabel tmiem l-2026. Wara dik id-data, it-teħid b'self irid ikun strettament limitat għar-rifinanzjament[37].

[37] Il-Premessa 18 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053.

Figura 2.19 — Teħid b'self u żborżi taħt l-NGEU, fi tmiem l-2024

(biljun EUR)



Nota: It-teħid b'self irrappurtat għall-NGEU jirrappreżenta biss dawk il-fondi allokati speċifikament għall-NGEU fi tmiem l-2024. Dan ma jinkludix il-parti tal-għotjiet taħt l-RRF iffinanzjati mir-RAB/mill-ETS.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

2.44. Ir-ripagament tat-teħid b'self taħt l-NGEU jaf jibda qabel tmiem l-2027, jekk l-approprjazzjonijiet mhux użati jibqgħu disponibbli fil-linja baġitarja biex ikopru l-kostijiet tal-finanzjament NGEU. Inkella, ir-ripagament irid jibda fl-2028 u jitlesta sa mhux aktar tard mill-2058[38]. Għalhekk, il-biċċa l-kbira mir-ripagamenti hija differita għall-QFP futuri minħabba li l-iskeda ta' ripagament trid tkun stabbli u prevedibbli, u r-ripagamenti annwali tat-teħid b'self taħt l-NGEU huma limitati għal 7.5 % tal-ammont massimu tal-appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU[39] (jiġifieri EUR 31.6 biljun fis-sena).

[38] *Ibid.*, l-Artikolu 5(2).

[39] *Ibid.*

2.45. Il-***Figura 2.20*** tippreżenta projezzjoni tad-dejn tal-NGEU, jekk wieħed jassumi teħid b'self massimu permess taħt l-NGEU u ripagament lineari. Madankollu, fil-prattika t-teħid b'self u r-ripagament x'aktarx li ma jsegwux xejriet lineari ta' dan it-tip.

Figura 2.20 — Teħid b'self u projezzjoni għar-ripagament taħt l-NGEU, fi tmiem l-2024



Nota: it-teħid b'self irrappurtat għall-NGEU jirrappreżenta biss dawk il-fondi allokati speċifikament għall-NGEU, fi tmiem l-2024.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053.

2.46. Sabiex jinkiseb it-tnaqqis kostanti u prevedibbli mitlub tal-obbligazzjonijiet[40], il-Kummissjoni jaf ikollha bżonn tirriporta d-dejn li jkun se jiskadi billi toħroġ strumenti ta' dejn ġodda biex tħallas dawk qodma hekk kif jimmaturaw[41]. Bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq jistgħu jirriżultaw f'kostijiet ogħla jew aktar baxxi f'dak li jikkonċerna t-teħid b'self li, għat-teħid b'self taħt l-NGEU relatat ma' għotjiet

[40] *Ibid.*

[41] COM(2024) 93, l-Anness.

u supplimenti[42], se jkollhom jiġġarrbu mill-baġit tal-UE. Il-leġiżlatur tal-UE u l-Kummissjoni qablu li jenħtieġ li n-nefqa mill-baġit tal-UE relatata mar-ripagament tal-NGEU ma twassalx għal tnaqqis mhux dovut fin-nefqa tal-programm jew fl-istrumenti ta' investiment taħt il-QFP attwali[43]. Mingħajr preġudizzju għad-daqs tal-QFP futuri, l-iskeda ta' ripagament tat-teħid b'self għall-appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU hemm mnejn taffettwa l-approprjazzjonijiet ta' pagament kumplessivi ta' QFP futuri. Għas-self taħt l-NGEU, il-kostijiet kollha mġarrba mill-UE b'rabta mat-teħid b'self, inklużi l-kostijiet marbuta mal-ġestjoni tar-rata tal-imgħax u riskji finanzjarji oħra, huma mġarrba mill-Istati Membri.

2.47. Fi Frar 2024, il-Kunsill Ewropew qabel li juża r-rikavati minn kwalunkwe riżorsa proprja ġdida introdotta wara l-2023 għar-ripagament bikri tat-teħid b'self taħt l-NGEU[44]. Fl-opinjoni tagħna dwar il-proposta tal-Kummissjoni[45], aħna ddikjarajna li l-informazzjoni disponibbli ma ppermettitilniex nivvalutaw jekk id-dħul annwali mistenni jkunx suffiċjenti wkoll biex ikopri l-ħtiġijiet ta' ripagament tal-NGEU kif intenzjonat. Mill-proposta tal-Kummissjoni fl-2023 'il hawn, in-negozjati ma għamlux progress biex jippermettu l-introduzzjoni ta' dawn ir-riżorsi proprji ġodda. Madankollu, l-adozzjoni ta' riżorsi proprji ġodda mhijiex prekundizzjoni biex l-UE tkun tista' tħallas lura t-teħid b'self taħt l-NGEU.

Il-kostijiet mistennija tat-teħid b'self taħt l-NGEU għall-QFP attwali ġew riveduti 'l isfel fl-2024, iżda xorta jistgħu jkunu d-doppju tal-istimi inizjali

2.48. L-allokazzjoni kumplessiva li ntlaħaq qbil dwarha fl-2020 għall-QFP 2021–2027 għall-kost ta' finanzjament tal-NGEU kienet tammonta għal EUR 14.9-il biljun taħt l-Intestatura 2b tal-QFP biex jiġu ffinanzjati l-imgħax u l-ħlasijiet tal-kupuni għat-teħid b'self taħt l-NGEU[46]. L-istimi għall-2020 kienu bbażati fuq rati tal-imgħax mistennija għat-teħid b'self li jvarjaw minn 0.55 % fl-2021 għal 1.15 %

---

[42] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2023/2825, l-Artikolu 11(1).

[43] Il-Ftehim interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, l-Anness II.

[44] EUCO 2/24.

[45] L-Opinjoni 04/2023, il-paragrafu 20.

[46] Statement of estimates of the Commission for the financial year 2024 (taqsima dwar il-Programmazzjoni Finanzjarja 2025–2027, p. 9).

fl-2027[47]. Madankollu, ir-rati tal-imgħax reali żdiedu b'mod sinifikanti[48], u dan kellu effett negattiv fuq il-kost marġinali tal-finanzjament tal-UE. Il-kost tal-finanzjament laħaq l-ogħla livell ta' 3.63 % fl-2023, minn 0.15 % fl-2021. Dan beda jinżel fl-ewwel nofs tal-2024[49], ara l-***Figura 2.21***.

Figura 2.21 — Bidla fil-kost tal-finanzjament tal-UE



Nota: il-kost tal-finanzjament għal kull kompartiment ta' żmien jirrifletti r-rata fiż-żmien tar-rappurtar iżda jaf ivarja minħabba l-kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu.

Sors: il-QEA, abbażi ta' COM (2025) 70.

2.49. Skont il-Kummissjoni, in-nefqa fuq ir-rata tal-imgħax għall-appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU ammontat għal EUR 5.4 biljun matul il-perjodu 2021–2024 (EUR 3.4 biljun fl-2024). Dan kien kważi 50 % ogħla mit-tbassir inizjali ta' EUR 3.7 biljun[50]. Il-Kummissjoni tistenna li tħallas madwar EUR 5 biljun f'imgħax fl-2025[51], EUR 8 biljun fl-2026[52] u bejn EUR 10.5 u EUR 11.9-il biljun fl-2027[53]. Għalhekk, in-nefqa f'imgħax totali fil-QFP attwali tista' tvarja minn EUR 29 sa

---

47 Briefing Revision of the EU's long-term budget for 2021 to 2027 imwettaq mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, p. 7.

48 Rati tal-imgħax ewlenin tal-BĊE.

49 COM (2025) 70.

50 Multiannual Financial Framework 2021–2027 (in commitments) — Current prices, il-linja 2.6. Financing and repayment – NextGenerationEU.

51 Statement of estimates of the Commission for the financial year 2026 (it-taqsima "Policy highlights", 3.4.3. "Recovery and resilience cluster").

52 *Ibid.*

53 Statement of estimates of the Commission for the financial year 2026 (it-taqsima "Financial programming 2027", 2.2.2. is-Subintestatura 2b — "Resilience and values", u l-Anness 3.5).

EUR 30.4 biljun, madwar id-doppju tat-tbassir oriġinali tal-Kummissjoni ta' EUR 14.9-il biljun[54].

2.50. Fl-2024, briefing ikkummissjonat mill-Parlament Ewropew[55] stma li l-pagamenti totali tal-imgħax għall-appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU jistgħu jvarjaw minn EUR 70.9 sa EUR 73.8 biljun fil-QFP li jmiss (2028–2034).

Il-baġit tal-UE kompla jipprovdi appoġġ lill-Ukrajna matul il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja

2.51. Skont il-Kummissjoni, sa tmiem l-2024, l-UE u l-Istati Membri tagħha kienu mmobilizzaw aktar minn EUR 130 biljun f'appoġġ għall-Ukrajna u l-poplu tagħha mindu bdiet il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja, ara l-***Figura 2.22***.

Figura 2.22 — L-appoġġ mill-UE għall-Ukrajna mindu bdiet il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja 'l hawn

(biljun EUR)



Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

[54] Multiannual Financial Framework 2021–2027 (in commitments) — Current prices, il-linja 2.6. Financing and repayment — NextGenerationEU.

[55] Management of debt liabilities in the EU budget under the post-2027 MFF.

2.52. Fi Frar 2024, il-leġiżlatur tal-UE stabbilixxa l-Faċilità għall-Ukrajna biex tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna sa EUR 50 biljun bejn l-2024 u l-2027. Sa tmiem l-2024, EUR 19.6-il biljun kienu ġew mobilizzati taħt il-Faċilità għall-Ukrajna. Minn dawn, EUR 13.1-il biljun kienu self.

2.53. Taħt il-Pilastru III tal-Faċilità għall-Ukrajna, l-UE tista' tissussidja l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Ukrajna matul il-perjodu tal-QFP attwali kemm għas-self mill-Faċilità għall-Ukrajna kif ukoll għas-self tal-*assistenza makrofinanzjarja (AMF)* ipprovdut fl-2022. Fl-2024, is-sussidju tar-rata tal-imgħax marbut mas-self eċċezzjonali tal-AMF ammonta għal EUR 0.2 biljun. Is-sussidji għas-self mill-Faċilità għall-Ukrajna se jkollhom impatt baġitarju biss mill-2025 'il quddiem. Madankollu, briefing lill-Parlament Ewropew[56] jistma li, jekk wieħed jassumi li l-Ukrajna ma tħallas l-ebda mgħax lill-UE fuq self matul il-QFP li jmiss, dan jista' jirriżulta f'piż addizzjonali fuq il-baġit tal-UE ta' madwar EUR 1.65 biljun fis-sena, jew total ta' EUR 11.5-il biljun bejn l-2028 u l-2034.

2.54. F'Ottubru 2024, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stabbilew il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna (ULCM)[57] biex jipprovdi appoġġ mill-UE lill-Ukrajna taħt l-inizjattiva tal-G7, "Self għall-Aċċellerazzjoni ta' Dħul favur l-Ukrajna". Taħt din l-inizjattiva, l-UE se tiżborża self eċċezzjonali tal-AMF ta' EUR 18.1-il biljun[58] f'diversi porzjonijiet matul l-2025. Bħal fil-każ tas-self mill-Faċilità għall-Ukrajna, u b'deroga mir-Regolament Finanzjarju[59], dan is-self ma jirrikjedix proviżjonament għall-fond ta' proviżjonament komuni (CPF)[60].

2.55. Ir-ripagament ta' dan is-self huwa mistenni li jkun kopert minn influssi futuri ta' dħul straordinarju minn assi sovrani Russi mmobilizzati, bħala parti mis-sanzjonijiet tal-UE imposti fuq ir-Russja. Madankollu, aħna ninnutaw il-kumplessitajiet legali assoċjati mal-iffriżar ta' assi Russi u l-użu ta' profitti mhux mistennija[61]. Barra minn hekk, is-sanzjonijiet jeħtieġu approvazzjoni mill-ġdid perjodika, li teħtieġ il-qbil unanimu tal-Istati Membri kollha tal-UE. Dan ifisser li bidliet fil-qafas legali jew nuqqas

---

[56] Management of debt liabilities in the EU budget under the post-2027 MFF.

[57] Ir-Regolament (UE) 2024/2773.

[58] Annex to the G7 Finance Ministers' Statement on Extraordinary Revenue Acceleration (ERA) Loan initiative.

[59] L-Artikolu 214(1) tar-Regolament Finanzjarju.

[60] L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2024/2773.

[61] Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Legal options for confiscation of Russian state assets to support the reconstruction of Ukraine, Frar 2024, p. 41.

ta' kunsens fost l-Istati Membri jaf inaqqsu dan id-dħul straordinarju, b'konsegwenzi finanzjarji potenzjali għall-bażits futuri tal-UE. Billi dan is-self huwa fl-aħħar mill-aħħar garantit mill-bażit tal-UE u mill-marġni ta' manuvra, kwalunkwe fattur li jaffettwa l-profitti mhux mistennija jaf jirrikjedi jew tnaqqis fin-nefqa bażitarja tal-UE jew żieda fil-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri biex tinżamm l-istabbiltà fiskali f'każ ta' inadempjenza fil-pagamenti min-naħa tal-Ukrajna.

2.56. Fi tmiem l-2024, is-self approvat lill-Ukrajna, jew pendenti jew li għad irid jiġi żborżat, kien jammonta sa EUR 80.1 biljun, li minnhom EU 42.1 biljun kienu ġew żborżati. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni rrikonoxxiet provvediment għal indeboliment fil-kontijiet annwali tal-UE għas-self diġà żborżat lill-Ukrajna ta' EUR 15.8-il biljun (2023: EUR 8.8 biljun), li rrifletta t-telf mistenni matul il-ħajja tas-self. Il-***Figura 2.23*** tagħti stampa ġenerali tas-self approvat lill-Ukrajna li kien għadu pendenti fi tmiem l-2024. Barra minn hekk, l-Euratom tat 0.3 biljun f'self lil Energoatom, li għalih ġie rikonoxxut provvediment għal indeboliment ta' EUR 0.1 biljun. F'April 2024, l-Ukrajna ħallset lura EUR 0.6 biljun fuq self preċedenti f'konformità mal-maturitajiet skedati.

Figura 2.23 — Kronoloġija tas-self approvat lill-Ukrajna, pendenti jew li għandu jiġi żborżat, inklużi proviżjonamenti u garanziji tal-Istati Membri



Noti: is-self pendenti ta' EUR 0.3 biljun żborżat mill-Euratom lil Energoatom mhuwiex inkluż.
Fi tmiem l-2024, EUR 0.34 biljun tal-proviżjonamenti għas-CPF għas-self tal-2022 kienu għadhom iridu jitħallsu.

Sors: il-QEA, abbażi tal-leġiżlazzjoni applikabbli u l-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024.

L-esponiment tal-baġit tal-UE qed ikompli jiżdied

2.57. Biex nanalizzaw l-esponiment tal-baġit tal-UE, aħna qisna:

(a) il-garanziji tal-baġit tal-UE għat-teħid b'self mingħand is-swieq li kien sors ta' finanzjament għas-self żborżat lill-Istati Membri jew lill-pajjiżi mhux tal-UE f'każ ta' inadempjenza ta' dan is-self; u

(b) obbligazzjonijiet li hemm mnejn jinħolqu fil-futur jekk iseħħ avveniment speċifiku, li jiġu divulgati fil-kontijiet annwali bħala *obbligazzjonijiet kontinġenti*, u li huma magħmula minn *garanziji baġitarji* li jkunu diġà ġew estiżi għall-ammonti żborżati[62].

2.58. L-esponiment li jirriżulta tal-baġit tal-UE ammonta għal total ta' EUR 342 biljun fi tmiem l-2024, li kienet żieda ta' 14.8 % minn EUR 298.0 biljun fi tmiem l-2023. Il-***Figura 2.24*** turi l-esponiment attwali tal-baġit tal-UE u s-sistema ta' protezzjoni fis-seħħ biex l-UE żgur tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha fir-rigward tad-dejn.

[62] In-Nota 4.1.1 tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024.

Figura 2.24 — Esponiment totali tal-baġit tal-UE fi tmiem l-2024, bis-sors ta' esponiment u l-kopertura tar-riskju

(EUR biljun)	Esponiment tal-baġit tal-UE		Sistema ta' protezzjoni QABEL ma jsir rikors għall-baġit tal-UE	Sistema ta' protezzjoni WARA li jsir rikors għall-baġit tal-UE
	2023	2024		
Self taħt l-NGEU	79.2	108.7	m/a	Marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji (0.6 % tal-ING tal-UE)
Self taħt SURE	98.4	98.4		Marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji (1.4 % tal-ING tal-UE) + Garanzija mill-Istati Membri (25 %)
Self taħt l-EFSM	42.8	42.0		Marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji (1.4 % tal-ING tal-UE)
Self għall-BtP	0.2	0.2		
Self tal-AMF+ *lill-Ukrajna*	18.0	18.0		
Self mill-Faċilità għall-Ukrajna	–	13.1		
Self eċċezzjonali tal-AMF *lill-Ukrajna*	6.0	6.0	Fond ta' proviżjonament komuni (9 %) + Garanzija volontarja mill-Istati Membri (61 %)	m/a
Self tal-AMF *lill-Ukrajna*	5.6	5.0	Fond ta' proviżjonament komuni (bejn 9 % u 70 %)	
Garanzija għall-Ukrajna	–	0.1		
Self tal-Euratom *lil Energoatom*	0.3	0.3		
Garanzija tal-FEIS	21.6	21.0		
Garanzija tal-Mandat ta' Self Estern	19.9	19.2		
Garanzija tal-EFSD	0.5	0.5		
Garanzija tal-NDICI–EFSD+	0.6	1.3		
Garanzija tal-InvestEU	1.4	3.5		
Self ieħor tal-AMF	3.6	4.7		
Total	**298**	**342**		

Noti: iċ-ċifra ssegwi l-approċċ deskritt fil-paragrafu ***2.57***.
Ir-rati ta' proviżjonament tal-kompartimenti tal-Istati Membri fl-ambitu tal-garanzija InvestEU jaf ivarjaw mir-rata standard. Kwalunkwe ammont mhux kopert mill-proviżjonament huwa kopert mill-kontrogaranziji mill-Istati Membri.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

2.59. F'Ottubru 2024, il-Kummissjoni kkonkludiet[63] li, abbażi tad-*data* fi tmiem l-2023, il-marġni ta' manuvra disponibbli sa tmiem l-2027 ikun suffiċjenti biex ikopri t-telf potenzjali minn obbligazzjonijiet garantiti b'marġni ta' manuvra, kemm jekk dawn kienu minn operazzjonijiet tal-NGEU kif ukoll minn operazzjonijiet mhux tal-NGEU, ara l-***Figura 2.18***.

L-esponiment tal-bażit tal-UE huwa pprojettat li jkompli jiżdied

2.60. L-esponiment tal-bażit tal-UE huwa mistenni li jkompli jiżdied, u jilħaq sa EUR 567 biljun sal-2027, ara l-***Figura 2.25***.

Figura 2.25 — L-esponiment preċedenti u dak projettat tal-bażit tal-UE

(biljun EUR fi prezzijiet attwali)



(*) Oħrajn sa 71:
— Garanziji bażitarji għall-operazzjonijiet li ġew iffirmati iżda li għadhom ma ġewx żborżati (sa 27)
— Faċilità għall-Ukrajna (sa 19.9)
— Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna (sa 18.1)
— Faċilità għall-Balkani tal-Punent (sa 4)
— Faċilità għall-Moldova (sa 1.5)
— Assistenza Makrofinanzjarja lill-Ġordan (sa 0.5)

Nota: iċ-ċifra ssegwi l-approċċ deskritt fil-paragrafu ***2.57***, iżda mill-2025 'il quddiem, ma tiħux inkunsiderazzjoni r-ripagament ta' self li jimmatura fil-perjodu 2025–2027.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

[63] COM(2024) 507, Konklużjonijiet.

2.61. L-esponiment totali jista' jiġi diżaggregat f'esponiment annwali, li huwa l-ammont massimu li jeħtieġ jiġi kopert mill-baġit tal-UE, jew mill-marġni ta' manuvra, jekk ikun hemm inadempjenzi fil-pagamenti fi kwalunkwe sena partikolari[64]. Il-Kummissjoni pprovditilna *data*, ibbażata fuq ċifri dwar l-esponiment annwali tal-baġit tal-UE fi tmiem l-2023 li jirriżulta minn assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE kif ukoll il-*Mandat ta' Self Estern* (ELM). Għall-2025, aħna kkalkulajna li l-esponiment totali jammonta għal EUR 14.5-il biljun. Madankollu, din iċ-ċifra ma tinkludix l-esponiment annwali mill-programmi li jifdal li huma koperti minn garanziji baġitarji (il-FEIS, l-InvestEU, l-EFSD u l-EFSD+). Fl-2022[65], għamilna rakkomandazzjoni li jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika l-istima li tkun wettqet tal-esponiment annwali totali.

Il-prestazzjoni finanzjarja kumulattiva tal-fond ta' proviżjonament komuni ssir pożittiva għall-ewwel darba

2.62. Mill-2021, l-assi tal-*fond ta' proviżjonament komuni* (CPF) ġabru flimkien id-dispożizzjonijiet kollha għall-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-UE li jirriżultaw minn garanziji baġitarji, minn self għal assistenza finanzjarja u mill-faċilità ta' self tal-Euratom[66].

2.63. Fil-31 ta' Diċembru 2024, il-valur tas-suq tal-assi tas-CPF kien jammonta għal EUR 23.2 biljun (2023: EUR 18.8-il biljun). Ir-riżorsi tas-CPF huma allokati f'kompartimenti li jikkorrispondu għad-diversi strumenti kontribwenti[67], ara l-***Figura 2.26***.

---

[64] Ir-Rapport Speċjali 05/2023, il-Figura 2.

[65] Ir-Rapport Annwali 2022, ir-Rakkomandazzjoni 2.3.

[66] L-Artikolu 212 tar-Regolament Finanzjarju.

[67] C(2020) 131/03, l-Artikolu 3.

Figura 2.26 — Il-fond ta' proviżjonament komuni u l-komponenti tiegħu, fi tmiem l-2024

(biljun EUR)



FEIS:	Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi
NDICI:	Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali
EFSD+:	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus
EFSD:	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli
AMF:	Assistenza Makrofinanzjarja

Nota: mill-assi divulgati taħt il-kompartimenti InvestEU, EUR 0.6 biljun huma allokati lill-kompartimenti tal-Istati Membri (iċ-Ċekja, il-Finlandja, ir-Rumanija, Malta, il-Bulgarija, il-Greċja), li huma ffinanzjati separatament minn kontribuzzjonijiet nazzjonali jew reġjonali.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

2.64. L-objettiv tal-Kummissjoni fil-ġestjoni tas-CPF huwa li, mill-inqas, tissalvagwardja l-kapital ikkontribwit (preservazzjoni tal-kapital)[68]. Wara prestazzjoni pożittiva ta' EUR 0.8 biljun fl-2024, il-prestazzjoni finanzjarja kumulattiva (mhux realizzata) tal-portafoll sa mill-bidu tiegħu fl-2021 ukoll kienet pożittiva għall-ewwel darba (1.4 % jew EUR 0.3 biljun).

[68] COM(2024) 180, il-parti 2.

2.65. Il-Kummissjoni tista' tuża s-CPF biex tkopri l-flussi ta' ħruġ meħtieġa għal sejħiet ta' garanzija relatati ma' operazzjonijiet kemm f'pajjiżi tal-UE kif ukoll f'pajjiżi mhux tal-UE, u għal inadempjenzi ta' pajjiżi mhux tal-UE, qabel ma tirrikorri għall-baġit tal-UE. Filwaqt li qatt ma kien hemm inadempjenza fil-pagamenti fuq assistenza makrofinanzjarja (MFA) u self tal-Euratom, fi tmiem l-2023, sejħiet netti kumulattivi fuq operazzjonijiet inadempjenti u tnaqqis fil-valur f'investimenti ta' ekwità taħt il-garanziji baġitarji ammontaw għal EUR 1.2 biljun, li minnhom EUR 0.9 biljun kienu relatati mal-ELM[69], li l-proviżjonament tagħhom jinsab fil-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (GFEA).

L-inflazzjoni tal-UE qed terġa' tinżel għal 2 %, u dan jillimita l-impatt negattiv addizzjonali tagħha fuq il-QFP attwali

2.66. Ir-Regolament dwar il-QFP jistabbilixxi l-limiti massimi annwali (approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament) fi prezzijiet tal-2018[70]. L-aġġustament għall-prezzijiet attwali fil-baġit annwali tal-UE jsir b'żieda perċentwali annwali fissa ta' 2 % (deflatur). Il-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE titnaqqas (jew tiżdied) bid-differenza bejn id-deflatur fiss u r-rata medja tal-inflazzjoni.

2.67. L-inflazzjoni medja fl-UE żdiedet b'mod sinifikanti fl-2022 għal 9.2 % qabel ma reġgħet niżlet għal 6.4 %[71] fl-2023 u 2.6 % fl-2024[72], ara l-***Figura 2.27***. Il-Kummissjoni qed tbassar li dik ir-rata se tkompli tinżel, għal 2.3 % fl-2025 u 1.9 % fl-2026[73]. Għaż-żona tal-euro, il-Kummissjoni qed tbassar inflazzjoni medja ta' 2.1 % fl-2025 u 1.7 % fl-2026[74]. Dan huwa ġeneralment konformi mat-tbassir attwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għaż-żona tal-euro ta' 2.0 % fl-2025 u 1.6 % fl-2026[75].

---

69 2025 Draft general budget of the European Union — Working Document Part XI, p. 67.

70 L-Anness I tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093.

71 Eurostat — Harmonised index of consumer prices — inflation rate.

72 Tbassir Ekonomiku Ewropew — ir-Rebbiegħa 2025.

73 *Ibid.*

74 *Ibid.*

75 Il-projezzjonijiet makroekonomiċi tal-Bank Ċentrali Ewropew f'Ġunju 2025.

Figura 2.27 — Rata medja annwali ta' inflazzjoni fl-UE u fiż-żona tal-euro (2012–2027)



Sors: il-QEA, abbażi tat-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Eurostat u tal-Kummissjoni — ir-Rebbiegħa 2025, u, għall-2027, ir-rata ta' inflazzjoni skont il-FMI, il-prezzijiet medji għall-konsumatur.

2.68. Ix-xokkijiet inflazzjonarji tal-2022 u l-2023 qabżu bil-kbir id-deflatur annwali ta' 2 % użat mill-Kummissjoni, u dan kellu impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-bażit tal-UE. Fid-dawl tat-tbassir magħmul mill-Kummissjoni[76] u mill-FMI[77] dwar l-inflazzjoni, aħna nistmaw li l-bażit tal-UE jista' jitlef madwar 13.9-il punt perċentwali tal-kapaċità tal-akkwist tiegħu sa tmiem l-2027, ara l-***Figura 2.28***. L-istima tagħna tieħu kont tar-rati ta' inflazzjoni reċenti u pprojettati, li qed jerġgħu jinżlu għal 2 %.

[76] Tbassir Ekonomiku Ewropew — Rebbiegħa 2025.

[77] FMI — Inflation rate, average consumer prices.

Figura 2.28 — Bidliet fil-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE (2019–2027)



Nota: abbażi tal-valuri tal-2018.

Sors: il-QEA, abbażi tat-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Eurostat u tal-Kummissjoni — ir-Rebbiegħa 2025, u, għall-2027, ir-rata ta' inflazzjoni skont il-FMI, il-prezzijiet medji għall-konsumatur.

2.69. Id-deflatur fiss annwali ta' 2 % jipprovdi qafas sempliċi u prevedibbli għall-ippjanar tal-baġit matul il-QFP kollu. Sa tmiem l-2021, ġeneralment mexa mal-evoluzzjoni storika tal-livelli tal-prezzijiet[78]. Madankollu, id-deflatur fiss ma jippermettix li l-baġit tal-UE jiġi adattat għal kundizzjonijiet ekonomiċi mhux mistennija, b'mod partikolari żidiet qawwija fl-inflazzjoni. Barra minn hekk, l-inflazzjoni ma taffettwax lill-Istati Membri kollha tal-UE bl-istess mod, ara l-***Figura 2.29***.

[78] The impact of inflation on the EU budget, Novembru 2022.

Figura 2.29 — Inflazzjoni kumulattiva mistennija skont l-Istat Membru għall-perjodu 2019–2027



Sors: il-QEA, abbażi tat-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Eurostat u tal-Kummissjoni — ir-Rebbiegħa 2025, u, għall-2027, ir-rata ta' inflazzjoni skont il-FMI, il-prezzijiet medji għall-konsumatur.

Konklużjonijet u rakkomandazzjonijiet

Konklużjonijet

2.70. Fl-2024, intużaw kważi l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament kollha tal-baġit annwali tal-UE. Minħabba l-NGEU, il-pagamenti totali fl-2024 kienu ogħla mit-total ta' impenji. L-assorbiment tal-FSIE 2014–2020 laħaq is-97 %, filwaqt li l-pagamenti totali għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża fil-qafas tar-RDK kienu biss 7 % tal-ammont ta' dawn il-fondi fil-QFP 2021–2027. Id-distakk kumulattiv fl-assorbiment tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni (il-FEŻR, il-FK u l-FSE+), li flimkien jirrappreżentaw aktar minn 90 % ta' dawn il-fondi, jikkorrispondi għal dewmien fl-implimentazzjoni ta' aktar minn sena meta mqabbel mal-QFP 2014–2020.
Ara l-paragrafi ***2.2***–***2.19***.

2.71. Il-pagamenti annwali tal-għotjiet taħt l-RRF li kienu jammontaw għal EUR 55.9 biljun fl-2024, kienu nofs dak li l-Kummissjoni kienet antiċipat f'Ġunju 2023 (EUR 96 biljun). Madankollu, 15-il Stat Membru ppreżentaw talbiet għall-pagament li kienu jammontaw għal EUR 58.5 biljun f'Diċembru 2024. Minn EUR 358.9 biljun f'impenji ta' għotjiet taħt l-RRF, tħallsu EUR 197.5 biljun (55 %) sa tmiem l-2024, u b'hekk fadal EUR 161.4 biljun (45 %) li għandhom jitħallsu sa tmiem l-2026. Il-pagamenti annwali tas-supplimenti tal-NGEU għall-programmi eżistenti tal-QFP laħqu l-EUR 24.6 biljun fl-2024. Meta mqabbla mas-snin preċedenti, din kienet żieda sinifikanti li ġabet it-total għal EUR 66.9 biljun (81 %) sa tmiem l-2024.
Ara l-paragrafi ***2.20***–***2.25***.

2.72. Sa tmiem l-2024, l-impenji pendenti totali, inkluż il-finanzjament tal-għotjiet taħt l-NGEU, ammontaw għal EUR 507.4 biljun. Dan jirrappreżenta tnaqqis miċ-ċifra rekord ta' EUR 543 biljun tas-sena l-oħra, iżda huwa EUR 33.5 biljun ogħla mill-istima tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2024. Ara l-paragrafi ***2.26***–***2.28***.

2.73. Ir-riskji ta' diżimpenn kibru fl-2024, u t-tbassir żdied għal EUR 8.8 biljun għall-perjodu 2025–2027. Mingħajr aċċellerazzjoni qawwija fl-implimentazzjoni tal-fondi min-naħa tal-Istati Membri, l-ammonti f'riskju se jkomplu jiżdiedu.
Ara l-paragrafi ***2.29***–***2.31***.

2.74. Fi tmiem l-2024, il-pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF lill-Istati Membri ammontaw għal EUR 197.5 biljun (55 %). Madankollu, il-konċentrazzjoni ta' stadji importanti u miri, b'mod partikolari għall-investimenti, fil-fażi li tiġi wara tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRF toħloq riskji għal assorbiment f'waqtu u sħiħ.
Ara l-paragrafi ***2.32–2.33***.

2.75. In-nefqa f'imgħax totali taħt l-NGEU fil-QFP attwali tista' tvarja minn EUR 29 sa EUR 30.4 biljun, madwar id-doppju tat-tbassir oriġinali tal-Kummissjoni ta' EUR 14.9-il biljun. It-teħid b'self tal-UE, kemm relatat mal-NGEU kif ukoll dak mhux relatat mal-NGEU, huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti sa tmiem il-QFP attwali, u l-biċċa l-kbira mir-ripagament tiġi differita għall-QFP futuri. Sabiex tiġi salvagwardjata s-sostenibbiltà tal-QFP futuri, se jkun hemm il-ħtieġa li jitqies il-piż dejjem akbar tal-obbligi relatati mat-teħid b'self, id-disponibbiltà ta' garanziji adegwati u l-ħtieġa li żgur ikun hemm riżorsi suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE. Mingħajr preġudizzju għad-daqs tal-QFP futuri, l-iskeda ta' ripagament tat-teħid b'self għall-appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU hemm mnejn taffettwa l-approprjazzjonijiet ta' pagament kumplessivi ta' QFP futuri. Ara l-paragrafi ***2.34–2.50***.

2.76. Sa tmiem l-2024, l-UE u l-Istati Membri tagħha kienu mmobilizzaw aktar minn EUR 130 biljun f'appoġġ għall-Ukrajna u l-poplu tagħha mindu bdiet il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja. Minn dan, l-UE żborżat EUR 42.1 biljun f'self, u EUR 38 biljun addizzjonali għad iridu jiġu żborżati. Ara l-paragrafi ***2.51–2.56***.

2.77. L-esponiment tal-baġit tal-UE mill-garanziji baġitarji u l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE żdied minn EUR 298 biljun fl-2023 għal EUR 342 biljun fl-2024, u huwa mistenni li jiżdied għal EUR 567 biljun sal-2027. F tmiem l-2024, kien hemm EUR 182 biljun addizzjonali ta' self taħt l-RRF li kien ngħata iżda li kien għadu ma ġiex żborżat, ara l-***Figura 2.25***. Fl-2024, il-prestazzjoni finanzjarja kumulattiva tas-CPF saret pożittiva għall-ewwel darba mill-bidu tiegħu. Fil-31 ta' Diċembru 2024, il-valur tas-suq tal-assi tas-CPF kien jammonta għal EUR 23.2 biljun. Ara l-paragrafi ***2.57–2.65***.

2.78. Filwaqt li x-xokkijiet inflazzjonarji tal-2022 u tal-2023 naqqru l-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE, is-sitwazzjoni stabbilizzat kemxejn, u r-rati ta' inflazzjoni reċenti u mbassra qorbu lejn it-2 %. Ara l-paragrafi ***2.66–2.69***.

Rakkomandazzjoni

Rakkomandazzjoni 2.1 — Tara li r-ripagament tal-NGEU żgur jieħu inkunsiderazzjoni l-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tfassal u timplimenta skedi xierqa għar-ripagament tat-teħid b'self għall-appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-implimentazzjoni tal-programmi eżistenti u dawk futuri tal-UE.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2026.

Kapitolu 3

Kisba ta’ riżultati mill-Bağit tal-UE

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**3.1.**
Parti 1 – Riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni li wettaqna: messaġġi ewlenin	**3.2. - 3.40.**
Introduzzjoni	3.2. - 3.7.
Ir-rispons tal-UE għall-irkupru wara l-kriżi	3.8. - 3.11.
Iż-żieda fil-kompetittività ekonomika tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha	3.12. - 3.18.
Ir-reżiljenza fil-konfront ta' theddid għas-sigurtà tal-UE u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt	3.19. - 3.25.
It-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali	3.26. - 3.32.
Il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi fl-UE	3.33. - 3.38.
Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali	3.39. - 3.40.
Il-Parlament Ewropew	3.39.
Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea	3.40.
Parti 2 – Prestazzjoni tal-*programmi* taħt l-Intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**3.41. - 3.85.**
Introduzzjoni	3.41. - 3.42.
Ambitu u approċċ	3.43.
Il-qafas tar-rappurtar dwar il-prestazzjoni kien stabbli u pproduċa informazzjoni f'konformità mal-istruzzjonijiet	3.44. - 3.46.
Il-fasla tal-indikaturi tal-prestazzjoni tjiebet, iżda għad hemm lakuni fit-traċċabbiltà tar-riżultati rrappurtati	3.47. - 3.62.
L-indikaturi tal-prestazzjoni huma mfassla aħjar fil-perjodu tal-QFP ta' bħalissa, b'xi eċċezzjonijiet	3.47. - 3.52.
Hemm lakuni fit-traċċabbiltà tar-riżultati rrappurtati	3.53. - 3.62.

Kienet teżisti metodoloġija ċara għall-valutazzjoni tal-progress fl-ilħuq tal-miri tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, iżda l-valutazzjoni kienet ottimista 3.63. - 3.77.

Aħna nqisu li l-progress fl-ilħuq tal-miri tal-KPIs huwa aktar baxx milli fil-valutazzjoni li wettqet il-Kummissjoni 3.63. - 3.68.

Il-programmi ta' bħalissa jinsabu fil-biċċa l-kbira fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri, filwaqt li l-programmi mill-perjodu preċedenti kienu laħqu l-objettivi tagħhom parzjalment 3.69. - 3.77.

Konklużjonijet u rakkomandazzjonijiet 3.78. - 3.85.

Parti 3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem l-2021 3.86. - 3.89.

Annessi

Anness 3.1 – Diskussjoni tar-rapporti speċjali fil-kumitati tal-Parlament Ewropew

Anness 3.2 – Eżempji ta' azzjonijiet bikrija meħuda mill-Kummissjoni wara r-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti speċjali tal-QEA għall-2024

Anness 3.3 – Intestatura 1 tal-QFP – Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali għall-perjodu 2021–2027 (f'impenji)

Anness 3.4 – L-istruttura tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi

Anness 3.5 – L-istatus tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fil-31.12.2023, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa mill-QEA

Anness 3.6 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għar-"Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem l-2021"

Introduzzjoni

3.1. Din is-sena, il-kapitolu tagħna dwar il-*prestazzjoni* jkopri s-suġġetti li ġejjin:

- il-Parti 1 – ir-*riżultati* u l-messaġġi ewlenin mir-rapporti speċjali tagħna tal-2024 dwar il-prestazzjoni, kif ukoll informazzjoni relatata li ksibna mingħand il-Kummissjoni u mingħand l-awtoritajiet baġitarji u leġiżlattivi (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill);

- il-Parti 2 – l-analiżi ta' kif il-Kummissjoni rrappurtat l-informazzjoni relatata mal-prestazzjoni fl-AMPR 2023 tagħha, għall-Intestatura 1 "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" tal-*qafas finanzjarju pluriennali (QFP*);

- il-Parti 3 – l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna tal-2021 dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE

Parti 1 – Riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni li wettaqna: messaġġi ewlenin

Introduzzjoni

3.2. Ir-rapporti speċjali tagħna jeżaminaw kemm il-prinċipji tal-*ġestjoni finanzjarja tajba*[1] ġew applikati tajjeb fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Dawn jindirizzaw l-objettivi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-*konformità*. Fl-2024, ippubblikajna 28 rapport speċjali li jindirizzaw ħafna mill-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE fl-oqsma differenti ta' nfiq u ta' politiki tagħha.

3.3. Ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna kien immirat lejn l-oqsma strateġiċi li ġejjin, li nqisu li huma prijoritajiet konformi mal-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021–2025:

- ir-rispons tal-UE għall-irkupru wara l-kriżi;
- iż-żieda fil-kompetittività ekonomika tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha;
- ir-reżiljenza fil-konfront ta' theddid għas-sigurtà tal-UE, u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;
- it-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali; u
- il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi fl-UE.

3.4. Il-***Figura 3.1*** tagħti stampa ġenerali tar-rapporti speċjali kollha li ppubblikajna fl-2024, skont il-qasam strateġiku.

[1] L-Artikolu 33 tar-Regoli Finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, Settembru 2024.

Figura 3.1 – Oqsma strateġiċi tal-QEA koperti minn rapporti speċjali fl-2024

Ir-rispons tal-UE għall-irkupru wara l-kriżi	▪ RS 12/2024: Ir-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 ▪ RS 13/2024: "*Assorbiment* ta' fondi *mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza* ▪ RS 25/2024: Diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa
Kompetittività	▪ RS 04/2024: L-ilħuq tal-objettivi tas-sikurezza fit-toroq tal-UE ▪ RS 08/2024: L-ambizzjoni tal-UE f'dak li jikkonċerna l-Intelliġenza artifiċjali ▪ RS 10/2024: Ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali fl-UE ▪ RS 11/2024: Il-politika industrijali tal-UE dwar l-idroġenu rinnovabbli ▪ RS 21/2024: L-għajnuna mill-Istat fi żminijiet ta' kriżi ▪ RS 23/2024: It-tikkettar tal-ikel fl-UE
Ir-reżiljenza u l-valuri Ewropej	▪ RS 02/2024: Ir-rwol ta' koordinazzjoni li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jaqdi ▪ RS 03/2024: L-istat tad-dritt fl-UE ▪ RS 05/2024: Reġistru tat-Trasparenza tal-UE ▪ RS 06/2024: Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija ▪ RS 17/2024: Il-*fond fiduċjarju tal-UE* għall-Afrika ▪ RS 18/2024: Appoġġ finanzjarju mill-UE għas-sistemi tas-saħħa f'pajjiżi sħab magħżula ▪ RS 26/2024: L-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE ▪ RS 28/2024: Infurzar tad-dritt tal-UE
Tibdil fil-klima, ambjent u riżorsi naturali	▪ RS 01/2024: It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-karozzi tal-passiġġieri ▪ RS 09/2024: Is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-UE ▪ RS 14/2024: Tranżizzjoni ekoloġika ▪ RS 15/2024: L-adattament għat-tibdil fil-klima fl-UE ▪ RS 19/2024: Il-biedja organika fl-UE ▪ RS 20/2024: Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni
Il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi	▪ RS 07/2024: Is-sistemi tal-Kummissjoni għall-irkupru tan-nefqa irregolari tal-UE ▪ RS 16/2024: Id-dħul tal-UE bbażat fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik ▪ RS 22/2024: Finanzjament doppju mingħand il-baġit tal-UE ▪ RS 24/2024: Iċ-Ċivil tal-UE ▪ RS 27/2024: Ġlieda kontra reġimi tat-taxxa dannużi u kontra evitar tat-taxxa korporattiva

Sors: il-QEA.

3.5. L-entitajiet li awditjajna għandhom id-dritt li jipprovdu risposti għall-osservazzjonijiet tagħna[2]. Dawn ir-risposti, li jindikaw ukoll jekk jaċċettawx jew le r-rakkomandazzjonijiet tagħna, jiġu ppubblikati flimkien mar-rapporti speċjali tagħna. Ir-rapporti speċjali tagħna tal-2024 kien fihom 230 rakkomandazzjoni (220 fl-2023) dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti. L-entitajiet li awditjajna aċċettaw bis-sħiħ 69 % tar-rakkomandazzjonijiet tagħna, filwaqt li 17 % ġew parzjalment aċċettati (ara l-***Figura 3.2***). Kważi nofs ir-rakkomandazzjonijiet li ma ġewx aċċettati kienu kkonċentrati fi tlieta[3] mir-rapporti speċjali tagħna.

Figura 3.2 – Aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali tal-2024 meta mqabbla mal-2023



Sors: il-QEA.

3.6. Aħna indirizzajna l-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tagħna lill-Kummissjoni Ewropea (ara l-***Figura 3.3***).

[2] *Ibid.*, l-Artikolu 265.

[3] Rapporti Speċjali: 05/2024, 08/2024 u 22/2024.

Figura 3.3 – Diżaggregazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet skont l-entità awditjata



Sors: il-QEA.

3.7. Fil-paragrafi li ġejjin, nippreżentaw il-messaġġi ewlenin tar-rapporti speċjali tagħna, skont il-qasam strateġiku. Dan nikkomplementawh b'ħarsa ġenerali lejn ir-referenzi li saru għar-rapporti speċjali tagħna mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni ta' *kwittanza* tiegħu. Nirreferu wkoll għad-diskussjoni tar-rapporti speċjali fil-kumitati tal-Parlament Ewropew satmiem Mejju (ara l-***Anness 3.1***) u nagħtu eżempji ta' azzjonijiet bikrija meħuda mill-Kummissjoni (ara l-***Anness 3.2***). Din l-informazzjoni hija miżjuda mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni kif inhija stipulata fir-risposti tagħha għar-rapporti speċjali tagħna, u hija mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju ta' segwitu regolari li nwettqu wara 3 snin.

Ir-rispons tal-UE għall-irkupru wara l-kriżi

3.8. Fl-2024, ippubblikajna tliet rapporti speċjali dwar suġġetti f'dan il-qasam strateġiku (ara l-***Figura 3.4***).

Figura 3.4 – Rapporti speċjali ppubblikati fl-2024 fil-qasam strateġiku tar-rispons tal-UE għall-irkupru wara l-kriżi



Sors: il-QEA.

3.9. Flimkien mal-Kummissjoni, iż-żewġ aġenziji mediċi tal-UE – iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini – kellhom rwol importanti fir-rispons tal-UE għall-**pandemija tal-COVID-19.** Aħna kkonkludejna[4] li, għalkemm ma kinux mħejjija bis-sħiħ għal kriżi tas-saħħa mtawla, iż-żewġ aġenziji ġeneralment immaniġġjaw tajjeb il-kriżi tal-COVID-19. Sibna wkoll li l-Kummissjoni u l-aġenziji kienu qed jimplimentaw it-tagħlimiet li ttieħdu mill-pandemija.

[4] Ir-Rapport Speċjali 12/2024.

3.10. Il-pandemija tal-COVID-19 aċċentwat ir-rilevanza tad-**diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa**. Aħna sibna[5] li l-Kummissjoni appoġġat b'mod effettiv lill-Istati Membri fid-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom fi ħdan il-mandat tagħha. Wara l-pandemija, il-qafas ta' politika tal-UE ssaħħaħ u l-Kummissjoni pprovdiet gwida lill-Istati Membri dwar il-fondi tal-UE filwaqt li mmonitorjat il-progress. Madankollu, l-Istati Membri ħabbtu wiċċhom ma' ostakli huma u jużaw il-fondi tal-UE, u la l-Kummissjoni u lanqas il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri ma kellhom stampa ġenerali komprensiva ta' kif intużaw il-fondi.

3.11. Fir-rigward tal-assorbiment tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza(RRF), ikkonkludejna[6] li kien miexi 'l quddiem b'dewmien. Filwaqt li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadu azzjonijiet biex jindirizzaw dan id-dewmien, għad hemm riskji fir-rigward tat-tlestija tal-miżuri u l-ilħuq tal-objettivi tal-RRF.

[5] Ir-Rapport Speċjali 25/2024.

[6] Ir-Rapport Speċjali 13/2024.

Iż-żieda fil-kompetittività ekonomika tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha

3.12. Fl-2024, ippubblikajna sitt rapporti speċjali dwar suġġetti f'dan il-qasam strateġiku (ara l-***Figura 3.5***).

Figura 3.5 – Rapporti speċjali ppubblikati fl-2024 fil-qasam strateġiku tal-kompetittività ekonomika tal-UE



Sors: il-QEA.

3.13. Fil-qasam tas-**sikurezza fit-toroq**, aħna sibna[7] li bħala parti mir-rwol ta' koordinazzjoni tagħha, il-Kummissjoni kienet stabbiliet l-approċċ ta' Sistema Sikura tal-UE bl-objettivi ambizzjużi li jitnaqqsu bin-nofs il-fatalitajiet fit-toroq u l-korrimenti serji sal-2030, u li t-tnejn li huma jonqsu għal kważi żero sal-2050. Madankollu, il-Kummissjoni ffaċċjat sfidi fil-monitoraġġ tal-progress tal-Istati Membri. Aħna identifikajna wkoll nuqqasijiet fl-azzjonijiet tal-Kummissjoni u fl-għażla ta' proġetti kofinanzjati. Bir-rata ta' progress ta' issa, u mingħajr sforzi addizzjonali min-naħa tal-UE u l-Istati Membri, sibna li dawn l-objettivi ambizzjużi x'aktarx li ma jintlaħqux.

[7] Ir-Rapport Speċjali 04/2024.

3.14. Filwaqt li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni koprew dimensjonijiet ewlenin li huma importanti biex tiġi żviluppata ekosistema tal-UE għall-**intelliġenza artifiċjali** (IA), aħna sibna[8] li, sakemm beda l-awditu, dawn l-azzjonijiet kellhom effett limitat u ma aċċellerawx l-investiment fl-IA b'mod allinjat ma' dak tal-mexxejja globali. Il-miżuri tal-Kummissjoni u dawk nazzjonali ma ġewx ikkoordinati b'mod effettiv, billi l-Kummissjoni ma kellhiex l-għodod ta' governanza u l-informazzjoni meħtieġa.

3.15. Sibna[9] li r-rikonoxximent tal-**kwalifiki professjonali** fl-UE kien mekkaniżmu essenzjali, iżda li l-użu tiegħu huwa skars u inkonsistenti meta ċ-ċittadini jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jeżerċitaw professjoni fi Stat Membru ieħor. L-applikazzjoni tad-direttiva tal-UE dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonalikienet għadha turi nuqqasijiet, u l-informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini mhux dejjem kienet affidabbli. L-awtoritajiet tal-Istati Membri ma integrawx il-mekkaniżmu ta' twissija fil-proċedura ta' rikonoxximent.

3.16. Il-Kummissjoni wittiet it-triq għall-ħolqien ta' suq tal-**idroġenu rinnovabbli** fl-Istrateġija għall-Idroġenu u fil-pjan *REPowerEU* tagħha, b'finanzjament ta' EUR 18.8-il biljun għall-perjodu 2021–2027. Aħna kkonkludejna[10] li l-Kummissjoni rnexxielha parzjalment toħloq il-kundizzjonijiet it-tajba għas-suq emerġenti tal-idroġenu u għall-katina tal-valur assoċjata. Il-qafas legali kien ġie adottat fil-biċċa l-kbira, iżda kien għad fadal sfidi, bħal għażliet strateġiċi futuri dwar kif timxi 'l quddiem mingħajr ma toħloq dipendenzi strateġiċi ġodda.

3.17. Wara d-disturb ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, sibna[11] li l-Kummissjoni rreaġiet malajr għall-ħtiġijiet ta' **għajnuna mill-Istat** tal-Istati Membri, iżda kien hemm nuqqasijiet fil-monitoraġġ tal-għajnuna u fil-konsistenza tar-regoli.

---

[8] Ir-Rapport Speċjali 08/2024.

[9] Ir-Rapport Speċjali 10/2024.

[10] Ir-Rapport Speċjali 11/2024.

[11] Ir-Rapport Speċjali 21/2024.

3.18. Sibna[12] li t-**tikkettar tal-ikel** fl-UE jista' jgħin lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati aħjar meta jixtru l-ikel, iżda kien hemm lakuni notevoli fil-qafas legali tal-UE kif ukoll dgħufijiet fil-monitoraġġ, fir-rappurtar, fis-sistemi ta' kontroll u fis-sanzjonijiet. Dan wassal biex il-konsumaturi jiġu kkonfrontati b'tikketti li jistgħu joħolqu konfużjoni jew ikunu qarrieqa, jew tikketti li huma mhux dejjem jifhmu.

Ir-reżiljenza fil-konfront ta' theddid għas-sigurtà tal-UE u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt

3.19. Fl-2024, aħna ppubblikajna tmien rapporti speċjali dwar suġġetti f'dan il-qasam strateġiku (ara l-***Figura 3.6***).

Figura 3.6 – Rapporti speċjali ppubblikati fl-2024 fil-qasam strateġiku tar-reżiljenza u l-valuri Ewropej



Sors: il-QEA.

[12] Ir-Rapport Speċjali 23/2024.

3.20. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) huwa s-servizz diplomatiku tal-Unjoni Ewropea. Sibna[13] li l-**koordinazzjoni tas-SEAE**, kemm internament kif ukoll mal-Kummissjoni u mal-Kunsill, kienet fil-biċċa l-kbira effettiva, u dan ippermettielu jappoġġa kif xieraq lir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fit-twettiq tal-mandat tiegħu. Madankollu, aħna identifikajna xi dgħufijiet fil-ġestjoni tal-informazzjoni, fil-kompożizzjoni tal-persunal u fir-rappurtar.

3.21. Aħna sibna[14] li flimkien mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-RRF u r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni għall-politika ta' koeżjoni, ir-Regolament dwar il-*Kundizzjonalità* li ħareġ fl-2020 kien jipproteġi aħjar l-interessi finanzjarji tal-UE minn ksur tal-prinċipji tal-**istat tad-dritt**, u li l-miżuri li sa issa ttieħdu għal pajjiż wieħed kienu konformi mar-Regolament. Madankollu, ċerti aspetti tar-Regolament kienu diffiċli li jiġu applikati, u kien hemm għadd ta' riskji li jistgħu jimminaw sinifikattivament l-*effettività* tal-miżuri meħuda.

3.22. Aħna kkonkludejna[15] li l-Kummissjoni kienet tejbet il-ġestjoni tagħha biex tidentifika u tikkoreġi **ksur tad-dritt tal-UE**, iżda għadha kienet tieħu wisq żmien biex tagħlaq il-każijiet ta' ksur.

3.23. Ikkonkludejna[16] li l-ftehim interistituzzjonali tal-2021 dwar ir-**Reġistru tat-Trasparenza** kien fih l-elementi prinċipali meħtieġa mill-prinċipji internazzjonali għal qafas ta' lobbjar, u li r-Reġistru tat-Trasparenza pprovda informazzjoni utli għaċ-ċittadini biex isegwu prattiki ta' lobbjar. Madankollu, id-dgħufijiet u l-lakuni f'dik l-informazzjoni naqqsu t-trasparenza tal-attivitajiet ta' lobbjar fit-tliet istituzzjonijiet firmatarji.

---

[13] Ir-Rapport Speċjali 02/2024.

[14] Ir-Rapport Speċjali 03/2024.

[15] Ir-Rapport Speċjali 28/2024.

[16] Ir-Rapport Speċjali 05/2024.

3.24. Fil-qasam tal-migrazzjoni u l-appoġġ lir-refuġjati, aħna sibna dan li ġej.

- Il-**Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija** pprovdiet appoġġ rilevanti f'ċirkustanzi diffiċili, u l-Kummissjoni kienet tejbet il-ġestjoni tal-Faċilità billi implimentat ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna. Madankollu, il-Faċilità setgħet kisbet valur akbar għall-flus u *impatt* dimostrabbli[17].

- Il-proġetti appoġġati mill-**Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika** kienu rrappurtaw it-twassil ta' ħafna riżultati. Minkejja dan, l-appoġġ mill-Fond għadu ma kienx jiffoka suffiċjentement fuq il-prijoritajiet miftiehma[18].

- L-appoġġ mill-**Fond għall-*Ażil*, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni** kellu rwol rilevanti fl-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE, iżda l-impatt tiegħu kien għadu ma jistax jintwera[19].

3.25. L-UE tipprovdi **finanzjament lis-**sistemi tas-saħħa tal-**pajjiżi sħab tagħha**. Aħna kkonkludejna[20] li l-Kummissjoni allokat il-finanzjament skont il-prijoritajiet wiesgħa tagħha. Madankollu, il-metodoloġija tal-allokazzjoni kienet milquta minn nuqqasijiet, l-effettività tal-proġetti kienet imxekkla minn problemi ta' koordinazzjoni u sostenibbiltà, u l-monitoraġġ ma pprovdiex stampa sħiħa tal-attivitajiet li l-Kummissjoni wettqet fis-settur tas-saħħa.

---

[17] Ir-Rapport Speċjali 06/2024.

[18] Ir-Rapport Speċjali 17/2024.

[19] Ir-Rapport Speċjali 26/2024.

[20] Ir-Rapport Speċjali 18/2024.

It-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali

3.26. Fl-2024, ippubblikajna sitt rapporti speċjali dwar suġġetti f'dan il-qasam strateġiku (ara l-***Figura 3.7***).

Figura 3.7 – Rapporti speċjali ppubblikati fl-2024 fil-qasam strateġiku tat-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali



Sors: il-QEA.

3.27. Mill-2020'il quddiem, meta bdew japplikaw miri tal-emissjonijiet aktar stretti, l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO_2) minn vetturi tal-passiġġieri ġodda bdew jonqsu b'mod sinifikanti. Dan kien prinċipalment minħabba l-użu sinifikanti ta' vetturi elettriċi, filwaqt li l-**emissjonijiet ta' CO_2** ġenerali mill-karozzi b'magna tal-kombustjoni baqgħu l-istess. Aħna kkonkludejna[21] li għalkemm il-Kummissjoni ġabret u vverifikat id-*data* dwar l-emissjonijiet ta' **CO_2** mill-karozzi f'konformità mar-Regolament, ma kienx hemm assigurazzjoni suffiċjenti dwar l-akkuratezza tal-emissjonijiet ta' **CO_2** iddikjarati mill-manifatturi fiċ-ċertifikati ta' konformità ta' karozzi ġodda.

[21] Ir-Rapport Speċjali 01/2024.

3.28. Il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fi Frar 2022 skattat kriżi tal-**provvista tal-gass** u tal-affordabbiltà fl-UE. Dan ittestja l-qafas tal-UE għas-sigurtà tal-provvista tal-gass. Aħna sibna li[22] l-qafas indirizza l-provvista sigura tal-gass mhux bl-istessmod u li l-impatt tal-miżuri meħuda b'rispons għall-użu, min-naħa tar-Russja, tal-gass bħala arma mhux dejjem jidher.

3.29. Fil-qasam tal-**adattament għat-tibdil fil-klima**, aħna sibna li[23] l-qafas kumplessiv tal-UE għall-politika ta' adattament kien sod, iżda kien hemm dgħufijiet u lakuni fl-implimentazzjoni tiegħu. Filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-proġetti li awditjajna indirizzaw ir-riskji klimatiċi b'mod effettiv, uħud kellhom ftit jew l-ebda impatt fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' adattament, u xi ftit jaf jirriżultaw f'adattament ħażin.

3.30. Fil-qasam tal-**biedja organika**, aħna sibna li[24] l-istrateġija tal-UE għall-biedja organika ma kellhiex elementi importanti bħal objettivi kwantifikabbli u kif għandu jitkejjel il-progress. Il-fondi tal-UE għenu biex tiżdied l-erja agrikola organika, iżda l-objettivi ambjentali u tas-suq ma tteħdux inkunsiderazzjoni biżżejjed.

3.31. Taħt l-RRF, l-Istati Membri ppjanaw li jonfqu madwar EUR 275 biljun fuq l-azzjoni klimatika bħala parti mill-pilastru tat-**tranżizzjoni ekoloġika**. Madankollu, l-analiżi li wettaqna[25] żvelat nuqqasijiet fit-tfassil tal-Faċilità u inkonsistenzi fl-implimentazzjoni tal-miżuri għat-tranżizzjoni ekoloġika. Osservajna li t-trekkjar tan-nefqa fuq il-klima jinvolvi livell għoli ta' approssimazzjoni u xi koeffiċjenti kienu qed iwasslu għal stimi aktarx eċċessivi.

3.32. Il-*politika agrikola komuni* (PAK) il-ġdida għall-perjodu 2023–2027, li tibni fuq il-**pjanijiet tal-PAK** definiti minn kull Stat Membru, timmira lejn ambizzjoni ambjentali u klimatika akbar. Aħna sibna li[26] l-pjanijiet tal-PAK il-ġdida kienu aktar ekoloġiċi milli taħt il-PAK preċedenti, iżda ma kellhomx konkordanza mal-ambizzjonijiet tal-UE għall-klima u għall-ambjent. Barra minn hekk, l-elementi ewlenin għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni ekoloġika kienu neqsin.

---

[22] Ir-Rapport Speċjali 09/2024.

[23] Ir-Rapport Speċjali 15/2024.

[24] Ir-Rapport Speċjali 19/2024.

[25] Ir-Rapport Speċjali 14/2024.

[26] Ir-Rapport Speċjali 20/2024.

Il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi fl-UE

3.33. Fl-2024, ippubblikajna ħames rapporti speċjali dwar suġġetti f'dan il-qasam strateġiku (ara l-***Figura 3.8***).

Figura 3.8 – Rapporti speċjali ppubblikati fl-2024 fil-qasam strateġiku tal-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi



Sors: il-QEA.

3.34. Fil-qasam tal-**irkupru tan-nefqa irregolari** mingħand il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE, aħna kkonkludejna li[27] taħt *ġestjoni indiretta* u diretta, il-Kummissjoni tiżgura r-reġistrazzjoni preċiża u fil-pront tan-nefqa irregolari, iżda tieħu wisq żmien biex tirkupraha. Taħt *ġestjoni kondiviża*, ir-rati ta' rkupru fil-livell tal-*benefiċjarji* għall-*Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija* (FAEG) huma ġeneralment aktar baxxi minn dawk taħt ġestjoni diretta u dik indiretta. Dawn ma tjibux mill-2006 'l hawn, u kien hemm differenzi sinifikanti fir-rati ta' rkupru u tħassir bejn l-Istati Membri. Fil-koeżjoni, il-Kummissjoni ma timmonitorjax is-sistemi ta' rkupru tal-Istati Membri billi n-nefqa irregolari tiġi rtirata u ma taffettwax il-baġit tal-UE.

[27] Ir-Rapport Speċjali 07/2024.

3.35. Ivvalutajna l-introduzzjoni tar-**riżorsa proprja l-ġdida bbażata fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik** iġġenerat mill-Istati Membri. Sibna li[28] l-Istati Membri ma kinux suffiċjentement ippreparati, u li d-*data* użata ma kinitx suffiċjentement kumparabbli jew affidabbli.

3.36. Ivvalutajna s-sistemi li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jużaw biex jevitaw **finanzjament doppju** bejn l-RRF min-naħa l-waħda, u l-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni u l-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa* min-naħa l-oħra. Sibna li[29] l-użu ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet iwassal għal riskju ogħla ta' finanzjament doppju.

3.37. Meta jitqiesu ċ-ċirkustanzi dejjem aktar diffiċli li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE, aħna sibna[30] li l-istituzzjonijiet tal-UE indirizzaw il-prijoritajiet emerġenti billi riallokaw il-persunal taċ-**ċivil tal-UE** fejn kien l-aktar meħtieġ u ddiversifikaw il-mezzi ta' reklutaġġ. Huma serrħu aktar fuq persunal b'kuntratti għal terminu fiss, għalkemm dan ġab miegħu riskju għall-kontinwità tal-operat. L-istituzzjonijiet sabuha diffiċli biex jiġbdu xi profili, u ma użawx il-flessibbiltajiet kollha fil-**qafas tal-impjieg** tagħhom fir-rigward tal-prestazzjoni u l-opportunitajiet ta' karriera tal-persunal.

3.38. Rigward l-isforzi tal-UE favur il-**ġlieda kontra reġimi tat-taxxa dannuża u l-evitar tat-taxxa korporattiva,** sibna li[31] fi ħdan il-kompetenzi limitati tagħha fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, l-UE adottat qafas legali u użat strumenti ta' appoġġ bħala l-ewwel linja ta' difiża kontra prattiki tat-taxxa dannuża sistemiċi. Madankollu, identifikajna nuqqasijiet fil-mod kif ir-regoli ġew implimentati, u osservajna n-nuqqas ta' qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni komuni fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali.

---

[28] Ir-Rapport Speċjali 16/2024.

[29] Ir-Rapport Speċjali 22/2024.

[30] Ir-Rapport Speċjali 24/2024.

[31] Ir-Rapport Speċjali 27/2024.

Partijiet ikkonċernati istituzzjonali prinċipali

Il-Parlament Ewropew

3.39. Ir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2023 tal-Parlament Ewropew li tindirizza l-Kummissjoni, l-*aġenziji eżekuttivi* u l-*fondi Ewropej għall-iżvilupp*, irreferiet għal 12[32] mit-28 rapport li ppubblikajna fl-2024. L-eżempji jinkludu dawn li ġejjin.

- Il-Parlament għamel diversi referenzi għar-rapport tagħna[33] dwar ir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE. Pereżempju, huwa stieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-mezzi meħtieġa biex jiġi żgurat li r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess kollha li javvicinaw lill-istituzzjonijiet tal-UE jkunu rreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna wkoll tipproponi emenda għall-Anness II tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 biex ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess jintalbu jelenkaw dawk li jappoġġjawhom finanzjarjament fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE, anke jekk jiddikjaraw f'dak ir-reġistru li qed jirrappreżentaw biss l-interessi tal-membri tagħhom stess.

- Fir-rigward tar-rapport tagħna[34] dwar is-sistemi tal-Kummissjoni għall-irkupru tan-nefqa irregolari tal-UE, il-Parlament stieden lill-Kummissjoni tipprijoritizza l-ġbir ta' flejjes taħt *ordnijiet ta' rkupru* pendenti, u żżomm lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit infurmat dwar il-progress li jkun sar.

- Għar-rapport tagħna[35] dwar l-assorbiment tal-fondi mingħand l-RRF, il-Parlament ħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva u rapida kull meta jkun meħtieġ, inkluża l-impożizzjoni ta' *korrezzjonijiet finanzjarji*, u tagħmel użu sħiħ mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-RRF jekk in-nuqqasijiet jippersistu fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri.

---

[32] Rapporti Speċjali: 03/2024, 05/2024, 07/2024, 13/2024, 14/2024, 15/2024, 16/2024, 17/2024, 18/2024, 19/2024, 20/2024, u 22/2024.

[33] Ir-Rapport Speċjali 05/2024.

[34] Ir-Rapport Speċjali 07/2024.

[35] Ir-Rapport Speċjali 13/2024.

- Fir-rigward tar-rapport tagħna[36] dwar il-finanzjament doppju mill-baġit tal-UE, il-Parlament jemmen li, biex jiġu rispettati l-prinċipji tal-*addizzjonalità* u l-komplementarjetà, iżda jiġi evitat ir-riskju ta' finanzjament doppju, l-istess miżuri diġà inklużi fi pjanijiet nazzjonali oħra li jibbenefikaw minn finanzjament tal-UE (eż. il-koeżjoni, l-agrikoltura, eċċ.) jenħtieġ li jew ma jiġux inklużi fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew jiġu deskritti aktar bir-reqqa, anke jekk ma jġarrbux spejjeż. Barra minn hekk, il-Parlament ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tibqa' viġilanti u proattiva fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni potenzjali ta' finanzjament doppju.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

3.40. Sal-aħħar ta' Mejju 2025, il-Kunsill kien ħejja konklużjonijiet għal 17 mit-28 rapport tagħna ppubblikati fl-2024. B'mod ġenerali, il-konklużjonijiet appoġġaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħna, u inkludew kummenti addizzjonali, li whud minnhom huma deskritti hawn taħt.

- B'segwitu għar-rapport tagħna[37] dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-karozzi tal-passiġġieri, il-Kunsill appella lill-Kummissjoni biex issegwi mal-Istati Membri l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip fil-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar, biex tiżviluppa u tagħmel użu minn ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip elettroniċi armonizzati fejn id-*data* tkun strutturata.

- Rigward ir-rapport tagħna[38] dwar il-fond fiduċjarju tal-UE għall-Afrika, il-Kunsill appella lill-Kummissjoni biex tiżviluppa approċċi sostenibbli lejn aktar koerenza bejn l-iżvilupp u l-politika dwar il-migrazzjoni. Dan ikun jinkludi l-indirizzar tal-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni irregolari b'mod sostenibbli. Jenħtieġ li jingħata appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ tekniku u vokazzjonali, b'attenzjoni partikolari għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa bħala aġenti tal-bidla għall-*iżvilupp sostenibbli*.

---

[36] Ir-Rapport Speċjali 22/2024.

[37] Ir-Rapport Speċjali 01/2024.

[38] Ir-Rapport Speċjali 17/2024.

- Fir-rigward tar-rapporti tagħna dwar l-RRF[39] u skont il-qafas tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tidentifika modi konkreti biex tissimplifika l-proċess ta' rappurtar, tevita d-duplikazzjoni u tnaqqas il-ħidma amministrattiva relatata mal-implimentazzjoni tal-istrument, fil-qafas tar-Regolament 2021/241, filwaqt li tiżgura l-protezzjoni adegwata tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

- Fir-rigward tar-rapport tagħna[40] dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi soluzzjonijiet u eżempji ta' prattiki tajba u tal-aħjar prattiki fil-kuntest tal-finanzjament ta' miżuri ta' adattament kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat.

[39] Rapporti Speċjali: 13/2024, 14/2024 u 22/2024.

[40] Ir-Rapport Speċjali 15/2024.

Parti 2 – Prestazzjoni tal-*programmi* taħt l-Intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali

Introduzzjoni

3.41. Meta neżaminaw ir-rappurtar li tkun wettqet il-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni, kull sena niffukaw fuq qasam speċifiku. Din is-sena, koprejna l-informazzjoni disponibbli dwar il-prestazzjoni tal-Intestatura 1 "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" li ġiet ippreżentata fid-*dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi* (PPSs) tar-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni 2023*(AMPR).

3.42. L-intestatura "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" kellha allokazzjoni baġitarja inizjali ta' EUR 132 781 miljun. *Orizzont Ewropa* (EUR 76 400 miljun) jirrappreżenta aktar minn nofs dan il-baġit. L-objettiv ewlieni tiegħu huwa li jiffaċilita l-kollaborazzjoni u jsaħħaħ l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp, l-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE filwaqt li jindirizza l-isfidi globali. Il-**Kapitolu 5** tar-Rapport Annwali tagħna jelenka s-sejbiet tagħna dwar ir-*regolarità* tan-nefqa minn din l-intestatura tal-QFP.

Ambitu u approċċ

3.43. Aħna analizzajna l-AMPR tal-Kummissjoni, li huwa r-rapport annwali dwar il-prestazzjoni ta' livell għoli maħruġ mill-Kummissjoni rigward il-baġit tal-UE. Iċċekkjajna l-applikazzjoni korretta tal-qafas tar-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-Kummissjoni għall-PPSs għall-Intestatura 1 tal-QFP tal-AMPR 2023. Qisna x-xogħol tal-awditjar preċedenti li konna wettaqna u eżaminajna kif l-indikaturi ntużaw biex tiġi rrappurtata l-prestazzjoni. Għall-erba' programmi kollha fil-kampjun (Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), il-Programmi spazjali tal-UE, u *InvestEU*), eżaminajna l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni, inklużi l-indikaturi rrappurtati fil-PPSs. Billi Orizzont Ewropa jirrappreżenta 57 % tal-baġit totali tal-Intestatura 1 tal-QFP (ara l-***Anness 3.3*** u l-***Figura 3.9***), aħna wettaqna ttestjar dettaljat fuq l-indikaturi rrappurtati. L-istruttura tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi hija miġbura fil-qosor fl-***Anness 3.4***. Ivvalutajna wkoll il-progress kumplessiv tal-indikaturi.

Figura 3.9 – Intestatura 1 tal-QFP għall-perjodu 2021–2027



Sors: il-Kummissjoni Ewropea, Multiannual Financial Framework 2021-2027 (in *commitments*) – 2018 prices.

Il-qafas tar-rappurtar dwar il-prestazzjoni kien stabbli u pproduċa informazzjoni f'konformità mal-istruzzjonijiet

3.44. Ir-Rapport Analitiku dwar l-AMPR 2023 tagħna ppreżenta kif il-Kummissjoni tħejji l-AMPR. Il-qafas tar-rappurtar għall-AMPR baqa' stabbli, bi struzzjonijiet maħruġa mill-bord ta' ġestjoni korporattiva tal-Kummissjoni. Il-PPSs li eżaminajna kkonformaw ma' dawn l-istruzzjonijiet.

3.45. Iċ-ċifri baġitarji rrappurtati fil-PPSs għall-programmi fil-kampjun inkisbu mingħand is-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni. Aħna ma identifikajniex *żbalji* materjali f'dawn iċ-ċifri rrappurtati, ħlief li l-baġit totali għall-perjodu 2021–2027 għal Orizzont Ewropa ġie ddikjarat b'mod insuffiċjenti b'EUR 367 miljun minħabba r-riallokazzjoni tal-fondi.

3.46. Id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (DĠ BUDG) jivverifika l-kwalità tad-*data* inkluża fl-AMPR. Ir-Rapport Analitiku dwar l-AMPR 2022 tagħna jispjega dawn il-verifiki f'aktar dettall. Sibna li l-biċċa l-kbira mir-referenzi kwantitattivi għall-programmi li eżaminajna fl-AMPR tal-2023 kienu bbażati fuq evidenza ta' sostenn rilevanti.

Il-fasla tal-indikaturi tal-prestazzjoni tjiebet, iżda għad hemm lakuni fit-traċċabbiltà tar-riżultati rrappurtati

L-indikaturi tal-prestazzjoni huma mfassla aħjar fil-perjodu tal-QFP ta' bħalissa, b'xi eċċezzjonijiet

3.47. B'mod ġenerali, inqisu li l-KPIs fil-PPSs li ħadna bħala kampjun, għaż-żewġ *perjodi ta' programmazzjoni* 2014–2020 u 2021–2027, kienu fil-biċċa l-kbira ddefiniti skont il-prinċipju SMART, li jfisser li dawn kienu "speċifiċi", "li jistgħu jitkejlu u jinkisbu", "rilevanti" u "marbuta mal-ħin". Madankollu, il-KPIs użati għall-programmi tal-perjodu 2014–2020 ma indirizzawx biżżejjed ir-riżultati (il-FNE 2014–2020) u l-impatti (*Orizzont* 2020 u l-FNE 2014–2020) (ara t-***Tabella 3.1***), li jfisser li l-utilità tagħhom fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-programmi kienet limitata. Il-FNE 2014–2020 kienet tinkludi prinċipalment indikaturi tal-*output*, li jkejlu l-kwantitajiet (eż. l-għadd ta' punti ta' provvista, l-għadd ta' hotspots tal-Wi-Fi maħluqa). Orizzont 2020 kien jinkludi żewġ indikaturi tal-impatt, iżda l-aħħar sena rrappurtata għal wieħed minn dawn kienet l-2016, li warajha kien hemm nuqqas ta' *data*.

Tabella 3.1 – Tipi ta' *indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni*

Programm	Input	Output	Riżultat	Impatt	Total
2014–2020					
Orizzont 2020	-	■■■■■■■	■■■■■■■■■■	■■	28
FNE	■■	■■■■■■■■■■	■	-	17
2021–2027					
Orizzont Ewropa	-	■■■■■■■■■	■■■■■■■■■	■■■■■■■■■	27
FNE	■■■■	■■■■■■■■■■	-	-	16
InvestEU	-	■■■■■■■■■■	■■■■■■■■■■	■■■■■■■■■■	59
Spazju tal-UE	-	■■■■■■	■■■■■■■■■■	■■■■■■■■■	34
Total	**6**	**64**	**71**	**40**	**181**

Sors: il-QEA, abbażi tat-tabelli tad-*data* dwar il-prestazzjoni li jakkumpanjaw l-abbozz tal-baġits għall-2022 u l-2025.

3.48. Għall-perjodu 2021–2027, ir-regolamenti kienu jinkludu sett aktar ibbilanċjat ta' indikaturi għal tlieta mill-programmi. Għall-FNE 2021–2027, il-KPIs stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-programm ikopru l-indikaturi tal-*input* u tal-output, filwaqt li l-indikaturi tar-riżultati u tal-impatt ġew żviluppati aktar tard f'*dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni* li jindirizza l-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Dawn ma ġewx inklużi fit-tabelli tad-*data* dwar il-prestazzjoni (PDTs) li akkumpanjaw l-abbozz tal-baġit tal-2025.

3.49. L-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni taż-żewġ programmi għall-perjodu 2014–2020 (nofs it-terminu għall-FNE u *ex post* għal Orizzont 2020), irrappurtaw dgħufijiet fis-sistemi ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni. It-tfassil tal-indikaturi ta' Orizzont 2020 ġie rrappurtat li kien dgħajjef f'termini ta' valutazzjoni tal-eżiti[41] b'linji bażi u miri neqsin, u l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni bbażata fuq l-awtorappurtar mill-benefiċjarji tista' tkun suġġetta għal ineżattezzi[42]. L-evalwazzjoni tal-FNE nnutat li l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-objettivi ta' politika ġenerali ma kinux żviluppati biżżejjed biex ikejlu l-impatti[43].

3.50. Fir-Rapport Speċjali 24/2023 tagħna "Bliet intelliġenti – Soluzzjonijiet tanġibbli, iżda l-frammentazzjoni hija ta' sfida għall-adozzjoni usa' tagħhom", aħna kkonkludejna li n-nuqqas ta' indikaturi xierqa fisser li ma setax jitkejjel l-impatt tal-programm.

3.51. L-istrumenti għal *regolamentazzjoni aħjar* tal-Kummissjoni jirrakkomandaw li meta jiġu stabbiliti l-indikaturi, jenħtieġ li jkunu kredibbli għal dawk li mhumiex esperti, ma jkunux ambigwi u jkunu faċli biex jiġu interpretati. Għall-perjodu 2021–2027, aħna nqisu li l-interpretazzjoni ta' tnejn mill-indikaturi ta' Orizzont Ewropa (ara l-***Kaxxa 3.1***) u wieħed mill-indikaturi tal-Programm Spazjali tal-UE kienet diffiċli.

Kaxxa 3.1

Eżempju ta' indikaturi ta' Orizzont Ewropa b'interpretazzjoni diffiċli

Wieħed mill-indikaturi ta' Orizzont Ewropa huwa: "L-effetti stmati aggregati mill-użu/sfruttament tar-riżultati ffinanzjati mill-Programm, dwar it-trattament ta' prijoritajiet identifikati ta' politika tal-Unjoni u l-isfidi globali (inklużi l-*Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli*), inkluż il-kontribut lejn iċ-ċiklu tal-politika u tat-tfassil tal-liġijiet (bħal normi u standards) (multidimensjonali: għal kull prijorità identifikata)". L-indikatur diffiċli biex jiġi interpretat, li jżid ir-riskju ta' rappurtar inqas preċiż.

---

41 "Evalwazzjoni *ex post* ta' Orizzont 2020, il-programm qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni", (COM(2024) 49 final), p. 5.

42 "Report from the Commission to the European Parliament and the Council -Ex-post evaluation of Horizon 2020, the EU Framework Programme for Research and Innovation", (SWD(2024) 29 final part 2/2), p. 34.

43 "Report from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions on the mid-term evaluation of the Connecting Europe Facility (CEF)", (SWD(2018) 44 final/2), p. 93.

3.52. Għal InvestEU, tnejn mit-tmien indikaturi ppreżentati fil-PPS ma kinux speċifiċi biżżejjed. L-indikaturi ta' "Investiment mobilizzat" u "*Effett multiplikatur*" ma jispeċifikawx b'mod ċar biżżejjed jekk humiex qed jirreferu għal operazzjonijiet approvati, iffirmati jew żborżati. Qarrej interessat ikollu jirreferi għad-definizzjonijiet ta' dawn l-indikaturi li jinsabu fil-fajl tal-indikaturi tal-metadata li jinsab fl-abbozz tal-bagit tal-2025 biex isir jaf li ż-żewġ indikaturi huma relatati ma' operazzjonijiet approvati. Mingħajr tali informazzjoni, qarrej jista' jagħti stima eċċessiva lill-prestazzjoni rrappurtata.

Hemm lakuni fit-traċċabbiltà tar-riżultati rrappurtati

3.53. Aħna eżaminajna l-valuri wara kull wieħed mill-KPIs ippreżentati fil-PPSs. Filwaqt li rrikonoxxejna titjib fil-perjodu ta' programmazzjoni ta' bħalissa, xorta identifikajna lakuni fit-traċċabbiltà tad-*data* sottostanti, kif miġbura fil-qosor fit-***Tabella 3.2***.

Tabella 3.2 – Traċċabbiltà tad-*data* għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni inklużi fid-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi

Programm	Traċċabbiltà				Total
	Tajba	Parzjali	Dgħajfa	Nieqsa	
	Sors ta' evidenza				
	Lista dettaljata kompleta u rikonċiljata	Lista dettaljata parzjali jew mhux rikonċiljata	Skrin tal-istampar tas-sistema	L-ebda traċċabiltà	
2014–2020					
Orizzont 2020	0	0	5	0	5
FNE 2014–2020	3	1	0	0	4
2021–2027					
Orizzont Ewropa	7	2	0	0	9
FNE 2021–2027	8	0	0	0	8
Spazju tal-UE	5	1	0	0	6
InvestEU	2	6	0	0	8
Total	**25**	**10**	**5**	**0**	**40**

Nota: il-Kummissjoni għażlet 40 KPI biex tirrappurtahom fil-PPSs mit-total ta' 181 KPI użati għall-programmi fil-kampjun.

Sors: il-QEA.

Perjodu 2014–2020

3.54. Il-Kummissjoni tislet il-KPIs għal Orizzont 2020 u għall-FNE 2014–2020 abbażi ta' *data* miġbura mingħand il-benefiċjarji. Madankollu, id-dettalji wara n-numri huma disponibbli biss għad-data tar-rappurtar innifisha, imbagħad id-*data* tinbidel minħabba l-entrati l-ġodda fis-sistema.

3.55. Għal Orizzont 2020, il-Kummissjoni tista' tappoġġa ċ-ċifri rrappurtati tagħhom fil-PPS għall-KPIs bi skrins tal-istampar mis-sistema li juru t-totali tad-*data* dwar id-data tar-rappurtar, iżda ma setgħetx tipprovdi aktar dettalji. Is-sistema tal-Kummissjoni ma ppermettitilniex niċċekkjaw il-preċiżjoni ta' dawn il-KPIs. In-nuqqas ta' dettalji wara l-KPIs irrappurtati għal Orizzont 2020 jillimita b'mod sinifikanti l-affidabbiltà tad-*data* ppreżentata. Din il-problema bit-traċċabbiltà tad-*data* kienet diġà ġiet identifikata mis-servizzi tal-Kummissjoni.

3.56. Għall-FNE 2014–2020, il-Kummissjoni pprovditilna l-listi dettaljati ta' *data* speċifika dwar il-prestazzjoni li tappoġġa l-KPIs irrappurtati fil-PPS.

Perjodu 2021–2027

Orizzont Ewropa

3.57. L-evalwazzjoni ta' Orizzont 2020[44] indikat il-problema tal-għadd multiplu tar-riżultati tal-proġetti. Il-Kummissjoni tejbet l-approċċ tagħha għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni għal Orizzont Ewropa billi esportat kopja tad-*data* tal-proġetti rrappurtata f'ċerti dati. L-uffiċjali tal-proġetti tal-Kummissjoni jivverifikaw id-dokumenti ta' rappurtar perjodiku mħejjija mill-benefiċjarji, meta mqabbla mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti fejn il-KPIs kienu bbażati fuq ir-rappurtar kontinwu mill-benefiċjarji, u ma kinux soġġetti għal tali verifikazzjoni.

[44] "*Ex post* evaluation of Horizon 2020, the EU framework programme for research and innovation" (SWD(2024) 29 final part 2/2), l-Anness II (p. 34).

3.58. Id-*data* mid-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (DĠ RTD) tinġabar fis-sistema tal-IT sottostanti, filwaqt li d-*data* miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) tiġi pprovduta lid-DĠ RTD permezz ta' email. Aħna sibna xi ineżattezzi fl-indikaturi rrappurtati. Fir-rigward taż-żewġ KPIs għal pubblikazzjonijiet xjentifiċi evalwati bejn il-pari u riċerkaturi involuti fit-titjib tal-ħiliet, sibna inkonsistenzi fid-*data* pprovduta lid-DĠ RTD, fl-għadd doppju ta' entrati fil-każ ta' *data* tal-JRC, u listi dettaljati mhux rikonċiljati fil-każ tal-EIT. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu[45] tqis li l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar mir-Regolament dwar Orizzont Ewropa hija parzjalment kompleta.

FNE 2021–2027

3.59. Għall-FNE 2021–2027, il-Kummissjoni pprovditilna lista dettaljata tal-indikaturi kollha inklużi fil-PPS u dawn stajna nirrikonċiljawhom man-numri rrappurtati.

Programm Spazjali tal-UE

3.60. Ksibna evidenza ta' sostenn għall-KPIs inklużi fil-PPS għall-Programm Spazjali tal-UE. Il-KPIs kollha ġew irrappurtati li kienu fit-triq it-tajba, iżda għal tnejn minnhom (l-istħarriġ tal-UE dwar is-sodisfazzjon tal-utenti fir-rigward tas-servizzi *Galileo* u EGNOS), iċ-ċifri rrappurtati kienu bbażati fuq 51 u 62 tweġiba għall-istħarriġ rispettivament. Dawn l-istħarriġiet twettqu permezz ta' stedina miftuħa fuq is-sit elettroniku tal-programm. Bl-użu tal-utenti rreġistrati tas-sit elettroniku bħala referenza, din tkun rata ta' "rispons" ta' 9 % għal Galileo, u 2 % għal EGNOS. Aħna nqisu li dawn ir-rati ta' "rispons" huma baxxi wisq biex ikunu jistgħu jipprovdu stampa affidabbli tas-sodisfazzjon tal-utenti. Barra minn hekk, it-tliet KPIs fil-PPS li jirrigwardaw is-sodisfazzjon tal-utenti jirreferu għas-sitwazzjoni fis-snin preċedenti: tnejn (Galileo u EGNOS) kienu jirreferu għall-2022, u wieħed (Copernicus) kienu jirreferu għall-2021.

[45] "Commission Staff Working Document – Evaluation Interim Evaluation of the Horizon Europe Framework Programme for Research and Innovation (2021–2024)", (SWD(2025) 110 final), p. 100.

3.61. Ir-Rapport Speċjali 07/2021 tagħna analizza l-Programm Spazjali tal-UE u rrakkomanda li l-Kummissjoni timmonitorja l-ilħuq tal-objettivi abbażi ta' sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni xierqa. Din is-sena wettaqna segwitu ta' din ir-rakkomandazzjoni (ara l-***Anness 12.1*** sal-***Kapitolu 12***) u vvalutajna li r-rakkomandazzjoni kienet ġiet implimentata f'xi aspetti.

InvestEU

3.62. Għal InvestEU, id-*data* tas-sors għall-KPIs irrappurtati ġejja mir-rapporti operazzjonali tas-sħab ta' implimentazzjoni, li ma fihomx *data* fil-livell tal-proġetti, iżda fil-livell tal-prodotti finanzjarji. Il-Kummissjoni ma setgħetx tipprovdi informazzjoni fil-livell tal-proġetti billi InvestEU huwa implimentat permezz ta' ġestjoni indiretta u l-livell ta' kontrolli applikati mill-Kummissjoni huwa bbażat fuq verifiki tar-raġonevolezza u tal-plawżibbiltà, u fuq żjarat ta' monitoraġġ. Jekk ikun meħtieġ u fuq talba, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni huma meħtieġa jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar id-*data* ppreżentata.

Kienet teżisti metodoloġija ċara għall-valutazzjoni tal-progress fl-ilħuq tal-miri tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, iżda l-valutazzjoni kienet ottimista

Aħna nqisu li l-progress fl-ilħuq tal-miri tal-KPIs huwa aktar baxx milli fil-valutazzjoni li wettqet il-Kummissjoni

3.63. Fil-każ taż-żewġ perjodi tal-QFP, il-Kummissjoni tuża metodoloġija standard biex tivvaluta l-progress fil-kisba tal-KPIs fil-PPSs bħala "miksub", "fit-triq it-tajba", "progress moderat", "jistħoqqlu attenzjoni", jew "l-ebda *data*".

3.64. Il-metodoloġija tal-valutazzjoni tintuża wkoll fil-PDTs li l-Kummissjoni tehmeż mal-abbozz ta' bagit. Il-PDTs jirrappurtaw dwar l-indikaturi tal-programm, inklużi dettalji bħal-linji bażi, l-istadji importanti, il-progress reali, il-miri, it-tipi ta' indikaturi, is-sorsi, u d-dati ta' qtugħ il-linja. L-istadji importanti mhumiex ipprovduti b'mod konsistenti. Dan jikkomplika l-valutazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni.

3.65. Aħna analizzajna l-valutazzjoni li wettqet il-Kummissjoni fuq il-progress irrappurtat għall-PPSs tal-2023 fil-kampjun tagħna għaż-żewġ perjodi, billi applikajna metodoloġija simili għal dik deskritta fl-anness tar-Rapport 2019 dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE tagħna. F'19 % tal-każijiet (34 minn 181), il-valutazzjoni li wettaqna tal-prestazzjoni kienet differenti minn dik imwettqa mill-Kummissjoni (it-***Tabella 3.3***). Dan jista' jiġi spjegat ukoll mill-fatt li l-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tqis proġetti, li jkunu għadhom għaddejjin, li jkunu għadhom mhux viżibbli fiċ-ċifri rrappurtati.

Tabella 3.3 – Valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni – Il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Programm	KE	QEA	KE	QEA	KE	QEA	KE	QEA	KE	QEA	Total
	Milħuq		Fit-triq it-tajba		Progress moderat		Jistħoqqlu attenzjoni		Mhux ivvalutat		
2014–2020											
Orizzont 2020	2	2	15	14	6	3	0	3	5	6	28
FNE 2014–2020	1	2	12	4	4	2	0	9	0	0	17
2021–2027											
Orizzont Ewropa	0	0	6	5	2	3	0	0	19 (*)	19 (*)	27
FNE 2021–2027	0	0	14	10	2	3	0	3	0	0	16
InvestEU	0	0	6	6	0	0	0	0	53	53	59
Spazju tal-UE	0	0	23	24	0	0	0	3	11	7	34
Total	**3**	**4**	**76**	**63**	**14**	**11**	**0**	**18**	**88**	**85**	**181**

(*) Indikaturi għal żmien medju u twil għandhom jitkejlu meta rilevanti (l-AMPR tal-2023 kien bikri wisq), kif indikat fl-anness għall-qafas ta' prestazzjoni tal-baġit tal-UE.
Nota: Kummissjoni Ewropea (KE).

Sors: il-QEA.

3.66. Il-***Kaxxa 3.2*** turi żewġ eżempji mill-programmi għall-perjodu 2014–2020 fejn aħna nqisu li l-valutazzjoni tal-progress imwettqa mill-Kummissjoni ma kinitx konformi mar-riżultati rrappurtati bħala miksuba fil-PPSs.

Kaxxa 3.2

Eżempju ta' valutazzjonijiet tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ddikjarati b'mod eċċessiv u ppreżentati fid-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi (2014–2020)

Orizzont 2020

Indikatur	Linja bażi	Progress	Mira	Riżultati fil-31.12.2023	Valutazzjoni mill-Kummissjoni
Applikazzjonijiet għal privattivi, u privattivi aġġudikati għall-isfidi kollha tas-soċjetà	0	13 %	3.0 fl-2025	0.38 meta mqabbel mal-mira ta' 3.0	Progress moderat

Sors: PPS ta' Orizzont Ewropa (AMPR 2023).

FNE 2014–2020

Indikatur	Linja bażi	Progress	Mira	Riżultati fil-31.12.2023	Valutazzjoni mill-Kummissjoni
Trasport tal-FNE – linji attivi mgħammra bis-sistema Ewropea tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju	0	6 %	5 491 fl-2024	326 km minn 5 491 km	Progress moderat

Sors: PPS tal-FNE 2021–2027 (AMPR 2023).

Fiż-żewġ każijiet, il-valutazzjoni tal-"Progress moderat" ma tidhirx realistika billi r-riżultati rrappurtati huma fi tmiem l-2023, u għalhekk fadal ammont limitat ħafna ta' żmien biex jintlaħqu l-miri mistennija. Il-valutazzjoni li wettaqna għal dawn iż-żewġ indikaturi hija li "Jistħoqqlu attenzjoni".

Il-Kummissjoni tipprovdi dettalji dwar l-evoluzzjoni tal-indikatur fil-PDT u tistenna li jiżdied b'mod sinfikanti il-progress għaż-żewġ indikaturi.

3.67. Għall-perjodu 2021–2027, billi l-programmi jinsabu fl-istadji bikrija tagħhom, il-Kummissjoni għad għandha żmien biex tlesti l-implimentazzjoni tal-programmi. Il-valutazzjoni tal-progress hija mxekkla billi anki jekk jeżistu miri *interim*, dawn mhumiex inklużi fil-PPSs. Il-PPSs iqabblu r-riżultat fi tmiem l-2023 mal-mira fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni. Il-***Kaxxa 3.3*** tagħti żewġ eżempji bħal dawn.

Kaxxa 3.3

Eżempju ta' valutazzjonijiet tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ddikjarati b'mod eċċessiv u ppreżentati fid-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi (2021–2027)

Orizzont Ewropa

Indikatur	Linja bażi	Progress	Mira	Riżultati fil-31.12.2023	Valutazzjoni mill-Kummissjoni
Pubblikazzjonijiet xjentifiċi evalwati bejn il-pari taħt Orizzont Ewropa	0	2 %	179 000 fl-2030	2 843 meta mqabbel mal-mira ta' 179 000	Progress moderat

Sors: PPS ta' Orizzont Ewropa (AMPR 2023).

FNE 2021–2027

Indikatur	Linja bażi	Progress	Mira	Riżultati fil-31.12.2023	Valutazzjoni mill-Kummissjoni
L-għadd ta' punti ta' provvista ta' fjuwil alternattivi mibnija jew imtejba bl-appoġġ tal-programm	0	1 %	38 000 fl-2029	497 punt ta' provvista ta' fjuwil alternattiv minn 38 000	Fit-triq it-tajba

Sors: PPS tal-FNE 2021–2027 (AMPR 2023).

Għall-indikatur ta' Orizzont Ewropa, ma tantx tinftiehem malajr il-valutazzjoni ta' progress moderat mingħajr ma ssir referenza għall-mira tal-2023 ta' 5 100 li hija ppreżentata mill-Kummissjoni fil-PDTs li jappoġġaw l-abbozz ta' baġit għall-2025.

Għall-indikatur tal-FNE, il-valutazzjoni "fit-triq it-tajba" tidher ottimista meta mqabbla mal-mira tal-2029, u mal-mira intermedja ta' 12 000 għall-2026 fil-PDTs li jappoġġaw l-abbozz tal-baġit għall-2025.

Il-Kummissjoni tipprovdi dettalji dwar l-evoluzzjoni tal-indikatur fil-PDT u tistenna li jiżdied b'mod sinfikanti il-progress għaż-żewġ indikaturi.

3.68. Fil-każ ta' InvestEU, l-erba' indikaturi kollha b'miri stabbiliti skont ir-Regolament ġew ippreżentati fil-PPS, flimkien ma' erba' indikaturi oħra mingħajr miri stabbiliti, li jillimita l-possibbiltà li jiġi vvalutat il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-programm. L-istrumenti għal regolamentazzjoni aħjar jirrakkomandaw l-użu ta' valuri fil-mira spjegati sabiex il-valur tal-indikatur jitqiegħed f'kuntest.

Il-programmi ta' bħalissa jinsabu fil-bidċa l-kbira fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri, filwaqt li l-programmi mill-perjodu preċedenti kienu laħqu l-objettivi tagħhom parzjalment

3.69. Il-KPIs jipprovdu informazzjoni utli dwar il-progress u l-ilħuq tal-objettivi. Madankollu, l-identifikazzjoni tal-punt sa fejn l-azzjonijiet iffinanzjati indirizzaw il-ħtiġijiet fil-livell tal-UE ma tistax tiġi vvalutata biss abbażi ta' jekk l-indikaturi laħqux il-miri tagħhom. Din teħtieġ evalwazzjoni mill-Kummissjoni ladarba l-programm ikun ġie implimentat. Il-paragrafi li ġejjin jippreżentaw il-progress tal-indikaturi, abbażi tal-valutazzjoni li wettaqna tal-informazzjoni ppreżentata fil-PDTs, li f'ċerti każijiet kienet differenti mill-progress indikat mill-Kummissjoni (ara l-paragrafu ***3.65***).

Perjodu 2014-2020

3.70. Aħna eżaminajna wkoll xi wħud mill-indikaturi ta' Orizzont 2020 li ġew irrappurtati għall-aħħar darba fid-dokumenti ta' ħidma tal-abbozz tal-baġit għall-2022. Flimkien mal-PDTs li akkumpanjaw l-abbozz tal-baġit tal-2025, Orizzont 2020 ippreżenta 28 indikatur (l-***Anness 3.5***), li 16 (57 %) minnhom urew li l-mira ntlaħqet jew kienet fit-triq it-tajba biex tintlaħaq. Aħna nqisu li, mill-perspettiva tal-indikaturi rrappurtati, il-programm laħaq l-objettivi tiegħu parzjalment biss, b'mod partikolari billi wasal biex jitlesta. Tnejn biss mis-sitt objettivi tal-programm ("xjenza eċċellenti" u "Ċentru Konġunt tar-Riċerka") juru l-indikaturi kollha bħala "miksuba" jew "fit-triq it-tajba".

3.71. L-*evalwazzjoni ex post* għal Orizzont 2020 irrappurtat[46] li l-programm Orizzont 2020 kien "strumentali fit-trawwim ta' soċjetà u ekonomija msejsa fuq l-għarfien u l-innovazzjoni". Madankollu, hija tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li "filwaqt li Orizzont 2020 laħaq xi wħud mill-miri jew mill-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tiegħu, huwa ma laħaqhomx kollha kemm huma".

3.72. Għall-programm FNE għall-perjodu 2014–2020 li, bħal Orizzont 2020, qed joqrob lejn it-tlestija tiegħu, il-PDTs ippreżentaw 17-il indikatur (l-***Anness 3.5***, bi 11 (65 %) li x'aktarx ma jilħqux il-miri tagħhom, li juri li b'mod ġenerali l-programm ma laħaqx l-objettivi tiegħu. Tnejn biss mis-sitt objettivi tal-programm (missjonijiet pubbliċi, u networks moderni) juru l-indikaturi kollha tagħhom bħala milħuqa jew fit-triq it-tajba.

---

[46] "Evalwazzjoni *ex post* ta' Orizzont 2020, il-programm qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni" (SWD(2024) 29 final), pp. 93 u 97.

3.73. Ir-rapport ta' evalwazzjoni *ex post* huwa mistenni jiġi ppubblikat kmieni fl-2026. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu kkonkludiet[47] li r-Regolament FNE ma kellux KPIs rilevanti, iddefiniti sew u robusti.

Perjodu 2021–2027

3.74. Il-PDTs ippreżentaw 27 indikatur (l-***Anness 3.5***) għall-programm Orizzont Ewropa li indirizzaw 3 objettivi speċifiċi. Kull wieħed mill-objettivi speċifiċi kien jinkludi sitt indikaturi li jikkorrispondu għal perjodi ta' żmien medji u twal, u li għalihom id-*data* għadha mhijiex disponibbli. Dawn kienu indikaturi tar-riżultati u tal-impatt, u l-programm kien għadu fl-istadji bikrija tal-implimentazzjoni. Ħamsa (56 %) mid-disa' indikaturi rrappurtati jinsabu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri tagħhom. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu[48] tqis li l-programm jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq l-objettivi tiegħu.

3.75. Għall-programm FNE 2021–2027, il-PDTs ippreżentaw 16-il indikatur (l-***Anness 3.5***) li indirizzaw 3 objettivi speċifiċi, b'10 (63 %) mis-16 fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri tagħhom.

3.76. Fil-każ tal-programm InvestEU, il-PDTs ippreżentaw 59 indikatur (l-***Anness 3.5***) li indirizzaw 7 objettivi speċifiċi. Madankollu, minħabba n-natura tal-programm InvestEU li kienet xprunata mis-suq, 5 minn dawn l-objettivi speċifiċi, li kellhom total ta' 37 indikatur, ma kinux jinkludu miri li jridu jintlaħqu. Dan illimita l-possibbiltà li jiġi vvalutat il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-programm. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu mwettqa mill-Kummissjoni rrappurtat[49] li għal indikaturi bbażati fuq approvazzjonijiet għall-kuntrarju ta' żborżi (eż. Investiment mobilizzat), iċ-ċifri rrappurtati jirrappreżentaw aspettattivi aktar milli eżiti reali.

3.77. Fil-każ tal-Programm Spazjali tal-UE, il-PDTs ippreżentaw 34 indikatur (l-***Anness 3.5***) li jindirizzaw 6 objettivi speċifiċi, b'24 (71 %) mill-34 jinsabu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri tagħhom.

---

[47] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) (SWD(2018) 44 final/2), p. 15.

[48] "Commission Staff Working Document – Evaluation Interim Evaluation of the Horizon Europe Framework Programme for Research and Innovation (2021-2024)" (SWD(2025) 110 final), p. 97.

[49] Commission Staff Working document – InvestEU interim evaluation (SWD(2024) 228 final), p. 37.

Konklużjonijet u rakkomandazzjonijiet

3.78. Il-qafas tar-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-Kummissjoni kien stabbli u r-referenzi tal-Kummissjoni għall-prestazzjoni tal-Intestatura 1 tal-QFP fl-AMPR 2023 tagħha segwew l-istruzzjonijiet korporattivi. Aħna sibna inkonsistenzi żgħar fid-*data* rrappurtata (il-paragrafi ***3.44***-***3.46***).

3.79. B'mod ġenerali, l-indikaturi tal-prestazzjoni rrappurtati għaż-żewġ perjodi fil-PPSs kienu bbażati fuq il-prinċipju SMART. L-indikaturi ttejbu fil-perjodu 2021–2027 biex jindirizzaw aħjar il-firxa tal-prestazzjoni tal-programm, mill-input sal-impatt. Madankollu, il-FNE għadha ma tinkludix indikaturi tar-riżultati jew tal-impatt (il-paragrafu ***3.47***). F'ċerti każijiet, l-interpretazzjoni tal-indikaturi kienet diffiċli (il-paragrafi ***3.51*** u ***3.52***).

3.80. Kien hemm lakuni fit-traċċabbiltà tad-*data* li fuqha huma bbażati l-indikaturi tal-prestazzjoni, b'mod partikolari għal Orizzont 2020. Dan idgħajjef bil-kbir l-affidabbiltà tagħhom (il-paragrafu ***3.55***). Filwaqt li l-Kummissjoni tejbet il-mod li bih tali *data* ġiet iċċekkjata għal Orizzont Ewropa, aħna xorta sibna inkonsistenzi fid-*data* sottostanti (il-paragrafi ***3.53*** u ***3.57***-***3.58***).

3.81. L-indikaturi tal-prestazzjoni rrappurtati għall-Programm Spazjali tal-UE ma kinux rappreżentattivi bis-sħiħ tal-fehmiet tal-utenti tal-programm, u preċedentement irrakkomandajna li l-Kummissjoni tuża indikaturi tal-prestazzjoni xierqa (il-paragrafi ***3.60*** u ***3.61***).

3.82. Il-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress fil-kisba tal-KPIs fil-PPSs. Kellna fehma differenti tal-progress f'19 % tal-indikaturi inklużi fil-PPSs li kienu fil-kampjun. Għall-biċċa l-kbira minn dawn, aħna qisna li r-riżultati kienu qed jagħmlu progress inqas tajjeb mill-Kummissjoni (il-paragrafi ***3.63***-***3.67***). Għal InvestEU, 50 % tal-indikaturi ppreżentati fil-PPS ma kellhomx mira (il-paragrafu ***3.68***). Dan jillimita l-possibbiltà li jiġi vvalutat il-progress li sar lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-programm.

3.83. Kemm għal Orizzont 2020 kif ukoll għall-FNE 2014–2020, aħna nqisu li inqas minn nofs l-indikaturi tal-prestazzjoni juru li r-riżultati nkisbu jew jinsabu fit-triq it-tajba (il-paragrafi ***3.70***-***3.73***). Dawn iż-żewġ programmi waslu biex jitlestew.

3.84. Fil-każ tal-programmi għall-perjodu 2021–2027, u għall-indikaturi li għalihom hemm *data* disponibbli, il-progress li sar għal Orizzont Ewropa, il-FNE u l-Programm Spazjali tal-UE jinsab fit-triq it-tajba jew għamel progress moderat. Għal InvestEU, il-biċċa l-kbira mill-indikaturi ma kellhom l-ebda mira, u għalhekk ma jistgħux jintużaw biex jiġi vvalutat il-progress (il-paragrafu ***3.76***).

3.85. Abbażi tal-konklużjonijiet tagħna, aħna nagħmlu r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

Rakkomandazzjoni 3.1 – Tittejjeb aktar it-traċċabbiltà tad-*data* li tappoġġa r-rappurtar tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Sabiex ittejjeb aktar l-affidabbiltà tal-KPIs li hija tirrapporta fid-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi (PPSs), jenħtieġ li l-Kummissjoni tara li żgur ikun hemm rabta ċara u dokumentata bejn id-*data* tal-prestazzjoni sottostanti u l-ammonti rrappurtati fil-PPSs.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-AMPR 2025.

Rakkomandazzjoni 3.2 – Jittejjeb il-monitoraġġ tal-indikaturi

Biex tiffaċilità rappurtar aħjar dwar il-prestazzjoni matul l-implimentazzjoni tal-programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi aktar minn stadju importanti wieħed matul il-perjodu ta' programmazzjoni għal dawk l-indikaturi fejn il-kejl tal-progress intermedju huwa rilevanti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: meta tirrapporta dwar il-prestazzjoni tal-QFP li jmiss.

Rakkomandazzjoni 3.3 – Ittejjeb il-valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Biex ittejjeb il-valutazzjoni li twettaq fuq il-progress li jsir fl-ilħuq tal-miri tal-KPI inklużi fil-PPS, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġġustifika l-valutazzjonijiet li jserrħu fuq informazzjoni li ma tkunx *data* vvalidata.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-AMPR 2025.

Parti 3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem l-2021

3.86. Din il-parti tipprovdi informazzjoni dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE li jkopri s-sena finanzjarja 2021.

3.87. Ir-rapport kien fih żewġ rakkomandazzjonijiet, b'kull rakkomandazzjoni maqsuma fi tliet sottorakkomandazzjonijiet. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet u s-sottorakkomandazzjonijiet ġew indirizzati lill-Kummissjoni u ġew aċċettati.

3.88. Wettaqna rieżaminar biex nivvalutaw il-livell sa fejn ġew indirizzati d-dgħufijiet identifikati. Tnejn mis-sitt sottorakkomandazzjonijiet kienu dovuti din is-sena. Aħna vvalutajna li waħda kienet ġiet implimentata bis-sħiħ filwaqt li l-oħra kienet ġiet implimentata fil-biċċa l-kbira mill-aspetti. L-erba' sottorakkomandazzjonijiet li kien fadal kellhom id-dati fil-mira tagħhom marbuta mat-tħejjija tal-QFP ta' wara l-2027, li kien għadu għaddej fiż-żmien meta wettaqna l-awditu. Għal tlieta minn dawn, stajna nivvalutaw il-progress li sar lejn l-implimentazzjoni u sibna li dawn diġà kienu ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

3.89. Il-Kummissjoni tqis li s-sistema kontabilistika l-ġdida SUMMA toffri modi tekniċi aħjar ta' traċċar tan-nefqa relatata mal-prijoritajiet orizzontali. Għall-QFP li jmiss, u qabel ma tespandi t-traċċar ta' tali nefqa, il-Kummissjoni beħsiebha tivvaluta r-rilevanza kif ukoll il-kostijiet u l-benefiċċji ta' kwalunkwe żvilupp ġdid tal-IT. Bħalissa, u b'mod konsistenti mar-rekwiżiti legali li fuqhom huma bbażati l-programmi rilevanti, huwa biss l-infiq fuq il-klima li qed jiġi ttraċċat u rrappurtat b'mod awtomatizzat mis-sistema kontabilistika. Għall-prijoritajiet orizzontali l-oħra, bħall-bijodiversità, id-diġitali u l-ġeneru, il-Kummissjoni tiddependi fuq *data* introdotta manwalment. Dan huwa proċess li jieħu ħafna ħin u suxxettibbli għall-iżbalji. L-***Anness 3.6*** jagħti ħarsa ġenerali lejn l-istatus ta' implimentazzjoni taż-żewġ rakkomandazzjonijiet.

Annessi

Anness 3.1 – Diskussjoni tar-rapporti speċjali fil-kumitati tal-Parlament Ewropew

Numru tar-rapport	Titolu tar-rapport	Kumitat
RS 01/2024	It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-karozzi tal-passiġġieri	ENVI
RS 02/2024	Ir-rwol ta' koordinazzjoni li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jaqdi	CONT, AFET
RS 03/2024	L-istat tad-dritt fl-UE	CONT, BUDG, LIBE DRFMG
RS 04/2024	L-ilħuq tal-objettivi tas-sikurezza fit-toroq tal-UE	TRAN
RS 05/2024	Reġistru tat-Trasparenza tal-UE	CONT
RS 06/2024	Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija	CONT
RS 07/2024	Is-sistemi tal-Kummissjoni għall-irkupru tan-nefqa irregolari tal-UE	CONT
RS 08/2024	L-ambizzjoni tal-UE f'dak li jikkonċerna l-Intelliġenza artifiċjali	IMCO, LIBE
RS 09/2024	Is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-UE	
RS 10/2024	Ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali fl-UE	IMCO, CULT
RS 11/2024	Il-politika industrijali tal-UE dwar l-idroġenu rinnovabbli	
RS 12/2024	Ir-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19	SANT
RS 13/2024	Assorbiment ta' fondi mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	CONT, REGI
RS 14/2024	Tranżizzjoni ekoloġika	CONT, BUDG
RS 15/2024	L-adattament għat-tibdil fil-klima fl-UE	CONT, ENVI
RS 16/2024	Id-dħul tal-UE bbażat fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik	BUDG

Numru tar-rapport	Titolu tar-rapport	Kumitat
RS 17/2024	Il-fond fiduċjarju tal-UE għall-Afrika	CONT, DEVE, LIBE
RS 18/2024	Appoġġ finanzjarju mill-UE għas-sistemi tas-saħħa f'pajjiżi sħab magħżula	
RS 19/2024	Il-biedja organika fl-UE	AGRI
RS 20/2024	Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni	CONT, AGRI, ENVI
RS 21/2024	L-*għajnuna mill-Istat* fi żminijiet ta' kriżi	
RS 22/2024	Finanzjament doppju mingħand il-baġit tal-UE	CONT, BUDG
RS 23/2024	It-tikkettar tal-ikel fl-UE	ENVI
RS 24/2024	Iċ-Ċivil tal-UE	CONT, BUDG
RS 25/2024	Diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa	SANTE
RS 26/2024	L-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE	
RS 27/2024	Ġlieda kontra reġimi tat-taxxa dannużi u kontra evitar tat-taxxa korporattiva	FISC
RS 28/2024	Infurzar tad-dritt tal-UE	PETI

Sors: il-QEA, data ta' waqfien 31 ta' Mejju.

Anness 3.2 – Eżempji ta’ azzjonijiet bikrija meħuda mill-Kummissjoni wara r-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti speċjali tal-QEA għall-2024

Ir-rispons tal-UE għall-irkupru wara l-kriżi

Ippubblikat f’Ottubru 2024 u relatat mal-assorbiment tal-fondi tal-RRF, l-Anness V tar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-RRF għamel żewġ affarijiet: kompla jiċċara l-kunċett ta’ *riċevituri finali* skont ir-Regolament dwar l-RRF, u ta dettalji dwar il-kamp ta’ applikazzjoni tad-*data* ppubblikata dwar il-100 riċevitur finali li rċevew l-ogħla ammont ta’ finanzjament biex jimplimentaw il-miżuri tal-RRF. Id-*data* dwar pagamenti ġodda, *stadji importanti* u *miri* milħuqa, u r-riċevituri finali ġiet ippubblikata fit-Tabella ta’ Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Iż-żieda fil-kompetittività ekonomika tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha

F’Settembru 2024, il-Kummissjoni adottat gwida dwar il-miri tal-konsum tal-fjuwils rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika fis-setturi tal-industrija u tat-trasport, kif ukoll erba’ dokumenti ta’ gwida biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u fl-implimentazzjoni tad-direttivi riveduti dwar l-enerġija rinnovabbli u l-*effiċjenza* enerġetika.

Ir-rapport ta’ rieżami tal-programm ta’ sħubija għall-idroġenu nadifġie ppubblikat f’Novembru 2024.

Wara l-proposti tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill adottaw id-Direttiva biex isaħħu l-infurzar transfruntier tar-regoli tat-traffiku fit-toroq f’Diċembru 2024.

F’Marzu 2025, ġiet adottata komunikazzjoni dwar unjoni tal-ħiliet, bir-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki fis-suq uniku kollu bħala wieħed mill-objettivi tagħha. Barra minn hekk, fl-2025 huwa previst Rapport ta’ Implimentazzjoni fuq id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali.

Ir-reżiljenza fil-konfront ta’ theddid għas-sigurtà tal-UE u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt

F’Mejju 2024, il-Kummissjoni ffinalizzat l-analiżi dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Polonja tagħha u qieset li ma kienx għad hemm riskju ċar ta’ ksur serju tal-istat tad-dritt. F’Diċembru 2024, il-Kummissjoni qieset li l-Ungerija ma kinitx indirizzat biżżejjed il-ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt, u għalhekk iżżomm il-miżuri fis-seħħ biex tipproteġi l-baġit tal-UE.

F'Diċembru 2024, il-Kummissjoni adottat żewġ deċiżjonijiet dwar miżuri ta' trasparenza. L-ewwel waħda tikkonċerna laqgħat li saru bejn il-Membri tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, u t-tieni tikkonċerna laqgħat li saru bejn il-persunal tal-Kummissjoni li jeżerċita funzjonijiet maniġerjali u r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess.

Tibdil fil-klima, ambjent u riżorsi naturali

Fir-rigward tal-RRF u l-kontribut tagħha għat-tranżizzjoni ekoloġika, u wara r-rakkomandazzjonijiet tagħna, il-Kummissjoni aġġornat il-gwida dwar il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'Lulju 2024, u ħarġet komunikazzjoni fi Frar 2025: Il-perkors lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

F'Marzu 2025, il-Kummissjoni ħarġet gwida teknika "*la tagħmilx ħsara sinifikanti*" taħt ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima.

F'Diċembru 2024 u fil-qasam tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-Kummissjoni ħarġet studju ta' appoġġ dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ħtiġijiet ta' investiment transfruntier biex jitwettaq in-network TEN-T. Fi Frar 2025, il-Kummissjoni ħarġet rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar l-Għargħar.

Iffinanzjat mill-Kummissjoni, l-istudju bl-isem ta' "Rough estimate of the climate change mitigation potential of the *CAP Strategic Plans* (EU-18) over the 2023-2027 period" kien ippubblikat f'Novembru 2024.

Il-Kummissjoni adottat leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-proċeduri għall-verifikazzjoni fi ħdan is-servizz tal-emissjonijiet ta' CO_2 għall-karozzi u l-vannijiet fi tmiem l-2023. Fl-2024, il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel rapport tagħha u dokument ta' ħidma tal-persunaldwar l-emissjonijiet fid-dinja reali minn vetturi ħfief, kif ukoll data mid-dinja reali li ġabret fl-2021 u l-2022.

Fi Frar 2025, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività u l-attraenza tas-settur agroalimentari: Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel.

Il-politika fiskali u l-finanzi pubbliċi

F'Settembru 2024, ġie adottat ir-*Regolament Finanzjarju (riformulat)*, li jallinjah mal-pakkett ta' regoli tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027, iwettaq titjib relatat mal-ġestjoni tal-kriżijiet, u jkompli jsaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

F'Ottubru 2024, fl-Anness IV tar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-RRF, il-Kummissjoni ċċarat aktar il-kunċett ta' finanzjament doppju taħt l-RRF.

F'Ottubru 2024 ukoll, l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) ippubblika sejħa għall-offerti għall-għażla ta' kuntrattur(i) ġdid/ġodda għat-twassil ta' testijiet ibbażati fuq il-kompjuter. Sistema ġdida ta' applikazzjonijiet ta' kompetizzjoni tal-EPSO – il-Portal Uniku tal-Kandidati – ilha fis-seħħ mill-bidu tal-2025.

Anness 3.3 – Intestatura 1 tal-QFP – Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali għall-perjodu 2021–2027 (f'impenji)

EUR miljun fi prezzijiet tal-2018

Programm	Baġit	Fondi addizzjonali*	Total
1. Riċerka u Innovazzjoni	**83 159**	**8 500**	**91 659**
Orizzont Ewropa	76 400	8 500	84 900
Riċerka u Taħriġ tal-Euratom	1 757		1 757
Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)	5 000		5 000
Oħrajn	2		2
2. Investimenti Strateġiċi Ewropej	**29 366**	**6 600**	**35 966**
InvestEU	2 800	6 600	9 400
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Trasport	11 384		11 384
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Enerġija	5 180		5 180
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Diġitali	1 832		1 832
Programm Ewropa Diġitali	6 761		6 761
Oħrajn	146		146
Aġenziji deċentralizzati	1 263		1 263
3. Suq Uniku	**5 861**		**5 861**
Programm għas-Suq Uniku (inkluż COSME)	3 735		3 735
Programm tal-UE Kontra l-Frodi	161		
Kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (FISCALIS)	239		
Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (CUSTOMS)	843		
Oħrajn	72		72
Aġenziji deċentralizzati	811		811
4. Spazju	**13 443**		**13 443**
Programm Spazjali tal-UE	13 202		13 202
Aġenziji deċentralizzati	241		241
MARĠNI	952		952
Total tal-baġit tal-Intestatura 1 tal-QFP	**132 781**		**147 881**

* Barra mill-fondi tal-baġit tal-UE permezz tal-NGEU jew tal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-RRF.

Sors: il-Kummissjoni Ewropea, Multiannual Financial Framework 2021-2027 (in commitments) – 2018 prices.

Anness 3.4 – L-istruttura tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi

Programm	Mod ta' implimentazzjoni	DĠ ewlieni	DĠs assoċjati
Orizzont 2020 Orizzont Ewropa	Għaż-żewġ programmi: - *Ġestjoni diretta* mid-Direttorati Ġenerali, permezz ta' aġenziji eżekuttivi, u mill-JRC; - Ġestjoni indiretta permezz ta' sħubijiet Ewropej u permezz tal-EIT, l-ESA, l-Aġenzija tal-GNSS Ewropea, eċċ.	RTD	AGRI, CLIMA, CNECT, DEFIS, EAC, EMPL, ENER, ENV, GROW, HOME, MARE, MOVE, SANTE, JRC
FNE 2014–2020 FNE 2021–2027	Ġestjoni diretta mis-*CINEA* għas-setturi tat-Trasport u l-Enerġija, u mill-HADEA għas-settur diġitali.	MOSSA, CNECT, ENER	
InvestEU	Ġestjoni indiretta permezz tal-*Grupp tal-BEI* u sħab oħra ta' implimentazzjoni u ta' konsulenza.	ECFIN/GROW	
Spazju tal-UE	Prinċipalment ġestjoni indiretta mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi kif ukoll entitajiet fdati oħra.	DEFIS	

Sors: id-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi tal-Kummissjoni.

Anness 3.5 – L-istatus tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fil-31.12.2023, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa mill-QEA

Orizzont 2020

Objettiv speċifiku	Valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni					Total
	Milħuq	Fit-triq it-tajba	Progress moderat	Jistħoqqlu attenzjoni	L-ebda mira	
Soċjetà u ekonomija bbażati fuq l-għarfien u l-innovazzjoni	-	-	1	1	1	3
Xjenza eċċellenti	1	4	-	-	-	5
Tmexxija industrijali	1	3	-	1	2	7
Sfidi tas-soċjetà	-	2	1	1	3	7
Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija	-	3	1	-	-	4
Ċentru Konġunt tar-Riċerka	-	2	-	-	-	2
Total	**2**	**14**	**3**	**3**	**6**	**28**
	7 %	**50 %**	**11 %**	**11 %**	**21 %**	

Sors: il-QEA, abbażi tat-tabelli tad-*data* dwar il-prestazzjoni mill-abbozz tal-bażit għall-2022 u l-2025.

Orizzont Ewropa

Objettiv speċifiku	Valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni				Total
	Fit-triq it-tajba	Progress moderat	L-ebda mira	Ebda data	
Xjentifiku	-	3	-	6	9
Teknoloġiku u ekonomiku	3	-	-	6	9
Soċjetali	2	-	1	6	9
Total	**5**	**3**	**1**	**18**	**27**
	56 %	**33 %**	**11 %**		

Sors: il-QEA, abbażi tat-tabelli tad-*data* dwar il-prestazzjoni mill-abbozz tal-bażit tal-2025.

FNE 2014–2020

Objettiv speċifiku	Valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni				Total
	Milħuq	Fit-triq it-tajba	Progress moderat	Jistħoqqlu attenzjoni	
Interoperabbiltà	-	-	-	6	6
Trasport effiċjenti	-	-	-	3	3
Żieda fil-kompetittività	-	1	1	-	2
Provvista tal-enerġija	-	1	1	-	2
Missjonijiet pubbliċi	1	1	-	-	2
Networks moderni	1	1	-	-	2
Total	**2**	**4**	**2**	**9**	**17**
	12 %	**24 %**	**12 %**	**53 %**	

Sors: il-QEA, abbażi tat-tabelli tad-*data* dwar il-prestazzjoni mill-abbozz tal-baġit tal-2025.

FNE 2021–2027

Objettiv speċifiku	Valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni			Total
	Fit-triq it-tajba	Progress moderat	Jistħoqqlu attenzjoni	
Trasport	4	-	3	7
Enerġija	3	2	-	5
Diġitali	3	1	-	4
Total	**10**	**3**	**3**	**16**
	63 %	**19 %**	**19 %**	

Sors: il-QEA, abbażi tat-tabelli tad-*data* dwar il-prestazzjoni mill-abbozz tal-baġit tal-2025.

InvestEU

Objettiv speċifiku	Valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni		Total
	Fit-triq it-tajba	L-ebda mira	
Appoġġ għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali ta' InvestEU	5	16	21
Appoġġ għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment fl-infrastruttura sostenibbli	0	15	15
Appoġġ għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment fir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni […]	0	2	2
Żieda fl-aċċess u d-disponibbiltà ta' finanzjament għall-*SMEs* u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja […]	0	9	9
Żieda fl-aċċess u d-disponibbiltà tal-mikrofinanzjament u finanzjament għall-intrapriżi soċjali, appoġġ għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment relatati mal-investiment soċjali, il-kompetenzi u l-ħiliet, u l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tas-swieq tal-investiment soċjali	0	10	10
Taħt iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU, għoti ta' appoġġ konsultattiv għall-identifikazzjoni, it-tħejjija u l-iżvilupp tal-proġetti ta' investiment lill-kontropartijiet pubbliċi u privati.	0	1	1
Ħolqien ta' portal elettroniku tal-InvestEU disponibbli għall-pubbliku ta' promoturi ta' proġetti bbażati fl-UE	1	0	1
Total	**6**	**53**	**59**
	10 %	**90 %**	

Sors: il-QEA, abbażi tat-tabelli tad-*data* dwar il-prestazzjoni mill-abbozz tal-bagit tal-2025.

Programm Spazjali tal-UE

Objettiv speċifiku	Valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni					Total
	Fit-triq it-tajba	Progress moderat	Jistħoqqlu attenzjoni	L-ebda mira	Ebda data	
Servizzi siguri ta' pożizzjonament, navigazzjoni u determinazzjoni tat-twaqqit	15	-	-	-	1	16
Data preċiża u affidabbli dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja	4	-	2	2	-	8
Monitoraġġ, traċċar u identifikazzjoni ta' oġġetti spazjali u ta' residwi spazjali	5	-	-	-	-	5
Servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita affidabbli, siguri u kosteffettivi	-	-	-	-	2	2
Kapaċità sigura u kosteffiċjenti ta' aċċess għall-ispazju	-	-	1	-	-	1
Trawwim tal-iżvilupp ta' ekonomija spazjali tal-UE b'saħħitha	-	-	-	1	1	2
Total	**24**	**-**	**3**	**3**	**4**	**34**
	71 %	**0 %**	**9 %**	**9 %**	**12 %**	

Sors: il-QEA, abbażi tat-tabelli tad-*data* dwar il-prestazzjoni mill-abbozz tal-baġit tal-2025.

Anness 3.6 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għar-“Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem l-2021”

Livell ta’ aċċettazzjoni: aċċettata; aċċettata parzjalment; mhux aċċettata; l-ebda informazzjoni.

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata; ma tistax tinsilet konklużjoni jew ma għadhiex rilevanti.

Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta’ aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti
Integrazzjoni aħjar tal-prijoritajiet ta’ politika orizzontali fil-qafas tal-prestazzjoni Filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-ispiża u l-fattibbiltà tal-approċċ tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb l-integrazzjoni tal-prijoritajiet ta’ politika orizzontali fil-qafas ta’ prestazzjoni billi: **Rakkomandazzjoni 1(a):** tagħti segwitu għar-riżultati tal-proġett pilota tagħha dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni tal-effetti li l-infiq tal-baġit għandu fuq il-prijoritajiet orizzontali u, abbażi tal-konklużjonijiet li jinsiltu, timplimenta miżuri xierqa;			Id-data mmirata għall-implimentazzjoni hija meta tħejji l-QFP ta’ wara l-2027. Il-Kummissjoni inkludiet taqsima dwar il-prijoritajiet orizzontali fl-Anness I tal-AMPR tal-2023. Barra minn hekk, għar-rappurtar dwar il-klima, il-Kummissjoni ħarġet it-tielet rapport tal-impatt annwali dwar il-bonds ekoloġiċi tan-*NextGenerationEU* f’Novembru 2024. Il-Kummissjoni qed tippjana li twettaq aktar xogħol fuq l-aggregazzjoni tal-indikaturi fil-livell tal-baġit tal-UE fil-kuntest tat-tħejjija għall-QFP li jmiss.

Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
Rakkomandazzjoni 1(b): tirfina l-metodoloġija għat-traċċar tal-infiq fuq il-ġeneru, tqawwi l-kriterji minimi għall-attribuzzjoni ta' punteġġi użati bħala indikaturi tal-ġeneru tal-UE u, fi proposti leġiżlattivi futuri tinkorpora fil-programmi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;	✓		Id-data mmirata għall-implimentazzjoni hija meta tħejji l-QFP ta' wara l-2027. Id-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi li jakkumpanjaw l-AMPR tal-2023 jinkludu l-informazzjoni diżaggregata skont il-ġeneru rilevanti disponibbli għal kull programm. It-tisħiħ tal-metodoloġija ta' traċċar tal-ġeneru qed jitwettaq fil-kuntest tat-tħejjija tal-QFP li jmiss.
Rakkomandazzjoni 1(c): tanalizza jekk u tiddeċiedi kif tittraċċa l-infiq biex tappoġġa t-tranżizzjoni diġitali u l-SDGs.	✓		Id-data mmirata għall-implimentazzjoni hija meta tħejji l-QFP ta' wara l-2027. Fl-AMPR tal-2022 u tal-2023, il-Kummissjoni rrappurtat dwar il-kontribuzzjoni baġitarja stmata tad-diversi programmi ta' nfiq tal-UE għall-aġenda diġitali tal-UE. Għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, il-PPSs tal-Kummissjoni ma rrappurtawx in-nefqa, iżda pjuttost ippreżentaw eżempji ta' kontribuzzjoni għal kull wieħed mill-għanijiet. Il-Kummissjoni qed tippjana li tkompli tanalizza t-traċċar tan-nefqa diġitali u l-SDGs fil-QFP li jmiss, meta tħejji l-QFP ta' wara l-2027.

Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
Tisħiħ tar-rappurtar dwar prijoritajiet ta' politika orizzontali fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni u d-*dikjarazzjonijiet tal-programmi* Biex ittejjeb l-affidabbilità tal-informazzjoni rrappurtata fil-*Pakkett Integrat ta' Rappurtar Finanzjarju u ta' Obbligu ta' Rendikont* dwar il-prijoritajiet ta' politika orizzontali kemm għal programmi individwali kif ukoll għall-baġit tal-UE fl-intier tiegħu, jenħtieġ li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 2(a):** kemm jista' jkun, tippreżenta informazzjoni finanzjarja kif ukoll mhux finanzjarja li tkun preċiża dwar prijoritajiet ta' politika orizzontali fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni;	✓		Sabiex tinkludi u ttejjeb ir-rappurtar dwar il-prijoritajiet orizzontali, il-Kummissjoni aġġornat l-istruzzjonijiet tagħha għat-tħejjija tal-abbozz tal-baġit u d-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi tagħha. Madankollu, il-proċess biex tiġi żgurata l-affidabbiltà tad-*data* sottostanti mhuwiex kompletament awtomatizzat u jiddependi sostanzjalment fuq l-input manwali.
Rakkomandazzjoni 2(b): tirrapporta kemm fl-AMPR kif ukoll fid-dikjarazzjonijiet tal-programmi dwar l-użu ta' nfiq li jikkontribwixxi għal diversi prijoritajiet ta' politika orizzontali fl-istess ħin, biex tenfasizza aħjar is-sinerġiji bejn tali politiki u tiżviluppa s-sistema kontabilistika ġdida futura tagħha biex titraċċa l-fondi;	✓		Id-data mmirata għall-implimentazzjoni hija r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni 2023, ħlief għas-sistema kontabilistika futura, li jenħtieġ li tkun implimentata għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Ir-rappurtar dwar il-prijoritajiet orizzontali u s-sinerġiji bejniethom tjiebu fl-AMPR tal-2023. Madankollu, fir-rigward tar-rappurtar għall-QFP li jmiss, il-Kummissjoni qed tippjana li tivvaluta r-rilevanza u twettaq analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji ta' kwalunkwe titjib ulterjuri fis-sistema kontabilistika l-ġdida tagħha flimkien ma' kwalunkwe rekwiżit ta' rappurtar addizzjonali għar-riċevituri tal-baġit tal-UE.

Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
		Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
Rakkomandazzjoni 2(c): tirrapporta fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni dwar l-infiq totali rilevanti tal-baġit li jkun ġie identifikat li kellu impatt pożittiv fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.	✓		Ir-rappurtar dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-AMPR tal-2023 kien jinkludi kemm ammonti aggregati kif ukoll punteġġ tal-programmi b'intervent għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Sors: il-QEA.

Kapitolu 4

Dħul

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**4.1. - 4.8.**
Deskrizzjoni qasira	4.2. - 4.3.
Ambitu u approċċ tal-awditu	4.4. - 4.8.
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**4.9.**
Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern	**4.10. - 4.35.**
Il-Kummissjoni għalqet iċ-*ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING* 2020–2024 kif ippjanat	4.11. - 4.13.
Ix-xogħol ta' verifikazzjoni tal-Kummissjoni fuq l-ING huwa milqut minn dewmien min-naħa tal-Istati Membri	4.14. - 4.15.
Kien hemm tnaqqis aċċellerat fl-għadd ta' *riżervi tal-VAT* u ta' *punti miftuħa tar-RPT*, iżda għad hemm problemi li ilhom pendenti	4.16. - 4.18.
Għadna nsibu dgħufijiet fil-ġestjoni u l-kontabbiltà tal-Istati Membri għar-RPT	4.19. - 4.23.
Id-*data* dwar il-plastik ipprovduta mill-Istati Membri mhijiex konformi bis-sħiħ mar-regoli tal-UE	4.24. - 4.26.
Hemm riskji ta' dewmien fl-implimentazzjoni tar-riforma doganali tal-UE	4.27. - 4.30.
Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tas-sistema simplifikata tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT ma kinitx tinkludi l-impatt fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri	4.31. - 4.35.
Rapporti annwali tal-attività	**4.36. - 4.37.**
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	**4.38. - 4.41.**
Konklużjoni	4.38. - 4.39.
Rakkomandazzjonijiet	4.40. - 4.41.

Annessi

Anness 4.1 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

Anness 4.2 — Għadd ta' riżervi tal-ING, ta' riżervi tal-VAT, ta' riżervi tal-plastik u ta' punti miftuħa tar-RPT, li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2024, skont l-Istat Membru

Anness 4.3 — Il-proċess ta' tfassil tar-rapporti dwar ir-RPT rigward id-dazji (kemm dawk li nġabru kif ukoll dawk li għadhom ma nġabrux) u d-dħul tagħhom fil-kontijiet tal-UE u fil-baġit tagħha

Anness 4.4 — L-impatt nett tal-iffriżar tar-rata medja ponderata fil-valuri tagħha tal-2016 (li jirrifletti bidliet kemm fil-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-VAT kif ukoll dawk ibbażati fuq l-ING)

Introduzzjoni

4.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għad-dħul, li jinkludi l-erba' kategoriji differenti ta' *riżorsi proprji*, dħul ieħor, u ammonti mislufa għall-finanzjament tan-nefqa taħt in-*NextGenerationEU* (NGEU). Il-***Figura 4.1*** tagħti diżaggregazzjoni tad-dħul fl-2024.

Figura 4.1 — Dħul — Diżaggregazzjoni fl-2024 (*)

(biljun EUR)



(*) It-total ta' EUR 250.6 biljun jirrappreżenta d-dħul tal-UE fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-bażit għall-2024 li huma bbażati fuq regoli modifikati tal-kontabbiltà abbażi tal-ħlasijiet. L-ammont ta' EUR 175.8 biljun ippreżentat fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja għall-2024 huwa kkalkulat bl-użu tal-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti. Ir-rikavati mit-teħid b'self għall-finanzjament tal-NGEU huma inklużi bħala dħul fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-bażit, f'konformità mar-Regolament 2020/2094[1], iżda mhumiex inklużi bħala dħul fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja f'konformità mar-regoli kontabilistiċi.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* mill-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

[1] Ir-Regolament (UE) 2020/2094 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19.

Deskrizzjoni qasira

4.2. Fl-2024, 56 % tad-dħul tal-UE ġie mir-riżorsi proprji[2]:

(a) ir-***riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ibbażata fuq l-ING)*** tipprovdi 36 % tad-dħul tal-UE, u tibbilanċja l-baġit tal-UE wara li d-dħul mis-sorsi l-oħra kollha jkun ġie kkalkulat. Kull Stat Membru jikkontribwixxi b'mod proporzjonat għall-ING tiegħu;

(b) ir-***riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (ibbażata fuq il-VAT)*** tipprovdi 9 % tad-dħul tal-UE. Hija tikkorrispondi għal perċentwal li jiġi impost fuq l-irċevuti tal-VAT tal-Istati Membri;

(c) ir-***riżorsi proprji tradizzjonali (RPT)*** jipprovdu 8 % tad-dħul tal-UE. Huma jinkludu d-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet li jinġabru mill-Istati Membri. Il-baġit tal-UE jirċievi 75 % tal-ammont totali; l-Istati Membri jżommu l-25 % li jifdal biex ikopru l-kostijiet tal-ġbir;

(d) ir-***riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik (riżorsa proprja tal-plastik)*** tipprovdi 3 % tad-dħul tal-UE. Din tiġi kkalkulata bl-applikazzjoni ta' rata uniformi fuq il-ponderazzjoni tal-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat f'kull Stat Membru.

4.3. L-ammonti mislufa biex jiġi ffinanzjat l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli mogħti lill-Istati Membri fil-kuntest tal-NGEU jipprovdu 29 % tad-dħul tal-UE. Sorsi sinifikanti oħra jinkludu kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet marbuta ma' ftehimiet u *programmi* tal-UE, li jipprovdu 11 % tad-dħul tal-UE. Dawn jinkludu l-irkupri mill-Istati Membri fl-oqsma ta' "Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri" u "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali", kif ukoll il-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi mhux tal-UE għal programmi u attivitajiet tal-UE.

[2] Id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

Ambitu u approċċ tal-awditu

4.4. L-objettiv tagħna huwa li nipprovdu opinjoni dwar it-*tranżazzjonijiet* tad-dħul u li nikkontribwixxu għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni*. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna:

(a) *kampjun rappreżentattiv* ta' 65 *ordni ta' rkupru* tal-Kummissjoni (inklużi 10 ordnijiet ta' rkupru rigward għotjiet taħt l-NGEU);

(b) is-sistemi tal-Kummissjoni:

  (i) biex jiġi vverifikat li d-*data* tal-Istati Membri dwar l-ING, il-VAT u l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik tikkostitwixxi bażi xierqa għall-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji;

  (ii) biex jiġi vverifikat li l-Istati Membri għandhom sistemi effettivi għall-ġbir, ir-rappurtar, u l-ħlas tal-ammonti korretti tar-RPT lill-baġit tal-UE;

  (iii) għall-kalkolu tal-ammonti li jirriżultaw mill-aġġustamenti tar-riżorsi proprji;

(c) is-sistemi għall-ġestjoni u l-kontabbiltà tar-RPT fi tliet Stati Membri (iċ-Ċekja, l-Italja u l-Iżvezja), magħżula abbażi kemm tal-ammont ta' dazji doganali li huma għamlu disponibbli għall-baġit tal-UE kif ukoll abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju li wettaqna aħna stess;

(d) l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar ir-*regolarità* tar-riżorsi proprji pprovduta fir-*rapporti annwali tal-attività* tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (DĠ BUDG) u tal-Eurostat.

4.5. Il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi tal-Kummissjoni għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING, il-VAT u l-plastiks hija bbażata fuq l-istatistika u d-*data* pprovduti mill-Istati Membri u vverifikati mill-Kummissjoni.

4.6. Għar-RPT, xi dazji doganali ma jiġux iddikjarati mill-importaturi jew jiġu ddikjarati b'mod skorrett lill-awtoritajiet doganali nazzjonali, u dan iwassal għal diskrepanza fid-dazji tal-importazzjoni miġbura — in-"*nuqqas doganali*". Din id-diskrepanza ma tinqabadx fis-sistemi kontabilistiċi tar-RPT tal-Istati Membri u ma taqax fl-ambitu tal-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar ir-regolarità tad-dħul. Madankollu, peress li n-nuqqas doganali jaf jolqot l-ammonti ta' dazji miġbura mill-Istati Membri, aħna nkomplu nivvalutaw l-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE biex tnaqqas in-nuqqas doganali u timmitiga r-riskju li r-RPT ma jkunux kompleti.

4.7. F'Mejju 2023, il-Kummissjoni għamlet proposta leġiżlattiva għal riforma doganali tal-UE[3]. Eżaminajna l-progress li l-Kummissjoni għamlet hija u tħejji biex timplimenta r-riforma bi tqabbil mal-istadji importanti deskritti fil-qosor fil-proposta tagħha. Ma għadniex nagħtu segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni Doganali[4] tal-Kummissjoni ta' Settembru 2020, billi l-Kummissjoni rabtet il-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet pendenti li jinsabu fih mal-proposta għal riforma doganali u waqqfet ir-rappurtar intern tagħha dwaru.

4.8. Eżaminajna wkoll ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT[5] wara li din is-sistema ġiet issimplifikata fl-2021. L-objettiv tagħna kien li nivvalutaw jekk ir-rapport kienx jirrifletti bis-sħiħ l-impatt ta' din is-simplifikazzjoni.

---

[3] COM(2023) 258.

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Unjoni Doganali tittieħed għal-Livell li Jmiss: Pjan ta' Azzjoni" (COM(2020) 581), it-28 ta' Settembru 2020.

[5] COM(2024) 569.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

4.9. Din it-taqsima tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħna dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet tad-dħul li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE. Ibbażajna l-konklużjoni tagħna fuq l-eżaminar li wettaqna ta' kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet tad-dħul u fuq il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi tal-Kummissjoni għall-verifika, il-kalkolu u l-ġbir tad-dħul. L-eżaminar li wettaqna ta' kampjun ta' 65 ordni ta' rkupru żvela li l-ebda waħda minnhom ma kienet milquta minn *żball kwantifikabbli*.

Eżaminar ta’ elementi tas-sistemi ta’ kontroll intern

4.10. Eżaminajna għadd ta’ sistemi ta’ kontroll (ara l-paragrafu ***4.4***). L-osservazzjonijiet tagħna dwar dawk is-sistemi ma jolqtux l-opinjoni tagħna dwar ir-regolarità tad-dħul tal-UE (ara l-***Kapitolu 1***). Madankollu, tabilħaqq jiġbdu l-attenzjoni għal dgħufijiet fil-ġbir ta’ kategoriji individwali ta’ riżorsi proprji. B’żieda ma’ dan, osservajna dgħufijiet fl-azzjoni li ttieħdet mill-UE biex tnaqqas in-nuqqas doganali u timmitiga r-riskju li r-RPT ma jkunux kompleti.

Il-Kummissjoni għalqet iċ-*ċiklu ta’ verifikazzjoni tal-ING* 2020–2024 kif ippjanat

4.11. Fil-proċess pluriennali tagħha, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-Istati Membri jikkumpilawx il-kontijiet nazzjonali tagħhom f’konformità mar-rekwiżiti legali[6] u jekk id-*data* tal-ING hijiex affidabbli, eżawrjenti u kumparabbli[7]. Aħna sibna, abbażi ta’ kampjun ta’ sitt Stati Membri, li l-Kummissjoni segwiet l-iskeda ta’ żmien u l-proċeduri stabbiliti għaċ-ċiklu ta’ verifikazzjoni (ara l-***Figura 4.2***).

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea.

[7] Ir-Regolament (UE) 2019/516 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq.

Figura 4.2 — Iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING 2020–2024



(*) Riżultati tal-Valutazzjoni tar-riskju:

	Żjarat ta' informazzjoni *żjarat minimi*	**Verifikazzjonijiet diretti** *verifikazzjonijiet minimi*
Riskju baxx	**1**	**1**
Riskju medju	**1**	**2**
Riskju għoli	**2**	**3**

(**) Il-punti ta' azzjoni jiġu maqbula bejn l-Istati Membri u l-Eurostat biex jiġu introdotti bidliet metodoloġiċi, u biex tiġi ċċarata jew issupplimentata l-informazzjoni li tinsab fl-Inventarju tal-ING, jew punti li għandhom jiġu implimentati mill-Eurostat.
(***) Ir-riżervi huma miżura protettiva biex jiġi evitat ir-riskju li l-korrezzjonijiet għaċ-ċifri tal-ING użati għal skopijiet ta' riżorsi proprji (li dwarhom hemm tħassib) se jsiru preskritti wara 4 snin f'konformità mal-leġiżlazzjoni.

Sors: dokumenti qafas tal-Grupp ta' Esperti dwar l-ING għaċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING 2020–2024.

4.12. F'Diċembru 2024, il-Kummissjoni għalqet iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING 2020–2024 billi qiegħdet 86 *riżerva tal-ING* (riżerva waħda kienet tqiegħdet fl-2023). Ir-riżervi jitqiegħdu meta l-Kummissjoni tidentifika deficjenzi li joħolqu riskji kbar għall-affidabbiltà, il-kumparabbiltà u l-eżawrjenza tad-*data* tal-ING. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu informazzjoni biex jindirizzaw dawn ir-riżervi sal-2026. Għaċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING 2020–2024, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkapitalizza fuq iċ-ċiklu estensiv u dettaljat ta' verifiki li twettqu fiċ-ċiklu preċedenti 2016–2019 wara l-implimentazzjoni tal-istandard nazzjonali l-ġdid tal-kontabbiltà[8]. Dan irriżulta f'għadd sinifikattivament aktar baxx ta' riżervi mqiegħda meta mqabbel maċ-ċiklu preċedenti 2016–2019 (86 kontra 300 rispettivament).

4.13. F'konformità mar-rakkomandazzjoni li għamilna fir-Rapport Annwali 2020 tagħna (ara l-***Anness 4.1***), għaċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING 2020–2024, il-Kummissjoni qassret il-perjodu għar-reviżjonijiet tad-*data* dwar ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING minn 10 għal 6 snin billi qiegħdet riżervi fuq id-*data* għas-snin mill-2018 'il quddiem. Dan naqqas l-inċertezza baġitarja għall-Kummissjoni u l-Istati Membri peress li l-kontribuzzjonijiet tal-ING jistgħu jinbidlu filwaqt li r-riżervi jibqgħu miftuħa.

[8] Is-Sistema Ewropea tal-kontijiet (ESA 2010).

Ix-xogħol ta' verifikazzjoni tal-Kummissjoni fuq l-ING huwa milqut minn dewmien min-naħa tal-Istati Membri

4.14. Fil-31 ta' Diċembru 2024, 23 riżerva tal-ING miċ-ċiklu ta' verifikazzjoni 2016–2019 baqgħu pendenti (kien hemm ukoll riżerva pendenti waħda miċ-ċiklu 2020–2024, ara l-***Anness 4.2***). Sibna li, sa tmiem l-2024, l-Istati Membri kienu pprovdew informazzjoni fir-rigward ta' 13 mit-23 riżerva pendenti għaċ-ċiklu 2016–2019. Din l-informazzjoni kienet fil-proċess li tiġi vverifikata mill-Kummissjoni. Għall-10 riżervi li jifdal (8 b'data ta' skadenza fl-2021 u 2 fl-2022), flimkien mar-riżerva miċ-ċiklu 2020–2024 fejn id-data ta' skadenza kienet l-2024, il-5 Stati Membri kkonċernati[9] kienu pprovdew biss informazzjoni parzjali qabel id-data ta' skadenza.

4.15. In-nuqqas tal-Istati Membri li jipprovdu fil-ħin l-informazzjoni meħtieġa jdewwem ix-xogħol ta' verifikazzjoni sussegwenti mwettaq mill-Kummissjoni u l-kapaċità tagħha li tneħħi r-riżervi. Dan jaf joħloq ukoll xogħol b'lura kemm fl-Istati Membri kkonċernati kif ukoll fil-Kummissjoni, u jwassal għar-riskju ta' aktar dewmien fl-indirizzar tar-riżervi l-ġodda mqiegħda mill-Kummissjoni fl-għeluq taċ-ċiklu tal-ING 2020–2024.

Kien hemm tnaqqis aċċellerat fl-għadd ta' *riżervi tal-VAT* u ta' *punti miftuħa tar-RPT*, iżda għad hemm problemi li ilhom pendenti

4.16. Il-***Figura 4.3*** turi l-proċess li l-Kummissjoni tuża biex tivverifika l-kalkolu tar-RPT u tal-*bażijiet tal-VAT* tagħhom imwettaq mill-Istati Membri. L-***Anness 4.2*** jipprovdi stampa ġenerali, fi tmiem l-2024, tar-riżervi pendenti u l-punti miftuħa li ġew stabbiliti mill-Kummissjoni għad-dgħufijiet li nqabdu. Meta mqabbel mas-sena l-oħra, l-għadd ta' riżervi tal-VAT naqas b'mod sostanzjali minn 67 għal 40 (tnaqqis ta' 40 %) u l-għadd ta' punti miftuħa tar-RPT naqas minn 274 għal 204 (tnaqqis ta' 26 %). Dawn ir-rati ta' tnaqqis huma sostanzjalment ogħla milli kienu fl-2023, fejn dawn kienu 17 % għar-riżervi tal-VAT u 3 % għar-riżervi tar-RPT.

[9] Il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta u r-Rumanija.

Figura 4.3 — Il-proċess ta' verifikazzjoni tal-bażijiet tal-VAT u r-riżorsi proprji tradizzjonali tal-Istati Membri



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

4.17. Fl-2024, il-Kummissjoni neħħiet 32 riżerva tal-VAT li tqiegħdu skont id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tal-2014[10] (29 fl-2023). Fl-istess ħin, hija stabbiliet inqas riżervi ġodda minħabba l-introduzzjoni ta' dikjarazzjonijiet simplifikati tal-VAT skont id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tal-2020[11] (5 fl-2024 meta mqabbla ma' 15 fl-2023). Ir-riżervi li ilhom pendenti (miftuħa għal aktar minn 5 snin) naqsu minn 10 għal 6 matul is-sena. Madankollu, 4 mis-6 riżervi li jifdal ilhom fis-seħħ għal 9 snin jew aktar. Innutajna wkoll li għal 3 mis-6 riżervi, il-Kummissjoni ma għamlet l-ebda progress fl-2024 biex tneħħihom.

4.18. L-għadd ta' punti miftuħa tar-RPT li ilhom pendenti naqas minn 103 għal 80 (22 %) sa tmiem l-2024. Madankollu, il-Kummissjoni ma tatx prijorità lill-punti miftuħa li ilhom pendenti u s-sehem relattiv tagħhom baqa' kostanti, f'rata ta' kważi 40 %.

[10] Id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2014/335 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

[11] Id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 li tħassar id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2014/335.

Għadna nsibu dgħufijiet fil-ġestjoni u l-kontabbiltà tal-Istati Membri għar-RPT

4.19. Eżaminajna kif iċ-Ċekja, l-Italja, u l-Iżvezja kkumpilaw ir-rapporti dwar ir-RPT tagħhom (li jinkludu rapport dwar id-dazji miġbura u rapport dwar id-dazji stabbiliti iżda li għadhom ma nġabrux[12], kif ukoll il-proċeduri tagħhom għall-ġestjoni tar-RPT dovuti lill-baġit tal-UE (ara l-***Anness 4.3***). Il-valutazzjoni li wettaqna tas-sistemi ta' kontroll intern ewlenin tar-RPT tal-Istati Membri hija ppreżentata fil-***Figura 4.4***.

Figura 4.4 — Valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern ewlenin tar-RPT fl-Istati Membri magħżula



Sors: il-QEA.

4.20. Identifikajna li xi dazji doganali kienu ġew irreġistrati fil-kolonni skorretti fir-rapporti dwar ir-RPT taċ-Ċekja u tal-Iżvezja. Fl-Italja nnutajna diskrepanzi bejn xi wħud miċ-ċifri fir-rapport dwar id-dazji stabbiliti iżda mhux miġbura u fid-diżaggregazzjonijiet relatati pprovduti mill-awtoritajiet Taljani.

4.21. Innutajna wkoll li l-ġestjoni, min-naħa tal-Italja, tad-dazji doganali miġbura kienet milquta minn dewmien fit-teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi dwar il-korrezzjonijiet tad-dazji doganali miġbura. Kien hemm ukoll dewmien fir-reġistrazzjoni tal-korrezzjonijiet u fl-għoti ta' rimborż lill-importaturi.

---

[12] Id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2018/194 li tistabbilixxi mudelli għad-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet għall-intitolamenti ta' riżorsi proprji, kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2022/523.

4.22. L-awditi li wettaqna f'dawn it-tliet Stati Membri żvelaw diversi nuqqasijiet fil-ġestjoni tad-dazji doganali stabbiliti iżda li għadhom ma nġabrux. Innutajna każijiet ta' dewmien fl-istabbiliment tad-dejn doganali fiċ-Ċekja, allokazzjoni skorretta ta' pagamenti parzjali bejn id-dazji doganali u d-dħul nazzjonali fl-Italja, u nuqqas ta' infurzar fil-pront tad-dejn doganali u tħassir tad-dazji irrekuperabbli fl-Iżvezja.

4.23. Il-Kummissjoni tkompli taqbad u tirrapporta dgħufijiet simili fil-ġestjoni u fil-kontabbiltà għad-dazji doganali fl-Istati Membri. Fl-2024, bħala parti mill-programm ta' spezzjoni tagħha, il-Kummissjoni żaret 12-il Stat Membru biex tivvaluta l-affidabbiltà tar-rapporti dwar ir-RPT tagħhom. Il-Kummissjoni evalwat is-sistemi u l-proċeduri relatati mal-kontijiet tar-RPT bħala ġeneralment sodisfaċenti f'sitt Stati Membri. Ħamsa ġew evalwati bħala parzjalment sodisfaċenti u waħda ġiet ivvalutata bħala mhux sodisfaċenti (ara l-***Figura 4.5***).

Figura 4.5 — Valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-affidabbiltà tar-rapporti dwar ir-RPT



Il-perċentwali juru s-sehem tal-Istati Membri tar-RPT kollha miġbura għall-2024

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

Id-*data* dwar il-plastik ipprovduta mill-Istati Membri mhijiex konformi bis-sħiħ mar-regoli tal-UE

4.24. Fl-2024, l-Istati Membri ppreżentaw lill-Kummissjoni d-dikjarazzjonijiet annwali tagħhom b'*data* statistika dwar il-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u rriċiklat għall-finijiet tar-riżorsa proprja tal-plastik għall-2022 u b'*data* riveduta għall-2021. Fl-opinjoni annwali tiegħu tal-2024, il-grupp ta' esperti tal-Istatistika dwar l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik, magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri kollha u ppresedut mill-Kummissjoni, iddikjara li din id-*data* kienet xierqa fir-rigward tal-affidabbiltà, il-kumparabbiltà u l-eżawrjenza filwaqt li rrikonoxxa li t-titjib ulterjuri tal-kalkoli tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik kien proċess kontinwu.

4.25. Biex jistmaw l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat, l-Istati Membri jeħtiġilhom jużaw żewġ metodi ta' kumpilazzjoni differenti u jipprovdu stima waħda billi jibbilanċjaw ir-riżultati disponibbli[13]. Eżaminajna jekk l-Istati Membri kkonformawx ma' dan ir-rekwiżit. Sibna li 18-il Stat Membru ppreżentaw *data* bbażata fuq iż-żewġ metodi (14 fl-2023), bi Stat Membru wieħed (għall-kuntrarju ta' xejn fl-2023) li jibbilanċja r-riżultati (ara l-***Figura 4.6***). L-użu taż-żewġ metodi u l-ibbilanċjar tagħhom jagħmel mezz li d-*data* prodotta mill-Istati Membri żgur tkun kumparabbli u affidabbli. Fir-Rapport Speċjali 16/2024 tagħna[14] dwar ir-riżorsa proprja tal-plastik irrakkomandajna li l-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, ittejjeb il-kumparabbiltà u l-affidabbiltà tad-*data* użata għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri sal-2026.

[13] Ir-Regolament (UE) 2023/595 jistabbilixxi l-formola għad-dikjarazzjoni relatata mar-riżorsa proprja tal-plastik.

[14] Ir-Rapport Speċjali 16/2024: "Id-dħul tal-UE bbażat fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik: bidu diffiċli u mxekkel minn *data* li mhijiex suffiċjentement kumparabbli jew affidabbli".

Figura 4.6 — Metodi użati mill-Istati Membri biex jistmaw l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

4.26. Fl-2024, il-Kummissjoni kompliet xogħolha fuq iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni attwali 2023–2026 billi wettqet żjarat formali ta' spezzjoni fi 12-il Stat Membru. Sa tmiem l-2024, il-Kummissjoni kienet qiegħdet 10 riżervi, li jkopru b'mod partikolari ż-żewġ metodi ta' kumpilazzjoni, għal 4 minn dawn l-Istati Membri (ara l-***Anness 4.2***). Aktar riżervi għall-Istati Membri l-oħra jaf jitqiegħdu fl-2025, ladarba ċ-ċikli ta' spezzjoni rilevanti jkunu ġew iffinalizzati.

Hemm riskji ta’ dewmien fl-implimentazzjoni tar-riforma doganali tal-UE

4.27. Il-proposta għal riforma doganali ppubblikata mill-Kummissjoni f’Mejju 2023 ipprevediet implimentazzjoni gradwali, li tkopri perjodu ta’ bejn 10 snin u 15-il sena. Skont il-proposta, fl-2026 jenħtieġ li jiġi stabbilit korp ġdid, l-*Awtorità Doganali tal-UE* (EUCA) responsabbli mill-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-UE, bl-għan li jsir kompletament operazzjonali sal-2028. Barra minn hekk, il-*Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE*, li hija sett ċentralizzat ta’ sistemi maħsuba biex jissostitwixxu l-infrastruttura tal-IT doganali li teżisti fl-Istati Membri, tkun tidħol fl-ewwel fażi operazzjonali limitata tagħha mill-2028 biex tindirizza l-kummerċ elettroniku.

4.28. Fl-2024, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni leġiżlattiva dwar il-proposta għal riforma doganali[15]. Huwa appella għal implimentazzjoni aktar bikrija tal-funzjonalità sħiħa prevista għall-Pjattaforma tad-*Data*. F’April 2025, id-diskussjonijiet fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kienu għadhom għaddejjin. Fil-bidu tal-2025, il-Kummissjoni ħabbret[16] li kienet lesta taħdem mal-koleġiżlaturi biex tanticipa partijiet mir-riforma proposta għall-2026 ħalli tindirizza l-isfidi assoċjati maż-żieda qawwija fl-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku ta’ valur baxx.

4.29. Ninnutaw li sakemm tiġi adottata u implimentata r-riforma, se jippersistu d-dgħufijiet li identifikajna preċedentement, bħan-nuqqas ta’ analiżi xierqa tar-riskji finanzjarji għall-UE kollha[17] u l-isfidi involuti fil-ġbir tal-ammonti korretti tal-VAT u tad-dazji doganali għall-oġġetti u s-servizzi nnegozjati fuq l-internet[18]. Ninnutaw ukoll li sakemm tiġi adottata r-riforma, il-Kummissjoni ma tistax tħejji bis-sħiħ għall-implimentazzjoni tagħha.

---

15 EP-PE_TC1-COD(2023)0156.

16 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: “Sett ta’ għodod komprensiv tal-UE għal kummerċ elettroniku sikur u sostenibbli”.

17 Ir-Rapport Speċjali 04/2021 “Kontrolli doganali: armonizzazzjoni insuffiċjenti tfixkel l-interessi finanzjarji tal-UE”.

18 Ir-Rapport Speċjali 12/2019: “Kummerċ elettroniku: ħafna mill-isfidi relatati mal-ġbir tal-VAT u tad-dazji doganali għad iridu jiġu riżolti”.

4.30. Fl-2024, aħna osservajna li għalkemm il-Kummissjoni ħadet xi passi ta' tħejjija inizjali bil-ħsieb li timplimenta r-riforma doganali, hija ma kinitx żviluppat pjan, li jipprovdi skedi ta' żmien dettaljati u jalloka r-responsabbiltajiet, għall-monitoraġġ tal-progress. Ir-riforma hija proġett kumpless u fuq skala kbira. Filwaqt li l-leġiżlazzjoni tibqa' fl-istadju tal-proposta, minħabba l-iskeda ta' implimentazzjoni oriġinali tal-Kummissjoni u s-sejħiet Parlamentari biex din titħaffef (ara l-paragrafi ***4.27–4.28***), hemm riskji sinifikanti li r-riforma doganali mhux se titwettaq skont l-iskeda ta' żmien prevista oriġinarjament.

Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tas-sistema simplifikata tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT ma kinitx tinkludi l-impatt fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri

4.31. Fl-2021, il-Kummissjoni ssimplifikat is-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT bl-għan li tirrazzjonalizza l-kalkoli involuti u tnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri. Din is-simplifikazzjoni kienet tinkludi t-tneħħija tal-biċċa l-kbira mill-aġġustamenti u l-eżenzjonijiet, u l-iffriżar tar-*rata medja ponderata* (WAR) applikata matul il-*Qafas Finanzjarju Pluriennali* 2021–2027 fil-valur tagħha tal-2016, u b'hekk titneħħa l-ħtieġa li l-Istati Membri jikkalkulaw WAR ġdida kull sena.

4.32. Fl-2024, f'konformità mar-rekwiżit legali[19], il-Kummissjoni ħarġet rapport bl-ewwel valutazzjoni tagħha tal-bidliet, li kkonkluda li s-sistema l-ġdida effettivament issimplifikat il-kalkoli u kienet adegwata għall-ġbir tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Skont ir-rapport tal-Kummissjoni, l-Istati Membri rrikonoxxew l-impatt pożittiv tas-simplifikazzjoni fuq il-piż amministrattiv tagħhom.

4.33. Ir-rapport semma wkoll it-tħassib ta' xi Stati Membri dwar li l-WAR iffriżata tal-2016 ma tirriflettix bis-sħiħ il-bidliet fir-rata tal-VAT. Madankollu, huwa kkonkluda li d-differenzi bejn il-WAR iffriżata u r-rata tal-VAT li kieku kienet tintuża taħt is-sistema preċedenti fl-2021 sal-2024 kienu fil-biċċa l-kbira fi ħdan punt perċentwali wieħed.

[19] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89, l-Artikolu 13a.

4.34. Qabbilna l-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-VAT magħmula mill-Istati Membri, li saru bl-użu tal-WAR iffriżata, ma' dak li l-kontribuzzjonijiet tagħhom kieku kienu jkunu taħt is-sistema preċedenti tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT. L-użu tal-WAR iffriżata wassal għal tnaqqis kumplessiv fir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ta' EUR 1.6 biljun għall-perjodu (3 % tal-kontribuzzjonijiet totali bbażati fuq il-VAT li saru). Il-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-VAT għal ħames Stati Membri naqsu b'aktar minn 5 % matul il-perijodu filwaqt li għal Stat Membru wieħed dawn żdiedu b'4 %.

4.35. Dan it-tnaqqis ma laqatx il-baġit totali tal-UE billi ġie kkumpensat mir-*rwol ta' bbilanċjar tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING*, li tikkumpensa għat-tnaqqis f'sorsi oħra ta' dħul. Ikkalkulajna l-kontribuzzjonijiet addizzjonali tal-ING li l-Istati Membri kellhom jagħmlu sabiex jikkumpensaw għat-tnaqqis tar-riżorsi proprji tal-VAT ta' EUR 1.6 biljun minħabba l-użu tal-WAR iffriżata tal-2016. L-***Anness 4.4*** jippreżenta r-riżultat ikkombinat kemm tal-kalkoli tal-VAT kif ukoll dawk tal-ING. L-Istati Membri li relattivament ma kinux milquta kienu biss dawk li l-bażi tal-VAT tagħhom hija limitata għal 50 % tal-bażi tal-ING tagħhom jew dawk li r-rati tal-VAT tagħhom baqgħu stabbli bejn l-2021 u l-2023. Għal xi Stati Membri, l-impatt nett tal-użu tal-WAR iffriżata tal-2016 huwa sinifikanti. Żewġ Stati Membri kkontribwew aktar minn EUR 100 miljun inqas milli kienu jagħmlu kieku ma kinitx intużat il-WAR iffriżata, filwaqt li tlieta kkontribwew aktar minn EUR 100 miljun addizzjonali. Din l-analiżi ma ġietx inkluża fir-rapport tal-Kummissjoni.

Rapporti annwali tal-attività

4.36. L-informazzjoni dwar ir-regolarità tar-riżorsi proprji pprovduta fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2024 ippubblikati mid-DĠ BUDG u mill-Eurostat kienet tikkorrobora b'mod ġenerali s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna.

4.37. Fir-Rapport Annwali tal-Attività 2024 tiegħu, id-DĠ BUDG irrapporta li ffinalizza l-kwantifikazzjoni tat-telf tar-RPT mis-sottovalwazzjoni ta' tessuti u żraben importati miċ-Ċina matul il-perjodu mill-2011 sal-2017 għal seba' Stati Membri[20].
Fil-31 ta' Diċembru 2024, l-ammont kumulattiv tat-telf tar-RPT relatat mas-sottovalwazzjoni mill-Istati Membri kollha li jifdal huwa stmat fil-kontijiet tal-UE għal EUR 0.9 biljun u l-imgħax ta' inadempjenza relatat għal EUR 0.3 biljun.
Id-DĠ BUDG għandu l-għan li jiffinalizza l-kalkoli għall-Istati Membri li jifdal matul l-2025.

[20] L-Awstrija, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, is-Slovakkja u l-Iżvezja.

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

4.38. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-livell ta' żball fid-dħul ma kienx materjali. Is-sistemi ta' dħul li eżaminajna kienu, b'mod ġenerali, effettivi. Madankollu, xi elementi tas-sistemi ta' kontroll għall-ġestjoni tar-riżervi tal-VAT u l-punti miftuħa tar-RPT kienu parzjalment effettivi (ara l-paragrafi ***4.17*** u ***4.18***). Barra minn hekk, l-għoti ta' informazzjoni dwar ir-riżervi tal-ING u r-rappurtar ta' *data* dwar ir-riżorsa proprja tal-plastik, kif ukoll xi elementi tal-kontrolli interni ewlenin tar-RPT li vvalutajna fi tliet Stati Membri, kienu parzjalment effettivi (ara l-paragrafi ***4.15***, ***4.20***–***4.22***, u ***4.25***).

4.39. Sibna wkoll li kien hemm riskji għall-implimentazzjoni f'waqtha tar-riforma doganali u li l-ewwel rapport ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni tar-riforma tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ma kienx jinkludi l-impatt tagħha fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri (ara l-paragrafi ***4.30*** u ***4.34***). Dawn il-problemi ma jolqtux l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar ir-regolarità tad-dħul, billi mhumiex relatati direttament mat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

Rakkomandazzjonijiet

4.40. L-***Anness 4.1*** juri r-riżultati tas-segwitu li wettaqna tar-rakkomandazzjonijiet li saru fil-passat. Irrieżaminajna erba' rakkomandazzjonijiet mir-Rapporti Annwali 2020, 2021 u 2022 tagħna li kellhom jiġu implimentati matul l-2024. Sibna li l-Kummissjoni kienet implimentat żewġ rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ u rakkomandazzjoni waħda f'xi whud mill-aspetti. Għar-rakkomandazzjoni finali, parti kienet ġiet implimentata bis-sħiħ u l-elementi li kien jifdal ma kinux għadhom rilevanti.

4.41. Abbażi tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2024, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

Rakkomandazzjoni 4.1 — Tħaffef it-tħejjijiet tagħha għall-implimentazzjoni tar-riforma doganali proposta

Tintensifika l-azzjonijiet tagħha biex tara li żgur ikun hemm implimentazzjoni f'waqtha tar-riforma doganali, ladarba din tiġi adottata, billi tiżviluppa pjan li jipprovdi skedi ta' żmien dettaljati u talloka responsabbiltajiet biex jiġi mmonitorjat il-progress:

(a) għall-istabbiliment u l-operat inizjali tal-Awtorità Doganali tal-UE sakemm l-Awtorità Doganali tal-UE jkollha l-kapaċità operazzjonali biex timplimenta l-baġit tagħha stess;

(b) għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tal-Pjattaforma tad-*Data* Doganali tal-UE.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2026.

Annessi

Anness 4.1 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

Il-livell ta' aċċettazzjoni: aċċettati; aċċettati parzjalment; mhux aċċettati; l-ebda informazzjoni.

Il-livell ta' implimentazzjoni: Bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f'xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata; ma tistax tinsilet konklużjoni jew ma għadhiex rilevanti.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Il-livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Il-livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2020	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 3.1:** Tirrieżamina u taġġorna l-approċċ tagħha għall-verifikazzjoni tad-*data* dwar l-ING ipprovduta mill-Istati Membri f'ċikli pluriennali futuri bil-ħsieb li jiġi ssimplifikat aktar il-proċess u jitnaqqas il-perjodu li matulu d-*data* dwar l-ING tibqa' miftuħa fi tmiem iċ-ċiklu.			Ara l-paragrafu ***4.13***.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Il-livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Il-livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2021	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 3.2:** Tirrieżamina l-proċeduri tagħha għall-ġestjoni tar-riżervi tal-VAT, sabiex tistabbilixxi dati ta' skadenza aktar armonizzati u aktar stretti għall-awtoritajiet nazzjonali u tagħmel is-segwitu tagħha u t-tneħħija tar-riżervi aktar effiċjenti.	✓		Il-Kummissjoni għadha ma aġġornatx il-proċeduri interni tagħha f'dan ir-rigward. Sa tmiem l-2024, il-Kummissjoni kienet għadha fil-proċess li tirrieżamina l-proċeduri interni tagħha, biex tieħu inkunsiderazzjoni d-dikjarazzjonijiet simplifikati ġodda tal-VAT u l-bidliet fil-qafas legali introdotti bis-sistema simplifikata tal-VAT.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Il-livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Il-livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2022	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 4.1:** Tirrieżamina l-proċeduri tagħha għall-ġestjoni ta' każijiet ta' nuqqas ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-VAT li jista' jkollhom impatt fuq il-baġit tal-UE billi: (a) timmonitorja l-iskedi ta' żmien sistematikament għad-diversi passi kemm tal-*proċedura ta' ksur* kif ukoll ta' azzjonijiet ta' infurzar oħra li huma intenzjonati li jirriżolvu n-nuqqas ta' konformità, u tieħu azzjoni f'waqtha biex tevita dewmien eċċessiv; (b) tivvaluta jekk in-nuqqas ta' konformità li jolqot ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT li ġie identifikat fi Stat Membru wieħed huwiex trażversali min-natura tiegħu u jafx għalhekk japplika għal Stati Membri oħra; (c) tieħu azzjoni f'waqtha, u possibbilment tistabbilixxi riżervi trażversali li jaraw li żgur isir il-pagament korrett tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali bbażati fuq il-VAT għall-baġit tal-UE.	✓ ✓ ✓	 	Rakkomandazzjoni 4.1 a): il-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali) iffinalizzat ir-rieżami tal-qafas intern tagħha għall-monitoraġġ tal-ġestjoni tal-azzjonijiet ta' infurzar tagħha. Ingħalqu l-biċċa l-kbira mill-każijiet ta' ksur relatati mad-Direttiva tal-VAT li kienu għadhom pendenti fi tmiem l-2022. Rakkomandazzjoni 4.1 b) u c): F'Marzu 2025, il-Kummissjoni qasmet mal-Istati Membri l-approċċ tagħha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 3 (2) (c), wara l-adozzjoni tar-Regolament 1553/89 li ġie emendat. Skont dan l-approċċ, il-kalkolu tal-korrezzjoni jkun meħtieġ biss għall-ksur meta tkun intbagħtet ittra ta' intimazzjoni u l-Istat Membru jkun irrikonoxxa l-ksur li kien ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-Kummissjoni setgħet tistabbilixxi riżervi għan-nuqqas ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-VAT biss meta waħda minn dawn il-kundizzjonijiet tkun ġiet issodisfata.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Il-livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Il-livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2022	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 4.2:** Tikkonkludi, mingħajr dewmien, ir-rivalutazzjoni ta' talbiet li waslu mingħand l-Istati Membri (qabel Mejju 2022 li mhumiex suġġetti għal limiti regolatorji) li jesprimu nuqqas ta' qbil mal-valutazzjoni inizjali tal-Kummissjoni rigward każijiet ta' tħassir tar-RPT.	✓		Il-Kummissjoni ffinalizzat ir-rivalutazzjoni tad-59 każ ta' tħassir pendenti kollha relatati ma' talbiet mingħand l-Istati Membri li ma qablux mal-valutazzjoni ta' tħassir inizjali tal-Kummissjoni (każijiet li ġew ikkomunikati qabel it-3 ta' Mejju 2022).

Sors: il-QEA.

Anness 4.2 — Għadd ta' riżervi tal-ING, ta' riżervi tal-VAT, ta' riżervi tal-plastik u ta' punti miftuħa tar-RPT, li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2024, skont l-Istat Membru





Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

Anness 4.3 — Il-proċess ta' tfassil tar-rapporti dwar ir-RPT rigward id-dazji (kemm dawk li nġabru kif ukoll dawk li għadhom ma nġabrux) u d-dħul tagħhom fil-kontijiet tal-UE u fil-baġit tagħha



Sors: il-QEA, abbażi tal-leġiżlazzjoni u r-regoli attwali tal-UE.

Anness 4.4 — L-impatt nett tal-iffriżar tar-rata medja ponderata fil-valuri tagħha tal-2016 (li jirrifletti bidliet kemm fil-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-VAT kif ukoll dawk ibbażati fuq l-ING)

(elf EUR)

L-Istati Membri	2021	2022	2023	Total (2021–2023)
Il-Belġju	13 673	5 066	–20 708	–1 969
Il-Bulgarija	755	123	–3 550	–2 672
Iċ-Ċekja	–13 357	–9 611	–9 084	–32 051
Id-Danimarka	11 466	12 491	14 496	38 452
Il-Ġermanja	–160 432	–171 094	–136 900	–468 426
L-Estonja	895	981	1 186	3 062
L-Irlanda	–12 716	–2 206	–12 126	–27 047
Il-Greċja	–36 160	–32 781	–34 930	–103 871
Spanja	–2 891	–11 790	–61 953	–76 634
Franza	90 276	91 400	157 123	338 799
Il-Kroazja	1 859	2 153	2 733	6 745
L-Italja	52 989	–34 879	–15 308	2 803
Ċipru	729	813	996	2 538
Il-Latvja	1 218	1 180	1 851	4 248
Il-Litwanja	1 914	618	736	3 268
Il-Lussemburgu	1 590	1 653	2 062	5 304
L-Ungerija	–9 243	–4 853	–5 482	–19 579
Malta	441	491	625	1 558
In-Netherlands	58 296	88 046	109 661	256 003
L-Awstrija	–32 646	20 170	35 049	22 573
Il-Polonja	17 739	19 435	–66 926	–29 752
Il-Portugall	2 765	7 564	9 454	19 784
Ir-Rumanija	–22 033	–27 162	–20 864	–70 059
Is-Slovenja	814	634	2 621	4 069
Is-Slovakkja	–527	–1 299	–6 732	–8 558
Il-Finlandja	8 081	8 477	12 383	28 942
L-Iżvezja	24 505	34 380	43 585	102 470
Total	0	0	0	0

Nota: l-ammonti negattivi jirrappreżentaw tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u l-ammonti pożittivi jirrappreżentaw żidiet fil-kontribuzzjonijiet.

Sors: il-QEA.

Kapitolu 5

Suq uniku, innovazzjoni u diġitali

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**5.1. - 5.9.**
Deskrizzjoni qasira	**5.2. - 5.8.**
Ambitu u approċċ tal-awditjar	**5.9.**
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**5.10. - 5.33.**
Żbalji fil-programmi ta' riċerka	**5.15. - 5.30.**
Il-kostijiet tal-persunal huma dawk l-aktar milquta minn żbalji	**5.15. - 5.16.**
Xi benefiċjarji għadhom iridu jadattaw għall-bidliet introdotti mir-regoli ta' Orizzont Ewropa	**5.17. - 5.18.**
Xi benefiċjarji jitolbu kostijiet ineliġibbli għal riċerkaturi ssekondati minn organizzazzjonijiet oħra	**5.19. - 5.20.**
Żbalji oħra fil-kostijiet tal-persunal	**5.21.**
Kostijiet diretti ineliġibbli oħra	**5.22. - 5.24.**
Simplifikazzjoni permezz ta' finanzjament b'somom f'daqqa	**5.25. - 5.30.**
Żbalji fi proġetti ta' infrastruttura	**5.31. - 5.33.**
Reviżjoni tal-ġestjoni tal-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi fir-riċerka imwettaq mill-Kummissjoni	**5.34. - 5.39.**
Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza	**5.40. - 5.43.**
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	**5.44. - 5.47.**
Konklużjonijiet	**5.44. - 5.45.**
Rakkomandazzjonijiet	**5.46. - 5.47.**
Annessi	
Anness 5.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali"	

Introduzzjoni

5.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 1 “Suq uniku, innovazzjoni u diġitali” tal-*QFP*. Il-***Figura 5.1*** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2024.

Figura 5.1 — Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna



Sors: il-QEA, abbażi ta’ *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

Deskrizzjoni qasira

5.2. Il-*programmi* ffinanzjati taħt "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" huma diversi u għandhom l-għan li jiffinanzjaw proġetti li jikkontribwixxu għal, fost oħrajn, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-iżvilupp tal-infrastruttura Ewropea fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali, il-komunikazzjoni, it-trasformazzjoni diġitali u s-suq uniku, kif ukoll il-politika dwar l-ispazju.

5.3. Il-biċċa l-kbira mill-infiq fuq il-programmi taħt din l-intestatura tiġi mmaniġġjata direttament mill-Kummissjoni, u wkoll permezz ta' *aġenziji eżekuttivi*. Il-partijiet li jifdal tal-baġit taħt l-Intestatura 1 tal-QFP jiġu implimentati minn *impriżi konġunti* u *aġenziji deċentralizzati* (ara t-taqsimiet rilevanti fir-rapporti annwali speċifiċi korrispondenti għas-sena finanzjarja 2024).

5.4. Il-*programmi* prinċipali għar-riċerka u l-innovazzjoni huma *Orizzont Ewropa* għall-perjodu 2021–2027, u l-predeċessur tiegħu *Orizzont 2020* għall-perjodu 2014–2020. Fl-2024, dan tal-aħħar kien jirrappreżenta bejn wieħed u ieħor żewġ terzi tat-*tranżazzjonijiet* ta' riċerka li awditjajna.

5.5. Il-QFP 1 jiffinanzja wkoll proġetti ta' infrastruttura bħall-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE),* il-Fond *InvestEU* u l-programmi spazjali, inklużi *Galileo* (is-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita tal-UE), is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS), u Copernicus, li huwa l-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja.

5.6. Il-biċċa l-kbira mill-infiq fuq ir-riċerka taħt il-programmi Orizzont u taħt l-FNE tieħu l-għamla ta' *għotjiet* li jingħataw lil *benefiċjarji* pubbliċi jew privati li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti. Il-Kummissjoni inizjalment tipprovdi prefinanzjament lil benefiċjarji mal-firma ta' ftehim ta' għotja. Fil-każ ta' għotjiet li jirrimborżaw il-kost reali, li huma l-aktar tip komuni ta' finanzjament fir-riċerka, il-benefiċjarji jirrappurtaw il-kostijiet reali tagħhom u jingħataw rimborż kif meħtieġ. Meta jingħataw għotjiet ta' *somom f'daqqa*, il-benefiċjarji jitħallsu somma f'daqqa ddefinita minn qabel għal kull pakkett tax-xogħol li jkun tlesta, irrispettivament mill-kostijiet reali imġarrba; jiġifieri l-appoġġ finanzjarju jiġi żborżat malli jitlestew il-pakketti ta' xogħol.

5.7. Il-programmi spazjali huma ġeneralment immaniġġjati indirettament minn korpi tal-implimentazzjoni dedikati (bħall-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali), li jingħataw rimborż abbażi tan-nefqa reali tagħhom fuq il-programmi.

5.8. Strumenti finanzjarji (jiġifieri self, garanziji u investimenti fl-ekwità) taħt il-programm InvestEU jiġu implimentati prinċipalment mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew mill-Fond Ewropew tal-Investiment, li min-naħa tagħhom jużaw intermedjarji finanzjarji.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

5.9. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-intestatura tal-QFP fl-2024:

(a) kampjun statistikament rappreżentattiv ta' 127 tranżazzjoni li jkopru l-oqsma kollha ta' nfiq taħt din l-intestatura tal-QFP. Huwa kien jikkonsisti f'99 tranżazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni (65 għal Orizzont 2020 u 34 għall-Orizzont Ewropa) u 28 tranżazzjoni taħt programmi oħra, (notevolment 10 tranżazzjonijiet tal-FNE, 4 strumenti finanzjarji, u 6 tranżazzjonijiet għall-programmi spazjali u l-programmi tas-suq uniku). Il-benefiċjarji awditjati kienu bbażati fi 17-il Stat Membru u f'4 pajjiżi mhux tal-UE;

(b) il-ġestjoni, mill-Kummissjoni, tal-*appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi* fi programmi ta' riċerka;

(c) l-informazzjoni dwar ir-*regolarità* li tingħata fir-*rapporti annwali tal-attività* tad-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (DĠ CNECT) u l-*Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka* (ERCEA), li mbagħad ġiet inkluża fir-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR)* tal-Kummissjoni.

Ħadna kont ukoll tar-riżultati tal-awditi annwali li wettaqna ta' 11-il aġenzija tal-UE, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-impriżi konġunti li jimplimentaw il-baġit taħt il-QFP1. Dawn kienu rrappurtati fir-rapporti annwali speċifiċi tagħna għall-2023 u huma bbażati fuq l-eżaminar ta' 222 tranżazzjoni.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

5.10. Mill-127 tranżazzjoni li eżaminajna, 32 (25 %) kien fihom *żbalji*. Abbażi tat-28 żball li kkwantifikajna, u l-iżbalji addizzjonali li nqabdu fi tranżazzjonijiet li ġew implimentati mill-aġenziji tal-UE, mill-impriżi konġunti u mill-EIT, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 3.2 % (ara l-***Figura 5.2***).

Figura 5.2 — Impatt stmat ta' żbalji kwantifikabbli



Sors: il-QEA

5.11. Il-***Figura 5.3*** tagħti diżaggregazzjoni tal-*livell ta' żball stmat* minna għall-2024 skont it-tip ta' żball, b'distinzjoni bejn tranżazzjonijiet ta' riċerka u tranżazzjonijiet oħra.

Figura 5.3 — Diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat skont it-tip ta' żball



Sors: il-QEA.

5.12. Ir-riċerka għadha programm ta' nfiq b'riskju għoli. Sibna *żbalji kwantifikabbli* f'26 mid-99 tranżazzjoni ta' riċerka awditjati bħala parti mill-kampjun rappreżentattiv tagħna (26 %). L-awditu li wettaqna ma sab l-ebda differenza sinifikanti bejn Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa fir-rigward tar-regolarità tan-nefqa. Dan minkejja li ġew introdotti simplifikazzjonijiet taħt din tal-aħħar biex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar tal-kostijiet tal-benefiċjarji.

5.13. Fil-każ ta' programmi u attivitajiet oħra, qbadna żbalji kwantifikabbli fi 3 mit-28 tranżazzjoni fil-kampjun tagħna, li minnhom 2 kienu kwantifikabbli (it-tnejn relatati mal-FNE).

5.14. Il-Kummissjoni kienet applikat miżuri korrettivi qabel l-awditi li wettaqna f'għadd ta' każijiet li kienu inklużi fil-kampjun, li ma kellhom l-ebda impatt sinifikanti fuq il-livell ta' żball stmat minna għal dan il-kapitolu.

Żbalji fil-programmi ta' riċerka

Il-kostijiet tal-persunal huma dawk l-aktar milquta minn żbalji

5.15. Sibna żbalji marbuta mal-kostijiet tal-persunal, li jikkostitwixxu l-akbar sehem ta' kostijiet fil-biċċa l-kbira mill-proġetti ta' riċerka, fi 24 (jiġifieri 24 %) tad-99 tranżazzjoni ta' riċerka li eżaminajna. Għal darba oħra, ma kien hemm l-ebda differenza sinifikanti bejn Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa.

5.16. Minbarra l-iżbalji kwantifikabbli msemmija hawn fuq, irrappurtajna wkoll dwar żewġ żbalji mhux kwantifikabbli li rriżultaw mill-applikazzjoni skorretta tar-regoli dwar il-kalkolu tal-kostijiet tal-persunal fil-proġetti taħt Orizzont Ewropa.

Xi benefiċjarji għadhom iridu jadattaw għall-bidliet introdotti mir-regoli ta' Orizzont Ewropa

5.17. Taħt il-programm Orizzont 2020, il-benefiċjarji jeħtiġilhom jikkalkulaw ir-rati fis-siegħa annwali jew fix-xahar għall-persunal tagħhom, u jimmultiplikawhom bl-għadd ta' sigħat li jkunu tqattgħu fuq proġetti tal-UE. Taħt il-programm Orizzont Ewropa, madankollu, ir-regoli nbidlu bil-għan li l-affarijiet jiġu simplifikati: il-benefiċjarji issa jeħtiġilhom jikkalkulaw ir-rati ta' kuljum u jimmultiplikawhom bl-għadd ta' jiem ("ekwivalenti ta' jiem") li jkunu tqattgħu f'ħidma fuq proġetti tal-UE.

5.18. L-awditi tagħna wrew, madankollu, li mhux il-benefiċjarji kollha aġġustaw għar-regoli l-ġodda. F'5 mill-34 tranżazzjoni taħt Orizzont Ewropa fil-kampjun tagħna, sibna li l-benefiċjarji jew kienu għadhom qed jużaw il-metodu ta' kalkolu preċedenti jew inkella ma kinux qed isegwu għalkollox ir-regoli l-ġodda. Fi tlieta minnhom, dan wassal għal talbiet skorretti dwar il-kostijiet.

Xi benefiċjarji jitolbu kostijiet ineliġibbli għal riċerkaturi ssekondati minn organizzazzjonijiet oħra

5.19. Iż-żewġ programmi ta' riċerka t-tnejn li huma jippermettu lill-benefiċjarji jitolbu kostijiet tal-persunal għal riċerkaturi li jkunu impjegati direttament minn organizzazzjoni oħra u ssekondati lilhom — sakemm l-organizzazzjoni l-oħra ma tkunx benefiċjarja tal-istess proġett, f'liema każ il-benefiċjarju li jħaddem biss għandu dritt jitlob il-kostijiet. Barra minn hekk, iż-żewġ programmi t-tnejn li huma jillimitaw il-kostijiet eliġibbli għall-kostijiet reali mġarrba mill-organizzazzjoni li tħaddem, u dawn il-kostijiet iridu jiġu approvati mill-Kummissjoni.

5.20. Identifikajna żbalji fil-kostijiet relatati mal-persuni ssekondati f'erba' tranżazzjonijiet fil-kampjun tagħna. Nipprovdu eżempju fil-***Kaxxa 5.1***.

Kaxxa 5.1

Eżempju ta' żball fil-kostijiet mitluba għal riċerkaturi ssekondati

Entità pubblika fil-Belġju ddikjarat kostijiet għal żewġ riċerkaturi taħt għotja fil-qafas ta' Orizzont 2020, li t-tnejn li huma kienu ssekondati minn organizzazzjonijiet oħra.

Għal wieħed minnhom, il-benefiċjarju kien ikkonkluda ftehim ta' sekondar ma' organizzazzjoni oħra li ma kinitx qed tħaddem lill-persuna direttament iżda permezz ta' kumpanija b'persuna waħda. Għalhekk, ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà għall-kostijiet tal-persunal ma ġewx issodisfati. Madankollu, dawn il-kostijiet setgħu jkunu eliġibbli bħala kostijiet ta' sottokuntrattar, suġġetti għal notifika minn qabel u approvazzjoni mill-Kummissjoni.

It-tieni riċerkatur kien student tal-PhD li kien qed jaħdem għall-benefiċjarju, iżda impjegat minn università, li fil-verità kienet benefiċjarju ieħor taħt l-istess ftehim ta' għotja. Għal darba oħra, dan mhuwiex konformi mar-regoli ta' eliġibbiltà.

Żbalji oħra fil-kostijiet tal-persunal

5.21. Żbalji oħra fil-kostijiet tal-persunal kienu jinkludu: użu ta' ammonti stmati minflok kostijiet reali, dikjarazzjoni ta' kostijiet li ma kinux iġġarrbu mill-benefiċjarju, u talbiet ta' ħlas għal jiem ta' ħidma fuq proġett meta fil-fatt kien hemm assenzi. Nipprovdu eżempju ta' dan fil-***Kaxxa 5.2***. Sibna wkoll tliet okkażjonijiet fil-kampjun tagħna fejn il-kostijiet medji ma kienu ġew ikkalkulati la skont il-prattika kontabilistika tal-benefiċjarju u lanqas skont ir-regoli tal-Kummissjoni.

Kaxxa 5.2

Eżempju ta' benefiċjarju li talab il-kostijiet għal ħin li ma tqattax fuq il-proġett awditjat

Benefiċjarju mingħajr skop ta' qligħ fil-Belġju rċieva għotja taħt Orizzont Ewropa u ddikjara l-kostijiet għall-persunal li ħadem fuq il-proġett matul il-perjodu ta' rappurtar ta' 12-il xahar.

Il-benefiċjarju kien talab kostijiet għal 215-il jum għal persuna waħda, li kienu l-għadd massimu ta' jiem possibbli taħt Orizzont Ewropa. Il-persuna kienet irreġistrat 261.5 jum ta' xogħol fuq il-proġett, filwaqt li r-rekords tal-benefiċjarju kienu juru li dik il-persuna kienet assenti minħabba liv annwali, liv minħabba mard għal żmien qasir u raġunijiet oħra għal 55.5 jum u b'hekk kienet ħadmet biss 206 ijiem. Għalhekk il-kostijiet li talab il-benefiċjarju kienu għoljin wisq.

Kostijiet diretti ineliġibbli oħra

5.22. Kundizzjoni ewlenija għall-eliġibbiltà hija li l-kostijiet jkunu ġġarrbu b'rabta mal-azzjoni u kienu meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha. Bħal fi snin preċedenti[1], aħna sibna li din il-kundizzjoni ma kinitx ġiet issodisfata f'erbgħa mit-tranżazzjonijiet li awditjajna fl-2024. F'żewġ każijiet, il-benefiċjarju kien talab kostijiet għal konferenzi li ma kellhom l-ebda rabta diretta mal-proġett jew li kienu jinkludu avvenimenti soċjali mhux meħtieġa għall-proġett.

5.23. Aħna identifikajna wkoll 4 żbalji fid-dikjarazzjoni tal-kostijiet relatati mat-tagħmir fit-12-il proġett ta' riċerka fejn awditjajna tali spejjeż. Nipprovdu eżempju fil-***Kaxxa 5.3***.

[1] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 5.22, ir-Rapport Annwali 2022, il-paragrafu 5.22.

Kaxxa 5.3

Eżempju ta' żball fid-dikjarazzjoni tal-kostijiet relatati mat-tagħmir

Il-benefiċjarji jaf ikollhom bżonn jixtru tagħmir speċjalizzat biex jimplimentaw proġett ta' riċerka u huma intitolati li jitolbu l-kostijiet ta' deprezzament rilevanti. Meta l-benefiċjarju jikri t-tagħmir permezz ta' lokazzjoni, huwa jista' jitlob kostijiet sal-ammont tal-kostijiet tad-deprezzament ta' assi simili.

Taħt proġett wieħed fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, entità privata fl-Irlanda ddikjarat b'mod żbaljat il-kost tal-lokazzjoni ta' żewġ magni minflok il-kost tad-deprezzament aktar baxx ta' tagħmir simili.

5.24. Fl-aħħar nett, aħna sibna wkoll 10 żbalji kwantifikabbli f'kategoriji oħra ta' kostijiet fil-kampjun tagħna. Dawn kienu jinkludu d-dikjarazzjoni tal-*VAT* deduċibbli, oġġetti u servizzi fatturati internament li kienu ineliġibbli, kostijiet imġarrba wara l-perjodu ta' rappurtar awditjat, dokumenti ta' sostenn neqsin u l-użu ta' rati tal-kambju skorretti.

Simplifikazzjoni permezz ta' finanzjament b'somom f'daqqa

5.25. Taħt Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni tista' tipprovdi wkoll appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' riċerka fil-forma ta' għotjiet ta' somom f'daqqa, jekk din l-għażla tkun speċifikata fil-programmi ta' ħidma jew fis-sejħa għal proposti. Il-finanzjament b'somom f'daqqa huwa *għażla ta' kostijiet issimplifikata* prevista fl-Artikolu 125 tar-*Regolament Finanzjarju* li tirrikjedi li jiġu pprovduti stimi tal-kostijiet dettaljati bil-quddiem għal kull kategorija ta' kostijiet għal kull benefiċjarju u kull pakkett ta' xogħol. Qabel ma jiffirmaw il-ftehim ta' għotja, l-esperti kkuntrattati mill-Kummissjoni jivvalutaw l-istimi tal-kostijiet bi tqabbil mal-attivitajiet proposti biex jaraw li dawn żgur ikunu raġonevoli u mhux eċċessivi. Il-Kummissjoni mbagħad tħallas l-ammont tal-għotja bil-kundizzjoni li jkun hemm implimentazzjoni xierqa tal-pakketti ta' xogħol, kif ivvalutat mill-esperti.

5.26. Fl-opinjoni tagħna[2] dwar ir-regoli għall-parteċipazzjoni f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru, aħna ddikjarajna li "somom sħaħ huma xierqa sabiex ikunu spjegati b'mod ċar il-pakketti tax-xogħol f'kull proġett" u nnutajna li "d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni ta' skema bħal din iqumu f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-pakketti ddewwmu, tlestew biss parzjalment, jew ġew sostituti b'attivitajiet oħra". Fir-rapport speċjali[3] sussegwenti tagħna dwar il-miżuri ta' simplifikazzjoni li ddaħħlu fil-programm Orizzont 2020, aħna rrakkomandajna li l-Kummissjoni tintensifika l-ittestjar tas-somom f'daqqa u tniedi inizjattivi pilota ġodda "biex tidentifika t-tipi l-aktar adatti ta' proġett, tivvaluta l-iżvantaġġi possibbli u tfassal rimedji xierqa".

5.27. Ir-Rapport Annwali 2022 tagħna[4] kien jinkludi rieżami tal-proċeduri tal-Kummissjoni għall-għoti ta' finanzjament b'somom f'daqqa fir-riċerka, u b'mod partikolari "somom f'daqqa uniċi" fejn l-ammont huwa maħsub biex ikopri l-finanzjament sħiħ, mill-UE, ta' proġett.

5.28. F'Lulju 2024, il-Kummissjoni vvalutat l-użu ta' finanzjament b'somom f'daqqa f'Orizzont 2020 u f'Orizzont Ewropa[5]. Ir-riżultati ewlenin kienu li l-benefiċjarji jqisu li din il-forma ta' finanzjament tmexxi l-enfasi minn fuq il-kostijiet għal fuq il-kontenut xjentifiku tal-proġetti u tnaqqas il-piż amministrattiv marbut mal-ġestjoni tal-għotjiet u l-kostijiet tar-rappurtar. Madankollu, aħna ninnutaw li l-Kummissjoni għadha ma lestiet l-ebda rieżaminar tekniku *ex post* tal-implimentazzjoni ta' għotjiet ta' somom f'daqqa (il-proċess kien għadu kif beda fi tmiem l-2024).

5.29. Aħna awditjajna tranżazzjoni waħda (l-ewwel waħda tagħna) ta' somma f'daqqa unika fl-2024. Aktar dettalji huma pprovduti fil-***Kaxxa 5.4***.

---

[2] L-Opinjoni 1/2006.

[3] Ir-Rapport Speċjali 28/2018, ir-Rakkomandazzjoni 2.

[4] Ir-Rapport Annwali 2022, il-paragrafi 5.25–5.32.

[5] Assessment of Lump Sum Funding, il-Kummissjoni Ewropea, Lulju 2024.

Kaxxa 5.4

Eżempju ta' awditu fuq pagament ta' għotja ta' somma f'daqqa

Benefiċjarju pubbliku fin-Netherlands ipparteċipa fi proġett fil-qasam tal-bijomediċina. Il-Kummissjoni tat EUR 6 miljun għall-proġett kollu fil-forma ta' finanzjament b'somma f'daqqa li minnhom EUR 2 miljun ġew allokati lill-benefiċjarju awditjat. Il-proġett ġie diżaggregat fi 11-il pakkett ta' xogħol li ġew implimentati minn 7 benefiċjarji. L-ammont totali tal-għotja u l-ammonti individwali pagabbli lill-benefiċjarji għal kull pakkett ta' xogħol ġew iddeterminati abbażi tal-istimi tal-kostijiet tal-benefiċjarji u l-valutazzjoni tal-esperti tagħhom.

Aħna awditjajna l-ewwel pagament *interim* li jkopri l-parteċipazzjoni tal-benefiċjarju fil-pakketti ta' xogħol 1 sa 4, li kienu ġew irrappurtati bħala lesti fiż-żmien meta sar il-pagament.

Aħna rrieżaminajna kemm id-dokumenti tal-proġetti li l-benefiċjarju kien issottometta lill-Kummissjoni kif ukoll informazzjoni oħra pprovduta matul l-awditu sabiex nivverifikaw li l-benefiċjarju kien implimenta l-parti li kellu mill-pakketti ta' ħidma. Aħna vvalutajna wkoll jekk ir-riżorsi identifikati fil-baġit kinux intużaw kif ippjanat.

Sibna li l-benefiċjarju ma kienx akkwista element speċifiku ta' tagħmir (b'kost stmat ta' madwar EUR 25 000) li kien inkluż fil-ftehim ta' għotja ffirmat, iżda kien uża għodda oħra li diġà kellu u li kienet tiegħu. Madankollu i-benefiċjarju ma kienx semma din il-bidla fl-approċċ, fir-rappurtar tal-proġett. Il-Kummissjoni vvalutat li kienet sodisfatta bl-implimentazzjoni taż-żewġ pakketti ta' xogħol relatati, u ħallset bis-sħiħ is-somom f'daqqa relatati (għal ammont ikkombinat ta' EUR 742 000).

Abbażi tal-informazzjoni miksuba matul l-awditu, mhuwiex ċar jekk l-inklużjoni ta' dan l-element speċifiku ta' tagħmir fil-proposta tal-baġit kinitx neċessarja u ġġustifikata.

5.30. Sal-2027, il-Kummissjoni għandha l-għan li tipprovdi sa 50 % tal-baġit (allokat għal sejħiet) taħt Orizzont Ewropa fil-forma ta' finanzjament b'somma f'daqqa unika. Madankollu, sal-lum, l-għoti ta' tali finanzjament kien limitat, u jirrappreżenta biss madwar 15 % tal-għotjiet kollha ffirmati fl-2024, li aħna nuru fil-***Figura 5.4***. Għalhekk nistennew li l-finanzjament b'somom f'daqqa jsir gradwalment aktar rifless fil-kampjun tagħna fis-snin li ġejjin.

Figura 5.4 — Valur u sehem tal-għotjiet ta' somom f'daqqa f'Orizzont Ewropa fil-perjodu 2022–2024



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

Żbalji fi proġetti ta' infrastruttura

5.31. Fi proġetti ta' infrastruttura taħt il-programm FNE, il-maġġoranza l-kbira tal-kostijiet huma ddikjarati għal xogħlijiet u studji mwettqa mill-kuntratturi. Il-benefiċjarji jistgħu jitolbu wkoll kostijiet tal-persunal jekk dawn ikunu marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-azzjoni u ma jinkludu l-ebda *kost indirett*. B'mod ġenerali, il-kostijiet indiretti, inkluża n-nefqa fuq l-amministrazzjoni, ir-riżorsi umani u t-taħriġ, huma ineliġibbli f'dan il-kuntest.

5.32. Aħna sibna każ wieħed fejn benefiċjarju kien iddikjara kostijiet indiretti, li mhumiex eliġibbli (ara l-***Kaxxa 5.5***).

Kaxxa 5.5

Eżempju ta' benefiċjarju li ddikjara kostijiet indiretti fi proġett taħt il-FNE

Twaqqfet entità pubblika fi Franza speċifikament biex timmaniġġja parti minn proġett tat-trasport taħt il-FNE. Fid-dikjarazzjoni tal-kostijiet tiegħu għall-perjodu awditjat, il-benefiċjarju kien inkluda kostijiet rigward persuna li kienet qed taħdem fit-tim tar-riżorsi umani, fuq kompiti orizzontali bħar-reklutaġġ, il-pagi, u t-taħriġ professjonali, li ma setgħux jiġu attribwiti direttament lill-proġett.

Għalhekk, il-kostijiet korrispondenti kienu ineliġibbli għall-finanzjament mill-UE u l-benefiċjarju ma missux inkludiehom fit-talba tiegħu.

5.33. Fi tranżazzjoni oħra tal-FNE, aħna identifikajna diskrepanza bejn il-kostijiet li l-benefiċjarju kien iddikjara lill-Kummissjoni u l-pagamenti ta' bażi rreġistrati fis-sistema kontabilistika tiegħu. Sibna wkoll li l-benefiċjarju kien wettaq proċedura ta' akkwist għal dan il-proġett li kienet konformi la mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' għotja u lanqas mar-regoli interni tal-benefiċjarju.

Reviżjoni tal-ġestjoni tal-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi fir-riċerka imwettaq mill-Kummissjoni

5.34. Taħt il-programmi ta' riċerka, l-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi jintuża biex jipprovdi appoġġ lil proġetti u entitajiet ġeneralment iżgħar. Il-Kummissjoni, flimkien mal-aġenziji eżekuttivi, tidħol fi ftehimiet ta' għotja ma' benefiċjarju wieħed jew aktar li jaġixxu bħala forma ta' korpi ta' implimentazzjoni, billi tipprovdi għotjiet lil partijiet terzi.

5.35. L-ammont massimu li parti terza tista' tirċievi permezz ta' dan it-tip ta' finanzjament huwa ta' EUR 60 000 sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-programm ta' ħidma jew fis-sejħa, kif iddefinit fl-Artikolu 207 tar-Regolament Finanzjarju. Il-benefiċjarji li jqassmu l-appoġġ għal parti terza huma meħtieġa jaraw li l-partijiet terzi żgur jikkonformaw ma' obbligi speċifiċi, inklużi dawk rigward kunflitt ta' interess, kunfidenzjalità u etika, u jirrispettaw id-dritt tal-QEA għall-awditjar.

5.36. Aħna għażilna dan is-suġġett għal valutazzjoni fil-fond kemm minħabba r-riskji speċifiċi assoċjati ma' entitajiet oħra li jqassmu u jikkontrollaw il-finanzjament mill-UE, kif ukoll minħabba ż-żieda sinifikanti f'dan it-tip ta' finanzjament. L-ammont ta' appoġġ finanzjarju f'għotjiet taħt Orizzont 2020 ammonta għal EUR 2.5 biljun għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu. Sa tmiem l-2024, l-ammont ta' dan it-tip ta' appoġġ f'Orizzont Ewropa kien diġà aktar mid-doppju (EUR 5.5 biljun).

5.37. Aħna eżaminajna l-gwida tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni ta' għotjiet bħal dawn u eżaminajna l-11-il tranżazzjoni li kienu fil-kampjuni tal-QFP 1 tagħna għall-2023 u l-2024.

5.38. L-awditi li wettaqna wrew li:

- Is-soll ta' EUR 60 000 kien inqabeż f'9 minn dawn il-11-il każ (b'għotjiet individwali sa EUR 330 000) fin-nuqqas ta' ġustifikazzjoni xierqa għal deroga fil-programm ta' ħidma jew fis-sejħa. Dan mhuwiex konformi mar-rekwiżiti legali. Skont il-Kummissjoni, il-ħtieġa għal ammonti ogħla ta' għotjiet hija inerenti għal ċerti tipi ta' azzjonijiet. Aħna nqisu li din l-ispjegazzjoni mhijiex biżżejjed biex tiġġustifika finanzjament għal partijiet terzi individwali li jaqbeż is-soll imsemmi hawn fuq.

- Fi 3 biss mill-11-il każ ġew inklużi — taħt il-ftehimiet konklużi bejn il-benefiċjarji u partijiet terzi — l-obbligi kollha meħtieġa skont il-ftehimiet ta' għotja tal-UE. F'żewġ każijiet oħra, xi wħud minnhom ġew inklużi, iżda fis-sitt każijiet li jifdal dawn l-obbligi kollha kienu tħallew barra mill-kundizzjonijiet kuntrattwali. F'waħda mit-tranżazzjonijiet, il-parti terza kkontestat id-drittijiet tal-awditjar tagħna, minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet korrispondenti fil-ftehim tagħha mal-benefiċjarju, u l-aċċess għall-evidenza meħtieġa għall-awditu tagħna ngħata biss wara komunikazzjoni estensiva.

5.39. Barra minn hekk, sibna li l-benefiċjarji fdati mill-Kummissjoni biex jimmaniġġjaw l-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi mhumiex meħtieġa juru l-*effettività* tal-kontrolli tagħhom biex jiżguraw ir-regolarità tal-infiq tal-UE. Aħna nqisu li dan joħloq riskju partikolari għall-*ġestjoni finanzjarja tajba* u għall-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-UE.

Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza

5.40. Irrieżaminajna l-informazzjoni fl-AMPR 2024 tal-Kummissjoni rigward ir-riskju stmat fil-waqt tal-pagament għall-QFP1 ta’ 1.6 %. Dan il-perċentwal jinsab fil-limitu inferjuri tal-firxa indikata minna tal-livell ta’ żball stmat, kif kien il-każ għall-biċċa l-kbira mis-snin, u huwa taħt is-soll ta’ materjalità.

5.41. Fl-2024, in-nefqa prinċipali tad-DĠ CNECT kienet relatata mal-programmi Orizzont 2020, Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, filwaqt li n-nefqa tal-ERCEA kienet relatata ma’ Orizzont 2020 u ma’ Orizzont Ewropa. Fir-rigward ta’ Orizzont 2020, il-Kummissjoni kkalkulat u ppreżentat rata ta’ żball unika, kumulattiva, rappreżentattiva u identifikata ta’ madwar 3.6 % għall-programm. Ir-rata tal-*iżball residwu* kumulattiva, meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-azzjonijiet korrettivi, hija ta’ madwar 1.8 % (ir-rati ta’ żball individwali huma ta’ madwar 1.8 % u 0.9 % għad-DĠ CNECT u l-ERCEA, rispettivament).

5.42. Billi l-kampanji tal-awditjar *ex post* għal Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali tnedew fit-tieni nofs tal-2024, l-ebda rata ta’ żball misjuba għadha mhija disponibbli għal dawn il-programmi. Għalhekk, id-DĠ CNECT u l-ERCEA użaw il-mira tagħhom ta’ mhux aktar minn 2 % għar-rata tal-iżball residwu għal dawn il-programmi bħala r-rata ta’ żball stmata.

5.43. Inqisu li r-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ CNECT u tal-ERCEA kienu jirriflettu l-informazzjoni disponibbli għalihom u, abbażi tagħhom, wettqu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja. Dan fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huwa bbażat in-nefqa taħt il-QFP 1.

Konklużjonijet u rakkomandazzjonijiet

Konklużjonijet

5.44. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" kien materjali. Għal din l-intestatura tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet ta livell kumplessiv ta' żball stmat ta' 3.2 %.

5.45. Il-fattur prinċipali li jikkontribwixxi għall-iżbalji taħt il-QFP 1 huma kostijiet tal-persunal ineliġibbli jew iddikjarati b'mod skorrett fin-nefqa għar-riċerka. Minkejja l-miżuri kollha ta' simplifikazzjoni introdotti fil-bażi legali maż-żmien, u l-gwida tal-Kummissjoni lill-benefiċjarji, is-sitwazzjoni baqgħet l-istess għal snin sħaħ[6]. Għadd sinifikanti ta' benefiċjarji għadhom jesperjenzaw diffikultà fl-applikazzjoni korretta tar-regoli, anke taħt Orizzont Ewropa. F'dan l-isfond, aħna ninnutaw li l-Kummissjoni għandha l-għan li tkompli żżid l-użu ta' finanzjament permezz ta' somom f'daqqa biex tissimplifika r-rappurtar tal-proġetti u l-iżborż tal-appoġġ finanzjarju tal-UE.

Rakkomandazzjonijiet

5.46. L-***Anness 5.1*** juri s-sejbiet tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna tar-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapporti Annwali 2021, 2022 u 2023 tagħna li kellhom jiġu implimentati sal-2024. Il-Kummissjoni implimentat erba' rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, rakkomandazzjoni waħda fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, filwaqt li rakkomandazzjoni waħda ma ġietx implimentata.

5.47. Abbażi ta' din l-analiżi u tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna rigward l-2024, nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

---

[6] Ir-Rapport Annwali 2018, il-paragrafu 5.16, ir-Rapport Annwali 2019, il-paragrafu 4.11, ir-Rapport Annwali 2020, il-paragrafu 4.13, ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 4.12, Rapport Annwali 2022, il-paragrafu 5.13 u r-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 5.13.

Rakkomandazzjoni 5.1 — Tirrieżamina l-implimentazzjoni tal-għotjiet ta' somom f'daqqa

Tirrieżamina kampjun rappreżentattiv ta' għotjiet ta' somom f'daqqa, u tanalizza t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-għotjiet ta' somom f'daqqa u l-metodi użati biex jiġi stabbilit l-appoġġ finanzjarju mill-UE. Dan bil-għan li tipprovdi input għall-użu futur tal-finanzjament ta' somom f'daqqa.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa nofs l-2026.

Rakkomandazzjoni 5.2 — Ittejjeb il-ġestjoni tal-appoġġ finanzjarju mogħti lil partijiet terzi

(a) Tistabbilixxi standards minimi ta' kontroll biex jiġu applikati mill-benefiċjarji biex tara li żgur ikun hemm verifiki effettivi fuq ir-regolarità tal-infiq tal-UE.

(b) Tirrikjedi li l-obbligi rilevanti li jirriżultaw mill-ftehim ta' għotja tal-UE jkunu riflessi wkoll jew fi ftehimiet konklużi bejn il-benefiċjarji u partijiet terzi jew inkella fir-regoli tal-benefiċjarji kkomunikati lill-partijiet terzi.

(c) Tipprovdi ġustifikazzjoni biżżejjed meta l-programmi ta' ħidma jew is-sejħiet jippermettu appoġġ lil partijiet terzi individwali ta' aktar minn EUR 60 000.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026.

Annessi

Anness 5.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Suq uniku, innovazzjoni u diġitali”

Livell ta’ aċċettazzjoni: aċċettata; aċċettata parzjalment; mhux aċċettata; l-ebda informazzjoni.

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata; ma tistax tinsilet konklużjoni jew ma għadhiex rilevanti.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta’ aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti
2021	Nirrakkomandaw li sa nofs l-2024 (Orizzont Ewropa) il-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 1:** Tħeġġeġ bil-qawwi l-użu tal-għodda “Personnel Costs Wizard” (ara l-paragrafu 4.25) (magħmula disponibbli fil-portal tal-parteċipanti), speċjalment minn ċerti kategoriji ta’ benefiċjarji li huma aktar suxxettibbli li jwettqu żbalji, bħal *SMEs* u parteċipanti ġodda (għal Orizzont 2020).			Għal Orizzont Ewropa: Id-DĠ RTD qed jistenna li l-wizard ikun lest fl-2025.
2022	Nirrakkomandaw li sa tmiem l-2024, il-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 1(b) — Tevalwa l-finanzjament b’somom f’daqqa**			

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Qabel is-sejħiet li jmiss ta' Orizzont Ewropa, tivvaluta x-xerqien tal-użu ta' għotjiet iffinanzjati b'somom f'daqqa għal proġetti b'baġit kbir u tal-iffissar ta' ammont massimu għal tali għotjiet.			
	Nirrakkomandaw li sa tmiem l-2023, il-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 2 — Ittejjeb l-evalwazzjonijiet tal-esperti tal-għotjiet ta' somom f'daqqa** Għall-għotjiet ta' somom f'daqqa, tiżgura li l-evalwazzjonijiet li l-esperti jwettqu fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għotjiet, b'mod partikolari l-proposti tal-baġit fihom, isiru b'kunsiderazzjonijiet dovuti tal-parametri referenzjarji rilevanti u jiġu ddokumentati kif xieraq.	✓		
	Nirrakkomandaw li sal-ewwel trimestru tal-2024, il-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 3 — Tiddefinixxi rekwiżiti aktar ċari dwar l-implimentazzjoni tal-għotjiet taħt Orizzont Ewropa** Għall-għotjiet ta' somom f'daqqa, tispeċifika aktar ir-rekwiżiti li jiddefinixxu l-implimentazzjoni xierqa, inklużi l-elementi ta' kull pakkett ta' ħidma li se jiskattaw pagament, kif ukoll tipprovdi gwida dettaljata	✓		Il-Kummissjoni rrieżaminat il-biċċa l-kbira mill-gwida bil-ħsieb li tiċċara r-rekwiżiti li jiddefinixxu l-implimentazzjoni xierqa tal-għotjiet ta' somom f'daqqa. Bħalissa għaddej ċiklu ieħor ta' reviżjoni, u sa Ġunju 2025 kienet ġiet ippubblikata xi gwida riveduta.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	lil dawk involuti fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti.			
	Nirrakkomandaw li sa nofs l-2024, il-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 4 — Tiddefinixxi l-ambitu tal-kontrolli *ex post* ta' għotjiet ta' somom f'daqqa** Għall-għotjiet ta' somom f'daqqa, tiddefinixxi l-ambitu tal-kontrolli *ex post*, li jenħtieġ li jinkludu l-verifiki fuq oqsma b'riskju għoli, bħar-regoli dwar l-akkwist, l-assenza ta' kunflitt ta' interess u l-użu tar-riżorsi indikati fil-ftehim ta' għotja.	✓	▨	
2023	Nirrakkomandaw li sa tmiem l-2024, il-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 3 — Tiżviluppa l-linji gwida dwar il-kontrolli *ex ante* fuq l-akkwist** Tkompli tiżviluppa l-linji gwida li jiddeskrivu l-firxa tal-verifiki li għandhom jitwettqu fil-kontrolli *ex ante* dwar l-akkwist għal proġetti taħt il-FNE fir-rigward tal-konsistenza tal-kriterji tal-għażla u dawk għall-aġġudikazzjoni applikati ma' dawk ippubblikati fl-avviż dwar kuntratt.	✓	▨	

Sors: il-QEA.

Kapitolu 6

Koeżjoni, reżiljenza u valuri

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**6.1. - 6.9.**
Deskrizzjoni qasira	**6.2. - 6.5.**
Objettivi ta' politika u strumenti ta' nfiq	6.2.
Ġestjoni ta' fondi	6.3. - 6.5.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	**6.6. - 6.9.**
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**6.10. - 6.38.**
Riżultati tal-ittestjar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet	**6.10. - 6.15.**
Ġestjoni kondiviża	**6.16. - 6.31.**
Kostijiet u proġetti ineliġibbli	6.16. - 6.22.
Inqabad ksur tar-regoli tas-suq intern rigward l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat	6.23. - 6.27.
Nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn	6.28. - 6.29.
Strumenti finanzjarji	6.30. - 6.31.
Tranżazzjonijiet mmaniġġjati direttament jew indirettament mill-Kummissjoni	**6.32. - 6.34.**
Ġestjoni finanzjarja tajba	**6.35.**
Infiq ieħor	**6.36. - 6.38.**
Governanza	**6.39. - 6.62.**
Il-valutazzjoni li wettaqna fir-rigward tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar	**6.39. - 6.51.**
Ir-rati tal-iżball residwu huma ogħla mill-materjalità għal 44 % tal-valur tal-pakketti ta' aċċertament li awditjajna fl-2024	6.39. - 6.43.
Dgħufijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar inaqqsu l-punt sa fejn il-Kummissjoni tista' sserraħ fuq il-konklużjonijiet tagħhom	6.44. - 6.51.

Ix-xogħol ta' aċċertament tal-Kummissjoni u r-rappurtar dwar ir-rata tal-iżball residwu fir-rapporti annwali tal-attività tagħha 6.52. - 6.62.

Il-Kummissjoni tqis li, għall-koeżjoni, il-livell ta' nefqa irregolari fil-kontijiet aċċettati huwa materjali 6.54. - 6.58.

Għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 u tal-perjodi ta' programmazzjoni 2014–2020. 6.59. - 6.62.

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet 6.63. - 6.68.

Konklużjoni 6.63. - 6.66.

Rakkomandazzjonijiet 6.67. - 6.68.

Annessi

Anness 6.1 – Diżaggregazzjoni tal-kampjun tagħna ta' tranżazzjonijiet taħt ġestjoni kondiviża u s-sejbiet assoċjati għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2024

Anness 6.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Koeżjoni, reżiljenza u valuri"

Introduzzjoni

6.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 2 tal-*qafas finanzjarju pluriennali (QFP)*, "Koeżjoni, reżiljenza u valuri". Il-***Figura 6.1*** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2024, kif ukoll il-volum tal-popolazzjoni li awditjajna.

Figura 6.1 — Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

Deskrizzjoni qasira

Objettivi ta' politika u strumenti ta' nfiq

6.2. L-infiq taħt din l-intestatura jiffoka fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri u r-reġjuni differenti tal-UE (is-Subintestatura 2a), kif ukoll fuq azzjonijiet li jappoġġaw u jipproteġu l-valuri tal-UE, biex b'hekk l-UE ssir aktar reżiljenti għall-isfidi tal-preżent u għal dawk tal-futur (is-Subintestatura 2b). Il-***Figura 6.2*** turi l-objettivi ta' politika tal-Intestatura 2 tal-QFP, "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" (is-Subintestatura 2a[1] u s-Subintestatura 2b), u l-fondi u l-istrumenti relatati.

[1] L-Artikoli 162 u 174 sa 178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Figura 6.2 — Objettivi ta' politika u l-pagamenti

(EUR biljun (*))

Subintestatura 2a — koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali
għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri/ir-reġjuni tal-UE.



Il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
inaqqas l-iżbilanċi reġjonali billi jappoġġa l-innovazzjoni u r-riċerka, l-aġenda diġitali, l-SMEs, l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u l-iżvilupp sostenibbli u integrat ta' kull tip ta' territorju u inizjattivi lokali.

Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-FSE+
għandu l-għan li jikseb livelli għoljin ta' impjieg, protezzjoni soċjali ġusta, forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u reżiljenti, u soċjetajiet inklużivi/koeżivi bħala fattur ċentrali fil-qerda tal-faqar; l-FSE+ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 jinkludi wkoll l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD), il-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u jimplimenta l-programm taħt il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Fond ta' Koeżjoni (FK)
jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli billi jiffinanzja proġetti ambjentali u tat-trasport fl-Istati Membri b'introjtu nazzjonali gross (ING) *per capita* < 90 % tal-medja tal-UE. Il-FK jgħin biex jiffinanzja proġetti tan-network trans-Ewropew permezz tal-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE).**

Subintestatura 2b — reżiljenza u valuri
għandha l-għan li tagħmel l-UE aktar reżiljenti billi tiddefendi l-valuri tal-UE.



Erasmus+
jappoġġa l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport billi jippromwovi l-mobbiltà taż-żgħażagħ u l-parteċipazzjoni attiva.

Irkupru tal-UE/NextGenerationEU (*)
jappoġġa lill-Istati Membri tal-UE biex jirkupraw mill-pandemija tal-COVID-19.

Skemi oħra eż. Ewropa Kreattiva, il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV), u strumenti speċifiċi li jippromwovu l-irkupru ekonomiku fl-UE wara l-pandemija tal-COVID-19 (EU4Health u l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI), eċċ.).

(*) L-infiq taħt l-Intestatura 2 tal-QFP fl-2024.
(**) EUR 2.2 biljun jinkludu prinċipalment l-imgħax fuq is-self.

Sors: il-QEA.

Ġestjoni ta' fondi

6.3. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni (il-*FEŻR/FK* u l-*FSE*) huma implimentati taħt *ġestjoni kondiviża*. Il-***Figura 6.3*** tiddeskrivi l-proċessi ta' ġestjoni, kontroll u assigurazzjoni, u r-rwoli u r-responsabbiltajiet relatati.

Figura 6.3 —Proċess ta' ġestjoni tal-koeżjoni, u proċess ta' kontroll u aċċertament għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020

(*) L-Artikolu 130 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jillimita r-rimborż ta' *pagamenti interim* għal 90 %.

Sors: il-QEA.

6.4. Il-proċess ta' kontroll u aċċertament jibni fuq ix-xogħol ikkombinat dwar ir-regolarità fil-livelli kollha kif jidher hawn fuq fil-***Figura 6.3***. L-awtoritajiet maniġerjali huma "l-ewwel linja ta' difiża" u, fl-Istati Membri, l-awtorità responsabbli mir-regolarità tal-pagamenti. L-Istati Membri jiċċertifikaw il-kontijiet annwali ta' kull *programm operazzjonali (PO)* u jirrappurtaw lill-Kummissjoni, li fl-aħħar mill-aħħar hija responsabbli biex timplimenta l-baġit tal-UE. L-awtoritajiet tal-awditjar jipprovdu aċċertament billi jirrappurtaw lill-Kummissjoni *rata tal-iżball residwu* għall-infiq taħt ir-responsabbiltà tagħhom. L-iskop kumplessiv tagħhom huwa li jaraw li żgur il-livell ta' *irregolarità* fil-kontijiet annwali tal-programm operazzjonali (PO) jibqa' taħt it-2 % (is-*soll ta' materjalità* għal-*legalità u r-regolarità*) tal-ammont iddikjarat.

6.5. L-Intestatura 2 tal-QFP, "Koeżjoni, reżiljenza u valuri", tkopri wkoll il-finanzjament mill-UE permezz ta' *programmi* jew azzjonijiet li huma mmaniġġjati jew direttament mid-*direttorati ġenerali (DĠ)* tal-Kummissjoni (inkluż permezz ta' aġenziji eżekuttivi tal-UE)[2] jew inkella indirettament bl-appoġġ ta' organizzazzjonijiet sħab jew awtoritajiet oħra bħall-aġenziji nazzjonali tal-*Erasmus+*, taħt is-Subintestatura 2b (ara l-***Figura 6.2***).

Ambitu u approċċ tal-awditjar

6.6. L-objettiv tax-xogħol tal-awditjar tagħna kien li nikkontribwixxu għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva* (*DAS*) kif deskritt fl-***Anness 1.1***, u li nipprovdu valutazzjoni tar-regolarità tan-nefqa, kemm taħt l-Intestatura 2 tal-QFP kollha kemm hi kif ukoll għall-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni (is-Subintestatura 2a). Meta għamilna dan, ivvalutajna wkoll l-affidabbiltà tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar u l-funzjoni ta' awditjar tal-Kummissjoni.

6.7. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna l-elementi deskritti fil-***Figura 6.4*** għal din l-intestatura tal-QFP fl-2024.

---

[2] Id-DĠ COMM, id-DĠ DIGIT, id-DĠ EMPL, id-DĠ REGIO, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA), l-*Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA)*, u l-*Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA)* fir-rigward tan-nefqa fil-popolazzjoni li awditjajna għall-2024.

Figura 6.4 – Elementi awditjati

Kampjun ta' 223 tranżazzjoni, statistikament rappreżentattiv, li jkopri l-firxa sħiħa ta' nfiq taħt l-Intestatura 2 tal-QFP. L-objettiv tagħna kien li nistmaw il-livell ta' żball għall-intestatura u li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

Ix-xogħol imwettaq mill-**awtoritajiet tal-awditjar** biex jivvalidaw l-informazzjoni li tinsab fit-30 pakkett ta' aċċertament għall-perjodu 2014–2020 ikkonċernati mill-189 tranżazzjonijiet li kienu ċċekkjaw qabel.



Ix-**xogħol imwettaq mill-Kummissjoni** biex tirrieżamina u tivvalida r-rati tal-iżball residwu li ġew irrappurtati fil-pakketti ta' aċċertament għall-perjodu 2014–2020, u x-xogħol tal-awditjar imwettaq minnha fuq aspetti li jirrigwardaw ir-regolarità ta' dawk il-pakketti.

L-informazzjoni dwar ir-regolarità mogħtija fir-**rapporti annwali tal-attività tad-DĠ EMPL u tad-DĠ REGIO** u mbagħad inkluża fir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR).

Sors: il-QEA.

6.8. Il-popolazzjoni kumplessiva ta' EUR 55.2 biljun (ara l-***Figura 6.1***) tinkludi nefqa taħt ġestjoni kondiviża (EUR 45.6 biljun) minn *perjodi ta' programmazzjoni* differenti:

(a) **2014 – 2020**: EUR 45.1 biljun f'kontijiet aċċettati li ġew ippreżentati għal 409 PO u 344 *pakkett ta' aċċertament* għas-sena kontabilistika 2022/2023;

(b) Perjodi **2007–2020** u **1999–2006**: EUR 0.3 biljun taħt l-14-il PO (7 taħt kull perjodu) magħluqa jew parzjalment magħluqa mill-Kummissjoni fl-2024;

(c) **2021 – 2027**: EUR 0.2 biljun f'kontijiet aċċettati li ġew ippreżentati għal 11-il programm għas-sena kontabilistika 2022/2023.

6.9. Il-**223** *tranżazzjoni* ntgħażlu kif ġej (ara l-***Figura 6.5*** għal dettalji dwar id-distribuzzjoni tat-tranżazzjonijiet fil-kampjun tagħna):

(a) bl-użu ta' metodu tal-kampjunar b'żewġ stadji:

— 2014–2020: **189** tranżazzjoni meħuda bħala kampjun mill-kampjun tal-awtoritajiet tal-awditjar taħt 409 PO, f'ammont ta' EUR 42.7 biljun. L-ewwel għażilna 30 pakkett (29 fl-2023), mill-perjodu 2014–2020 minn nefqa li kienet ġiet iċċertifikata fi 344 pakkett ta' aċċertament fl-2024, li l-awtoritajiet tal-awditjar kienu ċċekkjaw u li l-Kummissjoni kienet aċċettat. Ma għażilna l-ebda tranżazzjoni minn perjodi qabel l-2014–2020;

— Perjodu 2021–2027: **4** tranżazzjonijiet magħżula taħt 10 programmi li jammontaw għal EUR 0.2 biljun. Mill-perjodu 2021–2027, ħadna kampjuni direttament min-nefqa tal-programm li kienet ġiet iċċertifikata fil-kontijiet annwali u aċċettata mill-Kummissjoni. Għażilna programm wieħed, u mbagħad erba' tranżazzjonijiet minn dak il-programm. Użajna ttestjar dirett biex neżaminaw it-tranżazzjonijiet, irrispettivament minn jekk kinux ġew awditjati jew le mill-*awtorità tal-awditjar*.

(b) l-użu ta' approċċ bi stadju wieħed:

— strumenti finanzjarji: **8** magħżula, abbażi tal-iżborżi rrappurtati tal-Istati Membri permezz ta' strumenti finanzjarji taħt 125 PO li jammontaw għal EUR 2.4 biljun (meta mqabbla ma' 124 PO u EUR 3.0 biljun għall-2023);

— il-*ġestjoni diretta* u l-*ġestjoni indiretta* tal-Kummissjoni: **22** tranżazzjoni minn EUR 9.7 biljun f'nefqa tal-programm.

Figura 6.5 — Distribuzzjoni tal-kampjun



(*) Minbarra l-**223** tranżazzjoni taħt l-Intestatura 2 tal-QFP, aħna awditjajna wkoll **2** tranżazzjonijiet taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) (ara l-paragrafi ***6.36–6.38***).
(**) **8 strumenti finanzjarji** rriżultaw f'awditu ta' 53 selfa, 20 garanzija, 10 investimenti ta' ekwità u 2 tariffi ta' ġestjoni.
(***) **Tranżazzjonijiet oħra**: tnejn rigward il-kuntratti ta' servizzi u xogħlijiet tal-Kummissjoni; żewġ ftehimiet ta' kontribuzzjoni mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI); waħda taħt il-*Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV)*; waħda tal-*EU4Health* (manifattura tal-vaċċini) u waħda rigward il-kostijiet ta' finanzjament ta' *NextGenerationEU (NGEU)* (rati tal-imgħax tal-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)*).

Sors: il-QEA.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Riżultati tal-ittestjar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet

6.10. Għall-2024, l-istima tagħna tar-rata ta' żball għall-Intestatura 2 tal-QFP hija għal darba oħra ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 % f'livell ta' 5.7 % (ara l-***Figura 6.6***). Dan huwa bbażat fuq l-awditu li wettaqna ta' 223 tranżazzjoni, li fihom identifikajna u kkwantifikajna 44 *żball* (49 żball għal kampjun ta' 238 tranżazzjoni fl-2023) li ma kinux inqabdu jew, jekk kienu nqabdu, ma kinux ġew ikkoreġuti b'mod suffiċjenti mill-awtoritajiet tal-awditjar. L-istima li wettaqna tinkludi wkoll is-sejbiet tal-awtoritajiet tal-awditjar, li rrappurtaw 47 żball (52 fl-2023) fl-istess tranżazzjonijiet. Biex wasalna għall-istima tagħna, ħadna kont tal-korrezzjonijiet applikati mill-*awtoritajiet inkarigati mill-programmi* (valur totali ta' EUR 248.5 miljun).

Figura 6.6 — Impatt stmat ta' żbalji kwantifikabbli



Sors: il-QEA.

6.11. Mill-bidu tal-2020 'il quddiem, l-UE ħadet għadd ta' azzjonijiet biex tindirizza l-isfidi fl-implimentazzjoni tal-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni, bħall-impatt tal-COVID-19. Dawn l-azzjonijiet kienu jinkludu simplifikazzjonijiet proċedurali għall-infiq tal-perjodu 2014–2020, u l-possibbiltà ta' finanzjament ta' 100 % mill-UE. Il-kampjun tagħna kien jinkludi proġetti li bbenefikaw mill-inizjattiva *REACT-EU* li pprovdiet finanzjament addizzjonali, b'rata ta' finanzjament mill-UE sa 100 %. Madankollu, it-tneħħija tar-rekwiżit għall-kofinanzjament nazzjonali jew privat tal-programmi tmur kontra prinċipju li ilu stabbilit: il-kofinanzjament nazzjonali jew privat obbligatorju jiggarantixxi l-impenn u s-sjieda tal-Istati Membri (jew tal-benefiċjarji), u l-valur għall-flus f'investimenti appoġġati mill-UE[3].

6.12. Il-***Figura 6.7*** tqabbel il-*livell ta' żball stmat* ta' din is-sena f'punti perċentwali maċ-ċifri għas-sena l-oħra. Dan juri wkoll il-kontribut kumplessiv tal-livelli ta' żball stmati (ara l-pie chart) rigward 12-il tranżazzjoni b'finanzjament ta' REACT-EU.

[3] Ir-Rapport Analitiku 03/2024: "Ħarsa ġenerali lejn il-qafas ta' aċċertament u l-fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għal żbalji fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni 2014–2020", il-paragrafi 162.

Figura 6.7 — Tqabbil tal-kontribut għal-livelli ta' żball stmati (ELE) skont il-kategorija



pp: punti perċentwali

Sors: il-QEA.

6.13. Is-47 *żball kwantifikabbli* rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar kienu jikkonċernaw kostijiet ineliġibbli (32), irregolaritajiet fil-*proċeduri ta' akkwist pubbliku* (9), dokumenti ta' sostenn neqsin (7), żbalji fil-kontabbiltà u fil-kalkolu (2), u problemi bl-*għażliet ta' kostijiet simplifikati (SCOs)* (1)[4]. L-Istati Membri kienu applikaw *korrezzjonijiet finanzjarji* biex jikkoreġu l-iżbalji individwali li huma kienu identifikaw, bil-għan li jġibu r-rati tal-iżball residwu għas-soll ta' materjalità ta' 2 % jew taħtu. Ir-rata ta' żball tagħna tieħu dawn il-korrezzjonijiet inkunsiderazzjoni.

6.14. Il-***Figura 6.8*** turi l-kontribut għar-rata ta' żball totali tal-44 żball kwantifikabbli li sibna minbarra dawk li nqabdu jew li ma ġewx ikkoreġuti b'mod suffiċjenti mill-awtoritajiet tal-awditjar għall-istess tranżazzjonijiet. Aħna nipprovdu aktar informazzjoni dwar kategoriji differenti ta' żbalji fil-paragrafi ***6.16–6.34***.

[4] Tranżazzjoni waħda tista' tiġi milquta minn aktar minn tip ta' żball wieħed.

Figura 6.8 — Kontribut tal-iżbalji li sibna għar-rata kumplessiva ta' żball



pp: punti perċentwali

Sors: il-QEA.

6.15. L-***Anness 6.1*** fih diżaggregazzjoni tal-kampjun tagħna ta' tranżazzjonijiet u s-sejbiet relatati mat-tranżazzjonijiet li identifikajna fis-27 Stat Membru u fir-Renju Unit[5] għas-Subintestatura 2a tal-QFP.

Ġestjoni kondiviża

Kostijiet u proġetti ineliġibbli

6.16. Meta jiddikjaraw in-nefqa lill-Kummissjoni fil-kontijiet tagħhom, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiċċertifikaw li din tkun iġġarrbet f'konformità mar-regoli applikabbli tal-UE u dawk nazzjonali, u li l-għajnuna tkun ingħatat lill-benefiċjarji u lill-operazzjonijiet li jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà tal-PO. Il-pakkett ta' aċċertament fih dikjarazzjoni espliċita fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, li din in-nefqa hija kompletament legali u regolari.

[5] Il-programmi tar-Renju Unit taħt il-perjodu 2014–2020 għadhom parti min-nefqa tal-Intestatura 2 tal-QFP.

Kostijiet ineliġibbli

6.17. Il-kostijiet ineliġibbli huma l-aktar żball frekwenti misjub mill-awtoritajiet tal-awditjar. Skont ir-rappurtar tagħhom, u bl-użu ta' tipoloġija komuni maqbula mal-Kummissjoni, 32 (68 %) tal-iżbalji kollha identifikati matul is-sena kontabilistika 2022/2023 kienu ta' dan it-tip.

6.18. Fil-kampjun tagħna, sibna 24 każ ieħor ta' kostijiet ineliġibbli li ma kinux inqabdu mill-awtoritajiet tal-awditjar minkejja li dawn kienu ċċekkjaw l-istess tranżazzjonijiet. B'kollox, dawn l-24 każ kienu jirrappreżentaw 63 % tal-għadd totali ta' żbalji kwantifikabbli li sibna fil-ġestjoni kondiviża, u bejn wieħed u ieħor 2.7 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat (kontribut ta' 47 % għall-iżball).

6.19. Il-kaġuni prinċipali tal-ineliġibbiltà kienu nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-ftehim ta' finanzjament u żbalji fil-kalkolu tal-kostijiet. Il-***Kaxxa 6.1*** tagħti eżempju ta' nefqa ineliġibbli.

Kaxxa 6.1

Aspettattivi mhux issodisfati: il-proġett naqas milli jwassal servizzi lill-istudenti b'diżabilità

Proġett taħt il-FSE fil-Polonja implimentat minn stabbiliment privat tal-edukazzjoni għolja kellu l-għan li jtejjeb l-aċċess għar-riżorsi edukattivi għall-istudenti b'diżabilità. Għal dan il-fini, il-*benefiċjarju* kien ħa l-impenn li jipprovdi servizzi li jinkludu pjattaforma edukattiva online u sistema ta' librerija.

L-awditu li wettaqna wera li s-servizzi tal-librerija online jew ma kinux jaħdmu jew ma kinux adatti għall-iskop tagħhom. Barra minn hekk, il-benefiċjarju ma ħaddimx il-pjattaforma edukattiva online. Konsegwentement, l-istudenti b'diżabilità ċċaħħdu mill-benefiċċji maħsuba ta' dawn l-azzjonijiet. Minħabba li l-benefiċjarju kiser il-ftehim ta' *għotja* billi naqas milli jwassal is-servizzi mistennija, il-kostijiet korrispondenti tal-proġett huma ineliġibbli. Il-proġett jikkostitwixxi wkoll użu ineffettiv tar-riżorsi tal-UE.

6.20. Fil-kampjun tagħna 12-il tranżazzjoni kienu jikkonċernaw ix-xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19 u mediċina. Il-***Kaxxa 6.2*** tipprovdi aktar dettalji dwar il-kampjun tat-tranżazzjonijiet relatati mal-vaċċini u dwar ir-riżultati ta' xogħolna rigward in-nefqa relatata.

Kaxxa 6.2

Tranżazzjonijiet fil-kampjun li jikkonċernaw vaċċini kontra l-COVID-19 u mediċina

Mill-kampjun tagħna ta' 223 tranżazzjoni, 12 kienu jikkonċernaw vaċċini kontra l-COVID-19, li għalihom ir-regoli tal-politika ta' koeżjoni ġew emendati bħala eċċezzjoni. Dawn it-12-il tranżazzjoni kollha huma ta' natura retroattiva, billi n-nefqa relatata ntgħażlet biex tiġi ffinanzjata mill-UE fl-2022 u fl-2023, wara li l-Istati Membri inizjalment iffinanzjawh u implimentawh mill-baġit nazzjonali tagħhom.

Dawn it-tranżazzjonijiet jirrappreżentaw 5.4 % tal-kampjun u jikkonċernaw:

— Spanja: ħames tranżazzjonijiet (nefqa pubblika totali ta' EUR 2.8 miljun) iffinanzjati 100 % mill-fondi ta' REACT-EU *(Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa*) taħt il-FEŻR fil-qafas ta' PO nazzjonali.

— L-Italja: żewġ tranżazzjonijiet kofinanzjati (75 % u 79 %, rispettivament) minn PO reġjonali taħt il-FEŻR, u proġett wieħed (li minħabba d-daqs tiegħu jirrappreżenta erba' tranżazzjonijiet fil-kampjun tagħna) iffinanzjati 100 % mill-fondi ta' REACT-EU taħt il-FEŻR fil-qafas ta' PO nazzjonali. It-total tan-nefqa pubblika ddikjarat għal dawn it-tranżazzjonijiet huwa EUR 1 169.9 miljun.

— Il-Portugall: tranżazzjoni waħda (nefqa pubblika totali ta' EUR 214.2-il miljun) iffinanzjata 100 % mill-fondi ta' REACT-EU taħt il-FEŻR fil-qafas ta' PO nazzjonali.

Kostijiet ineliġibbli

Awditjajna n-nefqa għall-vaċċini kontra l-COVID-19 kofinanzjati minn PO reġjonali (nefqa pubblika totali ta' EUR 144.9 miljun), ordnati mill-Italja taħt ftehim ta' xiri bil-quddiem bejn il-Kummissjoni u manifattur, konkluż f'isem l-Istati Membri. Għal xi dożi, il-Kummissjoni kienet ħallset parti mill-kost tal-vaċċini bil-quddiem, u għaldaqstant naqqset il-prezz unitarju għal kull doża li l-Istati Membri kellhom iħallsu.

Sibna li l-benefiċjarju ma kienx naqqas l-ammont li jikkorrispondi għal dan il-pagament bil-quddiem meta kkalkula l-prezz unitarju għal kull doża biex jiddikjara n-nefqa li kellha tiġi ffinanzjata mill-UE. B'riżultat ta' dan, il-benefiċjarju talab xi kostijiet li ma kienx fil-fatt ġarrab, li barra minn hekk kienu diġà tħallsu mill-baġit tal-UE.

Sibna wkoll nefqa ineliġibbli fil-Portugall fir-rigward ta' tranżazzjoni relatata mal-COVID-19 li kienet tinkludi każijiet fejn il-vaċċini nbiegħu lill-UE u lil pajjiżi mhux tal-UE u ġew iddikjarati indebitament għal finanzjament 100 % taħt REACT-EU fil-qafas tal-FEŻR.

Barra minn hekk, l-awditu li wettaqna sab dgħufijiet fis-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll ta' Spanja u tal-Portugall. B'mod partikolari, is-sistemi tal-IT li jkopru partijiet differenti tal-proċess ma kinux interkonnessi. Dan irriżulta fi traċċabbiltà inkompleta tal-vaċċini wara l-konsenja mill-manifatturi.

6.21. Bħala parti minn xogħolna dwar it-tranżazzjonijiet relatati mal-vaċċini, awditjajna wkoll il-proċeduri ta' akkwist li l-Kummissjoni kienet wettqet f'isem l-Istati Membri biex tikkonkludi ftehimiet ta' xiri. Identifikajna diversi problemi, bħal dokumentazzjoni insuffiċjenti tan-negozjati mal-forniturі dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti, inklużi l-prezz u l-għadd ta' dożi. Skont il-metodoloġija tagħna[6], ma kkwantifikajniex dawn l-irregolaritajiet. Ninnutaw li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Mejju 2025[7] dwar l-aċċess pubbliku għal ċerti dokumenti fil-kuntest tal-akkwist ta' vaċċini kontra l-COVID-19, fakkret dwar ir-rekwiżit tat-trasparenza, li jobbliga lill-istituzzjonijiet ifasslu u jżommu dokumenti rigward l-attivitajiet tagħhom b'manjiera mhux arbitrarja u prevedibbli, u ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet naqset milli twettaq obbligi ta' amministrazzjoni tajba.

Proġetti ineliġibbli

6.22. Identifikajna tliet proġetti kompletament ineliġibbli, tnejn fl-Ungerija, wieħed fiċ-Ċekja u proġett wieħed parzjalment ineliġibbli fil-Portugall, li ngħataw għajnuna fil-perjodu 2014–2020 għalkemm ma kinux jissodisfaw il-kriterji tas-sejħiet għal proposti relatati. Dawn il-proġetti kienu jirrappreżentaw 8 % tal-għadd tal-iżbalji kwantifikabbli kollha li qbadna fil-ġestjoni kondiviża, u bejn wieħed u ieħor 0.9 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat (kontribut ta' 16 % għall-iżball). Il-***Kaxxa 6.3*** tagħti eżempju ta' proġett ineliġibbli.

[6] Quantification of public procurement errors tal-QEA.

[7] Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Mejju 2025, *Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni*, T-36/23, ECLI:EU:T:2025:483, b'mod partikolari l-paragrafi 59 u 85.

Kaxxa 6.3

Tbiddil fil-kriterji biex proġett ineliġibbli jsir eliġibbli

Awditjajna proġett taħt il-FEŻR fl-Ungerija mmirat lejn l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' network b'veloċità għolja. Is-sejħa għall-għażla tal-proġetti stabbiliet mira obbligatorja (kriterju tal-għażla) li n-network jiġi pprovdut għal għadd minimu ta' punti ta' tmiem ġodda.

L-*awtorità maniġerjali* ffirmat il-ftehim ta' għotja mal-benefiċjarju abbażi tal-impenn li tintlaħaq il-mira obbligatorja. Sibna li l-benefiċjarju kien talab lill-awtorità maniġerjali tbiddel dan il-kriterju 3 snin wara d-data ta' tmiem il-proġett, peress li l-proġett implimentat ma kienx laħaq il-mira. Konsegwentement, l-awtorità maniġerjali naqqset l-għadd obbligatorju ta' punti ta' tmiem ġodda. B'hekk, hija ddiskriminat kontra kandidati li kellhom mnejn jipprovdu offerta aktar vantaġġuża li kieku l-mira aktar baxxa kienet magħrufa meta ħejjew u ppreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom għall-proġett.

It-tbiddil ta' kundizzjoni obbligatorja wara l-implimentazzjoni ta' proġett jikkostitwixxi ksur tar-*Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK)*, tar-regoli dwar l-*għajnuna mill-Istat*, tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tas-sejħa.

Għal dawn ir-raġunijiet, aħna nqisu l-proġett bħala ineliġibbli.

Inqabad ksur tar-regoli tas-suq intern rigward l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat

15-il każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE jew nazzjonali

6.23. Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-flus pubbliċi jintefqu b'mod ekonomiku u effiċjenti, filwaqt li jiġu mħarsa l-prinċipji tat-trasparenza, il-proporzjonalità, it-trattament indaqs u n-nondiskriminazzjoni. Barra minn hekk, l-akkwist pubbliku huwa parti ewlenija mill-funzjonament effettiv tas-suq uniku tal-UE. Fir-Rapport Speċjali 28/2023 tagħna niddikjaraw li matul dawn l-aħħar 10 snin naqset il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku[8]. Aħna nawditjaw il-konformità tat-tranżazzjonijiet mar-regoli tal-UE u r-regoli nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku rikjesti mir-RDK[9].

[8] Ir-Rapport Speċjali 28/2023: "L-akkwist pubbliku fl-UE: Inqas kompetizzjoni għal kuntratti aġġudikati għal xogħlijiet, oġġetti u servizzi fl-10 snin li jippreċedu l-2021."

[9] L-Artikolu 6 tar-RDK.

6.24. Fi 15-il proċedura li awditjajna bħala parti mill-kampjun tagħna, identifikajna każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku tal-UE jew dawk nazzjonali fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fi Franza, fil-Polonja, fil-Portugall, fir-Rumanija, fir-Renju Unit, kif ukoll fil-livell tal-Kummissjoni rigward l-akkwist pubbliku għall-vaċċini kontra l-COVID-19 u l-mediċina (ara l-paragrafu ***6.21***). Ikkwantifikajna tliet każijiet minħabba ksur serju tar-regoli dwar l-akkwist tal-UE jew dawk nazzjonali, li jinkludu d-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni stipulati fir-regoli ta' implimentazzjoni tal-PO. Il-***Kaxxa 6.4*** tagħti eżempju ta' każ bħal dan. B'kollox, dawn il-każijiet kienu jirrappreżentaw 8 % tal-għadd totali ta' żbalji kwantifikabbli li sibna fil-ġestjoni kondiviża, jew bejn wieħed u ieħor 0.8 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat (kontribut ta' 14 % għall-iżball).

Kaxxa 6.4

Il-benefiċjarju naqas milli jwettaq konsultazzjoni tas-suq

Benefiċjarju fi Franza rċieva finanzjament taħt il-FEŻR biex jibni impjant tal-bijogass. Ir-regoli ta' implimentazzjoni u l-ftehim ta' finanzjament kienu jirrikjedu li l-benefiċjarju jwettaq proċedura kompetittiva ("*mise en concurrence*") biex jikseb bosta kwotazzjonijiet u wkoll biex jevita kwalunkwe kunflitt ta' interess fil-proċedura.

Aħna sibna li l-benefiċjarju ma kienx wettaq konsultazzjoni tas-suq u li kien aġġudika l-kuntratt ta' kostruzzjoni lil kumpanija oħra li tagħha l-istess grupp kien is-sid kollu kemm hu. Il-ġustifikazzjoni tal-benefiċjarju kienet prinċipalment ibbażata fuq l-affermazzjoni li tassew ftit li xejn kuntratturi kellhom kapaċità biżżejjed biex jibnu l-impjant tal-bijogass, billi l-proġett kien relattivament kbir, u b'hekk sar diffiċli li jiġi aċċertat x'kienu jimponu fornituri oħra.

Madankollu, sibna tliet proġetti simili ffinanzjati mill-istess awtorità maniġerjali fejn il-benefiċjarji kienu kisbu kwotazzjonijiet mingħand bosta fornituri. Għalkemm din l-informazzjoni kienet disponibbli, kemm l-awtorità maniġerjali kif ukoll l-awtorità tal-awditjar aċċettaw b'mod skorrett l-ispjegazzjonijiet tal-benefiċjarju u qiesu l-proġett u n-nefqa rilevanti bħala eliġibbli.

Minħabba l-ksur serju tal-obbligi tal-benefiċjarju li jorganizza konsultazzjoni tas-suq u li jevita kunflitt ta' interess, qisna li l-kostijiet kollha fatturati mill-kuntrattur relatat kienu ineliġibbli.

6.25. Ma kkwantifikajniex 12 mill-15-il każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku tal-UE jew dawk nazzjonali msemmija fil-paragrafu ***6.23***, billi skont il-metodoloġija tagħna dawn ma kellhom l-ebda impatt dirett fuq il-pagament li sar.

Erba' proġetti kisru r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

6.26. L-Artikolu 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huwa maħsub biex jara li żgur l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat ma twassalx għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-kummerċ fl-UE. Sakemm l-għajnuna mill-Istat ma tkunx taħt limitu massimu *de minimis*[10], l-Istati Membri jeħtiġilhom jinnotifikaw l-għajnuna lill-Kummissjoni. Imbagħad il-Kummissjoni jeħtiġilha tiddeċiedi jekk din l-għajnuna hijiex kumpatibbli mas-suq intern u tagħti l-approvazzjoni espliċita tagħha. L-Istati Membri wkoll jistgħu jagħtu għajnuna mill-Istat jekk l-għajnuna taqa' taħt ir-*Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER)* jew skemi ta' eżenzjoni oħra.

6.27. Din is-sena, aħna identifikajna erba' proġetti li kisru r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, tnejn fil-Ġermanja, wieħed fil-Polonja u wieħed fin-Netherlands. Aħna kkwantifikajna żewġ każijiet, (il-Ġermanja u l-Polonja), li nqisu li kien imisshom kisbu inqas finanzjament pubbliku milli kisbu (ara l-***Kaxxa 6.5***). Dawn il-proġetti kienu jirrappreżentaw 5 % tal-għadd tal-iżbalji kwantifikabbli kollha li sibna fil-ġestjoni kondiviża, u kienu jirrappreżentaw kontribut ta' 0.5 % għall-iżball). Iż-żewġ każijiet li kien fadal ma kellhom l-ebda impatt dirett fuq il-pagament li kien sar u, għalhekk, ma kklassifikajniehomx bħala kwantifikabbli.

Kaxxa 6.5

Proġett ta' żvilupp reġjonali jaqbeż l-intensità permessa ta' għajnuna mill-Istat

Fil-Ġermanja, awditjajna proġett taħt il-FEŻR li pprovda appoġġ finanzjarju lil kumpanija għall-bini ta' lukanda ġdida. L-appoġġ ingħata taħt skema ta' għajnuna mill-Istat għal proġetti ta' investiment reġjonali minn *intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)*.

Skont ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-ammont ta' għajnuna huwa limitat għal 20 % tal-kostijiet eliġibbli tal-proġett, meta l-benefiċjarju jiġi kklassifikat bħala kumpanija żgħira, u limitu aktar baxx għal dawk ta' daqs medju (15 %).

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 1407/2013.

F'dan il-każ il-benefiċjarju tqies mill-awtorità maniġerjali, fiż-żmien meta ġie ffirmat il-ftehim ta' għotja fl-2020, bħala kumpanija żgħira, u rċieva appoġġ li kien proporzjonat ma' din il-klassifikazzjoni. Madankollu, il-benefiċjarju beda l-attivitajiet appoġġati fl-2019 wara l-konferma li kienet waslet l-applikazzjoni li kien għamel fl-2018, bis-saħħa ta' għażla ta' "bidu kmieni tal-miżura" (*"vorzeitiger Massnahmenbeginn"*) li teżisti fil-Ġermanja. Fiż-żmien meta l-benefiċjarju beda l-attivitajiet appoġġati, kien ta' daqs medju. Billi l-attività appoġġata bdiet meta kien ta' daqs medju, iżda l-għajnuna ngħatat bil-kundizzjonijiet li jiġi kklassifikat bħala intrapriża ta' daqs medju, il-benefiċjarju rċieva għajnuna mill-Istat li qabżet il-livell ta' intensità permess mir-regoli. Dan, aħna nirrappurtawh bħala żball kwantifikabbli.

Nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn

6.28. Il-benefiċjarji u l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi huma meħtieġa jżommu sistemi u proċeduri li jaraw li żgur ikun hemm *rendikont tal-entrati* li jkun adegwat biex juru l-eliġibbiltà tan-nefqa. Dan jinkludi ż-żamma ta' rekords dokumentarji suffiċjenti u xierqa tal-evidenza li tappoġġa l-konklużjonijiet tal-awditjar[11]. Barra minn hekk, ir-RDK jeħtieġ li d-dokumentazzjoni tinżamm għal mill-inqas sentejn jew tlieta wara l-aċċettazzjoni tal-kontijiet[12]. Il-ksib u ż-żamma ta' dokumentazzjoni xierqa hija essenzjali għall-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' kontroll.

6.29. Sibna li l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni ta' sostenn ma kinux disponibbli fi tmienja mit-tranżazzjonijiet li eżaminajna. Aħna konna kostretti nikkwantifikaw sitta minn dawn l-iżbalji minħabba li la l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi u lanqas il-benefiċjarji ma setgħu jipprovdu dokumenti essenzjali li juru konformità mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Il-***Kaxxa 6.6*** tagħti eżempju ta' każ bħal dan. Dawn kienu jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 16 % tat-tranżazzjonijiet fejn sibna żbalji kwantifikabbli fil-ġestjoni kondiviża, u 0.5 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat (kontribut ta' 9 % għall-iżball).

---

[11] *International Standards on Auditing (ISA)* 500, Audit evidence u 230, Audit documentation.

[12] L-Artikolu 140(1) tar-RDK.

Kaxxa 6.6

L-ebda prova li twasslu servizzi ta' konsulenza

Fin-Netherlands, awditjajna operazzjoni taħt il-FSE li kellha l-għan li tipprovdi appoġġ attiv u servizzi ta' konsulenza lill-kumpaniji fir-rigward tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.

Sibna li kien hemm nuqqas ta' evidenza biex jiġi ssostanzjat li tassew kienu twasslu xi servizzi ta' konsulenza għall-perjodu ddikjarat. Barra minn hekk, sibna li ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni raġonevoli għal xi kostijiet tal-ivvjaġġar li kienu ġew imposti. Il-fatturi ġew aċċettati mingħajr ma ġew iċċekkjati d-distanzi mitluba.

Strumenti finanzjarji

6.30. Strumenti finanzjarji — prinċipalment self, garanziji u ekwità — huma forma rimborżabbli ta' appoġġ. L-iżborż permezz ta' strumenti finanzjarji naqas minn EUR 3.0 biljun fis-sena kontabilistika 2021/2022 għal EUR 2.4 biljun fis-sena kontabilistika 2022/2023 awditjata.

6.31. Mit-8 tranżazzjonijiet li jkopru 83 *riċevitur finali* u 2 tariffi ta' ġestjoni li awditjajna, sibna 6 riċevituri finali li rċevew appoġġ minkejja li jew kienu investew f'settur ekonomiku ineliġibbli jew inkella ma kinux konformi mal-kriterji ta' eliġibbiltà (4 fil-Ġermanja, 1 fil-Greċja u 1 fl-Ungerija). Fil-każ tal-Ġermanja, sibna wkoll li l-maniġer tal-fondi talab ċerti tariffi għar-rimborż, minkejja li kien impona l-istess tariffi lir-riċevituri finali. Dawn il-problemi rriżultaw fi tliet żbalji kwantifikati li laqtu tliet tranżazzjonijiet mit-tmienja li awditjajna (ara l-***Kaxxa 6.7*** għal eżempju). Din in-nefqa ma tridx tiġi inkluża bħala eliġibbli għall-istrumenti finanzjarji fl-*għeluq* tal-PO. Il-kontribut tal-każijiet li kkwantifikajna jittieħed inkunsiderazzjoni fil-***Figura 6.6***.

Kaxxa 6.7

Selfa mogħtija għal investiment ineliġibbli fi proprjetà immobbli

Strument finanzjarju fil-Greċja pprovda self u sussidji tar-rati tal-imgħax lill-SMEs biex jippromwovu l-intraprenditorija. Fil-qafas tar-regoli nazzjonali, l-istrument ma jistax jiffinanzja attivitajiet ta' proprjetà immobbli, bl-eċċezzjoni ta' *investimenti produttivi*, jew jipprovdi finanzjament indirett lil "konsumatur finali"[13] għall-użu privat tagħhom.

Sibna li riċevitur finali wieħed kien uża s-selfa ffinanzjata mill-UE biex jixtri proprjetà b'pixxina tal-għawm. Il-proprjetà kienet diġà abitata mill-azzjonist prinċipali tar-riċevitur finali u sussegwentement ġiet mikrija lilu b'kera li kienet taħt il-livelli tas-suq. Barra minn hekk, il-bejjiegħ kien l-*intermedjarju finanzjarju* li ta s-selfa. L-intermedjarju finanzjarju (bank kummerċjali) kien konxju minn dawn il-fatti u xorta waħda approva s-selfa, minkejja li kien jaf li l-ieħor ma kienx eliġibbli għal appoġġ mill-UE.

Il-kiri ta' din il-proprjetà lill-azzjonist prinċipali tar-riċevitur finali ma jistax jitqies bħala investiment produttiv. Barra minn hekk, lill-azzjonist, is-selfa pprovdietlu appoġġ finanzjarju indirett mhux ġustifikat.

Tranżazzjonijiet mmaniġġjati direttament jew indirettament mill-Kummissjoni

6.32. Din it-taqsima tar-rapport tippreżenta s-sejbiet tagħna għan-nefqa mmaniġġjata direttament jew indirettament mill-Kummissjoni, jiġifieri mhux taħt ġestjoni kondiviża. Sibna erba' żbalji fejn il-Kummissjoni appoġġat proġetti direttament permezz tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA), l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA), u l-BEI, li kkwantifikajna (ara l-***Kaxxa 6.8***).

[13] L-Artikolu 1a tal-Liġi 2251/1994.

Kaxxa 6.8

Kostijiet tal-persunal iddikjarati bi ksur tal-ftehim tal-għotja

Din is-sena awditjajna proġett fid-Danimarka, kofinanzjat mill-*Programm Ewropa Kreattiva* 2021–2027, fejn l-*aġenzija eżekuttiva* tal-Kummissjoni (EACEA) kienet allokat għotja lil kumpanija biex tappoġġa l-industriji kreattivi bl-iżvilupp u bir-riċerka tas-suq.

Sibna li l-benefiċjarju kien ikkalkula u ddikjara kostijiet tal-persunal bi ksur tal-ftehim ta' għotja. B'mod partikolari, ma użax il-metodu ta' kalkolu obbligatorju tar-rata ta' kuljum u ma kkonvertiex is-sigħat ta' ħidma rreġistrati fis-sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin f'ekwivalenti ta' jiem. Ir-rikalkoli tagħna wrew li l-kostijiet tal-persunal mitluba kienu ddikjarati b'mod eċċessiv f'erbgħa mill-ħames każijiet li awditjajna.

6.33. Qbadna wkoll kostijiet ineliġibbli li kienu jinkludu kostijiet tal-persunal li kienu ġew iddikjarati b'mod eċċessiv f'azzjoni ffinanzjata taħt Erasmus+ fil-Greċja u fil-Portugall.

6.34. Il-każijiet kwantifikati totali taħt ġestjoni diretta u indiretta jammontaw għal madwar 0.7 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat minna. Il-kontribut tal-każijiet li kkwantifikajna jittieħed inkunsiderazzjoni fil-***Figura 6.6***.

Ġestjoni finanzjarja tajba

6.35. Il-baġit tal-UE jrid jiġi implimentat b'mod legali u regolari, kif ukoll skont il-*ġestjoni finanzjarja tajba*, li tinkludi l-prinċipji tal-*ekonomija*, l-*effiċjenza* u l-*effettività*. Ir-RDK[14] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw dawn il-prinċipji meta jimplimentaw il-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni. Xogħolna identifika sitt każijiet fejn dawn il-prinċipji ma kinux ġew rispettati: wieħed fiċ-Ċekja, tlieta fl-Italja (ara l-***Kaxxa 6.9***) u tnejn fil-Polonja.

[14] L-Artikolu 125 tar-RDK.

Kaxxa 6.9

Minħabba ponderazzjoni baxxa għall-prezz, hija baxxa l-probabbiltà li nkiseb valur għall-flus

Fl-Italja, awditjajna żewġ proġetti taħt il-FEŻR: wieħed li kellu l-għan li jirrinnova u jirrestawra bini ta' wirt kulturali, u l-ieħor li jinvolvi l-kostruzzjoni ta' difiżi kontra l-għargħar. L-awtoritajiet kontraenti organizzaw proċeduri ta' akkwist pubbliku miftuħa għall-forniment tax-xogħlijiet ta' bażi.

Fil-qafas tas-sejħiet korrispondenti, il-kriterju għall-aġġudikazzjoni kien "*l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża*" abbażi tal-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità. B'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku, l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta indikaw il-ponderazzjoni relattiva li kellha tiġi applikata għal kull wieħed mill-kriterji (kriterji ta' kwalità u prezz) biex jitqabblu l-offerti differenti u jiġi ddeterminat l-aħjar valur għall-flus.

Il-metodu li ntuża jmissu jagħżel xogħlijiet ta' kwalità għolja, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni wkoll il-prezz li l-offerenti kienu offrew. Madankollu, sibna li l-awtoritajiet kontraenti f'dawn iż-żewġ każijiet taw biss ponderazzjoni ta' 10 % lill-kriterju tal-prezz. Il-*vade-mecum* dwar l-akkwist pubbliku jagħti bħala eżempju li *ponderazzjoni ta' inqas minn 30 % għall-prezz hija normalment baxxa wisq biex ikollha impatt sinifikanti fuq ir-riżultat*[15].

Il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-ekonomija jirrikjedi li l-awtoritajiet kontraenti jipprijoritizzaw mhux biss il-kwalità, il-kwantità u l-puntwalità xierqa, iżda wkoll l-aħjar prezz. Filwaqt li l-awtoritajiet kontraenti aġixxew b'konformità mar-regoli nazzjonali u għalhekk it-tranżazzjoni kienet regolari, inqisu li ponderazzjoni tant baxxa għall-prezz toħloq riskju li l-valur għall-flus ma nkisibx.

Infiq ieħor

6.36. Matul l-awditu li wettaqna tal-infiq tal-baġit għall-2024, aħna eżaminajna żewġ pagamenti ta' għotjiet li saru taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) wara terremoti fil-Kroazja. Il-FSUE joffri assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi involuti fin-negozjati tal-adeżjoni wara diżastri naturali gravi u (mill-2020 'il hawn) f'emerġenzi tas-saħħa kbar.

[15] Vade-mecum on public procurement in the Commission.

6.37. Skont ir-Regolament FSUE, l-għan tal-fond huwa li jikkomplementa l-isforzi tal-pajjiżi kkonċernati u li jkopri parti min-nefqa tagħhom fuq operazzjonijiet essenzjali ta' emerġenza u rkupru. Il-finanzjament jista' jintuża biex jiffinanzja miżuri bħar-restawr tal-infrastruttura biex terġa' tiġi tiffunzjona, il-forniment ta' akkomodazzjoni temporanja, u t-tindif ta' żoni ta' diżastri.

6.38. Skont ir-Regolament FSUE[16], il-Kummissjoni jeħtiġilha tippreżenta rapport annwali dwar l-attività tal-Fond lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara. Aħna ninnutaw li l-Kummissjoni ilha mill-2019 ma tippreżenta xi *rapport annwali tal-attività* tal-FSUE (RAA tal-FSUE) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

[16] L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002.

Governanza

Il-valutazzjoni li wettaqna fir-rigward tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar

Ir-rati tal-iżball residwu huma ogħla mill-materjalità għal 44 % tal-valur tal-pakketti ta' aċċertament li awditjajna fl-2024

6.39. Din is-sena, aħna vvalutajna x-xogħol ta' 22 minn total ta' 119-il awtorità tal-awditjar, fi 15-il Stat Membru u fir-Renju Unit. Il-kampjun tagħna kien jinkludi 30 pakkett ta' aċċertament taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Ħlief għal każ wieħed, l-awtoritajiet tal-awditjar kienu rrappurtaw lill-Kummissjoni rata tal-iżball residwu daqs, jew taħt, it-2 %.

6.40. Fir-*RAA* tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL, b'kont meħud tax-xogħol tal-awditjar proprju tagħha u tar-riżultati preliminari tal-awditi li wettaqna għas-sena finanzjarja 2024, il-Kummissjoni aġġustat ir-rata tal-iżball residwu għal 5 mit-30 pakkett ta' aċċertament fil-kampjun tagħna għal livell ogħla minn 2 %.

6.41. B'kont meħud tal-iżbalji li nqabdu mill-Kummissjoni u tas-sejbiet tal-awditjar proprji tagħna, ix-xogħol li wettaqna fuq il-kampjun ta' din is-sena juri li r-rata tal-iżball residwu kienet ogħla minn 2 % f'16 mit-30 pakkett ta' aċċertament awditjati.

6.42. Il-pakketti ta' aċċertament li awditjajna jirrappreżentaw sehem sinifikanti tan-nefqa li l-*awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni* iċċertifikaw lill-Kummissjoni (2024: 45 %). Mill-2017 'il hawn, il-kopertura tal-kampjun annwali tagħna kienet u għadha tvarja bejn 34 % u 62 % tan-nefqa iċċertifikata fil-kontijiet annwali (ara l-linji blu fil-***Figura 6.9***).

6.43. Mill-2017 'il hawn, ikklassifikajna l-iżbalji bħala kwantifikabbli f'69 mill-110 pakketti ta' aċċertament li awditjajna mill-inqas darba. Dawn huma żbalji li ma nqabdux mill-kontrolli tal-awtoritajiet tal-awditjar fuq l-istess tranżazzjonijiet. Nosservaw li l-proporzjon ta' pakketti ta' aċċertament b'rati tal-iżball residwu ogħla minn 2 % ma niżilx taħt id-39 % tan-nefqa fil-kampjuni tagħna (ara l-linji ħomor fil-***Figura 6.9***). Dan jindika li għad hemm nuqqasijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar li mhumiex indirizzati biżżejjed mix-xogħol ta' aċċertament tal-Kummissjoni.

Figura 6.9 — Pakketti ta' assigurazzjoni awditjati, u b'rata tal-iżball residwu ogħla minn 2 % (mill-2017 sal-2024)



Sors: il-QEA.

Dgħufijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar inaqqsu l-punt sa fejn il-Kummissjoni tista' sserraħ fuq il-konklużjonijiet tagħhom

6.44. Sibna diversi tipi ta' dgħufijiet fix-xogħol ta' 20 mit-22 awtorità tal-awditjar li awditjajna. Dawn id-dgħufijiet laqtu 137 mill-189 tranżazzjoni li eżaminajna. L-iżbalji li sibna f'dawn it-tranżazzjonijiet setgħu, u kellhom, jinqabdu mill-awtoritajiet tal-awditjar meta wettqu l-verifiki tagħhom. Dan inaqqas il-punt sa fejn il-Kummissjoni tista' sserraħ fuq ir-riżultati ta' xogħolhom.

6.45. Xi wħud mill-137 tranżazzjoni kienu milquta minn bosta dgħufijiet. Aħna identifikajna nuqqasijiet:

— fl-ippjanar u t-tħejjija tax-xogħol tal-awditjar tal-awtoritajiet, eż. dgħufijiet fl-approċċi tal-kampjunar u listi ta' kontroll inkompleti (listi ta' kontroll li ma jinkludux mistoqsijiet speċifiċi dwar l-għajnuna mill-Istat, il-finanzjament doppju, id-dati ta' skadenza tal-pagamenti, il-*frodi*, eċċ., minkejja li l-awtoritajiet tal-awditjar huma meħtieġa jiċċekkjaw dawn il-problemi);

— fil-kwalità tax-xogħol tal-awditjar imwettaq u

— fid-dokumentazzjoni ta' dak ix-xogħol.

6.46. Kellna nerġgħu nwettqu l-proċeduri tal-awditjar korrispondenti għal 138 mill-189 tranżazzjoni (73 %). Għal 89 tranżazzjoni (47 %), kellna navviċinaw lill-awtoritajiet maniġerjali, lill-korpi intermedji jew lill-benefiċjarji fuq il-post rigward id-dokumenti ta' sostenn meħtieġa u evidenza oħra, billi l-awtoritajiet tal-awditjar jew ma kinux ġabruhom jew inkella ma kinux żammewhom, għall-kuntrarju tar-rekwiżiti tal-istandards tal-awditjar (ara l-paragrafu ***6.28***).

6.47. Il-***Figura 6.10*** tirrapporta n-nuqqasijiet li identifikajna u rrappurtajna fil-livell tal-awtoritajiet tal-awditjar għal kull pakkett ta' aċċertament.

Figura 6.10 — Tipi ta' nuqqasijiet identifikati fil-livell tal-awtoritajiet tal-awditjar



(*) Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, u l-Iżvezja.
(**) Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.
(***) Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Iżvezja.

Sors: il-QEA.

6.48. Il-***Kaxxa 6.10*** tipprovdi eżempju ta' nuqqas serju fix-xogħol u r-rappurtar ta' awtorità tal-awditjar.

Kaxxa 6.10

Dgħufijiet fix-xogħol u r-rappurtar ta' awtorità tal-awditjar

L-awditu li wettaqna fin-Netherlands identifika dgħufijiet fl-ippjanar, fit-tħejjija u fil-kwalità tax-xogħol tal-awtorità tal-awditjar dwar PO taħt il-FSE.

Sibna li l-awtorità tal-awditjar la kienet ivvalutat b'mod xieraq l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u lanqas ma kienet identifikat nefqa li kienet ineliġibbli għal diversi raġunijiet (ara l-***Kaxxa 6.6***).

Meta kienet qed tawditja ċerti operazzjonijiet, l-awtorità tal-awditjar ma kinitx f'pożizzjoni tidentifika, mil-lista sħiħa ta' kostijiet tal-proġett, liema nefqa kienet ġiet iddikjarata lill-Kummissjoni. Konsegwentement, kellha tislet is-sottokampjun ta' nefqa minn din il-lista. Imbagħad l-awtorità tal-awditjar paċiet xi wħud mill-iżbalji li identifikat kontra n-nefqa li l-benefiċjarju kien iddikjara u li kienet taqbeż il-livell miftiehem fil-ftehim ta' għotja. Dan ma kienx skont ir-RDK jew skont il-gwida tal-Kummissjoni dwar it-trattament tal-iżbalji[17] u waslet lill-awtorità tal-awditjar biex tiddikjara r-*rata tal-iżball residwu totali (RTER)* b'mod insuffiċjenti.

6.49. Sibna każ ta' PO li kien suġġett għal korrezzjoni b'rata fissa li għalih l-awtorità tal-awditjar għal darba oħra ma vverifikatx jekk il-kostijiet kinux legali u regolari (ara l-***Kaxxa 6.11***).

[17] It-Taqsima 2.2.3 "Riserva fin-nefqa fil-livell tal-proġett" tal-Gwida għall-Istati Membri dwar ir-RAK u l-Opinjoni tal-Awditjar li għandu jkun irrappurtat mill-awtoritajiet tal-awditjar u dwar it-trattament tal-iżbalji.

Kaxxa 6.11

Nuqqas rikorrenti ta' verifiki li jżid ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità

Fl-Ungerija, awditjajna proġett taħt il-FEŻR fil-qafas tal-PO "Żvilupp Ekonomiku u Innovazzjoni". L-awtoritajiet nazzjonali kienu applikaw korrezzjoni b'rata fissa għall-kostijiet kollha tal-proġett tal-"*assi prijoritarju 2*" imġarrba qabel Frar 2022, abbażi tar-riżultati ta' awditu mwettqa mill-Kummissjoni.

Għat-tieni sena konsekuttiva[18], sibna li l-awtorità tal-awditjar ma ċċekkjatx ċerti aspetti tal-kostijiet tal-persunal (kwalifiki tal-persunal u żidiet fis-salarji) milquta mill-korrezzjoni b'rata fissa.

Qbadna wkoll li fi strument finanzjarju taħt assi prijoritarju ieħor tal-istess PO, l-awtorità tal-awditjar ma awditjatx l-eliġibbiltà tar-riċevituri finali u tal-investimenti, fejn ġiet applikata korrezzjoni b'rata fissa ta' 10 %.

Ir-RDK[19] jirrikjedi li l-awtoritajiet tal-awditjar jivverifikaw jekk il-kostijiet humiex legali u regolari, u li l-Istati Membri jirkupraw finanzjament mhux dovut mingħand il-benefiċjarji, irrispettivament minn jekk dan huwiex suġġett għal korrezzjoni b'rata fissa. In-nuqqas ta' kontrolli u rkupri jimmina l-effett ta' deterrent li jiskuraġġixxi lill-benefiċjarji milli jiksru l-liġi applikabbli.

6.50. Minkejja dan, tabilħaqq identifikajna l-elementi li ġejjin ta' prattika tajba f'PO taħt il-FEŻR fil-Kroazja (ara l-***Kaxxa 6.12***).

[18] Ir-Rapport Annwali 2023, il-Kaxxa 6.9.

[19] L-Artikolu 122(2) tar-RDK.

Kaxxa 6.12

Mudell ta' prattika tajba — titjib fix-xogħol tal-awtorità tal-awditjar

Mill-2019 'il hawn, awditjajna l-PO 2014–2020 "Kompetittività u koeżjoni" fil-Kroazja sitt darbiet, inklużi proġetti taħt il-FK u dawk taħt il-FEŻR, kif ukoll strumenti finanzjarji. Fl-awditi li wettaqna qabel, ripetutament identifikajna dgħufijiet fis-sistemi li kienu jinsabu fix-xogħol u fid-dokumentazzjoni tal-awtorità tal-awditjar.

Din is-sena, ma sibna l-ebda dgħufija ta' dan it-tip. Għall-kuntrarju, ix-xogħol li wettaqna kkonferma li l-awtorità tal-awditjar kienet ħadet azzjoni korrettiva u għamlet titjib fix-xogħol u fid-dokumentazzjoni tagħha abbażi tas-sejbiet tagħna ta' qabel. Dan intwera permezz ta':

- listi ta' kontroll aktar effettivi u t-twettiq ta' xogħol tal-awditjar ta' kwalità ogħla;
- listi ta' kontroll u dokumenti ta' ħidma dettaljati li, bis-saħħa tagħhom, stajna nsegwu r-rendikont tal-entrati kważi bis-sħiħ;
- fajls u dokumentazzjoni tal-awditjar li kienu arranġati u kodifikati biex isiru aċċessibbli faċilment.

Dan it-titjib huwa eżempju ta' prattika tajba.

6.51. B'rispons għar-Rapport Analitiku 03/2024 tal-QEA dwar il-legalità u tar-regolarità tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni fil-perjodu 2014–2020, f'Diċembru 2024 il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar qablu b'mod konġunt dwar pjan ta' azzjoni li jinkludi sensiela ta' inizjattivi possibbli biex tittejjeb il-kapaċità ta' detezzjoni ta' dawn tal-aħħar[20]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, abbażi tal-konklużjonijiet tagħna li *awditi tal-konformità* huma aktar effettivi mill-analiżijiet mhux fuq il-post fid-detezzjoni tal-irregolaritajiet, irrivediet l-approċċ tagħha sabiex tkabbar l-ambitu tal-awditi li hija twettaq fuq il-post. L-effettività ta' dawn l-azzjonijiet tista' tiġi vvalutata fil-ġejjieni.

[20] Ir-RAA 2024 tad-DĠ REGIO, p. 43.

Ix-xogħol ta’ aċċertament tal-Kummissjoni u r-rappurtar dwar ir-rata tal-iżball residwu fir-rapporti annwali tal-attività tagħha

6.52. Ir-RAA huma l-għodda prinċipali tad-DĠ tal-Kummissjoni biex jirrappurtaw jekk għandhomx aċċertament raġonevoli li l-proċeduri ta’ kontroll jagħtu garanzija tar-regolarità tan-nefqa. Fl-2024, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-*sistemi ta’ ġestjoni u kontroll* tal-Istati Membri (awtoritajiet maniġerjali/korpi intermedji, awtoritajiet tal-awditjar) ma ffunzjonawx tajjeb għal 23 mit-313-il PO mmexxija mid-DĠ REGIO (14.7 % tan-nefqa vvalutata) u 11 mill-211-il PO mmexxija mid-DĠ EMPL (4.5 % tan-nefqa vvalutata).

6.53. Fid-dawl tar-riżultati tal-awditjar tal-Kummissjoni u s-sejbiet proprji tagħna (44 żball mhux maqbud — il-paragrafu ***6.14***; dgħufijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar — il-paragrafu ***6.44***), naqblu mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li, fi tmiem il-perjodu ta’ programmazzjoni 2014–2020, is-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll ma kinux jiffunzjonaw b’mod effettiv fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, l-affidabbiltà tar-rati ta’ żball tal-Kummissjoni hija milquta wkoll, billi jserrħu fuq dawn is-sistemi nazzjonali (ara wkoll il-paragrafi ***6.44***–***6.49***, kif ukoll il-***Kaxxa 6.10*** u l-***Kaxxa 6.11***).

Il-Kummissjoni tqis li, għall-koeżjoni, il-livell ta’ nefqa irregolari fil-kontijiet aċċettati huwa materjali

6.54. Fil-koeżjoni, il-Kummissjoni tikkalkula rata tal-iżball residwu medja u ponderata billi tuża rati tal-iżball residwu individwali rrappurtati mill-Istati Membri, ir-riżultati tax-xogħol li wettqet hija stess dwar ir-regolarità, u informazzjoni oħra disponibbli bħar-riżultati tax-xogħol tal-awditjar tagħna. Hija tirrapporta dik ir-rata bħala *indikatur ewlieni tal-prestazzjoni (KPI)* dwar il-legalità u r-regolarità għall-programmi tal-perjodu 2014–2020.

6.55. Għas-sena kontabilistika 2022/2023, id-DĠ REGIO rrapporta rata tal-iżball totali residwu ogħla għall-ġestjoni kondiviża rigward il-programmi tal-perjodu 2014–2020, f'livell ta' 2.5 % (2.1 % għall-perjodu 2021/2022). Ir-rata ta' żball massima kienet ta' 3.6 %[21]. Id-DĠ EMPL irrapporta wkoll rata ogħla milli kien għamel għas-sena ta' qabel, f'livell ta' 2.2 % (1.6 % għall-perjodu 2021/2022), b'rata massima ta' 3.0 %[22]. Ir-rata massima hija maħsuba biex tindirizza r-riskju ta' żbalji li jaqgħu barra mill-kampjun ta' tranżazzjonijiet f'PO li fuqhom huma bbażati r-rati ta' żball. Rati massimi jistgħu jinkludu wkoll "supplimenti" u rati fissi għall-PO mhux awditjati[23]. Minkejja li l-Kummissjoni żiedet il-KPIs irrappurtati fir-RAA 2024 tagħha għall-koeżjoni, dawn xorta kienu taħt il-firxa ta' żball stmata minna (ara l-***Figura 6.6***).

6.56. Għall-programmi tal-perjodu 2021–2027, il-Kummissjoni rrappurtat fir-RAA tagħha li fi Frar 2024 waslu 11-il pakkett ta' aċċertament għad-DĠ REGIO u għad-DĠ EMPL. Minħabba l-għadd limitat ta' programmi li ppreżentaw pakketti ta' aċċertament fl-2024, il-pakketti ma kinux rappreżentattivi biżżejjed u konsegwentement ir-riskju fil-waqt tal-pagament ġie stmat f'rata ta' 2 % (rata fissa). Għal din ir-raġuni, id-DĠ REGIO u d-DĠ EMPL ma kkalkulawx il-KPIs rispettivi tagħhom (ara l-paragrafu ***6.55***), għall-kuntrarju ta' dak li għamlu għall-perjodu 2014–2020.

6.57. Fir-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR)* tal-2024, l-indikaturi rrappurtati mill-Kummissjoni[24]huma kif ġej:

- L-Intestatura 2 tal-QFP (kollha kemm hi): riskju kkombinat fil-waqt tal-pagament ta' 2.9 %, abbażi tal-ammonti f'riskju kkalkulati mid-diversi DĠ. Ninnutaw li dan l-indikatur huwa ogħla minn 1.6 % ikkalkulat mill-Kummissjoni għall-baġit kollu tal-UE.

- Għall-fondi kollha taħt il-politika ta' koeżjoni (kollha kemm hi), riskju kkombinat fil-waqt tal-pagament ta' bejn 2.3 % u 3.2 %, ukoll ibbażat fuq l-istimi tad-DĠ għall-ammonti f'riskju u fuq il-KPIs tagħhom.

---

[21] Ir-riskju kumplessiv stmat fil-waqt tal-pagament għan-nefqa mħallsa tad-DĠ REGIO għall-2024 (inklużi l-perjodi ta' programmazzjoni u l-modi ta' ġestjoni kollha) ivarja bejn 2.30 % u 3.29 %.

[22] Ir-riskju kumplessiv stmat fil-waqt tal-pagament għan-nefqa mħallsa tad-DĠ EMPL għall-2024 (inklużi l-perjodi ta' programmazzjoni u l-modi ta' ġestjoni kollha) ivarja bejn 2.16 % u 2.82 %.

[23] L-Anness 7D tar-RAA 2024 tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL.

[24] Il-Volum II tal-AMPR 2024, l-Anness 2, pp. 103–106 u l-Volum III, l-Anness 5, pp. 20–22.

6.58. B'mod ġenerali, fir-RAA tiegħu d-DĠ REGIO[25] kkonkluda li kien għad hemm livell materjali ta' nefqa irregolari fil-kontijiet aċċettati tal-2024 għall-FEŻR/FK, minkejja r-riżultati tal-kontrolli u l-korrezzjonijiet diġà applikati fil-livell tal-Istati Membri. Id-DĠ EMPL[26] ikkonkluda l-istess għall-FSE/*YEI* u għall-*FEAD*. Bħalma ġie ddikjarat fir-rapport analitiku tagħna dwar il-qafas tal-aċċertament fil-qasam tal-koeżjoni, inqisu li l-Kummissjoni tistma l-livell ta' żball b'mod insuffiċjenti, għalkemm taqbel mal-konklużjoni ġenerali tagħna li l-infiq fil-qasam tal-koeżjoni huwa milqut materjalment minn żbalji. Il-***Kapitolu 1*** (il-paragrafu ***1.36***) jiddeskrivi d-differenza bejn ir-rata ta' żball tagħna u r-rata kkalkulata mill-Kummissjoni.

Għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 u tal-perjodi ta' programmazzjoni 2014–2020.

6.59. Id-data ta' skadenza għall-Istati Membri biex jippreżentaw id-dokumenti tal-għeluq 2007-2013 kienet il-31 ta' Marzu 2017, għalkemm din ġiet ittardjata ripetutament. Sa tmiem l-2024, is-sitwazzjoni kienet kif ġej:

- id-DĠ REGIO kien għalaq għalkollox 282 minn 322 PO, 3 biss aktar mill-2023. L-40 PO li kien jifdal għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 huma magħluqa minn qabel.

- id-DĠ EMPL kien għalaq 101 minn 118-il PO u għalaq 15-il PO minn qabel. Żewġ programmi Rumeni biss taħt il-FSE għadhom miftuħa. Il-Kummissjoni tindika fir-RAA tagħha li se tagħlaq minn qabel dawn iż-żewġ programmi fl-2025.

6.60. Għall-40 programm tad-DĠ REGIO magħluqa minn qabel u l-15-il programm tad-DĠ EMPL magħluqa minn qabel, il-Kummissjoni qablet li tagħmel pagament ta' għeluq parzjali li jkopri biss l-ammonti mhux ikkuntestati. Hija żammet kwalunkwe nefqa milquta minn irregolaritajiet potenzjali jew investigazzjonijiet li kienu għadhom għaddejjin fil-livell nazzjonali jew f'dak tal-UE. Il-biċċa l-kbira minn dawn il-programmi magħluqa minn qabel għadhom milquta minn proċeduri li għadhom għaddejjin fil-livell nazzjonali. B'riżultat ta' dan, il-proċess ta' għeluq huwa twil u huwa diffiċli li titbassar id-data tal-għeluq sħiħ. Meta jitqies il-progress bil-mod li sar, hemm riskju akbar ta' duplikazzjoni mal-għeluq tal-PO għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020. Dan jista' jwassal għal aktar dewmien.

---

[25] Ir-RAA 2024 tad-DĠ REGIO, p. 9.

[26] Ir-RAA 2024 tad-DĠ EMPL, p. 8.

6.61. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, ir-regolament STEP estenda d-data ta' skadenza biex l-Istati Membri jippreżentaw il-pakketti ta' aċċertament finali tagħhom sal-15 ta' Frar 2026. Madankollu, il-Kummissjoni rrappurtat li 10 PO tal-perjodu 2014–2020 huma magħluqa (2 fl-2023 u 8 fl-2024).

6.62. Fir-RAA tiegħu, id-DĠ REGIO rrapporta li sal-1 ta' Marzu 2025 ġew ippreżentati 58 pakkett ta' aċċertament finali mit-313-il programm li għadhom ma ngħalqux. Bl-istess mod, id-DĠ EMPL irrapporta li 43 pakkett ta' aċċertament finali ġew ippreżentati minn 211-il programm li għadhom ma ngħalqux. Huwa biss fir-RAA tagħhom tal-2025 li ż-żewġ DĠ se jibdew jirrappurtaw dwar l-istat tal-għeluq ta' dawn il-programmi.

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

6.63. Aħna nistmaw li l-livell kumplessiv ta' żball għall-intestatura "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" tal-QFP għas-sena finanzjarja 2024 huwa ta' 5.7 %.

6.64. L-awditu li wettaqna wera li huwa meħtieġ aktar titjib fil-mod kif jiġi applikat il-qafas ta' aċċertament għall-infiq fil-qasam tal-koeżjoni, kemm min-naħa tal-awtoritajiet inkarigati mill-programmi tal-Istati Membri kif ukoll min-naħa tal-Kummissjoni, meta jitqies li l-arkitettura ta' aċċertament għall-perjodu 2021–2027 għall-ġestjoni kondiviża għadha simili.

6.65. Ix-xogħol li wettaqna juri li l-kontrolli tal-awtoritajiet maniġerjali mhux dejjem jipprevienu jew jaqbdu b'mod effettiv l-irregolaritajiet fin-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji. Barra minn hekk, id-dgħufijiet li sibna fix-xogħol ta' diversi awtoritajiet tal-awditjar fil-kampjun tagħna (ara l-paragrafi ***6.44***-***6.49***) attwalment jillimitaw il-fiduċja li tista' titqiegħed fuq xogħolhom. Il-livell ta' żball rikalkulat kien ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 % f'16 mit-30 pakkett ta' aċċertament għall-perjodu 2014–2020. Il-Kummissjoni aġġustat ir-rati tal-iżball residwu għal ħamsa minn dawn il-pakketti għal ċifra ogħla minn 2 %.

6.66. Mill-2017 'il hawn, il-pakketti ta' aċċertament fil-kampjuni annwali tagħna ammontaw b'mod konsistenti għal aktar minn terz tan-nefqa aċċettata mill-Kummissjoni. Il-proporzjon tan-nefqa koperta minn pakketti ta' aċċertament b'rati tal-iżball residwu ogħla minn 2 % għadu sinifikanti, 44 % fl-2024 (ara l-***Figura 6.9***).

Rakkomandazzjonijiet

6.67. L-***Anness 6.2*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna ta' żewġ rakkomandazzjonijiet li konna għamilna fir-Rapport Annwali 2021 tagħna. Il-Kummissjoni kienet implimentat rakkomandazzjoni waħda bis-sħiħ, u waħda f'xi whud mill-aspetti. Aħna rrieżaminajna wkoll tliet rakkomandazzjonijiet mir-Rapporti Annwali 2022 u 2023 li kienu mmirati għall-implimentazzjoni sa tmiem l-2024, li waħda minnhom ġiet implimentata bis-sħiħ. Aħna vvalutajna wkoll ir-rakkomandazzjonijiet mir-Rapporti Annwali 2017, 2018, 2019 u 2020 li kienu għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ, iżda li għadhom rilevanti.

6.68. Abbażi tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2024, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

Rakkomandazzjoni 1 — Tara li żgur l-awtoritajiet tal-awditjar itejbu l-mod kif joperaw

Tara li żgur, permezz tal-analiżijiet mhux fuq il-post u l-awditi li hija twettaq, l-awtoritajiet tal-awditjar iqawwu l-kapaċità tagħhom ta' kontroll u detezzjoni, billi jivverifikaw li huma:

(a) jippjanaw il-kampjunar b'mod xieraq u jfasslu kampjun tal-awditjar li jkun rappreżentattiv, suffiċjenti u rilevanti, min-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni, kif meħtieġ mir-RDK;

(b) jikkonfermaw li l-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà hija ppruvata b'evidenza suffiċjenti, xierqa u affidabbli;

(c) iżommu dokumentazzjoni xierqa bħala appoġġ għar-rendikont tal-entrati, inkluż fajl tal-awditjar indiċjat b'mod ċar b'referenza għal (i) dokumenti ta' evidenza, (ii) listi ta' kontroll dettaljati u (iii) dokumenti ta' ħidma li jinkludu d-deskrizzjoni tal-entrati ttestjati, il-kalkoli ta' bażi u l-formuli.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tibda fl-2026.

Rakkomandazzjoni 2 — Tibda l-verifiki mill-ġdid wara li jiġu imposti rati fissi

Tara li żgur, meta jkunu nqabdu dgħufijiet sistematiċi fi programmi (operazzjonali) u konsegwentement tkun ġiet imposta rata fissa, li l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jużawx il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni b'rata fissa biex jevitaw ir-responsabbiltà tagħhom li jiċċekkjaw l-eliġibbiltà tan-nefqa qabel ma jiddikjarawha lill-Kummissjoni, u tagħmel irkupri individwali kif meħtieġ.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025.

Annessi

Anness 6.1 – Diżaggregazzjoni tal-kampjun tagħna ta' tranżazzjonijiet taħt ġestjoni kondiviża u s-sejbiet assoċjati għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2024



			Sejbiet relatati mat-tranżazzjonijiet	
Stat Membru (*)	**Kontribuzzjoni mill-UE (*miljun EUR*)**	**Tranżazzjonijiet awditjati**	**Żbalji kwantifikabbli**	**Żbalji mhux kwantifikabbli**
Il-Polonja	9 002	41	6	1
L-Italja	5 775	27	3	3
Ir-Rumanija	3 670	13	-	3
Spanja	3 532	17	7	3
Iċ-Ċekja	2 596	18	2	6
Il-Ġermanja	2 583	12	4	3
Il-Portugall	2 369	10	4	4
L-Ungerija	2 595	9	4	2
Il-Greċja	2 152	16	2	1
Franza	2 076	7	1	2
Il-Kroazja	1 775	5	-	-
Ir-Renju Unit	1 559	7	-	1
Is-Slovakkja	1 507	6	-	-
Il-Litwanja	949	4	-	1
Il-Bulgarija	854	--		
Il-Latvja	463	--		
L-Estonja	401	--		
Is-Slovenja	390	--		
L-Iżvezja	330	5	2	-
Il-Belġju	288	--		
Il-Finlandja	184	--		
Malta	171	--		
In-Netherlands	135	4	3	3
Ċipru	107	--		
L-Awstrija	40	--		
Id-Danimarka	35	--		
Il-Lussemburgu	19	--		
L-Irlanda	10	--		
TOTAL	**45 567**	**201**	**38**	**33**

(*) Il-kampjun tagħna mhuwiex maħsub biex tinsilet konklużjoni dwar kull Stat Membru separatament.

Sors: il-QEA.

Anness 6.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Koeżjoni, reżiljenza u valuri”

Livell ta’ aċċettazzjoni: aċċettata; aċċettata parzjalment; mhux aċċettata; l-ebda informazzjoni.

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Aċċettazzjoni mill-Kummissjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti
2017	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 1:** tiżgura li l-arranġamenti tal-awditjar fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-*FEI* jkunu adegwati fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji. Meta l-BEI/il-FEI jirrikorru għal proċeduri miftiehma ma’ awdituri esterni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċertament, tiddefinixxi l-kundizzjonijiet minimi ta’ kuntratti ta’ dan it-tip, b’mod partikolari l-obbligu li jitwettaq xogħol tal-awditjar suffiċjenti fil-livell tal-Istat Membru; (Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament)			Ir-*Regolament Omnibus* introduċa rekwiżit biex l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu awditi tas-sistemi u awditi tal-operazzjonijiet fuq l-istrumenti finanzjarji fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji, inklużi l-istrumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-*Grupp tal-BEI*, iżda jeskludi l-programmi tal-*Inizjattiva għall-SMEs*, li ġew stabbiliti qabel it-2 ta’ Awwissu 2018. Il-Kummissjoni ħadet miżuri addizzjonali billi inkludiet, fil-metodoloġija tal-awditjar għall-istrumenti finanzjarji, rakkomandazzjoni biex l-awtoritajiet tal-awditjar jawditjaw lill-intermedjarji finanzjarji għall-istrumenti implimentati mill-Grupp tal-BEI, irrispettivament minn meta ġew stabbiliti. Madankollu, il-metodoloġija ma tistax testendi l-mandat regolatorju tal-awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kummissjoni tat prova tal-fatt li, f’xi Stati Membri, l-awtoritajiet tal-awditjar diġà jwettqu kontrolli fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji. Madankollu, l-awditi li wettaqna fl-2020 u fl-2022 (Inizjattivi għall-SMEs fi Spanja) żvelaw li dawk il-kontrolli għadhom ma jitwettqux b’mod konsistenti (fl-Istat Membru li awditjajna, la l-awditur estern u lanqas l-awtoritajiet tal-awditjar ma kienu wettqu l-ebda awditu fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji). Ma ġie pprovdut l-ebda element ġdid biex jintwera li dan ġie kkoreġut fl-2024.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Aċċettazzjoni mill-Kummissjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Rakkomandazzjoni 3: tindirizza d-dgħufijiet li identifikajna fil-verifika li hija twettaq tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fil-kuntest tal-awditi tar-regolarità tal-Kummissjoni. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament)	✓		Ara l-paragrafi 6.58–6.64 tar-Rapport Annwali 2018, il-paragrafi 5.48–5.62 tar-Rapport Annwali 2019, il-paragrafi 5.43–5.44 tar-Rapport Annwali 2020, il-paragrafi 5.40–5.43 tar-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 6.47 tar-Rapport Annwali 2022, il-paragrafi 6.50-6.53 tar-Rapport Annwali 2023, u l-paragrafi ***6.44–6.49*** tar-rapport annwali kurrenti. Minkejja li l-Kummissjoni żiedet ix-xogħol tal-awditjar tal-konformità, xorta waħda għadna niltaqgħu ma' dgħufijiet fix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar.
	Rakkomandazzjoni 4: tindirizza l-kumplessità tal-informazzjoni ppreżentata, fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL, dwar il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament 2014-2020, billi: (…) (iii) tiddivulga rata kumplessiva tal-iżball residwu għas-Subintestatura 1b tal-QFP għal kull sena kontabilistika. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2019)	✓		

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Aċċettazzjoni mill-Kummissjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Rakkomandazzjoni 5: tiżgura li l-arranġamenti tal-awditjar jinbidlu skont il-proposta li tkun għamlet il-Kummissjoni għall-istrumenti finanzjarji fil-qafas regolatorju wara l-2020, biex, għall-kalkolu tar-rati tal-iżball residwu, jintużaw biss il-fondi li verament ikunu ntużaw fil-livell tar-riċevituri finali. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: qabel tibda l-implimentazzjoni tal-qafas leġiżlattiv għal wara l-2020).	✓		Ir-regolament dwar dispożizzjonijiet komuni għall-perjodu 2021–2027 (ir-Regolament (UE) 2021/1060) jipprevedi li pagament uniku bil-quddiem għal strumenti finanzjarji jiġi inkluż fl-ewwel applikazzjoni għall-pagament. Fir-risposti tagħha għas-segwitu tar-Rapport Annwali 2020, il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tadotta att delegat li jkun jirrikjedi li l-awtoritajiet tal-awditjar jeskludu dan il-pagament bil-quddiem mill-popolazzjoni li awditjajna. Issa l-Kummissjoni vvalutat mill-ġdid din il-pożizzjoni u ddikjarat li l-pagament inizjali bil-quddiem se jibqa' jagħmel parti mill-popolazzjoni li nawditjaw għas-sena kontabilistika kkonċernata.
	Rakkomandazzjoni 6: Twettaq kontrolli tar-regolarità li jkunu suffiċjenti biex tkun tista' tifformula konklużjonijiet dwar l-effettività tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar u biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar ir-regolarità tan-nefqa sa mhux aktar tard milli fir-rapporti annwali tal-attività li tippubblika s-sena ta' wara dik li fiha taċċetta l-kontijiet. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament)	✓		Ara l-paragrafu 5.64 tar-Rapport Annwali 2021.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Aċċettazzjoni mill-Kummissjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2018	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 6.1 — Arranġamenti tal-awditjar għall-programmi tal-Inizjattiva għall-SMEs** Tiżgura li: kontrolli regolari, ibbażati fuq kampjun rappreżentattiv ta' żborżi favur ir-riċevituri finali, jitwettqu fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji jew mill-awtorità tal-awditjar jew inkella minn awditur magħżul mill-Grupp tal-BEI; fejn dawn il-kontrolli ma jkunux suffiċjenti, tiżviluppa u timplimenta miżuri ta' kontroll xierqa għall-prevenzjoni tal-possibbiltà li ssir nefqa irregolari materjali fl-għeluq. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament).	✓		L-awditi preċedenti tagħna kkonfermaw li l-FEI diġà għamel jew qed jagħmel titjib fis-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll tiegħu u estenda b'mod volontarju l-użu ta' rapporti ta' aċċertament raġonevoli għall-programmi ta' Inizjattivi għall-SMEs. Filwaqt li nirrikonoxxu li xi awtoritajiet tal-awditjar diġà wettqu verifiki fil-livell tal-intermedjarji finanzjarji, għadha ma ngħatatx prova tal-effettività sħiħa ta' dawn il-miżuri. Bħala eżempju, aħna niġbdu l-attenzjoni għar-riżultati tal-awditu ta' Inizjattivi għall-SMEs fi Spanja li twettqu fil-kuntest tad-*DAS* 2022.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Aċċettazzjoni mill-Kummissjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2019	**Rakkomandazzjoni 5.2 — Azzjoni biex tiżdied l-affidabbiltà tar-rati tal-iżball residwu rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar** Tanalizza s-sorsi prinċipali tal-iżbalji li ma jinqabdux u tiżviluppa l-miżuri meħtieġa, flimkien mal-awtoritajiet tal-awditjar, biex ikun hemm titjib fl-affidabbiltà tar-rati tal-iżball residwu rrappurtati. (Skeda ta' żmien: Ġunju 2021).	✓		Minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni, kif ippreżentati fir-RAA tad-DĠ REGIO (2019: pp. 25 u 2020: pp. 41–43 u 2021: pp. 32–33) u tad-DĠ EMPL (2019: p. 37, 2020: pp. 43–44 u 2021: p. 49), ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna għall-2020 ma weriex titjib sinifikanti f'dan ir-rigward (ara pereżempju l-paragrafu 5.38 tar-Rapport Annwali 2020, il-paragrafi 5.40 u 5.41 tar-Rapport Annwali 2021 u l-paragrafi 6.48, 6.49 u 6.50 tar-Rapport Annwali 2022, il-paragrafi 6.50–6.53 tar-Rapport Annwali 2023, u l-paragrafi ***6.44–6.49*** tar-rapport annwali kurrenti. Il-Kummissjoni wettqet l-analiżi tas-sorsi prinċipali ta' żbalji li ma nqabdux.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Aċċettazzjoni mill-Kummissjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2020	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 5.2 — Jinżamm rekord tar-riskju ta' frodi fl-awditi li l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu fir-rigward tal-operazzjonijiet** tħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-awditjar b'mod espliċitu biex jintroduċu mistoqsijiet speċifiċi fil-listi ta' kontroll tagħhom dwar riskji ta' frodi u jiddokumentaw il-passi li jittieħdu biex jiġu indirizzati riskji bħal dawn li jiġu skoperti matul awditu. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-awditjar jaħdmu f'kollaborazzjoni mas-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi nazzjonali (AFCOSs) u jieħdu kont ta' każijiet ta' frodi suspettata jew stabbilita li jkunu ġew rrappurtati lill-Kummissjoni permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS). Nirreferu wkoll għar-rakkomandazzjonijiet tagħna fir-Rapport Speċjali 06/2019. (Skeda ta' żmien: Ġunju 2022).	✓		

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Aċċettazzjoni mill-Kummissjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2021	**Rakkomandazzjoni 5.2 — Kontribut tal-iskemi nazzjonali għall-objettivi tal-FSE** Tiżgura li, meta l-programmi operazzjonali jkunu bbażati fuq skemi nazzjonali eżistenti, l-operazzjoni implimentata tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-objettivi tal-programm, filwaqt li tieħu kont b'mod partikolari tas-sitwazzjoni li ġiet identifikata din is-sena b'rabta mal-*parteċipanti li huma barra mill-impjieg, edukazzjoni, jew taħriġ (NEET)* fil-programmi operazzjonali Spanjoli taħt il-FSE/YEI. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Novembru 2022).	✓		Il-Kummissjoni kienet ħadet azzjoni b'rabta mal-każ Spanjol imsemmi fir-rakkomandazzjoni. Madankollu, hija ma indirizzatx il-kwistjoni ta' kif l-operazzjonijiet iffinanzjati minn PO abbażi ta' skemi nazzjonali eżistenti jikkontribwixxu effettivament għall-objettivi tal-programm.
	Rakkomandazzjoni 5.6 — Stat tad-dritt Fir-rapporti annwali tal-attività tagħha, tipprovdi informazzjoni dwar proċeduri tal-istat tad-dritt li jkunu għadhom għaddejjin fil-konfront tal-Istati Membri u dwar kif dawn jistgħu jaffettwaw l-aċċertament li l-Kummissjoni tista' tikseb rigward ir-regolarità tan-nefqa mis-sistemi ta' aċċertament u ta' kontroll tal-pajjiżi kkonċernati. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: April 2023 (ir-RAA li jmiss)).	✗		

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Aċċettazzjoni mill-Kummissjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2022	**Rakkomandazzjoni 6.3 — Awditi tematiċi dwar il-kunflitt ta' interess** Tippjana u timplimenta awditi tematiċi ffukati fuq il-kunflitt ta' interess għall-programmi 2021-2027, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju proprja tagħha u fid-dawl tan-nuqqasijiet identifikati. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2024).	✓		
	Rakkomandazzjoni 6.5 — L-affidabbiltà tal-awtodikjarazzjonijiet Tiżgura li l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom fis-seħħ metodi xierqa biex jiċċekkjaw il-validità u l-affidabbiltà tal-awtodikjarazzjonijiet u jikkondividu prattiki tajba, u dan filwaqt li tieħu kont b'mod partikolari tas-sitwazzjoni identifikata din is-sena. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2023).	✓		Nieħdu nota li l-Kummissjoni ħadet diversi azzjonijiet f'dan ir-rigward u nieħdu nota li l-Kummissjoni qed tippjana li tkompli tikkondividi l-aħjar prattiki.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Aċċettazzjoni mill-Kummissjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2023	**Rakkomandazzjoni 6.2 – Tarmonizza t-trattament ta' żbalji fl-akkwist pubbliku taħt ġestjoni diretta u kondiviża** Tistabbilixxi trattament armonizzat tal-irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku għal proġetti ffinanzjati kemm taħt ġestjoni diretta kif ukoll taħt ġestjoni kondiviża, bħal proġetti ffinanzjati kemm mill-*FNE* kif ukoll mill-FEŻR. L-irregolaritajiet li jirriżultaw mill-ksur tal-istess dispożizzjonijiet legali jenħtieġ li jwasslu għall-istess valutazzjoni u rata ta' korrezzjoni. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2024).	⊗	⊗	

Sors: il-QEA.

Kapitolu 7

Riżorsi naturali u ambjent

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**7.1. - 7.16.**
Deskrizzjoni qasira	**7.2. - 7.14.**
Objettivi u oqsma ta' politika	7.2. - 7.4.
Strumenti u oqfsa ta' infiq	7.5. - 7.14.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	**7.15. - 7.16.**
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**7.17. - 7.28.**
Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet	**7.17. - 7.28.**
Pagamenti diretti	7.21. - 7.22.
L-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq u oqsma oħra ta' politika	7.23. - 7.28.
Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza	**7.29. - 7.42.**
Rappurtar, min-naħa tad-DĠ AGRI u d-DĠ CLIMA, dwar ir-regolarità tal-infiq	**7.29. - 7.36.**
Ir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni	**7.37.**
Rieżami ta' sistemi ġodda ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni	**7.38. - 7.42.**
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	**7.43. - 7.48.**
Konklużjoni	**7.43. - 7.44.**
Rakkomandazzjonijiet	**7.45. - 7.48.**
Annessi	
Anness 7.1 – [Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fl-Istati Membri u fir-Renju Unit	
Anness 7.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti	

Introduzzjoni

7.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 3 tal-*qafas finanzjarju pluriennali (QFP)*, "Riżorsi naturali u ambjent". Il-***Figura 7.1*** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2024.

Figura 7.1 — Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna

Riżorsi Naturali u Ambjent
EUR 64.4 biljun (33.7 % tal-infiq tal-bażit tal-UE)

Diżaggregazzjoni tal-pagamenti tal-2024 skont il-fond

(EUR biljun)



Popolazzjoni li awditjajna għall-2024 imqabbla mal-pagamenti



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

Deskrizzjoni qasira

Objettivi u oqsma ta' politika

7.2. Fl-2024, il-*politika agrikola komuni* (*PAK*) kienet tirrappreżenta s-sehem prinċipali (87.3 %) tal-infiq tal-UE fuq "Riżorsi naturali u ambjent". Filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari d-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI), hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għall-PAK, hija tikkondividi l-ġestjoni ta' din tal-aħħar mal-*aġenziji tal-pagamenti* fl-Istati Membri. Dawn huma responsabbli biex jiżguraw il-*legalità u r-regolarità* tal-infiq iddikjarat lill-Kummissjoni. Il-PAK għandha tliet objettivi ġenerali għall-perjodu 2023–2027[1]:

- li jitrawwem settur agrikolu intelliġenti, kompetittiv, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel fit-tul;
- li jappoġġa u jsaħħaħ il-ħarsien tal-ambjent, inkluż il-bijodiversità, u l-azzjoni klimatika;
- li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali.

7.3. L-Intestatura 3 tal-QFP tinkludi wkoll il-*Fond għal Tranżizzjoni Ġusta* (*JTF*), li ġie stabbilit għall-perjodu 2021–2027 biex jappoġġa lir-reġjuni u lin-nies milquta mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika[2]. Huwa jirrappreżenta 9.5 % tal-pagamenti taħt din l-intestatura. Kważi l-pagamenti kollha mill-JTF fl-2024 kienu prefinanzjament mhux approvat, li aħna ma ninkludux fil-popolazzjoni li awditjajna.

7.4. Din l-intestatura tal-QFP tkopri wkoll l-infiq tal-UE taħt il-politika marittima u tas-sajd iffinanzjata mill-*Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)*, li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE), u l-*programm LIFE* għall-ambjent u l-azzjoni klimatika taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorati Ġenerali għall-Ambjent (DĠ ENV), għall-Azzjoni Klimatika (DĠ CLIMA) u għall-Enerġija (DĠ ENER).

---

[1] L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK).

[2] L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1056 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

Strumenti u oqfsa ta' infiq

7.5. Għall-perjodu 2023–2027, l-Istati Membri stabbilew *pjanijiet strateġiċi tal-PAK* li jkopru l-infiq mill-*Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)* u l-*Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).* B'kollox, EUR 43.6 biljun minn EUR 56.0 biljun tal-pagamenti tal-PAK fl-2024 saru taħt il-*pjanijiet strateġiċi tal-PAK* filwaqt li EUR 12.5-il biljun saru taħt il-qafas tal-PAK 2014–2022. Ara l-***Figura 7.2*** hawn taħt:

Figura 7.2 — Tip ta' nfiq taħt il-PAK skont il-perjodu



Sors: il-QEA.

7.6. Għall-2024, l-istrumenti prinċipali ta' nfiq ("interventi") għall-PAK kienu:

- *pagamenti diretti* lill-bdiewa, iffinanzjati kompletament mill-baġit tal-UE (FAEG);
- *interventi għall-iżvilupp rurali* nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, kofinanzjati mill-baġit tal-UE (FAEŻR) u l-Istati Membri;
- *miżuri tas-suq* fis-settur agrikolu, iffinanzjati kompletament mill-baġit tal-UE (FAEG) ħlief għal ċerti miżuri, bħal miżuri ta' promozzjoni agroalimentari, li huma kofinanzjati mill-Istati Membri.

7.7. Il-pagamenti diretti kienu jirrappreżentaw 59.2 % tal-infiq taħt l-Intestatura 3 tal-*QFP* (EUR 38.1 biljun fl-2024). Kważi l-pagamenti diretti kollha fl-2024 saru taħt il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK għall-perjodu 2023–2027 (EUR 36.9 biljun). L-interventi prinċipali ta' pagament dirett kienu kif ġej.

- L-intervent ta' "*appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà*" (EUR 19.0-il biljun) u l-"*appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà*" (EUR 4.0 biljun), li jipprovdu appoġġ għall-introjtu bbażat fuq l-erja tal-art agrikola ddikjarata mill-bdiewa.

- "*Ekoskemi*" (EUR 8.6 biljun), tip ġdid ta' intervent introdott taħt il-PAK 2023–2027, biex jiġu appoġġati prattiki agrikoli li jikkontribwixxu għall-għanijiet klimatiċi u ambjentali u għat-trattament xieraq tal-annimali. Taħt ekoskema partikolari, il-*benefiċjarju* jrid jissodisfa rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti u l-i*standards għal kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (KAAT)*. Il-***Kaxxa 7.1*** tipprovdi eżempju.

- "*Appoġġ akkoppjat għall-introjtu*" (EUR 4.4 biljun) għal tipi speċifiċi ta' prodotti agrikoli, bħaċ-ċanga u l-vitella, il-ħalib, jew l-għelejjel li fihom il-proteini.

Kaxxa 7.1

Eżempju ta' ekoskema għall-kultivazzjoni ta' bwar estensivi

Fil-Finlandja, bidwi rċieva pagamenti taħt ekoskema għall-kultivazzjoni ta' bwar estensivi. L-iskema hija mfassla biex ittejjeb il-bijodiversità. Ir-ritratt juri roqgħa art b'bur naturali antik li żviluppat f'ambjent b'ħafna speċijiet li jappoġġa varjetà ta' pjanti, għasafar tal-għelieqi u insetti. Matul l-awditu li wettaqna, aħna kkonfermajna li l-benefiċjarju kien irrispetta l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà.

Sors: il-QEA.

7.8. Il-pagamenti diretti lill-bdiewa huma bbażati fuq drittijiet; billi jirċevuhom biss jekk jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet. Pagamenti bħal dawn jippreżentaw riskju aktar baxx ta' *żball* minn dak ippreżentat minn pagamenti bbażati fuq rimborżi, dment li l-kundizzjonijiet mehmuża ma jkunux kumplessi (ara l-paragrafu ***1.18***). Bl-eċċezzjoni ta' ċerti ekoskemi, aħna nqisu li l-kundizzjonijiet biex wieħed jirċievi pagamenti diretti mhumiex kumplessi.

7.9. Il-pagamenti diretti huma mmaniġġjati minn kull Stat Membru permezz ta' *sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK)*, li tgħaqqad flimkien il-bażijiet ta' *data* tal-azjendi, l-applikazzjonijiet għall-għajnuna, ir-reġistri tal-annimali u l-erjas agrikoli. Is-SIAK tinkorpora *sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS)*, *sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali (GSA)*, u *sistema ta' monitoraġġ tal-erja (AMS)*. Is-SIAK tgħin lill-bdiewa jimlew l-applikazzjonijiet tagħhom għall-għajnuna relatata mal-erja u jipprovdu evidenza tal-attivitajiet tagħhom, li jiffaċilita l-verifiki mwettqa mill-aġenziji tal-pagamenti. Din tippermetti li ċerti żbalji fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna jiġu kkoreġuti qabel ma jsir il-pagament u tnaqqas ir-riskju ta' żball.

7.10. L-iżvilupp rurali kien jirrappreżenta 24.0 % tal-infiq taħt l-Intestatura 3 tal-QFP (EUR 15.5-il biljun) u kien jikkonsisti minn:

- pagamenti li jsiru lill-bdiewa abbażi tal-kriterji ambjentali u dawk relatati mal-klima (EUR 6.9 biljun) applikati għall-erja agrikola jew skont l-għadd ta' annimali fl-azjenda agrikola ("relatati mal-erja jew mal-annimali") li huma koperti wkoll mis-SIAK tal-Istati Membri;

- għajnuna għall-proġetti ta' investiment (EUR 8.6 biljun) maħsuba biex jagħtu appoġġ lill-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'żoni rurali ("mhux ibbażat fuq l-erja").

7.11. Fl-2024, il-biċċa l-kbira mill-infiq fuq l-iżvilupp rurali mill-Istati Membri kompla jkun relatat mal-impenji li saru taħt il-*programmi tal-iżvilupp rurali* nazzjonali u reġjonali li jkopru l-perjodu 2014–2022 (EUR 9.9 biljun). Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit, il-programmi ta' żvilupp rurali tal-eks Stat Membru baqgħu għaddejjin sa tmiem l-2023 u ngħalqu fl-2024.

7.12. Il-miżuri tas-suq fis-settur agrikolu, li kienu jirrappreżentaw 4.1 % tal-infiq taħt l-Intestatura 3 tal-QFP (EUR 2.7 biljun), jinkludu diversi skemi, bħall-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex u r-ristrutturar tal-vinji — kull waħda bil-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tagħha stess. Il-miżuri tas-suq fis-settur tal-inbid għandhom l-għan li jżidu l-kompetittività tal-produtturi u jgħinuhom jadattaw għad-domandi tas-suq.

7.13. It-3.2 % li jifdal tal-Intestatura 3 tal-QFP, l-infiq, prinċipalment taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) u l-programmi LIFE, jinvolvi wkoll varjetà ta' kriterji tal-għażla, rekwiżiti tal-eliġibbiltà u metodi ta' żborż.

7.14. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-ekoskemi, il-biċċa l-kbira mill-infiq fuq l-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq, u l-oqsma ta' politika tal-Intestatura 3 tal-QFP barra mill-PAK huma aktar kumplessi milli għall-pagamenti diretti (eskluż l-ekoskemi), u r-riskju ta' żball huwa ogħla (ara l-paragrafu **1.18**).

Ambitu u approċċ tal-awditjar

7.15. L-objettiv tax-xogħol tal-awditjar tagħna kien li nikkontribwixxu għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kumplessiva* (*SoA*) kif deskritt fl-**Anness 1.1**, u li nipprovdu valutazzjoni tar-regolarità tan-nefqa taħt din l-Intestatura tal-QFP. Aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-Intestatura tal-QFP fl-2024:

(a) Kampjun statistikament rappreżentattiv ta' 228 *tranżazzjoni* li jkopri l-infiq kollu taħt din l-Intestatura tal-QFP, inkluż:

- 65 pagamenti diretti li jkopru l-iskemi prinċipali,
- 35 tranżazzjoni tal-ekoskemi,
- 41 tranżazzjoni tal-iżvilupp rurali relatati mal-erja jew mal-annimali,
- 63 tranżazzjoni tal-iżvilupp rurali mhux ibbażati fuq l-erja (proġetti ta' investiment),
- 14-il tranżazzjoni relatata ma' miżuri tas-suq, u
- 10 tranżazzjonijiet taħt l-oqsma ta' politika lil hinn mill-PAK, inklużi 6 tranżazzjonijiet taħt il-FEMS, 3 taħt il-programm LIFE, u 1 taħt ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli.

(b) L-informazzjoni dwar ir-regolarità li tingħata fir-*rapporti annwali tal-attività* (*RAA*) tad-DĠ AGRI u tad-DĠ CLIMA u mbagħad inkluża fir-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni* (*AMPR*) tal-Kummissjoni.

7.16. Il-228 tranżazzjoni li awditjajna kienu jkopru 19-il Stat Membru[3] u r-Renju Unit. Mill-218-il tranżazzjoni tal-PAK, 128 kienu relatati mal-PAK 2023–2027, u kienu prinċipalment pagamenti diretti, u 90 mal-PAK 2014–2022, u kienu prinċipalment miżuri ta' żvilupp rurali u tas-suq.

[3] Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

7.17. Mill-228 tranżazzjoni li ġew eżaminati, 39 (17 %) kien fihom żbalji. Abbażi tat-22 żball li kkwantifikajna, nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 2.6 % (ara l- ***Figura 7.3***).

Figura 7.3 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet



Sors: il-QEA.

7.18. It-tranżazzjonijiet tal-ekoskemi kienu jirrappreżentaw l-akbar għadd ta' żbalji kwantifikabbli li sibna (8) flimkien ma' tranżazzjonijiet tal-iżvilupp rurali (8). Aħna sibna tliet żbalji kwantifikabbli f'pagamenti diretti (eskluż l-ekoskemi), tnejn f'miżuri tas-suq, u waħda fin-nefqa li ma taqax taħt il-PAK. Sibna wkoll 19-il problema ta' konformità mingħajr impatt fuq ir-rata ta' żball. L-***Anness 7.1*** jippreżenta stampa ġenerali tan-nefqa taħt l-Intestatura 3 tal-QFP u r-riżultati tal-ittestjar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet skont l-Istat Membru.

7.19. Il-*Figura 7.4* tagħti diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat minna għall-2024, skont il-kategorija ta' żball.

Figura 7.4 — Il-biċċa l-kbira mil-livell ta' żball stmat huwa relatat ma' żbalji amministrattivi



Sors: il-QEA.

7.20. L-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni kienu applikaw miżuri korrettivi li laqtu direttament 51 mit-tranżazzjonijiet li kellna fil-kampjun. Dawn il-miżuri kienu rilevanti għall-kalkoli tagħna, billi naqqsu l-livell ta' żball stmat minna għal dan il-kapitolu b'0.4 punti perċentwali. Fi 13-il każ ta' *żbalji kwantifikabbli*, l-awtoritajiet tal-Istati Membri kellhom informazzjoni suffiċjenti biex jipprevienu, jew biex jaqbdu l-iżball u jikkoreġuh, qabel ma jaċċettaw in-nefqa. Li kieku l-awtoritajiet tal-Istati Membri għamlu użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx bi 2.2 punti perċentwali.

Pagamenti diretti

7.21. Fil-65 tranżazzjoni ta' pagament dirett (eskluži l-ekoskemi) ittestjati, aħna sibna 3 żbalji kwantifikabbli: 2 dikjarazzjonijiet eċċessivi tal-erja jew tal-għadd ta' annimali taħt l-intervent ta' appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà, u pagament ta' appoġġ li ma kienx dovut taħt l-iskema POSEI għar-reġjuni ultraperiferiċi[4].

7.22. Fil-35 tranżazzjoni tal-ekoskemi, aħna sibna 8 żbalji kwantifikabbli. Ħamsa minnhom kienu fil-livell tal-benefiċjarju finali, inklużi tnejn għal dikjarazzjoni eċċessiva tal-erja, tnejn għal nuqqas ta' konformità mal-impenn tal-ekoskemi jew applikazzjoni skorretta tar-regoli, u benefiċjarju ineliġibbli wieħed. Tliet żbalji kienu fil-livell tal-awtorità maniġerjali, kollha dovuti għal qafas legali li għandu nuqqasijiet jew applikazzjoni skorretta tar-regoli, li juri l-kumplessità ġenerali tal-ekoskemi fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni. Il-***Kaxxa 7.2*** tipprovdi eżempju ta' żball bħal dan fejn ir-rekwiżiti tal-ekoskema ma marrux oltre dawk diġà stabbiliti mil-liġi nazzjonali.

Kaxxa 7.2

Eżempju ta' defiċjenza fir-regoli nazzjonali għal ekoskema

Fil-Ġermanja, benefiċjarju rċieva pagament taħt ekoskema li tipprovdi appoġġ għall-applikazzjoni ta' prattiki agrikoli li jħarsu n-natura f'żoni tan-Natura 2000. Skont ir-Regolament dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK[5], taħt dawn l-ekoskemi, l-Istati Membri għandhom – fost affarijiet oħra – jipprovdu pagamenti li jkopru biss impenji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji rilevanti stabbiliti mil-liġi nazzjonali. Il-bidwi applika għal pagamenti ta' kumpens taħt l-ekoskema talli ma kienx wettaq miżuri fuq l-art tiegħu, bħal tħaffir għal dranaġġ ġdid jew tiswija ta' dranaġġ eżistenti, xogħol ta' mili, imbankmenti, jew skavar. Madankollu, għal uħud mill-irqajja' art tal-bidwi, il-biċċa l-kbira minn dawn il-miżuri kienu diġà projbiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal żoni ta' natura protetta, u għalhekk il-bidwi ma kellux ikun eliġibbli biex jirċievi pagamenti għalihom.

---

[4] Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI). Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

[5] L-Artikolu 31 il-paragrafu 5(b) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

L-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq u oqsma oħra ta' politika

Infiq fuq l-iżvilupp rurali relatat mal-erja jew mal-annimali

7.23. Aħna eżaminajna 41 pagament ta' żvilupp rurali bbażati fuq l-erja jew l-għedud ta' annimali ddikjarati mill-bdiewa. Dawn kienu jinkludu pagamenti biex jiġu ssodisfati *impenji agroambjentali klimatiċi* speċifiċi, pagamenti ta' kumpens għall-biedja organika, pagamenti favur bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali u pagamenti ta' kumpens għall-biedja f'żoni protetti Natura 2000. Mill-41 pagament, 21 kienu relatati mal-PAK 2023–2027 u 20 mal-PAK 2014–2022.

7.24. Fil-41 tranżazzjoni ta' żvilupp rurali relatati maż-żona jew mal-annimali l ittestjajna, 2 kien fihom żbalji kwantifikabbli: waħda relatata mad-dikjarazzjoni żejda taż-żona eliġibbli, u l-oħra man-nuqqas ta' konformità mat-trattament xieraq tal-annimali f'razzett tal-ħnieżer.

Proġetti ta' investiment

7.25. Eżaminajna 63 pagament ta' żvilupp rurali għal proġetti ta' investiment, bħal investimenti f'assi fiżiċi, għajnuna lil bdiewa żgħażagħ biex jibdew negozju, u ġestjoni tar-riskju (assigurazzjoni). Mit-63 pagament, 7 kienu relatati mal-PAK 2023–2027 u 56 mal-PAK 2014–2022.

7.26. Aħna kkwantifikajna żbalji f'sitt pagamenti, li rriżultaw minn benefiċjarji li ddikjaraw nefqa jew attivitajiet li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. F'każ wieħed, l-iżball irriżulta minn bidwi li naqas milli jissodisfa l-kundizzjonijiet biex jirċievi appoġġ għal investiment mhux produttiv (ara l-***Kaxxa 7.3***).

Kaxxa 7.3

Eżempju ta’ bidwi li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet għal appoġġ għall-investiment

Fl-Irlanda, benefiċjarju applika għal appoġġ għal investiment mhux produttiv assoċjat ma’ miżura agroambjentali klimatika. Biex jirċievi l-appoġġ, il-benefiċjarju impenja ruħu li joħloq żona ta’ veġetazzjoni ħdejn xmajra li tipproteġiha mit-tniġġis (“Żona riparja ta’ lqugħ”) billi għalaq roqgħa art biex l-annimali ma jkunux jistgħu jidħlu. Matul iż-żjara tagħna fuq il-post, osservajna li l-erja ma kinitx ingħalqet kompletament u li ċ-ċint elettriku, li kien ġie installat, ma kienx qed jiffunzjona, billi kien mgħotti żżejjed b’veġetazzjoni u kien jinsab mal-art f’xi postijiet.

Sors: il-QEA.

Miżuri tas-suq

7.27. Fl-14-il tranżazzjoni tal-miżuri tas-suq ittestjati, aħna kkwantifikajna żbalji f'[2] każijiet.

Affarijiet marittimi, sajd, ambjent u azzjoni klimatika

7.28. Għall-oqsma tal-affarijiet marittimi, is-sajd, u l-ambjent u l-azzjoni klimatika, awditjajna 10 tranżazzjonijiet u sibna żball kwantifikabbli f'tranżazzjoni li kienet taħt *ġestjoni kondiviża* taħt il-FEMSA.

Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza

Rappurtar, min-naħa tad-DĠ AGRI u d-DĠ CLIMA, dwar ir-regolarità tal-infiq

7.29. Fl-2024, żewġ settijiet ta’ arranġamenti kienu japplikaw għar-rappurtar tad-DĠ AGRI dwar ir-regolarità tal-infiq, il-mudell il-ġdid ta’ aċċertament ibbażat fuq il-prestazzjoni għall-infiq tal-pjan strateġiku tal-PAK, u l-qafas ta’ konformità mill-PAK 2014–2022. Dan tal-aħħar ikompli japplika għall-infiq barra mill-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, inklużi l-pagamenti li jifdal li saru mill-Istati Membri matul is-sena taħt il-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom għall-perjodu 2014–2022. Għall-infiq taħt il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, la l-Kummissjoni u lanqas l-Istati Membri mhuma meħtieġa jipprovdu stimi tar-riskju ta’ żball fil-waqt tal-pagament.

7.30. Kull Stat Membru huwa meħtieġ jipprovdi lid-DĠ AGRI b’“*pakkett ta’ aċċertament*”. Il-pakkett jinkludi l-kontijiet annwali dwar in-nefqa u r-*rapport annwali l-ġdid dwar il-prestazzjoni* (*APR*) għal kull aġenzija tal-pagamenti, u dikjarazzjoni ta’ ġestjoni mid-direttur tagħha. Din id-dikjarazzjoni tgħid li l-informazzjoni pprovduta hija kompluta u preċiża u li s-sistemi ta’ governanza qed jiffunzjonaw kif suppost, inklużi dawk għall-iżgurar tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata. Il-pakkett jinkludi wkoll ir-rapporti u l-opinjonijiet tal-*korpi taċ-ċertifikazzjoni* indipendenti fir-rigward tal-kontijiet finanzjarji tal-aġenziji tal-pagamenti, is-sistemi ta’ governanza, ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni, u l-legalità u r-regolarità tal-infiq barra mill-pjanijiet strateġiċi tal-PAK.

7.31. Għall-infiq taħt il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK koperti mill-mudell il-ġdid ta’ aċċertament ibbażat fuq il-prestazzjoni (EUR 42.9 biljun), id-DĠ AGRI vvaluta r-riskju għall-infiq tal-interventi, abbażi tar-rapporti tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni u tax-xogħol tal-awditjar tiegħu stess. Għall-2024, il-Kummissjoni vvalutat 82 % tal-infiq tal-pjan strateġiku tal-PAK bħala b’riskju baxx, 11 % bħala b’riskju medju, u s-7 % li jifdal bħala b’riskju għoli. L-infiq b’riskju baxx jikkorrispondi għal interventi mhux milquta minn defiċjenzi serji potenzjali fis-sistemi ta’ governanza tagħhom. Il-biċċa l-kbira mill-infiq b’riskju baxx huwa relatat ma’ pagamenti diretti u ma’ appoġġ ieħor kopert mis-SIAK (EUR 33.8 biljun).

7.32. Fir-rigward tal-ekoskemi, id-DĠ AGRI jqis li filwaqt li huma strument ta' politika importanti ħafna, xi wħud għandhom grad ogħla ta' kumplessità inerenti u l-implimentazzjoni korretta tagħhom kienet diffiċli. B'kollox, il-Kummissjoni vvalutat li 26 % tal-infiq fuq l-ekoskemi kien kopert minn sistemi ta' governanza li jew ma jiffunzjonawx jew li jiffunzjonaw parzjalment biss (u għalhekk b'riskju għoli jew medju), b'kuntrast ma' 10 % għal interventi ta' pagament dirett (eskluż l-ekoskemi).

7.33. Għall-infiq barra mill-pjanijiet strateġiċi tal-PAK koperti mill-qafas ta' konformità mill-PAK 2014–2022 (EUR 12.5-il biljun), id-DĠ AGRI kompla juża r-rati ta' żball irrappurtati mill-aġenziji tal-pagamenti. Huwa jagħmel aġġustamenti bbażati fuq ir-riżultati tal-awditi tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni, u l-awditi li jwettaq huwa stess fuq is-sistemi u l-infiq tal-aġenziji tal-pagamenti. Dan jippermettilu jikkalkula ċifra għar-"riskju fil-waqt tal-pagament" għall-pagamenti diretti, l-iżvilupp rurali u l-miżuri tas-suq.

7.34. Għall-2024, id-DĠ AGRI kkalkula l-"ammont stmat f'riskju fil-waqt tal-pagament" għal madwar 2.8 % ta' EUR 12.5-il biljun ta' nfiq barra mill-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, inkluż madwar 5.9 % għall-pagamenti diretti, 2.8 % għall-iżvilupp rurali u 2.0 % ta' EUR 2.1 biljun għall-miżuri tas-suq. Iċ-ċifra għall-pagamenti diretti mhijiex kumparabbli ma' dik tas-snin preċedenti billi fil-biċċa l-kbira hija relatata ma' appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi taħt l-iskema POSEI, li kien jirrappreżenta biss madwar 1.2 % tal-pagamenti diretti (EUR 0.5 biljun).

7.35. Għall-2024, id-DĠ AGRI għaqqad ir-riżultat tal-pagamenti bbażati fuq il-prestazzjoni u ta' dawk ibbażati fuq il-konformità u vvaluta 77 % tal-infiq taħt il-PAK bħala b'riskju baxx, 10 % bħala b'riskju medju, u 13 % bħala b'riskju għoli. Biex inqabblu, id-DĠ AGRI jipprovdi stima fir-RAA 2024 ta' 69 % għall-infiq taħt il-PAK b'riskju baxx għall-2023, meta l-"ammont stmat f'riskju fil-waqt tal-pagament" globali kien ta' 1.9 %.

7.36. Aħna wettaqna wkoll rieżami limitat tal-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ CLIMA. Innutajna li l-metodoloġija għall-kalkolu tar-riskju fil-waqt tal-pagament u fil-waqt tal-*għeluq* għad-DĠ CLIMA kienet konformi mal-linji gwida tal-Kummissjoni.

Ir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni

7.37. Il-Kummissjoni ma għadhiex tipprovdi stima tar-riskju fil-waqt tal-pagament għal "Riżorsi naturali" fl-AMPR tagħha, billi 23 % biss tal-intestatura hija koperta mill-oqfsa ta' konformità tad-DĠ AGRI, tad-DĠ MARE, tad-DĠ ENV u tad-DĠ CLIMA.

Rieżami ta' sistemi ġodda ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni

7.38. Bħala parti mill-awditu li wettaqna għall-2024, aħna ġbarna u analizzajna informazzjoni dwar l-introduzzjoni tar-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni (APR), kif ġej:

- għad-19-il pajjiż fil-kampjun tagħna, wettaqna stħarriġ biex niġbru informazzjoni dwar l-arranġamenti ta' rappurtar, is-sistemi tal-IT u l-mekkaniżmi tal-ipproċessar tad-*data* tagħhom;
- għal disa' aġenziji tal-pagamenti fejn il-kampjun tagħna kien jinkludi tranżazzjonijiet taħt il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, ivverifikajna kif l-outputs li jikkorrispondu għall-pagamenti awditjati ġew irreġistrati fis-sistemi tal-APR tal-aġenziji tal-pagamenti; u
- għal 76 aġenzija tal-pagamenti u korpi ta' koordinazzjoni nazzjonali u reġjonali, analizzajna l-valutazzjonijiet mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-funzjonament xieraq tal-komponent tar-rappurtar dwar il-prestazzjoni fis-sistemi ta' governanza u l-preċiżjoni u l-kompletezza tal-APRs tagħhom.

7.39. Ibbażat fuq l-istħarriġ tagħna, sibna li s-sistemi ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti kienu għadhom qed jiġu żviluppati fl-2024. Filwaqt li 18-il aġenzija tal-pagamenti kienu awtomatizzaw il-produzzjoni ta' indikaturi tal-prestazzjoni, 2 irrappurtaw li kienu qed jużaw approċċ manwali jew parzjalment awtomatizzat biex jipproduċu xi indikaturi ewlenin tal-output għall-APRs tagħhom tal-2024. Minħabba l-iżviluppi li jinsabu għaddejjin, is-sistemi tal-IT aġġornati għall-produzzjoni tal-APRs kienu għadhom ma sarilhomx ittestjar sħiħ biex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mal-istandards internazzjonali tas-sigurtà tal-informazzjoni (ISO 27001).

7.40. Fiż-żmien meta wettaqna l-awditu u għad-disa' aġenziji tal-pagamenti bi tranżazzjonijiet tal-pjan strateġiku tal-PAK, stajna nistabbilixxu l-korrispondenza bejn il-pagamenti li saru u l-outputs irreġistrati fis-sistemi tal-IT tagħhom għall-produzzjoni ta' rapporti annwali dwar il-prestazzjoni.

7.41. Sat-3 ta' Marzu 2025, l-Istati Membri ppreżentaw l-ewwel APRs sħaħ tagħhom li jkopru s-sena finanzjarja 2024, flimkien mar-rapporti tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni. Sibna li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni kklassifikaw 93 % tas-sistemi ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti bħala li "jaħdmu" jew li "jaħdmu tajjeb". Is-sistemi li jifdal ġew ivvalutati bħala li "jaħdmu parzjalment", u dan jissuġġerixxi defiċjenzi żgħar. Fir-rigward tal-preċiżjoni tal-indikaturi tal-output u tar-riżultati, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni vvalutaw li 92 % tar-rappurtar dwar l-indikaturi tal-aġenziji tal-pagamenti bħala li "jaħdem" jew li "jaħdem tajjeb".

7.42. Ir-riżultati tar-rieżami li wettaqna jissuġġerixxu li, fil-biċċa l-kbira, ir-rappurtar annwali dwar il-prestazzjoni ġie introdott kif ippjanat. Aħna ma identifikajna l-ebda problema bid-*data* rrappurtata. Fir-rigward tal-istabbiliment u l-fasla tas-sistemi ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni, il-kriterji ta' akkreditazzjoni għall-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi ta' koordinazzjoni jkopru t-tħaddim tas-sistemi tal-IT. Dan jinkludi sistemi ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni mfassla fi ħdan l-ambitu tagħhom. L-Istati Membri jridu jaraw li s-sistemi għall-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni żgur ikollhom iċ-ċertifikazzjoni x-xierqa u li dawk is-sistemi jiffunzjonaw kif xieraq.

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

7.43. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Riżorsi naturali u ambjent" kien kollu kemm hu materjali (ara l-paragrafu ***7.17***). Għal din l-intestatura tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet ta livell kumplessiv ta' żball stmat ta' 2.6 %.

7.44. Ir-riżultati tagħna jindikaw li l-livell ta' żball ma kienx materjali għall-pagamenti diretti (eskluż l-ekoskemi), li jirrappreżentaw 46 % tal-infiq taħt din l-intestatura tal-QFP, filwaqt li kien materjali għall-oqsma l-oħra ta' nfiq kollha kemm huma (ekoskemi, żvilupp rurali, miżuri tas-suq, affarijiet marittimi, sajd, ambjent u azzjoni klimatika), li jirrappreżentaw 54 % tal-infiq.

Rakkomandazzjonijiet

7.45. Is-segwitu għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2021 tagħna kien diġà twettaq fl-2023[6]. Il-Kummissjoni kienet implimentat iż-żewġ rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ.

7.46. Irrieżaminajna wkoll ir-rakkomandazzjonijiet mir-Rapporti Annwali 2022 u 2023 li jew kienu jeħtieġu azzjoni immedjata jew kienu mmirati għall-implimentazzjoni matul l-2024. Rakkomandazzjoni waħda li saret fir-Rapport Annwali 2022 kienet immirata għall-implimentazzjoni fl-2024 (ara l-Anness 7.2).

7.47. Aħna nqisu li r-Rakkomandazzjoni 7.1 fir-Rapport Annwali 2022, dwar il-monitoraġġ tal-kwalità tad-*data* dwar l-erjas agrikoli, ġiet implimentata. Dan jirrifletti l-valutazzjoni tagħna li l-Kummissjoni tevalwa r-rapporti ta' valutazzjoni tal-kwalità tas-*sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS)* ippreżentati mill-Istati Membri kull sena, u tivverifika l-kompletezza tar-rapporti u l-azzjonijiet ta' rimedju proposti.

7.48. Ibbażat fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2024, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

---

[6] Ir-Rapport Annwali 2023, l-Anness 7.2.

Rakkomandazzjoni 7.1 — Tagħti appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil tal-ekoskemi tagħhom

Minħabba l-importanza tal-ekoskemi fil-ksib tal-għanijiet ambjentali u klimatiċi, tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-Istati Membri fit-tfassil ta' skemi inqas kumplessi mingħajr ma tikkompromett l-ambizzjoni tagħhom, abbażi tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-għarfien espert miksuba permezz tal-implimentazzjoni tal-iskemi inizjali tal-perjodu 2023–2027.

Data immirata għall-implimentazzjoni: 2026.

Annessi

Anness 7.1 – [Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fl-Istati Membri u fir-Renju Unit



Stat Membru/pajjiż (*)	Kontribuzzjoni mill-UE (*miljun EUR*)	Tranżazzjonijiet awditjati	Żbalji kwantifikabbli	Żbalji mhux kwantifikabbli
Infiq taħt il-PAK	**56 300**	**218**	**21**	**16**
Franza	9 737	30	2	2
Spanja	7 332	30	2	4
Il-Ġermanja	6 303	14	1	2
L-Italja	6 143	23	1	1
Il-Polonja	4 819	19	1	1
Ir-Rumanija	3 197	12	3	
Il-Greċja	2 694	7	1	3
L-Ungerija	1 978	8		
Il-Portugall	1 543	9	2	1
L-Irlanda	1 520	5	1	
L-Awstrija	1 271	9	4	1
Il-Bulgarija	1 213	8		
Id-Danimarka	999	5		
Iċ-Ċekja	983	4		
In-Netherlands	976	4		
L-Iżvezja	911	8	1	1
Il-Litwanja	878	5		
Il-Finlandja	779	5	1	
Is-Slovakkja	647	9	1	
Ir-Renju Unit	254	4		
Stati Membri mhux awditjati	2 122	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Politiki oħra	**8 100**	**10**	**1**	**3**
TOTAL	**64 400**	**228**	**22**	**19**

(*) Il-kampjun tagħna mhuwiex maħsub biex tinsilet konklużjoni fil-livell tal-Istat Membru.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

Anness 7.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

Livell ta' aċċettazzjoni: aċċettata; aċċettata parzjalment; mhux aċċettata; l-ebda informazzjoni.

Livell ta' implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f'xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata; ma tistax tinsilet konklużjoni jew ma għadhiex rilevanti.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2022	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 7.1:** Timmonitorja l-kwalità tad-*data* dwar l-erjas agrikoli Peress li l-erja agrikola se tkun il-bażi għall-indikaturi tal-prestazzjoni taħt il-PAK il-ġdida għall-2023–2027, tkompli timmonitorja kemm l-Istati Membri jivvalutaw b'mod preċiż l-erja eliġibbli fis-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art. Data immirata għall-implimentazzjoni: 2024.			

Sors: il-QEA.

Kapitolu 8

Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri
Sigurtà u difiża

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**8.1. - 8.9.**
Deskrizzjoni qasira	**8.2. - 8.6.**
Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri	8.2. - 8.3.
Sigurtà u difiża	8.4.
Implimentazzjoni ta' programmi taħt ġestjoni kondiviża	8.5. - 8.6.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	**8.7. - 8.9.**
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**8.10. - 8.13.**
Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern	**8.14. - 8.16.**
Rieżaminar tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fir-rigward tar-rapporti annwali ta' kontroll u l-awditi tan-nefqa tagħhom	**8.14. - 8.16.**
Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza	**8.17. - 8.19.**
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	**8.20. - 8.22.**
Konklużjoni	**8.20.**
Rakkomandazzjonijiet	**8.21. - 8.22.**
Annessi	
Anness 8.1 – Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri" u "Sigurtà u difiża"	

Introduzzjoni

8.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 4 “Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri” u l-Intestatura 5 “Sigurtà u Difiża” tal-*qafas finanzjarju pluriennali* (QFP). Il-***Figura 8.1*** u l-***Figura 8.2*** jagħtu stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt dawn l-intestaturi fl-2024.

Figura 8.1 — Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna — Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri



(*) Aħna nirrappurtaw dwar pagamenti lil aġenziji deċentralizzati fir-rapport annwali tagħna dwar l-aġenziji tal-UE.

Sors: il-QEA, abbażi ta’ *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-UE għall-2024.

Figura 8.2 — Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna — Sigurtà u difiża



(*) Aħna nirrappurtaw dwar pagamenti lil aġenziji deċentralizzati fir-rapport annwali tagħna dwar l-aġenziji tal-UE.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* mill-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2024.

Deskrizzjoni qasira

Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri

8.2. L-Intestatura 4 tal-QFP 2021–2027 tkopri l-oqsma ta' politika tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Id-dettalji jidhru fil-***Figura 8.1***. Parti sostanzjali mill-infiq taħt din l-intestatura fl-2024 kienet għadha tikkonċerna t-tlestija ta' proġetti u programmi pendenti mill-QFP 2014–2020, relatati mal-istralċ tal-*Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni*[1] (AMIF) u l-*Fond għas-Sigurtà Interna* — Strument għall-Fruntieri u l-Viża[2] (FSI-BV). Dawn il-fondi issa għaddejjin mill-proċess ta' għeluq u fil-QFP 2021–2027 ġew sostitwiti mill-AMIF il-ġdid[3] u l-*Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi*[4] *(BMVI)* tal-*Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri*.

8.3. Qasam ta' nfiq sinifikanti ieħor għall-Intestatura 4 tal-QFP huwa l-finanzjament għall-*aġenziji deċentralizzati* (l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)).

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viżi.

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/1147 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/1148 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi.

Sigurtà u difiża

8.4. Fil-QFP 2021–2027, l-Intestatura 5 tkopri s-sigurtà u d-difiża. Id-dettalji jidhru fil-***Figura 8.2***. Il-komponent "sigurtà" jinkludi finanzjament mill-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI) għall-perjodu 2021–2027[5] u t-tlestija ta' proġetti u skemi ffinanzjati mill-Fond għas-Sigurtà Interna — Strument tal-Pulizija (FSI-P) għall-perjodu 2014–2020[6], li kien jinkludi porzjon imdaqqas mill-infiq f'dan il-qasam fl-2024. Dan il-komponent jinkludi wkoll finanzjament għad-dekummissjonar nukleari fil-Bulgarija, il-Litwanja u s-Slovakkja, u finanzjament għall-aġenziji deċentralizzati tal-UE fil-qasam tas-sigurtà (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA, li sat-1 ta' Lulju 2024 kienet iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL). Il-komponent tad-"difiża" jinkludi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP)[7] u l-Fond Ewropew għad-Difiża[8] li jappoġġaw proġetti ta' difiża kollaborattivi fl-istadji kollha tar-riċerka u l-iżvilupp u li huma mmaniġġjati mid-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju (DĠ DEFIS) tal-Kummissjoni. Il-komponent jagħti appoġġ ukoll lill-mobbiltà militari permezz ta' baġit iddedikat fi ħdan il-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa*[9] li jirrigwarda l-adattament tat-taqsimiet tan-*Network Trans-Ewropew tat-Trasport* għal skopijiet ta' użu doppju ċivili-militari. Hemm ukoll proġetti speċifiċi ffinanzjati taħt il-Fond Ewropew għad-Difiża marbuta mal-mobbiltà militari.

---

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1149 li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna.

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tar-riskji.

[7] Ir-Regolament (UE) 2018/1092 li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża.

[8] Ir-Regolament (UE) 2021/697 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża.

[9] Ir-Regolament (UE) 2021/1153 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Implimentazzjoni ta' programmi taħt ġestjoni kondiviża

8.5. Il-ġestjoni tal-biċċa l-kbira mill-finanzjament mill-AMIF u mill-FSI għall-perjodu 2014–2020, u l-biċċa l-kbira mill-finanzjament mill-AMIF, il-BMVI u l-FSI għall-perjodu 2021–2027 hija kondiviża bejn l-Istati Membri (jew l-erba' pajjiżi assoċjati ma' Schengen — l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera) u d-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DĠ HOME) tal-Kummissjoni. Għall-perjodu 2021–2027, il-finanzjament kollu għal-Liechtenstein huwa mmaniġġjat direttament mill-Kummissjoni. Taħt dan l-arranġament, l-Istati Membri jimplimentaw *programmi* pluriennali li ġew approvati mill-Kummissjoni.

8.6. L-informazzjoni hija pprovduta fil-***paragrafu 2.16*** dwar l-implimentazzjoni tal-programmi taħt ġestjoni kondiviża fil-qafas tal-AMIF u l-FSI għall-perjodu 2021−2027 Meta jitqiesu b'mod kumulattiv, mill-2020 'il hawn, l-Istati Membri taw spinta lill-implimentazzjoni tal-programmi tal-perjodu 2014–2020 minħabba li l-finanzjament għall-perjodu 2014–2020 kellu jintefaq sa Ġunju 2024[10] u l-kontijiet finali kellhom jiġu ppreżentati sal-31 ta' Diċembru 2024. Madankollu, kien għad ried jiġi approvat ammont ta' finanzjament materjali (12 % jew EUR 528 miljun għall-AMIF u 16 % jew EUR 505 miljun għall-FSI) li jibqa' pendenti sakemm il-Kummissjoni taċċetta dawn il-kontijiet finali. Il-***Figura 8.3*** tistabbilixxi n-nefqa li l-Istati Membri ddikjaraw lill-Kummissjoni għar-rimborż minn meta beda l-*perjodu ta' programmazzjoni* 2014–2020.

[10] Ir-Regolament(UE) 2022/585 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 514/2014, Nru 516/2014 u 2021/1147.

Figura 8.3 — Progress tal-programmi taħt ġestjoni kondiviża fil-qafas tal-AMIF u l-FSI għall-perjodu 2014–2020



(*) L-Istati Membri ġeneralment jiddikjaraw in-nefqa taħt l-AMIF/FSI lill-Kummissjoni għall-aċċettazzjoni fis-sena ta' wara li tiġġarrab. Għaldaqstant, il-kontijiet tal-Kummissjoni għall-2024 juru n-nefqa li l-Istati Membri ġarrbu fl-2023.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni (programmi u deċiżjonijiet ta' approvazzjoni sa tmiem l-2024).

Ambitu u approċċ tal-awditjar

8.7. Għall-2024, aħna applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1*** għall-Intestaturi 4 u 5 tal-QFP, filwaqt li ħadna inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-*awditi tal-konformità* li wettaqna tal-aġenziji. Eżaminajna kampjun ta' 23 *tranżazzjoni* li kkontribwew għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* kumplessiva tagħna. Madankollu, dan il-kampjun mhuwiex rappreżentattiv tal-infiq taħt dawn l-intestaturi tal-QFP, u għalhekk ma jippermettilniex *nistmaw ir-rata ta' żball* għal dawn l-intestaturi. Il-kampjun kien jinkludi:

(a) 12-il tranżazzjoni taħt *ġestjoni kondiviża* mal-Istati Membri — Franza, l-Italja, il-Litwanja, il-Portugall u l-Iżvezja għall-Intestatura 4 tal-QFP; u l-Polonja għall-Intestatura 5 tal-QFP;

(b) seba' tranżazzjonijiet taħt il-*ġestjoni diretta* tal-Kummissjoni (erbgħa għall-Intestatura 4 tal-QFP, tlieta għall-Intestatura 5 tal-QFP); u

(c) erba' tranżazzjonijiet taħt *ġestjoni indiretta* (tnejn għall-Intestatura 4 tal-QFP, tnejn għall-Intestatura 5 tal-QFP).

8.8. Eżaminajna wkoll is-sistemi ta' kontroll magħżula billi rieżaminajna:

(a) ir-*rapporti annwali ta' kontroll* 2023 tal-*awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar* għall-AMIF (il-Ġermanja, il-Finlandja u l-Iżvezja) u l-BMVI (il-Kroazja, il-Litwanja u l-Finlandja) taħt il-QFP 2021–2027;

(b) ix-xogħol li sar minn dawn l-awtoritajiet tal-awditjar fuq il-kontijiet annwali 2023 tal-Istati Membri tagħhom għall-AMIF jew għall-BMVI għall-opinjonijiet tal-awditjar tagħhom ipprovdut lill-Kummissjoni. Ivvalutajna jekk dawn l-awtoritajiet tal-awditjar kinux[11]:

   (i) stabbilew proċeduri adegwati sabiex jingħataw opinjonijiet tal-awditjar u rapporti annwali ta' kontroll affidabbli;

   (ii) użaw metodoloġija tal-kampjunar li kienet xierqa;

   (iii) ikkampjunaw biżżejjed tranżazzjonijiet biex ikunu jistgħu jinsiltu konklużjonijiet għall-popolazzjoni kollha;

   (iv) ikkalkulaw ir-rata ta' żball b'mod korrett.

[11] Kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2021/1060.

8.9. Barra minn hekk, aħna rrieżaminajna r-regolarità tal-informazzjoni li tingħata fir-*rapport annwali tal-attività* (RAA) tad-DĠ HOME, u li mbagħad ġiet inkluża fir-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni* (AMPR) tal-Kummissjoni.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

8.10. Mit-23 tranżazzjoni li eżaminajna, 8 kienu milquta minn *żbalji*. Ikkwantifikajna tlieta minn dawn l-iżbalji li kellhom impatt finanzjarju fuq l-ammonti ddebitati lill-baġit tal-UE. Dawn l-iżbalji kienu relatati ma' nefqa li taqa' barra mill-perjodu ta' implimentazzjoni, in-nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn, u tipi oħra ta' nefqa ineliġibbli. Il-***Kaxxa 8.1*** turi eżempju tal-iżbalji li kkwantifikajna.

Kaxxa 8.1

Nefqa li taqa' barra mill-perjodu ta' implimentazzjoni

Aħna awditjajna proġett ta' risistemazzjoni fil-qafas tal-AMIF taħt ġestjoni kondiviża mal-Portugall. Il-proġett kien implimentat minn Lulju 2021 sa Settembru 2023. Il-proġett ipprovda appoġġ legali u soċjali dirett, kif ukoll gwida għat-taħriġ vokazzjonali u l-impjieg lil rifuġjati li stabbilew ruħhom fil-Portugall. Huwa mmira lejn il-ħtiġijiet ta' gruppi risistemati u l-integrazzjoni u l-awtonomija tagħhom għal żmien twil fis-soċjetà Portugiża, b'attenzjoni partikolari lejn programmi għat-tagħlim tal-lingwa Portugiża.

Aħna nnutajna li t-talba dwar il-kostijiet kienet tinkludi fattura għax-xiri tal-elettriku li kienet tinkludi l-għoti tal-provvista tal-enerġija li kien jaqa' barra mill-perjodu ta' implimentazzjoni.

Konsegwentement, qisna li 3.7 % tal-kostijiet tal-proġett relatati kienu nefqa ineliġibbli.

8.11. Sibna wkoll seba' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji. Dawn ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE. Dawn il-każijiet kienu relatati, pereżempju, ma' nuqqasijiet fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' *għotjiet*, il-monitoraġġ tal-proġetti, finanzjament mill-UE li ma ntużax kollu għall-iskop intenzjonat, u defiċjenzi fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku. Il-***Kaxxa 8.2*** turi eżempji tal-iżbalji li sibna.

Kaxxa 8.2

Nuqqasijiet fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet

Aħna awditjajna erba' sejħiet miftuħa għal proposti taħt ġestjoni kondiviża għall-FSI Fruntieri u l-AMIF fi Franza u fil-Portugall, rispettivament. Is-sejħa fi Franza kienet teħtieġ proposti biex tissaħħaħ is-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE. Is-sejħa fil-Portugall kienet teħtieġ servizzi biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Fil-każ ta' Franza, sibna li l-applikanti għall-għotjiet ma kinux ġew infurmati kif xieraq dwar il-proċess ta' evalwazzjoni. Ma kinitx ġiet ippubblikata informazzjoni importanti dwar il-metodoloġija ta' evalwazzjoni, bħal sollijiet applikabbli jew ponderazzjonijiet differenti applikabbli għal kriterji individwali.

Fil-każ tal-Portugall, sibna li l-metodoloġija tal-għoti tal-punteġġi ma kinitx tippermetti differenzjazzjoni suffiċjenti tal-proġetti skont il-mertu, billi setgħu jingħataw biss il-punteġġi ta' 1, 3, jew 5. B'riżultat ta' dan, 19-il applikazzjoni għal proġetti kisbu eżattament l-istess punteġġ u klassifikazzjoni. Peress li ma kienx hemm biżżejjed finanzjament disponibbli biex jiġu ffinanzjati l-proġetti kollha, il-limitu tal-finanzjament ġie ddeterminat mill-ordni li fiha waslu l-applikazzjonijiet aktar milli mill-applikazzjoni ta' kriterji robusti biex issir distinzjoni bejn il-proġetti abbażi tal-kwalità tal-proposti tagħhom.

Il-finanzjament mill-UE ma jintużax kollu għall-iskop intenzjonat

Aħna awditjajna proġett taħt il-FSI Fruntieri taħt ġestjoni kondiviża ma' Franza. Il-proġett kien implimentat minn Jannar 2019 sa Diċembru 2021. Dan kien jikkonsisti fi studji dwar il-fattibbiltà u d-definizzjoni biex jiġi integrat tagħmir ta' sorveljanza speċifiku f'tip ta' inġenju tal-ajru partikolari li għandu jintuża esklużivament biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-fruntieri esterni tal-UE (iż-żona Schengen). Minħabba dewmien, l-installazzjoni sussegwenti tat-tagħmir imbagħad ġiet iffinanzjata permezz ta' proġett konness taħt il-BMVI (2021–2027). Minkejja dan, iż-żewġ proġetti kienu tfasslu bħala investiment uniku, u kien hemm proċedura ta' sejħa għal offerti waħda biex jintgħażel kuntrattur kemm għall-istudju dwar id-definizzjoni kif ukoll għall-installazzjoni.

Aħna nnutajna li, f'xi okkażjonijiet, l-inġenji tal-ajru ġew mgħammra barra miż-żona Schengen bi ksur tar-rekwiżiti leġiżlattivi u kuntrattwali applikabbli tal-istrument FSI li jirrikjedu li proġetti ta' dan it-tip jikkontribwixxu għas-sigurtà interna tal-fruntieri tal-UE. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi, l-iskjeramenti barra miż-żona Schengen irrappreżentaw kważi terz tal-ħin tat-titjir.

Madankollu, billi l-awtoritajiet Franċiżi ma pprovdew l-ebda evidenza ta' sostenn biex jiġu sostanzjati skjeramenti reali, il-proġett huwa milqut minn żball mhux kwantifikabbli.

8.12. Għalkemm mhumiex milquta minn żbalji ta' regolarità, fil-kampjun tagħna sibna wkoll żewġ tranżazzjonijiet li ma kinux konformi mal-prinċipji tal-*ġestjoni finanzjarja tajba*. Dawn kienu relatati ma' protezzjoni inadegwata ta' tagħmir iffinanzjat mill-UE u ma' rimborż tat-*taxxa fuq il-valur miżjud* lil korpi pubbliċi li kien ogħla mill-kostijiet imġarrba. It-tnejn li huma jmorru kontra l-gwida tal-Kummissjoni. Il-***Kaxxa 8.3*** turi eżempju tal-każijiet li sibna.

Kaxxa 8.3

Protezzjoni inadegwata tat-tagħmir iffinanzjat mill-UE

Aħna awditjajna proġett tal-AMIF taħt ġestjoni diretta fil-Greċja għall-forniment ta' faċilitajiet ta' akkomodazzjoni fil-hotspots tal-migranti fil-Greċja. In-nefqa massima eliġibbli hija ta' EUR 276 miljun u l-proġett li għaddej bħalissa qed jiġi implimentat mill-awtorità Griega responsabbli. It-tranżazzjoni tagħna kienet relatata mat-tielet *pagament interim* li jammonta għal EUR 52.9 miljun. F'Ottubru 2024, wettaqna żjarat fuq il-post fil-faċilitajiet fil-gżejjer ta' Samos u Kos.

Sibna li kien hemm ħsara sostanzjali fit-tagħmir bażiku (eż. għamara u fittings) matul l-ewwel sentejn ta' operat. Barra minn hekk, it-tagħmir għat-tifi tan-nar kien ġie trasferit mill-postijiet oriġinali ppjanati tiegħu fil-faċilitajiet kollha b'tali mod li, jekk ikun hemm bżonn, isir diffiċli biex jintuża, kif jidher hawn taħt.

Sors: verifiki tal-proġett imwettqa fuq il-post mill-QEA.

8.13. Xi organizzazzjonijiet internazzjonali naqqsu l-aċċess tagħna għad-dokumenti sal-livell ta' konsultazzjoni elettronika temporanja biss f'ambjent fejn stajna biss naraw id-dokumenti, mingħajr ma ttrasferewhomlna. Huma qiesu li dan setgħu jagħmluh minħabba l-arranġamenti kuntrattwali li kellhom mal-Kummissjoni. Dan fixkel l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-awditu li wettaqna. Id-dritt tagħna li jintbagħtilna kwalunkwe dokument jew informazzjoni meħtieġa biex inwettqu l-kompitu tagħna huwa stabbilit fl-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Preċedentement aħna għamilna osservazzjonijiet relatati fir-rapporti annwali[12] u fl-Opinjoni Nru 10/2018[13] tagħna. Il-potenzjal għal interpretazzjoni diskrezzjonali tad-dritt tagħna li jkollna aċċess għad-dokumenti, li jwassal biex il-kapaċità li nwettqu l-awditu tagħna tkun ostakolata b'mod illegali, jindika nuqqas ta' preċiżjoni fl-arranġamenti kuntrattwali. Wara x-xogħol tal-awditjar u qabel ma ngħalaq l-awditu, l-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha ħlief waħda eventwalment ippermettew li jitniżżlu d-dokumenti mitluba, iżda dan biss fuq bażi volontarja bħala parti minn proġett pilota. Għalhekk, aħna ma nqisux li din il-problema ġiet solvuta b'mod effettiv.

[12] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 9.17, u r-Rapporti Annwali 2018, 2020 u 2023 dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

[13] L-Opinjoni Nru 10/2018 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, il-paragrafu 18.

Eżaminar ta’ elementi tas-sistemi ta’ kontroll intern

Rieżaminar tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fir-rigward tar-rapporti annwali ta’ kontroll u l-awditi tan-nefqa tagħhom

8.14. L-Istati Membri ppreżentaw l-ewwel kontijiet annwali nazzjonali tagħhom għall-programmi AMIF u BMVI 2021–2027 fl-2024.

8.15. Il-ħames awtoritajiet tal-awditjar li rrieżaminajna kienu żviluppaw u implimentaw proċeduri dettaljati u ta’ kwalità suffiċjenti biex jirrappurtaw dwar ix-xogħol tagħhom fir-rapport annwali ta’ kontroll. Madankollu, sibna li l-awtorità tal-awditjar Finlandiża ma wettqet l-ebda awditu ta’ operazzjonijiet fuq in-nefqa ddikjarata (*somom f’daqqa*) fil-kontijiet annwali tal-AMIF. Minkejja li kienet konxja minn dan, il-Kummissjoni aċċettat l-opinjoni tal-awtorità tal-awditjar u ħallset il-bilanċ finali mingħajr proċedura kontradittorja. Aħna sibna wkoll li l-awtorità tal-awditjar Żvediża ma wettqet l-ebda xogħol tal-awditjar tas-sistemi għall-perjodu finanzjarju awditjat. B’riżultat ta’ dan, filwaqt li ż-żewġ awtoritajiet tal-awditjar ħarġu opinjonijiet tal-awditjar mhux kwalifikati, il-komponenti ta’ dawn l-opinjonijiet ma kinux appoġġati minn xogħol tal-awditjar suffiċjenti. Dan jirriskja li jillimita l-livell ta’ aċċertament ipprovdut.

8.16. Aħna għażilna 14-il fajl tal-awditjar mill-istess 5 awtoritajiet tal-awditjar. Użajna dawn il-fajls biex nivverifikaw ix-xogħol tal-awditjar sottostanti tagħhom u naraw jekk dan kienx ikopri rekwiżiti ewlenin speċifiċi[14]. B’mod ġenerali, aħna sibna li l-awtoritajiet tal-awditjar kellhom programmi tal-awditjar dettaljati u użaw listi ta’ kontroll biex jappoġġaw il-konklużjonijiet tagħhom. Madankollu, qbadna xi nuqqasijiet, ara l-eżempji fil-***Kaxxa 8.4***.

[14] Rekwiżit ewlieni 12 — awditi xierqa tas-sistemi, rekwiżit ewlieni 13 — awditi xierqa tal-operazzjonijiet u rekwiżit ewlieni 15 — proċeduri xierqa għall-għoti ta’ opinjoni tal-awditjar affidabbli u għat-tħejjija tar-rapport annwali ta’ kontroll, kif stabbilit fl-Anness XI tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Kaxxa 8.4

Nuqqasijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar

Stat Membru u fond	Nuqqasijiet	Impatt potenzjali
L-Iżvezja AMIF	Dokumenti inadegwati dwar il-verifiki li twettqu biex tiġi kkonfermata l-konformità mar-rekwiżiti ewlenin tal-eliġibbiltà tan-nefqa rrappurtata.	Riskju li ma tinqabadx nefqa ineliġibbli.
Il-Finlandja BMVI	Ma ġiet applikata l-ebda korrezzjoni finanzjarja wara li ġie identifikat żball fil-proċedura ta' akkwist.	Riskju għall-preċiżjoni tal-kontijiet.
	Ir-*rendikont tal-entrati* ma kienx komplut u l-listi ta' kontroll użati ma kinux aġġornati.	Riskju għall-affidabbiltà tal-opinjoni tal-awtorità tal-awditjar.
Il-Litwanja BMVI	L-istandards tal-awditjar għall-awditu tar-rapporti finanzjarji ma kinux xierqa.	

Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza

8.17. Għas-sena finanzjarja 2024, irrieżaminajna r-RAA tad-DĠ HOME. L-analiżi tagħna ffukat fuq jekk id-DĠ HOME kienx ippreżenta l-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-RAA tiegħu skont l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni, u jekk kienx applika l-metodoloġija biex jiġu stmati l-korrezzjonijiet futuri b’mod konsistenti.

8.18. Sibna li l-istimi tad-DĠ HOME għar-riskju kumplessiv fil-waqt tal-pagament u fil-waqt tal-għeluq ġew ikkalkulati u rrappurtati fl-AMPR skont il-metodoloġija interna. Min-nefqa totali fl-2024 (EUR 3 507.5 miljun), id-DĠ HOME stma li l-ammont totali f’riskju fil-waqt tal-pagament kien ta’ EUR 44.6 miljun (1.3 %), u stma ċifra ta’ EUR 41.0 miljun għar-riskju kumplessiv fil-waqt tal-għeluq li jirriżulta mill-korrezzjonijiet futuri stmati ta’ EUR 3.6 miljun.

8.19. Id-Direttur Ġenerali tad-DĠ HOME ddikjarat li kellha aċċertament raġonevoli li r-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti fir-RAA kienu ntużaw għall-iskop intenzjonat tagħhom u skont il-prinċipji tal-ġestjoni tajba, iżda b’xi *riżervi*. Billi l-għadd ta’ tranżazzjonijiet li nivverifikaw huwa biss proporzjon żgħir ta’ dawk immaniġġjati mid-DĠ HOME, ma nistgħux nivvalidaw din id-dikjarazzjoni abbażi tar-riżultati tax-xogħol tal-awditjar tagħna.

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

8.20. L-eżaminar li wettaqna tat-tranżazzjonijiet u tas-sistemi ġibed l-attenzjoni għal xi oqsma fejn hemm lok għal titjib. Filwaqt li ma awditjajniex biżżejjed tranżazzjonijiet biex nistmaw il-livell ta' żball għal dawn l-intestaturi tal-QFP (ara l-paragrafu ***8.7***), ir-riżultati tal-awditjar tagħna jindikaw li dan huwa qasam b'riskju għoli, minħabba l-frekwenza ta' żbalji li sibna. Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna.

Rakkomandazzjonijiet

8.21. L-***Anness 8.1*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2021 tagħna, u r-rakkomandazzjoni li għamilna fir-Rapport Annwali 2022 tagħna. Il-Kummissjoni kienet implimentat ir-rakkomandazzjonijiet kollha bis-sħiħ.

8.22. Abbażi tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2024, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

Rakkomandazzjoni 8.1 — Tkompli tieħu passi biex żgur ikun hemm aċċess sħiħ għad-dokumenti

Tkompli tieħu passi biex tara li l-organizzazzjonijiet internazzjonali żgur jipprovdu lill-QEA aċċess sħiħ, illimitat u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha f'konformità mat-TFUE. B'mod partikolari, tara li l-arranġamenti kuntrattwali ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu ċari u jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt tal-QEA li tirċievi, fuq talba tagħna, kwalunkwe dokument jew informazzjoni meħtieġa biex inwettqu l-funzjonijiet tal-awditjar tagħna.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026.

Rakkomandazzjoni 8.2 — Tkompli tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar ir-regoli applikabbli li jirregolaw is-sejħiet għal proposti

Tkompli tipprovdi gwida lill-*awtoritajiet maniġerjali* tal-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża dwar l-obbligi tagħhom li jirrispettaw il-prinċipji ta' trattament ugwali u trasparenza fl-eżekuzzjoni ta' sejħiet għal proposti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025.

Rakkomandazzjoni 8.3 — Issegwi n-nuqqasijiet li ġew identifikati fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar

Issegwi n-nuqqasijiet li ġew identifikati fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar u, jekk jinstab li dawn jixħtu dubju fuq opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata, timplimenta miżuri ta' kontroll xierqa. Dan biex tnaqqas ir-riskju li ma tinqabadx nefqa irregolari.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026.

Annessi

Anness 8.1 – Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri” u “Sigurtà u difiża”

Livell ta’ aċċettazzjoni: aċċettata; parzjalment aċċettata; mhux aċċettata; l-ebda informazzjoni.

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata; ma tistax tinsilet konklużjoni jew ma għadhiex rilevanti.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta’ aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti
2021	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 1:** Tipprovdi aktar gwida lill-benefiċjarji tal-azzjoni u l-assistenza ta’ emerġenza mogħtija mill-UE, u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli mill-implimentazzjoni			Ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata bis-sħiħ. Għall-azzjonijiet tal-Unjoni u l-assistenza ta’ emerġenza, il-Kummissjoni pprovdiet gwida matul diversi laqgħat (eż. laqgħat ta’ tnedija, laqgħat tekniċi *ad hoc*, laqgħat ta’ monitoraġġ) li saru mal-benefiċjarji biex tiġi indirizzata l-parti (a) tar-rakkomandazzjoni

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	tal-finanzjament mogħti mid-DĠ HOME, biex jaderixxu ma': (a) ir-regoli għall-ġbir ta' dokumentazzjoni ta' sostenn xierqa li tista' tiġi prodotta f'każ ta' verifiki jew awditi; (b) l-obbligu ta' konformità mar-regoli nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku meta jinxtraw oġġetti jew servizzi.			rigward ir-regoli dwar iż-żamma ta' rendikont tal-entrati adegwat. Għall-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli mill-implimentazzjoni tal-finanzjament mogħti mid-DĠ HOME, il-Kummissjoni organizzat webinar f'Ġunju 2024. Il-parti (b) tar-rakkomandazzjoni ġiet implimentata mill-Kummissjoni sa tmiem l-2024.
2021	**Rakkomandazzjoni 2:** Twettaq kontrolli *ex ante* mmirati aħjar fuq l-eliġibbiltà tan-nefqa, speċjalment f'każ ta' assistenza ta' emerġenza, b'fokus speċifiku fuq ir-riskji potenzjali relatati ma': (a) it-tip ta' nefqa (eż. l-akkwist); u	✓	▬	Ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata bis-sħiħ. Il-Kummissjoni stabbiliet strateġija fil-livell tad-DĠ li tiġbor flimkien l-elementi ta' kontroll eżistenti differenti, u wettqet verifiki *ex ante* mmirati aħjar. Billi, fir-Rapport Annwali 2022 tagħna, il-QEA ħarġet rakkomandazzjoni simili b'rabta mal-azzjonijiet tal-Unjoni (ara hawn taħt), il-Kummissjoni ddeċidiet li tindirizza l-implimentazzjoni taż-żewġ

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	(b) it-tip ta' benefiċjarju (eż. benefiċjarji bi ftit jew l-ebda esperjenza fil-finanzjament tal-UE). Meta tagħmel dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-użu ta' ċertifikati tal-awditjar biex jiġu appoġġati t-talbiet għall-pagament tal-benefiċjarji għandu limitazzjonijiet.			rakkomandazzjonijiet flimkien biex tiżgura approċċ koerenti għall-azzjonijiet kollha mmaniġġjati direttament mid-DĠ HOME.
2022	Twettaq verifiki *ex ante* mmirati aħjar fuq l-eliġibbiltà tan-nefqa għal azzjonijiet tal-Unjoni, b'fokus speċjali fuq ir-riskji potenzjali relatati ma', pereżempju, it-tip ta' nefqa (eżempju il-kostijiet tal-persunal, it-tagħmir l-akkwist), jew it-tip ta' benefiċjarju. Meta tipprepara l-valutazzjoni tar-riskju tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li ċ-ċertifikati tal-awditjar li jappoġġaw it-talbiet għall-pagament tal-benefiċjarji għandhom limitazzjonijiet.	✓		Ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata bis-sħiħ. Ara l-kummenti dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni preċedenti.

Sors: il-QEA

Kapitolu 9

Il-vićinat u d-dinja

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**9.1. - 9.10.**
Deskrizzjoni qasira	9.2. - 9.8.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	9.9. - 9.10.
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**9.11. - 9.23.**
Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza	**9.24. - 9.28.**
Rapport annwali tal-attività tad-DĠ ECHO	9.24. - 9.26.
Rapport annwali tal-attività tad-DĠ INTPA	9.27.
Rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni	9.28.
Elementi oħra	**9.29.**
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	**9.30. - 9.33.**
Konklużjoni	9.30.
Rakkomandazzjonijiet	9.31. - 9.33.
Annessi	
Anness 9.1 – Pagamenti skont il-pajjiż għad-DĠ NEAR u d-DĠ INTPA	
Anness 9.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Il-viċinat u d-dinja"	

Introduzzjoni

9.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 6 tal-*qafas finanzjarju pluriennali (QFP)* "Il-viċinat u d-dinja". Il-***Figura 9.1*** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2024.

Figura 9.1 — Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

Deskrizzjoni qasira

9.2. Dan il-qasam ta' nfiq jinkludi diversi strumenti ta' finanzjament, notevolment l-*Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali ("NDICI-Ewropa Globali")*[1], il-baġit għajnuna umanitarja, u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni[2].

9.3. L-objettiv ġenerali tal-NDICI-Ewropa Globali huwa li jsostni u jippromwovi l-valuri, il-prinċipji u l-interessi fundamentali tal-UE madwar id-dinja, u jgħin fil-promozzjoni ta' multilateraliżmu u ta' sħubijiet aktar b'saħħithom ma' pajjiżi mhux tal-UE. L-istrument NDICI – Ewropa Globali jġib miegħu 11-il strument preċedenti għall-QFP 2021–2027, bl-Istrument Ewropew ta' Viċinat u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp inklużi (il-FEŻ kienu barra mill-baġit tal-UE).

9.4. L-UE tipprovdi wkoll assistenza umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet lil persuni milquta minn diżastri kkawżati mill-bniedem u minn perikli naturali, b'fokus partikolari fuq il-persuni l-aktar vulnerabbli.

9.5. L-objettiv ġenerali tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni huwa li jagħti appoġġ lill-pajjiżi *benefiċjarji* fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa għall-allinjament mal-valuri tal-UE bil-ħsieb ta' sħubija, u b'hekk jikkontribwixxi għall-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità tagħhom.

9.6. Dawn l-istrumenti ta' *azzjoni esterna* huma implimentati f'ambjenti ġeopolitiċi u organizzattivi diffikultużi. L-attivitajiet tagħhom ikopru diversi reġjuni b'oqfsa legali u istituzzjonali li jvarjaw, u b'hekk hija meħtieġa l-kapaċità ta' adattament għal kundizzjonijiet regolatorji u operazzjonali differenti.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/947 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali.

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/1529 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II).

9.7. Id-direttorati ġenerali (DĠ) u s-servizzi prinċipali li implimentaw l-azzjoni esterna tal-UE fl-2024 kienu: id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR), id-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA), id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja (DĠ ECHO) u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI). Mill-1 ta' Frar 2025, id-DĠ NEAR inqasam f'żewġ DĠ separati: id-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir u għall-Viċinat tal-Lvant (id-DĠ ENEST) u d-Direttorat Ġenerali għal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf (id-DĠ MENA).

9.8. Fl-2024, il-pagamenti għal "Il-viċinat u d-dinja" ammontaw għal EUR 15.4-il biljun (pagamenti ta' *prefinanzjament*, *interim* u finali) u ġew żborżati bl-użu ta' diversi strumenti (ara l-***Figura 9.1***) u metodi ta' twassil. Dawn jinkludu kuntratti ta' xogħlijiet/provvisti/servizzi, *għotjiet*, self speċjali, garanziji ta' self u assistenza finanzjarja, *appoġġ baġitarju* u forom immirati oħra ta' għajnuna baġitarja f'pajjiżi mhux tal-UE (ara l-***Anness 9.1***). It-total tal-pagamenti taħt din l-intestatura żdied minn EUR 15.2-il biljun fl-2023 għal EUR 15.4-il biljun fl-2024.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

9.9. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna 139 *tranżazzjoni* fl-2024, maqsumin kif ġej:

(a) kampjun statistikament rappreżentattiv ta' 137 tranżazzjoni, li jkopri l-infiq kollu taħt din l-intestatura tal-QFP. Għall-kampjun ħadna 57 tranżazzjoni mid-DĠ NEAR, 47 mid-DĠ INTPA, 18 mid-DĠ ECHO u 7 mill-FPI, kif ukoll 8 tranżazzjonijiet minn DĠ oħra (id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI), id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura (DĠ EAC), id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (DĠ ENV), id-Direttorat Ġenerali għall-Appoġġ għar-Riformi Strutturali (DĠ REFORM), id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) u d-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ u għas-Sigurtà Ekonomika (DĠ TRADE), kif ukoll l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA)). L-objettiv tagħna kien li nistmaw il-livell ta' żball għal din l-intestatura tal-QFP u li nikkontribwixxu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni;

(b) 2 tranżazzjonijiet rigward il-“Faċilità għall-Ukrajna”. Din il-faċilità, differentement mill-Assistenza Makrofinanzjarja Plus għall-Ukrajna (ara l-***Figura 9.1***), hija ffinanzjata barra mil-limitu massimu annwali tal-QFP. Ir-*riżultati* tax-xogħol tal-awditjar li wettaqna fuq dawn it-tranżazzjonijiet ma għandhom l-ebda *impatt* fuq il-*livell ta’ żball stmat* għall-Intestatura 6 “Il-viċinat u d-dinja” tal-QFP iżda tabilħaqq jolqtu l-livell kumplessiv ta’ żball stmat minna.

9.10. Aħna eżaminajna wkoll:

(a) l-informazzjoni dwar ir-*regolarità* ppreżentata fir-r*apporti annwali tal-attività (RAA)* tad-DĠ ECHO u tad-DĠ INTPA, il-konsistenza tal-metodoloġija li kienet intużat biex jiġu stmati l-ammonti f’riskju kif ukoll il-korrezzjonijiet u l-irkupri futuri, u l-preżentazzjoni ta’ dawn l-ammonti fir-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR)* tal-Kummissjoni; u

(b) is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

9.11. Għall-2024, mhux bħas-snin preċedenti, qed nipprovdu valutazzjoni speċifika tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi għall-Intestatura 6 "Il-viċinat u d-dinja" tal-QFP. Mill-137 tranżazzjoni li eżaminajna, 56 (40.9 %) kien fihom żbalji. Abbażi tat-42 żball li kkwantifikajna, nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 4.9 % (ara l-*Figura 9.2*).

Figura 9.2 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet



Sors: il-QEA.

9.12. Il-*Figura 9.3* tagħti diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat minna għall-2024, skont it-tip ta' żball.

Figura 9.3 — Diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat, skont it-tip ta' żball



Sors: il-QEA.

9.13. Aħna identifikajna diversi tipi ta' żball, li laqtu bosta tranżazzjonijiet, li reġgħu seħħew matul bosta snin tal-awditjar (ara l-eżempji fil-***Kaxxa 9.1***, fil-***Kaxxa 9.2*** u fil-***Kaxxa 9.3***). It-tipi prinċipali kienu:

- "kaskata" tal-*kostijiet indiretti* ddebitati lill-UE (jiġifieri l-kostijiet indiretti tal-organizzazzjonijiet inkarigati mis-sottoimplimentazzjoni jiġu rrappurtati bħala parti mill-kostijiet diretti tal-benefiċjarju, minbarra l-kostijiet indiretti diġà imposti mill-benefiċjarju). Għamilna rakkomandazzjoni dwar l-istruttura kaskata ta' implimentazzjoni fir-rapport speċjali tagħna dwar is-sistemi tas-saħħa fil-pajjiżi msieħba[3];
- inklużjoni ta' kostijiet ineliġibbli tal-pagi, bħal *dispożizzjonijiet* u kostijiet indiretti;
- applikazzjoni ta' rati tal-kambju skorretti;
- nuqqas ta' konformità mar-*regoli dwar l-akkwist pubbliku*; u
- approvazzjoni ta' pagamenti bil-quddiem mitlubin bħala kostijiet imġarrba.

[3] Ir-Rapport Speċjali 18/2024: "Appoġġ finanzjarju mill-UE għas-sistemi tas-saħħa f'pajjiżi sħab magħżula — Ġew segwiti objettivi strateġiċi wiesgħa, iżda l-interventi kienu milquta minn problemi ta' koordinazzjoni u sostenibbiltà", ir-Rakkomandazzjoni 4.

9.14. Bħal fi snin preċedenti, proporzjon kbir tal-iżbalji li identifikajna kienu jikkonċernaw kuntratti implimentati minn organizzazzjonijiet *ivvalutati skont il-pilastru* (organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u aġenziji tal-Istat) taħt *ġestjoni indiretta*. Għal kuntratti ta' dan it-tip, il-Kummissjoni aċċettat in-nefqa abbażi ta' rapport finanzjarju u dikjarazzjoni ta' ġestjoni. Din tal-aħħar hija awtodikjarazzjoni mill-organizzazzjoni vvalutata skont il-pilastru li tiċċertifika li l-informazzjoni finanzjarja mressqa hija ppreżentata kif suppost, kompleta u preċiża, u f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-kuntratt. Mill-42 żball li kkwantifikajna (ara l-paragrafu ***9.11***), 26 kienu jirrigwardaw kuntratti ta' dan it-tip, u kkontribwew 3.1 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

9.15. Għal darba oħra, ħabbatna wiċċna ma' dewmien biex nirċievu d-dokumentazzjoni mitluba mingħand xi organizzazzjonijiet internazzjonali u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u, konsegwentement, biex inwettqu xogħolna (ara l-***Anness 9.2***, ir-Rakkomandazzjoni 1 mill-2020). Huma naqqsu l-aċċess tagħna għad-dokumenti sal-livell ta' konsultazzjoni elettronika temporanja biss f'ambjent fejn stajna biss naraw id-dokumenti, mingħajr ma ttrasferewhomlna. Dan fixkel l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-awditu li wettaqna. Dan kien jikkonċerna 19 mit-tranżazzjonijiet li awditjajna. Dawn id-diffikultajiet baqgħu jippersistu minkejja t-tentattivi tal-Kummissjoni biex issolvihom billi tikkomunika kontinwament mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati (ara wkoll il-paragrafu ***8.13*** fil-***Kapitolu 8*** ta' dan ir-rapport u l-paragrafu ***26*** tar-Rapport Annwali tagħna dwar il-FEŻ).

9.16. Eżempji ta' xi wħud mill-iżbalji li kkwantifikajna jistgħu jinstabu fil-***Kaxxa 9.1***.

Kaxxa 9.1

Nefqa ineliġibbli: kostijiet indiretti mitluba bħala kostijiet diretti — kaskata tal-kostijiet

DĠ INTPA

Awditjajna fattura ta' EUR 3.1 miljun taħt ftehim ta' delega ffirmat ma' aġenzija għall-iżvilupp ta' Stat Membru, implimentat taħt ġestjoni indiretta. In-nefqa totali tal-kuntratt kienet ta' EUR 8.4 miljun, b'kontribuzzjoni mill-UE assenjata li tammonta għal EUR 7.5 miljun.

Il-fattura awditjata kienet ibbażata fuq rapport finanzjarju li kopra l-perjodu sħiħ ta' implimentazzjoni, minn Lulju 2019 sa Ġunju 2021.

L-aġenzija kienet talbet EUR 0.49 miljun mingħand l-UE f'rimunerazzjoni għal kostijiet indiretti, ikkalkulati bir-rata massima miftiehma kuntrattwalment ta' 6.95 % tal-kostijiet diretti. Madankollu, l-awditu li wettaqna sab "kaskata" tal-kostijiet indiretti, billi l-aġenzija tal-iżvilupp issottokuntrattat l-implimentazzjoni tal-ftehim lil organizzazzjonijiet oħra u inkludiet il-kostijiet indiretti ta' dawk l-organizzazzjonijiet fil-kostijiet diretti rrappurtati tagħha.

Fir-rapport finanzjarju tagħha lill-Kummissjoni, l-aġenzija kienet ikkonsolidat ir-rapporti finanzjarji tal-organizzazzjonijiet u rrappurtat in-nefqa kollha tagħhom bħala kostijiet diretti. Madankollu, ir-rapporti proprji ta' dawn l-organizzazzjonijiet kienu jinkludu EUR 0.44 miljun f'kostijiet indiretti. Jekk dan l-ammont jinżdied mal-EUR 0.49 miljun, it-total tal-kostijiet indiretti ikun EUR 0.93 miljun (14.2 % tal-kostijiet diretti) — ferm aktar mil-limitu miftiehem kuntrattwalment ta' 6.95 %. Qisna li l-kostijiet żejda kienu ineliġibbli.



Sors: il-QEA.

Nefqa ineliġibbli: dispożizzjonijiet inklużi fil-kostijiet tal-pagi

DĠ ECHO

Aħna awditjajna fattura li tiswa EUR 1.2 miljun li kienet relatata ma' *ftehim ta' kontribuzzjoni* ffirmat ma' organizzazzjoni internazzjonali u implimentat taħt ġestjoni indiretta. Il-kostijiet stmati tal-kuntratt ammontaw għal EUR 7.6 miljun, parzjalment iffinanzjati mill-UE (50.2 %).

Filwaqt li awditjajna n-nefqa mitluba permezz ta' din il-fattura, eżaminajna l-kontribuzzjoni ta' kull xahar għall-"fond ta' separazzjoni" għal impjegat li kien qed jaħdem fuq il-proġett iffinanzjat mill-UE. Din il-kontribuzzjoni, ikkalkulata bħala perċentwal fiss tas-salarju bażiku tal-impjegat, hija maħsuba biex tkopri kostijiet jew indennizzi futuri potenzjali li l-organizzazzjoni jaf iġġarrab f'każ li l-impjegat jitlaq.

Minħabba n-natura tagħha, aħna ddeterminajna li din il-kontribuzzjoni kienet tikkostitwixxi dispożizzjoni — ammont imwarrab biex ikopri spejjeż futuri potenzjali — u għalhekk kienet espliċitament ineliġibbli għall-finanzjament mill-UE. Ikkonkludejna li dan l-iżball irriżulta minn nuqqas ta' ċarezza fil-mod kif "dispożizzjonijiet" ġew iddefiniti fil-ftehim ta' kontribuzzjoni u fil-linji gwida relatati.

L-ebda dokument essenzjali ta' sostenn: nuqqas ta' rendikont tal-entrati għall-kalkolu tal-kost unitarju

DĠ INTPA

Aħna awditjajna fattura li tiswa EUR 1.4 miljun taħt ftehim ta' għotja ffirmat ma' organizzazzjoni internazzjonali, li kien implimentat taħt ġestjoni indiretta. Il-kostijiet stmati tal-kuntratt ammontaw għal EUR 5.3 miljun, parzjalment iffinanzjati mill-UE (91.4 %).

Il-fattura kienet tirrigwarda l-approvazzjoni tal-kostijiet abbażi tar-rapport finanzjarju ppreżentat mill-organizzazzjoni internazzjonali għall-perjodu sal-10°ta' Ġunju 2024.

Aħna awditjajna 10 elementi ta' kost fid-dettall. Fi tliet każijiet ma stajniex niksbu biżżejjed evidenza biex nivverifikaw li l-kalkoli tal-kostijiet unitarji kienu preċiżi jew konformi mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Għalhekk, aħna qisna li dawn il-kostijiet kienu ineliġibbli.

9.17. F'10 każijiet ta' *żball kwantifikabbli*, il-Kummissjoni kellha informazzjoni suffiċjenti biex tipprevieni, jew biex taqbad u tikkoreġi, l-iżball qabel ma taċċetta n-nefqa. Li kieku l-Kummissjoni għamlet użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, il-livell ta' żball stmat kien ikun aktar baxx b'1.4 punt perċentwali.

9.18. Sibna wkoll 34 każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji, għalkemm ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju dirett fuq il-baġit tal-UE. Il-***Kaxxa 9.2*** turi eżempji ta' żbalji li aħna ma kkwantifikajniex.

Kaxxa 9.2

Speċifikazzjonijiet tekniċi mhux ċari fl-akkwist pubbliku

DĠ NEAR

Aħna awditjajna fattura ta' EUR 6.3 miljun għal kuntratt ta' provvista biex jinxtraw assi tal-IT għall-amministrazzjoni pubblika ta' pajjiż benefiċjarju. Il-kuntratt ġie implimentat taħt ġestjoni indiretta u ffinanzjat bis-sħiħ mill-UE, għal ammont totali ta' EUR 9.6 miljun.

Il-Kummissjoni kienet aġġudikat il-kuntratt permezz ta' proċedura ta' akkwist. Matul l-awditu li wettaqna, sibna li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi inklużi fid-dossier tal-offerta ma kinux speċifiċi biżżejjed fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi minimi għall-elementi li kellhom jiġu fornuti.

Fasla kumplessa tar-regoli dwar ir-rati tal-kambju

DĠ NEAR u DĠ INTPA

Aħna awditjajna n-nefqa li kienet intalbet permezz ta' żewġ fatturi differenti taħt ftehimiet ta' għotja taħt ġestjoni diretta ma' organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs).

Il-kost ta' xi entrati fuq dawn il-fatturi ġie ddikjarat fil-munita lokali. Il-benefiċjarji ma setgħux jipprovdulna l-informazzjoni meħtieġa biex nivverifikaw li r-rata tal-kambju li kienet intużat biex l-ammonti jiġu kkonvertiti f'euro, jiġifieri l-munita tar-rappurtar, kienet tikkonforma mar-regoli stabbiliti fil-ftehim ta' għotja.

Ikkonkludejna li din id-diffikultà rriżultat mill-fasla kumplessa tar-regoli tal-ftehim ta' għotja dwar il-kambju (konverżjoni) tal-munita.

Nuqqas ta' sistema kontabilistika xierqa

DĠ INTPA

Aħna awditjajna fattura li tiswa EUR 0.65 miljun li kienet relatata ma' ftehim ta' għotja ffirmat ma' konsorzju ta' NGOs u implimentat taħt *ġestjoni diretta*. Il-kost finali tal-kuntratt kien EUR 0.8 miljun, parzjalment iffinanzjat mill-UE (80 %).

Il-ftehim ta' għotja kien jirrikjedi li l-benefiċjarji jużaw sistema kontabilistika u ta' żamma tal-kotba b'entrati doppji li kienet xierqa għall-ġestjoni finanzjarja tal-kuntratt. Madankollu, matul l-awditu li wettaqna, sibna li waħda mill-NGOs li kienu qed jimplimentaw il-kuntratt ma użatx sistema kontabilistika xierqa. B'riżultat ta' dan, ma kien hemm l-ebda rendikont tal-entrati ċar, u b'hekk kien diffiċli għalina li nittraċċaw, nidentifikaw u nivverifikaw in-nefqa li din l-NGO kienet ġarrbet meta kienet qed timplimenta l-ftehim ta' għotja.

9.19. Identifikajna wkoll nuqqas wieħed ta' natura differenti, jiġifieri każ ta' dgħufija sistematika, relatat mal-kostijiet indiretti inklużi fil-pagi. Il-***Kaxxa 9.3*** tipprovdi dettalji dwar dan il-każ.

Kaxxa 9.3

Dgħufija sistematika

DĠ INTPA

Aħna awditjajna n-nefqa li kienet intalbet permezz ta' tliet fatturi differenti taħt ftehimiet ta' delega ma' organizzazzjoni internazzjonali.

Meta awditjajna n-nefqa relatata mal-persunal, sibna li din l-organizzazzjoni sistematikament kienet tinkludi kostijiet li huma intrinsikament indiretti — bħall-kostijiet marbuta mal-ġestjoni tal-pagi, mas-sigurtà, mal-IT u mat-taħriġ — fil-pagi tagħha. Imbagħad dawn il-kostijiet, hija talbithom bħala kostijiet diretti fil-fatturi awditjati.

Barra minn hekk, ma rċevejniex dokumenti ta' sostenn matul l-awditu li wettaqna biex jikkonfermaw li dawn fil-fatt iġġarrbu, ġew identifikati u ġew ikkalkulati b'mod korrett. Għalhekk qisniehom ineliġibbli bħala kostijiet diretti.

Billi din il-problema nstabet fi tliet fatturi mingħand din l-organizzazzjoni internazzjonali relatati man-nefqa tal-2024, u kienet diġà ġiet identifikata fi snin preċedenti, aħna nqisuha bħala dgħufija sistematika min-naħa tal-organizzazzjoni internazzjonali.

9.20. Matul is-snin, b'mod konsistenti sibna inqas żbalji f'żewġ oqsma ta' nfiq minħabba l-kundizzjonijiet ta' pagament speċifiċi tagħhom. Dawn l-oqsma huma (i) l-appoġġ baġitarju u (ii) il-proġetti suġġetti għall-"*approċċ nozzjonali*". Fl-2024, aħna awditjajna 3 tranżazzjonijiet taħt l-appoġġ baġitarju u 10 tranżazzjonijiet taħt l-"approċċ nozzjonali".

9.21. L-appoġġ baġitarju huwa kontribuzzjoni għall-baġit ġenerali ta' Stat jew għall-baġit li l-Istat jalloka għal politika speċifika jew objettiv speċifiku. Il-pagamenti għall-appoġġ baġitarju li ġew iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE ammontaw għal EUR 1.2 biljun fl-2024. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx ikkonformat mal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-pagamenti għall-appoġġ baġitarju li saru favur pajjiżi sħab u jekk kinitx ivverifikat li dawn il-pajjiżi kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà (bħal titjib sodisfaċenti fil-ġestjoni finanzjarja tas-settur pubbliku). L-awditu li wettaqna tar-regolarità ma jistax ikopri kulma jiġri wara li l-Kummissjoni tħallas l-għajnuna lill-pajjiż *riċevitur*, peress li dawn il-fondi mbagħad jingħaqdu mar-riżorsi baġitarji proprji ta' dak il-pajjiż.

9.22. Taħt l-"approċċ nozzjonali", meta l-kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni għal proġetti b'multidonaturi jingħabru flimkien ma' dawk ta' donaturi oħra u ma jiġux assenjati għal partiti identifikabbli u speċifiċi tan-nefqa, il-Kummissjoni tassumi li jkun hemm konformità tan-nefqa mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE dment li l-ammont totali miġbur flimkien ikun jinkludi biżżejjed nefqa eliġibbli biex tkopri l-kontribuzzjoni mill-UE. Meta kien rilevanti, aħna ħadna kont ta' dan l-approċċ fl-ittestjar sostantiv li wettaqna.

9.23. Meta eżaminajna r-regolarità tat-transazzjonijiet, aħna nnutajna wkoll eżempji ta' kontrolli effettivi tal-Kummissjoni. Aħna nippreżentaw eżempju ta' dan it-tip fil-***Kaxxa 9.4***.

Kaxxa 9.4

Kontrolli effettivi fuq l-approvazzjoni ta' prefinanzjamenti mħallsa lil organizzazzjonijiet internazzjonali

DĠ NEAR

Aħna awditjajna fattura li kienet relatata ma' ftehim ta' kontribuzzjoni ffirmat ma' organizzazzjoni internazzjonali u implimentat fir-reġjun Balkan taħt ġestjoni indiretta.

Il-fattura kienet tirrigwarda l-approvazzjoni tal-kostijiet li kienu ġġarrbu sal-31 ta' Diċembru 2023. Il-Kummissjoni talbet lill-organizzazzjoni internazzjonali biex meta din tippreżenta r-rapport finanzjarju tagħha, tagħraf bejn in-nefqa li diġà ġġarrbet, l-impenji li għadhom ma tħallsux, u l-avvanzi li tħallsu lil organizzazzjonijiet oħra li jkunu qed jimplimentaw attivitajiet ta' proġetti ffinanzjati mill-UE f'isimha.

Bis-saħħa ta' din id-distinzjoni, il-Kummissjoni setgħet tapprova u taċċetta bħala eliġibbli biss dik in-nefqa li fil-fatt kienet iġġarrbet, u b'hekk setgħet tevita li tapprova kostijiet ineliġibbli.

Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza

Rapport annwali tal-attività tad-DĠ ECHO

9.24. Aħna rrieżaminajna r-RAA tad-DĠ ECHO għas-sena finanzjarja 2024. Iffukajna fuq jekk id-DĠ ECHO kienx ippreżenta l-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-RAA tiegħu skont l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni u jekk kienx konsistenti meta applika l-metodoloġija biex jiġu stmati l-korrezzjonijiet u l-irkupri futuri.

9.25. Min-nefqa totali aċċettata fl-2024 (EUR 3 605 miljun), id-DĠ ECHO stma li l-ammont totali f’riskju fil-waqt tal-pagament kien ta’ EUR 15.56 miljun (0.43 %). Huwa stma li l-valur tal-korrezzjonijiet li rriżultaw mill-verifiki li wettaq fis-snin sussegwenti kien ta’ EUR 3.5 miljun (0.1 % tan-nefqa rilevanti totali).

9.26. Id-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECHO iddikjara li l-esponiment finanzjarju tad-DĠ kien taħt is-*soll ta’ materjalità* ta’ 2 % tan-nefqa aċċettata totali. Billi l-għadd ta’ tranżazzjonijiet li ċċekkjajna huwa biss proporzjon żgħir ta’ dawk immaniġġjati mid-DĠ ECHO (ara l-paragrafu ***9.9 (a)***, ma nistgħux nivvalidaw din id-dikjarazzjoni abbażi tar-riżultati tax-xogħol tal-awditjar tagħna.

Rapport annwali tal-attività tad-DĠ INTPA

9.27. Ix-xogħol li wettaqna fuq ir-RAA 2024 tad-DĠ INTPA huwa ppreżentat fid-dettall fir-Rapport Annwali tagħna dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).

Rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni

9.28. Irrieżaminajna l-informazzjoni li tinsab fl-AMPR 2024 tal-Kummissjoni rigward ir-riskju stmat fil-waqt tal-pagament fl-oqsma ta’ politika taħt “Il-viċinat u d-dinja”. Il-Kummissjoni kkalkulat riskju fil-waqt tal-pagament ta’ 0.8 % għal din l-intestatura tal-QFP. Dan il-perċentwal huwa taħt il-firxa ta’ żball stmata minna u taħt is-soll ta’ materjalità.

Elementi oħra

9.29. Aħna awditjajna żewġ tranżazzjonijiet relatati ma' għotjiet ipprovduti taħt il-"Faċilità għall-Ukrajna", li jikkonċernaw nefqa barra mil-limiti massimi annwali tal-QFP (ara l-paragrafu ***9.9***). L-awditu li wettaqna ta' dawn it-tranżazzjonijiet ma identifika l-ebda sejba. Billi dawn il-pagamenti ma jaqgħux taħt l-Intestatura 6 tal-QFP, ir-riżultati tal-awditjar korrispondenti ma għandhom l-ebda impatt fuq il-livell ta' żball stmat għal din l-intestatura iżda tabilħaqq jolqtu l-livell kumplessiv ta' żball stmat minna.

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

9.30. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li [l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Il-viċinat u d-dinja" kien materjali. Għal din l-intestatura tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet ta livell kumplessiv ta' żball stmat ta' 4.9 %.

Rakkomandazzjonijiet

9.31. L-***Anness 9.2*** juri s-sejbiet tas-segwitu li wettaqna għar-rakkomandazzjonijiet li għamilna f'rapporti annwali preċedenti. Aħna għadna nqisu li r-Rakkomandazzjoni 1 mir-Rapport Annwali 2020 tagħna, dwar l-aċċess komplet u f'waqtu għad-dokumenti, ġiet implimentata biss f'xi wħud mill-aspetti biss. Barra minn hekk, fir-Rapport Annwali 2023 tagħna, aħna indikajna li l-Kummissjoni kienet implimentat bis-sħiħ it-tliet rakkomandazzjonijiet li konna għamilna fir-Rapport Annwali 2021 tagħna.

9.32. Irrieżaminajna wkoll it-tliet rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2022 tagħna li kienu jirrikjedu azzjoni immedjata jew li kienu mmirati għall-implimentazzjoni matul l-2023 u l-2024. Il-Kummissjoni kienet implimentathom kollha bis-sħiħ.

9.33. Abbażi tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2024, aħna nagħmlu lill-Kummissjoni r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

Rakkomandazzjoni 9.1 — Tara li żgur il-benefiċjarji jikkonformaw mal-limiti kuntrattwali fuq il-kostijiet ta' natura indiretta

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi proċeduri biex tara li, qabel ma tapprova prefinanzjamenti jew tagħmel pagamenti, żgur jitwettqu verifiki biex jiġi vverifikat li l-benefiċjarji ma jkunux talbu, bħala kostijiet diretti, kostijiet indiretti mġarrba minn organizzazzjonijiet li jimplimentaw attivitajiet ta' proġetti ffinanzjati mill-UE f'isimhom. Dawn il-verifiki jridu jaraw li żgur l-ammont totali mitlub bħala rimunerazzjoni għal kostijiet indiretti ma jaqbiżx ir-rata fissa miftiehma kuntrattwalment. Ir-*Regolament Finanzjarju* jipprevedi li, għall-ftehimiet ta' għotja, din ir-rata ma tridx taqbeż is-7 %.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026.

Rakkomandazzjoni 9.2 — Tara li żgur ikun hemm definizzjonijiet ċari u konsistenti ta' "dispożizzjoni" fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt u fil-linji gwida

Sabiex telimina l-ambigwità, sabiex tara li żgur ikun hemm interpretazzjoni konsistenti, u sabiex tnaqqas ir-riskju ta' żbalji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi u tistandardizza b'mod ċar it-terminu "dispożizzjoni" fil-kundizzjonijiet kuntrattwali u fil-linji gwida tagħha għall-benefiċjarji.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026.

Rakkomandazzjoni 9.3 — Tissimplifika u tistandardizza r-regoli dwar il-kambju tal-munita fil-ftehimiet ta' għotja

Sabiex tara li żgur hemm konsistenza, kif ukoll sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv u r-riskju ta' żbalji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissimplifika u tistandardizza r-regoli dwar il-kambju tal-munita fil-ftehimiet ta' għotja.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026.

Annessi

Anness 9.1 – Pagamenti skont il-pajjiż għad-DĠ NEAR u d-DĠ INTPA



Sors: Sfond tal-mappa © Mapbox u © OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

DĠ NEAR: L-ewwel 5 fi snin preċedenti (f'*miljun EUR*)							
2020		**2021**		**2022**		**2023**	
Il-Marokk	411	It-Turkija	127	L-Ukrajna	714	It-Turkija	992
It-Turkija	314	Il-Moldova	109	It-Tuneżija	268	L-Ukrajna	399
It-Tuneżija	248	Il-Marokk	106	L-Eġittu	124	Is-Serbja	338
Il-Palestina (*)	174	L-Eġittu	88	Il-Palestina (*)	120	Il-Palestina (*)	223
Il-Ġeorġja	119	Il-Ġordan	70	Il-Marokk	102	Il-Marokk	195
*Din id-dežinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni.							



Sors: Sfond tal-mappa © Mapbox u © OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

DĠ INTPA: L-ewwel 5 fi snin preċedenti (f'*miljun EUR*)							
2020		**2021**		**2022**		**2023**	
Il-Bangladesh	153	Il-Bangladesh	140	L-Afganistan	200	L-Afganistan	135
L-Afganistan	138	L-Iraq	103	Il-Kongo (Kinshasa)	79	Il-Bangladesh	120
Il-Myanmar/Burma	74	Il-Pakistan	89	Il-Pakistan	76	L-Iraq	81
L-Iraq	59	In-Nepal	85	L-Etjopja	76	Il-Pakistan	79
Il-Kambodja	50	L-Afganistan	77	Il-Jemen	69	Il-Kongo (Kinshasa)	76

Anness 9.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Il-viċinat u d-dinja”

Livell ta’ aċċettazzjoni: aċċettata; parzjalment aċċettata; mhux aċċettata; l-ebda informazzjoni.

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata; ma tistax tinsilet konklużjoni jew ma għadhiex rilevanti.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Il-livell ta’ aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti
2020	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 1:** Tieħu passi sabiex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu lill-QEA aċċess komplet, illimitat u f’waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex twettaq ix-xogħol tagħha f’konformità mat-TFUE, u mhux biss f’format li jinqara. Skeda ta’ żmien: sa tmiem l-2021.			Il-Kummissjoni żiedet il-komunikazzjoni ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali rigward l-aċċess li għandna għad-dokumenti. Xi organizzazzjonijiet internazzjonali jkomplu jipprovdu aċċess għad-dokumentazzjoni ta’ sostenn li jkun biss f’format li jinqara, jew ma jipprovdux aċċess għad-dokumentazzjoni ta’ sostenn kollha li tintalab (ara l-paragrafu *9.15*).
2021	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 1:** tieħu miżuri xierqa bl-għan li tiżgura li kwalunkwe impenn jew pagament bil-quddiem mitlub bħala kostijiet imġarrba mill-benefiċjarji fir-rapporti finanzjarji tagħhom jitnaqqsu qabel ma jsiru l-pagamenti jew l-approvazzjonijiet. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2023.			

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Il-livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2021	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 2:** isaħħaħ il-kontrolli meta tfassal ftehimiet ta' finanzjament għal operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju sabiex tistabbilixxi kundizzjonijiet ċari fil-ftehimiet ta' finanzjament rigward it-trasferiment ta' fondi lejn il-kont tat-teżor fil-bank ċentrali tal-pajjiż benefiċjarju u r-rata tal-kambju applikabbli; jenħtieġ li dawn ikunu konsistenti mal-linji gwida tal-appoġġ baġitarju. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2023.			
2021	Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ NEAR: **Rakkomandazzjoni 3:** jiddivulga t-tip u l-valur ta' kuntratti esklużi mill-popolazzjoni tal-istudju dwar l-RER fir-Rapport Annwali tal-Attività 2022 u fir-rapporti annwali tal-attività futuri. Data mmirata għall-implimentazzjoni: fir-Rapport Annwali tal-Attività 2022			

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Il-livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2022	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 1:** isaħħaħ il-kontrolli bħala prevenzjoni tat-tibdil irregolari ta' proposti fl-istadju tal-ikkuntrattar meta taġġudika għotjiet fuq il-bażi ta' sejħa għal proposti. Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2024.	✓		
2022	Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni: **Rakkomandazzjoni 2:** Twettaq valutazzjonijiet tar-riskju, kif meħtieġ mill-manwal tal-proċeduri, biex tiżgura li l-pagamenti ta' prefinanzjament ta' bejn EUR 60 000 u EUR 300 000 isiru biss mingħajr garanzija bankarja jekk ir-riskju jiġi vvalutat bħala baxx. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.	✓		
2022	Aħna nirrakkomandaw li d-DĠ NEAR: **Rakkomandazzjoni 4:** Issaħħaħ il-kontrolli biex teskludi, mill-kalkolu tal-kapaċità korrettiva tad-DĠ NEAR, ordnijiet ta' rkupru għal prefinanzjament li ma jintefaqx. Data mmirata għall-implimentazzjoni: mir-Rapport Annwali tal-Attività 2023 'il quddiem	✓		

Sors: il-QEA.

Kapitolu 10

Amministrazzjoni pubblika Ewropea

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**10.1. - 10.4.**
Deskrizzjoni qasira	10.3.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	10.4.
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	**10.5. - 10.19.**
Osservazzjonijiet dwar it-tranżazzjonijiet eżaminati	10.6. - 10.19.
Il-Parlament Ewropew	10.7. - 10.13.
Il-Kummissjoni Ewropea	10.14. - 10.18.
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	10.19.
Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza	**10.20.**
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	**10.21. - 10.24.**
Konklużjoni	10.21.
Rakkomandazzjonijiet	10.22. - 10.24.
Annessi	
Anness 10.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Amministrazzjoni pubblika Ewropea"	

Introduzzjoni

10.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 7 “Amministrazzjoni pubblika Ewropea” tal-*QFP*. Il-***Figura 10.1*** tagħti stampa ġenerali tal-infiq tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-UE taħt din l-intestatura fl-2024.

Figura 10.1 — Pagamenti u l-popolazzjoni li awditjajna



Sors: il-QEA, abbażi ta’ *data* mill-*kontijiet konsolidati* tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

10.2. Aħna noħorġu rapporti separati dwar l-aġenziji tal-UE, l-*Impriżi Konġunti* u l-Iskejjel Ewropej. Ir-rapporti annwali speċifiċi tagħna dwar dawn il-korpi huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tagħna.

Deskrizzjoni qasira

10.3. In-nefqa amministrattiva tinkludi n-nefqa fuq riżorsi umani, inklużi l-pensjonijiet, li fl-2024 kienet tirrappreżenta madwar 69 % tat-total, u fuq bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjoni u teknoloġija tal-informazzjoni. Ix-xogħol li wettaqna fuq medda ta' ħafna snin jindika li, b'mod ġenerali, dan l-infiq huwa ta' riskju baxx.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

10.4. Filwaqt li applikajna l-approċċ u l-metodi tal-awditjar ippreżentati fl-***Anness 1.1***, aħna eżaminajna dan li ġej għal din l-intestatura tal-QFP fl-2024:

(a) *kampjun statistikament rappreżentattiv* ta' 70 *tranżazzjoni*, li jkopri l-firxa sħiħa ta' nfiq taħt din l-intestatura, meħud minn kull istituzzjoni u korp tal-UE. L-objettiv tagħna kien li nistmaw il-livell ta' *żball* u li nikkontribwixxu għad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni*.

(b) l-informazzjoni dwar ir-*regolarità* mogħtija fir-*rapporti annwali tal-attività* tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE, inklużi dawk tad-Direttorati Ġenerali u tal-uffiċċji tal-Kummissjoni li huma primarjament responsabbli għan-nefqa amministrattiva[1], kif riflessa fir-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni* tal-Kummissjoni.

[1] Id-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà, l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali, l-Uffiċċji għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell u fil-Lussemburgu, u d-DĠ Servizzi Diġitali.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

10.5. Mis-70 tranżazzjoni li eżaminajna, instab li 16 (23 %) kien fihom żbalji. Abbażi tat-tliet żbalji li stajna nikkwantifikaw, nistmaw li l-livell ta' żball jinsab taħt is-*soll ta' materjalità*. L-iżbalji li kien fadal ma kinux kwantifikabbli.

Osservazzjonijiet dwar it-tranżazzjonijiet eżaminati

10.6. L-osservazzjonijiet li għamilna jikkonċernaw il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u s-*Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna*. Ma identifikajniex xi problemi sinifikanti li jikkonċernaw lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, lill-Ombudsman Ewropew jew lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. L-awditur estern tagħna ma rrapporta l-ebda problema sinifikanti.

Il-Parlament Ewropew

10.7. Il-kampjun tagħna ta' 15-il tranżazzjoni kien jinkludi pagament wieħed lil grupp politiku u wieħed lil partit politiku. Bħalma konna rrappurtajna qabel, l-aktar reċenti fir-Rapport Annwali 2023 tagħna, ir-regoli interni[2] li l-Bureau tal-Parlament Ewropew adotta biex jimmaniġġja l-*approprjazzjonijiet* tal-gruppi politiċi ma kinux allinjati bis-sħiħ mar-*Regolament Finanzjarju*, għaliex dawn jippermettu *proċeduri ta' akkwist innegozjati* għal kuntratti b'valur għoli minflok dawk miftuħa jew ristretti, u b'hekk jillimitaw il-kompetizzjoni.

10.8. Il-grupp politiku eżaminat kien aġġudika tliet kuntratti b'valur għoli ta' dan it-tip. Fi tnejn minn dawn il-każijiet, ma segwiex bis-sħiħ ir-regoli tal-Parlament Ewropew lanqas[3], billi ma fittxewx li jiksbu offerti suffiċjenti. F'każ wieħed, il-grupp politiku estenda kuntratt qafas bi 18-il xahar bi prezzijiet unitarji ogħla. Fil-valutazzjoni li wettaqna, din l-emenda rrestringiet il-kompetizzjoni.

---

[2] Ir-regoli għall-Partita Baġitarja 400, emendati l-aħħar fil-15 ta' Lulju 2024.

[3] *Ibid.*

10.9. Identifikajna żbalji addizzjonali fin-nefqa ddikjarata mill-grupp politiku. Il-*VAT rekuperabbli* ġiet iddikjarata għal xi xirjiet eliġibbli iżda ma ġietx irkuprata, u dan irriżulta f'telf għall-baġit tal-UE. Il-grupp uża wkoll rimborż b'rata fissa għall-ivvjaġġar tal-persunal li stma l-kostijiet reali b'mod eċċessiv. Aħna rrappurtajna l-istess problemi fir-Rapport Annwali 2022 tagħna.

10.10. Ir-Regolament Finanzjarju[4] jipprovdi li l-fondi mill-baġit tal-UE jistgħu jiġu aġġudikati lil partiti politiċi Ewropej fid-dawl tal-kontribut tagħhom għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda politika taċ-ċittadini tal-Unjoni. Inqisu li l-bażi ġuridika biex jiġi determinat liema kostijiet huma eliġibbli hija miftuħa għall-interpretazzjoni. Awditjajna tranżazzjoni minnhom li fiha l-Parlament diġà rkupra nefqa ineliġibbli li l-partit politiku kien talab inizjalment.

10.11. Aħna sibna żbalji mhux kwantifikabbli fit-tranżazzjoni għall-partit politiku Ewropew. Dawn kienu jikkonċernaw: kriterji tal-għażla u għall-aġġudikazzjoni tal-kuntratt li ma kinux ċari, dgħufijiet fl-evalwazzjoni tal-offerti u, f'każ wieħed, in-nuqqas ta' kuntratt formali.

10.12. Il-*ftehimiet ta' kontribuzzjoni* bejn il-Parlament Ewropew u l-partiti politiċi jirrikjedu li l-partiti jipprevienu kunflitti ta' interess. Il-partit politiku eżaminat ma kellux proċeduri ċari biex jagħmel dan. Aħna rrappurtajna sejba simili fir-Rapport Annwali 2023 tagħna. Il-Parlament ma ħariġx linji gwida ċari dwar kif dan ir-rekwiżit għandu jiġi interpretat.

10.13. Fost it-13-il tranżazzjoni l-oħra li eżaminajna, identifikajna dgħufijiet f'żewġ proċeduri ta' akkwist immexxija mill-Parlament Ewropew. Waħda minnhom kienet tinvolvi kuntratt tal-IT b'tul ta' żmien speċifiku ta' 6 snin li ma kienx ġustifikat biżżejjed, minkejja li r-Regolament Finanzjarju ġeneralment iqiegħed limitu ta' 4 snin għal kuntratti ta' dan it-tip, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati.

---

[4] L-Artikolu 221 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Il-Kummissjoni Ewropea

10.14. Fost il-25 pagament li ġew eżaminati, issenjalajna 8 żbalji mhux kwantifikabbli, li kienu jinkludu 4 relatati mal-pagament tas-salarji jew tal-pensjonijiet. Fi tlieta minn dawn il-każijiet, il-fajls tal-pensjonijiet ma kellhomx ċertifikat ta' ħajja reċenti għas-sieħeb tal-pensjonant, meħtieġ biex jikkonferma intitolament kontinwu għall-allowances. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa sistema ġdida biex ittejjeb il-verifiki tal-intitolament.

10.15. Tranżazzjoni minnhom tirrigwarda pagament għal servizzi tal-IT mogħtija minn fornitur estern tas-servizzi tal-IT: fih, dan, ir-rekwiżiti għall-edukazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni biex tiġi ddeterminata r-rata ta' kuljum ma kinux stabbiliti b'mod ċar u konsistenti fid-dokumenti tal-akkwist.

10.16. Tranżazzjoni waħda, li tħallset minn istituzzjoni oħra, kienet tinvolvi kuntratt qafas li l-Kummissjoni kienet qed timmaniġġja għax-xiri ta' tagħmir u għall-akkwiżizzjoni ta' servizzi professjonali. It-tul ta' żmien speċifiku tal-kuntratt ta' 6 snin ma kienx ġustifikat biżżejjed, l-istess bħall-każ irrappurtat għall-Parlament Ewropew fil-paragrafu ***10.13***.

10.17. Tranżazzjoni waħda, imħallsa wkoll minn istituzzjoni oħra, kienet tikkonċerna salarju mmaniġġjat mill-Kummissjoni. Allowances tal-familja tħallsu lil membru tal-persunal li ma kienx iddikjara tibdil reċenti fis-sitwazzjoni personali tiegħu. L-iżball irriżulta minn difett fl-algoritmu sottostanti tas-sistema tal-IT, li l-Kummissjoni tejbet minn dak iż-żmien 'il hawn.

10.18. Tranżazzjoni waħda kienet tinvolvi pagament li sar mill-Kummissjoni għad-dritt kontinwu ta' użu ("użufrutt") ta' bini li kienet biegħet fi Brussell. Dan kien l-ewwel minn fost 3 pagamenti parzjali taħt kuntratt iffirmat f'April 2024, li kien ikopri l-bejgħ ta' 23 binja għal EUR 900 miljun u d-dritt li jintużaw 17 minnhom għal perjodi li jibqgħu għaddejjin sal-2029. Il-bejgħ u l-użufrutt ġew aġġudikati wara sejħa għall-applikazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni, u li rċeviet offerta waħda biss, mingħand kumpanija tal-Istat Belġjan li kienet ippreżentat offerta indikattiva qabel ma l-Kummissjoni nediet is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Is-sejħa għall-applikazzjonijiet kienet tirrikjedi li l-offerenti jippreżentaw garanzija bankarja ta' EUR 80 miljun, valida għal 6 xhur, biex żgur ikun hemm impenn għall-kuntratt, bil-ftehim ta' użufrutt inkluż. L-uniku offerent ippreżenta garanzija f'ismu stess, valida għal xahrejn biss. Il-Kummissjoni aċċettatha u kkonkludiet il-kuntratt fi żmien il-perjodu ta' validità ta' xahrejn. Sibna li l-garanzija ma kinitx tikkonforma mar-rekwiżiti oriġinali stipulati fis-sejħa għall-applikazzjonijiet. Ninnutaw ukoll li l-kumitat ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni ma kellux indipendenza suffiċjenti, billi l-membri kollha kienu jwieġbu lill-*uffiċjal tal-awtorizzazzjoni* responsabbli.

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

10.19. Fost il-15-il pagament li ġew eżaminati, sibna 2 *żbalji kwantifikabbli*. Wieħed minnhom kien jikkonċerna emenda sostanzjali fil-kuntratt mingħajr proċedura ta' akkwist valida u mingħajr miżuri ta' pubbliċità *ex post*. L-ieħor kien jirrigwarda l-użu ta' rata tal-kambju skorretta waqt ir-reġistrazzjoni ta' pagament tal-kera.

Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza

10.20. Ir-rapporti annwali tal-attività li rrieżaminajna ma identifikawx livelli materjali ta’ żball, li huwa konsistenti mas-sejbiet tal-awditjar tagħna (ara l-paragrafu ***10.5***).

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

10.21. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Amministrazzjoni pubblika Ewropea" ma kienx materjali.

Rakkomandazzjonijiet

10.22. L-***Anness 10.1*** juri s-sejbiet tas-segwitu li wettaqna għar-rakkomandazzjonijiet li għamilna lill-Parlament Ewropew u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fir-Rapport Annwali 2021 tagħna.

10.23. Fir-Rapport Annwali 2022 tagħna, aħna rrakkomandajna[5] li l-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew issaħħaħ il-gwida tagħha tal-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet baġitarji min-naħa tal-gruppi politiċi, u tipproponi lill-Bureau tal-Parlament azzjonijiet li jirrikjedu li l-gruppi politiċi japplikaw b'mod effettiv ir-regoli interni u jikkonformaw mal-proċeduri ta' akkwist. Is-sejbiet tagħna għall-2023[6] u l-2024 (ara l-paragrafu ***10.8***) jindikaw li din ir-rakkomandazzjoni għadha rilevanti ħafna.

[5] Ara r-Rapport Annwali 2022, il-paragrafu 10.19.

[6] Ara r-Rapport Annwali 2023, il-paragrafi 10.9–10.10.

10.24. Abbażi tax-xogħol tal-awditjar li wettaqna, nirrakkomandaw dan li ġej:

Rakkomandazzjoni 10 — Jissaħħu l-kontrolli qabel il-kuntrattar tas-servizzi tal-IT fil-Kummissjoni

Biex tara li żgur tħallas għal servizzi tal-IT mogħtija minn fornituri esterni bir-rati l-korretti, jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb iċ-ċarezza tar-rekwiżiti ta' kwalifika fid-dokumenti tal-akkwist sabiex issaħħaħ il-verifiki dwar il-konformità (ara l-paragrafu ***10.15***).

Data mmirata għall-implimentazzjoni: għall-proċeduri ta' sejħiet għal offerti mnedija wara l-1 ta' Ġunju 2026.

Rakkomandazzjoni 10 — Tiġi rinfurzata l-indipendenza tal-kumitati ta' evalwazzjoni għal tranżazzjonijiet li jinkludu l-bejgħ ta' proprjetà

Biex titqawwa l-indipendenza tal-kumitati ta' evalwazzjoni għal tranżazzjonijiet li jinkludu l-bejgħ ta' proprjetà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tara li l-membri tagħhom żgur ma jkunux kollha jwieġbu ġerarkikament lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli (ara l-paragrafu ***10.18***).

Data mmirata għall-implimentazzjoni: għall-kumitati ta' evalwazzjoni maħtura wara l-1 ta' Ġunju 2026.

Annessi

Anness 10.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal “Amministrazzjoni pubblika Ewropea”

Livell ta’ aċċettazzjoni: aċċettata; parzjalment aċċettata; mhux aċċettata.

Livell ta’ implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f’xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Il-livell ta’ aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta’ implimentazzjoni	Kummenti
2021	Aħna nirrakkomandaw li: **Rakkomandazzjoni 1:** Jenħtieġ li l-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew tirrevedi l-linji gwida tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-*akkwist pubbliku* mill-gruppi politiċi, u jenħtieġ li tipproponi reviżjoni ta’ dawn ir-regoli lill-Bureau tal-Parlament biex tallinjahom aħjar mar-Regolament Finanzjarju. Jenħtieġ li timmonitorja aħjar l-applikazzjoni ta’ dawn ir-regoli; Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2023.			L-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew ma rrevedietx il-linji gwida tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku mill-gruppi politiċi, u ma pproponietx reviżjoni tar-regoli rilevanti lill-Bureau tal-Parlament biex tallinjahom aħjar mar-Regolament Finanzjarju. Għaldaqstant, għal kuntratti b’valur għoli, ir-regoli tal-Parlament għadhom ma jirrikjedux *proċeduri ta’ akkwist* miftuħa jew *ristretti*. Filwaqt li l-amministrazzjoni tal-Parlament organizzat sessjonijiet ta’ taħriġ, u pprovdiet assistenza lill-gruppi politiċi rigward l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, l-elementi prinċipali tar-rakkomandazzjoni tagħna ma ġewx indirizzati. Ir-rapporti annwali tagħna għall-2022, l-2023 u l-2024 irrappurtaw sejbiet simili għall-akkwist pubbliku mill-gruppi politiċi bħal fl-2021.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Il-livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2021	Aħna nirrakkomandaw li: **Rakkomandazzjoni 2:** Jenħtieġ li s-SEAE jieħu miżuri xierqa biex jiżgura l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist mid-Delegazzjonijiet tal-UE bħal pereżempju tisħiħ fit-taħriġ, titjib tal-linji gwida u l-mudelli. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2023.	✓		Is-SEAE tejjeb it-taħriġ, il-linji gwida u l-mudelli tiegħu għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist mid-Delegazzjonijiet tal-UE. Tinħtieġ aktar azzjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist fis-sistema kontabilistika.
2021	Aħna nirrakkomandaw li: **Rakkomandazzjoni 3:** Jenħtieġ li s-SEAE jsaħħaħ it-taħriġ u l-gwida dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ tad-Delegazzjonijiet tal-UE għall-aġenti lokali biex jiżgura l-konformità mal-prinċipji tat-trasparenza u tat-trattament indaqs. Jenħtieġ ukoll li jsaħħaħ is-sorveljanza tiegħu biex jara li d-Delegazzjonijiet tal-UE jiddokumentaw il-passi rilevanti tal-proċess ta' reklutaġġ. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2023.	✓		Is-SEAE ħa azzjonijiet korrettivi sinifikanti. Dawn jinkludu: il-ħruġ ta' gwida aħjar għall-proċeduri ta' reklutaġġ tad-Delegazzjonijiet tal-UE għall-aġenti lokali, mudelli aħjar għall-avviżi ta' postijiet vakanti, u l-użu ta' listi ta' kontroll standard. Jinħtieġ aktar titjib fil-mudell, u implimentazzjoni sħiħa tal-gwida.

Sors: il-QEA.

Kapitolu 11

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**11.1. - 11.10.**
Deskrizzjoni qasira tal-RRF	**11.1. - 11.6.**
Objettivi ta' politika	11.2.
Qafas ta' ġestjoni u kontroll	11.3. - 11.4.
Stat ta' implimentazzjoni	11.5. - 11.6.
Ambitu u approċċ tal-awditjar	**11.7. - 11.10.**
Il-valutazzjoni li wettaqna tal-konformità mal-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' eliġibbiltà	**11.11. - 11.26.**
L-ilħuq ta' ċerti stadji importanti/miri mhuwiex sodisfaċenti	**11.13. - 11.17.**
Finanzjament doppju	**11.18. - 11.21.**
Treġġigħ lura	**11.22. - 11.23.**
Xi miżuri bdew qabel il-perjodu ta' eliġibbiltà	**11.24. - 11.26.**
L-eżaminar li wettaqna tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll magħżula	**11.27. - 11.43.**
L-Istati Membri ma jimplimentawx minnufih il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar miftuħa tal-Kummissjoni relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna	**11.27. - 11.32.**
Is-sistemi tal-Istati Membri mhumiex effettivi biżżejjed	**11.33. - 11.40.**
Ħtieġa għal *stadji importanti ta' kontroll*	11.33. - 11.35.
Dgħufijiet fis-sistemi ta' xi Stati Membri biex jaraw li żgur ikun hemm konformità mal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat	11.36. - 11.39.
Dgħufijiet fit-talbiet għall-pagament	11.40.
L-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-frodi identifikata hija limitata	**11.41. - 11.43.**
Traċċabbiltà tal-fondi tal-RRF	**11.44. - 11.49.**
It-traċċabbiltà tal-fondi tal-RRF mhijiex sistematika fl-Istati Membri kollha	**11.45. - 11.49.**

Problemi relatati mat-tfassil tal-miżuri, tal-istadji importanti u tal-miri 11.50. - 11.52.

Ir-rapporti annwali tal-attività u r-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni 11.53. - 11.57.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 11.58. - 11.61.

Konklużjonijiet 11.58. - 11.60.

Rakkomandazzjonijiet 11.61.

Annessi

Anness 11.1 — Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

Anness 11.2 — Riżultati tal-awditjar

Anness 11.3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

Introduzzjoni

Deskrizzjoni qasira tal-RRF

11.1. Il-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)* ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (ir-"Regolament") li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Dan ġie emendat fi Frar 2023, biex jippermetti lill-Istati Membri jżidu "kapitolu *REPowerEU*" fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs)[1] tagħhom, u fi Frar 2024[2], biex jippermetti lill-Istati Membri jinkludu fl-NRRPs tagħhom, bħala kostijiet stmati, l-ammont tal-kontribuzzjoni fi flus kontanti għall-iskop tal-istabbiliment tal-*Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP).* L-RRF appoġġat riformi u investimenti fl-Istati Membri mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 fi Frar 2020 (mill-1 ta' Frar 2022 fil-każ tar-REPowerEU) u se tibqa' għaddejja sal-31 ta' Diċembru 2026.

Objettivi ta' politika

11.2. L-objettiv prinċipali tal-RRF huwa li timmitiga l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li l-ekonomiji tal-Istati Membri tagħmilhom aktar reżiljenti u tħejjihom aħjar għall-isfidi tal-ġejjieni, anki billi taċċellera triqithom lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali. Il-pjan REPowerEU — ir-rispons tal-UE għat-tfixkil globali fis-suq tal-enerġija kkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna — żied objettiv ieħor, jiġifieri li tintemm id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi billi tiġi ttrasformata s-sistema tal-enerġija tal-UE.

[1] Ir-Regolament (UE) 2023/435.

[2] Ir-Regolament (UE) 2024/795.

Qafas ta' ġestjoni u kontroll

11.3. Il-Kummissjoni timplimenta l-RRF permezz ta' *ġestjoni diretta*, u dan ifisser li l-Kummissjoni hija direttament responsabbli mill-implimentazzjoni tagħha. Il-pagamenti taħt l-RRF isiru bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jilħqu b'mod sodisfaċenti l-*istadji importanti* u l-*miri* stabbiliti fl-annessi tad-*deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill* (CIDs) li japprovaw l-NRRPs tagħhom[3]. Rekwiżiti oħra huma: li l-miri jew l-istadji importanti li preċedentement ikunu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti ma kellhomx jitreġġgħu lura, u li ma hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' finanzjament doppju. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-Regolament jinkludu l-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà, il-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (DNSH), u n-nuqqas ta' sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti (ħlief għal każijiet debitament ġustifikati)[4]. L-Istati Membri jeħtiġilhom jaraw li l-fondi jintużaw b'mod li żgur jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' *frodi*, korruzzjoni u kunflitt ta' interess. L-Istati Membri jistgħu jitolbu żborżi sa massimu ta' darbtejn fis-sena jekk jipprovdu evidenza suffiċjenti li l-istadji importanti u l-miri relatati jkunu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Jeħtieġ ukoll li jakkumpanjaw it-talbiet għall-pagament tagħhom b'sommarju tal-awditi u b'dikjarazzjoni ta' ġestjoni rigward l-informazzjoni pprovduta.

11.4. Kif meħtieġ mir-Regolament, il-Kummissjoni tivverifika l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri. Din hija l-kundizzjoni għall-pagament taħt l-RRF. Dan ifisser li l-konformità tan-nefqa mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali mhijiex kundizzjoni biex l-Istati membri jirċievu pagamenti taħt l-RRF. Kif irrappurtat fi snin preċedenti, dan jinvolvi differenza sinifikanti[5] għax-xogħol tal-awditjar tagħna meta mqabbel ma' dak li nagħmlu f'oqsma oħra tal-baġit tal-UE, fejn nivvalutaw il-konformità mar-regoli rilevanti kollha tal-UE u dawk nazzjonali sal-livell tar-riċevitur finali (eż. l-eliġibbiltà tal-kostijiet imġarrba jew il-konformità mar-regoli dwar l-*għajnuna mill-Istat* u l-*akkwist pubbliku*)[6].

---

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikolu 24(2).

[4] *Ibid*., l-Artikoli 5, 9, 17(2) u 24(3).

Ir-[5] Rapport Annwali 2023, il-paragrafu XXXVIII.

[6] *Ibid*., il-paragrafu 11.13.

Stat ta’ implimentazzjoni

11.5. Sa tmiem l-2024, il-Kummissjoni kienet għamlet 65 pagament ta’ *għotja* (wieħed fl-2021, 13 fl-2022, 23 fl-2023 u 28 fl-2024) li b’kollox ammontaw għal EUR 178.5 biljun. Dan ifisser li kienet ħallset biss 50 % tat-total disponibbli, meta kien għad fadal inqas minn sentejn qabel tmiem il-perjodu ta’ implimentazzjoni tal-RRF f’Awwissu 2026 (ara l-***Figura 11.1***). Ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar l-ammonti kumplessivi mħallsa mill-Istati Membri lir-*riċevituri finali*[7].

[7] Ir-Rapport Speċjali 13/2024: “*Assorbiment* ta’ fondi mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Qed isir progress b’xi dewmien u għad hemm riskji fir-rigward tat-twettiq tal-miżuri u, għalhekk, l-ilħuq tal-objettivi tal-RRF”, il-paragrafi 53–54.

Figura 11.1 — Progress tal-pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF lill-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2024

(miljun EUR)



	2021	2022	2023	2024	Total
Prefinanzjament	36 372	271	1 691	2 412	**40 746**
Imħallsa	10 000	46 897	46 325	53 484	**156 706**
Approvazzjonijiet	1 494	6 803	7 152	6 370	**21 819**

Sors: il-QEA.

11.6. Fl-2024, il-valutazzjonijiet preliminari tal-Kummissjoni identifikaw sitt stadji importanti u miri f'ħames talbiet għall-pagament ta' għotjiet bħala li ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti. Konsegwentement, il-Kummissjoni ssospendiethom parzjalment (ara t-***Tabella 11.1***). L-Istati Membri għandhom 6 xhur mid-data tas-sospensjoni biex jaġixxu.

Tabella 11.1 — Talbiet għall-pagament ta' għotjiet sospiżi mill-Kummissjoni fl-2024

Stat Membru	Stadji importanti/miri (Mhux issodisfati b'mod sodisfaċenti/total)	Pagament parzjali (*miljun EUR*)	Ammont sospiż (*biljun EUR*)	Data tas-sospensjoni	Status (f'nofs l-2025)
Il-Belġju	1/20	631.6	31.0	16.9.2024	Magħluqa abbażi tar-reviżjoni tal-NRRP
Ċekja	2/63	1 482.5	260.3	18.12.2024	Għadhom għaddejjin
Spanja	1/61	9 882.6	158.1	19.7.2024	Għadhom għaddejjin
L-Italja	1/23	3 130.2	110.1	26.7.2024	Magħluqa abbażi tar-reviżjoni tal-NRRP
Ċipru	1/38	115.0	43.1	14.11.2024	Għadhom għaddejjin

Sors: il-QEA.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

11.7. In-nefqa taħt l-RRF għall-2024 b'kollox ammontat għal EUR 59.9 biljun, u l-awditu li wettaqna kopra t-28 pagament ta' għotja kollha li b'kollox jammontaw għal EUR 53.5 biljun u l-*approvazzjoni* ta' prefinanzjament b'total ta' EUR 6.4 biljun (ara l-***Figura 11.2***). L-awditu li wettaqna la jkopri r-regolarità tan-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali u lanqas il-komponent tas-self tal-RRF (ara l-***Anness 11.1***).

Figura 11.2 — Total tal-istadji importanti u l-miri awditjati li fuqhom hija bbażata n-nefqa taħt l-RRF għall-2024

(miljun EUR)



		Popolazzjoni li awditjajna		Kampjun tal-awditjar		Perċentwal tal-ammont totali ta' stadji importanti/ miri awditjati
Stat Membru	Nefqa	**Ammont totali ta' stadji importanti**	**Ammont totali ta' miri**	**Stadji importanti awditjati**	**Miri awditjati**	
Il-Belġju	943	18	1	**8**	**1**	47 %
Iċ-Ċekja (*)	2 499	55	34	**9**	**20**	33 %
Id-Danimarka	510	6	12	**5**	**7**	67 %
Il-Ġermanja	14 581	16	26	**8**	**26**	81 %
L-Estonja	143	15	3	**3**	**2**	28 %
L-Irlanda	324	35	5	**4**	**3**	18%
Il-Greċja	1 155	16	4	**10**	**4**	70 %
Spanja	11 277	41	19	**23**	**19**	70%
Franza	8 663	15	24	**15**	**24**	100 %
Il-Kroazja (*)	949	30	19	**14**	**12**	53 %
L-Italja (*)	5 675	26	23	**21**	**23**	90 %
Ċipru	147	32	5	**3**	**2**	14 %
Il-Latvja	388	40	3	**3**	**3**	14 %
Il-Litwanja (*)	239	24	2	**5**	**2**	27%
Malta	78	29	5	**5**	**5**	29 %
In-Netherlands	1 333	25	5	**12**	**5**	57 %
Il-Polonja (*)	6901	52	1	**41**	**1**	79%
Il-Portugall (*)	2688	24	14	**13**	**14**	71 %
Is-Slovenja	164	5	0	**4**	**0**	80 %
Is-Slovakkja	924	15	0	**6**	**0**	40 %
Il-Finlandja	273	20	0	**10**	**0**	50 %
Total	59 854	**539**	**205**	**222**	**173**	53 %

(*) Kien hemm aktar minn pagament wieħed fl-2024.
Għall-għażla tal-istadji importanti u l-miri, ara l-***Anness 11.1***, il-paragrafi 9 sa 11.

Sors: il-QEA.

11.8. F'konformità mal-approċċ tal-awditjar tagħna ppreżentat fl-***Anness 11.1***, għall-opinjoni tagħna dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF għall-2024, aħna eżaminajna;

(a) 222 stadju importanti u 173 mira (total ta' 395) inklużi fit-talbiet għat-28 pagament ta' għotja li saru fl-2024 biex nivvalutaw jekk dawn jikkonformawx mal-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' eliġibbiltà.
Din il-valutazzjoni kienet tinkludi:

   (i) analiżi mhux fuq il-post tal-valutazzjonijiet preliminari tal-Kummissjoni, inklużi t-12-il stadju importanti u mira marbuta mas-sistemi ta' awditjar u kontroll tal-Istati Membri;

   (ii) żjarat fuq il-post għal 26 stadju importanti u mira f'5 Stati Membri (il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza u l-Italja);

(b) erba' *awditi ex post* imwettqa mill-Kummissjoni (iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, u l-Polonja) biex jiġi vvalutat jekk dawn twettqux b'mod effettiv biex jiġi pprovdut livell ta' aċċertament;

(c) l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-awditi *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni dwar l-istadji importanti u l-miri; u

(d) ir-rappurtar mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DĠ ECFIN) tal-Kummissjoni dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF għall-2024 fir-*rapport annwali tal-attività (RAA)* tiegħu u l-mod kif din l-informazzjoni tiġi ppreżentata fir-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR)*.

11.9. Minħabba l-importanza tat-trasparenza għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE[8], għal dawk l-Istati Membri li fihom wettaqna żjarat fuq il-post, eżaminajna wkoll it-traċċabbiltà tal-fondi tal-għotjiet tal-RRF mill-baġit nazzjonali sar-riċevituri finali u lil hinn (eż. kuntratturi jew sottokuntratturi).

11.10. Barra minn hekk, irrieżaminajna 38 akkwist pubbliku f'5 Stati Membri (iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja u Franza) u 37 każ ta' għajnuna mill-Istat f'6 Stati Membri (iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, Franza u l-Italja) relatati mal-pagamenti taħt l-RRF li saru fl-2024. L-objettiv ta' dan ix-xogħol kien li jiġi konkluż jekk dawn kinux twettqu f'konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali.

---

[8] Ir-Regolament Finanzjarju, il-Premessa 11 u l-Artikolu 36(3).

Il-valutazzjoni li wettaqna tal-konformità mal-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' eliġibbiltà

11.11. Aħna sibna li 12 mit-395 stadju importanti u mira li ġew eżaminati kienu milquta minn sejbiet b'impatt finanzjarju (ara l-***Anness 11.2***). Dawn kienu jikkonċernaw 6 mit-28 pagament taħt l-RRF (u l-approvazzjonijiet relatati tal-prefinanzjamenti) f'6 Stati Membri. Aħna nikkonkludu li l-impatt finanzjarju minimu tat-12-il sejba huwa ogħla mis-*soll ta' materjalità* tagħna. Ma nisiltux konklużjoni dwar l-ilħuq sodisfaċenti ta' żewġ stadji importanti dwar l-"awditjar u l-kontroll" relatati mar-riforma tal-ġudikatura fil-Polonja għar-raġunijiet spjegati hawn taħt (ara l-paragrafu ***11.16***). Dawn l-istadji importanti kellhom jintlaħqu qabel ma jkun jista' jsir kwalunkwe pagament mill-Kummissjoni lil dak l-Istat Membru.

11.12. Minħabba n-natura tal-mudell ta' nfiq tal-RRF, u peress li l-metodoloġija ta' sospensjoni tal-pagamenti tal-Kummissjoni[9] tiddependi mill-għemil ta' ħafna ġudizzji, li possibbilment iwasslu għal interpretazzjonijiet differenti, aħna ma nipprovdux rata ta' *żball* kumparabbli ma' oqsma oħra ta' nfiq tal-UE (ara l-***Anness 11.1***). Il-***Figura 11.3*** tippreżenta t-tipi ta' sejbiet li jikkonċernaw ksur tal-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' eliġibbiltà.

[9] COM(2023) 99 final: L-Anness II tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Sentejn wara — Strument uniku fil-qalba tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE.

Figura 11.3 — Tipi ta’ sejbiet relatati mal-kundizzjonijiet ta’ pagament u ta’ eliġibbiltà



Sors: il-QEA.

L-ilħuq ta’ ċerti stadji importanti/miri mhuwiex sodisfaċenti

11.13. Ir-Regolament ma jistipulax kriterji dwar kif għandha tiġi interpretata l-kelma “b’mod sodisfaċenti” b’rabta mal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri. Meta tivvaluta dan, il-Kummissjoni taċċetta devjazzjonijiet minimi fis-sustanza, fil-forma, fit-twaqqit u fl-ammonti[10]. Aħna ninnutaw li fil-każ ta’ kriterji kwalitattivi din il-valutazzjoni tiddependi mill-għemil ta’ ħafna ġudizzji, li jwasslu għal diversi interpretazzjonijiet possibbli dwar jekk l-istadji importanti jew il-miri ntlaħqux b’mod sodisfaċenti.

[10] *Ibid.*, l-Anness I.

11.14. Il-verifiki li wettaqna identifikaw sitt stadji importanti u miri f'ħames pagamenti li ma kinux intlaħqu b'mod sodisfaċenti. Aħna sibna li mhux l-elementi kollha meħtieġa mill-*istadju importanti* jew mill-*mira* kienu ntlaħqu, u li dawn l-elementi nieqsa kienu jirrappreżentaw aktar minn devjazzjoni minima aċċettabbli (ara l-eżempju fil-***Kaxxa 11.1***). Madankollu, il-Kummissjoni kienet għamlet il-pagamenti korrispondenti. F'wieħed mis-sitt każijiet, il-Kummissjoni, matul il-valutazzjoni preliminari li wettqet, qagħdet fuq *data* u verifiki ppreżentati mill-Istat Membru mingħajr ma wettqet ittestjar ulterjuri biex tivvaluta l-affidabbiltà tagħhom. F'dan il-każ partikolari tlabna lill-Istat Membru aktar informazzjoni li kellna bżonn biex nikkonkludu dwar l-ilħuq tal-istadju importanti inkwistjoni.

11.15. Barra minn hekk, sibna 12-il każ ieħor ta' dgħufijiet fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni li ma kellhomx impatt fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadju importanti/mira. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni ma wettqitx verifiki suffiċjenti biex tivvaluta l-affidabbiltà tad-*data* u tal-verifiki pprovduti, u staqsejna lill-Istati Membri għal aktar informazzjoni li kellna bżonn biex naslu għal konklużjoni.

Kaxxa 11.1

L-istadju importanti ma ntlaħaqx b'mod sodisfaċenti

L-istadju importanti Spanjol 408 — "Aġġustament tal-perjodu ta' komputazzjoni għall-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar"

Deskrizzjoni tal-istadju importanti (CID): "Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni għall-aġġustament tal-perjodu ta' komputazzjoni, li jestendi l-perjodu ta' komputazzjoni għall-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar".

Il-ġustifikazzjoni tal-issodisfar ipprovduta kienet id-dħul fis-seħħ fl-1 ta' April 2023 ta' Digriet-Liġi Rjali ((RDL) 2/2023 tas-16 ta' Marzu 2023) dwar miżuri urġenti biex jiġu estiżi d-drittijiet tal-pensjonanti, titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri u jiġi stabbilit qafas ġdid ta' sostenibbiltà għas-sistema pubblika tal-pensjonijiet.

Żewġ rekwiżiti stabbiliti fis-CID ta' Spanja kienu jikkonċernaw ir-regola l-ġdida dwar il-perjodu ta' kontribuzzjoni użat għall-kalkolu tal-perjodu ta' referenza (l-Artikolu 209(1)) u l-inklużjoni ta' perjodi li fihom il-kontribuzzjonijiet ma jkunux pagabbli (l-Artikolu 322) sakemm titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri (il-41 dispożizzjoni tranżizzjonali). Id-dħul fis-seħħ ta' xi dispożizzjonijiet importanti li jindirizzaw dawn iż-żewġ rekwiżiti prinċipali se jseħħ biss fl-1 ta' Jannar 2026. Is-CID ma tipprovdi l-ebda eċċezzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ. Barra minn hekk, id-dewmien jikkuntrasta mal-fatt li l-awtoritajiet Spanjoli jqisu l-miżuri introdotti mid-Digriet Irjali kemm straordinarji kif ukoll urġenti.

Il-Kummissjoni ħarġet valutazzjoni preliminari pożittiva rigward l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadju importanti fit-12 ta' Marzu 2024 u għamlet il-pagament korrispondenti fis-26 ta' Lulju 2024. Fil-valutazzjoni tagħha, hija nnutat li ż-żmien bejn l-adozzjoni ta' din il-liġi u l-applikazzjoni reali tad-dispożizzjonijiet tagħha kien jikkostitwixxi devjazzjoni minima billi kien kemm limitat kif ukoll proporzjonali.

Aħna konna tal-fehma li, biex l-istadju importanti jintlaħaq b'mod sodisfaċenti, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi kellhom ikunu applikabbli (jiġifieri jkunu daħlu fis-seħħ, u mhux sempliċiment ġew adottati jew ippubblikati). Qisna wkoll li ż-żmien bejn il-pagament u d-data tal-applikazzjoni kien aktar minn devjazzjoni minima fit-twaqqit. Billi l-elementi rilevanti tal-leġiżlazzjoni ma kinux daħlu fis-seħħ fi żmien is-sena minn meta sar il-pagament, aħna vvalutajna li l-istadju importanti ma kienx intlaħaq b'mod sodisfaċenti.

Sibna wkoll stadji importanti/miri li ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti f'pagamenti li saru lill-Greċja, lil Franza, lill-Kroazja u lill-Polonja.

11.16. L-ewwel pagament lill-Polonja kien jinkludi żewġ stadji importanti li kellhom l-għan li jsaħħu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati billi jirriformaw ir-reġim dixxiplinari għall-imħallfin biex titjieb il-protezzjoni ġudizzjarja. Sibna dgħufijiet serji fil-ħatra tal-imħallfin. Madankollu, minħabba l-Kawża C-517/24 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) li għadha għaddejja dwar talba għal deċiżjoni preliminari relatata direttament ma' din il-kwistjoni, f'dan l-istadju ddeċidejna li noqogħdu lura milli nikkonkludu dwar l-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn iż-żewġ stadji importanti. L-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti kien prekundizzjoni għal kwalunkwe pagament taħt l-RRF lill-Polonja (ara l-***Kaxxa 11.2***).

Kaxxa 11.2

Dgħufijiet serji fil-ħatra ta' mħallfin

L-istadju importanti Pollakk F1G — "Dħul fis-seħħ ta' riforma li ssaħħaħ l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati"

L-istadju importanti kien jirrikjedi li l-Polonja tirriforma elementi speċifiċi tar-reġim dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin.

Biex jissodisfaw dan l-istadju importanti, l-awtoritajiet Pollakki emendaw il-Liġi dwar il-Qorti Suprema u ċerti atti oħra (l-"Att"). L-Att daħal fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2022 u, barra minn hekk, l-awtoritajiet Pollakki adottaw ukoll diversi miżuri oħra.

Wieħed mill-ħames rekwiżiti tal-istadju importanti huwa li r-riforma għandha *"fil-każijiet kollha relatati mal-imħallfin, inklużi d-dixxiplina u t-tneħħija tal-immunità ġudizzjarja, tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-ġuriżdizzjoni tal-Awla tal-Qorti Suprema, minbarra l-Awla Dixxiplinari eżistenti, li tissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 19 (1) tat-TUE. Dan għandu jiżgura li l-kawżi msemmija hawn fuq jiġu eżaminati minn qorti indipendenti u imparzjali stabbilita bil-liġi, (…)*". Biex tissodisfa r-rekwiżit ta' dan il-punt, il-Polonja waqqfet Awla ta' Responsabbiltà Professjonali (il-"PLC") biex tissostitwixxi l-Awla Dixxiplinari abolita fil-kawżi kollha ta' tneħħija tal-immunità dixxiplinari u ġudizzjarja li jikkonċernaw l-imħallfin.

Bħala bażi għall-valutazzjonijiet tagħna, kemm il-Kummissjoni kif ukoll aħna użajna l-Kawża C-791/19 tal-QĠUE, li tikkonċerna l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Awla Dixxiplinari abolita. F'konformità ma' dan il-każ, il-valutazzjoni tagħna dwar jekk korp jikkostitwix tribunal indipendenti u imparzjali hija bbażata fuq tliet elementi: (1) iċ-ċirkustanzi oġġettivi li fihom inħoloq dak il-korp; (2) il-karatteristiċi ta' dak il-korp; u (3) il-mod li bih inħatru l-membri tiegħu. Sibna li l-karatteristiċi tal-PLC u ċ-ċirkustanzi oġġettivi li fihom inħolqot huma allinjati mal-istandards mistennija ta' tribunal indipendenti u imparzjali, u dan ifisser li ssodisfat tnejn mit-tliet elementi.

Madankollu, aħna sibna li l-mod li bih il-membri tal-PLC kienu nħatru jaf jimmina l-indipendenza u l-imparzjalità tal-PLC. B'mod speċifiku, l-awla kienet tinkludi erba' mħallfin li ma kinux jissodisfaw il-kriterji tal-indipendenza u l-imparzjalità, kif imsemmija minn sentenza preċedenti tal-QĠUE fil-Kawża C-718/21. Barra minn hekk, aħna identifikajna żewġ imħallfin addizzjonali maħtura għall-PLC li oriġinarjament inħatru fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali Pollakk tal-Ġudikatura, li huwa, fil-biċċa l-kbira, magħmul minn membri magħżula mil-leġiżlatura. Sibna wkoll li, fil-prattika, dawn is-sitt imħallfin ma kinux esklużi mid-deliberazzjonijiet tal-PLC, billi 69 % tal-kawżi kollha ppreżentati lill-awla kienu ġew aġġudikati minn bordijiet li kienu jinkludu mill-inqas wieħed minn dawn l-imħallfin.

L-Att jinkludi wkoll mekkaniżmu ta' verifikazzjoni biex jiġi eżaminat jekk imħallef jissodisfax il-kriterji tal-indipendenza u l-imparzjalità. Madankollu, aħna sibna li s-sitt imħallfin imsemmija hawn fuq setgħu jkunu fil-bordijiet li jwettqu dawn il-verifikazzjonijiet u li mill-inqas wieħed minnhom kien fil-fatt għamel dan għal 21 % tal-verifikazzjonijiet mitluba.

<u>L-istadju importanti Pollakk F2G — "Dħul fis-seħħ ta' riforma biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni tal-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema f'kawżi dixxiplinari u kawżi ta' immunità ġudizzjarja"</u>

Il-miżura hija maħsuba biex tirrimedja s-sitwazzjoni tal-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema f'kawżi dixxiplinari u kawżi ta' immunità ġudizzjarja. L-istadju importanti jirrikjedi li l-Polonja tara li tali mħallfin żgur ikollhom aċċess għall-proċedimenti ta' rieżami u li kawżi diġà deċiżi mill-Awla Dixxiplinari jiġu rieżaminati minn qorti li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 19 (1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Madankollu, aħna sibna li l-biċċa l-kbira mill-bordijiet li jaġġudikaw kawżi ta' mħallfin affettwati minn deċiżjonijiet dixxiplinari finali tal-Awla Dixxiplinari kienu jinkludu mill-inqas imħallef wieħed maħtur "b'mod irregolari" (ara hawn fuq).

Fil-fehma tagħna, konklużjoni dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-PLC hija kruċjali biex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti. Ninnutaw li din il-kwistjoni bħalissa hija s-suġġett ta' talba li għaddejja għal deċiżjoni preliminari mill-QĠUE fil-Kawża C-517/24. Fl-istennija ta' deċiżjoni finali mill-QĠUE dwar din il-kwistjoni, aħna ma nisiltux konklużjoni dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-PLC, u b'hekk, dwar l-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti f'dan l-istadju.

L-ilħuq sodisfaċenti taż-żewġ stadji importanti kien prekundizzjoni għaż-żewġ pagamenti mill-RRF li saru lill-Polonja fl-2024, li ammontaw għal EUR 6.9 biljun.

11.17. Sibna wkoll erba' każijiet ta' stadji importanti jew miri ddefiniti b'mod vag li kienu ġew identifikati u ddokumentati wkoll mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni preliminari tagħha. Ninnutaw li jekk l-istadji importanti u l-miri jiġu ddefiniti b'mod vag, il-kriterji għall-valutazzjoni tal-ilħuq tagħhom se jkunu vagi wkoll.

Finanzjament doppju

11.18. L-evitar tal-finanzjament doppju huwa prinċipju ewlieni għall-eliġibbiltà tan-nefqa tal-UE[11], wieħed li huwa fundamentali għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE[12]. In-nuqqas ta' finanzjament doppju huwa wkoll prerekwiżit għall-*ġestjoni finanzjarja tajba* tal-baġit tal-UE[13].

11.19. Ir-Regolament juża d-definizzjoni tradizzjonali ta' finanzjament doppju bbażata fuq il-kostijiet[14], minkejja li l-pagamenti taħt l-RRF ma jirrimborżawx il-kostijiet eliġibbli mġarrba iżda pjuttost jippremjaw l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri[15]. Għall-RRF, il-finanzjament doppju jista' jseħħ meta l-istess kost sottostanti ta' stadju importanti jew mira jiġi ffinanzjat darbtejn u/jew meta l-istess outputs/riżultati jiġu ddikjarati, u b'hekk iffinanzjati, darbtejn. L-istess riżultat tanġibbli ma jistax jiġi ffinanzjat darbtejn mill-baġit tal-UE, anki jekk wieħed mill-istrumenti ta' finanzjament ikkonċernati ma jkunx ibbażat fuq il-kost.

11.20. Fir-Rapport Speċjali 22/2024, ikkonkludejna li s-sistemi stabbiliti u implimentati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri ma kinux suffiċjenti biex jimmitigaw b'mod adegwat ir-riskju akbar ta' finanzjament doppju bejn l-RRF, il-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

---

[11] Ir-Regolament Finanzjarju, l-Artikolu 191(3).

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, l-Artikolu 1.

[13] Ir-Regolament Finanzjarju, il-Premessa 130 u l-Artikoli 36 u 63.

[14] Ir-Regolament, l-Artikolu 9.

[15] Ir-Rapport Speċjali 22/2024: "Finanzjament doppju mingħand il-baġit tal-UE: Is-sistemi ta' kontroll ma għandhomx elementi essenzjali biex jimmitigaw ir-riskju akbar li jirriżulta mill-fatt li l-mudell ta' finanzjament tal-RRF mhuwiex marbut mal-kostijiet", il-paragrafu 101.

11.21. Aħna sibna każ wieħed ta' finanzjament doppju fil-Kroazja (ara l-eżempju fil-***Kaxxa 11.3***).

Kaxxa 11.3

Mira ffinanzjata mill-RRF u minn fondi oħra tal-UE

Mira Kroata 217 — "Programmi ġodda ta' taħriġ introdotti fil-qafas tal-programm ta' taħriġ ġudizzjarju"

Deskrizzjoni tal-mira (CID): *"Sitt programmi ġodda ta' taħriġ għandhom jitlestew bħala parti mill-programm ta' taħriġ ġudizzjarju għall-uffiċjali ġudizzjarji u l-uffiċjali tal-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Akkademja Ġudizzjarja: (…)."*

Sibna li 3 minn dawn is-6 programmi ta' taħriġ kienu wkoll kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew, li kien diġa' rrimborża EUR 4.03 miljun min-nefqa totali eliġibbli għall-proġetti ta' EUR 4.74 miljun. Barra minn hekk, ġie ffinanzjat ir-raba' programm ta' taħriġ mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Appoġġ għar-Riformi Strutturali.

Għalkemm il-mira ġiet iddikjarata bħala miżura mingħajr kostijiet, il-Kroazja rċeviet fondi tal-RRF għall-ilħuq sodisfaċenti tagħha. Għalhekk, l-*output* ta' din il-mira ġie ffinanzjat darbtejn mill-baġit tal-UE.

Treġġigħ lura

11.22. Ir-Regolament jistipula li l-miżuri u l-azzjonijiet relatati ma' stadji importanti u miri li ntlaħqu preċedentement ma jridux ikunu treġġgħu lura. L-Istati Membri huma meħtieġa jikkonfermaw dan in-nuqqas ta' treġġigħ lura fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni li jakkumpanjaw it-talbiet għall-pagament tagħhom.

11.23. Sibna każ wieħed ta' treġġigħ lura ta' mira Griega rigward l-istabbiliment u t-tħaddim sħiħ ta' 50 stabbiliment tal-kura tas-saħħa mentali. Il-mira kienet inkluża fit-tielet talba għall-pagament tal-Greċja. Fir-Rapport Annwali 2023 tagħna sibna li din ma ntlaħqitx b'mod sodisfaċenti billi 5 mill-50 stabbiliment ma kinux operazzjonali, u dan ifisser li ma kellhomx il-kapaċità minima tal-persunal meħtieġa mil-linji gwida tal-Ministeru tas-Saħħa Grieg. Matul iż-żjara fuq il-post li wettaqna, sibna li saż-żmien tar-raba' pagament lill-Greċja, ħames stabbilimenti addizzjonali ma kinux għadhom operazzjonali. Parti mill-mira li, fir-Rapport Annwali 2023 tagħna, aħna qisna li ntlaħqet, għalhekk treġġgħet lura fl-2024 (il-***Figura 11.3***).

Xi miżuri bdew qabel il-perjodu ta' eliġibbiltà

11.24. Ir-Regolament jistipula li huma biss il-miżuri li bdew mill-1 ta' Frar 2020 'il quddiem[16] li jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-RRF, iżda ma jipprovdix aktar kriterji biex jiġi ddefinit x'jikkostitwixxi l-"bidu" ta' miżura. F'Ottubru 2024, il-Kummissjoni ħarġet gwida[17] li tiċċara li hija tinterpreta l-"bidu" ta' miżura bħala l-bidu tal-implimentazzjoni ta' dik il-miżura fil-prattika meta jimmaterjalizzaw il-kostijiet.

11.25. Il-fehma tagħna, kif esprimejna wkoll qabel[18], hija li jenħtieġ li l-bidu ta' miżura jitqies bħala d-data tal-ewwel *impenn* (legali) (eż. fil-forma ta' kuntratt, ordni ta' xiri, jew deċiżjoni ta' finanzjament), peress li dan jikkostitwixxi l-bidu tal-ewwel attività relatata mal-miżura. Tali kuntratt jew deċiżjoni ta' finanzjament tistabbilixxi obbligu u tiskatta attività ekonomika u produttiva fil-livelli tal-kuntrattur u tas-sottokuntrattur u twassal għal riżultati f'pagamenti sussegwenti.

11.26. Sibna li l-proġetti relatati ma' stadju importanti wieħed u tliet miri għal żewġ pagamenti kienu bdew qabel Frar 2020. Għalhekk, dawn il-proġetti ma kellhomx jiġu ffinanzjati mill-RRF (ara l-***Kaxxa 11.4***).

---

[16] Ir-Regolament, l-Artikolu 17(2).

[17] COM(2024) 474 final: L-Anness II tar-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

[18] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 11.22.

Kaxxa 11.4

Eżempju ta' nuqqas ta' konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà

L-istadju importanti Franċiż 7–22 — "Investiment biex jissaħħaħ it-tagħmir diġitali tal-Ministeru tal-Intern"

Deskrizzjoni tal-istadju importanti (CID):

"Tlestija tas-sitt azzjonijiet biex jissaħħaħ it-tagħmir diġitali tal-Ministeru tal-Intern: • Network interministerjali tal-Istat,• Il-bażi tal-IT tal-amministrazzjoni territorjali tal-Istat• Pjan ta' protezzjoni bil-vidjo tal-prefettura tal-pulizija • Sigurtà tan-network • Reżiljenza taċ-ċentru tad-data • Sistema ta' twissija u informazzjoni dwar il-popolazzjoni."

Matul iż-żjara fuq il-post li wettaqna fi Franza, ivvalutajna l-evidenza pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali u li ġiet meqjusa mill-Kummissjoni, għat-tlestija tas-sistema ta' twissija u informazzjoni dwar il-popolazzjoni, li kienet tinkludi l-installazzjoni jew it-tiswija ta' 98 sirena. Sibna li l-ordni ta' xiri ta' 13 mill-kampjun tagħna ta' 30 sirena kienet datata qabel l-1 ta' Frar 2020.

Sibna nuqqas ta' konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà anki f'pagament wieħed liċ-Ċekja.

L-eżaminar li wettaqna tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll magħżula

L-Istati Membri ma jimplimentawx minnufih il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar miftuħa tal-Kummissjoni relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna

11.27. F'konformità mar-*Regolament Finanzjarju*[19], u mal-ftehimiet ta' finanzjament iffirmati mal-Istati Membri, il-Kummissjoni twettaq awditi *ex post* biex tidentifika u tikkoreġi żbalji relatati ma' operazzjonijiet wara li jkunu ġew awtorizzati. Dawn l-awditi jivverifikaw ir-regolarità tal-pagamenti.

11.28. Fir-rapport annwali preċedenti tagħna, konna enfasizzajna li d-dgħufijiet fis-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll tal-Istati Membri ppersistew u li l-awditi *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni kienu identifikaw ħafna dgħufijiet bħal dawn[20]. Għalhekk, il-valutazzjoni li wettaqna din is-sena ffukat fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni.

11.29. Mill-2021 'il hawn, kien hemm 20 rapport finali tal-awditjar tal-Kummissjoni li huma relatati ma' stadji importanti u miri b'591 rakkomandazzjoni lil 15-il Stat Membru. Fit-30 ta' April 2025, il-Kummissjoni qieset li 417-il rakkomandazzjoni (71 %) kienu ġew implimentati u l-174 li jifdal (29 %) kienu miftuħa. Il-Kummissjoni tikkategorizza s-sejbiet tagħha bħala kritiċi, importanti ħafna, importanti jew mixtieqa. Sejbiet kritiċi jew importanti ħafna jaf jiskattaw *riżerva* fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-Kummissjoni jekk l-Istati Membri jkunu għadhom ma aċċettawhomx, ma ċaħduhomx, jew naqsu milli jimplimentawhom. Dawk is-sejbiet kritiċi jew importanti ħafna jaf ukoll jirrappreżentaw ksur serju tal-obbligi tal-ftehim ta' finanzjament, u jaf jirriżultaw f'korrezzjoni b'rata fissa[21].

---

[19] Ir-Regolament Finanzjarju, l-Artikolu 74(6).

[20] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafi 11.33–11.42.

[21] Ftehim ta' finanzjament, l-Anness I.

11.30. Għall-biċċa l-kbira (64 %) mill-136 rakkomandazzjoni relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna li baqgħu miftuħa, id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni stabbilita fir-rapport tal-awditjar kienet għaddiet (ara l-***Figura 11.4***).

Figura 11.4 — Dewmien fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet miftuħa relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna



Sors: il-QEA.

11.31. Il-***Figura 11.2*** tippreżenta l-għadd ta' rakkomandazzjonijiet relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna li jikkonċernaw is-sistemi tal-Istati Membri (disa' Stati Membri b'rakkomandazzjonijiet miftuħa) b'dettalji dwar l-implimentazzjoni tagħhom.

Tabella 11.2 — Il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet miftuħa relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna għadhom pendenti

	Kritiċi			Importanti ħafna		
	Miftuħa		Magħluqa	Miftuħa		Magħluqa
	Miftuħa (fi ħdan mill-iskadenza)	Miftuħa (lil hinn mill-iskadenza)		Miftuħa (fi ħdan mill-iskadenza)	Miftuħa (lil hinn mill-iskadenza)	
Dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri u l-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-UE						
Dgħufijiet fil-verifiki mwettqa fuq il-kunflitt ta' interess, il-finanzjament doppju, il-frodi u l-korruzzjoni	-	6	16	27	19	31
Verifiki inadegwati jew insuffiċjenti dwar il-konformità mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali (inklużi l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat) jew mal-prinċipju tad-DNSH	-	-	1	8	11	9
Każ ta' frodi suspettata	-	3	-	-	2	4
Nuqqas jew użu limitat ta' Arachne bħala għodda għad-detezzjoni tar-riskji	-	-	-	1	2	3
Dgħufijiet fit-talba għall-pagament						
Proġetti jew oġġetti ddikjarati ineliġibbli	-	-	2	-	4	-
Dgħufijiet fl-awditi mill-korpi nazzjonali tal-awditjar (valutazzjoni skorretta, dgħufijiet metodoloġiċi, eċċ.)	-	-	-	6	10	7
Rendikont tal-entrati inadegwat jew dgħajjef, jew proċess tal-ġestjoni tad-*data* inadegwat jew dgħajjef	-	3	37	3	7	60
Dgħufijiet oħra (inkluża s-sistema ta' repożitorju)						
Ġbir inadegwat ta' *data* li jmur kontra l-Artikolu 22.2.d tar-Regolament	-	2	9	4	-	6
Nuqqas ta' kapaċità amministrattiva/taħriġ jew struttura organizzazzjonali ċara	-	-	2	-	11	20
Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-pubblikità	-	4	2	-	3	39
Ammonti totali (Għadd ta' rakkomandazzjonijiet/Stati Membri)	**-**	**18/4**	**69/10**	**49/3**	**69/7**	**179/12**

Sors: il-QEA.

11.32. Analizzajna l-implimentazzjoni ta' 10 rakkomandazzjonijiet li l-Kummissjoni qieset li kienu ġew implimentati bis-sħiħ. Sibna rakkomandazzjoni waħda kklassifikata bħala importanti li ġiet implimentata parzjalment biss billi għal xi elementi ma rċevejna l-ebda evidenza ta' implimentazzjoni.

Is-sistemi tal-Istati Membri mhumiex effettivi biżżejjed

Ħtieġa għal *stadji importanti ta' kontroll*

11.33. Jekk il-Kummissjoni tidentifika dgħufijiet fis-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru matul l-awditi tagħha, hija jaf iżżid *stadji importanti ta' kontroll* meta tkun qed tirrevedi l-NRRPs ta' dak il-pajjiż. Iż-żieda tal-istadji importanti ta' kontroll timblokka l-pagamenti futuri kollha mill-RRF sakemm l-Istat Membru jilħaqhom b'mod sodisfaċenti. Inqisu li l-eżistenza ta' stadji importanti ta' kontroll hija pass pożittiv fit-titjib tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri[22]. Madankollu, tindika wkoll li s-sistemi tal-Istati Membri mhumiex kompletament effettivi. Dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll ta' dawk l-Istati Membri li t-tieni pagament jew il-pagamenti sussegwenti tagħhom kienu kundizzjonali fuq l-ilħuq ta' stadji importanti ta' kontroll joħolqu riskju għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE sakemm jintlaħqu l-istadji importanti, b'impatt potenzjali fuq ir-regolarità tan-nefqa.

11.34. Ikkonkludejna li t-12-il stadju importanti marbuta mas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Polonja u l-Finlandja) u relatati ma' pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF tal-2024 kienu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Madankollu, il-Kummissjoni talbet impenji addizzjonali mill-Belġju, l-Irlanda u l-Finlandja. Għalkemm fil-fehma tagħna dawn l-impenji addizzjonali ma jixħtux dubju fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti ta' kontroll ta' dawk l-Istati Membri, huma tabilħaqq juru li kien meħtieġ aktar titjib żgħir fis-sistemi nazzjonali tagħhom.

---

[22] Ir-Rapport Analitiku 02/2025: "Orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni, obbligu ta' rendikont u trasparenza — tagħlimiet li għandhom jittieħdu mid-dgħufijiet tal-RRF", il-paragrafu 63.

11.35. Żdiedu tliet stadji importanti ta' kontroll mat-tieni jew it-tielet talba għall-pagament tal-Istat Membru rilevanti (għal żewġ Stati Membri dawn kienu jikkonċernaw sistemi ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF kif ukoll sistemi għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE) matul ir-reviżjoni tal-NRRPs. Id-disa' stadji importanti ta' kontroll li jifdal kienu jikkonċernaw l-ewwel talbiet għall-pagament.

Dgħufijiet fis-sistemi ta' xi Stati Membri biex jaraw li żgur ikun hemm konformità mal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat

11.36. Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE tirrikjedi li l-Istati Membri jaraw li l-proġetti tal-RRF żgur jikkonformaw mar-regoli applikabbli kollha tal-UE u dawk nazzjonali. Fir-Rapport Speċjali 09/2025 tagħna, aħna vvalutajna jekk is-sistemi għall-infiq taħt l-RRF jarawx li żgur ikun hemm konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat. Sibna li x-xogħol li fuqu huma bbażati d-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni ta' xi Stati Membri li eżaminajna ma pprovdiex aċċertament suffiċjenti minħabba dgħufijiet fil-kopertura, fil-kwalità, fit-twaqqit, u fid-dokumentazzjoni tal-verifiki.

11.37. Għalkemm il-konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat ġeneralment ma għandha l-ebda effett fuq ir-regolarità tal-fondi tal-RRF imħallsa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, dawn ir-regoli huma importanti biex is-suq intern żgur ikun effettiv. Il-ksur ta' dawn ir-regoli huwa problema perenni fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni u f'oqsma oħra tan-nefqa baġitarja. Bħala parti mix-xogħol li wettaqna fuq l-RRF għall-2024, identifikajna d-dgħufijiet li ġejjin fi 22 proċedura individwali ta' akkwist pubbliku, li ma jixħtux dubju fuq ir-regolarità tal-proċeduri jew tal-każijiet inkwistjoni:

(a) nuqqas ta' verifiki biex jiġi evitat/identifikat kunflitt ta' interess (18-il każ f'4 Stati Membri);

(b) dgħufija fil-ġustifikazzjoni tal-użu ta' proċedura urġenti (żewġ każijiet fi Stat Membru wieħed); u

(c) dgħufija fl-istima tal-valur tal-akkwist u d-durata tal-proġett li twassal għal differenzi sinifikanti bejn id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti reali ffirmati (żewġ każijiet fi Stat Membru wieħed)].

11.38. Aħna ninnutaw li s-sommarji tal-awditi ta' 4 Stati Membri (il-Belġju, Franza, is-Slovenja u l-Finlandja) (minn 28) identifikaw u rrappurtaw dgħufijiet fil-verifiki fuq il-proċeduri ta' akkwist pubbliku filwaqt li s-sommarji tal-awditi ta' 2 korpi tal-awditjar (dawk tal-Estonja u tal-Greċja) irrappurtaw 9 każijiet ta' ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Dawn irriżultaw f'rakkomandazzjonijiet mill-korpi nazzjonali tal-awditjar.

11.39. L-eżaminar li wettaqna tal-każijiet ta' għajnuna mill-Istat sab li l-Istati Membri kienu qed jużaw reġistri nazzjonali elettroniċi dwar l-għajnuna mill-Istat bħala l-għodda prinċipali tagħhom biex jaraw li żgur ikun hemm konformità mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Stat Membru wieħed[23] qagħad fuq l-awtodikjarazzjonijiet tar-riċevituri finali stess biex jivverifika li dawn ma kinux impriżi f'diffikultà jew li kellhom status ta' intrapriża żgħira jew ta' daqs medju, kif ukoll biex jivverifika l-għajnuna *de minimis* li rċevew qabel.

Dgħufijiet fit-talbiet għall-pagament

11.40. Identifikajna wkoll dgħufijiet fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni ta' ħames Stati Membri (iċ-Ċekja, Spanja, Franza, il-Kroazja u s-Slovakkja). L-għan ta' dawn id-dikjarazzjonijiet huwa li jipprovdu aċċertament li l-informazzjoni ppreżentata mat-talbiet għall-pagament hija kompleta, preċiża u affidabbli[24]. Fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom lill-Kummissjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu *riżervi* biex jenfasizzaw l-evidenza nieqsa meta jkun meħtieġ. Sibna li l-ħames Stati Membri kienu konxji li ma kellhomx evidenza suffiċjenti għall-ilħuq sodisfaċenti ta' xi stadji importanti u miri meta ppreżentaw it-talba għall-pagament. Madankollu, l-ebda wieħed mill-Istati Membri ma inkluda xi riżerva fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tiegħu li tenfasizza li stadju importanti/mira ntlaħqet biss parzjalment fiż-żmien meta saret it-talba għall-pagament.

---

[23] Ir-Rapport Speċjali 09/2025: "Sistemi biex l-infiq taħt l-RRF żgur jikkonforma mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u dwar l-għajnuna mill-Istat", it-Tabella 4.

[24] Ir-Regolament, l-Artikolu 22(2)(c).

L-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-frodi identifikata hija limitata

11.41. Fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, f'rapport analitiku preċedenti[25], enfasizzajna li l-Kummissjoni jeħtiġilha tikseb aċċertament suffiċjenti mill-Istati Membri dwar l-*effettività* tas-sistemi nazzjonali biex jipprevienu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess. Meta mqabbla mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni sserraħ aktar fuq is-sistemi tal-Istati Membri[26]. L-Istati Membri huma obbligati jirrappurtaw dwar każijiet ta' frodi suspettata mhux f'sistema tal-IT integrata, iżda pjuttost fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni li takkumpanja kull talba għall-pagament. Bħalissa qed inwettqu awditu biex nivvalutaw jekk is-sistemi stabbiliti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għall-RRF humiex effettivi biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE kontra l-frodi.

11.42. Indikatur ewlieni għar-riskju ta' frodi huwa l-iskala tal-frodi suspettata. L-unika *data* ppubblikata fil-livell tal-UE dwar l-iskala tal-frodi suspettata b'rabta mal-RRF ġejja mir-rapport annwali tal-2024 tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Sa tmiem l-2024, l-UPPE kien qed jittratta 311-il każ attiv relatati ma' NextGenerationEU. Dawn kollha ħlief 4 kienu jikkonċernaw l-RRF, u jirrappreżentaw madwar 17 % tal-investigazzjonijiet attivi kollha dwar frodi relatata ma' nefqa. Il-ħsara stmata għall-interessi finanzjarji tal-UE hija ta' EUR 2.8 biljun, u tirrappreżenta 30 % (2023: 25 %) tal-ħsara kumplessiva stmata li tirriżulta minn frodi relatata man-nefqa kollha tal-UE[27]. Dan jikkuntrasta mal-għadd baxx ta' każijiet (ħamsa) irrappurtati mill-Istati Membri fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni li jakkumpanjaw it-talbiet għall-pagament fl-2024.

11.43. Il-korpi nazzjonali tal-awditjar jipprovdu lill-Kummissjoni b'aċċertament dwar jekk is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri humiex effettivi fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet serji (inkluża l-frodi).
Mit-28 sommarju tal-awditi li rrieżaminajna, li jikkonċernaw 9 Stati Membri (il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Irlanda, il-Greċja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, il-Finlandja), 12 enfasizzaw l-inadegwatezzi fis-*sistemi ta' ġestjoni u kontroll* ta' dawk il-pajjiżi biex jaraw li żgur jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE.

---

[25] Ir-Rapport Analitiku 01/2023: "Finanzjament mill-UE permezz tal-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Analiżi komparattiva", il-paragrafu 107.

[26] Ir-Regolament, l-Artikolu 22(1).

[27] Ir-Rapport Annwali 2024 tal-UPPE.

Traċċabbiltà tal-fondi tal-RRF

11.44. It-traċċabbiltà tal-finanzjament, li tista' tiġi ddefinita[28] bħala l-kapaċità li jiġi traċċat il-fluss tal-flus mis-sors tiegħu sad-destinazzjoni tiegħu, hija importanti għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Din tippermetti l-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi li fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw, direttament jew indirettament, mill-finanzjament tal-UE. Bħalissa qed inwettqu awditu dwar it-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-finanzjament taħt l-RRF. Dan l-awditu għandu l-għan li jivvaluta jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżgurawx traċċabbiltà ċara, monitoraġġ f'waqtu, valutazzjoni preċiża tal-kostijiet u pubblikazzjoni trasparenti ta' informazzjoni relatata mal-finanzjament taħt l-RRF u l-implimentazzjoni tiegħu.

It-traċċabbiltà tal-fondi tal-RRF mhijiex sistematika fl-Istati Membri kollha

11.45. Ir-Regolament ma jobbligax lill-Istati Membri jiġbru u jippubblikaw informazzjoni dwar in-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali fl-ilħuq tal-istadji importanti jew tal-miri, u lanqas li jipprovdu tali informazzjoni mat-talbiet tagħhom għall-pagament taħt l-RRF. Madankollu, huma obbligati jiġbru *data* għal skopijiet ta' awditjar u kontroll u jipprovdu informazzjoni kumparabbli dwar l-użu tal-fondi, inkluża informazzjoni dwar ir-riċevituri finali, is-(sotto)kuntratturi u s-sid(ien) benefiċjarju/i)[29]. Madankollu, l-Istati Membri huma meħtieġa biss jippubblikaw din l-informazzjoni għall-100 "riċevitur finali" li jirċievu l-aktar finanzjament[30],[31].

11.46. Ivvalutajna s-sistemi nazzjonali ta' ħames Stati Membri (il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza u l-Italja) biex naraw jekk kinux kapaċi jittraċċaw il-fondi tal-RRF mill-baġit nazzjonali sar-riċevituri finali u lil hinn (eż. lill-kuntratturi, jew lis-sottokuntratturi) u jipprovdu *data* dwar in-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali (ara l-***Figura 11.5***). Analizzajna wkoll kif dawn l-Istati Membri jinterpretaw it-terminu "riċevituri finali" inkluż il-metodu li jużaw biex jistabbilixxu l-listi tagħhom tal-akbar 100 riċevitur finali f'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament.

---

[28] International Organization for Standardization (ISO), "Quality management systems —Fundamentals and vocabulary", ISO 9000:2015.

[29] Ir-Regolament, l-Artikolu 22(2)(d)(i)-(iv).

[30] Ir-Rapport Analitiku 02/2025, il-paragrafu 90.

[31] Ir-Regolament (UE) 2023/435, l-Artikolu 1(10).

Figura 11.5 — Fluss ta' finanzjament taħt l-RRF



Sors: il-QEA.

11.47. Tnejn mill-ħames Stati Membri (l-Italja u l-Greċja) kellhom sistemi fis-seħħ biex jippermettu lill-awtoritajiet ċentrali jittraċċaw il-fluss tal-fondi tal-RRF san-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali (ara l-***Kaxxa 11.5***).

Kaxxa 11.5

Sistema Taljana għat-traċċar tal-fondi tal-RRF sar-riċevitur finali

Fl-Italja, il-fondi kollha tal-RRF (għotjiet u self) huma kkreditati f'kont kurrenti ddedikat miftuħ fit-teżor tal-Istat u ddedikat għall-ġestjoni ta' fondi li jiċċirkolaw bejn l-Italja u l-UE. Il-fondi tal-RRF imbagħad jiġu ttrasferiti f'żewġ kontijiet kurrenti separati, wieħed għall-għotjiet u wieħed għas-self. Il-fondi pubbliċi meħtieġa biex jiġu implimentati l-miżuri tal-RRF huma prefinanzjati mill-bagit nazzjonali abbażi tal-finanzjament taħt l-RRF allokat lil kull awtorità ta' implimentazzjoni.

Is-Servizz Ċentrali (il-korp ta' koordinazzjoni tal-RRF tal-Italja) jara li l-fondi żgur isiru disponibbli għal kull miżura tal-RRF san-nefqa totali mġarrba abbażi tat-talbiet ippreżentati mill-awtoritajiet ta' implimentazzjoni rilevanti (eż. ministeri). L-awtoritajiet ta' implimentazzjoni jagħmlu l-pagamenti relatati lill-korpi li jkunu responsabbli mill-implimentazzjoni ta' proġetti individwali, jew lir-riċevituri finali tal-fondi (f'każijiet fejn l-awtorità ta' implimentazzjoni tkun ukoll il-korp ta' implimentazzjoni).

Biex timmonitorja u tara li żgur ikun hemm traċċabbiltà ta' dawn il-movimenti finanzjarji, l-Italja tuża s-sistema tal-IT ReGIS. Din tipprovdi informazzjoni dwar il-proġetti tal-RRF inklużi: (a) l-isem/ismijiet tar-riċevitur(i) finali tal-fondi tal-RRF; (b) l-ammont allokat lil riċevitur(i) finali biex jimplimenta(w) proġett(i) tal-RRF; (c) il-miżura li għaliha jikkontribwixxi l-proġett ikkonċernat, u (d) in-nefqa ddikjarata/imġarrba mir-riċevituri finali.

L-informazzjoni dwar l-ammonti allokati lil kull korp ta' implimentazzjoni/riċevitur finali u n-nefqa ddikjarata minnu hija disponibbli fuq is-sit elettroniku nazzjonali.

11.48. Id-*data* li ġbarna turi li fi tmiem l-2024, ir-riċevituri finali fl-Italja u fil-Greċja ġarrbu nefqa ta' 49 % u 39 % rispettivament tal-ammonti totali ppjanati fil-baġits nazzjonali tagħhom għar-riformi u l-investimenti taħt l-RRF. Dan jirrappreżenta 76 % (fil-każ tal-Italja) u 82 % (fil-każ tal-Greċja) tal-ammont totali riċevut mill-Kummissjoni. Sibna li s-sistemi fis-seħħ f'żewġ Stati Membri (Spanja u Franza) ma kinux jaraw li żgur ikun hemm ġbir sistematiku ta' *data* dwar in-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali ta' fondi taħt l-RRF, filwaqt li għal Stat Membri wieħed (il-Ġermanja) din l-informazzjoni ġiet ipprovduta lilna, fuq talba tagħna, għal ħames miżuri tal-RRF (ara t-***Tabella 11.3***).

Tabella 11.3 — Pagamenti ta' għotjiet u spejjeż imġarrba

Stat Membru	A. Ammont totali ta' għotjiet ippjanati taħt l-RRF (f'*biljun EUR*)	B. Ammont totali ta' għotjiet taħt l-RRF żborżati mill-Kummissjoni (f'*biljun EUR*)	C. Ammont totali ddikjarat bħala nefqa mir-riċevituri finali (f'*biljun EUR*)	Intefqu vs allokati fis-CID (C/A)	Intefqu vs żborżati mill-Kummissjoni (C/B)
Il-Ġermanja	30.3	19.8	Ma ngħatax	m/a	m/a
Il-Greċja	18.2	8.6	7.0	39 %	82 %
Spanja	79.9	48.0	Ma ngħatax	m/a	m/a
Franza	40.3	30.9	Ma ngħatax	m/a	m/a
L-Italja	71.8	46.4	35.2	49 %	76 %

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Istati Membri.

11.49. Irrieżaminajna l-metodoloġija li segwew l-Istati Membri għall-pubblikazzjoni tal-akbar 100 riċevitur finali u sibna varjazzjoni sinifikanti fit-tip ta' informazzjoni ppubblikata. F'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni[32], żewġ Stati Membri (il-Ġermanja u l-Italja) irrappurtaw l-ammonti effettivament żborżati. Madankollu, żewġ Stati Membri (il-Greċja u Spanja) irrappurtaw l-ammonti allokati (jiġifieri bbaġitjati) u wieħed (Franza) irrapporta l-ammonti effettivament żborżati, iżda f'xi każijiet biss sal-livell tal-korpi intermedjarji u f'xi każijiet ikkombinati ma' finanzjament nazzjonali. Barra minn hekk, Spanja rrappurtat biss *data* relatata ma' miżuri bi stadji importanti u miri ppreżentati għall-pagament lill-Kummissjoni, li ma tirriflettix bis-sħiħ l-implimentazzjoni tal-miżuri li għaddejjin. Dawn kollha jmorru kontra l-gwida tal-Kummissjoni[33].

[32] COM(2024) 474 final, l-Anness V, Anness tar-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

[33] *Ibid*.

Problemi relatati mat-tfassil tal-miżuri, tal-istadji importanti u tal-miri

11.50. Din il-parti tal-kapitolu tippreżenta problemi mhux marbuta direttament mad-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* tagħna, iżda tenfasizza dgħufijiet fit-tfassil tal-miżuri, tal-istadji importanti u tal-miri. Ir-rapporti speċjali[34] u r-rapport analitiku tagħna[35] jipprovdu stampa aktar komprensiva tal-aspetti tal-ġestjoni finanzjarja tajba li jikkonċernaw l-RRF.

11.51. Jenħtieġ li l-istadji importanti u l-miri jkejlu l-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi li jinsabu fl-RRPs nazzjonali tagħhom — u għalhekk l-ilħuq tal-objettivi tal-RRF. Biex dawn l-istadji importanti u l-miri żgur ikunu sinifikattivi u konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, huwa importanti li dawn ikopru l-elementi prinċipali kollha tar-riforma jew l-investiment sottostanti, b'mod partikolari t-tlestija tagħha[36].

---

[34] Ir-Rapport Speċjali 21/2022: "Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza — Inġenerali xierqa iżda fadal riskji fl-implimentazzjoni".
Ir-Rapport Speċjali 26/2023: "Il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Jitkejjel il-progress li sar fl-implimentazzjoni iżda dan mhux suffiċjenti biex il-prestazzjoni tintwera".
Ir-Rapport Speċjali 13/2024: "Assorbiment ta' fondi mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Qed isir progress b'xi dewmien u għad hemm riskji fir-rigward tat-twettiq tal-miżuri u, għalhekk, l-ilħuq tal-objettivi tal-RRF".
Ir-Rapport Speċjali 10/2025: "Riformi tas-suq tax-xogħol fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza — Inkisbu xi riżultati, iżda dawn mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw l-isfidi strutturali".
Ir-Rapport Speċjali 14/2024: "Tranżizzjoni ekoloġika — Mhijiex ċara l-kontribuzzjoni mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza".

[35] Ir-Rapport Analitiku 02/2025.

[36] Ir-Rapport Speċjali 26/2023, il-paragrafi 30–32.

11.52. Aħna identifikajna ħames każijiet ta' riformi jew investimenti fejn jew mhux l-elementi kollha kienu koperti minn stadji importanti jew miri, jew it-tlestija ma kinitx koperta minn stadju importanti jew mira, jew inkella l-istadju importanti kien irrilevanti għall-miżura (instabu każijiet simili fi snin preċedenti[37]). Ninnutaw li uħud minn dawn il-każijiet ġew indirizzati permezz tas-CID riveduti.

[37] Ir-Rapport Annwali 2022, il-paragrafu 11.36 u r-Rapport Annwali 2023, il-paragrafi 11.44–11.46.

Ir-rapporti annwali tal-attività u r-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni

11.53. Ir-RAA huma l-għodda prinċipali li d-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni jużaw biex jirrappurtaw jekk għandhomx aċċertament raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll jiggarantixxu r-regolarità tan-nefqa. Għall-2024, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECFIN jipprovdi aċċertament raġonevoli dwar it-tliet elementi li ġejjin:

(a) il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li saru taħt l-RRF fl-2024;

(b) fil-qasam tal-akkwist pubbliku u tal-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jivverifikaw regolarment u effettivament li l-finanzjament taħt l-RRF intuża f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, u li l-miżuri biex jiġu implimentati riformi u proġetti ta' investiment ikkonformaw mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess[38]; u

(c) l-implimentazzjoni ta' tnaqqis proporzjonat f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li Stat Membru ma jkunx ikkoreġa, jew ksur serju ta' obbligu tal-ftehim ta' finanzjament.

11.54. Fir-RAA 2024 tagħha, bħal fi snin preċedenti, il-Kummissjoni ma tistma l-ebda riskju kwantifikabbli fil-waqt tal-pagament għar-raġuni li ma tistax tiġi ddeterminata rata ta' żball sinifikanti. Minflok, il-Kummissjoni tassenja livell ta' riskju (baxx, medju jew għoli) għal-legalità u r-regolarità ta' kull pagament li jsir taħt l-RRF, abbażi tar-riżultati tal-*valutazzjonijiet preliminari* tagħha, l-awditi *ex post* tagħha u l-awditi li twettaq il-QEA meta taqbel magħhom. Pagamenti taħt l-RRF b'riskju għoli li jkunu ogħla mis-*soll de minimis* jenħtieġ li jwasslu għal riżerva. Il-pagamenti kollha tal-2024 ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li huma b'riskju baxx. Madankollu, dan ma jaqbilx mas-sejbiet tagħna stess.

[38] Ir-Regolament, l-Artikolu 22(2).

11.55. Fir-rigward tal-aċċertament fil-qasam tal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, fir-Rapport Speċjali 09/2025, aħna rrakkomandajna li l-Kummissjoni għandha, fost affarijiet oħra, tikklassifika l-pagamenti magħmula lill-Istati Membri bħala b'riskju għoli, meta l-awditi jkunu identifikaw sejbiet kritiċi jew importanti ħafna għal aktar minn korp ta' implimentazzjoni wieħed, u meta ma jkunx hemm evidenza li l-Istati Membru jkun ħa l-azzjoni korrettiva rakkomandata. Madankollu, il-Kummissjoni aċċettat din ir-rakkomandazzjoni biss parzjalment u għalhekk ikklassifikat il-pagamenti f'din is-sitwazzjoni bħala b'riskju medju[39]. Hija għamlet dan għal 17 mis-27 pagament ta' għotja taħt l-RRF[40]. Inqisu li dan l-approċċ x'aktarx jistma b'mod insuffiċjenti l-livell ta' riskju, peress li ma hemm l-ebda aċċertament li l-Istati Membri verament se jieħdu azzjoni korrettiva. Barra minn hekk, l-awditu li wettaqna żvela li l-Istati Membri jdumu biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni (ara t-***Tabella 11.2***). Sakemm jitlestew l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa, is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri jaf ma jkunux effettivi biżżejjed biex jaqbdu l-irregolaritajiet.

11.56. Fir-Rapport Speċjali 09/2025, irrikonoxxejna t-titjib fil-verifiki li wettqet il-Kummissjoni fuq is-sistemi tal-Istati Membri marbuta mal-akkwist pubbliku u mal-għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, il-Kummissjoni introduċiet verifiki msaħħa fuq l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat fl-awditi kollha li twettaq. Fir-RAA 2024, il-Kummissjoni tikkonferma li s-sistemi kollha tal-Istati Membri kienu koperti minn dawn il-verifiki. Aħna konna rrakkomandajna li l-Kummissjoni tiddivulga l-proporzjon ta' korpi ta' implimentazzjoni b'investimenti rilevanti relatati mal-akkwist u l-għajnuna mill-Istat f'kull Stat Membru kopert mill-awditi tagħha. Madankollu, il-Kummissjoni ma aċċettatx din ir-rakkomandazzjoni u, għalhekk, din l-informazzjoni ma ġietx iddivulgata fir-RAA.

---

[39] Id-DĠ ECFIN, ir-RAA 2024, l-Annessi, pp. 60–62.

[40] Id-DĠ ECFIN, ir-RAA 2024, l-Annessi, pp. 207–208.

11.57. Fir-rigward tal-irregolaritajiet serji li ma ġewx ikkoreġuti mill-Istat Membru[41], id-Direttorat Ġenerali tad-DĠ ECFIN ikkwalifika l-aċċertament tiegħu b'riżerva, b'segwitu għar-riskju għoli identifikat fi Stat Membru wieħed (iċ-Ċekja) minħabba żewġ każijiet ta' kunflitt ta' interess li għalihom l-Istat Membru kien irrifjuta li jieħu azzjonijiet korrettivi. Din ir-riżerva tikkonċerna żewġ pagamenti taħt l-RRF. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll 20 pagament bħala b'riskju medju u 5 pagamenti bħala b'riskju baxx għal irregolaritajiet serji. Billi l-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju huma simili għal dawk użati mill-Istati Membri għal verifiki fuq l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, aħna nqisu li din il-valutazzjoni tistma b'mod insuffiċjenti wkoll il-livell ta' riskju (ara l-paragrafu ***11.55***). Bħalissa qegħdin inwettqu awditu fuq is-sistemi ta' kontroll tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri kontra l-frodi fl-RRF (ara l-paragrafu ***11.41***).

[41] Ir-Regolament dwar l-RRF, l-Artikolu 22(5).

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Konklużjonijiet

11.58. Ir-regoli li jirregolaw l-infiq taħt l-RRF huma sinifikattivament differenti minn dawk għan-nefqa taħt il-baġit ġenerali tal-UE. Fi ħdan l-RRF, in-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali mhijiex kundizzjoni biex il-Kummissjoni tagħmel pagamenti lill-Istati Membri. Dan jolqot il-kopertura tal-awditu tagħna tar-regolarità u l-firxa tal-aċċertament li nistgħu nipprovdu. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar mix-xogħol li wettaqna, kif ippreżentata f'dan il-kapitolu, turi li:

(a) 12 mit-395 stadju importanti u mira li eżaminajna ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' eliġibbiltà. Dawn jikkonċernaw sitt pagamenti magħmula lil sitt Stati Membri (ara l-paragrafi ***11.11–11.26***). L-impatt finanzjarju minimu tat-12-il sejba huwa ogħla mis-*soll ta' materjalità* tagħna;

(b) ma nisiltux konklużjoni dwar l-ilħuq sodisfaċenti ta' żewġ stadji importanti Pollakki dwar l-"awditjar u l-kontroll" relatati mar-riforma tal-ġudikatura (ara l-paragrafu ***11.16***);

(c) sibna dgħufijiet fil-valutazzjoni *ex ante* li wettqet il-Kummissjoni. Fi 13-il każ, il-Kummissjoni qagħdet fuq l-informazzjoni u l-verifiki tal-Istati Membri mingħajr ma wettqet livell suffiċjenti ta' ttestjar tar-rekwiżiti kollha tas-CID (ara l-paragrafi ***11.14–11.15***);

(d) kien hemm erba' każijiet ta' stadji importanti/miri ddefiniti b'mod vag li kkontribwew għal valutazzjoni aktar diskrezzjonali tal-ilħuq sodisfaċenti tagħhom (ara l-paragrafu ***11.17***);

(e) għall-biċċa l-kbira (64 %) mir-rakkomandazzjonijiet miftuħa tal-awditjar *ex post* tal-Kummissjoni relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna, id-dati ta' skadenza miftiehma diġà għaddew. Dan juri li għad hemm dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri, li potenzjalment iwasslu għal tnaqqis b'rata fissa (ara l-paragrafi ***11.29–11.31***); u

(f) l-informazzjoni li l-Istati Membri inkludew fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom mhux dejjem kienet affidabbli (ara l-paragrafu ***11.40***).

11.59. Il-fondi tal-RRF mhumiex sistematikament traċċabbli fl-Istati Membri kollha, u dan jimmina l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (ara l-paragrafi ***11.44***–***11.49***). Barra minn hekk, kien hemm ħames riformi u investimenti li għalihom l-istadji importanti/il-miri korrispondenti ma ġewx iddefiniti b'konformità mal-prinċipji relatati mat-tfassil tal-miżuri, l-istadji importanti u l-miri, u dan illimita r-riżultati li jistgħu jinkisbu mill-RRF (ara l-paragrafi ***11.50***–***11.52***).

11.60. Id-dikjarazzjoni pprovduta mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECFIN mhijiex konformi mas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna (ara l-paragrafi ***11.53***–***11.55***).

Rakkomandazzjonijiet

11.61. L-***Anness 11.3*** juri s-sejbiet tar-rieżaminar ta' segwitu li wettaqna tar-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapporti Annwali 2022 u 2023 tagħna. Abbażi tar-rieżaminar tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna u tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2024, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

Rakkomandazzjoni 11.1 — Testendi l-kopertura tal-verifiki mwettqa matul il-valutazzjonijiet preliminari

Meta tivvaluta l-istadji importanti u l-miri bl-appoġġ primarju tar-rapporti ta' monitoraġġ jew ta' implimentazzjoni, minflok ma tiddependi fuq id-*data* u l-verifiki tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq biżżejjed ittestjar sostantiv biex tara li l-informazzjoni li tappoġġa l-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżiti tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tkun żgur affidabbli.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025.

Rakkomandazzjoni 11.2 — Tindirizza d-dewmien fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tal-Kummissjoni

Tanalizza r-raġunijiet għad-dewmien fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjonijiet marbuta ma' sejbiet kritiċi jew importanti ħafna u tqis li tapplika tnaqqis b'rata fissa.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025.

Annessi

Anness 11.1 — Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

Punti ġenerali

(1) Dan l-anness ikopri l-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF.

(2) Aħna noħorġu opinjoni separata dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF bħala parti mid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna dwar il-baġit tal-UE. Dan għaliex aħna nqisu li l-mudell ta' implimentazzjoni tal-RRF huwa differenti u li huwa strument temporanju. B'din l-opinjoni, għandna l-għan li nipprovdu aċċertament raġonevoli dwar il-pagamenti, u li nipprovdu informazzjoni dettaljata abbażi ta' din l-opinjoni fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

(3) Il-biċċa l-kbira mill-aċċertament li nipprovdu niksbuh mill-ittestjar sostantiv u mill-valutazzjoni tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. L-aċċertament li nipprovdu jiġi kkomplementat mir-RAA u l-AMPR, kif ukoll mir-rapporti tas-Servizz tal-Awditjar Intern (ara l-***Figura 11.6***).

Figura 11.6 – Opinjoni tal-awditjar



Sors: il-QEA.

(4) Xogħolna jikkonforma mal-istandards internazzjonali tal-awditjar u jiżgura li l-opinjonijiet tal-awditjar tagħna jkunu appoġġati minn evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u xierqa.

(5) Fir-rigward tal-proċeduri tal-awditjar tagħna b'rabta mal-frodi, aħna nsegwu l-approċċ dettaljat fil-parti 3 tal-***Anness 1.1***.

Regolarità tat-*tranżazzjonijiet*

Kif niddefinixxu t-tranżazzjonijiet ta' bażi u kif nittestjawhom

(6) It-tranżazzjonijiet ta' bażi rilevanti għax-xogħol dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni rigward l-RRF huma pagamenti ta' għotjiet lill-Istati Membri u/jew approvazzjonijiet ta' prefinanzjamenti preċedenti. B'kuntrast mal-biċċa l-kbira mill-infiq fl-ambitu tal-*Qafas Finanzjarju Pluriennali*, it-talbiet għall-pagament taħt l-RRF mhumiex appoġġati minn kostijiet imġarrba, iżda minn ġustifikazzjoni tal-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri. Billi s-selfiet taħt l-RRF mhumiex rikonoxxuti bħala nefqa fil-kontijiet tal-UE, dawn ma jagħmlux parti mill-awditu li wettaqna.

(7) L-ittestjar sostantiv li nwettqu jikkonsisti prinċipalment fil-valutazzjoni ta' jekk il-pagamenti taħt l-RRF sarux f'konformità mal-kundizzjonijiet ta' pagament stabbiliti fir-Regolament[42]. Meta jkun fattibbli, inkopru n-nuqqas ta' treġġigħ lura tal-miżuri li ntlaħqu preċedentement u l-finanzjament doppju. Nivvalutaw ukoll l-issodisfar ta' kundizzjonijiet oħra ta' eliġibbiltà, bħan-nuqqas ta' sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti, il-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà u l-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti"[43].

[42] Ir-Regolament, l-Artikolu 24(3).

[43] *Ibid.*, l-Artikoli 5, 9 u 17(2).

(8) L-awditu li wettaqna tar-regolarità tal-pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF lill-Istati Membri jiffoka fuq jekk l-istadji importanti u l-miri predefiniti ntlaħqux b'mod sodisfaċenti, u jekk il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ddefiniti mir-Regolament ġewx issodisfati. Dan jirrappreżenta differenza sinifikanti meta mqabbel max-xogħol tal-awditjar tagħna f'oqsma oħra tal-baġit tal-UE, fejn nivvalutaw il-konformità mar-regoli rilevanti kollha tal-UE u dawk nazzjonali sal-livell tar-riċevituri finali (eż. l-eliġibbiltà tal-kostijiet imġarrba, u l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku). Il-***Figura 11.7*** tqabbel dak li nawditjaw għall-infiq fil-qasam tal-koeżjoni u l-infiq taħt l-RRF, u turi d-differenzi bejn ix-xogħol li nwettqu fiż-żewġ oqsma.

Figura 11.7 — Ix-xogħol tal-awditjar tagħna b'rabta mar-regolarità tan-nefqa fil-qasam tal-koeżjoni u taħt l-RRF



Sors: il-QEA.

(9) Biex nilħqu l-konklużjoni tagħna, l-ewwel użajna kampjun ibbażat fuq ir-riskju biex nirrieżaminaw jekk il-Kummissjoni kinitx ġabret evidenza suffiċjenti u xierqa matul il-valutazzjonijiet preliminari li wettqet biex tappoġġa l-valutazzjoni tagħha tal-ilħuq sodisfaċenti. Jekk inqisu li l-evidenza disponibbli fil-fajls tal-Kummissjoni mhix suffiċjenti għalina biex nilħqu konklużjoni, nitolbu direttament lill-Istat Membru biex jipprovdi aktar evidenza. Inwettqu wkoll żjarat fuq il-post f'kampjun ta' Stati Membri.

(10) L-ewwel nett, nagħżlu stadji importanti ta' kontroll u stadji importanti li huma relatati mar-*reġim ġenerali ta' kundizzjonalità* għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[44]. Imbagħad napplikaw għadd ta' kriterji tar-riskju biex nagħżlu l-kampjun li jifdal.

(11) Għall-valutazzjoni tagħna ta' jekk l-istadji importanti u l-miri individwali ntlaħqux b'mod sodisfaċenti, aħna nużaw il-qafas tal-Kummissjoni[45]. F'konformità ma' dan il-qafas, jekk in-natura tal-istadju importanti (u, jekk applikabbli, in-natura tal-mira) ma tkunx tippermetti t-twettiq ta' valutazzjoni bbażata fuq elementi kwantitattivi, aħna naċċettaw devjazzjonijiet minimi fis-sustanza, fil-forma u fit-twaqqit. Għal stadji importanti jew miri li għalihom tkun possibbli li ssir valutazzjoni bbażata fuq elementi kwantitattivi, aħna naċċettaw devjazzjonijiet taħt il-5 %.

(12) Jaf naqbdu każijiet ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess, finanzjament doppju jew ksur tal-ftehim ta' finanzjament (eż. in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' informazzjoni dwar ir-riċevituri finali u ta' finanzjament minn fondi oħra tal-UE). F'dawn il-każijiet, nivvalutaw (meta jkun fattibbli) kif dawn l-"irregolaritajiet serji" għandhom impatt fuq il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF.

Kif nevalwaw ir-riżultati tal-ittestjar tat-*tranżazzjonijiet*

(13) Aħna niddeterminaw it-tip ta' kull sejba.

(14) Sejbiet kwantitattivi huma relatati ma' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-Regolament, jiġifieri l-ilħuq mhux sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri; it-treġġigħ lura tal-istadji importanti u l-miri li ntlaħqu preċedentement; in-nuqqas ta' konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà, il-prinċipju DNSH u l-finanzjament doppju.

---

[44] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092.

[45] COM(2023) 99 final.

F'konformità mal-istandards tal-awditjar, jenħtieġ li l-awditur iqis juża l-kriterji li jeżistu[46]. B'segwitu għal din il-kunsiderazzjoni, biex nikkwantifikaw l-impatt finanzjarju ta' dawn is-sejbiet, bħala bażi nużaw il-metodoloġija ta' sospensjoni tal-pagamenti applikata mill-Kummissjoni[47]. Il-metodoloġija tinvolvi approċċ fi tliet passi biex naslu għall-ammont li għandu jiġi sospiż:

(i) id-determinazzjoni tal-valur ta' unità ta' stadju importanti jew mira inklużi fi pjan;

(ii) il-korrezzjoni tal-valuri ta' unità billi jiġi applikat koeffiċjent; u

(iii) l-aġġustament tal-valur ta' unità kkoreġut.

Aħna ma nistmawx sistematikament impatt finanzjarju meta l-istadju importanti jew il-mira jintlaħqu b'mod sodisfaċenti fi żmien 6 xhur[48] wara li jkun sar il-pagament u fi ħdan is-sena awditjata.

(15) Sejbiet marbuta ma' suspett ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess jiġu kkwantifikati biss jekk ikun hemm evidenza suffiċjenti li turi li dawn għandhom impatt fuq l-ilħuq ta' stadju importanti jew mira (jiġifieri każ frodulenti li jixħet dubju fuq l-eżistenza tal-elementi, jew l-assenza totali ta' proċedura ta' akkwist).

(16) Sejbiet mingħajr impatt finanzjarju huma sejbiet kwalitattivi.

Eżaminar tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll

(17) L-eżaminar li nwettqu tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll jaf jidentifika:

(i) dgħufijiet fl-attività ta' kontroll u awditjar li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jwettqu biex tiġi żgurata r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE;

(ii) dgħufijiet fid-disponibbiltà tal-lista ta' riċevituri finali, kuntratturi, sottokuntratturi u sidien benefiċjarji;

---

[46] L-ISSAI 4000.

[47] COM(2023) 99 final, l-Anness II.

[48] Ir-Regolament, l-Artikolu 24(8).

(iii) dgħufijiet fid-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-miżura u l-finanzjament pubbliku totali involut; u

(iv) dgħufijiet fiż-żamma tar-rekords.

(18) Dawn id-dgħufijiet għandhom mnejn jolqtu r-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF fil-livell tal-Istati Membri u jirriżultaw fi rkupru (jiġifieri tnaqqis fl-ammont kumplessiv tal-pjan) wara li l-Kummissjoni tkun għamlet il-pagament lill-Istat Membru. Il-ftehimiet ta' finanzjament jipprevedu korrezzjonijiet b'rata fissa għal ksur serju, billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-frekwenza u l-firxa ta' dan il-ksur. Għall-valutazzjoni li nwettqu, inqisu d-dgħufijiet fis-sistema u l-ksur tal-ftehimiet ta' finanzjament bħala sejbiet kwalitattivi.

(19) Nivvalutaw ukoll l-awditi *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni. Dawn l-awditi jaf jidentifikaw l-istadji importanti u l-miri bħala li ma ntlaħqux b'mod sodisfaċenti. Meta jkun fattibbli, biex nifformulaw l-opinjoni tagħna, nużaw is-sejbiet li ma jkunux ġew ikkoreġuti matul is-sena tal-pagament.

Formulazzjoni tal-opinjoni tal-awditjar tagħna

(20) Il-materjalità hija kunċett fundamentali, billi tistabbilixxi l-livell ta' devjazzjoni li nqisu li x'aktarx jinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-partijiet ikkonċernati tagħna.

(21) Niddefinixxu l-materjalità fuq bażi kemm kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva.

(22) B'analoġija ma' awditi oħra, nużaw il-livell ta' 2 % bħala s-soll ta' materjalità għall-opinjoni tagħna, u nieħdu kont ukoll tan-natura, l-ammont u l-kuntest tal-iżbalji, kif ukoll informazzjoni oħra disponibbli.

(23) Is-sejbiet kwantitattivi huma element importanti biex nilħqu l-konklużjoni tagħna. Biex nivvalutaw ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF, aħna nilħqu konklużjoni, abbażi tas-sejbiet kwantitattivi, dwar kif l-ammont ta' żball stmat jitqabbel mas-soll ta' materjalità. Biex nikkalkulaw l-impatt kumplessiv tas-sejbiet kwantitattivi (inklużi dawk inizjalment identifikati mill-kontrolli *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni), bħala bażi nużaw il-metodoloġija ta' sospensjoni tal-pagamenti applikata mill-Kummissjoni.

(24) Aħna nqisu wkoll l-impatt tas-sejbiet kwalitattivi u d-dgħufijiet fis-sistema. Minbarra l-ġudizzju professjonali tagħna, aħna nieħdu inkunsiderazzjoni l-għadd ta' dawn is-sejbiet u l-materjalità tal-pagamenti milquta.

(25) L-opinjoni tal-awditjar tagħna ma tiddivulgax ammont/rata ta' żball. Minħabba l-mudell ta' nfiq tal-RRF, mhuwiex possibbli li tiġi ddeterminata rata ta' żball kumparabbli ma' dawk irrappurtati f'kapitoli oħra tal-QFP. Dan għaliex ma hemm l-ebda rabta bejn il-pagamenti taħt l-RRF u l-kostijiet imġarrba mir-riċevituri finali. Barra minn hekk, in-natura tal-istadji importanti u l-miri u l-kampjunar ibbażat fuq ir-riskju ma jippermettux l-estrapolazzjoni tar-riżultati tagħna. Għalhekk, ir-riżultat tal-ittestjar li nwettqu jipprovdi biss stima tal-ammont minimu ta' żball.

Anness 11.2 — Riżultati tal-awditjar



Stat Membru	Sejbiet kwantitattivi	Sejbiet kwalitattivi	Dgħufijiet fis-sistema	Sejbiet totali
Iċ-Ċekja (*)	3	3	1	**7**
Il-Ġermanja	0	2	0	**2**
Il-Greċja	2	4	0	**6**
Spanja	1	1	2	**4**
Franza	2	3	1	**6**
Il-Kroazja	2	2	1	**5**
L-Italja (*)	0	2	0	**2**
Il-Latvja	0	1	0	**1**
Malta	0	3	0	**3**
In-Netherlands	0	1	0	**1**
Il-Polonja	2	2	0	**4**
Il-Portugall	0	1	0	**1**
Is-Slovakkja	0	0	1	**1**
Total	**12**	**25**	**6**	**43**

(*) Kien hemm sejbiet f'aktar minn pagament wieħed fl-2024.

Sors: il-QEA.

Anness 11.3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti

Livell ta' aċċettazzjoni: aċċettata; aċċettata parzjalment; mhux aċċettata; l-ebda informazzjoni.

Livell ta' implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f'xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata; ma tistax tinsilet konklużjoni jew ma għadhiex rilevanti.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2022	**Rakkomandazzjoni 1(a):** Fil-valutazzjonijiet preliminari u l-awditi *ex post* li twettaq, tkopri l-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà u mal-prinċipju ta' nuqqas ta' sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti.			Il-valutazzjonijiet preliminari u l-awditi *ex post* tal-Kummissjoni jinkludu xi verifiki dwar il-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà, iżda mhux dwar is-sostituzzjoni tan-nefqa nazzjonali rikorrenti. Madankollu, il-kriterju użati mill-Kummissjoni biex tivvaluta l-bidu ta' miżura huwa l-bidu tax-xogħlijiet fiżiċi għall-kuntrarju tal-iffirmar tal-ewwel impenn legali.
	Rakkomandazzjoni 1(b): Tirrevedi l-proċeduri tal-awditjar *ex post* tagħha biex b'hekk dawn jipprevedu verifiki biex jiġi vverifikat jekk il-miri awditjati li preċedentement ġew ivvalutati bħala li ntlaħqu treġġgħux lura wara l-pagament.			Il-Kummissjoni aġġornat l-istrateġija tal-awditjar *ex post* biex tinkludi verifiki fuq it-treġġigħ lura. Il-listi ta' kontroll tal-awditjar li rrieżaminajna ma kinux jinkludu dawn il-verifiki, għalkemm xi rapporti kkummentaw dwar din il-problema.
	Rakkomandazzjoni 2: Abbażi tal-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni tal-RRF, tivverifika li l-pjanijiet irrieżaminati jiddefinixxu b'mod ċar l-istadji importanti u l-miri kollha u li l-elementi ewlenin kollha ta' miżura jkunu koperti minn stadji importanti u miri.			L-awditu li wettaqna fl-2024 identifika sitt pagamenti b'disa' dgħufijiet fis-CID. Dawn kollha ġew ikkoreġuti permezz ta' emenda tas-CID.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2023	**Rakkomandazzjoni 1:** Tapplika kriterji aktar stretti għall-valutazzjoni tal-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà.	⊗	☒	Ma ġietx aċċettata u ma ġietx implimentata.
	Rakkomandazzjoni 2: Tiddefinixxi kriterji speċifiċi għall-valutazzjoni tas-sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti.	✓	▰	L-Anness III tar-rapport annwali tal-RRF għall-2024 jipprovdi l-kriterji użati mill-Kummissjoni biex tivvaluta s-sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti.
	Rakkomandazzjoni 3: Tindirizza d-dgħufijiet li fadal fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri.	✓	▱	Il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar *ex post* tal-Kummissjoni li mhumiex implimentati huma bbażati fuq dgħufijiet li nqabdu fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri. Dawn id-dgħufijiet joħolqu riskju għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, b'impatt potenzjali fuq ir-regolarità tan-nefqa. Għal 64 % tar-rakkomandazzjonijiet kritiċi jew importanti ħafna li għadhom miftuħa, id-data ta' skadenza stabbilita fir-rapport tal-awditjar finali tal-Kummissjoni għaddiet.
	Rakkomandazzjoni 4: Tipprovdi aċċertament dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri.	⊗	☒	Ma ġietx aċċettata u ma ġietx implimentata.

Sors: il-QEA.

Kapitolu 12

Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali tagħna mill-2021

Werrej

Paragrafu

Introduzzjoni **12.1. - 12.3.**

Deskrizzjoni qasira **12.1.**

Ambitu u approċċ **12.2. - 12.3.**

Osservazzjonijiet **12.4. - 12.20.**

Kważi r-rakkomandazzjonijiet kollha mir-rapporti speċjali tagħna tal-2021 ġew aċċettati mill-entitajiet awditjati minna **12.4.**

Żdied il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti **12.5. - 12.6.**

Mir-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea, 77 % ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti **12.7. - 12.12.**

Mir-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lil entitajiet oħra awditjati minna, 75 % ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti **12.13. - 12.16.**

Żdied il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati b'mod f'waqtu **12.17. - 12.18.**

Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mal-istadju ta' implimentazzjoni tal-politiki jew tal-*programmi* juru l-ogħla livell ta' aċċettazzjoni, implimentazzjoni u puntwalità **12.19. - 12.20.**

Konklużjoni **12.21.**

Annessi

Anness 12.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2021 — il-Kummissjoni Ewropea

Anness 12.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2021 — Entitajiet awditjati oħra

Introduzzjoni

Deskrizzjoni qasira

12.1. Kull sena, aħna nirrieżaminaw il-punt sa fejn l-entitajiet awditjati minna jkunu ħadu azzjoni b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tagħna 3 snin wara li nkunu għamilniehom. Dan is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tagħna huwa pass importanti fiċ-ċiklu tal-awditjar. Huwa jipprovdilna feedback dwar jekk l-entitajiet awditjati minna jkunux implimentaw l-azzjonijiet li rrakkomandajna u jekk il-problemi li qajjimna jkunux ġew indirizzati. Huwa importanti wkoll fit-tfassil u l-ippjanar tax-xogħol tal-awditjar futur tagħna u biex jinżamm kont tar-riskji.

Ambitu u approċċ

12.2. Din is-sena, aħna analizzajna rakkomandazzjonijiet mis-27 rapport speċjali kollha li ppubblikajna fl-2021. B'kollox wettaqna segwitu ta' 245 rakkomandazzjoni. Minn dawn, 194 kienu indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea. Il-51 rakkomandazzjoni li jifdal kienu indirizzati lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), lis-*Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna* (SEAE), lill-*Awtorità Bankarja Ewropea* (EBA), lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (*Frontex*), lill-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi* (Europol), u lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB). Bħalma ġara fil-passat, ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati unikament lill-Istati Membri kienu lil hinn mill-ambitu tax-xogħol ta' segwitu li wettaqna.

12.3. Biex inwettqu x-xogħol ta' segwitu tagħna użajna analiżijiet dokumentarji u wettaqna intervisti mal-entitajiet awditjati. Biex naraw li żgur isir rieżaminar ġust u bbilanċjat, bgħatna s-sejbiet tagħna lill-entitajiet awditjati u ħadna kont tar-risposti tagħhom fl-analiżi finali tagħna. Biex nevitaw ir-ripetizzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet huma elenkati taħt l-entità awditjata li għaliha kienu prinċipalment indirizzati. Ir-*riżultati* ta' xogħolna jirriflettu s-sitwazzjoni fi tmiem April 2025.

Osservazzjonijiet

Kważi r-rakkomandazzjonijiet kollha mir-rapporti speċjali tagħna tal-2021 ġew aċċettati mill-entitajiet awditjati minna

12.4. Mill-245 rakkomandazzjoni li wettaqna segwitu tagħhom, l-entitajiet awditjati minna aċċettaw bis-sħiħ jew parzjalment 239 (98 %) u ma aċċettawx 6 (2 %). Meta mqabbel mas-sena preċedenti, żdied il-proporzjon ta' rakkomandazzjonijiet li ġew aċċettati bis-sħiħ mill-entitajiet awditjati minna, minn 80 % għal 88 % (ara l-***Figura 12.1***).

Figura 12.1 — Aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tagħna tal-2020 u tal-2021, mill-entitajiet awditjati minna



Sors: il-QEA.

Żdied il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti

12.5. Id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni ta' 11 mill-245 rakkomandazzjoni li wettaqna segwitu tagħhom kienet għadha ma għaddietx saż-żmien meta għamilna r-rieżaminar ta' segwitu. Mill-234 rakkomandazzjoni li jifdal, l-entitajiet awditjati minna implimentaw bis-sħiħ 134 (57 %). Huma implimentaw 44 rakkomandazzjoni oħra (19 %) fil-biċċa l-kbira mill-aspetti (ara l-***Figura 12.2***).

12.6. Meta mqabbel mas-sena preċedenti, il-proporzjon totali tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti żdied minn 68 % għal 76 %. Naqas il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ma ġewx implimentati, minn 11 % għal 6 %. Meta l-entitajiet awditjati minna ma implimentawx ir-rakkomandazzjonijiet tagħna, f'madwar terz tal-każijiet dan kien minħabba li huma ma kinux aċċettawhom. L-***Anness 12.1*** u l-***Anness 12.2*** juru l-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet f'aktar dettall.

Figura 12.2 — Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tagħna tal-2020 u tal-2021, mill-entitajiet awditjati minna



Sors: il-QEA.

Mir-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea, 77 % ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti

12.7. L-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lill-Kummissjoni kien ta' 194. Id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni ta' 11-il rakkomandazzjoni kienet għadha ma għaddietx saż-żmien meta għamilna r-rieżaminar ta' segwitu. Mill-183 rakkomandazzjoni li jifdal, il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ 100 (55 %) u implimentat 40 (22 %) oħra fil-biċċa l-kbira mill-aspetti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni implimentat 34 (18 %) f'xi wħud mill-aspetti, u 8 (4 %) ma implimentathom xejn (ara l-***Figura 12.3***). F'każ wieħed (1 %), ma kienet meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-istatus ta' implimentazzjoni, billi aħna qisna li r-rakkomandazzjoni ma għadhiex rilevanti.

12.8. Meta mqabbel mas-sena preċedenti, il-proporzjon totali tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti żdied minn 68 % għal 77 %. Naqas il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ma ġewx implimentati, minn 11 % għal 4 %.

Figura 12.3 — Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tagħna tal-2020 u tal-2021, li kienu indirizzati lill-Kummissjoni



Sors: il-QEA.

12.9. L-***Anness 12.1*** juri f'aktar dettall l-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lill-Kummissjoni. Jipprovdi wkoll deskrizzjonijiet qosra tat-titjib u tad-dgħufijiet li jifdal li jolqtu, pereżempju, ir-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti.

12.10. Xi drabi l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, dwar jekk u sa liema punt ir-rakkomandazzjonijiet ikunu ġew implimentati, tkun differenti minn dik li nwettqu aħna. Jekk il-Kummissjoni tqis li rakkomandazzjoni tkun ġiet implimentata bis-sħiħ, normalment tieqaf milli twettaq segwitu tagħha, anki jekk il-valutazzjoni li nwettqu tal-livell ta' implimentazzjoni tkun differenti.

12.11. Fl-eżerċizzji ta' segwitu li wettaqna mill-2022 u l-2023, ivvalutajna li 71 rakkomandazzjoni mir-rapporti speċjali tagħna tal-2019 u 89 rakkomandazzjoni mir-rapporti speċjali tagħna tal-2020 kienu għadhom pendenti[1]. Din is-sena, 126 minn dawk il-160 rakkomandazzjoni baqgħu ma ġewx implimentati u ma baqgħux jingħataw segwitu mill-Kummissjoni (ara l-***Figura 12.4***). Il-Kummissjoni ma kinitx aċċettat 21 minn dawk il-126 rakkomandazzjoni fir-rapporti speċjali nfushom. Qieset li l-105 rakkomandazzjonijiet li jifdal kienu ġew implimentati bis-sħiħ saż-żmien tal-eżerċizzji ta' segwitu tal-aħħar sentejn, għalkemm il-valutazzjoni li wettaqna kienet differenti.

[1] Ir-Rapport Annwali 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, il-paragrafi 3.89–3.95, u r-Rapport Annwali 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, il-paragrafi 3.73–3.76.

Figura 12.4 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2019 u tal-2020 li ma ġewx implimentati bis-sħiħ mill-Kummissjoni matul l-eżerċizzji ta' segwitu li wettaqna fis-sentejn preċedenti



Sors: il-QEA.

12.12. Il-Kummissjoni kompliet twettaq segwitu tal-34 rakkomandazzjoni li jifdal mill-160 li ma kinux ġew implimentati bis-sħiħ. Il-Kummissjoni tqis li, minn dak iż-żmien 'il hawn, hija lestiet l-implimentazzjoni ta' 18 minn dawk l-34 rakkomandazzjoni. Filwaqt li napplikaw l-approċċ ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet pendenti li ntużaw għall-aħħar żewġ eżerċizzji ta' segwitu li wettaqna (mir-rapporti speċjali tagħna tal-2019 u tal-2020), aħna nkomplu nimmonitorjaw każijiet bħal dawn billi nanalizzaw id-*data* pprovduta mill-Kummissjoni, iżda ma eżaminajnihomx fid-dettall.

Mir-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lil entitajiet oħra awditjati minna, 75 % ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti

12.13. Ir-Rapporti Speċjali 01/2021, 08/2021, 09/2021, 13/2021 u 19/2021 b'kollox kien fihom 51 rakkomandazzjoni li kienu indirizzati lill-entitajiet awditjati għajr il-Kummissjoni Ewropea. Dawn kienu l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB).

12.14. Dawn l-entitajiet awditjati implimentaw bis-sħiħ 34 (67 %) rakkomandazzjoni, implimentaw 4 oħra (8 %) fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u implimentaw 7 (13 %) f'xi wħud mill-aspetti (ara l-***Figura 12.5***).

12.15. Meta mqabbel mas-sena preċedenti, il-proporzjon totali tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira naqas minn 78 % għal 75 %, u baqa' relattivament stabbli l-proporzjon totali tar-rakkomandazzjonijiet li ma ġewx implimentati jew li ġew implimentati biss f'xi wħud mill-aspetti.

Figura 12.5 — Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tagħna tal-2020 u tal-2021, li kienu indirizzati lill-entitajiet awditjati għajr il-Kummissjoni



Sors: il-QEA.

12.16. L-*Anness 12.2* jagħti ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-istatus ta' implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Jipprovdi wkoll deskrizzjonijiet qosra tat-titjib li sar u tad-dgħufijiet li jifdal b'rabta mar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti.

Żdied il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati b'mod f'waqtu

12.17. L-iskedi ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet jiġu diskussi u maqbula mal-entità awditjata u jiġu speċifikati fir-rapporti speċjali tagħna biex żgur ikunu ċari għall-partijiet kollha kkonċernati.

12.18. Meta mqabbel mas-sena preċedenti, il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati b'mod f'waqtu żdied minn 52 % għal 56 %, filwaqt li l-proporzjon mingħajr azzjoni meħuda naqas minn 11 % għal 6 % (ara l-*Figura 12.6*). Il-puntwalità tal-azzjonijiet meħuda mill-entitajiet awditjati biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħna għadha ma ġietx lura għal-livell ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19 (60 % jew ogħla).

Figura 12.6 — Il-puntwalità tal-azzjonijiet meħuda mill-entitajiet awditjati biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tagħna tal-2020 u tal-2021



Sors: il-QEA.

Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mal-istadju ta' implimentazzjoni tal-politiki jew tal-*programmi* juru l-ogħla livell ta' aċċettazzjoni, implimentazzjoni u puntwalità

12.19. Ikklassifikajna r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tagħna tal-2021 skont l-istadju fiċ-ċiklu ta' politika li jiffukaw fuqu: stadju ta' tfassil, stadju ta' implimentazzjoni, u stadju ta' rieżaminar (monitoraġġ u evalwazzjoni). Permezz ta' din il-klassifikazzjoni stajna nanalizzaw jekk hemmx differenzi bejn it-tliet stadji ta' politika fir-rigward tal-livell ta' aċċettazzjoni, il-livell ta' implimentazzjoni u l-puntwalità tal-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tagħna.

12.20. Fir-rigward tal-istadji ta' politika, 28 % tar-rakkomandazzjonijiet tagħna kienu relatati mal-istadju ta' tfassil, 56 % mal-istadju ta' implimentazzjoni, u 17 % mal-istadju ta' rieżaminar. Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mal-istadju ta' implimentazzjoni tal-politika kellhom perċentwal ogħla ta' aċċettazzjoni (94 %) meta mqabbel mal-istadju ta' rieżaminar (84 %) jew mal-istadju ta' tfassil (81 %). Il-perċentwal totali tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira kien l-ogħla fl-istadju ta' implimentazzjoni (78 %). Il-puntwalità tal-azzjonijiet meħuda mill-entitajiet awditjati biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħna kienet l-aktar baxxa fl-istadju ta' rieżaminar u kienet l-ogħla fl-istadju ta' implimentazzjoni. Ir-riżultati fid-dettall tal-analiżi li wettaqna huma ppreżentati fil-***Figura 12.7***.

Figura 12.7 — Livell ta' aċċettazzjoni, implimentazzjoni u puntwalità skont l-istadju fiċ-ċiklu ta' politika



Sors: il-QEA.

Konklużjoni

12.21. L-analiżi li wettaqna turi li l-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2021 li ġew aċċettati bis-sħiħ jew parzjalment mill-entitajiet awditjati minna żdied minn 93 % s-sena l-oħra għal 98 % din is-sena. Il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti żdied minn 68 % s-sena l-oħra għal 76 % din is-sena, u l-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati b'mod f'waqtu żdied minn 52 % għal 56 %. Dan tal-aħħar għadu ma ġiex lura għal-livell ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19, ta' 60 % jew ogħla. L-analiżi li wettaqna biex nivverifikaw jekk hemmx differenzi bejn it-tliet stadji fiċ-ċiklu ta' politika (l-istadju ta' tfassil, l-istadju ta' implimentazzjoni, u l-istadju ta' rieżaminar) uriet li r-rakkomandazzjonijiet relatati mal-istadju ta' implimentazzjoni tal-politiki jew tal-programmi juru l-ogħla livell ta' aċċettazzjoni, implimentazzjoni u puntwalità.

Annessi

Anness 12.1 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2021 — il-Kummissjoni Ewropea

Livell ta' aċċettazzjoni: aċċettata; parzjalment aċċettata; mhux aċċettata.

Livell ta' implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f'xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata; ma tistax tinsilet konklużjoni jew ma għadhiex rilevanti.

Livell ta' puntwalità: f'waqtha; imdewma; id-data ta' skadenza għadha pendenti; l-ebda azzjoni ta' segwitu; l-ebda valutazzjoni tal-puntwalità.

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 01/2021: "Ippjanar tar-riżoluzzjonijiet fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni"	4	121			Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 02/2021: "Għajnuna umanitarja li tingħata mill-UE għall-edukazzjoni — Tgħin lit-tfal fil-bżonn, iżda jenħtieġ li tkun fuq żmien itwal u tilħaq aktar bniet"	1	68	✓			
	2(a)	68	✓			
	2(b)	68	✓			
	2(c)	68	✓			
	3(a)	69	✓			
	3(b)	69	✓			
	4(a)	70	✓		L-esperti tal-Kummissjoni janalizzaw il-kostijiet u l-kosteffiċjenza ta' kull proposta ta' proġett. Huma jżidu wkoll kumment qasir dwar ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni fid-dashboard, li huwa tabella li turi l-proposti kollha li jkunu waslu għal sejħa partikolari. Id-dettalji tal-analiżi tal-kostijiet li ssir mill-esperti ma jiġux iddokumentati fid-dashboard jew fl-għodda operazzjonali għas-segwitu tal-proġetti ta' għajnuna umanitarja (FichOp). It-tqabbil isir mal-medja tal-kost tal-Edukazzjoni f'Emerġenzi (EiE) għal kull *benefiċjarju*, stabbilita fil-pjan ta' rispons umanitarju mir-raggruppament tal-edukazzjoni nazzjonali, aktar milli mal-kost ta' proġetti simili ffinanzjati mill-Kummissjoni. Fil-każ ta' estensjonijiet tal-proġett, l-esperti jqabblu l-kostijiet mal-istadji aktar bikrija tal-proġett.	
	4(b)	70	✓		Ara l-kummenti dwar ir-Rakkomandazzjoni 4(a).	

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	4(c)	70				
	5	71				
RS 03/2021: "L-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa fl-UE — Sies sod, xquq fl-implimentazzjoni"	1(a)	108			Filwaqt li l-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tagħna, il-proposta leġiżlattiva tagħha ġiet emendata sostanzjalment mill-koleġiżlaturi.	
	1(b)	108			Ara l-kummenti dwar ir-Rakkomandazzjoni 1(a).	
	2(a)	110				
	2(b)	110				
	2(c)	110			Għad trid tiġi żviluppata gwida bil-miktub dwar l-elementi speċifiċi msemmija fir-rakkomandazzjoni (l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (DAC), it-twettiq ta' analiżi tar-riskju, u l-użu tal-informazzjoni riċevuta dwar it-taxxa). L-għarfien miksub fil-kuntest taż-żjarat fl-Istati Membri rigward id-DAC, kif ukoll il-kontributi għax-xogħol imwettaq mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, huma bażi tajba għall-iżvilupp ta' din il-gwida.	
	5	120				

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 04/2021: "Kontrolli doganali — Armonizzazzjoni insuffiċjenti tfixkel l-interessi finanzjarji tal-UE"	1(a)	63				
	1(b)	63				
	1(c)	63				
	1(d)	63			Fl-2021 il-Kummissjoni aġġornat il-gwida dwar il-kriterji tar-riskju finanzjarju (FRC) billi żiedet diversi dettalji dwar l-applikazzjoni tal-qafas għal dikjarazzjonijiet simplifikati. Fl-2023, hija vvalutat sa liema punt il-profili tar-riskju tal-Istati Membri koprew tipi differenti ta' dikjarazzjonijiet. Il-Kummissjoni ma ħaditx azzjoni biex tara li l-lakuni li jeżistu fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-FRC min-naħa tal-Istati Membri żgur huma koperti b'mod xieraq.	
	1(e)	63			L-informazzjoni dwar l-*operaturi ekonomiċi* ta' interess tista' tiġi estratta mis-Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskji Doganali l-ġdida (CRMS2) għal sinjali ta' riskju individwali. Il-Kummissjoni ma żviluppatx bażijiet ta' *data* ta' riskju għall-UE kollha biex jintużaw mill-Istati Membri, bħal listi komuni ta' operaturi ekonomiċi ta' interess.	
	1(f)	63				

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	2(a)	64	✓		Il-proposta tal-Kummissjoni għal riforma doganali (COM(2023) 258 final) tipprevedi l-ħolqien ta' funzjoni ċentrali fil-livell tal-UE biex tiggwida aħjar l-isforzi kumplessivi tal-kontroll doganali (l-Awtorità Doganali tal-UE). L-Artikoli 238 u 265 tar-regolament propost jiddikjaraw li l-Awtorità Doganali tal-UE se tkun kompletament operazzjonali sal-2028 u l-Pjattaforma tad-*Data* Doganali tal-UE sal-31 ta' Diċembru 2037 (b'xi *dispożizzjonijiet* li jibdew diġà mill-2028). Filwaqt li diversi dispożizzjonijiet mill-proposta tal-Kummissjoni għandhom l-għan li jindirizzaw ir-rakkomandazzjoni tagħna, aħna ninnutaw li r-regolament propost għadu ma ġiex adottat u l-implimentazzjoni reali tiegħu se tiddependi mid-data tal-adozzjoni tiegħu u mid-dispożizzjonijiet finali adottati.	
	2(b)	64	✓		Ara l-kummenti dwar ir-Rakkomandazzjoni 2(a).	
	2(c)	64	✓		Ara l-kummenti dwar ir-Rakkomandazzjoni 2(a).	
RS 05/2021: "Infrastruttura għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi — Aktar stazzjonijiet għall-iċċarġjar iżda vjaġġar ikkumplikat madwar l-UE minħabba l-installazzjoni irregolari tagħhom"	1	72	✓			
	2	74	✓			
	3	77	✓			
	4(a)	77	✓			
	4(b)	77	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	4(c)	77			Billi l-istudji ma kinux eliġibbli taħt is-sejħiet tal-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi tal-2021 u l-2023 tal-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa* (FNE), kien inutli li l-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji oġġettivi għall-għadd, it-tip u l-post tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar li huma aċċettabbli għal studji ta' dan it-tip.	
	5(a)	80				
	5(b)	80				
	5(c)	80			L-analiżi *ex post* li l-Kummissjoni wettqet dwar l-użu u l-*prestazzjoni* tal-infrastruttura appoġġata fuq bażi ta' kampjun/riskju għadha pendenti sakemm jintlaħaq stadju matur ta' implimentazzjoni.	
RS 06/2021: "L-i*strumenti finanzjarji* taħt il-politika ta' koeżjoni fl-*għeluq* tal-perjodu 2007–2013 — B'mod ġenerali x-xogħol ta' verifikazzjoni ta riżultati tajbin, iżda għad fadal xi *żbalji*"	1	88				
	2	88				

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 07/2021: "Il-programmi spazjali tal-UE *Galileo* u Copernicus — Is-servizzi ġew varati, iżda l-adozzjoni teħtieġ spinta ulterjuri"	1(a)	93	✓		Il-pubblikazzjoni fil-15 ta' Lulju 2024 tad-*dokument ta' ħidma tal-persunal* dwar l-istatus tal-użu mill-utenti hija l-ewwel pass importanti lejn strateġija komprensiva. L-istrateġija għadha ma ġietx adottata.	
	1(b)	93	✓		Ittieħdu l-ewwel passi, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tittejjeb l-adozzjoni mill-utenti permezz ta' programmi ta' kollaborazzjoni nazzjonali, attivitajiet għas-settur spazjali downstream, u ċ-Ċentru ta' Għarfien dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja l-ġdid. Madankollu, il-Kummissjoni ma pprovdietx aktar informazzjoni dwar fejn is-servizzi spazjali tal-UE jistgħu jtejbu l-*effiċjenza* u l-*effettività* tal-amministrazzjonijiet pubbliċi bil-ħsieb li tindirizza l-istruttura frammentata tas-swieq.	
	2(a)	96	✓		Il-Kummissjoni, flimkien ma' entitajiet oħra, żviluppat u ppubblikat qafas kunċettwali biex tivvaluta l-benefiċċji tal-Programm Spazjali tal-UE. Il-qafas jissuġġerixxi li jiġu monetizzati xi indikaturi (mhux soċjoekonomiċi) li mhumiex ibbażati fuq metodi jew sorsi tad-*data* sodi, u għalhekk mhumiex affidabbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma pprovdietx *data* li tippermetti valutazzjoni aktar preċiża tal-benefiċċji soċjoekonomiċi, li hija essenzjali għal qafas ta' dan it-tip.	

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	2(b)	96	✓		Ir-Regolament (UE) 2021/696 jiddefinixxi l-objettivi prinċipali u speċifiċi għall-Programm Spazjali tal-UE. Ir-rabta bejn l-objettivi prinċipali u speċifiċi mhux dejjem hija ċara u l-indikaturi mhux dejjem jistgħu jkunu marbuta ma' objettivi speċifiċi. Il-Kummissjoni ma pprovdietx stadji importanti jew miri għal kull indikatur. Il-metodu u s-sorsi tad-data għall-kalkolu tagħhom mhux dejjem ikunu ċari.	
	3(a)	101	✓			
	3(b)	101	✓		Il-programmi ta' kollaborazzjoni nazzjonali (NCPs) implimentati mis-servizzi ta' Copernicus, l-Aġenzija tal-UE għall-attivitajiet tal-Programm Spazjali għas-settur spazjali downstream, u ċ-Ċentru ta' Għarfien dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja huma passi importanti lejn adozzjoni strutturata u huma komplementari għall-azzjoni meħuda mill-Istati Membri. Madankollu, parti sinifikanti mir-rakkomandazzjoni għad trid tiġi implimentata biex żgur ikun hemm komplementarjetà bejn l-inizjattivi ta' Copernicus u dawk tal-Istati Membri.	
	3(c)	101	✓		Bl-infrastruttura tal-Ekosistema tal-Ispazju tad-*Data* ta' Copernicus (CDSE), ittieħed approċċ aktar integrat għall-għoti ta' aċċess għad-*data* ta' Copernicus. Is-CDSE timmira attivament li tintegra ma' infrastruttura oħra tad-*data* u tespandi l-għadd u l-kwalità tas-servizzi tad-*data*. Madankollu, il-Kummissjoni ma pprovdietx informazzjoni dwar il-punt sa fejn indirizzat il-frammentazzjoni tad-*data* u l-prodotti ta' Copernicus.	

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	4(a)	104				
	4(b)	104			L-identifikazzjoni tal-ostakli u l-ħolqien tad-dashboard, biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-istrateġiji spazjali differenti tal-Istati Membri u d-*data* ekonomika bażika relatata mal-ispazju, huma passi importanti lejn it-tneħħija tal-ostakli għall-adozzjoni. Id-dashboard għad irid jiġi implimentat bis-sħiħ. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri mbagħad se jkollhom jaġixxu u jneħħu l-ostakli li jeżistu (pereżempju, b'qafas regolatorju xieraq) u b'hekk jappoġġaw aħjar l-adozzjoni tas-servizzi spazjali.	
	4(c)	104				
RS 08/2021: "L-appoġġ li l-Frontex tagħti lill-ġestjoni tal-*fruntieri esterni* — Mhuwiex suffiċjentement effettiv sal-ġurnata tal-lum"	1(c)	90				
	2(b)	92				
	3(c)	94			Meta wettqet l-evalwazzjoni tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-Kummissjoni ma analizzatx il-benefiċċji potenzjali tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-Frontex għal livell reġjonali u dak tal-UE.	

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 09/2021: "Id-dižinformazzjoni taffettwa lill-UE — Qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata"	1(a)	111				
	1(b)	111				
	1(c)	111				
	1(d)	111			Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 630 tipprovdi informazzjoni dwar sorsi differenti ta' finanzjament biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea kontra d-dižinformazzjoni. L-informazzjoni ppubblikata ma tinkludix informazzjoni fil-qosor dwar in-nefqa li saret biex jiġu implimentati l-azzjonijiet.	
	4(a)	117				
	4(b)	117				
	4(c)	117				
	5(a)	119			Għalkemm il-Kummissjoni tejbet l-attivitajiet ta' koordinazzjoni tagħha b'rabta mal-litteriżmu fil-media u ħejjiet dokument li jimmappja l-inizjattivi li jeżistu, għad ma hemm fis-seħħ l-ebda strateġija ġenerali għal-litteriżmu fil-media.	
	5(b)	119			F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni ffirmat kuntratt għal studju biex tiġi rieżaminata r-riċerka eżistenti dwar l-*impatt* tal-attivitajiet ta' litteriżmu fil-media. Għal raġunijiet legali, il-kuntratt ġie tterminat f'nofs l-2024. Il-Kummissjoni għadha ma adottatx strateġija ġenerali għal-litteriżmu fil-media.	

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	5(c)	119	✓		Il-Kummissjoni tejbet konsiderevolment il-koordinazzjoni biex trawwem sinerġiji għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni. Madankollu, għad ma hemm fis-seħħ l-ebda strateġija ġenerali għal-litteriżmu fil-media.	
	6(a)	120	✓			
	6(b)	120	✓			
	6(c)	120	✓			
RS 10/2021: "L-*integrazzjoni* tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE — Wasal iż-żmien li l-kliem jissarraf f'azzjoni"	1(a)	103	✓			
	1(b)	103	✓			
	1(c)	103	✓			
	1(d)	103	✓			
	2(a)	104	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	2(b)	104			Il-Kummissjoni aġġornat il-linji gwida u s-sett ta' għodod tagħha għal *regolamentazzjoni aħjar*. L-aġġornament tar-regolamentazzjoni aħjar jappoġġa l-identifikazzjoni, l-għażla, u l-valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva aħjar tal-impatti sinifikanti fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-*valutazzjonijiet tal-impatt* u fl-evalwazzjonijiet, fi ħdan il-limiti tad-*data* disponibbli, filwaqt li josserva l-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar ta' analiżi proporzjonata. Il-Kummissjoni għadha ma wettqitx analiżijiet tal-ġeneru fir-rigward tal-ħtiġijiet u tal-impatti għal programmi u strumenti ta' finanzjament tal-UE, u lanqas ma rrappurtat dwar ir-riżultati ta' dawn l-analiżijiet fil-valutazzjonijiet tal-impatt, fl-evalwazzjonijiet jew fir-rappurtar annwali dwar il-prestazzjoni.	
	3(a)	105				
	3(b)	105				
	3(c)	105			Ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata parzjalment permezz tas-sett ta' għodod għal regolamentazzjoni aħjar rivedut tal-2021 (għodda #43, "Arranġamenti u indikaturi ta' monitoraġġ") u fil-kuntest tar-*Regolament Finanzjarju* l-ġdid, li ilu japplika mit-30 ta' Settembru 2024. Il-Kummissjoni mhux se tkun tista' timplimenta l-partijiet prinċipali tar-rakkomandazzjoni qabel ma tibda tħejji l-kontenut tal-proposti leġiżlattivi futuri.	
	4(a)	107				

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	4(b)	107			Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid, li ilu japplika mit-30 ta' Settembru 2024, jista' jiffaċilita l-kunsiderazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri waqt it-tħejjija tal-*qafas finanzjarju pluriennali* (QFP) li jmiss. Il-Kummissjoni għadha ma inkludietx objettivi relatati mal-ġeneru u indikaturi tal-prestazzjoni għall-proposti leġiżlattivi futuri, billi l-proposti għall-QFP ta' wara l-2027 għadhom ma ġewx adottati.	
	5(a)	108			Il-Kummissjoni żviluppat sistema għat-traċċar tal-fondi li jiġu allokati u użati għall-appoġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li tista' tiġi applikata għall-programmi ta' finanzjament kollha tal-UE, inkluża l-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza*. Il-metodoloġija ta' traċċar tas-sistema ma tiħux inkunsiderazzjoni l-effetti negattivi potenzjali u l-Kummissjoni tagħmel użu estensiv mill-punteġġ tal-ġeneru 0* (bejn wieħed u ieħor 20 % tal-baġit tal-UE). Dan il-punteġġ ifisser li l-kontribut tal-programm għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhuwiex ċar.	
	5(b)	108				
	5(c)	108			Il-Kummissjoni ma bdietx tanalizza x-xerqien li perċentwal tal-baġit tal-UE jiġi propost biex jintuża għall-appoġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Hija tqis li l-iskeda ta' żmien għal din l-analiżi tiddependi mit-tħejjija tal-QFP li jmiss.	
	6	109				

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 11/2021: "Appoġġ eċċezzjonali għall-produtturi tal-ħalib fl-UE fil-perjodu 2014–2016 — Potenzjal għal titjib fl-effiċjenza futura"	1(a)	83	✓			
	1(b)	83	✓			
	2(a)	87	✗		Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	
	2(b)	87	✓			
	3	89	✓			
RS 12/2021: "Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas — Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE"	1(a)	72	✓			
	1(b)	72	✓			
	2(a)	73	✓		L-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali (ELD), li għandha l-għan li tivvaluta l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, u l-valur miżjud tal-UE tal-kriterji tal-ELD, għaddiet mill-*konsultazzjoni bejn is-servizzi*. L-evalwazzjoni tal-ELD għad trid tiġi ppubblikata.	
	2(b)	73	✓		Ara l-kummenti dwar ir-Rakkomandazzjoni 2(a).	

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	3(a)	74	✓		Il-Kummissjoni tat bidu għal xi azzjonijiet ta' informazzjoni diretti lejn il-persunal tagħha u oħrajn li jindirizzaw lill-*awtoritajiet maniġerjali* direttament. Hija meħtieġa azzjoni aktar sostanzjali min-naħa tal-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, biex l-użu tal-fondi tal-UE għat-tindif tat-tniġġis żgur isir bil-kundizzjoni li jiġi vverifikat li l-awtoritajiet rilevanti jkunu ħadu l-passi kollha meħtieġa biex min iniġġes jintalab iħallas għat-tniġġis li għalih ikun responsabbli.	
	3(b)	74	✓		Il-Kummissjoni ħadet xi azzjonijiet limitati biex tippromwovi l-użu ta' strumenti ta' sigurtà finanzjarja għar-responsabbiltajiet tal-ELD (materjali ta' taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma, analiżi tas-sitwazzjoni attwali tal-adozzjoni tal-istrumenti ta' sigurtà finanzjarja). Jeħtieġ li l-Kummissjoni tieħu azzjoni aktar sostanzjali biex teżamina bis-sħiħ l-ambitu għal bidliet leġiżlattivi li jirrikjedu l-użu ta' sigurtà finanzjarja għal riskji ambjentali għall-operaturi.	

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 13/2021: "L-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fis-settur bankarju huma frammentati u l-implimentazzjoni mhijiex suffiċjenti"	1(a)	115	✓		Fl-2022, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tagħha dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwaw is-suq intern u li huma relatati ma' attivitajiet transfruntiera (COM(2022) 554 final), Din il-valutazzjoni aggregata ppubblikata rriflettiet id-dimensjoni ġeografika u pprijoritizzat ir-riskji sa livell limitat (għal settur wieħed). Fir-rieżami tal-qafas tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu li ġie ppubblikat f'Ġunju 2024, il-mandat tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-Unjoni ġie emendat biex b'hekk jinkludi referenza speċifika għal "oqsma u setturi", iżda sa issa għadu ma ġiex applikat fil-prattika. B'mod ġenerali, l-inklużjoni tad-dimensjoni ġeografika u l-prijoritizzazzjoni tar-riskji għadhom limitati ħafna.	
	1(b)	115	✓		Il-Kummissjoni applikat metodoloġija ġdida fil-produzzjoni tal-lista ta' pajjiżi terzi, li huwa mistenni li tgħin biex jiġu integrati aħjar sorsi differenti ta' informazzjoni. B'riżultat ta' dan, għadd ta' pajjiżi ġew inklużi fil-lista awtonoma tal-UE, iżda din tibqa' eċċezzjoni minħabba restrizzjonijiet fir-riżorsi.	
	1(c)	115	✓			
	2	117	✓			
	3(a)	120	✓			
	3(b)	120	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	3(c)	120	✓			
RS 14/2021: "Kooperazzjoni Interreg — Il-potenzjal tar-reġjuni transfruntieri tal-Unjoni Ewropea għadu ma ġiex sfruttat bis-sħiħ"	1(b)	97	✓			
	3(a)	99	✓			
	3(b)	99	✓			
RS 15/2021: "Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru matul il-pandemija tal-COVID-19 — Id-drittijiet ewlenin mhumiex protetti minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni"	1(a)	76	✓			
	1(b)	76	✓			
	1(c)	76	✓			
	1(d)	76	✓			
	1(e)	76	✓		Il-Kummissjoni ħadet xi azzjoni iżda ma għamlitx proposti leġiżlattivi biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' kriżi ta' likwidità jew l-insolvenza tat-trasportaturi, pereżempju billi tirrieżamina r-regoli dwar l-idoneità finanzjarja tal-linji tal-ajru.	
	2(a)	78	✓			
	2(b)	78	✓			
	3(a)	79	✓			
	3(b)	79	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	3(c)	79	✓		Il-Kummissjoni vvalutat l-effettività tal-infurzar tal-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi skont ir-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi, inkluż l-użu tas-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni ma għamlitx proposti biex tindirizza d-dgħufijiet identifikati fl-infurzar tar-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi.	
	4	80	✓			
RS 16/2021: "Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima — Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu"	1(a)	93	✓			
	1(b)	93	✓			
	1(c)	93	✓		Il-Kummissjoni tat parir lill-Istati Membri dwar il-miżuri li jkunu l-aktar effettivi fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) mill-bhejjem u mill-fertilizzanti. L-impatt stmat tal-azzjonijiet inklużi fil-pjanijiet finali tal-*politika agrikola komuni* għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bhejjem u mill-fertilizzanti huwa limitat wisq biex jitqies effettiv.	
	2(a)	94	✓			
	2(b)	94	✓			
	3(a)	95	✗		Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	
	3(b)	95	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 17/2021: "Il-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi rigward ir-riammissjoni — Azzjonijiet rilevanti taw riżultati limitati"	1 (l-ewwel inċiż)	124	✓			
	1 (it-tieni inċiż)	124	✓			
	2 (l-ewwel inċiż)	125	✓			
	2 (it-tieni inċiż)	125	✓			
	3	127	✓			
	4 (l-ewwel inċiż)	135	✓			
	4 (it-tieni inċiż)	135	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 18/2021: "Is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni tal-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku — Għodda xierqa li teħtieġ simplifikazzjoni"	1(a)	94	✓	Implimentata		Fil-ħin
	1(b)	94	✓	Implimentata		Fil-ħin
	1(c)	94	✓	Implimentata		Fil-ħin
	2(a)	96	✓	Mhux implimentata	Ma hemm l-ebda evidenza li s-sorveljanza ta' wara l-programm se tiġi sospiża qabel ma jintlaħaq is-soll ta' 75 %. Il-Kummissjoni wieġbet li ma kienx hemm biżżejjed appoġġ min-naħa tal-Grupp tal-Euro biex il-leġiżlazzjoni tiġi modifikata kif meħtieġ.	Ma hemmx fil-ħin
	2(b)	96	✓	Implimentata parzjalment	Minkejja li l-attivitajiet ta' sorveljanza kienu inqas intensi, il-frekwenza u t-tul ta' żmien tas-sorveljanza ta' wara l-programm jibqgħu l-istess. B'riżultat ta' dan, il-piż fuq il-Kummissjoni u l-Istati Membri b'mod ġenerali għadu l-istess.	Fil-ħin sa certu punt
	2(c)	96	✓	Mhux implimentata	Fir-rigward li l-attivitajiet ta' sorveljanza jsiru inqas ta' piż u aktar effiċjenti, il-Kummissjoni ma pproponietx li temenda l-leġiżlazzjoni jew li tbiddel il-gwida tagħha. Sa issa ma hemm l-ebda evidenza ta' frekwenza mnaqqsa ta' rapporti taħt sorveljanza msaħħa.	Ma hemmx fil-ħin

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	3(a)	99	✓		Ir-riformi li baqgħu ma tlestewx wara l-ħruġ mill-programm qed jiġu segwiti permezz tad-diversi flussi ta' ħidma ta' sorveljanza ekonomika, inklużi s-Semestru Ewropew u s-sorveljanza ta' wara l-programm. Ir-reviżjoni tal-*vade mecum* intern tad-DĠ ECFIN dwar il-programmi ta' aġġustament ekonomiku taż-żona tal-euro għad trid titlesta u jeħtieġ li jiġu aġġornati l-ftehimiet dwar il-forniment tad-*data* bejn il-pajjiżi ta' sorveljanza ta' wara l-programm u l-Kummissjoni.	
	3(b)	99	✓			
RS 20/2021: "L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura — Huwa aktar probabbli li l-fondi tal-PAK jippromwovu użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti"	1	92	✓			
	2(a)	95	✓			
	2(b)	95	✓			
	2(c)	95	✓			
	3(a)	98	✓			
	3(b)	98	✓		Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li l-evalwazzjoni tal-impatt tal-finanzjament għall-iżvilupp rurali u tal-appoġġ għas-suq fuq l-użu tal-ilma, li nbdiet f'Novembru 2024, issir parti mill-evalwazzjoni *interim* tal-politika agrikola komuni. L-evalwazzjoni *interim* mistennija titlesta sa Diċembru 2026 u għalhekk hija konformi mad-data fil-mira għall-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni stabbilita fir-rapport speċjali tagħna.	

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 21/2021: "Il-finanzjament tal-UE għall-bijodiversità u t-tibdil fil-klima fil-foresti tal-UE — Riżultati pożittivi iżda limitati"	1(a)	74	✓			
	1(b)	74	✓			
	2(a)	74	✓			
	2(b)	74	✓			
	3(a)	74	✓			
	3(b)	74	✓			
RS 22/2021: "Finanzi sostenibbli — Jeħtieġ li l-UE tieħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli"	1(a)	85	✓			
	1(b)	85	✓			
	1(c)	85	✓			
	2	86	✓			
	3(a)	87	✓			
	3(b)	87	✓			
	4(a)	88	✓			
	4(b)	88	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	5(a)	90			It-Taqsima 6 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni "Climate mainstreaming architecture in the 2021-2027 multiannual financial framework" (SWD(2022) 225 final) tiddefinixxi l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-prinċipju "*la tagħmilx ħsara (sinifikanti)*" fil-baġit tal-UE. Din tiddikjara li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara (sinifikanti)" jikkonċerna biss 25 minn 36 programm tal-baġit tal-UE u li programmi bħall-Programm Ewropa Diġitali (biex jiġu ffinanzjati proġetti f'oqsma bħas-supercomputing jew l-intelliġenza artifiċjali) mhumiex rilevanti.	
	5(b)	90					
	5(c)	90					
	5(d)	90			Il-Kummissjoni tirrapporta dwar in-nefqa tal-UE li hija relatata mal-applikazzjoni ta' koeffiċjent klimatiku ta' 100 % abbażi tal-kriterji tat-tassonomija tal-UE f'xi wħud mid-*dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi* tal-2023 biss. Għalhekk mhuwiex possibbli li jiġi kkonsolidat b'mod preċiż l-ammont totali tan-nefqa tal-UE li hija relatata mal-applikazzjoni ta' koeffiċjent klimatiku ta' 100 %.	
	6(a)	91			Bħalissa qed jiġu żviluppati indikaturi komuni tal-prestazzjoni li huwa mistenni li jippermettu monitoraġġ aħjar tal-investimenti sostenibbli tal-UE.	
	6(b)	91					

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 23/2021: "It-tnaqqis tal-korruzzjoni kbira fl-Ukrajna — Bosta inizjattivi tal-UE, iżda r-riżultati għadhom mhux suffiċjenti"	1(a)	91	✓			
	1(b)	91	✓		L-Ukrajna imponiet sanzjonijiet fuq individwi prominenti li huma suspettati li qed idgħajfu s-sigurtà nazzjonali u li huma involuti f'attivitajiet korrotti. Is-sanzjonijiet jinkludu projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-iffriżar ta' assi, li jirrestringu b'mod effettiv l-attivitajiet ta' dawn l-individwi kemm domestikament kif ukoll internazzjonalment. Bħala parti mill-proċess ta' adeżjoni mal-UE, l-Ukrajna qed timplimenta mekkaniżmi robusti biex tiġġieled il-korruzzjoni kbira, u b'hekk qed tnaqqas il-ħtieġa li l-UE timponi restrizzjonijiet separati fuq individwi. Minbarra s-sanzjonijiet nazzjonali Ukreni, li japplikaw fl-Ukrajna, ma hemm l-ebda mekkaniżmu li jipprevieni lill-Ukreni individwali suspettati b'korruzzjoni kbira milli jidħlu fl-UE u jużaw l-assi tagħhom hemmhekk.	
	1(c)	91	✓			
	2(a)	92	✓			
	2(b)	92	✓			
	3(a)	93	✓			
	3(b)	93	✓			
	3(c)	93	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	4(a)	95				
	4(b)	95				
	5(a)	98				
	5(b)	98				
	6	99				
	7(a)	102				
	7(b)	102			L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni bħalissa mhijiex fattibbli minħabba l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Madankollu, il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ lill-awtoritajiet Ukreni biex iwettqu għadd ta' riformi kruċjali li jwittu t-triq għall-indirizzar tal-moratorji tad-dejn fil-futur.	
RS 24/2021: "Finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' Koeżjoni — Ambizzjonijiet siewja, iżda kien għad hemm ostakli fil-perjodu 2014–2020"	1(a)	128			Il-Kummissjoni ħadet passi biex tara li l-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti jkun żgur punt permanenti fuq l-aġenda tal-laqgħat tal-kumitat ta' monitoraġġ. Il-Kummissjoni tiddependi mill-informazzjoni li kull Stat Membru u l-awtoritajiet amministrattivi rispettivi jipprovdu rigward l-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti, billi ma twettaqx il-monitoraġġ u l-analiżi tagħha stess.	

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	1(b)	128			Għalkemm il-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjoni, fir-*rapporti annwali tal-attività* ma rrappurtat xejn dwar l-attivitajiet ta' infurzar tagħha b'rabta mal-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti min-naħa tal-Istati Membri. Dan kien dovut għar-rata ġeneralment baxxa ta' nuqqas ta' ssodisfar u l-progress sinifikanti li sar matul dawn l-aħħar sentejn.	
	2(a)	128			Il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tara li żgur tinforma lill-Istati Membri b'mod f'waqtu dwar l-approċċ li għandu jiġi applikat għar-rieżami ta' nofs it-terminu. L-informazzjoni li l-Kummissjoni pprovdiet lill-Istati Membri mhijiex speċifika biżżejjed biex żgur jiġi applikat approċċ ċar u komuni għar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi kollha. Ma sibniex evidenza biżżejjed li tindika kif l-Istati Membri huma mistennija jallokaw l-ammont ta' flessibbiltà għall-bqija tal-perjodu.	
	2(b)	128			Il-proċess ta' rieżami ta' nofs it-terminu tal-2025 għadu ma ġiex iffinalizzat. Għalhekk, ma nistgħux nivvalutaw jekk il-Kummissjoni ħaditx inkunsiderazzjoni s-sejbiet rilevanti tal-evalwazzjoni tal-2024 dwar l-użu tal-RRF min-naħa tal-Istati Membri għall-investiment tal-fond tal-politika ta' Koeżjoni f'dawk l-Istati Membri. Id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni għadha pendenti.	
	3(a)	128				

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	3(b)	128	✓		Il-Kummissjoni tivvaluta t-talbiet motivati tal-Istati Membri għall-emendar tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati jew tal-*outputs*/tar-riżultati li għandhom jinkisbu, iżda ma stabbilietx kriterji speċifiċi għal dawn il-valutazzjonijiet.	
	4(a)	128	✓			
	4(b)	128	✓		Il-Kummissjoni kkondividiet gwida mal-awtoritajiet nazzjonali dwar kif għandu jiġi pprovdut aċċertament dwar l-applikazzjoni tar-regoli li jirregolaw is-suq intern (l-*akkwist pubbliku* u l-*għajnuna mill-Istat*) għal skemi ta' "finanzjament mhux marbut mal-kostijiet". In-nota ta' spjegazzjoni ma tipprovdix rekwiżiti minimi ta' kontroll għall-awtoritajiet maniġerjali jew għall-korpi ta' implimentazzjoni biex ikunu jistgħu jipprovdu aċċertament dwar il-konformità mar-regoli tas-suq intern mingħajr ma jivverifikaw operazzjonijiet individwali. Ma hemm l-ebda rwol ċar previst għall-*awtoritajiet tal-awditjar*, u l-konsegwenzi f'każ ta' defiċjenzi mhumiex speċifikati.	
RS 25/2021: "L-appoġġ tal-*FSE* għall-ġlieda kontra l-qgħad fit-tul — Jeħtieġ li l-miżuri jkunu mmirati, imfassla u mmonitorjati aħjar"	1	79	✓			
	2	79	✓			
	3	79	✓	✗	Għadu għaddej l-istudju biex tiġi evalwata l-effettività tal-miżuri ta' "aċċess għall-impjieg" għall-persuni qiegħda fit-tul tal-*evalwazzjoni ex post* għall-perjodu 2014–2020. Ma tteħdux azzjonijiet reattivi abbażi tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni *ex post* għall-perjodu 2014–2020.	

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
RS 26/2021: "*Regolarità* tal-infiq fil-politika ta' Koeżjoni tal-UE — Il-Kummissjoni tiddivulga, kull sena, *livell ta' żball stmat* minimu li mhuwiex finali"	1	77	✗	✗	Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	✗
	2(a)	83	✓	◔	Il-Kummissjoni ħadet passi biex ittejjeb kif il-pjan tal-*awditjar tal-konformità* tagħha jirrifletti l-valutazzjoni tar-riskju, kif ukoll biex tiddokumenta u tispjega r-raġunijiet għall-bidliet li jirriżultaw minħabba li jittieħdu inkunsiderazzjoni fatturi oħra. Għad fadal dgħufijiet rigward il-kompletezza tal-valutazzjoni tar-riskju u l-ksib ta' *data* storika.	!
	2(b)	83	✓	◕		✓
	2(c)	83	✓	●		✓
	2(d)	83	✗	✗	Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas ma implimentat ir-rakkomandazzjoni.	✗
	3(a)	86	✗	◔	Fir-Rapport Annwali 2021 tagħna (il-paragrafu 5.62) u fir-Rapport Annwali 2022 tagħna (il-paragrafu 6.70), innutajna li l-Kummissjoni tejbet il-metodoloġija li tuża biex tistma r-riskju massimu billi inkludiet suppliment għall-*programmi operazzjonali* li ma ġewx awditjati. Għad hemm nuqqasijiet fil-metodoloġija.	!
	3(b)	86	✓	◕	Il-Kummissjoni għamlet titjib fl-abbozzar tagħha tar-rapporti annwali tal-attività (RAA) tad-DĠ EMPL u tad-DĠ REGIO biex tiċċara kif jinkiseb l-aċċertament għal kull programm. B'mod partikolari, nirrikonoxxu t-titjib fl-abbozzi tar-RAA tal-2024 taż-żewġ DĠ, li ġew kondiviżi b'mod informali magħna qabel il-pubblikazzjoni iżda li għad iridu jiġu ffirmati.	!

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	4	88			Il-Bord tal-Ġestjoni Korporattiva pprovda lis-Servizzi Ċentrali bi gwida dwar il-produzzjoni tar-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni* (AMPR). Fil-fehma tagħna, huwa mistenni li s-sid tal-AMPR joħroġ l-istruzzjonijiet rilevanti — jiġifieri l-Kulleġġ tal-Kummissarji, mhux il-Bord tal-Ġestjoni Korporattiva. Barra minn hekk, f'diversi rapporti, aħna identifikajna problemi bil-kwalità tad-*data* fl-AMPR bħala kwistjoni rikorrenti.	
RS 27/2021: "Appoġġ mill-UE lit-turiżmu — Ħtieġa għal orjentazzjoni strateġika ġdida u approċċ ta' finanzjament aħjar"	1	74				
	2	76				

Sors: il-QEA.

Anness 12.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2021 — Entitajiet awditjati oħra

Livell ta' aċċettazzjoni: aċċettata; parzjalment aċċettata; mhux aċċettata; l-ebda informazzjoni.

Livell ta' implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f'xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata; ma tistax tinsilet konklużjoni jew ma għadhiex rilevanti.

Livell ta' puntwalità: f'waqtha; imdewma; id-data ta' skadenza għadha pendenti; l-ebda azzjoni ta' segwitu; l-ebda valutazzjoni tal-puntwalità.

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)						
RS 01/2021: "Ippjanar tar-riżoluzzjonijiet fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni"	1(a)	112				
	1(b)	112				
	1(c)	112			B'segwitu għall-manwal għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-2022, it-timijiet interni ta' riżoluzzjoni huma meħtieġa jirrappurtaw devjazzjonijiet sinifikanti mill-politiki tal-SRB, li ma kienx il-każ qabel. It-terminu "sinifikanti" mhuwiex spjegat fil-manwal għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni, u b'hekk jitħalla għad-diskrezzjoni tat-timijiet interni ta' riżoluzzjoni.	
	2(a)	115				

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	2(b)	115	✓		It-tlestija taċ-ċiklu ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni tal-2020 iddewmet bi 8 xhur. Iċ-ċikli ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni tal-2021 u tal-2022 iddewmu bi 3 xhur, u dan huwa titjib ta' 5 xhur meta mqabbel maċ-ċiklu ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni tal-2020. Ma hemm l-ebda *data* għaċ-ċiklu ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni tal-2023. L-SRB ma lestiex iċ-ċikli annwali ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni fiż-żmien stabbilit (ara l-paragrafi 9, 77 u 115 tar-Rapport Speċjali 01/2021).	
	3(a)	119	✓				
	3(b)	119	✓		L-SRB żviluppa kriterji kwantitattivi għall-persunal tiegħu. Dawn il-kriterji ma ġewx maqbula mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali. L-SRB ma żviluppax kriterji kwalitattivi. Kemm il-kriterji kwantitattivi kif ukoll dawk kwalitattivi huma meħtieġa biex żgur ikun hemm kompożizzjoni xierqa tal-persunal fit-timijiet interni ta' riżoluzzjoni.		

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)						
RS 08/2021: "L-appoġġ li l-Frontex tagħti lill-ġestjoni tal-fruntieri esterni — Mhuwiex suffiċjentement effettiv sal-ġurnata tal-lum"	1(a)(i)	90	✓			
	1(a)(ii)	90	✓			
	1(a)(iii)	90	✓			
	1(a)(iv)	90	✓		L-iskambju awtomatizzat ta' informazzjoni bejn is-sistemi nazzjonali u l-bażi ta' *data* tal-EUROSUR, kif ukoll it-traduzzjoni awtomatizzata, għadhom ma ġewx implimentati; il-proġett għadu għaddej.	
	1(b)	90	✓			
	2(a)(i)	92	✓			
	2(a)(ii)	92	✓			
	2(a)(iii)	92	✓	✗	Il-gwardji tal-fruntiera għad ma għandhomx aċċess affidabbli għall-prodotti rilevanti kollha tal-analiżi tar-riskju.	
	3(a)	94	✓			
	3(b)(i)	94	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	3(b)(ii)	94	✓	Parzjalment	Il-proċess prinċipali tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà jitwettaq separatament għal kull Stat Membru. Għalkemm xi kultant il-Frontex twettaq valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà reġjonali, dawn mhumiex sistematiċi.	
	3(b)(iii)	94	✓	✗	Ma sar l-ebda tentattiv biex jiġu mmonitorjati każijiet fejn azzjonijiet biex jiġu indirizzati vulnerabbiltajiet identifikati f'pajjiż speċifiku jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' effetti negattivi f'pajjiżi ġirien.	✗
	4(a)	97	✓	✗	Il-Frontex ma organizzat l-ebda eżerċizzju ta' rispons rapidu bejn l-2020 u l-2024.	✗
	4(b)	97	✓	Kompletament		
	4(c)	97	✓	Kompletament		
	4(d)	97	✓	Kompletament		
	5(a)	101	✓	Kompletament		
	5(b)	101	✓	Kompletament		

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)						
RS 09/2021: "Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE — Qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata"	2(a)	113	✓			
	2(b)	113	✓			
	2(c)	113	✓			
	2(d)	113	✓		Id-diviżjoni StratCom tas-SEAE ilha minn Marzu 2022 tippubblika rapporti annwali tal-attività. Hija tħejji wkoll pjanijiet għas-sena ta' wara abbażi tar-riżultati tal-attivitajiet. Għalkemm xi proġetti bħalissa jinsabu taħt evalwazzjoni individwali, ma hemm l-ebda proċess ta' evalwazzjoni formali fil-livell tad-diviżjonijiet rilevanti.	
	3(a)	115	✓		Irrakkomandajna li s-SEAE jitlob feedback dettaljat mingħand l-Istati Membri dwar ir-raġunijiet għal-livell baxx ta' involviment tagħhom fis-sistema ta' twissija rapida (RAS) u jieħu l-passi operazzjonali meħtieġa biex jindirizzahom. Inqisu li din ir-rakkomandazzjoni ma għadhiex rilevanti billi, b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fl-2022, l-Istati Membri żiedu l-livell ta' involviment rispettiv tagħhom fl-RAS.	
	3(b)	115	✓			
	3(c)	115	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)						
RS 13/2021: "L-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fis-settur bankarju huma frammentati u l-implimentazzjoni mhijiex suffiċjenti"	3(d)	120	✓			
	3(e)	120	✓			
	4(a)	122	✓			
	4(b)	122	✓			
	4(c)	122	✓			
Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)						
RS 13/2021: "L-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fis-settur bankarju huma frammentati u l-implimentazzjoni mhijiex suffiċjenti"	4(d)	122	✓			
	4(e)	122	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)						
RS 19/2021: "L-appoġġ tal-Europol fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti — Sieħeb apprezzat, iżda b'użu insuffiċjenti ta' sorsi ta' *data* u kejl tar-riżultati"	1(a)	75	✓			
	1(b)	75	✓			
	1(c)	75	✓			
	2(a)	77	✓			
	2(b)	77	✓			
	2(c)	77	✓			
	3(a)	80	✓			
	3(b)	80	✓	✗	L-Europol ma stabbilietx indikaturi ddedikati għar-rappurtar estern dwar l-isforzi tagħha biex tiġġieled kontra l-*frodi* tad-dokumenti u l-ħasil tal-flus.	
	3(c)	80	✓			
	3(d)	80	✓			

Numru u titolu tar-rapport	Nru	Para tar-RS	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni		
				Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti	Livell ta' puntwalità
	4(a)	82	✓		L-Europol tuża l-mekkaniżmu tat-task force operazzjonali (OTF) biex tipprijoritizza l-attivitajiet operazzjonali li jiffukaw fuq l-attivitajiet kriminali ta' miri ta' valur għoli (HVTs) li joħolqu l-ogħla riskju għas-sigurtà interna tal-UE. Taħt il-livell tal-HVT, ir-rieżami tal-kriterji ta' prijoritizzazzjoni attwali u l-kategorizzazzjoni tal-każijiet li jidħlu (f'każijiet bażiċi, każijiet ta' importanza baxxa u każijiet ta' prijorità) għadhom għaddejjin. Dan ir-rieżami jirrikjedi l-użu ta' applikazzjoni uniformi ddedikata għall-ġestjoni tal-każijiet biex jiġu ttrattati l-każijiet operazzjonali kollha, li ngħatat prijorità u li għandha titwettaq fl-2025.	
	4(b)	82	✓		Ara l-kummenti dwar ir-Rakkomandazzjoni 4(a).	

Sors: il-QEA.

Appendiċi

Rappurtar

(skont l-Artikolu 92(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014)

Dwar kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti li tinħoloq b'riżultat tat-twettiq, mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament għas-sena finanzjarja 2024

Introduzzjoni

Bażi legali

01 L-Artikolu 92(4) tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) jirrikjedi speċifikament li l-QEA tirrapporta dwar kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti (indipendentement minn jekk hux għall-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), il-Kunsill, il-Kummissjoni jew le) li tinħoloq b'riżultat tat-twettiq mill-SRB, il-Kunsill u l-Kummissjoni tal-kompiti tagħhom skont ir-Regolament. Dan l-appendiċi jkopri l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Kummissjoni u tal-Kunsill relatati mal-SRM, u dawk relatati mal-SRB huma koperti fir-Rapport Annwali tagħna dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024. L-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Kummissjoni u tal-Kunsill relatati mal-SRM huma koperti wkoll mill-opinjoni tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet konsolidati tal-UE (ara l-paragrafu II tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti).

Obbligazzjonijiet kontinġenti: definizzjoni u kriterji ta' rikonoxximent

02 Obbligazzjoni kontinġenti hija ddefinita kif ġej:

- obbligu possibbli li jinħoloq minn avvenimenti li seħħew fil-passat u li l-eżistenza tiegħu tkun ikkonfermata biss mill-okkorrenza jew min-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment futur wieħed jew aktar li jkunu inċerti u li ma jkunux taħt il-kontroll totali tal-Unjoni Ewropea; jew

- obbligu attwali li jinħoloq minn avvenimenti li seħħew fil-passat, iżda li ma jkunx rikonoxxut minħabba li ma jkunx probabbli li jkun meħtieġ il-ħruġ ta' riżorsi ekonomiċi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz biex jiġi saldat l-obbligu, jew minħabba li l-ammont tal-obbligu ma jkunx jista' jitkejjel b'affidabbiltà suffiċjenti.

03 Biex jiġi ddeterminat jekk obbligazzjoni kontinġenti għandhiex tiġi ddivulgata jew provvediment għandux jiġi rikonoxxut, il-probabbiltà ta' ħruġ ta' riżorsi ekonomiċi (inġenerali, ta' flus kontanti) trid tiġi vvalutata. Jekk il-ħruġ futur ta' riżorsi jkun:

- probabbli, jeħtieġ li provvediment jiġi rikonoxxut;

- possibbli, jeħtieġ li obbligazzjoni kontinġenti tiġi ddivulgata;
- remot, ma tkun meħtieġa l-ebda divulgazzjoni.

Informazzjoni ta' sfond dwar obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni

04 Fil-kuntest tat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont ir-Regolament dwar l-SRM, l-SRB, il-Kunsill u l-Kummissjoni jistgħu jġarrbu obbligazzjonijiet kontinġenti marbuta ma' proċedimenti legali li jkunu għaddejjin (quddiem il-qrati tal-UE jew qrati nazzjonali) fir-rigward ta':

- **id-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni u ta' nuqqas ta' riżoluzzjoni tagħhom**[1] — kemm deċiżjoni biex jiġu applikati jew deċiżjoni biex ma jiġux applikati għodod ta' riżoluzzjoni tista' tiġi kkontestata quddiem qorti.
- **il-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar"** — biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali ta' proprjetà, ir-Regolament dwar l-SRM jipprevedi li l-ebda kreditur ma jeħtieġlu jitħalla jmur agħar taħt riżoluzzjoni milli kieku jkun taħt proċedimenti normali ta' insolvenza. Abbażi ta' dak il-prinċipju, kwalunkwe kreditur li jkun irċieva trattament aħjar taħt proċedimenti normali ta' insolvenza jeħtieġlu jiġi kkumpensat mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni. Biex jiġi vvalutat it-trattament tal-krediturі u tal-azzjonisti, trid titwettaq valwazzjoni tad-differenza fit-trattament.

[1] Fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ġunju 2024 (il-Kawża C-551/22 P), il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li quddiem il-qrati tal-UE jistgħu jiġu kkontestati biss id-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni (ara l-paragrafu ***10***).

Osservazzjonijiet

Parti I: Obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Kummissjoni

05 It-***Tabella 1*** turi l-għadd ta' proċedimenti legali relatati mal-SRM li jaffettwaw lill-Kummissjoni b'riżultat tat-twettiq mill-Kummissjoni tal-kompiti tagħha skont ir-Regolament dwar l-SRM u l-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati ta' EUR 0, iddivulgati fil-kontijiet tal-Kummissjoni, kif ukoll il-provvedimenti relatati ta' EUR 0, rikonoxxuti f'dawn il-kontijiet.

Tabella 1 — Proċedimenti legali relatati mal-SRM li potenzjalment jaffettwaw lill-Kummissjoni u l-obbligazzjonijiet kontinġenti u l-provvedimenti relatati

Kawżi relatati ma'	Għadd ta' kawżi quddiem il-qrati tal-UE	Obbligazzjonijiet kontinġenti relatati ddivulgati fil-kontijiet tal-Kummissjoni *(f'EUR miljun)*	Provvedimenti relatati rikonoxxuti fil-kontijiet tal-Kummissjoni *(f'EUR miljun)*
	(L-għedud fil-parentesi juru ċ-ċifri mir-rapport tagħna tal-2023)		
Deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni u ta' nuqqas ta' riżoluzzjoni	**6 (12)**	**0 (0)**	**0 (0)**
Riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español S.A. (BPE)	*4 (8)*	*0 (0)*	*0 (0)*
Riżoluzzjoni ta' Sberbank d.d. u Sberbank banka d.d. u nuqqas ta' riżoluzzjoni ta' Sberbank Europe AG	*2 (4)*	*0 (0)*	*0 (0)*
Deċiżjonijiet "li l-ebda kreditur ma jmur agħar"	**2 (0)**	**0 (mhux applikabbli)**	**0 (mhux applikabbli)**
TOTAL	**8 (12)**	**0 (0)**	**0 (0)**

Sors: il-kontijiet tal-Kummissjoni għall-2024 u informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-Kummissjoni, kif ukoll informazzjoni minn curia.europa.eu.

06 Fis-7 ta’ Ġunju 2017, il-Kummissjoni approvat id-deċiżjoni ta’ riżoluzzjoni tal-SRB rigward **Banco Popular Español S.A.** (BPE). F’nofs l-2025 kien hemm erba’ kawżi pendenti[2] quddiem il-qrati tal-UE li taffettwa lill-Kummissjoni f’dan ir-rigward, filwaqt li fir-rapport tagħna tal-2023, aħna ddikjarajna li kien hemm tmien kawżi ta’ dan it-tip. Dan it-tnaqqis fl-għadd ta’ kawżi pendenti huwa spjegat mill-iżviluppi li ġejjin:

- Erba’ kawżi mhux pilota[3] li ġew ippreżentati fl-2017 u li jaffettwaw lill-Kummissjoni ma kinux imsemmja fir-rapport tagħna tal-2023;
- mill-erba’ appelli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-kawżi pilota ta’ BPE[4], li fihom il-Kummissjoni kienet il-parti konvenuta, wieħed ġie rtirat mill-appellant u tnejn ħa mir-reġistru[5], wieħed tneħħa mir-reġistru permezz tad-digriet tal-Qorti[6], u tnejn ġew miċħuda[7];
- l-erba’ kawżi għad-danni[8] ppreżentati fl-2022 quddiem il-Qorti Ġenerali kollha ġew irtirati.

07 Fl-1 ta’ Marzu 2022, il-Kummissjoni approvat id-deċiżjoni ta’ riżoluzzjoni tal-SRB rigward **Sberbank banka d.d.** u **Sberbank d.d.** Dakinhar stess l-SRB adotta deċiżjoni ta’ nuqqas ta’ riżoluzzjoni rigward **Sberbank Europe AG**. F’nofs l-2025 kien hemm żewġ kawżi[9] pendenti quddiem il-qrati tal-UE li jaffettwaw lill-Kummissjoni f’dan ir-rigward filwaqt li, fir-rapport tagħna tal-2023, aħna ddikjarajna li kien hemm erba’ kawżi ta’

---

[2] Il-Kawżi T-678/17, T-600/17, T-499/17 u T-498/17.

[3] Il-Kawżi T-678/17, T-600/17, T-499/17 u T-498/17.

[4] Il-Kawżi C-448/22 P, C-535/22 P, C-539/22 P u C-541/22 P.

[5] Il-Kawża C-539/22 P.

[6] Il-Kawża C-448/22 P.

[7] Il-Kawżi C-535/22 P, C-541/22 P.

[8] Il-Kawżi T-294/22, T-474/22, T-475/22 u T-477/22.

[9] Il-Kawżi T-523/22 u T-524/22.

dan it-tip. Dan it-tnaqqis fl-għadd ta' kawżi pendenti huwa spjegat mill-iżviluppi li ġejjin:

- L-appelli sussegwenti[10] kontra s-Sentenzi (Digrieti) tal-QĠ u tal-QĠUE għaż-żewġ rikorsi[11] intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni ġew miċħuda. Madankollu, iż-żewġ rikorsi għadhom pendenti.

- żewġ rikorsi oħra[12], ukoll intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni, ġew iddikjarati inammissibbli mill-Qorti Ġenerali, iżda r-rikorrent appella d-digrieti ta' ċaħda[13]. Barra minn hekk, rikors wieħed li sar fl-2022[14] intiż għall-annullament tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni, li l-Qorti Ġenerali ddikjarat inammissibbli iżda li għalih ir-rikorrent appella[15] d-digriet ta' ċaħda, ma ssemmiex fir-rapport tagħna tal-2023.

- It-tliet appelli li fihom ir-rikorrenti appellaw kontra d-digrieti ta' ċaħda għall-Kawżi T-525/22, T-526/22 u T-527/22 ġew miċħuda f'Mejju 2025[16].

08 Żewġ rikorsi[17] rigward deċiżjonijiet "li l-ebda kreditur ma jmur agħar" meħuda mill-SRB rigward Sberbank banka d.d. u Sberbank d.d., tressqu f'Marzu 2025. Il-Kummissjoni qed tintervieni biex tiddefendi l-legalità tar-Regolament dwar l-SRM u tad-deċiżjonijiet tal-SRB.

09 Il-Kummissjoni tqis li l-probabbiltà ta' eżitu sfavorevoli f'dawn il-kawżi hija remota u għalhekk ma ddivulgat l-ebda obbligazzjoni kontinġenti u lanqas ma rrikonoxxiet xi provvediment f'dan ir-rigward.

---

[10] Il-Kawżi C-690/23 P(I), C-693/23 P(I), C-708/23 P u C-709/23 P.

[11] Il-Kawżi T-523/22 u T-524/22.

[12] Il-Kawżi T-525/22 u T-526/22.

[13] Il-Kawżi C–791/23 P u C–792/23 P.

[14] T-527/22.

[15] C-793/23 P.

[16] Il-Kawżi C-791/23 P, C-792/23 P u C-793/23 P.

[17] Il-Kawżi T-147/25 u T-149/25.

10 Barra minn hekk, il-Kummissjoni appellat[18] kontra d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali f'kawża oħra[19], rigward il-fatt li r-rikors ġie ppreżentat biss kontra d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tal-SRB u mhux kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni tal-SRB. Fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ġunju 2024, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li quddiem il-qrati tal-UE jistgħu jiġu kkontestati biss id-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni.

Parti II: Obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Kunsill

11 It-***Tabella 2*** turi l-għadd ta' proċedimenti legali relatati mal-SRM li jaffettwaw lill-Kunsill b'riżultat tat-twettiq mill-Kunsill tal-kompiti tiegħu skont ir-Regolament dwar l-SRM u l-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati ta' EUR 0, iddivulgati fil-kontijiet tal-Kunsill, kif ukoll il-provvedimenti relatati ta' EUR 0, rikonoxxuti f'dawn il-kontijiet.

Tabella 2 — Proċedimenti legali relatati mal-SRM li potenzjalment jaffettwaw lill-Kunsill u l-obbligazzjonijiet kontinġenti u l-provvedimenti relatati

Kawżi relatati ma'	Għadd ta' kawżi quddiem il-qrati tal-UE	Obbligazzjonijiet kontinġenti relatati ddivulgati fil-kontijiet tal-Kunsill *(f'EUR miljun)*	Provvedimenti relatati rikonoxxuti fil-kontijiet tal-Kunsill *(f'EUR miljun)*
	(L-għedud fil-parentesi juru ċ-ċifri mir-rapport tagħna tal-2023)		
Deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni u ta' nuqqas ta' riżoluzzjoni	**0 (0)**	**Mhux applikabbli**	
Deċiżjonijiet "li l-ebda kreditur ma jmur agħar"	**0 (0)**	**Mhux applikabbli**	
TOTAL	0 (0)	0 (0)	0 (0)

Sors: il-kontijiet tal-Kunsill għall-2024 u informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-Kunsill, kif ukoll informazzjoni minn curia.europa.eu.

[18] Il-Kawża C-551/22 P.

[19] Il-Kawża T-481/17.

12 Il-Kunsill ma ddivulga l-ebda obbligazzjoni kontinġenti (u lanqas ma rrikonoxxa xi provvediment) li tirriżulta mit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont ir-Regolament dwar l-SRM minħabba li ma hemm l-ebda kawża pendenti quddiem il-qrati tal-UE li fihom il-Kunsill huwa l-parti konvenuta u li minnhom jistgħu jirriżultaw obbligazzjonijiet kontinġenti.

Risposti tal-istituzzjonijiet għar-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2024

Werrej

		Paġna
Kapitolu 1	Dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni u informazzjoni ta’ sostenn	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	457
Kapitolu 2	Ġestjoni bażitarja u finanzjarja	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	464
Kapitolu 3	Kisba ta’ riżultati mill-bażit tal-UE	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	469
Kapitolu 4	Dħul	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	475
Kapitolu 5	Suq Uniku, innovazzjoni u diġitali	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	478
Kapitolu 6	Koeżjoni, reżiljenza u valuri	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	487
Kapitolu 7	Riżorsi naturali u ambjent	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	499
Kapitolu 8	Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri Sigurtà u difiża	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	504

Kapitolu 9	**Il-viċinat u d-dinja**	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	**509**
Kapitolu 10	**Amministrazzjoni pubblika Ewropea**	
	Risposti tal-Parlament Ewropew	**513**
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	**516**
Kapitolu 11	**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	**518**
Kapitolu 12	**Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali tagħna mill-2021**	
	Risposti tal-Kummissjoni Ewropea	**532**
	Risposti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	**548**
	Risposti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)	**549**

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 1: DIKJARAZZJONI TA' AĊĊERTAMENT U INFORMAZZJONI TA' SOSTENN

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR

Fl-2024, fost il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u ż-żieda fl-inċertezza globali, il-kriżijiet umanitarji, id-diżastri naturali u t-taqlib ekonomiku, l-Unjoni Ewropea u l-baġit tagħha baqgħu sors ta' stabbiltà, reżiljenza u investimenti strateġiċi. Il-Kummissjoni kompliet tagħti prijorità lill-aħjar użu possibbli tal-flus tal-kontribwenti, filwaqt li żgurat li l-baġit tal-UE jintefaq b'mod responsabbli u korrett.

Il-Kummissjoni, u l-awtoritajiet tal-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża, iwettqu mijiet ta' eluf ta' kontrolli[1]. Abbażi tar-riżultati ta' dawk il-kontrolli u kif ikkonfermat mill-konklużjoni ġenerali tal-awditur intern, il-Kummissjoni tqis li l-baġit tal-UE għall-2024 kien protett sew kontra żbalji fl-infiq u frodi.

Mill-2024, il-Kummissjoni qed tippreżenta l-konklużjoni tagħha dwar il-livell ta' protezzjoni tal-baġit tal-UE fil-livell tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). Dan huwa dovut għall-fatt li għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) 2023–2027, ma jistax jibqa' jiġi ddeterminat riskju kwantitattiv fil-waqt tal-pagament (u fl-għeluq) mill-Kummissjoni. Dan wassal għall-użu ta' indikatur ġdid għall-intestatura "riżorsi naturali u ambjent": is-sehem tan-nefqa li titqies bħala ta' riskju baxx. Għall-intestaturi l-oħra kollha tal-QFP, ir-riskji fil-waqt tal-pagament u fl-għeluq ikomplu jiġu kkwantifikati.

Fl-2024, għall-intestaturi tal-QFP fejn jiġi ddeterminat riskju kwantitattiv fil-waqt tal-pagament, ir-riskju msemmi baqa' taħt il-livell ta' materjalità ta' 2 %, ħlief għall-intestatura "koeżjoni, reżiljenza u valuri". Dan huwa konsistenti mas-snin preċedenti. Din l-istabbiltà hija mirfuda mill-fatt li parti kbira min-nefqa fl-2024 għadha relatata mal-perjodu 2014–2020, b'regoli, sistemi u korpi ta' implimentazzjoni li ma jinbidlux.

Għar-riżorsi naturali u l-ambjent, is-sehem tan-nefqa b'riskju baxx kien ta' 77 %, ogħla mill-medja tal-aħħar sitt snin (64 %)

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball stmat tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) irrappurtat (3.6 %), li huwa aktar baxx milli fl-2023 (5.6 %) u fl-2022 (4.2 %) iżda ogħla mill-medja tal-2016-2021 (2.8 %).

Id-differenza bejn ir-riskju stmat tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament u l-livell ta' żball tal-QEA hija sinifikanti għall-intestaturi "koeżjoni, reżiljenza u valuri" u "viċinat u d-dinja". Din id-diskrepanza hija prinċipalment dovuta għal interpretazzjonijiet differenti tal-fatti, ir-regoli applikabbli, u l-approċċi metodoloġiċi. Fid-dawl ta' dawn id-diskrepanzi u b'mod partikolari bi tweġiba għal talba tal-Parlament[2], il-Kummissjoni u l-QEA organizzaw sensiela ta' sessjonijiet ta' ħidma fir-rebbiegħa tal-2025 biex jiddiskutu dawn id-differenzi. Filwaqt li r-rwoli u l-mandati differenti tal-Kummissjoni u

[1] Ara d-dettalji fir-rapporti annwali tal-attività tas-servizzi tal-Kummissjoni.

[2] Ara r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-11 ta' April 2024 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi, paragrafu 134 (i).

tal-QEA ma jippermettux allinjament sħiħ tal-metodoloġiji applikati[3], dan l-eżerċizzju kellu l-għan li jrawwem fehim komuni tal-metodoloġiji rispettivi u jnaqqas id-diverġenzi fil-fehmiet. Il-Kummissjoni hija lesta li tkompli dan id-djalogu.

Għall-intestaturi kollha fejn jiġi ddeterminat riskju kwantitattiv fil-waqt tal-pagament, il-Kummissjoni tqis ir-riskju fl-għeluq, li jkejjel il-livell ta' żball li jifdal wara l-kontrolli u l-korrezzjonijiet ex post kollha, bħala l-aktar indikatur rappreżentattiv tal-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri u s-servizzi tagħhom. Għall-2024, għall-intestaturi korrispondenti kollha tal-QFP[4], ir-riskju fl-għeluq huwa stmat li huwa taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % u f'konformità mas-snin preċedenti.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex issib il-bilanċ it-tajjeb bejn livell baxx ta' żball, pagamenti rapidi, u kostijiet raġonevoli tal-kontrolli għall-atturi kollha tal-katina ta' implimentazzjoni u kontroll biex jintlaħqu fil-ħin l-objettivi ta' politika kollha tagħha.

II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Sejbiet tal-awditi

Affidabbiltà tal-kontijiet

Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li l-QEA tqis li l-kontijiet tal-UE huma ħielsa minn żbalji materjali għat-18-il sena konsekuttiva.

L-affidabbiltà tat-tranżazzjonijiet

Dħul

Fir-rigward tan-naħa tad-dħul tal-baġit tal-UE (§1.12a), il-Kummissjoni tilqa', għal darb' oħra, li l-QEA tqis id-dħul ħieles minn żbalji materjali u li s-sistemi ta' ġestjoni tad-dħul kienu ġeneralment effettivi.

Nefqa

Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma tal-QEA li l-mod kif il-fondi jiġu żborżati għandu impatt fuq ir-riskju ta' żball (§1.15), u b'mod partikolari li r-riskju ta' żball huwa aktar baxx għan-nefqa li hija soġġetta għal regoli simplifikati (prinċipalment f'pagamenti bbażati fuq drittijiet).

[3] Ara l-istudju tal-Parlament "Rati ta' erruri paragunati — Metodoloġiji li jirfdu r-riskju tal-Kummissjoni Ewropea fil-waqt tal-pagament/għeluq u l-livell ta' żball stmat tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri" — Unità ta' Appoġġ Baġitarju Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Baġitarji PE 772.485 — Marzu 2025

[4] Għar-riżorsi naturali u l-ambjent, dan ma jistax jiġi kkwantifikat peress li ma għadx hemm riskju fil-waqt tal-pagament.

Għalhekk, il-Kummissjoni tkompli tieħu azzjoni biex tissimplifika r-regoli, li huwa wkoll konformi mat-talbiet mill-Parlament[5]. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, il-promozzjoni ta' għażliet ta' kostijiet simplifikati u finanzjament mhux marbut mal-kostijiet. Fl-2024, kien hemm żieda fl-użu ta' skemi ta' finanzjament simplifikati f'diversi oqsma ta' politika, inkluż l-użu ta' somom f'daqqa f'inizjattivi ta' riċerka u saħħa. Għall-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni kompliet tippromwovi l-użu ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati jew "finanzjament mhux marbut mal-kost" fil-programmi 2021–2027. Barra minn hekk, il-bidla tal-PAK lejn mudell aktar ibbażat fuq il-prestazzjoni tallinja ma' din ix-xejra lejn approċċi ta' finanzjament simplifikati.

Kollox ma' kollox, abbażi tal-informazzjoni dettaljata għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-livelli ta' riskju mhumiex uniformi. L-esponiment għar-riskju jista' jvarja fi ħdan l-istess qasam ta' politika u anke fi ħdan l-istess programm ta' nfiq.

Il-Kummissjoni tibbenefika minn informazzjoni affidabbli, ivverifikata u bbażata fuq l-evidenza miksuba permezz tal-kontrolli tagħha u analiżi dettaljata, inkluża data dwar ir-riżultati tal-kontroll tal-Istati Membri. Dan jippermetti lill-Kummissjoni tikkategorizza n-nefqa rilevanti fi tliet livelli ta' riskju:

- **nefqa b'riskju aktar baxx**, b'riskju fil-waqt tal-pagament taħt it-2 %, jew b'valutazzjoni tal-kwalità ta' "riskju baxx" tas-sistemi tal-Istati Membri għan-nefqa taħt il-PAK 2023–2027, li tirrappreżenta **54.7 %** tan-nefqa totali tal-baġit tal-UE (67 % fl-2023),

- **nefqa b'riskju medju**, b'riskju fil-waqt tal-pagament bejn 2 % u 2.5 %, jew b'valutazzjoni tal-kwalità ta' "riskju medju" tas-sistemi tal-Istati Membri għan-nefqa taħt il-PAK 2023–2027, li tirrappreżenta **24.5 %** tan-nefqa totali (9 % fl-2023) u,

- **nefqa b'riskju ogħla**, b'riskju fil-waqt tal-pagament ta' aktar minn 2.5 %, jew b'valutazzjoni tal-kwalità ta' "riskju għoli" tas-sistemi tal-Istati Membri għan-nefqa taħt il-PAK 2023–2027, li tirrappreżenta **20.8 %** tan-nefqa totali għall-2024 (24 % fl-2023).

It-tnaqqis fis-sehem tan-nefqa b'riskju aktar baxx meta mqabbel mal-2023 huwa spjegat mill-użu deliberatament prudenti mill-Kummissjoni ta' rata fissa ta' 2 % għall-programmi ta' koeżjoni 2021–2027 kollha, kif ukoll għall-programmi ta' koeżjoni 2014–2020 kollha fejn il-pakketti ta' aċċertament kienu għadhom ma ġewx ippreżentati u li għalihom ir-rata ta' żball ġiet stmata s-sena l-oħra taħt it-2 %.

B'mod aktar speċifiku, l-eżami tal-livell ta' riskju għal kull intestatura tal-QFP:

- fil-qasam ta' "**suq uniku, innovazzjoni u diġitali**" (§ 1.19), il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball stmat mill-QEA, li huwa konformi mal-livell tas-snin li għaddew. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-kostijiet tal-persunal baqgħu s-sors ewlieni ta' żbalji li hija konsegwenza loġika tal-fatt li dawn il-kostijiet jirrappreżentaw l-akbar sehem tal-kost totali ddikjarat mill-benefiċjarji taħt Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa. Orizzont 2020 kien diġà pass kbir' il quddiem fis-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż, inkluż dwar il-kalkolu tal-ispejjeż tal-persunal. Iż-żieda fl-użu ta' fondi ta' somma f'daqqa taħt Orizzont Ewropa u l-introduzzjoni tal-kost unitarju għall-kostijiet tal-persunal inaqqsu l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u huma mistennija li jkomplu jnaqqsu r-riskju ta' żball. Għal kostijiet diretti oħra, bħal fil-każ ta' żbalji fil-kostijiet tal-persunal, il-Kummissjoni

[5] Ara pereżempju r-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-7 ta' Mejju 2025 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2023, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi, paragrafu 53 (viii).

tkompli timmitiga r-riskju ta' żball billi tilħaq lill-benefiċjarji permezz ta' avvenimenti ta' komunikazzjoni u webinars, billi tipprovdi gwida fil-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja Annotat ta' Orizzont 2020 u l-Ftehim ta' Għotja Annotat għal Orizzont Ewropa, u billi tħeġġeġ l-użu tas-Servizz ta' Informazzjoni dwar ir-Riċerka.

- Fil-qasam ta' "**il-koeżjoni, ir-reżiljenza u l-valuri**", (§ 1.20), il-Kummissjoni tinnota li r-rata ta' żball stmata mill-QEA naqset meta mqabbla mas-sena l-oħra u li d-differenza bejn ir-riskju tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament u l-livell ta' żball tal-QEA naqset din is-sena. Fl-2024, il-Kummissjoni tistma wkoll li r-riskju fil-waqt tal-pagament jibqa' materjali sa massimu ta' 2.9 % għall-fondi u l-istrumenti baġitarji differenti taħt l-intestatura 2 tal-QFP. Din hija żieda żgħira meta mqabbla mar-rati rrapportati fis-snin preċedenti, madankollu f'livell aktar baxx minn dak ikkalkulat mill-QEA. Il-Kummissjoni tattribwixxi d-differenza bejn ir-riskju tagħha fil-waqt tal-pagament u l-livell ta' żball tal-QEA għal approċċi metodoloġiċi distinti (§ 1.31–1.34), kif ukoll — f'xi każijiet — interpretazzjonijiet differenti tal-fatti jew tar-regoli applikabbli. Filwaqt li mhux neċessarjament tqis li l-każijiet kollha rrappurtati bħala żbalji kwantifikati mill-QEA jikkostitwixxu irregolaritajiet skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, il-Kummissjoni se ssegwi kif xieraq l-iżbalji kollha rrapportati mill-QEA u se titlob miżuri korrettivi jew korrezzjonijiet finanzjarji, kif meqjus meħtieġ u legalment fattibbli. Abbażi tal-evidenza kollha li vvalutat, inkluża l-awditi tagħha stess, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u l-livelli ta' riskju jvarjaw bejn il-programmi, u ddivulgat il-programmi b'nuqqasijiet serji identifikati fir-rapporti annwali tal-attività rispettivi. Simili għas-snin preċedenti, il-Kummissjoni rrakkomandat ukoll azzjonijiet immirati lill-awtoritajiet tal-programm ikkonċernati biex ikomplu jtejbu s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll kif meħtieġ.

- Fil-qasam tar-"**riżorsi naturali u l-ambjent**" (§ 1.21), il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-QEA li l-għajnuniet diretti lill-bdiewa, esklużi l-ekoskemi, huma ħielsa minn żbalji materjali. Fir-rigward tal-ekoskemi, il-valutazzjoni tal-QEA hija konformi mal-valutazzjoni proprja tal-Kummissjoni, li tidentifika wkoll riskju ogħla ta' żbalji f'dan il-qasam. Dan minħabba li l-ekoskemi huma mfassla biex ikunu adattabbli għal kundizzjonijiet reġjonali differenti madwar l-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu l-klimi, it-tipi ta' ħamrija, il-pajsaġġi u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli differenti, sabiex jintlaħqu objettivi ta' politika ambizzjużi. Għalhekk, il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti mill-Istati Membri jistgħu jkunu kumplessi, u jikkawżaw sfidi ta' implimentazzjoni. Id-diversità għolja u l-bosta rekwiżiti ta' eliġibbiltà għall-bdiewa jżidu r-riskju ta' żbalji f'dawn l-interventi. Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li l-ekoskemi huma interventi ġodda fil-PAK 2023–2027 u, bħal fi kwalunkwe inizjattiva ġdida, huwa meħtieġ perjodu ta' aġġustament. Il-Kummissjoni toffri appoġġ sostanzjali lill-Istati Membri fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-emendar tal-interventi li jinsabu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

- Fil-qasam tal-"**viċinat u d-dinja**" (§ 1.22) il-Kummissjoni tqis li n-nefqa b'riskju baxx jew medju taħt dan il-qasam mhijiex limitata għal pagamenti ta' appoġġ baġitarju u nefqa amministrattiva iżda tinkludi wkoll nefqa oħra taħt segmenti ta' ġestjoni diretta u indiretta. Għalhekk, l-istima tal-Kummissjoni stess hija li r-riskju fil-waqt tal-pagament għal din l-intestatura huwa taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %. Il-Kummissjoni bħalissa qed tirrevedi l-istrateġija ta' awditjar u kontroll tagħha, bl-għan li tnaqqas ir-rata kumplessiva ta' żball. Wieħed mir-riżultati ewlenin huwa l-iżvilupp ta' sistema soda u ffukata ta' tfassil ta' profili tar-riskju biex jiġi vvalutat u indirizzat aħjar ir-riskju ta' żball mhux biss fil-livell tal-proġett iżda wkoll fil-livell tal-benefiċjarju.

L-informazzjoni dwar ir-regolarità tal-Kummissjoni

L-objettiv tal-Kummissjoni huwa li tidentifika l-kwistjonijiet u li tieħu azzjonijiet ta' rimedju xierqa u mmirati kif xieraq. Biex tagħmel dan, tibni l-**assigurazzjoni** tagħha minn isfel għal fuq u f'livell dettaljat, jiġifieri skont il-programm jew segment rilevanti ieħor tan-nefqa, peress li l-implimentazzjoni mhijiex omoġenja bejn il-programmi u l-Istati Membri. Dan huwa meħtieġ ukoll biex l-uffiċjali awtorizzanti b'delega tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom.

Mill-2024, il-Kummissjoni qed tuża **indikatur ġdid għan-nefqa taħt il-PAK 2023–2027** u, konsegwentement, l-intestatura "riżorsi naturali u ambjent": is-sehem tan-nefqa li huwa ta' riskju baxx. Tabilħaqq, għall-biċċa l-kbira tan-nefqa tal-PAK (li tirrappreżenta 74.8 % tan-nefqa tal-intestatura u kważi 24 % tan-nefqa totali tal-baġit għas-sena), il-qafas legali 2023–2027 jirrappreżenta **bidla minn politika bbażata fuq il-konformità għal enfasi akbar fuq il-prestazzjoni**. L-enfasi hija wkoll fuq il-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' governanza stabbiliti fl-Istati Membri biex jiġu żgurati kemm il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti kif ukoll il-kwalità tar-riżultati tal-prestazzjoni. F'konformità ma' dan l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni, kien meħtieġ rappurtar ġdid mill-Istati Membri dwar il-prestazzjoni u dwar il-valutazzjoni tas-sistemi ta' governanza. Ma hemm l-ebda obbligu skont ir-regolamenti tal-PAK għall-Istati Membri biex jirrapportaw l-istatistika ta' kontroll fil-livell tal-benefiċjarji finali lill-Kummissjoni. B'riflessjoni ta' dan, minflok ma tiddetermina rata ta' żball u riskju fil-waqt tal-pagament, il-Kummissjoni tiġbor in-nefqa fi tliet kategoriji ta' riskju: baxx, medju u għoli, abbażi ta' valutazzjoni tal-funzjonament tas-sistemi (ta' governanza) tal-Istati Membri. Biex nikkonkludu dwar kemm il-baġit tal-UE huwa protett tajjeb, is-sehem tan-nefqa b'riskju baxx jitqabbel mas-sehem tas-snin preċedenti tan-nefqa b'riskju baxx.

Minħabba dan l-approċċ il-ġdid, ma jista' jiġi ddeterminat l-ebda riskju fil-waqt tal-pagament u riskju fl-għeluq għad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, għall-intestatura "riżorsi naturali u ambjent" u għall-Kummissjoni kollha kemm hi. Għalhekk, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni jippreżenta r-riskju kwantitattiv fil-waqt tal-pagament u r-riskju fl-għeluq fil-livell tal-intestaturi tal-QFP, ħlief għall-intestatura "riżorsi naturali u ambjent".

Ir-riskji fil-waqt tal-pagament żvelati mis-servizzi tal-Kummissjoni fir-rapporti annwali tal-attività rispettivi tagħhom jirrappreżentaw l-aħjar stimi tagħhom, ibbażati fuq mijiet ta' eluf ta' kontrolli mwettqa kull sena mill-Kummissjoni, u l-Istati Membri f'ġestjoni kondiviża, li jsegwu strateġiji ta' kontroll stabbiliti bir-reqqa, imfassla għall-ispeċifiċitajiet ta' kull programm ta' nfiq.

L-approċċ tal-Kummissjoni, bħala maniġer tal-baġit tal-UE, huwa differenti minn dak segwit mill-QEA fir-rwol tagħha ta' awditur estern. Dan jista' jirriżulta f'differenzi bejn l-istima tal-livell ta' żball miż-żewġ istituzzjonijiet. B'mod partikolari, kif deskritt mill-QEA (§ 1.30), ir-riskju fil-waqt tal-pagament tal-Kummissjoni u r-rata ta' żball tal-QEA mhumiex kunċetti identiċi, u għalhekk mhumiex kompletament komparabbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni mhux dejjem tikkondividi l-valutazzjoni tal-QEA dwar żbalji individwali li jikkontribwixxu għall-kalkolu tal-QEA tar-rata ta' żball tagħha.

Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn ir-riskju fil-waqt tal-pagament tal-Kummissjoni jaqa' fi ħdan il-firxa tal-livelli ta' żball stmati tal-QEA għall-intestatura tal-baġit "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali", pereżempju, iżda mhux għall-oqsma ta' "koeżjoni, reżiljenza u valuri" u "viċinat u d-dinja".

Studju reċenti[6] minn Marzu 2025 ikkummissjonat mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew li qabbel ir-riskju tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament u l-għeluq u l-livell ta' żball stmat tal-QEA jenfasizza l-utilità u l-adegwatezza taż-żewġ approċċi li jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-aspettattivi ta' kull istituzzjoni.

Fl-aħħar nett, f'konformità man-natura pluriennali tan-nefqa tagħha u tal-istrateġiji ta' kontroll differenzjati tagħha, il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri f'ġestjoni kondiviża, tagħmel sforzi sostanzjali biex twettaq kontrolli u tagħmel korrezzjonijiet **wara li jkunu saru l-pagamenti u sa tmiem iċ-ċiklu ta' programmazzjoni**. Meta jiġi ddeterminat riskju fil-waqt tal-pagament, dawn l-isforzi huma riflessi fir-riskju fl-għeluq tal-programm. Għall-intestaturi kollha kkonċernati, ir-riskju fl-għeluq huwa stmat li huwa inqas minn 2 % meta jitqiesu l-miżuri korrettivi addizzjonali li għandhom jittieħdu.

Il-Kummissjoni tkompli tieħu azzjonijiet biex ittejjeb l-effettività tal-kontrolli ex post. Madankollu, tfakkar li, sabiex jibqgħu kosteffettivi, jeħtieġ li l-kontrolli jkunu mmirati u bbażati fuq ir-riskju.

Fil-qasam tal-**politika ta' koeżjoni**, il-Kummissjoni tieħu nota tal-valutazzjoni tal-QEA li s-**sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri** għadhom mhux dejjem effettivi fil-prevenzjoni jew fl-identifikazzjoni tal-irregolaritajiet kollha (§ 1.36). Madankollu, abbażi tal-evalwazzjoni komprensiva u kontinwa tagħha tar-riżultati tal-awditjar kollha disponibbli, il-Kummissjoni temmen li, b'mod ġenerali, wieħed jista' joqgħod fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar u tal-korpi ta' kontroll tagħhom, ħlief għal għadd limitat minnhom li għalihom kull sena tidentifika l-ħtieġa għal titjib (fl-2024, dan kien jikkonċerna 12-il awtorità tal-awditjar jew il-korpi ta' kontroll tagħhom minn 116 b'mod ġenerali, kif irrapportat fir-rapporti annwali tal-attività). Meta dgħufijiet serji identifikati jaffettwaw ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar speċifikament, il-Kummissjoni twettaq ix-xogħol ta' prestazzjoni mill-ġdid tagħha stess biex tivvaluta r-riskji jew tikkwantifika r-riskji b'rata fissa, kif rifless fir-riskju fil-waqt tal-pagament u r-riskji massimi rrapportati fir-rapporti annwali tal-attività u fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni. F'xi każijiet, żbalji li ma kinux inqabdu qabel mill-awtoritajiet tal-awditjar, anki jekk ikollhom impatt fuq ir-rata ta' żball ikkalkulata mill-ġdid għas-sena ta' rapportar, mhux neċessarjament jindikaw dgħufija sistemika fil-ħidma tal-awtorità tal-awditjar. Il-Kummissjoni tilqa' wkoll l-identifikazzjoni mill-QEA ta' din is-sena ta' titjib u prattiki tajbin minn awtorità tal-awditjar (ara § 6.50 u kaxxa 6.12).

Il-Kummissjoni tkompli taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet tal-programm biex tiżgura fehim komuni tal-qafas legali u ta' implimentazzjoni. Filwaqt li jibnu fuq is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA u tagħha stess matul dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar u maniġerjali qablu dwar pjan ta' azzjoni b'sett ta' 22 azzjoni li l-awtoritajiet jistgħu jieħdu biex ikomplu jsaħħu l-kapaċità ta' detezzjoni tagħhom u jindirizzaw kwistjonijiet pendenti qabel l-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 (ara aktar dettalji f' §6.51 u t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 6, it-Taqsima II.2). Barra minn hekk, fl-2024, il-Kummissjoni bdiet djalogu mal-QEA biex tifhem aħjar l-approċċi differenti għall-valutazzjoni tal-livell ta' żball abbażi tax-xogħol irrappurtat mill-awtoritajiet tal-awditjar. Fl-aħħar nett, b'segwitu għall-konklużjonijiet tal-QEA, il-Kummissjoni rrieżaminat ukoll l-approċċ tagħha għall-awditi tal-konformità għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, bil-ħsieb li żżid il-kopertura tal-programmi u tal-awtoritajiet tal-awditjar soġġetti għat-twettiq mill-ġdid tal-awditi (għodda superviżorja aktar effettiva kif konkluż mill-QEA) u tiżgura l-kompletezza u l-adegwatezza tal-listi ta' kontroll tal-awditjar użati mill-awtoritajiet tal-awditjar.

[6] Ara l-istudju tal-Parlament "Rati ta' erruri paragunati — Metodoloġiji li jirfdu r-riskju tal-Kummissjoni Ewropea fil-waqt tal-pagament/għeluq u l-livell ta' żball stmat tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri" — Unità ta' Appoġġ Baġitarju Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Baġitarji PE 772.485 — Marzu 2025

Fil-qasam ta' politika "**viċinat u d-dinja**" (§ 1.37), il-Kummissjoni tqis li l-istudju dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER) — li la huwa inkarigu ta' aċċertament u lanqas awditu — huwa adattat għall-iskop tiegħu u mhuwiex soġġett għal limitazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal sottovalutazzjoni tal-iżbalji. Il-Kummissjoni ilha taħdem fuq l-aġġornament tal-metodoloġija tagħha dwar ir-RER sabiex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA relatati mal-istudju dwar ir-RER u l-metodoloġija riveduta se tkun applikabbli mill-2025.

Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li r-rata ta' żball tal-QEA tkejjel, fost l-oħrajn, żbalji f'kuntratti li xorta jistgħu jkunu soġġetti għal kontrolli u korrezzjonijiet mill-Kummissjoni fi snin kontabilistiċi sussegwenti. Permezz tal-istudju dwar ir-RER, il-Kummissjoni tistma livell ta' żball ibbażat fuq kampjun rappreżentattiv ta' kuntratti magħluqa — sa dak iż-żmien, ħafna kwistjonijiet se jkunu ġew solvuti. Ir-rata ta' żball tal-QEA u r-rata tal-iżball residwu tal-Kummissjoni għan-nefqa tad-DĠ INTPA u tad-DĠ NEAR fl-2024, li jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tan-nefqa għall-intestatura "viċinat u d-dinja", għalhekk mhumiex direttament komparabbli.

2. Rapport dwar suspett ta' frodi

Il-Kummissjoni tfakkar li **mhux l-irregolaritajiet jew il-każijiet kollha ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli jikkostitwixxu frodi.**

Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li, fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, l-awtoritajiet tal-programm kienu meħtieġa jistabbilixxu u jimplimentaw miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi, ibbażati fuq valutazzjoni tar-riskju ta' frodi, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-QEA li r-rakkomandazzjoni 5.2 mir-rapport annwali tal-2020, li għandha x'taqsam mat-traċċar tar-riskju ta' frodi fl-awditi tal-operazzjonijiet mill-awtoritajiet tal-awditjar, ġiet implimentata fil-biċċa l-kbira mill-aspetti. Bħala parti mill-awditi tagħha għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, il-Kummissjoni qed twettaq inkjesta tal-awditjar iddedikata biex tivverifika, fl-awtoritajiet tal-awditjar ewlenin kollha, li l-listi ta' kontroll użati mill-awtoritajiet tal-awditjar biex iwettqu l-awditi tagħhom tal-operazzjonijiet ikopru l-mistoqsijiet tal-awditjar kollha meħtieġa, inklużi dawk relatati ma' suspetti ta' frodi. Dan se jippermetti li jiġu indirizzati l-każijiet li jifdal fejn għadu mistenni titjib f'dak ir-rigward.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 2: ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

I. IT-TWEĠIBIET FIL-QOSOR TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura **implimentazzjoni sħiħa u effiċjenti tal-baġit tal-UE** f'konformità mal-qafas finanzjarju u legali eżistenti. Il-Kummissjoni **timmonitorja b'mod kostanti l-implimentazzjoni tal-baġit** u **l-evoluzzjoni tal-impenji pendenti**, kif ukoll il-fatturi sottostanti relatati. Se tkompli wkoll tipproponi livelli ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li jissodisfaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet ta' pagament matul il-proċeduri baġitarji annwali. Hija tinforma regolarment lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-ħtiġijiet imbassra (għal sena partikolari kif ukoll għas-snin ta' wara) u dwar ir-riskji potenzjali għall-futur u tippreżenta u tispjega regolarment is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-baġit.

Fir-rigward tal-**livell ta' impenji pendenti** (RAL) fi tmiem l-2024 u r-riskji assoċjati identifikati fil-kapitolu tar-rapport tal-QEA, il-Kummissjoni tfakkar li madwar **terz** tal-ammont totali ġej mill-parti mhux ripagabbli tal-istrument **NextGenerationEU** (NGEU), li l-biċċa l-kbira tiegħu jgħaddi mill-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)**. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri biex jiżguraw implimentazzjoni rapida u effettiva tal-RRPs tagħhom mingħajr ma jnaqqsu l-ambizzjonijiet tagħhom jew idgħajfu l-miżuri kritiċi. Fir-rigward tat-tħassib dwar **l-assorbiment tal-RRF**, il-Kummissjoni tenfasizza d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni kkawżati minn **diversi avvenimenti ta' kriżi** li affettwaw jew dewmu l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF. Sabiex timplimenta bis-sħiħ l-RRF u taħsad il-benefiċċji tagħha, il-Kummissjoni reċentement ħarġet Komunikazzjoni indirizzata lill-Istati Membri li tipprovdilhom gwida dwar kif jistgħu jissimplifikaw aktar il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) tagħhom qabel il-preżentazzjoni tal-**aħħar talbiet għal pagament fl-2026**.[1]

Madwar nofs l-impenji pendenti marbuta mal-programmi tal-QFP fi tmiem l-2024 jirriżultaw mill-**politika ta' koeżjoni**, u, b'estensjoni, mill-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża. Peress li l-livell tal-għażla tal-proġetti fil-prattika jilħaq madwar nofs il-pakketti disponibbli għall-programmi ta' koeżjoni 2021–2027, **l-implimentazzjoni finanzjarja hija mbassra wkoll li tilħaq ritmu tajjeb** fuq terminu qasir. Il-Kummissjoni żżomm għajnejha fuq ir-riskju assoċjat ta' diżimpenn fil-livell tal-programm u taħdem id f'id mal-Istati Membri biex timmitigah. Il-Kummissjoni hija kunfidenti li l-**pakkett leġiżlattiv il-ġdid** fil-qafas tar-rieżami ta' nofs it-terminu se jkompli **jżid il-livell ta' użu** tal-fondi u, b'hekk, tistenna li r-riskju ta' diżimpenn jonqos b'mod sinifikanti.

Fir-rigward tal-**livell ogħla ta' teħid b'self tal-NGEU** u l-livell ogħla ta' **skopertura baġitarja**, il-Kummissjoni tissottolinja li l-ħlas lura tas-self tal-NGEU se jibda mill-2028 u dan se jiżgura tnaqqis kostanti u prevedibbli tal-obbligazzjonijiet. Il-baġit tal-UE se jkopri l-ħlas lura tal-obbligazzjonijiet tan-NextGenerationEU permezz tad-dħul tiegħu.

Sabiex tiġi indirizzata **ż-żieda fil-kostijiet tas-self**, wara l-adozzjoni tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), mekkaniżmu kaskata ġdid li jinkludi strument speċjali (l-istrument EURI) issa jkopri l-kost eċċessiv meta mqabbel mal-pakkett inizjali. Il-Kummissjoni hija

[1] COM(2025)310: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: NextGenerationEU — It-Triq lejn l-2026

trasparenti fir-rigward tal-**evoluzzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti** u tittrattahom f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà. L-obbligazzjonijiet kontinġenti jiġu ddivulgati fil-kontijiet annwali tal-UE u r-riskji tagħhom (b'mod partikolari l-adegwatezza tal-proviżjonament) jiġu vvalutati regolarment, b'mod partikolari fil-kuntest tal-hekk imsejħa Rapporti tal-Artikolu 41(5) tar-Regolament Finanzjarju (RF) u tal-256 tar-RF.

II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja fl-2024

L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE

Il-Kummissjoni tinnota li l-QEA inkludiet it-tipi kollha ta' approprjazzjonijiet fl-analiżi. Meta tanalizza r-**rati finali tal-implimentazzjoni** tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni tfakkar li r-Regolament Finanzjarju u xi wħud mill-bażijiet legali jipprevedu l-possibbiltà li l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għas-sena ta' wara jiġu riportati li ma kinux implimentati fi tmiem is-sena. Din hija b'mod speċjali prattika komuni għad-dħul assenjat.

Kif indikat il-QEA f' § 2.7, madwar EUR 1 biljun ta' **approprjazzjonijiet ta' impenn** ivvutati ġew riportati (li minnhom EUR 50 miljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn ġew riportati b'deċiżjoni tal-Kummissjoni[2] u EUR 1 biljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn ġew riportati awtomatikament). B'kont meħud tar-riporti, l-implimentazzjoni tal-baġit ivvutat għat-taqsima tal-Kummissjoni laħqet 99.4 % għall-impenji. Mill-approprjazzjonijiet ta' impenn mhux implimentati, EUR 40 miljun skadew fi tmiem is-sena (li minnhom EUR 26 miljun għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, li ma ġiex mobilizzat, filwaqt li l-ammont li jifdal kien dovut għall-ammonti limitati li baqgħu ma ntużawx wara l-finalizzazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist jew ta' għotja).

Fir-rigward tal-**approprjazzjonijiet ta' pagament**, il-Kummissjoni tixtieq iżżid mal-elementi ppreżentati fil-paragrafu 2.10 li EUR 2.6 biljun tal-approprjazzjonijiet ta' pagament ivvutati għall-2024 ġew **riportati għall-2025** mill-Kummissjoni (EUR 0.1 biljun ġew riportati mid-deċiżjoni u EUR 2.5 biljun ta' approprjazzjonijiet ta' pagament ġew riportati awtomatikament) u EUR 0.9 biljun mill-Istituzzjonijiet l-oħra. Meta wieħed jikkunsidra r-riport ta' approprjazzjonijiet mill-2024 għall-2025, l-implimentazzjoni laħqet 99.9 % tal-pagamenti totali disponibbli. B'riżultat ta' dan, EUR 78 miljun biss mill-approprjazzjonijiet ta' pagament ivvutati baqgħu ma ntużawx fi tmiem is-sena. Barra minn hekk EUR 24.6 biljun tad-dħul assenjat ġew riportati għall-2024.

L-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi b'ġestjoni kondiviża skont is-CPR 2021–2027

Il-Kummissjoni tfakkar li **l-programmi 2021–2027 ġew adottati 7 xhur wara** dawk tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 minħabba fatturi esterni. Bħala tali, ir-rata tal-assorbiment fi tmiem l-2024 għandha pjuttost titqabbel ma' dik f'nofs l-2017. Barra minn hekk, meta jsir tqabbil bejn iż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni, jenħtieġ li jitqies ukoll li r-**rati ta' prefinanzjament** fl-2014–2020 kienu ogħla u kklerjati f'mument differenti milli fl-2021–2027. Jekk nieħdu r-rata ta' pagament interim fi tmiem l-2017 (għall-perjodu 2014–2020) u l-2024 (għall-perjodu 2021–2027)

[2] C(2025) 808 final, 4.2.2025.

tkun ta' 7.96 % u 2.84 % rispettivament, meħuda mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +) flimkien. Ir-rata fl-aħħar ta' Ġunju 2017 għall-FEŻR, il-FK u l-FSE kienet ta' 3.49 %, li hija komparabbli mar-rata fi tmiem l-2024.

L-għotja tal-RRF u l-implimentazzjoni tal-NGEU

B'mod ġenerali, **il-pass tal-iżborżi** taħt l-RRF kien rapidu, bi kważi 50 % tal-fondi kollha (EUR 315 biljun) żborżati sal-aħħar ta' Mejju 2025. Dan huwa partikolarment minnu għall-għotjiet, fejn 57 % (EUR 205 biljun) diġà tħallsu lill-Istati Membri.

Fl-2024, ġew żborżati kważi EUR 56 biljun f'appoġġ ta' għotja taħt l-RRF, li minnhom EUR 2.4 biljun fi prefinanzjament tar-REPowerEU. B'mod ġenerali, fi tmiem l-2024, **l-iżborżi tal-għotjiet** taħt l-RRF kienu ta' EUR 197.5 biljun, li kienu **jirrappreżentaw 55 % tal-għotjiet kollha impenjati** taħt l-RRF.

Evoluzzjoni tal-impenji pendenti totali

Il-Kummissjoni tfakkar li **madwar terz** tal-ammont totali ġej mill-parti mhux ripagabbli tal-istrument **NextGenerationEU** (NGEU), li l-biċċa l-kbira tiegħu jgħaddi mill-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)**. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri biex jiżguraw implimentazzjoni rapida u effettiva tal-RRPs tagħhom mingħajr ma jnaqqsu l-ambizzjonijiet tagħhom jew idgħajfu l-miżuri kritiċi.

Madwar nofs ir-RAL marbut mal-programmi tal-QFP fi tmiem l-2024 jirriżulta mill-**politika ta' koeżjoni**, u, b'estensjoni, mill-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża. Peress li l-livell tal-għażla tal-proġetti fil-prattika jilħaq madwar nofs il-pakketti disponibbli għall-programmi ta' koeżjoni 2021–2027, **l-implimentazzjoni finanzjarja hija mbassra wkoll li tilħaq ritmu tajjeb** fuq terminu qasir.

2. Riskji u sfidi

Diżimpenji u ħeffa tal-implimentazzjoni

Fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni dwar miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-isfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu[3] u l-adozzjoni mistennija mill-Istati Membri tal-flessibbiltajiet proposti, ir-riskju ta' diżimpenji huwa mistenni li jonqos b'mod sinifikanti. L-aġġornament li jmiss tat-Tbassir fit-tul tal-flussi ta' dħul u ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE se jikkonferma din ix-xejra.

Fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-QEA li tittieħed azzjoni dwar **ir-riskju ta' diżimpenn**, il-Kummissjoni qed **timmonitorja mill-qrib** ir-riskju fil-livell tal-programmi u qed taħdem id f'id mal-Istati Membri biex timmitigah permezz ta' miżuri xierqa mfassla apposta għal kull sitwazzjoni speċifika. Fi stadju aktar tard, il-Kummissjoni se tkun taf kif l-adozzjoni tal-pakkett leġiżlattiv il-ġdid fil-qafas tar-rieżami ta' nofs it-terminu għenet biex jitnaqqas dan ir-riskju.

Assorbiment f'waqtu tal-fondi tal-RRF

Il-Kummissjoni tenfasizza li **l-iżborżi taħt l-RRF** kienu storikament **rapidi**, bi **kważi 50 %** tal-finanzjament impenjat kollu (EUR 315 biljun minn EUR 650 biljun) żborżat sal-aħħar ta' Mejju 2025.

[3] COM(2025) 123 final

Dan huwa partikolarment minnu għall-għotjiet, fejn 57 % (EUR 205 biljun) diġà tħallsu lill-Istati Membri.

Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li l-implimentazzjoni tal-RRF seħħet f'**diversi kriżijiet**. Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kriżi tal-enerġija li rriżultat, l-inflazzjoni għolja, il-konġestjonijiet fil-katina tal-provvista u xi diżastri marbuta mal-klima **kkompromettew jew dewmu l-implimentazzjoni** tal-miżuri tal-RRF.

Sabiex l-RRF tiġi implimentata bis-sħiħ u jinkisbu l-benefiċċji tagħha, huwa ċar li **hija meħtieġa aċċellerazzjoni sinifikanti fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri**, peress li l-pass attwali mhuwiex biżżejjed biex tiġi żgurata t-tlestija tal-istadji importanti u l-miri kollha sal-iskadenza tal-31 ta' Awwissu 2026. F'Komunikazzjoni maħruġa fl-4 ta' Ġunju, il-Kummissjoni tat **aktar gwida lill-Istati Membri dwar is-simplifikazzjoni** tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom, dwar **l-għażliet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri** meta jirrevedu l-pjanijiet tagħhom u **dwar l-ippjanar bil-quddiem għall-preżentazzjoni tal-aħħar talbiet għall-pagament** fl-2026.

Il-Kummissjoni għaddiet messaġġ ċar lill-Istati Membri li jeħtieġ li tittieħed azzjoni issa. Jekk l-Istati Membri jibqgħu ffukati u **l-RRPs jiġu riveduti malajr** fejn meħtieġ, il-Kummissjoni taħseb li **huwa fattibbli li jiġu implimentati l-RRPs fil-bqija taż-żmien li fadal**.

Obbligi ta' teħid b'self tal-NGEU taħt il-QFP futur

Il-Kummissjoni tenfasizza li **l-ħlas lura tas-self tal-NGEU** se jibda mill-2028, li se jiżgura pass kostanti u prevedibbli tat-tnaqqis tal-livell tal-obbligazzjonijiet. **Il-profil attwali tal-ħlas lura** se jiġi definit **fl-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali (QFP) futuri**, li bħalissa ma jistgħux jiġu ppreġudikati.

Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li l-baġit tal-UE se jkopri l-ħlas lura tan-NextGenerationEU **permezz tad-dħul tiegħu**. F'dan ir-rigward, id-dħul mistenni futur minn Riżorsi Proprji ġodda ma għandux għalfejn ikun **tal-istess daqs tal-ħtiġijiet ta' ħlas lura**, filwaqt li l-introduzzjoni tagħhom għadha prijorità għall-Kummissjoni.

Minħabba ż-żieda fir-rati tal-imgħax mill-2022 meta mqabbla mal-previżjonijiet fiż-żmien tal-adozzjoni tal-QFP, **il-kostijiet totali tal-finanzjament għal NextGenerationEU** se jkunu **ogħla b'mod sinifikanti**, sa tmiem l-2027, mill-EUR 14.9 biljun oriġinarjament allokati fl-ipprogrammar finanzjarju għall-perjodu sħiħ. Sabiex tiġi indirizzata ż-żieda fil-kostijiet tas-self, ġew introdotti **mekkaniżmu ta' kaskata** u strument speċjali ġdid (**l-istrument EURI**) fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP li kkontribwew **biex ikopru l-kost eċċessiv** meta mqabbel mal-pakkett inizjali.

Il-Kummissjoni tindika li **t-tnaqqis żgħir reċenti fir-rati tal-imgħax** naqqas l-ispejjeż żejda. Madankollu, għall-2026, l-abbozz tal-baġit tal-2026 jindika kostijiet totali ta' finanzjament ta' madwar EUR 8 biljun, kważi EUR 4.3 biljun aktar mill-pakkett inizjali. Fir-rigward tal-prospettiva fuq terminu medju, l-aħħar stimi ta' **ħtiġijiet addizzjonali lil hinn mill-ipprogrammar finanzjarju oriġinali** huma fil-medda ta' bejn EUR 5.6 biljun u EUR 7.0 biljun għall-2027.

Il-livell tal-iskopertura tal-baġit tal-UE

Il-Kummissjoni hija kompletament trasparenti fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti u tittrattahom f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà. L-obbligazzjonijiet kontinġenti jiġu ddivulgati fil-kontijiet annwali tal-UE u r-riskji tagħhom (jiġifieri l-adegwatezza tal-proviżjonament) jiġu vvalutati regolarment, b'mod partikolari fil-kuntest tar-**rapporti** annwali **previsti fl-Artikoli 41 (5) u 256 tar-Regolament Finanzjarju**. Il-**kontijiet**

annwali tal-UE jirrapportaw ukoll l-iskeda ta' ħlas lura tal-programmi kollha ta' assistenza finanzjarja sat-tlestija.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-esponiment tal-baġit tal-UE jista' jilħaq sa EUR 567 biljun sal-2027, **f'konformità mal-kapaċità tal-istrumenti differenti** li qed jiġu implimentati, jekk wieħed jassumi l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom.

L-inflazzjoni tal-UE

Il-Kummissjoni taqbel mal-osservazzjoni tal-QEA li, minħabba d-deflatur fiss ta' 2 % għall-aġġustament tal-limiti massimi annwali tal-QFP fi prezzijiet attwali, l-inflazzjoni ta' aktar minn 2 % fl-ewwel snin tal-QFP **taffettwa b'mod negattiv il-kapaċità** tal-akkwist tal-baġit tal-UE. Fl-istess ħin jaqbel ukoll mar-rapport li, minħabba **differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri fir-rigward tal-inflazzjoni kumulattiva** mill-bidu tal-QFP, **l-impatt huwa differenti** fost l-Istati Membri.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 2.1 — Jiġi żgurat li l-ħlas lura tal-NGEU ma jqisx l-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tfassal u timplimenta skedi xierqa ta' ripagament tas-self għall-appoġġ mhux ripagabbli tal-NGEU, sabiex tqis l-implimentazzjoni tal-programmi eżistenti u futuri tal-UE.

(Data ta' implimentazzjoni fil-mira: sa tmiem l-2026)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

L-introduzzjoni tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP bir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP attwali tippermetti provvediment f'waqtu ta' approprjazzjonijiet baġitarji addizzjonali f'każ ta' żidiet biex ikopru l-kost tan-nefqa fuq l-imgħax sal-2027. Il-proposta tal-QFP li jmiss se tkopri wkoll il-ħlas lura tal-appoġġ mhux ripagabbli tal-NGEU. Filwaqt li l-proposta tal-QFP li jmiss qed titħejja u ma tistax, f'dan il-mument, tiġi ppreġudikata, il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-istruttura tal-maturità tal-bonds tal-NGEU hija organizzata b'mod li jwassal għal tnaqqis kostanti u prevedibbli tal-obbligazzjonijiet tal-NGEU matul il-perjodu sal-2058.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 3: KISBA TA' RIŻULTATI MILL-BAĠIT TAL-UE

Parti 1 — Riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni tal-QEA: messaġġi ewlenin

Il-konklużjonijiet ippreżentati fil-Parti 1 tal-Kapitolu 3 huma derivati mir-rapporti speċjali tal-QEA li ġew ippubblikati fl-2024. Dawn ir-rapporti speċjali kienu soġġetti għal proċeduri ta' kklerjar u kontradittorji estensivi, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. It-tweġibiet dettaljati tal-Kummissjoni li jirriflettu l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rapporti speċjali u r-rakkomandazzjonijiet li saru fihom ġew ippubblikati flimkien mar-rapporti u huma disponibbli għall-pubbliku.

Il-Kummissjoni tieħu nota tas-sommarji tal-QEA tad-dikjarazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill maħruġa wara l-pubblikazzjoni tar-rapporti speċjali maħruġa fl-2024 u elenkati fil-Parti 1 tal-Kapitolu 3.

Il-Kummissjoni tissottolinja li r-rata ta' aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA kif riflessa fil-Parti 1 (§3.5) hija ġeneralment għolja ħafna (86 % kemm jekk aċċettata kompletament u kemm jekk parzjalment), u dan juri l-approċċ kostruttiv tal-Kummissjoni lejn l-indirizzar tal-kwistjonijiet identifikati mill-QEA. Fl-2024, kienu biss 14 % tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA li ma ġewx aċċettati mill-Kummissjoni u dan jista' jiġi spjegat parzjalment miż-żieda fl-għadd ta' awditi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2024 u n-nuqqas ta' aċċettazzjoni ta' xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar il-pożizzjoni tagħha dwar bosta rapporti speċjali msemmija mill-QEA fil-parti 1 tal-Kapitolu 3.

Fir-rigward tar-**Rapport Speċjali 14/2024 tagħha dwar it-Tranżizzjoni Ekoloġika**, il-QEA tiddikjara li identifikat "*stimi eċċessivi potenzjali tal-ammonti allokati għall-azzjoni klimatika*". Filwaqt li l-Kummissjoni segwiet id-dispożizzjonijiet fir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) stabbilit mill-koleġiżlaturi biex tistma kemm il-miżuri tal-RRF jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika, il-QEA ma qablitx ma' xi wħud mill-koeffiċjenti stabbiliti fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. Il-QEA għalhekk għażlet li tikkalkula mill-ġdid il-kontribuzzjoni għall-azzjoni klimatika, billi tapplika koeffiċjenti aktar baxxi minn dawk stabbiliti mit-test legali, li jirriżultaw f'kontribuzzjoni stmata aktar baxxa għall-klima. Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-approċċ tal-QEA li titbiegħed mill-metodoloġija prevista fil-bażi legali, li l-Kummissjoni u l-Istati Membri huma marbuta li japplikaw.

Fir-rigward tar-**Rapport Speċjali 22/2024 tagħha dwar Finanzjament doppju mill-bażit tal-UE**, il-QEA tiddikjara li "l-użu ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet iwassal għal riskju ogħla ta' finanzjament doppju". Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li din il-konklużjoni hija bbażata fuq interpretazzjoni legali tal-QEA li l-Kummissjoni tqis li mhijiex allinjata mal-ittra u l-ispirtu tal-Artikolu 9 tar-Regolament RRF, li jipprevedi b'mod espliċitu "Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħra tal-Unjoni dment li tali appoġġ ma jkoprix l-istess kost." F'konformità ma' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni hija tal-fehma soda li jekk Stat Membru jindika ex ante li l-ebda fond tal-RRF mhu se jintuża biex tiġi implimentata miżura (u għalhekk il-miżura ma tiġix "stmata" skont l-RRP, jiġifieri hija miżura mingħajr kostijiet), skont id-definizzjoni, ma jistax iseħħ finanzjament doppju. Dan huwa apparti minn jekk ikunux qed jintużaw fondi oħra tal-UE għall-implimentazzjoni tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tarax bażi għall-

konklużjoni tal-QEA dwar riskju ta' finanzjament doppju relatat ma' strumenti bbażati fuq il-finanzjament mhux marbut mal-kost.

Fir-rigward tar-**Rapport Speċjali 05/2024 tal-QEA dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE**, il-Kummissjoni tfakkar li, ittieħdu diversi azzjonijiet biex jittejjeb ir-Reġistru ta' Trasparenza[1] wara l-perjodu tal-awditjar, inkluża t-tlestija ta' ċiklu sħiħ ta' monitoraġġ tal-bażi tad-data tar-reġistru biex tiżdied il-kwalità ġenerali tad-data kif ukoll it-tnedija f'April 2024 tas-sit web il-ġdid u tal-pjattaforma tal-IT ta' appoġġ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u istituzzjonijiet awditjati oħra qed jaħdmu biex iwettqu l-prijoritajiet annwali tar-Reġistru ta' Trasparenza għall-2025[2], filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet tekniċi tal-QEA. Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li, fil-bidu tal-mandat il-ġdid tagħha fl-2024, il-Kummissjoni adottat miżuri ġodda ta' trasparenza li jsaħħu b'mod sinifikanti r-reġim intern tagħha marbut mar-Reġistru ta' Trasparenza permezz tad-Deċiżjonijiet tagħha (UE) 2024/3081 u 2024/3082.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-**Rapport Speċjali 3/2024 tal-QEA dwar l-istat tad-dritt fl-UE**, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar l-iskopijiet, il-kampijiet ta' applikazzjoni u l-objettivi differenti tat-tliet strumenti ewlenin kif jidhru f'dan ir-rapport tal-QEA: ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, ir-Regolament RRF u r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK). Il-Kummissjoni tenfasizza li l-RRF u l-RDK mhumiex strumenti speċifiċi tal-istat tad-dritt u jistgħu jservu biss indirettament biex jindirizzaw ċerti kwistjonijiet tal-istat tad-dritt fil-limiti tar-regolamenti rispettivi. Ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità jippermetti lill-UE tieħu miżuri, pereżempju sospensjoni ta' pagamenti jew korrezzjonijiet finanzjarji, biex tipproteġi l-baġit biss f'każijiet fejn il-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt jaffettwa jew jirriskja li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE b'mod dirett biżżejjed u biss jekk l-ebda strument ieħor ma jkun jista' jipproteġi l-baġit tal-Unjoni b'mod aktar effettiv. Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-QEA li l-Kummissjoni identifikat ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fil-każ tal-Ungerija abbażi ta' valutazzjoni kwalitattiva bir-reqqa u li kienet konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tilqa' wkoll il-valutazzjoni tal-QEA li l-Kummissjoni użat ir-Regolament dwar l-RRF, ir-RDK u l-Kondizzjonalità b'mod effettiv flimkien f'każ wieħed fejn ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità ġie applikat s'issa.

Parti 2 — Prestazzjoni tal-programmi skont l-Intestatura 1 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali

[1] Ir-reġistru tat-Trasparenza jitħaddem b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni skont il-Ftehim Interistituzzjonali tagħhom tal-20 ta' Mejju 2021 (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1).

[2] l-prijoritajiet annwali għar-Reġistru tat-Trasparenza huma ppubblikati fuq is-sit web tar-reġistru: Governanza - Unjoni Ewropea

Qafas għar-rapportar dwar il-prestazzjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-QEA li l-qafas ta' rapportar dwar il-prestazzjoni tagħha kien stabbli f'konformità mal-istruzzjonijiet, u li l-bidċa l-kbira tar-referenzi kwantitattivi għall-programmi li l-QEA eżaminat fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2023 kienu bbażati fuq evidenza ta' sostenn rilevanti (§ 3.44, § 3.46). Iċ-ċifri bażitarji rrapportati fid-Dikjarazzjonijiet tal-Prestazzjoni tal-Programm għall-programmi kkampjunati nkisbu mis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni. Il-QEA ma identifikatx żbalji materjali f'dawn iċ-ċifri rrappurtati, ħlief li l-bażit totali għall-2021–2027 għal Orizzont Ewropa kien iddikjarat b'mod insuffiċjenti b'EUR 367 miljun minħabba r-riallokazzjoni tal-fondi.

It-tfassil tal-indikaturi tal-prestazzjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-QEA li l-indikaturi tal-prestazzjoni huma mfassla aħjar fil-perjodu tal-QFP 2021–2027, għalkemm b'xi eċċezzjonijiet. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li huwa kruċjali li ssir distinzjoni bejn l-indikaturi tal-prestazzjoni, li jkejlu l-outputs u r-riżultati immedjati ta' programm, u l-indikaturi tal-impatt, li jivvalutaw il-bidliet u l-kontributi fit-tul għal objettivi strateġiċi usa' wara t-tlestija tal-programm (§ 3.47), peress li jaqdu skopijiet distinti.

Il-Kummissjoni tinnota li l-indikaturi ta' **Orizzont Ewropa** meqjusa mill-QEA bħala diffiċli biex jiġu interpretati, ma jallinjawx mar-regolamenti ta' Orizzont Ewropa (§ 3.51 u Kaxxa 3.1). Għad-dikjarazzjonijiet tal-Prestazzjoni tal-Programm, il-Kummissjoni tejbet it-terminoloġija tal-indikatur indikat fl-SAP biex tiffaċilita l-interpretazzjoni tiegħu. Għall-perjodu 2014-2020 ta' Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni biddlet il-metodu ta' kejl ta' diversi indikaturi biex ittejjeb il-kwalità tad-data minn tranżizzjoni u rapportar perjodiku għal rapportar kontinwu (§ 3.54 sa § 3.55). Dan kellu impatt fuq ir-rapportar u l-elementi enfasizzati mill-QEA tjiebu fil-perjodu 2021-2027.

Fir-rigward tal-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa**, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li r-riżultati rrappurtati fid-Dikjarazzjonijiet tal-Prestazzjoni tal-Programm tipikament jirriflettu l-outputs minn proġetti kkompletati, madankollu l-Kummissjoni timmonitorja kontinwament il-proġetti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom (Tabella 3.1). Dan l-approċċ li jħares' il quddiem jgħin biex jiġu identifikati r-riskji kmieni, u jippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta jekk l-indikaturi humiex fit-triq it-tajba biex jintlaħqu l-miri, anke b'riżultati parzjali. Fir-rigward tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni (§ 3.49), il-Kummissjoni tejbet il-qafas ta' prestazzjoni tal-FNE 2021–2027 billi inkorporat aktar indikaturi orjentati lejn ir-riżultati u tejbet il-ġbir tad-data, filwaqt li qieset ir-riżultati tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FNE 2014–2020. Is-sistema ta' monitoraġġ tal-FNE tfasslet biex tirrifletti l-objettivi ewlenin tal-programm u tipprovdi qafas koerenti għat-traċċar tal-implimentazzjoni, aktar milli tiġbor ir-riżultati u l-impatti kollha. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FNE 2014–2020 identifikat opportunitajiet biex jissaħħu aktar l-indikaturi relatati mal-objettivi ta' politika ġenerali.

Fir-rigward ta' **InvestEU** (§ 3.52), il-Kummissjoni tirrikonoxxi li ż-żewġ indikaturi msemmija (jiġifieri l-Investiment mobilizzat u l-effett Multiplier) ma jispeċifikawx b'mod ċar jekk jirreferux għal operazzjonijiet approvati, iffirmati jew żborżati u li din l-informazzjoni tista' tinstab fil-fajl tal-metadata tal-indikatur tal-abbozz tal-bażit. Għalhekk, fil-futur il-Kummissjoni se tinkorpora din l-informazzjoni wkoll fin-narrattiva ewlenija tad-Dikjarazzjonijiet tal-Prestazzjoni tal-Programm InvestEU. Il-Kummissjoni tinnota li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ta' InvestEU mhumiex meħtieġa mill-ftehimiet ta' garanzija ffirmati mal-Kummissjoni u lanqas mir-Regolament InvestEU li jirrapportaw Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni fil-livell tal-proġetti. Barra minn hekk, fil-kuntest attwali tal-isforzi biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, il-Kummissjoni ma għandhiex l-intenzjoni li tkompli żżid il-kumplessità u l-granularità tar-rekwiżiti ta' rapportar skont il-programm InvestEU (§ 3.62).

Valutazzjoni tal-progress fl-ilħuq tal-miri tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Il-Kummissjoni tqis li, meta tivvaluta l-progress tal-indikaturi tal-prestazzjoni lejn il-miri tagħhom, jenħtieġ li titqies l-informazzjoni disponibbli rilevanti kollha — mhux biss ir-riżultati tal-passat. Pereżempju, l-informazzjoni dwar proġetti li għaddejjin hija wkoll pertinenti. Għaldaqstant, il-valutazzjoni tagħha tirrifletti l-evoluzzjoni mistennija ta' kull indikatur abbażi tad-data disponibbli. Id-dewmien inizjali, pereżempju, jista' jiġi indirizzat u megħlub jekk jiġu implimentati miżuri xierqa. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-indikaturi mhux dejjem issegwi perkors lineari; f'ħafna każijiet, il-maġġoranza tar-riżultati se jimmaterjalizzaw lejn tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza wkoll li, filwaqt li l-miri huma ġeneralment utli għall-valutazzjoni tal-progress tal-indikaturi, mhux dejjem ikun possibbli jew utli li jiġu stabbiliti. Pereżempju, il-miri huma inqas sinifikanti għall-indikaturi tal-impatt li huma influwenzati b'mod sinifikanti minn fatturi esterni lil hinn mill-kontroll tal-baġit tal-UE. Bl-istess mod, l-indikaturi li jkejlu r-riżultati xprunati mid-domanda — bħall-adozzjoni ta' prodotti finanzjarji — huma inqas adatti għall-iffissar tal-miri.

Fir-rigward tal-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa**, il-Kummissjoni timmonitorja kontinwament il-proġetti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, u tippermetti approċċ li jħares' il quddiem li jista' jidentifika r-riskji kmieni (tabella 3.3). Dan jgħin biex jiġi vvalutat jekk l-indikaturi humiex fit-triq it-tajba biex jintlaħqu l-miri, anke jekk ikunu disponibbli biss riżultati parzjali. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li 12-il indikatur kienu fit-triq it-tajba u erbgħa wrew progress moderat, filwaqt li r-riżultati rrapportati fid-Dikjarazzjonijiet tal-Prestazzjoni tal-Programm tipikament jirreferu għall-outputs minn proġetti kkompletati. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li dan jista' jirriżulta f'lakuna apparenti.

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-proġetti tal-infrastruttura tat-trasport ma jsegwux xejra ta' implimentazzjoni lineari u l-biċċa l-kbira tar-riżultati se jimmaterjalizzaw lejn tmiem il-programm, li huwa l-każ tal-eżempju tal-Kaxxa 3.2 relatat mal-linji tat-trasport mgħammra bis-sistema Ewropea tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju. Diversi proġetti rċevew estensjonijiet sal-2024, bl-outputs finali rrapportati sa 12-il xahar wara t-tlestija. Dan jiġġustifika l-valutazzjoni tal-progress moderat.

Għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021–2027, il-Kummissjoni ssib li l-indikatur għal punti ta' provvista ta' fjuwil alternattiv jinsab fit-triq it-tajba minkejja progress bikri limitat (Kaxxa 3.3). Peress li l-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIF) tal-FNE għadha fl-istadji bikrija tagħha, il-Kummissjoni tistenna aktar riżultati sa tmiem il-perjodu. Sa tmiem l-2023, 10 proġetti rrappurtaw punti ta' provvista li kienu qed joperaw kienu rrappurtaw 4 % (EUR 64 miljun) tal-baġit totali li ntefaq, u huma antiċipati aktar minn 30,000 punt ta' provvista.

Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-opinjoni tal-QEA li 65 % tal-indikaturi tal-FNE 2014–2020 x'aktarx li ma jilħqux il-miri tagħhom (§ 3.72). Il-monitoraġġ kontinwu taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġetti kollha jipprovdi perspettiva aktar preċiża, li tagħmel lill-Kummissjoni kunfidenti li l-objettivi ewlenin tal-programm se jintlaħqu fil-biċċa l-kbira tagħhom. Għall-FNE 2021–2027, abbażi ta' proġetti li għaddejjin bħalissa, il-Kummissjoni ssib li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi jinsabu fit-triq it-tajba jew jagħmlu progress moderat, b'data konsistenti mal-iskedi ta' żmien mistennija (§ 3.75).

Il-Kummissjoni tinnota li **InvestEU** huwa programm xprunat mis-suq u mid-domanda li jkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, u għalhekk il-progress tal-indikaturi tiegħu jiddependi fuq l-assorbiment tal-programm mis-suq, li jillimita l-kapaċità tal-Kummissjoni li tistabbilixxi stadji importanti u miri predefiniti (§ 3.68, § 3.76). Dan huwa sostanzjalment differenti minn programmi oħra tal-UE, b'mod partikolari minn programmi ġestiti direttament li jipprovdu għotjiet, fejn il-Kummissjoni tista' tiddetermina minn qabel l-istadji importanti u l-miri kwantifikabbli li għandhom jintlaħqu. Ir-Regolament InvestEU jirrikonoxxi b'mod espliċitu l-karatteristiċi speċifiċi tal-Programm,

b'mod partikolari, in-natura xprunata mid-domanda tiegħu u l-għadd limitat ta' stadji importanti u miri kwantifikabbli li jridu jintlaħqu.

L-indikaturi kollha fir-Regolament InvestEU ġew immonitorjati b'mod preċiż permezz tad-data annwali dwar il-prestazzjoni pprovduta mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-InvestEU u rrapportati mill-Kummissjoni fid-Dikjarazzjonijiet tal-Prestazzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni ssegwi wkoll il-progress fil-kisba tal-miri għall-indikaturi kollha li għalihom ġiet definita mira fir-Regolament InvestEU.

Barra minn hekk, għalkemm xi wħud mill-indikaturi tal-InvestEU mhumiex marbuta ma' miri jew stadji importanti speċifiċi minħabba n-natura tal-programm, il-progress ġenerali tagħhom lejn l-objettivi tal-Programm xorta jista' jkun u huwa mmonitorjat mill-qrib mill-Kummissjoni permezz tad-data annwali dwar il-prestazzjoni rrapportata mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-InvestEU.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li taħt InvestEU, l-investiment mobilizzat għandu jiġi rrapportat mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u mill-Kummissjoni abbażi mhux biss ta' operazzjonijiet approvati iżda wkoll abbażi tal-firem u l-iżborżi (§ 3.76).

Rakkomandazzjoni 3.1 — Titjib ulterjuri tat-traċċabbiltà tad-data li tappoġġa r-rapportar tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Sabiex tkompli ttejjeb l-affidabbiltà tal-KPIs li tirrapporta fid-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi (PPSs), jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm rabta ċara u dokumentata bejn id-data tal-prestazzjoni sottostanti u l-ammonti rrapportati fil-PPSs.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2025 AMPR)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni 3.1.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza li jiġu żgurati traċċabbiltà u affidabbiltà robusti tad-data dwar il-prestazzjoni rrapportata u qed taħdem kontinwament biex ittejjeb it-trasparenza u l-konsistenza tar-rabta bejn id-data sottostanti dwar il-prestazzjoni u l-ammonti rrapportati fid-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi, f'konformità mal-isforzi kontinwi biex jittejbu l-kwalità u l-affidabbiltà tar-rapportar dwar il-prestazzjoni għall-baġit tal-UE.

Rakkomandazzjoni 3.2 – Titjib tal-monitoraġġ tal-indikaturi

Sabiex jiġi ffaċilitat rapportar aħjar dwar il-prestazzjoni matul l-implimentazzjoni tal-programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi aktar minn stadju importanti wieħed matul il-perjodu ta' programmazzjoni għal dawk l-indikaturi fejn ikun rilevanti li jitkejjel il-progress intermedju.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: meta jsir rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-QFP li jmiss)

Il-Kummissjoni **taċċetta parzjalment** ir-rakkomandazzjoni 3.2.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza li jiġu stabbiliti miri u stadji importanti għall-monitoraġġ tal-indikaturi tal-prestazzjoni u għall-kejl tal-progress intermedju fejn rilevanti.

Il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni se tiddependi fuq it-tfassil tal-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027 u l-programmi korrispondenti, li se jiġu definiti f'regolamenti futuri. Dawn jibqgħu soġġetti għal qbil mil-leġiżlatur, u l-Kummissjoni ma tistax tippreġudika l-eżitu.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza l-ħtieġa li jitqies il-piż assoċjat potenzjali li l-istabbiliment ta' stadji importanti u miri jista' jimplika għall-Istati Membri, u s-sħab ta' implimentazzjoni, fost l-oħrajn.

Rakkomandazzjoni 3.3 — Titjib tal-valutazzjoni tal-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni

Sabiex ittejjeb il-valutazzjoni tagħha tal-progress fl-ilħuq tal-miri tal-KPI inklużi fil-PPSs, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġġustifika valutazzjonijiet li jiddependu fuq informazzjoni għajr data vvalidata.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2025 AMPR)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni 3.3.

Il-Kummissjoni diġà tipprovdi ġustifikazzjonijiet tal-valutazzjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni fit-tabelli tad-data tal-prestazzjoni li jakkumpanjaw l-abbozz tal-baġit, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni taqbel li tipprovdi ġustifikazzjonijiet għall-valutazzjonijiet anke għall-indikaturi magħżula għas-sit web tad-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi, meta jkunu bbażati fuq informazzjoni għajr ir-riżultati vvalidati.

Parti 3 - Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tal-QEA dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – status fi tmiem l-2021

Il-Kummissjoni tagħti l-akbar importanza lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet aċċettati kollha. Is-segwitu u l-implimentazzjoni huma parti integrali mis-sistema ta' governanza tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza, li għal erbgħa mir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA, id-dati ta' implimentazzjoni fil-mira huma marbuta mat-tħejjija tal-QFP ta' wara l-2027, proċess li se jitwettaq matul l-2025.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
KAPITOLU 4: DĦUL

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR

Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tqis li l-livell ta' żball fit-tranżazzjonijiet tad-dħul għadu ħieles minn żbalji materjali u li s-sistemi relatati mad-dħul li eżaminat kienu ġeneralment effettivi. Il-Kummissjoni se ssegwi l-kwistjonijiet identifikati mill-QEA u permezz tax-xogħol ta' kontroll u verifika tagħha stess.

Rigward l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING), il-Kummissjoni tilqa' l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-Kummissjoni segwiet l-iskeda ta' żmien u l-proċeduri stabbiliti għaċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING 2020–2024 u li qassret il-perjodu tad-data tal-ING użata għall-finijiet tar-riżorsi proprji miftuħa għar-reviżjoni f'dak iċ-ċiklu meta mqabbel ma' dak preċedenti. Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-monitoraġġ mill-qrib tal-puntwalità tal-preżentazzjoni tal-ħidma fuq ir-riżervi tal-ING mill-Istati Membri u daħħlet fis-seħħ sistema ta' monitoraġġ tal-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżiti legali.

Fir-rigward tar-**riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT**, il-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas l-għadd ta' riżervi miftuħa u biħsiebha tiffinalizza r-reviżjoni li għaddejja tagħha tal-proċeduri amministrattivi applikabbli għall-ġestjoni tagħha tar-riżervi tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT f'konformità mal-esperjenza miġbura fi tmiem l-ewwel ċiklu ta' spezzjoni taħt is-sistema l-ġdida.

Fir-rigward tar-**Riżorsi Proprji Tradizzjonali** (RPT), il-Kummissjoni se tkompli l-monitoraġġ tal-punti miftuħa tal-RPT u inkludiet l-affidabbiltà tal-kontijiet A u B bħala suġġett iddedikat fil-Programm ta' Spezzjoni tal-2025 għal sitt Stati Membri oħra (jiġifieri, minbarra t-tnax-il Stat Membru diġà spezzjonati dwar dak is-suġġett fil-Programm ta' Spezzjoni tal-2024). Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li timplimenta r-riforma doganali malajr kemm jista' jkun u se tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tikseb dan.

Fir-rigward tad-**dħul tal-UE mill-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat**, il-Kummissjoni qed tkompli b'mod attiv il-ħidma tagħha fuq l-implimentazzjoni tal-ewwel ċiklu ta' spezzjoni ta' din ir-riżorsa proprja ġdida.

II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern

Xogħol ta' verifika fuq l-ING

Il-Kummissjoni tilqa' l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-Kummissjoni segwiet l-iskeda u l-proċeduri stabbiliti għaċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING 2020–2024 (§ 4.11.) u li qassret il-perjodu tad-data tal-ING użata għall-finijiet tar-riżorsi proprji miftuħa għar-reviżjoni f'dak iċ-ċiklu meta mqabbel ma' dak preċedenti (§ 4.13.).

Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-monitoraġġ mill-qrib tal-puntwalità tal-preżentazzjoni tal-ħidma dwar ir-riżervi tal-ING mill-Istati Membri (§4.14--4.15). Il-Kummissjoni stabbiliet sistema ta' monitoraġġ tal-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżiti legali u tinforma lill-partijiet ikkonċernati dwar is-sitwazzjoni attwali tar-riżervi b'mod trasparenti.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-sistema simplifikata tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT ma kinitx tinkludi l-impatt fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri

Il-Kummissjoni tqis li ssodisfat l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 13a tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769. Il-Kummissjoni ngħatat il-kompitu li tipproduċi rapport dwar il-funzjonament tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u r-rapport ġie ppubblikat fit-12 ta' Diċembru 2024 li jippreżenta l-impatt tal-bidliet introdotti mir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 fuq is-sistema tar-riżorsi proprji tal-VAT.

Ir-rapport jikkonkludi li l-bidliet introdotti ma kellhomx impatt sinifikanti fuq is-sistema tar-riżorsi proprji tal-VAT filwaqt li laħqu l-objettivi tas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-partijiet ikkonċernati kollha. Il-waqfien tal-korrezzjoni u tal-kumpensi kellu biss impatt minimu fuq il-valur tar-riżorsa proprja (inqas minn 1 % tal-bażi tal-VAT), filwaqt li l-impatt tal-użu tal-WAR iffriżat, kif stmat mill-Kummissjoni, wassal għal devjazzjonijiet mir-rati kkalkulati mill-ġdid tal-2024 li jvarjaw minn + 4 % għal –11 %.

Barra minn hekk, l-għadd ta' riżervi naqas ftit maż-żmien peress li l-biċċa l-kbira tal-kumpensi u l-korrezzjonijiet ma tkomplewx u l-impatt pożittiv tar-riforma fuq il-piż amministrattiv ġie rikonoxxut mill-Istati Membri, u kklassifikawh bi 8.9 minn 10 abbażi ta' stħarriġ imwettaq mill-Kummissjoni.

Id-data dwar il-plastik tal-Istati Membri mhijiex kompletament konformi mar-regoli tal-UE

Matul l-ispezzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tivverifika jekk id-data tas-sors għall-kalkolu tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat hijiex xierqa, ta' kwalità suffiċjenti u b'kopertura suffiċjenti, jekk din id-data tingħabarx b'mod xieraq, jekk il-metodi għall-kalkolu tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat humiex sodi u traċċabbli, u jekk ir-riżultati humiex koerenti. Jekk wara l-ispezzjonijiet, il-Kummissjoni tidentifika dgħufijiet fid-data rrappurtata, il-Kummissjoni tistabbilixxi riżervi li jkollhom skadenzi speċifiċi sa meta d-dgħufijiet għandhom jiġu indirizzati. Bħalissa l-Kummissjoni poġġiet 23 riżerva abbażi tal-ispezzjonijiet imwettqa s'issa, li jkopru, fost suġġetti oħra, il-kalkolu tal-iskart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat, u ż-żewġ metodi użati għall-istima tagħha. Il-Kummissjoni tistenna li wara l-ħidma mwettqa mill-Istati Membri biex jindirizzaw dawn ir-riżervi, ser ikunu ġew indirizzati l-kwistjonijiet relatati mal-konformità mar-regoli tal-UE. Sa Ġunju 2 026 l-Istati Membri kollha se jkunu ġew spezzjonati.

Hemm riskji ta' dewmien fl-implimentazzjoni tar-riforma doganali tal-UE

Fir-rigward tar-riskji ta' dewmien fl-implimentazzjoni tar-riforma doganali tal-UE (§ 4.27- § 4.30), il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li timplimenta r-riforma doganali malajr kemm jista' jkun u se tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tikseb dan. Il-Kummissjoni diġà bdiet it-tħejjijiet u qed tippjana bil-quddiem kemm jista' jkun meta jitqies li n-negozjati għadhom għaddejjin. Il-Kummissjoni wettqet b'mod diliġenti d-dritt ta' inizjattiva tagħha bi proposti ambizzjużi ħafna biex tirriforma l-unjoni doganali u qed taħdem mill-qrib maż-żewġ koleġiżlaturi biex tappoġġa l-ilħuq ta' ftehim u timplimenta s-soluzzjonijiet meħtieġa biex issolvi l-kwistjonijiet indikati mill-QEA.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 4.1 – Tħaffef it-tħejjijiet tagħha għall-implimentazzjoni tar-riforma doganali proposta

Tintensifika l-azzjonijiet tagħha biex tiżgura implimentazzjoni f'waqtha tar-riforma doganali, ladarba tiġi adottata, billi tiżviluppa pjan li jipprovdi skedi ta' żmien dettaljati u talloka responsabbiltajiet għall-monitoraġġ tal-progress għal:

i) **l-istabbiliment u l-operat inizjali tal-Awtorità Doganali tal-UE sakemm l-Awtorità Doganali tal-UE jkollha l-kapaċità operazzjonali biex timplimenta l-baġit tagħha stess;**
ii) **l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.**

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026)

Il-Kummissjoni taċċetta ż-żewġ sub rakkomandazzjonijiet.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 5: SUQ UNIKU, INNOVAZZJONI U DIĠITALI

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR

Il-pagamenti fl-2024 skont l-intestatura 1 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" (QFP1) ikopru diversi programmi bħal Orizzont Ewropa (HE), li huwa l-programm qafas ewlieni għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa, il-predeċessur tiegħu Orizzont 2020 (H2020) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE). Minħabba n-natura normalment pluriennali tal-proġetti ta' riċerka, żewġ terzi tal-pagamenti għar-riċerka awditjati kienu għadhom relatati ma' H2020 fl-2024.

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball stmat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) (il-paragrafu 5.10) li jinsab fil-firxa misjuba matul l-aħħar snin, iżda kemxejn inqas mill-2023.

Il-mod kif il-fondi jiġu żborżati għandu impatt dirett fuq ir-riskju ta' żball u s-simplifikazzjoni tar-regoli għandha l-potenzjal li tnaqqas dan ir-riskju. Għalhekk, Orizzont Ewropa juża Mudell ta' Ftehim ta' Għotja (MGA) standard kif anness mar-Regoli Interni tal-Kummissjoni għall-programmi ta' finanzjament kollha tal-UE, jagħmel użu estensiv mill-għażliet ta' kostijiet simplifikati (kost unitarju, rata fissa u somom f'daqqa), juża skemi ta' rimborż tal-kostijiet aktar sempliċi f'oqsma xierqa, u jimplimenta sistema tal-awditjar simplifikata. Aktar gwida dwar l-MGA hija pprovduta fil-Ftehim ta' Għotja Annotat. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ biex tissimplifika aktar ir-regoli u l-proċeduri biex tnaqqas kemm ir-riskju ta' żball kif ukoll il-piż fuq il-benefiċjarji.

II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball ta' 3,2 % ikkalkulat mill-QEA (il-paragrafu 5.10) u se ssegwi l-kwistjonijiet identifikati mill-QEA (ara l-paragrafi minn 5.10 sa §5.33 tar-rapport tal-QEA) kif ippreżentat fit-taqsimiet ta' hawn taħt.

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-każijiet ta' żbalji kwantifikabbli rrappurtati mill-QEA għal azzjoni ulterjuri.

Żbalji fil-programmi ta' riċerka

Kostijiet tal-persunal

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-kostijiet tal-persunal għadhom is-sors ewlieni tal-iżbalji (il-paragrafu 5.15), li jidher li huwa konsegwenza loġika tal-fatt li l-kostijiet tal-persunal jirrappreżentaw l-akbar sehem tal-kost totali ddikjarat mill-benefiċjarji taħt H2020, u b'mod simili taħt Orizzont Ewropa. Il-Kummissjoni tieħu nota wkoll li żewġ żbalji mhux kwantifikabbli rriżultaw mill-applikazzjoni skorretta tar-regoli dwar il-kalkolu tal-kostijiet tal-persunal fil-proġetti taħt Orizzont Ewropa.

H2020 immarka avvanz sinifikanti fis-simplifikazzjoni u fl-armonizzazzjoni tar-regoli tal-eliġibbiltà tal-kostijiet, inkluż dawk li jirrigwardaw il-kalkolu tal-kostijiet tal-persunal. Il-Kummissjoni pprovdiet gwida estensiva u eżempji prattiċi fil-Mudell tal-Ftehim tal-Għotja Annotat ta' H2020. Barra minn hekk, hija wettqet inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni billi ħarġet kwestjonarju interattiv lill-parteċipanti li qed joqorbu lejn is-sessjonijiet ta' rapportar, u b'hekk offriet pariri rilevanti mfassla apposta għat-tweġibiet tal-benefiċjarji. B'mod addizzjonali, il-Kummissjoni organizzat webinar immirat speċifikament lejn il-forniturі ta' Ċertifikati dwar Rapporti Finanzjarji fl-għotjiet taħt H2020.

Bidliet introdotti mir-regoli ta' Orizzont Ewropa

Fil-każ ta' Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni adottat il-Mudell ta' Ftehim ta' Għotja korporattiv (MGA) applikabbli mill-bidu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 u ħarġet gwida korporattiva komprensiva għall-implimentazzjoni prattika. Din il-gwida tintroduċi metodu simplifikat għall-ħruġ ta' fatturi tal-kostijiet tal-persunal, abbażi ta' kalkolu tar-rata ta' kuljum, u b'hekk jissostitwixxi l-metodoloġiji suxxettibbli għall-iżbalji użati f'H2020. Filwaqt li jikkomplementa l-MGA, il-Mudell tal-Ftehim tal-Għotja Annotat jinkludi gwida prattika u eżempji relatati mal-kalkolu tal-kostijiet tal-persunal. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll lista fid-dokumenti ta' gwida tagħha li tagħti d-dettalji dwar il-ġestjoni tal-kostijiet speċifiċi għall-pajjiż.

Barra minn hekk, għal Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni organizzat sensiela ta' webinars, li huma rreġistrati u disponibbli biex jiġu osservati on demand, iddedikati biex jagħtu struzzjonijiet lill-benefiċjarji dwar id-dikjarazzjoni preċiża tal-kostijiet, inklużi l-kostijiet tal-persunal (pereż. il-Jiem ta' Implimentazzjoni ta' Orizzont). Barra minn hekk, twettqet sensiela ta' jiem ta' informazzjoni fil-pajjiżi tat-twessigħ, li tinkludi sessjonijiet iddedikati dwar ir-rapportar tal-kostijiet, li jispjegaw kif għandhom jiġu rrapportati l-kostijiet tal-persunal b'mod effettiv. Il-benefiċjarji huma mħeġġa wkoll jużaw is-Servizz ta' Informazzjoni dwar ir-Riċerka għal kjarifiki relatati mal-ġestjoni tal-għotjiet, b'mod partikolari l-kalkolu tal-kostijiet tal-persunal. L-attivitajiet kollha msemmija hawn fuq qed jagħmlu enfasi fuq kif għandhom jiġu ddikjarati l-kostijiet tal-persunal.

Fl-2024, ġie introdott kost unitarju tal-persunal, li jiffaċilita b'mod sinifikanti r-rapportar tal-kostijiet tal-persunal għal proġetti ffinanzjati minn HE, peress li r-rata ta' kuljum hija fissa *ex ante* abbażi tad-data storika tal-benefiċjarju. Din l-introduzzjoni kienet akkumpanjata mir-rilaxx ta' dokumenti ta' gwida dettaljati, li jipprovdu struzzjonijiet komprensivi dwar il-proċess il-ġdid. Barra minn hekk, twettqetu sensiela ta' webinars iddedikati għal dan is-suġġett biex jiġu żgurati fehim u implimentazzjoni bir-reqqa tal-metodoloġija tal-kost unitarju tal-persunal.

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-fatt li xi benefiċjarji kienu għadhom qed jużaw il-metodu ta' kalkolu minn Orizzont 2020 jew ma segwewx ir-regoli l-ġodda taħt Orizzont Ewropa (il-paragrafi 5.17 u 5.18). Kif spjegat hawn fuq, il-Kummissjoni kienet u qed tagħmel enfasi fuq il-komunikazzjoni tar-regoli l-ġodda, inkluż il-kalkolu l-ġdid tar-rata ta' kuljum introdott taħt Orizzont Ewropa, permezz ta' webinars u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni msemmija hawn fuq.

Kostijiet għal riċerkaturi ssekondati minn organizzazzjonijiet oħra

Fir-rigward tal-eżempju għal żball fil-Kaxxa 5.1, il-Kummissjoni taqbel mas-sejba. Hija tinnota li l-każ speċifiku ta' sekondar bejn il-benefiċjarji huwa indirizzat b'mod espliċitu kemm taħt il-Ftehimiet Mudell ta' Għotja ta' H2020 kif ukoll taħt il-Mudell ta' Ftehimiet ta' Għotja Annotati ta' HE.

Żbalji oħra fil-kostijiet tal-persunal

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-iżbalji misjuba fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-persunal (il-paragrafu 5.21, il-Kaxxa 5.2). Minbarra l-miżuri dettaljati hawn fuq, il-Kummissjoni tfakkar li, f'konformità ma' HE MGA, l-Awtorità Awtorizzanti tista', fejn xieraq u permezz tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-

azzjoni, titlob informazzjoni addizzjonali mill-benefiċjarju li tista' twassal għall-identifikazzjoni ta' kostijiet ineliġibbli, inklużi kostijiet tal-persunal ineliġibbli.

Tweġiba għall-Kaxxa 5.2

Eżempju ta' benefiċjarju li talab il-kostijiet għal ħin li ma tqattax fuq il-proġett awditjat

Il-Kummissjoni tieħu nota li l-QEA sabet kostijiet tal-persunal li ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħin imqatta' fuq il-proġett. Il-Kummissjoni tfakkar li fil-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja Annotat tal-HE, huwa ċċarat li l-ħin imqatta' fuq l-azzjoni biss jista' jintuża biex jiġu kkalkolati l-kostijiet tal-persunal.

Kostijiet diretti oħra ineliġibbli

Il-Kummissjoni tieħu nota li l-QEA sabet każijiet fejn il-benefiċjarji ddikkjaraw kostijiet diretti oħra li ma kinux konformi ma' xi wħud mill-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà tal-kostijiet, u b'mod partikolari li ma ġġarrbux b'rabta mal-azzjoni u ma kinux meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha (§5.22). Barra minn hekk, hija identifikat każijiet fejn il-benefiċjarji għamlu żbalji meta ddikjaraw kostijiet relatati mat-tagħmir (il-paragrafu 5.23, Kaxxa 5.3).

Bħal fil-każ ta' żbalji fil-kostijiet tal-persunal, il-Kummissjoni timmitiga dawn il-kwistjonijiet permezz ta' gwida mmirata u avvenimenti u webinars ta' komunikazzjoni ta' sensibilizzazzjoni. Il-Kummissjoni tippromwovi u tħeġġeġ ukoll lill-benefiċjarji biex jużaw helpdesk iddedikat (is-Servizz ta' Informazzjoni dwar ir-Riċerka) kif ukoll biex jilħqu lill-uffiċjali tal-proġetti tagħhom, f'każ ta' mistoqsijiet u bħala l-aħjar prattika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed torganizza laqgħat regolari mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali Legali u Finanzjarji ta' HE, li għandhom rwol importanti bħala li joffru wkoll appoġġ u informazzjoni lill-benefiċjarji kif jiddikjaraw il-kostijiet b'mod korrett.

Tweġiba għall-Kaxxa 5.3

Eżempju ta' żball fid-dikjarazzjoni tal-kostijiet relatati mat-tagħmir

Il-Kummissjoni taqbel mas-sejba. Bħala regola, il-kostijiet għall-kiri jew għal-lokazzjoni tat-tagħmir huma eliġibbli biss jekk ma jaqbżux il-kostijiet ta' deprezzament ta' tagħmir simili. Dan huwa previst fl-Artikolu 6.2.C.2 tal-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja tal-HE u spjegat aktar fil-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja Annotat ta' HE.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-iżbalji identifikati f'kategoriji oħra ta' kostijiet (il-paragrafu 5.24). Biex ittaffi l-okkorrenza tagħhom permezz ta' sensibilizzazzjoni u kjarifiki lill-benefiċjarji, il-Kummissjoni pprovdiet spjegazzjonijiet estensivi u dettaljati dwar il-VAT deduċibbli, ir-rapportar perjodiku finanzjarju, id-dokumenti ta' sostenn meħtieġa għaż-żamma tar-rekords u l-użu tar-rata tal-kambju korretta għall-konverżjoni tar-rapporti finanzjarji għal EUR. Ir-regoli dwar dawn is-suġġetti huma koperti mill-Mudelli tal-Ftehimiet ta' Għotja Annotati għall-programmi H2020 u HE.

Barra minn hekk, għall-oġġetti u s-servizzi fatturati internament, ir-regoli ta' HE ġew issimplifikati meta mqabbla ma' H2020 biex jitwessa' l-ambitu tal-kostijiet eliġibbli. F'dak ir-rigward, hemm dipendenza usa' f'Orizzont Ewropa (apparagun ta' H2020) fuq il-prattiki kontabilistiċi tas-soltu tal-benefiċjarju għall-kalkolu tal-kostijiet unitarji, li fil-prinċipju għandu jwassal għal inqas żbalji f'din il-kategorija tal-kostijiet.

Simplifikazzjoni permezz ta' finanzjament b'somom f'daqqa

Fir-rigward tal-osservazzjoni imsemmijafil-paragrafu 5.30, il- mira tal-Kummissjoni hija li sal-2027 tipprovdi mill-inqas 50 % tal-baġit għas-sejħiet fil-programmi ta' ħidma ppubblikati fil-forma ta' somom f'daqqa. Il-Kummissjoni hija impenjata li timmonitorja u tevalwa kontinwament l-użu tas-somom f'daqqa biex iżżomm il-koerenza tal-approċċ, il-kwalità u l-integrità.

Il-Kummissjoni tfakkar li l-ishma tal-baġit ta' finanzjament ta' somma f'daqqa fi programmi ta' ħidma ppubblikati u f'għotjiet iffirmati huma differenti. Dan għaliex l-għotjiet li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tas-sejħiet fid-diversi programmi ta' ħidma jiġu ffirmati wara l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma rispettiv.

Tweġiba għall-Kaxxa 5.4

Eżempju ta' awditu fuq pagament ta' għotja ta' somma f'daqqa

L-evidenza dokumentarja pprovduta mill-benefiċjarju tindika li l-istima tal-kostijiet sottomessa fil-baġit tas-somma f'daqqa tal-proposta għat-tagħmir ikkonċernat (tagħmir TEER awtomatizzat b'diversi kanali u b' 24 bwejra) kienet raġonevoli (sostanzjata bi kwotazzjoni minn Jannar 2020). Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li kien iġġustifikat li dan l-ammont jiġi aċċettat fiż-żmien tal-evalwazzjoni. Ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-proċess ta' evalwazzjoni jew fis-sorveljanza min-naħa tal-esperti tal-evalwazzjoni.

Wara l-awditu tal-QEA, il-benefiċjarju spjega li huma ma xtrawx it-tagħmir speċifiku kif ippjanat minħabba li, wara l-bidu tal-proġett, verżjoni demo ta' dan it-tagħmir kienet inkompatibbli mal-ħtiġijiet tal-proġett u l-verżjoni sussegwenti kienet disponibbli tard wisq biex tintuża fil-ħin. F'konformità mal-ħtiġijiet tekniċi tal-proġett, il-benefiċjarju ddeċieda li juża verżjoni aktar sempliċi ta' dan it-tagħmir li kien inxtara qabel il-bidu tal-proġett, filwaqt li alloka riżorsi addizzjonali biex jikkumpensa għal approċċ aktar manwali (riżorsi addizzjonali tal-persunal u oġġetti konsumabbli). Dan jikkostitwixxi devjazzjoni mid-deskrizzjoni tal-azzjoni (l-Anness 1 tal-ftehim tal-għotja) li l-benefiċjarju naqas milli jispjega u jiġġustifika fir-rapport tekniku. Fuq talba, il-benefiċjarju pprovda l-ġustifikazzjoni ta' hawn fuq għad-deċiżjonijiet tiegħu, li tqieset kompletament sodisfaċenti. Abbażi ta' din l-ispjegazzjoni, id-devjazzjoni hija koperta bis-sħiħ mill-flessibbiltà permessa fl-għotjiet tar-R&I. Fil-fatt, id-devjazzjoni kienet meħtieġa biex il-proġett jiġi implimentat kif suppost.

Il-Kummissjoni tqis li f'dan il-każ speċifiku, l-uniku nuqqas huwa fil-proċess ta' rapportar.

Madankollu, il-Kummissjoni tfakkar li din l-għotja ġiet iffirmata bħala parti mill-proġett pilota ta' somma f'daqqa ta' Orizzont 2020. Sadanittant, is-servizzi ta' implimentazzjoni u l-evalwaturi esperti ngħataw gwida aktar estensiva dwar kif għandu jiġi evalwat il-baġit ta' somma f'daqqa u kif dan għandu jiġi ddokumentat fir-rapporti ta' evalwazzjoni, u kif għandha tiġi vvalutata t-tlestija tal-pakkett ta' ħidma biex jiġu skattati l-pagamenti. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tqis li l-approċċ attwali abbażi ta' somom f'daqqa jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba, filwaqt li joffri simplifikazzjoni sostanzjali lill-benefiċjarji tal-għotjiet. Madankollu, il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib il-finanzjament ta' somma f'daqqa u qed taġġusta l-gwida u l-metodoloġija jekk u kif meħtieġ. Dan il-proċess ta' titjib kontinwu jindirizza r-rakkomandazzjonijiet mill-QEA u t-tagħlimiet meħuda mill-feedback tal-utenti, mid-data dwar l-implimentazzjoni, u mir-rieżami tas-sejbiet.

Fl-ambitu ta' għotja ta' somma f'daqqa, is-sempliċi eżistenza ta' kwalunkwe differenza bejn il-kostijiet effettivament imġarrba u dawk ibbaġitjati, li twassal għall-ammont ta' somma f'daqqa mogħti, ma jistax ikollha, minnha nnifisha, konsegwenzi finanzjarji fuq l-għotja ta' somma f'daqqa inkwistjoni.

Żbalji fil-programmi tal-infrastruttura

Fir-rigward tal-osservazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.33, il-Kummissjoni tqis li l-benefiċjarju kkonforma mal-prinċipju tal-Aqwa Valur għall-Ħlas f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Għotja. Il-Kummissjoni sabet li d-dokumenti pprovduti fl-istadju finali tal-pagament taw assigurazzjoni raġonevoli li l-proċedura tal-għażla saret skont kriterji tekniċi u ekonomiċi. Il-benefiċjarju applika b'mod ċar kriterji ta' evalwazzjoni trasparenti u oġġettivi, u laħaq deċiżjoni motivata appoġġata minn deliberazzjoni esperta.

2. Reviżjoni tal-ġestjoni tal-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi (FSTP, Financial Support to Third Parties) fir-riċerka imwettaq mill-Kummissjoni

Ġustifikazzjoni għal FSTP ogħla mil-limitu ta' EUR 60 000 stabbilit fir-Regolament Finanzjarju tal-UE

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li huwa possibbli aktar titjib fil-ġustifikazzjoni tal-ammonti tal-FSTP ogħla minn EUR 60 000 (ara §5.38, l-ewwel inċiż). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se teżamina dwar kif ittejjeb l-abbozzar ta' tali ġustifikazzjoni għal ammonti ogħla ta' FSTP fil-partijiet differenti tar-Raggruppamenti tal-Programmi ta' Ħidma ta' HE.

Madankollu, għal Azzjonijiet ta' kofinanzjament ta' ERA-NET ta' Orizzont 2020, l-Annessi Ġenerali tal-Programm ta' Ħidma ta' H2020 jispeċifikaw li "*il-livell limitu ta' EUR 60 000 imsemmi fl-Artikolu 204(2)(a) tar-Regolament finanzjarju 2018/1046 jista' jinqabeż għall-appoġġ finanzjarju pprovdut mill-parteċipanti fl-azzjonijiet ta' kofinanzjament ta' ERA-NET (billi dan l-appoġġ finanzjarju huwa meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi tiegħu)*." B'mod addizzjonali, l-objettivi ta' azzjonijiet ta' kofinanzjament ta' ERA-NET huma deskritti fid-dettall fl-Annessi Ġenerali tal-Programm ta' Ħidma 2018-2020 ta' H2020.

Obbligi li għandhom jiġu mgħoddija lir-riċevituri ta' FSTP

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li hija r-responsabbiltà tal-benefiċjarji li jiżguraw li ċerti obbligi, li jirriżultaw mill-kundizzjonijiet għas-sejħiet tal-UE u/jew mill-ftehim ta' għotja tal-UE, japplikaw ukoll għar-riċevituri tal-FSTP (§5.38, it-tieni inċiż). Dan jista' jinkiseb billi dawk l-obbligi jiġu riprodotti fil-ftehimiet konklużi bejn il-benefiċjarji u r-riċevituri u r-riċevituri ta' FSTP (jekk ikun hemm) iżda jista' jinkiseb ukoll permezz ta' mekkaniżmi legali oħra (pereż. permezz tal-kundizzjonijiet tas-sejħa tal-FSTP mfassla mill-benefiċjarji; ir-regoli tal-kuntest jekk l-iskema tal-FSTP tieħu pjuttost il-forma ta' premju). B'mod aktar ġenerali, biex tqajjem kuxjenza, il-Kummissjoni pprovdiet gwida u spjegazzjonijiet fil-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja Annotat tal-HE u għamlet preżentazzjonijiet speċifiċi għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali Legali u Finanzjarji dwar l-FSTP. Il-Kummissjoni qed tippjana wkoll li tippubblika gwida ulterjuri lill-benefiċjarji biex tgħinhom jimmaniġġjaw bl-aħjar mod l-iskemi tal-FSTP tagħhom.

L-effettività tal-kontrolli tal-benefiċjarji vis-à-vis ir-riċevituri tal-FSTP tagħhom biex tiġi żgurata r-regolarità tal-infiq tal-UE

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-benefiċjarji li jittrattaw l-FSTP għandu jkollhom kapaċità suffiċjenti biex jagħmlu dan (il-paragrafu 5.39). F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li tali kapaċità titqies fl-istadju tat-tfassil tas-sejħa meta l-FSTP tiġi permessa għal ċerti tipi ta' azzjoni u/jew għal ċerti tipi ta' benefiċjarji (pereż. korpi ta' finanzjament nazzjonali jew reġjonali fl-azzjonijiet ta' kofinanzjament tal-programm). Tali kapaċità għandha tiġi vvalutata fl-istadju tal-applikazzjoni meta tiġi evalwata l-proposta. Għal dan l-għan, f'Orizzont Ewropa, il-benefiċjarji jridu jimlew anness speċifiku fl-istadju tal-proposta, li jagħti dettalji dwar il-ġestjoni tal-iskemi tal-FSTP tagħhom biex jiżguraw il-konformità

mal-kundizzjonijiet tas-sejħa. Dan l-anness isir parti mill-Anness I tal-ftehim ta' għotja u jippermetti l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-azzjoni inklużi l-kompiti relatati mal-FSTP (permezz ta' riżultati tanġibbli, stadji importanti u rapporti perjodiċi tekniċi). Barra minn hekk, hemm skrin iddedikat tal-FSTP fi ħdan il-modulu ta' Rapportar Kontinwu tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Għotjiet tal-Portal, fejn il-konsorzju huwa meħtieġ li jdaħħal dettalji dwar is-sejħiet ta' FSTP u r-riċevituri magħżula.

IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tas-snin preċedenti

(§5.46, Anness 5.1)

2021 Rakkomandazzjoni 1: L-iżvilupp ta' l-wizard tal-kostijiet ta' Orizzont Ewropa jinsab fl-aħħar ċiklu tiegħu tal-fażi tal-ittestjar u l-objettiv tal-Kummissjoni huwa li tagħmlu disponibbli fl-ewwel nofs tal-2025.

2022 Rakkomandazzjoni 3 Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni, fil-maġġorparti tagħha, ġiet implimentata.

Bħala parti minn titjib kontinwu, il-Kummissjoni qed taħdem fuq aktar armonizzazzjoni tat-terminoloġija fid-dokumenti ta' gwida kollha u kjarifika tal-prinċipji, inkluż dwar l-aċċettazzjoni ta' pakketti ta' ħidma. Il-pakkett sħiħ ta' gwida u mudelli se jiġi rilaxxat mill-ġdid dalwaqt.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar li l-prestazzjoni tal-għotjiet ta' somom f'daqqa mhijiex iġġudikata b'mod aktar strett mill-prestazzjoni tal-għotjiet tal-kostijiet reali. Japplikaw l-istess standards. Madankollu, id-data tagħna turi li l-għotjiet ta' somom f'daqqa fil-fatt huma ġġudikati b'mod aktar strett fil-livell tal-implimentazzjoni, fejn 5 % tal-proġetti nstabu li ma tlestewx kompletament u għalhekk ma tħallsux kompletament. Dan huwa ħafna aktar milli għall-għotjiet ta' kostijiet reali, li jindika li l-implimentazzjoni ta' għotjiet ta' somom f'daqqa hija mmonitorjata b'mod aktar strett.

Rakkomandazzjoni 5.1. Tirrieżamina l-implimentazzjoni tal-għotjiet ta' somom f'daqqa

Twettaq rieżamijiet *ex post* ta' kampjun rappreżentattiv ta' għotjiet ta' somom f'daqqa, u tanalizza l-lezzjonijiet mgħallma, bil-għan li tipprovdi input għall-użu futur ta' finanzjament b'somom f'daqqa u l-metodi biex jiġi stabbilit l-appoġġ finanzjarju tal-UE.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: nofs l-2026)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni għal għotjiet ta' somom f'daqqa taħt Orizzont Ewropa.

Rakkomandazzjoni 5.2. Ittejjeb il-ġestjoni tal-appoġġ finanzjarju mogħti lil partijiet terzi

a) **Tistabbilixxi standards minimi ta' kontroll biex jiġu applikati mill-benefiċjarji biex tara li żgur ikun hemm verifiki effettivi fuq ir-regolarità tal-infiq tal-UE.**

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-benefiċjarji jridu jimmaniġġjaw l-iskemi tal-FSTP tagħhom u jkunu responsabbli lejn l-awtorità awtorizzanti tal-UE, biex jiżguraw li l-fondi tal-FSTP jintużaw f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni applikabbli tal-FSTP stabbilita fil-kundizzjonijiet tas-sejħa applikabbli tal-UE u/jew fil-ftehim ta'

għotja tal-UE. Fil-prinċipju, il-benefiċjarji jistgħu jużaw il-prattiki u l-proċeduri tas-soltu tagħhom, dment li dawn il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-FSTP jiġu rispettati.

F'konformità mal-Artikolu 207 tar-Regolament Finanzjarju (2024/2509) u kif stabbilit ulterjorment fl-Artikolu 6.2.D.1 tal-HE MGA, il-kundizzjonijiet tal-FSTP iridu jiżguraw proċeduri tal-għażla oġġettivi u trasparenti u jinkludu rekwiżiti minimi, speċjalment fir-rigward tal-kriterji u l-proċeduri għall-għoti ta' kriterji ta' appoġġ finanzjarju u għall-kalkolu tal-ammont eżatt tal-appoġġ finanzjarju. Barra minn hekk, japplikaw kundizzjonijiet oħra tal-FSTP għall-proġetti ta' Orizzont, kif stabbilit fl-Artikolu 15.1 tal-H2020 MGA, l-Artikolu 9.4 tal-HE MGA kif ukoll fl-annessi ġenerali tal-Programm ta' Ħidma li jistabbilixxu b'mod partikolari li l-benefiċjarji jridu jippubblikaw is-sejħiet miftuħa tal-FSTP tagħhom u jaderixxu mal-istandards tal-UE ta' trasparenza, trattament indaqs, kunflitt ta' interess u kunfidenzjalità.

Il-benefiċjarji jridu jkunu kapaċi wkoll juru konformità mal-kundizzjonijiet kollha applikabbli tal-FSTP matul kwalunkwe verifika, rieżami, awditjar jew investigazzjoni. Il-Programm ta' Awditjar Indikattiv fuq il-Portal tal-Parteċipanti enfasizza li l-verifiki se jiffokaw fuq dokumentazzjoni interna u esterna ta' proċeduri jew prattiki tas-soltu għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju u għall-iżgurar ta' proċeduri tal-għażla oġġettivi u trasparenti. Il-verifiki se jindirizzaw ukoll ir-rikonċiljazzjoni tal-kostijiet fir-rapporti finanzjarji u diżaggregazzjonijiet dettaljati tal-kostijiet fis-sistema kontabilistika tal-benefiċjarju. F'dan ir-rigward, il-proċeduri standard minimi jew il-prattiki tas-soltu huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-FSTP fil-konfront tal-awtorità awtorizzanti tal-UE.

Biex issaħħaħ is-sensibilizzazzjoni lejn il-benefiċjarji dwar l-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-UE MGA u/jew mal-kundizzjonijiet tas-sejħa, il-Kummissjoni qed tippjana li tippubblika gwida speċifika li tiddeskrivi l-prattiki tajbin għall-implimentazzjoni tal-FSTP fl-għotjiet tal-UE. Din il-gwida se tagħti lill-benefiċjarji l-għarfien meħtieġ u l-aħjar prattiki biex jimmaniġġjaw l-għotjiet tal-FSTP b'mod effettiv fl-ambitu tal-programmi ta' finanzjament tal-UE.

b) Tirrikjedi li l-obbligi rilevanti li jirriżultaw mill-ftehim ta' għotja tal-UE jkunu riflessi wkoll fi ftehimiet konklużi bejn il-benefiċjarji u partijiet terzi jew fir-regoli tal-benefiċjarji kkomunikati lill-partijiet terzi.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Hija r-responsabbiltà tal-benefiċjarji li jiżguraw li ċerti obbligi, li joriġinaw mill-ftehim ta' għotja tal-UE u/jew mill-kundizzjonijiet tas-sejħa tal-UE, japplikaw għar-riċevitur tal-FSTP. Filwaqt li l-inkorporazzjoni ta' dawn l-obbligi fi ftehimiet konklużi bejn il-benefiċjarji u r-riċevituri tal-FSTP hija, naturalment, l-aktar approċċ sempliċi mil-lat legali, il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu wkoll mekkaniżmi legali oħra (pereż. l-inklużjoni tagħhom fir-regoli tas-sejħiet tagħhom tal-FSTP, li jkunu ugwalment vinkolanti u kkomunikati lir-riċevituri tal-FSTP tagħhom). Dan se jiddependi primarjament fuq il-kamp ta' applikazzjoni u l-objettiv tal-iskema FSTP u għalhekk jekk l-FSTP huwiex ipprovdut permezz ta' (sub) ftehim. Dan huwa deskritt fil-Mudell korporattiv tal-Ftehim ta' Għotja Annotat attwali (ara l-verżjoni2.0 tal-1 ta' April 2025 p. 165-166).

Il-Kummissjoni, permezz tal-Gwida li jmiss tagħha dwar Prattiki Tajbin għall-Implimentazzjoni tal-FSTP fl-għotjiet tal-UE u matul avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni, tista' tenfasizza aktar l-importanza li jiġi żgurat li ċerti obbligi tal-ftehim ta' għotja tal-UE jew kundizzjonijiet tas-sejħiet tal-UE japplikaw ukoll għar-riċevituri tal-FSTP, inkluż permezz ta' (sotto)ftehimiet jekk il-benefiċjarju juża xi wieħed.

c) Tipprovdi ġustifikazzjoni biżżejjed meta l-programmi ta' ħidma jew is-sejħiet jippermettu appoġġ lil partijiet terzi individwali ta' aktar minn EUR 60 000.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

L-għoti ta' ġustifikazzjoni speċifika fil-kundizzjonijiet tas-sejħa fejn l-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi jkun ogħla mil-limitu ta' EUR 60 000 huwa spjegat fil-gwida interna tal-HE dwar kif jitħejjew il-Programmi ta' Ħidma. Huwa integrat ukoll fil-kundizzjonijiet standard tas-Sistema ta' Passaport tas-Sejħiet użata għat-tħejjija tas-sejħiet: Il-benefiċjarji jistgħu jipprovdu appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi. L-appoġġ lil partijiet terzi jrid jingħata biss fil-forma ta' għotjiet/premjijiet. L-ammont massimu li għandu jingħata lil kull parti terza huwa ta' EUR 60 000 (jekk ogħla minn EUR 60 000, daħħal ukoll ġustifikazzjoni)."

Fil-każ ta' ċerti azzjonijiet, bħall-kofinanzjament ta' Orizzont Ewropa, l-objettivi li jiġġustifikaw ammont ogħla ta' FSTP minn EUR 60 000 huma deskritti f'aktar dettall fl-annessi ġenerali tal-programmi ta' ħidma rilevanti.

Madankollu, għal raġunijiet ta' politika, hemm lok biex il-livell ta' ġustifikazzjoni jittejjeb b'mod aktar sistematiku fid-diversi azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa li jiddependu fuq tali ammonti tal-FSTP ogħla.

F'dan ir-rigward, il-gwida interna kompliet tiġi żviluppata aktar fl-2024 bi gwida tal-RTD tal-21/10/2024 dwar l-użu tal-FSTP f'partijiet ta' Cluster tal-Programm ta' Ħidma ta' HE, u b'taħriġ intern ipprovdut lill-programm ta' ħidma fit-23 ta' Mejju 2024 dwar kif għandhom jiġu abbozzati suġġetti b'rabta mal-FSTPs. Barra minn hekk, il-gwida korporattiva interna li jmiss għall-uffiċjali tal-proġetti dwar l-FSTP se tkompli tenfasizza l-ħtieġa għall-provvista ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦALL-KAPITOLU 6 TAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI: KOEŻJONI, REŻILJENZA U VALURI

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR

Abbażi tad-Disa' Rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali[1], il-Kummissjoni tinnota li matul dawn l-aħħar deċennji l-politika ta' koeżjoni kienet effettiva fit-tnaqqis tad-disparitajiet bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom[2], fit-twettiq ta' riformi strutturali għall-ekonomiji tagħhom u fil-bini ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna fl-Unjoni Ewropea (UE), filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Fl-2024, l-UE kompliet tittratta kriżijiet tal-passat u l-politika ta' koeżjoni baqgħet xprunatur ewlieni tal-konverġenza u tal-istabbiltà. Il-Kummissjoni saħħet l-appoġġ għall-Istati Membri biex jassistu lill-Ukreni spostati permezz tal-inizjattivi ta' Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE, CARE+, Cohesion's Action for Refugees in Europe) u ta' Assistenza Flessibbli għat-Territorji (FAST-CARE, Flexible Assistance to Territories), billi offrew flessibbiltà, proċeduri aktar sempliċi, u aktar prefinanzjament għall-programmi tal-2021-2027. Fil-qasam tal-politika dwar l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, il-Kummissjoni kompliet twettaq il-ħidma tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u, fost l-oħrajn, ippreżentat pjan ta' azzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE.

Il-fondi ddedikati għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE jintefqu permezz ta' sistema ta' ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali. Għal kull programm kofinanzjat, l-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti ewlenin iddefiniti fir-regolament, u għall-prevenzjoni, il-kxif u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet fin-nefqa dikjarata. Il-Kummissjoni tissorvelja u tivvaluta l-funzjonament effettiv ta' dawn is-sistemi abbażi tar-riżultati kollha tal-awditjar li jsiru disponibbli mill-awtoritajiet tal-awditjar, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) jew l-awditi tagħha stess, filwaqt li tagħmel rakkomandazzjonijiet għal titjib jew azzjonijiet rimedjali kif meħtieġ u tfittex li tikseb aċċertament raġonevoli li r-rata ta' żball annwali għal kull programm hija taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %. Meta jitqies meħtieġ, il-Kummissjoni tuża l-għodod għad-dispożizzjoni tagħha fil-qafas legali biex twaqqaf il-pagamenti sakemm jiġi implimentat it-titjib meħtieġ u tibda proċeduri ta' korrezzjonijiet finanzjarji fuq nefqa diġà ddikjarata (li jistgħu jkunu addizzjonali għal dawk diġà applikati mill-Istati Membri) biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

L-istrateġija tal-awditjar tal-Kummissjoni għall-politika ta' koeżjoni tqis ir-responsabbiltajiet tal-ġestjoni u tal-kontroll fl-ambitu tal-ġestjoni kondiviża, li fiha l-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri huma primarjament responsabbli għat-twettiq tal-awditi tan-nefqa tal-fondi ta' koeżjoni u biex jirrappurtaw lill-Kummissjoni. Sabiex jitnaqqas il-piż tal-awditjar fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjonijiet u sabiex tuża r-riżorsi tagħha b'mod effiċjenti, il-Kummissjoni, skont l-approċċ ta' awditu uniku, għandha l-għan li tikseb aċċertament raġonevoli permezz ta' eżamijiet dokumentarji tar-riżultati u tal-opinjonijiet tal-awditjar nazzjonali pprovduti kull sena għall-programmi kollha, ikkomplementati b'awditi bbażati fuq ir-riskju. Dawn tal-aħħar jinkludu t-twettiq mill-ġdid tal-ħidma ta' kontroll tal-awtoritajiet tal-programm, inklużi l-awtoritajiet tal-awditjar, biex

[1] Inforegio - Ninth Report on Economic, Social and Territorial Cohesion (europa.eu).

[2] Ara p. xiii tar-rapport: "Wara 30 sena mit-tnedija parallela tas-Suq Uniku Ewropew u ta' Politika ta' Koeżjoni msaħħa, u 20 sena wara t-tkabbir tal-2004, it-tendenza fit-tul hija ċara: ħafna partijiet tal-Ewropa esperjenzaw konverġenza 'il fuq notevli fuq livell ekonomiku u soċjali".

tiġi vvalutata l-affidabbiltà tal-ħidma ta' verifika tagħhom u r-rapportar għall-programmi identifikati permezz tal-valutazzjoni tar-riskju.

L-approċċ tal-awditjar huwa kkomplementat ukoll minn azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet fil-livell tal-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar, inkluż il-kondiviżjoni ta' metodoloġiji komuni, azzjonijiet korrettivi rakkomandati, il-promozzjoni ta' skambji bejn il-pari u feedback dwar l-iżbalji mikxufa biex tittejjeb il-kapaċità ta' kxif tal-iżbalji fil-livelli kollha, meta jkun meħtieġ.

Billi tivvaluta kontinwament il-kwalità tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' kull programm, il-Kummissjoni tista' tidentifika l-programmi jew il-partijiet tal-programmi li jippreżentaw nuqqasijiet u għalhekk l-ogħla probabbiltà ta' żbalji u timmira l-miżuri korrettivi meħtieġa biex tikkoreġi n-nefqa tal-passat u ttejjeb is-sistemi għall-futur. Din tista' tivvaluta wkoll jekk tali nuqqasijiet jew irregolaritajiet seħħewx f'partijiet oħrajn tal-programm, fi programmi oħrajn fl-istess Stat Membru jew fi Stati Membri oħrajn, biex tiffoka l-ħidma tal-awditjar tagħha.

Barra minn hekk, bħala segwitu għall-konklużjonijiet u għar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA li għad fadal wisq żbalji li ma nkixfux fil-politika ta' koeżjoni minkejja l-operat ta' żewġ livelli ta' kontroll fil-livell nazzjonali, il-Kummissjoni u l-komunità tal-awditjar ta' koeżjoni, f'Diċembru 2024, qablu b'mod konġunt dwar pjan ta' azzjoni (ara t-taqsima II.2 hawn taħt tat-tweġiba tal-Kummissjoni). Il-miżuri relatati għadhom għaddejjin fl-Istati Membri u l-Kummissjoni se timmonitorja kontinwament, fl-2025 u fl-2026, l-implimentazzjoni effettiva tagħhom bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji materjali li fadal fl-għeluq u matul il-perjodu ta' programmazzjoni tal-2021-2027.

Abbażi tar-riżultati tal-awditjar nazzjonali u tal-Kummissjoni disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-rapporti annwali tal-attività (RAA) tagħha u fir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR, annual management and performance report) li r-riskju meta jsir il-pagament għall-politika ta' koeżjoni, b'mod ġenerali, baqa' materjali (ogħla mil-limitu ta' 2 %) fl-2024. Madankollu, ir-riżultati tal-Kummissjoni juru wkoll li din is-sitwazzjoni tvarja skont l-Istat Membru u l-programm: il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll jiffunzjonaw tajjeb għal 91 % mill-431 programm tal-politika ta' koeżjoni miftuħin. Għad-9 % li jifdal (30 programm b'mod sħiħ u partijiet minn seba' programmi oħrajn), kien għad baqa' nuqqasijiet serji l-aktar fil-livell tal-awtoritajiet maniġerjali jew tal-korpi intermedji tagħhom (nuqqasijiet serji fil-verifiki tal-ġestjoni, il-kontrolli tal-ewwel livell li jwasslu għad-dikjarazzjoni tal-livelli materjali tan-nefqa irregolari). Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li fl-2024 l-iżbalji baqgħu mhux mikxufa minn xi awtoritajiet tal-awditjar. Għal 12-il awtorità tal-awditjar (jew il-korpi ta' kontroll tagħhom) minn 116 b'mod ġenerali, dan qajjem dubju dwar l-affidabbiltà tax-xogħol tal-awditjar imwettaq, għalhekk ġew rakkomandati miżuri rimedjali speċifiċi biex tittejjeb is-sitwazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni hija kunfidenti li l-kapaċità korrettiva pluriennali tal-koeżjoni se tippermetti li r-riskju fl-għeluq jinżieb taħt il-limitu ta' materjalità, inkluż billi n-nefqa irregolari jew irtirata tiġi sostitwita minn nefqa oħra meqjusa eliġibbli, kif jippermetti r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK). Fil-fatt, kull sena, l-awtoritajiet tal-programm jirtiraw mill-kontijiet ċertifikati ammonti importanti ddikjarati qabel li jinstabu li huma irregolari jew f'riskju. B'mod kumulattiv mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, dan l-irtirar ammonta għal EUR 16,2-il biljun għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), u EUR 3,7 biljun għall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI, Youth Employment Initiative) u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD, Fund for European Aid to the Most Deprived). Abbażi tal-feedback tal-awtoritajiet tal-programm, il-Kummissjoni tqis li l-eżistenza tad-dispożizzjoni legali għal korrezzjonijiet finanzjarji netti possibbli fir-RDK li jirriżultaw, jekk japplikaw il-kundizzjonijiet legali u l-kriterji stretti previsti, f'telf dirett ta' finanzjament għall-Istati Membri kkonċernati, fil-prattika, żiedet l-azzjonijiet preventivi u korrettivi mill-Istati Membri. Fl-2024, il-Kummissjoni kkonkludiet li tali kriterji għall-korrezzjonijiet finanzjarji netti ġew issodisfati fi tliet każijiet tal-FEŻR/FK jew ta' diversi fondi u nediet il-proċeduri relatati.

Proċedura oħra li tinvolvi programm tal-FSE tinsab taħt valutazzjoni finali fl-2025. Fl-aħħar nett, fl-istess perjodu, bħala riżultat tal-attività tal-awditjar u tar-rwol superviżorju tagħha, u s-segwitu għas-sejbiet tal-QEA u tal-OLAF, il-Kummissjoni talbet aktar minn EUR 1,36 biljun (f'kontribuzzjoni tal-UE) ta' korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali, li l-awtoritajiet tal-programm jistgħu jerġgħu jużaw skont ir-RDK. Wara l-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi kollha, il-Kummissjoni stmat fir-RAA tagħha li r-riskju fl-għeluq f'dan l-istadju huwa ta' 2 % jew anqas għas-snin kontabilistiċi kollha sal-2023, filwaqt li għadhom jiġu applikati azzjonijiet korrettivi ulterjuri. Dan juri l-kapaċità korrettiva pluriennali tal-politika ta' koeżjoni.

Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li għandha aċċertament raġonevoli li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll jiffunzjonaw b'mod ġenerali tajjeb biex jiżguraw li t-tranżazzjonijiet sottostanti jkunu legali u regolari, u li jittieħdu miżuri korrettivi proporzjonati u effettivi f'konformità mal-qafas legali meta jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sistema jew ksur tar-regoli applikabbli li jheddu l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Regolarità tat-tranżazzjonijiet (§ 6.10.-6.38.)

Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet tal-QEA (§ 6.10.-6.15.)

Il-Kummissjoni tilqa' s-sitwazzjoni mtejba għar-rata ta' żball stmata mill-QEA meta mqabbla mas-sena l-oħra u li d-differenza fil-valutazzjoni tar-rati ta' żball rispettivi naqset din is-sena. Fl-2024, il-Kummissjoni tistma wkoll li r-riskju meta jsir il-pagament jibqa' materjali sa massimu ta' 2,9 % għall-intestatura 2 tal-QFP, żieda żgħira meta mqabbla mar-rati rrapportati fis-snin preċedenti, madankollu f'livell aktar baxx minn dak ikkalkolat mill-QEA. Skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni, u f'konformità mal-obbligu tal-uffiċjali awtorizzanti b'delega, din l-istima hija bbażata fuq rieżami komprensiv tal-opinjonijiet tal-awditjar u r-rati ta' żball kollha rrapportati mill-awtoritajiet tal-awditjar tal-programm, aġġustati mill-Kummissjoni fejn rilevanti wara l-valutazzjoni tagħha stess u filwaqt li jitqiesu wkoll ir-riżultati tal-awditjar tal-QEA. L-approċċ tal-Kummissjoni jippermettilha tikkonkludi dwar ir-riskji fl-Istat Membru u anke fil-livell tal-programm individwali, u b'hekk turi sitwazzjoni differenzjata għal kull programm.

Il-Kummissjoni tirreferi għall-Kapitolu 1 tar-rapport (§1.27 sa §1.34) u t-tweġibiet relatati tal-KE biex tispjega d-differenza bejn il-livelli tar-rati ta' żball irrapportati miż-żewġ istituzzjonijiet, li ma jistgħux jitqabblu direttament.

Filwaqt li mhux neċessarjament li jitqies li l-każijiet kollha mqajma mill-QEA jikkostitwixxu irregolaritajiet skont ir-RDK, il-Kummissjoni se ssegwi kif xieraq l-iżbalji kollha rrapportati mill-QEA u se titlob miżuri korrettivi jew korrezzjonijiet finanzjarji, kif jitqies meħtieġ u legalment fattibbli. Il-Kummissjoni se tirrakkomanda wkoll lill-awtoritajiet tal-programm konċernati biex itejbu ulterjorment is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll kif meħtieġ, inkluż fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-perjodu 2021–2027.

F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tqis kif xieraq in-nuqqasijiet irrapportati mill-QEA fil-ħidma u fir-rapportar ta' xi whud mill-awtoritajiet tal-awditjar, minbarra l-każijiet li diġà rrapportat fir-rapporti annwali tal-attività. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi ċerti problemi tas-sistema li nkixfu mill-QEA. Il-

Kummissjoni tilqa' wkoll ir-referenza tal-QEA għall-elementi ta' prattika tajba u titjib maż-żmien fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar (il-Kaxxa 6.12, il-Kroazja), u tindika approċċ differenzjat bejn l-Istati Membri u l-programmi u l-kapaċità li jitgħallmu tagħlimiet u jkun hemm titjib abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-passat mill-QEA u mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tisħaq fuq l-importanza tar-rwol tal-awtoritajiet tal-awditjar fil-kxif tal-iżbalji. Madankollu, kif identifikat mill-QEA fil-kampjun tagħha (§6.10), u fl-awditi tal-Kummissjoni, għad hemm potenzjal li dawn il-korpi ewlenin ikunu saħansitra aktar effettivi f'xogħolhom. Barra minn hekk, fis-sena kontabilistika li qed tiġi analizzata, l-awtoritajiet tal-awditjar irrapportaw rati ta' żball totali ogħla minn 2 % għal kull wieħed minn erba' programmi, li juri li l-kontrolli tal-ewwel livell għad jeħtieġu titjib għal dawn il-programmi. L-awtoritajiet tal-programm applikaw il-korrezzjonijiet li niżżlu r-rata ta' żball residwu għal anqas minn 2 % fil-programmi kollha ħlief għal tliet programmi[3]. Il-kapaċità ta' kxif fil-livell tal-programm u fil-livell tal-Istati Membri wasslet għal korrezzjonijiet finanzjarji u rtirar sinifikanti qabel ma l-kontijiet tal-programm ġew sottomessi lill-Kummissjoni (ara t-Taqsima I hawn fuq tat-tweġiba tal-Kummissjoni).

Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li xi żbalji baqgħu ma nkixfux fil-livelli tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u/jew tal-awditjar, jew tqiesu b'mod mhux xieraq fil-kalkolu tar-rati ta' żball irrapportati f'każijiet speċifiċi. Għal din ir-raġuni u wara valutazzjoni tal-programmi individwali, id-DĠ REGIO u d-DĠ EMPL aġġustaw ir-rati ta' żball kif irrapportati mill-Istati Membri biex jistmaw riskju meta jsir il-pagament u l-livell massimu tiegħu (indikatur ewlieni tal-prestazzjoni (KPI, key performance indicator) dwar il-legalità u r-regolarità) fir-RAA rispettivi tagħhom, filwaqt li qiesu wkoll ir-riżultati tal-QEA (ara l-parti 2 hawn taħt). Il-livell massimu ta' riskju meta jsir il-pagament li għalhekk ġie rrapportat (3,6 %) huwa ogħla mil-livell limitu ta' materjalità għaż-żewġ Direttorati Ġenerali din is-sena, madankollu inqas minn dak ikkalkolat mill-QEA permezz tal-estrapolazzjoni statistika tagħha tal-iżbalji li kixfet u kkwantifikat.

Fir-rigward tat-tipi ta' żbalji (§6.13), abbażi tat-tipoloġija komuni tagħhom, il-kontribuzzjoni għar-rati ta' żball tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet tal-awditjar ġeneralment tkun mill-istess kategoriji ta' irregolaritajiet bħal dawk tal-QEA, jiġifieri: nefqa ineliġibbli, akkwist pubbliku, rekord tal-awditjar u, sa ċertu punt din is-sena, għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-awtoritajiet tal-programm rilevanti biex tgħinhom itejbu l-kapaċitajiet tagħhom biex jipprevjenu u jikxfu dawk l-irregolaritajiet aħjar. Barra minn hekk, in-nuqqasijiet mikxufa matul il-perjodu 2014-2020 u l-kawżi ewlenin tagħhom se jservu bħala kontribut fit-tfassil ta' sistema ta' assigurazzjoni aktar sempliċi, aktar reżistenti għall-iżbalji u robusta li għandha tiġi proposta lill-koleġiżlaturi għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027.

Finalment, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-iżbalji addizzjonali rrapportati mill-QEA, xi drabi minħabba li l-awtoritajiet maniġerjali jew il-benefiċjarji ma jifhmux bis-sħiħ ir-regoli kumplessi involuti, u jagħmlu żbalji, jew inkella minħabba dokumentazzjoni ta' sostenn nieqsa jew insuffiċjenti, mhux neċessarjament iqajmu dubji dwar l-output jew l-impatt tal-proġetti kofinanzjati.

Ġestjoni kondiviża (§ 6.16.-6.31.)

Kostijiet u proġetti ineliġibbli (§ 6.16.-6.22.)

[3] Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat mill-ġdid ir-rata ta' żball bħala ogħla minn 2 % fi 23 programm ieħor minn 439 programm ikkonċernati.

Fir-rigward tal-kostijiet u tal-proġetti ineliġibbli meqjusa bħala ineliġibbli mill-QEA, il-Kummissjoni tinnota li l-ftehimiet ta' għotja relatati ma kinux abbozzati b'mod ċar, u kienu jinvolvu r-riskju ta' interpretazzjonijiet differenti, jew ma kinux aġġornati fil-ħin meta saru l-iżbalji.

Il-Kummissjoni taqbel li l-kostijiet ineliġibbli huma l-aktar tip ta' żball frekwenti li jinstab mill-awtoritajiet tal-awditjar u tirrikonoxxi xi wħud mill-iżbalji addizzjonali kkwantifikati mill-QEA fuq din il-bażi, iżda mhux kollha kemm huma.

Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet awditjati dwar ix-xiri tal-vaċċini kontra l-COVID-19, il-Kummissjoni tieħu nota tal-għadd limitat ta' żbalji kkwantifikati mill-QEA fl-Istati Membri awditjati. Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li l-Istati Membri kellhom jistabbilixxu sistemi ta' monitoraġġ u ta' kontroll għall-għoti ta' vaċċini liċ-ċentri tat-tilqim fi żminijiet partikolarment diffiċli u ta' sfida. Fir-rigward tal-kostijiet unitarji fl-Italja, din il-kwistjoni jeħtieġ li tiġi eżaminata globalment għan-nefqa ddikjarata b'kollox għall-programmi u għar-reġjuni kollha u l-Kummissjoni se tiżgura li l-Istat Membru ma jkunx talab aktar nefqa b'mod ġenerali minn dik imġarrba għall-vaċċini tal-manifattur ikkonċernat.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' akkwist ċentralizzati relatati mal-vaċċini (§6.21), il-Kummissjoni temmen bis-sħiħ li dawn il-proċeduri, inklużi l-iskambji preliminari mal-kuntratturi, kienu f'konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju, fil-kuntest speċifiku ta' urġenza estrema skont il-pandemija u bl-objettiv li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' vaċċini sikuri suffiċjenti għall-popolazzjonijiet fl-Istati Membri fiż-żmien tal-pandemija. Fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-36/23, il-Qorti Ġenerali sabet li l-Kummissjoni kellha tipprovdi spjegazzjoni aktar dettaljata fid-deċiżjoni tagħha, li hija ma għandhiex id-dokumenti mitluba. Għalhekk il-Kummissjoni diġà adottat deċiżjoni ġdida f'konformità sħiħa mas-sentenza.

Konformità mar-regoli tas-suq intern: akkwist pubbliku u għajnuna mill-Istat (§ 6.23.-6.27.)

Is-servizzi tal-Kummissjoni jinnotaw li l-akkwist pubbliku (u sa livell inqas fis-sejbiet tal-QEA din is-sena, l-għajnuna mill-Istat) jibqa' sors ta' żbalji, madankollu, dawn mhux neċessarjament jikkondividu l-valutazzjoni tal-QEA dwar l-iżbalji kollha li kkwantifikat għal nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE jew dawk nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku, u mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat (§6.24).

Fir-rigward tal-proġett ivverifikat mill-QEA fi Franza (il-Kaxxa 6.4), is-servizzi tal-Kummissjoni jixtiequ jenfasizzaw li l-operazzjoni la kienet soġġetta għal-liġi nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku u lanqas għad-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni tqis li l-awtoritajiet maniġerjali aċċettaw b'mod korrett l-għażla tal-benefiċjarju tal-kuntrattur tal-parti relatata u l-kostijiet tal-proġett korrispondenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li, fir-rigward tal-proporzjon tal-finanzjament pubbliku (10 % tal-kostijiet ġenerali tal-proġett) u l-fatt li l-kostijiet dikjarati kienu allinjati mal-prezzijiet tas-suq, l-impatt ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess ikun minimu.

Fir-rigward tal-proġett tal-FEŻR fil-Ġermanja (il-Kaxxa 6.5) li pprovda appoġġ finanzjarju fl-ambitu ta' skema ta' għajnuna mill-Istat għal proġetti ta' investiment reġjonali minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises), il-QEA qieset li l-benefiċjarju kellu kemm sieħeb kif ukoll kumpanija relatata li kellhom jitqiesu meta ġie kkalkolat id-daqs tal-kumpanija fiż-żmien tal-ewwel applikazzjoni, u l-bidu tal-proġett. Madankollu, fid-data li fiha ntbagħtet it-tieni applikazzjoni (sentejn wara) u meta ġie ffirmat il-ftehim ta' għotja, iż-żewġ kumpaniji ma baqgħux intrapriżi sħab skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tad-definizzjoni tal-SME (l-Anness 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014). Iċ-ċirkostanzi legali u fattwali rilevanti għandhom jiġu evalwati hekk kif ikunu jeżistu fiż-żmien meta tittieħed id-deċiżjoni, f'konformità kemm mal-liġi amministrattiva Ġermaniża kif ukoll mal-prinċipji tal-liġi tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Abbażi tal-ftehim ta' għotja li jistabbilixxi l-kontribuzzjoni għan-numru ta' impjiegi maħluqa (45 f'din l-

operazzjoni), il-Kummissjoni tqis li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda żball, jew kien biss limitat ħafna.

Fir-rigward tar-rispett tar-regoli tas-suq uniku, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-awtoritajiet tal-programm permezz tal-miżuri mfassla skont il-pjanijiet ta' azzjoni tagħha dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, biex tiżgura fehim tajjeb u implimentazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli tas-suq intern, inkluż biex jiġu evitati sitwazzjonijiet possibbli ta' kunflitt ta' interess. L-akkwist pubbliku jibqa' sors importanti ta' żbalji addizzjonali u mhux mikxufa mill-Kummissjoni fl-awditi tal-konformità tagħha stess u sors ta' korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali mitluba mill-Istati Membri. F'tali każijiet, il-Kummissjoni tirrikjedi b'mod sistematiku l-implimentazzjoni ta' miżuri addizzjonali biex ittejjeb il-kapaċità ta' kxif tal-irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku mill-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati (listi ta' kontroll tal-awditjar imtejba, taħriġ immirat addizzjonali u gwida bil-miktub għall-awdituri, djalogu mal-awdituri dwar il-kawżi ewlenin tal-iżbalji addizzjonali mikxufa).

Disponibbiltà ta' dokumenti ta' sostenn essenzjali (§ 6.28.-6.29.)

Fir-rigward ta' §6.28 u §6.29, il-Kummissjoni taqbel li huma meħtieġa dokumenti essenzjali biex jiġi żgurat rekord tal-awditjar xieraq tan-nefqa ddikjarata għal kull operazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 72(g) tar-RDK 2014-2020, inkella jistgħu jinħolqu dubji dwar l-eliġibbiltà tal-operazzjoni appoġġata (ara l-eżempju kkwotat fil-Kaxxa 6.6). Il-Kummissjoni tinnota li l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni ta' sostenn nieqsa tibqa' t-tielet sors ta' żbalji rrapportati kemm mill-awtoritajiet tal-awditjar kif ukoll mill-awdituri tal-Kummissjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

L-informazzjoni mitluba mill-benefiċjarji u mill-awtoritajiet tal-programm għandha tibqa' proporzjonata f'kull każ, filwaqt li jitqiesu l-impatt u l-kost amministrattiv tat-talbiet dokumentarji, is-sejħiet u l-isforzi tal-partijiet ikkonċernati fl-ambitu l-aġenda ta' simplifikazzjoni proprja tal-Kummissjoni għal simplifikazzjoni ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE.

Fir-rigward tad-dokumentazzjoni tal-proċessi tal-awditjar mill-awtoritajiet tal-awditjar (§6.28), ir-rispett tal-istandards tal-awditjar huwa meħtieġ iżda għandu jkun ibbilanċjat bi proċeduri amministrattivi proporzjonati. Fl-2019 u l-2020, il-Kummissjoni stabbiliet grupp ta' ħidma mal-awtoritajiet tal-awditjar biex ittejjeb id-dokumentazzjoni tal-awditjar u tipprovdi rakkomandazzjoni minima filwaqt li tirrispetta l-proporzjonalità fil-kostijiet amministrattivi. Dan wassal għal "Dokument ta' riflessjoni dwar id-dokumentazzjoni tal-awditjar", kif irrapportat mill-QEA bħala pass pożittiv fir-Rapport Annwali tagħha tal-2019 (il-Kaxxa 5.8). Meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni tkompli tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-awditjar biex isegwu l-gwida li ntlaħaq qbil dwarha, b'mod partikolari fl-awditi tal-konformità speċifiċi tagħha dwar il-kompletezza tal-listi ta' kontroll u tal-proċeduri tal-awditjar.

Strumenti finanzjarji (§ 6.30.-6.31.)

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-każijiet individwali tar-riċevituri finali li l-QEA qieset bħala ineliġibbli. Peress li r-RDK jipprevedi li l-eliġibbiltà tan-nefqa sottostanti għall-istrumenti finanzjarji tiġi ddeterminata fl-għeluq (l-Artikolu 42), kwalunkwe irregolarità identifikata f'dan il-punt tista' tiġi kkoreġuta u sostitwita bin-nefqa eliġibbli sal-għeluq u ma taffettwax l-eliġibbiltà tal-pagamenti bil-quddiem magħmula mill-Kummissjoni matul l-implimentazzjoni tal-programm. Fl-2024 u fl-2025, il-Kummissjoni wettqet awditi dwar it-tħejjija għall-għeluq biex tiżgura li l-awtoritajiet tal-programm iwettqu biżżejjed verifiki dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa u r-riċevituri finali taħt l-istrumenti finanzjarji sal-għeluq.

Tranżazzjonijiet ġestiti direttament jew indirettament mill-Kummissjoni (§ 6.32.-6.34.)

Għal każ wieħed, il-Kummissjoni (CINEA) ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-QEA.

Ġestjoni finanzjarja tajba (§ 6.35.)

Fir-rigward taż-żewġ każijiet Taljani msemmija fil-Kaxxa 6.9, il-Kummissjoni tinnota li l-kuntratti inkwistjoni huma taħt il-limitu għall-applikazzjoni tad-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Għalhekk dawn il-kuntratti huma soġġetti għal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku, li ġew segwiti kif xieraq. Minkejja dan, u mingħajr ma dan ikollu impatt finanzjarju kif ikkonfermat mill-QEA, il-Kummissjoni se ttenni lill-awtoritajiet tal-programm tal-Istat Membru kkonċernat li ponderazzjoni ta' 10 % għall-kriterju tal-prezz ma hijiex prattika tajba, kif imfakkar fil-*vademecum* tagħha dwar l-akkwist pubbliku.

Infiq ieħor (§ 6.36.-6.38.)

Fir-rigward tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-dewmien fl-għoti tar-rapporti annwali tal-attività relatati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jinsab fil-proċess li jiġi indirizzat.

2. Governanza (§ 6.39.-6.62.)

Ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar (§ 6.39.-6.51.)

Proporzjon ta' pakketti ta' aċċertament b'rati ta' żball residwu ogħla mil-livell ta' materjalità fl-2024 (§6.40.-6.44. u l-Illustrazzjoni 6.9.)

Għall-kontijiet aċċettati fl-2024, abbażi tal-valutazzjoni tagħha - u l-aġġustamenti meta jkun meħtieġ - tar-rati ta' żball irrapportati mill-awtoritajiet tal-awditjar, u filwaqt li jitqiesu l-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni vvalidat fid-DĠ REGIO u fid-DĠ EMPL rata ta' żball residwu fir-RAA tal-2024:

- inqas mill-materjalità għal 95 % tal-Programmi ta' koeżjoni kollha (302 programm REGIO[4] u 203 programm EMPL)

- aktar mill-materjalità għal 5 % tal-Programmi ta' koeżjoni kollha (16-il programm REGIO u 11-il programm EMPL).

Għal dawn il-programmi b'rata ta' żball residwu kkalkolata mill-ġdid ta' aktar minn 2 %, inkluż għal każijiet irrapportati mill-QEA (§6.43), il-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri japplikaw miżuri korrettivi addizzjonali, inklużi korrezzjonijiet finanzjarji meta legalment fattibbli, sabiex fl-aħħar mill-aħħar ir-"riskju fl-għeluq" għall-programmi kollha tal-2014-2020 ikun taħt il-limitu ta' materjalità. Fl-aħħar mill-aħħar, jekk l-Istati Membri jonqsu milli jieħdu azzjoni xierqa, il-Kummissjoni għandha l-għodod biex tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji hija stess.

[4] Iffinanzjati taħt il-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni jew bl-appoġġ tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA-CBC, Instrument for Pre-accession Assistance) jew l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI-CBC, European Neighbourhood Instrument).

Il-Kummissjoni tieħu nota li l-QEA kkalkolat mill-ġdid ir-rati ta' żball residwu ta' aktar minn 2 % għal 16 mit-30 pakkett ta' aċċertament ivverifikati din is-sena. Minkejja li l-Kummissjoni kienet diġà aġġustat xi wħud minnhom 'il fuq minn 2 % (§6.40), il-Kummissjoni tqis li l-kalkoli mill-ġdid magħmula mill-QEA 'l fuq minn 2 % huma parzjalment attribwibbli għal differenzi fil-valutazzjoni ta' xi żbalji (ara t-taqsima II.1 hawn fuq tat-tweġiba tal-Kummissjoni). F'każ wieħed, ir-rata ta' żball kienet diġà ġiet aġġustata mill-Kummissjoni fir-RAA. Il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa kienu diġà ġew implimentati mill-Istat Membru matul l-awditu tal-QEA.

Il-Kummissjoni tkompli taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet tal-awditjar biex tiżgura fehim komuni tal-qafas legali u ta' implimentazzjoni komuni (ara d-dettalji dwar il-pjan ta' azzjoni li ntlaħaq qbil dwaru fit-taqsima li jmiss) u fl-2024 nediet djalogu mal-QEA biex tifhem l-approċċi differenti fil-valutazzjoni tal-ħidma rrapportata mill-awtoritajiet tal-awditjar.

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-konklużjonijiet tal-QEA dwar l-affidabbiltà tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar, essenzjalment ibbażati fuq il-kriterji tal-kalkolu mill-ġdid tar-rata ta' żball irrapportata ta' aktar minn 2 % f'każ ta' żbalji kwantifikati addizzjonali mill-QEA. Il-Kummissjoni tivvaluta l-effettività u l-affidabbiltà tal-ħidma ta' awtorità tal-awditjar abbażi ta' għadd ta' aspetti, u r-rata ta' żball hija waħda minnhom iżda mhux l-unika waħda. Pereżempju, xi żbalji (jew saħansitra żball wieħed) li ma kinux inkixfu qabel mill-awtoritajiet tal-awditjar minħabba regoli kumplessi jew speċifiċi, anke jekk jaffettwaw ir-rata ta' żball ikkalkulata mill-ġdid fis-sena ta' rapportar, mhux neċessarjament jindikaw nuqqas sistemiku fil-ħidma tal-awtorità tal-awditjar ikkonċernata.

Il-ħidma ta' aċċertament tal-Kummissjoni u r-rappurtar tar-rata ta' żball residwu fir-rapporti annwali tal-attività (§ 6.52.-6.62)

Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-QEA li fi tmiem il-perjodu mhux is-sistemi kollha jiffunzjonaw b'mod effettiv (§6.53), il-Kummissjoni tirreferi għall-valutazzjoni sistematika u kontinwa tagħha tal-effettività tas-sistemi mħaddma mill-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar abbażi tar-riżultati kollha tal-awditjar disponibbli. Il-Kummissjoni tiddivulga wkoll ir-rati ta' żball individwali għal kull programm, billi tibbaża ruħha fuq ir-rapportar tal-Istati Membri iżda wara valutazzjoni u applikazzjoni xierqa tal-aġġustamenti u tal-kalkoli mill-ġdid meħtieġa fejn meħtieġ, abbażi tal-eżamijiet dokumentarji tal-awditjar tal-Kummissjoni jew fuq il-ħidma ta' twettiq mill-ġdid fuq il-post għal kampjun ta' programmi kkunsidrati f'riskju. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tibbażax biss fuq ir-rati ta' żball irrapportati mill-awtoritajiet tal-programm iżda tivvalutahom bir-reqqa fid-dawl tar-rapportar tagħha stess. Meta nuqqasijiet serji identifikati jaffettwaw il-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar b'mod speċifiku, il-Kummissjoni twettaq il-ħidma tagħha ta' twettiq mill-ġdid biex tivvaluta r-riskji jew tikkwantifika r-riskji b'rata fissa, kif rifless fir-riskju meta jsir il-pagament u fir-riskji massimi rrapportati fir-RAA u fl-AMPR.

Bħal fis-snin preċedenti, l-awdituri tal-Kummissjoni komplew jagħtu attenzjoni partikolari fl-eżamijiet dokumentarji u fl-awditi tagħha għar-riskji marbuta man-nefqa relatata mal-COVID-19, il-finanzjament doppju u l-kunflitti ta' interess, li kollha jikkostitwixxu punti ta' kontroll standard fid-diversi listi ta' kontroll tal-awditjar tal-Kummissjoni. Meta jiġu identifikati nuqqasijiet fil-problemi relatati, jiġu implimentati korrezzjonijiet finanzjarji. Bħala eżempju, ir-RAA tar-REGIO 2024 (il-paġna 37) jiddeskrivi diversi każijiet ta' riskju ta' kunflitt ta' interess mikxufa mill-awdituri tal-Kummissjoni li jew kienu ġew identifikati mill-awtorità maniġerjali iżda ma kinux mitigati b'mod adegwat, jew li ma kinux ġew identifikati fl-ewwel istanza.

Fir-RAA rispettivi tagħha tal-2024, abbażi tal-valutazzjoni tagħha tal-informazzjoni tal-awditjar kollha disponibbli mill-Istati Membri u l-awditi tal-UE, il-Kummissjoni kkonkludiet dwar l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll (ara l-graff li ġejja). Għal dawk il-programmi fejn ikun meħtieġ titjib sostanzjali, jintalbu azzjonijiet rimedjali f'kull każ.





Livell materjali ta' nefqa irregolari fil-kontijiet aċċettati (§ 6.54.-6.58.)

Il-Kummissjoni fasslet is-sistema ta' aċċertament tagħha biex tippermetti lid-Diretturi Ġenerali tad-DĠ EMPL u tad-DĠ REGIO jipprovdu aċċertament individwalment fuq kull wieħed mill-431 programm taħt il-politika ta' koeżjoni, skont l-obbligu tagħhom bħala uffiċjali awtorizzanti b'delega.

Abbażi ta' din il-valutazzjoni dettaljata u individwali ta' kull programm u r-rata ta' żball totali residwu aggregata (riskju meta jsir il-pagament) għall-fondi li jiġġestixxu, id-Diretturi Ġenerali setgħu jikkonkludu fir-RAA rispettivi tagħhom li għad hemm irregolaritajiet materjali fin-nefqa ċċertifikata lill-Kummissjoni għal dawk il-fondi fil-kontijiet aċċettati fl-2024 (§6.55). Huma setgħu jidentifikaw ukoll liema (partijiet minn) programmi jippreżentaw nuqqasijiet serji (ara l-annessi 7.F tar-RAA rispettivi) u li għalihom intalbu azzjonijiet korrettivi u saru rapporti dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji meħuda biex jiġu segwiti l-irregolaritajiet mikxufa tas-snin preċedenti.

Iż-żieda fir-riskju meta jsir il-pagament u r-riskju massimu meta mqabbla mas-sena preċedenti huma dovuti l-aktar għall-approċċ prudenti meħud minħabba l-emenda STEP (Strategic Technologies for Europe Platform) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li ppermettiet li l-attivitajiet ta' kontroll jiġu estiżi sa Frar 2026 (ara l-parti ta' hawn fuq II.1). Filwaqt li qieset l-ammonti għoljin ta' nefqa ddikjarati lill-Kummissjoni fl-2024 u l-kontrolli u l-awditi limitati ffinalizzati fid-data tal-iffirmar tar-RAA, il-Kummissjoni applikat rata fissa ta' 2 % għall-programmi kollha b'riskju meta jsir il-pagament irrapportat taħt it-2 % fl-eżerċizzju preċedenti, iżda li għalih ir-riżultati aġġornati tal-awditjar se jkunu disponibbli biss wara l-iffirmar tar-rapport annwali tal-attività.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrapporta wkoll massimu prudenti stmat biex tqis ir-riskji addizzjonali potenzjali, bl-użu ta' rati fissi għal programm individwali skont is-sitwazzjoni speċifika tagħhom. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA[5], il-valur massimu jinkludi wkoll approċċ konservattiv biex jitqiesu l-iżbalji potenzjali fin-nefqa mhux awditjata, pereżempju meta jkun twettaq biss eżami dokumentarju jew meta tkun għadha meħtieġa ħidma tal-awditjar addizzjonali skont proċeduri kontradittorji li għaddejjin, u/jew filwaqt li jitqiesu wkoll ir-riżultati tal-awditjar tas-snin preċedenti li jindikaw riskji possibbli li jifdal fin-nefqa taħt analiżi.

Għalhekk, il-Kummissjoni hija kunfidenti li l-kalkoli tagħha tar-riskju meta jsir il-pagament, inkluż ir-riskju massimu, li jqisu r-riżultati tal-QEA mingħajr estrapolazzjoni iżda wara li vvalutat bir-reqqa

[5] Ara SR 26/2021, ir-rakkomandazzjoni 3a, u r-Rieżami 03 /2024, il-konklużjoni p. 23.

jekk programmi oħrajn jistgħux jiġu affettwati, jippreżentaw rappreżentazzjoni ġusta tar-realtà fil-prattika, filwaqt li jqisu r-riskji identifikati għal kull programm.

Għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u 2014-2020 s (§ 6.59.-6.62.)

Il- Kummissjoni tfakkar li wara l-bidliet leġiżlattivi riċenti[6], l-iskadenzi amministrattivi għall-għeluq ġew estiżi sa Frar 2026 biex l-awtoritajiet tal-programm ikunu jistgħu jwettqu d-diliġenza u l-kontrolli kollha dovuti qabel ma jiddikjaraw in-nefqa finali. Il-Kummissjoni bdiet u se tkompli twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-pakketti tal-għeluq biex tiżgura li jkunu saru l-kontrolli xierqa fl-għeluq u li l-livelli materjali ta' żbalji li jifdal ikunu ġew ikkoreġuti kif xieraq qabel ma jkunu ġew sottomessi l-kontijiet finali. Il-valutazzjoni tal-legalità u tar-regolarità tan-nefqa rrapportata bħala legali u regolari fl-għeluq tista' tkompli wara l-aċċettazzjoni formali tal-kontijiet relatati, u kull programm se jiġi infurmat dwar l-għeluq definittiv tal-programm biss ladarba l-problemi kollha ta' regolarità jkunu ġew indirizzati kif xieraq mill-Istati Membri.

F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA maħruġa f'rapporti annwali preċedenti, fl-2024 il-Kummissjoni wettqet awditi preventivi dwar it-tħejjija għall-għeluq għal kampjun ta' programmi kkunsidrati f'riskju, biex tiżgura li l-awtoritajiet konċernati jwettqu fil-ħin il-verifiki kollha meħtieġa biex jipprevjenu u jikkoreġu l-irregolaritajiet li jifdal u jsegwu kif xieraq ir-riżultati kollha tal-awditjar irrapportati mill-għeluq. Aktar dettalji dwar dawk l-awditi huma disponibbli fl-Annessi 7I tar-RAA għall-2024 tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar il-progress dwar l-għeluq tal-2014-2020 fir-RAA tagħha għall-2025.

3. Konklużjonijiet tar-rapport (§ 6.63.-6.66.)

Il-Kummissjoni taqbel mal-QEA li fl-2024, ir-rata ta' żball baqgħet materjali għan-nefqa ta' koeżjoni b'mod ġenerali. Abbażi tar-riżultati kollha tal-awditjar, il-Kummissjoni stmat fir-RAA u fl-AMPR livell ġenerali ta' riskju, inkluż il-valur massimu tiegħu bbażat fuq riskji addizzjonali mhux mikxufa possibbli, li huwa ogħla minn fis-snin preċedenti iżda li jibqa' inqas minn dak stmat mill-QEA (il-Kummissjoni tirreferi wkoll għall-Kapitolu 1 tar-rapport, §1.27 sa §1.36). Il-Kummissjoni rrapportat ukoll sitwazzjoni differenzjata bejn il-programmi u l-Istati Membri.

Filwaqt li qieset il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA u tal-Kummissjoni matul l-aħħar snin, il-Kummissjoni flimkien mal-awtoritajiet tal-awditjar qablu dwar pjan ta' azzjoni ta' azzjonijiet korrettivi li impenjaw ruħhom li jieħdu biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-awditjar li rċevew mill-QEA jew mill-Kummissjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni, bil-għan li jtejbu l-kapaċità ta' kxif tagħhom fil-perjodu 2021-2027 u jindirizzaw il-kwistjonijiet li jifdal qabel l-għeluq tal-perjodu 2014-2020. Barra minn hekk, il-Kummissjoni segwiet ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA biex iżżid il-ħidma tagħha ta' twettiq mill-ġdid fuq il-post biex tissorvelja aktar mill-qrib u b'mod aktar preventiv il-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar, inkluż biex tikkonferma l-użu tagħhom ta' listi ta' kontroll u proċeduri tal-awditjar xierqa u kompluti, bil-għan li żżid l-affidabbiltà tar-riżultati tal-awditjar li jirrapportaw.

[6] Ir-Regolament (UE) 2024/795 - adottat mill-koleġiżlaturi fid-29 ta' Frar 2024 - li jistabbilixxi *l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform).*

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 6.1 – Żgurar li l-awtoritajiet tal-awditjar itejbu l-mod kif joperaw

Jiġi żgurat li, permezz tal-eżamijiet dokumentarji u l-awditi tagħha, l-awtoritajiet tal-awditjar isaħħu l-kapaċità ta' kontroll u ta' kxif tagħhom, billi jiġi vverifikat li dawn:

(a) jippjanaw kif xieraq il-kampjunar u jieħdu kampjun tal-awditjar rappreżentattiv, suffiċjenti u rilevanti min-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni, kif meħtieġ mir-RDK;

(b) jikkonfermaw li l-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà tintwera minn evidenza suffiċjenti, xierqa u affidabbli;

(c) iżommu dokumentazzjoni xierqa biex tappoġġa r-rekord tal-awditjar, inkluż fajl tal-awditjar indiċjat b'mod ċar b'referenza għal (i) dokumenti ta' evidenza, (ii) listi ta' kontroll dettaljati u (iii) dokumenti ta' ħidma inkluża d-deskrizzjoni tal-entrati ttestjati, kalkoli sottostanti u formuli.

(Data fil-mira għall-implimentazzjoni: Bidu fl-2026)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni u se taġixxi kif huwa rrakkomandat, b'mod partikolari fl-awditi futuri tagħha iżda wkoll permezz tal-monitoraġġ tal-azzjonijiet li għandhom jitwettqu fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni li ntlaħaq qbil dwaru b'mod konġunt bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar f'Diċembru 2024 għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' kxif ta' dawn tal-aħħar.

Rakkomandazzjoni 6.2 – Bidu mill-ġdid tal-kontrolli wara li jiġu imposti r-rati fissi

Jiġi żgurat, meta jinkixfu nuqqasijiet sistematiċi fil-programmi (operazzjonali) u konsegwentement tkun ġiet imposta rata fissa, li l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jużawx il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni b'rata fissa biex jevitaw ir-responsabbiltà tagħhom li jivverifikaw l-eliġibbiltà tan-nefqa qabel ma jiddikjarawha lill-Kummissjoni, u jagħmlu rkupri individwali kif meħtieġ.

(Data fil-mira għall-implimentazzjoni: Tmiem tal-2025)

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni tqis li l-korrezzjonijiet b'rata fissa huma għodda effettiva biex jiġu kkoreġuti l-irregolaritajiet tal-passat li ma jistgħux jiġu kkwantifikati b'mod preċiż (u fil-każ speċifiku tal-kuntratti pubbliċi pereżempju, li jkomplu jiġġeneraw nefqa skont il-kuntratti affettwati, biex jiġi evitat li tiġi ddikjarata nefqa irregolari ulterjuri), mingħajr ma jiġi impost piż amministrattiv sproporzjonat. Meta jiġu applikati tali rati fissi, il-Kummissjoni se tkompli titlob definizzjoni ċara bil-miktub dwar il-kwistjonijiet koperti mill-korrezzjoni b'rata fissa, li tistabbilixxi data ta' skadenza li warajha jridu jittejbu s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll. Barra minn hekk, f'każ li l-kampjuni tal-awditjar ikun fihom tali nefqa diġà soġġetta għal korrezzjoni b'rata fissa, l-awtoritajiet tal-awditjar jintalbu jwettqu b'mod sistematiku kontrolli biex jeskludu l-preżenza ta' kwistjonijiet oħra li possibbilment ma humiex koperti mill-korrezzjoni b'rata fissa, jew biex jeskludu r-riskju ta' suspett ta' frodi mhux mikxuf, u jippermettu rkupru individwali, fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni se tiċċara lill-awtoritajiet tal-awditjar l-approċċ

għall-istima ta' rata ta' żball statistiku estrapolata bbażata fuq kampjunar statistiku, meta parti mill-popolazzjoni li tkun qed tiġi vvalutata tkun diġà soġġetta għal korrezzjoni b'rata fissa.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 7: RIŻORSI NATURALI U AMBJENT

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR

L-intestatura 3 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) "Riżorsi naturali u ambjent" tkopri l-infiq tal-UE fuq il-politika agrikola komuni, il-politika marittima u tas-sajd u l-programm LIFE għall-ambjent u l-azzjoni klimatika.

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK), li hija responsabbli għall-parti l-kbira tal-infiq taħt din l-intestatura, hija politika ġenwinament Ewropea peress li l-Istati Membri jiġbru flimkien ir-riżorsi biex joperaw politika komuni unika b'baġit Ewropew uniku. L-objettivi tal-PAK, kif stabbiliti fit-Trattat u fir-regolamenti tal-PAK huma: it-tkabbir tal-produttività agrikola; l-iżgurar ta' livell ta' għajxien ġust għall-komunitajiet agrikoli; l-istabbilizzazzjoni tas-swieq; l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-provvisti; l-iżgurar li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Mill-2023, 77,7 % tal-appoġġ ipprovdut taħt il-PAK mexa minn politika bbażata fuq il-konformità għal waħda xprunata mill-prestazzjoni li tagħti aktar flessibbiltajiet lill-Istati Membri fit-tfassil tal-interventi tal-PAK għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

B'5,7 miljun benefiċjarju fl-2024, il-PAK hija implimentata b'ġestjoni kondiviża permezz ta' sistema komprensiva ta' ġestjoni u kontroll. Il-qafas ta' aċċertament robust u b'diversi livelli, inklużi l-kontrolli fil-livell nazzjonali, l-awditi indipendenti, u s-sorveljanza mmexxija mill-Kummissjoni, flimkien mar-rieżami biennali tal-prestazzjoni, żgura b'suċċess il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Skont il-PAK 2023-2027, il-Kummissjoni tiffoka fuq ir-riżultati tal-prestazzjoni u fuq il-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' governanza stabbiliti mill-Istati Membri, biex tiżgura kemm il-kwalità tar-riżultati tal-prestazzjoni kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Għaldaqstant, u b'kuntrast mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, l-Istati Membri mhumiex obbligati jirrapportaw dwar statistika ta' kontroll dettaljata fil-livell tal-benefiċjarji, iżda dwar il-prestazzjoni tal-politika bbażata fuq l-indikaturi tal-output u tar-riżultati. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tikkalkulax rata ta' żball jew riskju fil-waqt tal-pagament għan-nefqa skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.[1]

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball stmat mill-QEA għall-intestatura 3 tal-QFP fl-intier tagħha (il-paragrafu 7.43). Għan-nefqa tal-PAK (inkluż kemm in-nefqa bbażata fuq il-prestazzjoni kif ukoll dik ibbażata fuq il-konformità), 77 % huwa stmat li jkun fis-segment ta' riskju baxx, filwaqt li 10 % u 13 % tan-nefqa huma stmati li jkunu fis-segmenti ta' riskju medju u għoli, rispettivament. Għalkemm dawn ir-riżultati mhumiex direttament komparabbli mal-livell ta' żball stmat mill-QEA, dan jindika li l-livell ta' aċċertament għadu għoli ħafna wkoll fil-PAK 2023-2027.

[1] Minflok tiddetermina rata ta' żball u riskju fil-waqt tal-pagament, il-Kummissjoni tiġbor in-nefqa taħt il-PAK 2023-2027 fi tliet kategoriji ta' riskju (baxx, medju u għoli) abbażi tal-klassifikazzjoni finali aġġustata tas-sistemi ta' governanza stabbiliti mill-Istati Membri. Il-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni jiddeterminaw din il-klassifikazzjoni kull sena permezz ta' valutazzjoni kwalitattiva tal-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' governanza fis-seħħ għal kull intervent għal kull Aġenzija tal-Pagamenti, li tista' tiġi aġġustata mill-Kummissjoni fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-awditjar tagħha stess u dawk tal-Qorti tal-Awdituri.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinsab sodisfatta bil-konklużjoni tal-QEA li anke fil-PAK 2023-2027, il-pagamenti diretti (eskluż l-ekoskemi) jibqgħu ħielsa minn żbalji materjali, u b'hekk jikkonfermaw għal darb' oħra r-rwol importanti tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK), inkluża s-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Parkelli Agrikoli (ISAP), fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tar-riskju ta' żball.

II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball stmat mill-QEA ta' 2,6 % għall-intestatura 3 tal-QFP (il-paragrafu 7.17).

Fir-rigward tal-iżbalji kwantifikabbli li nstabu mill-QEA, f'żewġ każijiet, il-Kummissjoni identifikat sejbiet simili matul l-awditi tagħha stess, indipendentement mill-awditi tal-QEA. Il-proċeduri ta' konformità għal dawn l-awditi bħalissa għaddejjin u r-riskju għall-Fondi se jkun kopert mill-korrezzjoni finanzjarja proposta, skont l-eżitu tal-proċedura.

Element ewlieni tal-qafas ta' kontroll għall-interventi relatati maż-żona u mal-annimali taħt il-PAK huwa s-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK), li kopriet 80 % tan-nefqa tal-PAK fl-2024 u b'hekk kompliet taqdi rwol importanti ħafna fl-iżgurar tas-sorveljanza finanzjarja.

Pagamenti diretti

Il-Kummissjoni tinsab sodisfatta bil-livell baxx ħafna ta' żbalji misjuba mill-QEA f'pagamenti diretti (eskluż l-ekoskemi) (il-paragrafu 7.44).

Ekoskemi

L-ekoskemi huma għodda ta' politika ġdida (taħt il-pagamenti diretti) tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida għall-perjodu ta' programmazzjoni 2023-2027. Dawn jirrappreżentaw bidla sinifikanti fil-politika agrikola Ewropea lejn it-tisħiħ tas-sostenibbiltà ambjentali u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima. L-ekoskemi huma interventi volontarji li l-bdiewa jistgħu jużaw bi skambju għal appoġġ finanzjarju għal prattiki li jikkontribwixxu għall-objettivi ambjentali tal-UE, inkluż l-konservazzjoni tal-bijodiversità, l-effiċjenza fir-riżorsi, u t-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju.

Tali prattiki ekoloġiċi jinkludu, fost l-oħrajn, id-diversifikazzjoni tal-għelejjel, iż-żamma ta' mergħat permanenti, it-titjib tas-saħħa tal-ħamrija permezz ta' għelejjel ta' kopertura, u l-implimentazzjoni ta' metodi agroekoloġiċi li jnaqqsu d-dipendenza fuq l-inputs kimiċi. Dawn l-interventi huma mfassla biex itaffu l-impatti negattivi tal-biedja intensiva, jippromwovu s-sekwestru tal-karbonju, u jipproteġu r-riżorsi tal-ilma, u b'hekk jikkontribwixxu għar-reżiljenza tas-sistemi agrikoli fid-dawl tat-tibdil fil-klima.

L-objettivi ambjentali u l-impenji assoċjati mal-ekoskemi huma definiti fid-dettall fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Il-kumplessità indikat riżultati minn diversi elementi. L-impenji stabbiliti mill-Istati Membri xi drabi huma dettaljati ħafna bl-isfidi ta' kontroll li dan jinvolvi. Min-natura tagħhom, dawn l-interventi jridu jkunu adattabbli għal kundizzjonijiet reġjonali differenti madwar l-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu l-klimi, it-tipi ta' ħamrija, il-pajsaġġi u l-istrutturi tal-azjendi agrikoli differenti. Dan

huwa l-uniku mod kif jistgħu jiksbu riżultati ambjentali sinifikanti. B'diversità għolja u għadd kbir ta' impenji għall-bdiewa, xi ekoskemi huma aktar f'riskju ta' żbalji, li huma speċifiċi għall-Istati Membri. Id-diversità għolja tal-ekoskemi mfassla mill-Istati Membri f'termini ta' għadd, ambizzjoni, kontenut, objettivi, pagamenti, hija fattur importanti li għandu jiġi kkunsidrat meta jinsiltu konklużjonijiet ġenerali dwar l-ekoskemi bbażati fuq sejbiet fi Stati Membri partikolari.

Matul dawn l-aħħar snin, **il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ sostanzjali lill-Istati Membri biex tippermetti t-tfassil, l-emendar u l-implimentazzjoni tal-ekoskemi.** Dan jinkludi gwida mmirata permezz ta' Q&A (inklużi kjarifiki legali), laqgħat ad hoc mal-Istati Membri, skambji fi ħdan in-Network tal-PAK tal-UE, u għodod u fora ddedikati oħra mmirati biex jiżguraw introduzzjoni bla xkiel u applikazzjoni konsistenti tal-ekoskemi madwar l-Unjoni.

Fi ħdan in-network tal-PAK tal-UE, sar **grupp Tematiku dwar "It-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Ekoskemi"** bejn Ottubru 2023 u Marzu 2024 li involva firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati tal-UE. Il-grupp Tematiku eżamina l-approċċi differenti meħuda għat-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom fi Stati Membri differenti, dak li kien qed jaħdem tajjeb matul l-ewwel sena ta' implimentazzjoni, u xi wħud mill-ostakli ffaċċjati. Il-grupp Tematiku identifika wkoll soluzzjonijiet u rakkomandazzjonijiet possibbli għall-iżvilupp ta' ekoskemi fil-futur bħall-iżgurar tal-aċċessibbiltà tagħhom għall-bdiewa tat-tipi u d-daqsijiet kollha tal-azjendi agrikoli, l-iżgurar li l-pagamenti jkunu attraenti, inklużi l-kostijiet tat-tagħlim u l-iżgurar tal-ambizzjoni ambjentali tagħhom.

L-ekoskemi huma intervent ġdid imfassal biex jindirizza l-għanijiet ambjentali u klimatiċi, u, bħal fi kwalunkwe inizjattiva ġdida, huwa meħtieġ perjodu ta' aġġustament. Mill-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK 'l hawn, l-Istati Membri diġà għamlu bosta emendi għall-ekoskemi biex jiċċaraw u jtejbu l-implimentazzjoni. L-impenji ġew irfinati u ċċarati, ġew inklużi skemi jew prattiki ġodda biex jiġi estiż il-katalogu offrut lill-bdiewa, u l-livelli ta' primjums (ammonti unitarji) żdiedu biex itejbu l-attraenza u jilħqu firxa wiesgħa ta' bdiewa.

Il-Kummissjoni toffri pariri u appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-emendar tal-ekoskemi tagħhom permezz ta' diversi mezzi. Dan jinkludi sessjonijiet frekwenti ta' mistoqsijiet u tweġibiet (kemm bil-miktub kif ukoll permezz ta' laqgħat), laqgħat tal-Gruppi ta' Esperti tal-Istati Membri, u inizjattivi tan-network tal-PAK tal-UE, li mhux biss jiffaċilitaw l-ottimizzazzjoni tal-ekoskemi tal-Istati Membri iżda wkoll jinkoraġġixxu l-iskambju ta' prattiki tajba.

2. Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza

DĠ AGRI u DĠ CLIMA jirrapportaw dwar ir-regolarità tal-infiq

Ix-xogħol tal-awditjar tal-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni għadu element ewlieni tal-assigurazzjoni għan-nefqa tal-PAK. Kull sena, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jibagħtu lill-Kummissjoni l-"pakketti ta' aċċertament" tagħhom, inklużi r-rapporti annwali l-ġodda dwar il-prestazzjoni u l-opinjoni u r-rapporti tal-Korp taċ-Ċertifikazzjoni. Il-Kummissjoni tuża din l-informazzjoni, ir-riżultati tas-sejbiet tal-awditjar tagħha stess u dawk tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex tikkonkludi dwar l-assigurazzjoni għan-nefqa tal-PAK.

Għan-nefqa totali tal-PAK (is-sistemi ta' kontroll rilevanti kollha, inkluż kemm in-nefqa bbażata fuq il-prestazzjoni kif ukoll dik ibbażata fuq il-konformità), 77 % huwa stmat li huwa fis-segment ta' riskju baxx, filwaqt li 10 % u 13 % tan-nefqa huma stmati li huma fis-segmenti ta' riskju medju u għoli, rispettivament.

In-nefqa stmata għall-2024 fis-segment ta' riskju baxx hija konformi mar-riżultati tal-kontroll tal-aħħar 6 snin. Ġiet identifikata xejra ta' titjib matul is-snin- fatt li jikkonferma l-maturità tas-sistemi ta' governanza tal-Istati Membri li taħthom issir in-nefqa tal-PAK.

Fl-aħħar nett, id-DĠ AGRI jaħdem kontinwament mal-Istati Membri biex jindirizza l-isfidi ewlenin tal-implimentazzjoni tal-PAK, permezz ta' azzjonijiet differenti ta' bini tal-kapaċità u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki.

Is-sistemi l-ġodda ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-QEA fir-rigward tas-sistemi ta' rapportar dwar il-prestazzjoni u tilqa' l-fatt li għad-disa' Aġenziji tal-Pagamenti kollha bi tranżazzjonijiet tal-pjan strateġiku tal-PAK li kienu parti mill-kampjun tal-QEA, il-QEA setgħet tistabbilixxi korrispondenza bejn il-pagamenti li saru u l-outputs irreġistrati fis-sistemi tal-IT tagħhom għall-produzzjoni ta' rapporti annwali dwar il-prestazzjoni. (il-paragrafu 7.40, il-paragrafu 7.42).

Matul l-2024, il-Kummissjoni kompliet timmonitorja u tappoġġa l-aġenziji tal-pagamenti u l-Korpi ta' Koordinazzjoni fl-adattament tas-sistemi tal-IT tagħhom għar-rapportar dwar il-prestazzjoni. Parti mill-programm tal-awditjar tad-DĠ AGRI ffokat fuq is-sistemi ta' rapportar dwar il-prestazzjoni, filwaqt li vvalutat jekk l-arkitettura tas-sistemi hijiex soda u jekk il-mekkaniżmu tal-ipproċessar tad-data tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni huwiex preċiż u jkopri l-attività sħiħa. Fiż-żmien ta' dawn l-awditi tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni, is-sistemi kienu għadhom qed jiġu żviluppati, iżda l-progress ġie rrapportat li kien skedat. Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet l-aktar rilevanti ffukaw fuq l-implimentazzjoni ta' regoli u kontrolli ta' validazzjoni dokumentati sew matul l-istadji tal-ipproċessar tad-data fis-sistemi ta' rapportar dwar il-prestazzjoni biex jiġu żgurati l-kompletezza u l-preċiżjoni tad-data.

Minbarra li pprovda rakkomandazzjonijiet għal titjib, id-DĠ AGRI żviluppa metodoloġija tal-awditjar effiċjenti għall-valutazzjoni tas-sistemi ta' rapportar dwar il-prestazzjoni u kkondivida din il-metodoloġija unifikata mal-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni biex iwettqu dawn l-awditi bħala parti mill-eżerċizzju ta' ċertifikazzjoni annwali.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tas-snin preċedenti

Il-Kummissjoni tinsab sodisfatta bil-valutazzjoni tal-QEA li r-rakkomandazzjoni 7.1 mir-rapport annwali tal-2022, dwar il-monitoraġġ tal-kwalità tad-data dwar iż-żona agrikola, li għandha tiġi implimentata sa tmiem l-2024, ġiet implimentata bis-sħiħ.

Rakkomandazzjoni 7.1 – Jingħata appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil tal-ekoskemi tagħhom

Minħabba l-importanza tal-ekoskemi fil-ksib tal-għanijiet ambjentali u klimatiċi, tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-Istati Membri fit-tfassil ta' skemi inqas kumplessi mingħajr ma tikkomprommetti l-ambizzjoni tagħhom, abbażi tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-għarfien espert miksuba permezz tal-implimentazzjoni tal-iskemi inizjali tal-perjodu 2023-2027.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2026)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-**Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-emendar tal-ekoskemi** biex tiżgura l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u biex tikseb għanijiet ambjentali u klimatiċi kondiviżi, abbażi tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-għarfien espert miksuba matul is-snin.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 8: MIGRAZZJONI U ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI – SIGURTÀ U DIFIŻA

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR

Il-Kummissjoni tinsab sodisfatta bil-konklużjonijiet li l-awtoritajiet tal-awditjar miżjura kienu żviluppaw filwaqt li implimentat proċeduri dettaljati ta' kwalità suffiċjenti biex tirrapporta dwar il-ħidma tagħhom fir-rapport annwali ta' kontroll u li, b'mod ġenerali, huma kellhom fis-seħħ programmi ta' awditjar dettaljati u użaw listi ta' kontroll biex jappoġġaw il-konklużjonijiet tagħhom. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kapitolu, il-Kummissjoni se ssegwi n-nuqqasijiet irrapportati fil-kapitolu biex tnaqqas ir-riskju ta' żbalji fil-futur.

B'referenza għall-paragrafu 8.20, il-Kummissjoni tqis in-nefqa għall-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà u d-difiża bħala nefqa b'riskju baxx. Il-Kummissjoni tistma li r-riskju fil-waqt tal-pagament huwa inqas minn 2 %. Din l-istima hija bbażata fuq il-kontrolli u l-awditi kollha mwettqa mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, b'bosta tranżazzjonijiet ittestjati.

II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-QEA

Fir-rigward tal-osservazzjoni fil-paragrafu 8.6 li l-finanzjament għad irid jiġi approvat, sakemm jiġu aċċettati l-kontijiet finali mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tixtieq tirrimarka li, it-total iddikjarat mill-Istati Membri matul il-perjodu 2014-2020 inkluża l-preżentazzjoni tal-kontijiet finali kien jammonta għal 94 % għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u 94 % għall-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI).

1. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet eżaminati li kienu milquta minn żbalji (il-paragrafu 8.10 tar-rapport tal-QEA), il-Kummissjoni se tindirizza l-kwistjonijiet identifikati biex jitnaqqas l-għadd ta' żbalji fil-futur.

Tweġiba għall-Kaxxa 8.1

Nefqa li taqa' barra mill-perjodu ta' implimentazzjoni

Fir-rigward tal-ispejjeż ineliġibbli rrappurtati għal proġett taħt ġestjoni kondiviża fil-Portugall taħt il-Kaxxa 8.1, l-awtoritajiet Portuġiżi aċċettaw li l-ispejjeż għall-provvista tal-enerġija bejn l-20 u t-30 ta' Ġunju 2021 ġew inklużi b'mod skorrett fin-nefqa.

Tweġiba għall-Kaxxa 8.2

Nuqqasijiet fil-proċeduri tal-għoti tal-għotjiet

L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-prinċipji ta' trasparenza u trattament ugwali ġew rispettati biżżejjed. Ir-regoli finanzjarji nazzjonali ma jobbligawx li jiġu pprovduti d-dettalji tal-ippeżar tal-kriterji differenti; il-kandidati kollha ġew evalwati b'mod ugwali.

Fil-każ irrapportat fi proġett fil-Portugall, l-Istat Membru ħa azzjonijiet biex jindirizza n-nuqqasijiet identifikati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 wara l-awditu tal-QEA. Huwa indirizza l-kwistjoni fil-metodoloġija tal-punteġġ billi żviluppa gwidi dettaljati għall-evalwaturi, introduċa l-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn għal kull evalwazzjoni, integra l-konsistenza sistematika u l-kontrolli ta' validazzjoni biex jindika kwalunkwe diskrepanza fil-punteġġ, u billi pprovda taħriġ lill-evalwaturi esterni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza li l-Awtorità Maniġerjali tal-AMIF Portugiża għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 mhijiex l-istess awtorità li kienet responsabbli matul il-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti (2014-2020). L-Awtorità Maniġerjali attwali qed taħdem flimkien mal-Kummissjoni biex tiżviluppa l-metodoloġija ta' evalwazzjoni tagħha. Barra minn hekk, hija bbenefikat mill-esperjenza tal-aġenzija nazzjonali li tissorvelja l-implimentazzjoni ta' fondi oħra ta' koeżjoni.

Il-finanzjament tal-UE ma jintużax kollu għall-finijiet maħsuba

Fir-rigward tal-proġett taħt ġestjoni kondiviża fi Franza, il-proġett tal-ISF awditjat kien jikkonsisti fi studju ta' fattibbiltà u d-definizzjoni ta' soluzzjoni stabbli ta' installazzjoni tal-optronika għall-inġenji tal-ajru Falcon 50M użati għal attivitajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri.

F'fażi aktar tard, abbażi tas-soluzzjoni żviluppata li tippermetti l-integrazzjoni ta' sensur optroniku aktar qawwi, il-prototip kellu jiġi prodott, ittestjat u kkwalifikat qabel ma jiġi prodott f'serje biex tiġi mgħammra l-flotta tal-Flotta Navali Franċiża, li tinkludi tmien inġenji tal-ajru F50M. Dawn l-aspetti u l-installazzjoni tat-tagħmir ma kinux koperti mill-proġett awditjat, u għalhekk ma kinux iffinanzjati minnu. Minħabba l-COVID, il-kuntratt finali ma kienx jinkludi l-prototip u l-kostijiet tal-installazzjoni.

Il-Kummissjoni tqis li l-proġett awditjat baqa' fi ħdan it-termini ta' referenza tagħha u l-objettivi tal-Fruntieri tal-ISF u l-Viża peress li żviluppa b'suċċess soluzzjoni teknika li tista' tintuża fuq l-inġenji tal-ajru F50M biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-fruntieri esterni, u għalhekk li l-ispejjeż irrapportati taħt il-proġett tal-ISF kienu eliġibbli.

Il-kostijiet marbuta mal-installazzjoni fl-inġenji tal-ajru u l-użu tagħhom huma koperti minn ftehim ta' għotja differenti ffirmat taħt l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI, Border Management and Visa Policy Instrument) [1] u mhux mill-proġett tal-ISF awditjat. Il-proġett BMVI, fejn il-kostijiet tal-varar huma koperti, ma ġiex awditjat mill-QEA.

[1] Ir-Regolament (UE)2021/1148 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi.

Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet li ma kinux konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba (ara l-paragrafu 8.12 tar-rapport tal-QEA), il-Kummissjoni tenfasizza, kif imsemmi mill-QEA, li dawn it-tranżazzjonijiet ma kinux affettwati minn żbalji ta' regolarità.

Tweġiba għall-Kaxxa 8.3

Protezzjoni inadegwata tat-tagħmir iffinanzjat mill-UE

Il-Kummissjoni tixtieq iżżid li l-faċilitajiet li żaru l-awdituri kienu nbnew u twasslu lill-awtoritajiet fl-2021-2022. Il-manutenzjoni tat-tagħmir, inklużi t-tiswijiet, kif ukoll l-operat taċ-ċentri jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ta' Għotja awditjat. Għalhekk, ir-responsabbiltà għall-manutenzjoni tagħhom taqa' taħt ġestjoni kondiviża u barra mill-ftehim ta' għotja kkonċernat. L-istess japplika għall-manutenzjoni tat-tagħmir għat-tifi tan-nar.

Fir-rigward tat-tagħmir, il-Kummissjoni kienet diġà identifikat din il-kwistjoni u ħadet miżuri biex tiżgura monitoraġġ u segwitu aktar mill-qrib mal-benefiċjarju, b'mod partikolari permezz ta':
- monitoraġġ imsaħħaħ permezz ta' sottokuntratt (anke spezzjonijiet fiżiċi tal-faċilitajiet u tat-tagħmir).
- żjarat regolari mill-persunal tal-Kummissjoni skjerat fil-gżejjer.
- diskussjonijiet dwar dan is-suġġett fil-Kumitati ta' Tmexxija għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni.
- ittra lill-Ministeru bi pjan ta' azzjoni propost.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-aċċess ristrett għad-dokumenti minn organizzazzjonijiet internazzjonali (il-paragrafu 8.13), il-Kummissjoni tqis li l-ftehimiet kuntrattwali eżistenti mal-organizzazzjonijiet internazzjonali diġà jipprovdu qafas biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tad-dokumenti b'mod li jippermetti l-kontrolli meħtieġa. Il-Kummissjoni ripetutament fakkret dan lill-organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom iffirmat ftehimiet ta' kontribuzzjoni.

Il-Kummissjoni tappoġġa lill-QEA biex tikseb aċċess sħiħ għad-dokumenti meħtieġa għax-xogħol tal-awditjar tagħha. Il-Kummissjoni kkuntattjat b'mod proattiv lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, filwaqt li ħeġġet għal riżoluzzjoni fil-pront ta' din il-problema.

2. Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern

Rieżami tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar fir-rigward tar-rapporti annwali ta' kontroll (ACR) tagħhom u awditi tan-nefqa

Fil-paragrafu 8.15, il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjonijiet li l-awtoritajiet tal-awditjar (AA) rieżaminati kienu żviluppaw u implimentaw il-proċeduri dettaljati ta' kwalità suffiċjenti biex jirrapportaw dwar il-ħidma tagħhom fir-rapport annwali ta' kontroll.

Filwaqt li tinnota l-osservazzjoni tal-QEA, ma ġiet iddikjarata l-ebda nefqa tal-proġett fil-kontijiet annwali Finlandiżi tal-AMIF. L-unika nefqa ddikjarata kienet tikkonċerna somma f'daqqa għar-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja. L-awtorità tal-awditjar ħadet azzjonijiet sussegwentement fil-kuntest tal-kontijiet tal-2023-2024. Il-Kummissjoni identifikat nuqqasijiet f'termini ta' kontrolli tal-kriterji ta' eliġibbiltà; dak l-aspett ġie rifless kif xieraq fl-ittra b'kummenti għal segwitu ulterjuri mill-Kummissjoni lill-AA.

In-nuqqas ta' awditi tas-sistema fl-Iżvezja kien diġà identifikat mill-Kummissjoni matul il-valutazzjoni tal-pakkett ta' aċċertament għas-sena 2023-2024 u fl-ittra sussegwenti tagħha lill-AA,

il-Kummissjoni ssottolinjat “l-importanza li jitwettaq awditu tas-sistema mill-inqas dwar l-implimentazzjoni tan-novitajiet introdotti fil-perjodu 2021-2027”.

Fil-paragrafu 8.16, il-Kummissjoni tilqa’ l-konklużjoni li l-awtoritajiet tal-awditjar kellhom programmi ta’ awditjar dettaljati u użaw il-listi ta’ kontroll biex jappoġġaw il-konklużjonijiet tagħhom.

Tweġiba għall-Kaxxa 8.4

Nuqqasijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-Kaxxa 8.4 tippreżenta l-impatt potenzjali tan-nuqqasijiet identifikati.

Fil-każ tal-AMIF tal-Iżvezja, l-AA ċċarat li l-lista ta’ kontroll ikkonċernata tinkludi qasam li għandu l-għan li jiżgura li jsiru l-verifiki interrogati.

Fil-każ tal-BMVI tal-Finlandja, għalkemm ir-referenzi legali fil-listi ta’ kontroll ma kinux aġġornati, l-Awtorità tal-Awditjar qieset, madankollu, li hija kopriet il-kwistjonijiet rilevanti kollha relatati mal-awditi tal-perjodu 2021-2027. Il-listi ta’ kontroll kienu ġew rieżaminati qabel ma beda l-awditu tal-proġett.

Fil-każ tal-BMVI tal-Litwanja, il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda dgħufija fir-rigward tal-adegwatezza tal-ambitu tax-xogħol tal-awditjar imwettaq.

3. Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta’ governanza

Fir-rigward tal-paragrafu 8.19, il-Kummissjoni tfakkar li d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni tad-Direttur-Ġenerali hija bbażata fuq l-eżami ta’ informazzjoni minn sorsi multipli (awtovalutazzjoni, kontrolli ex post, rapporti tas-Servizz tal-Awditjar Intern u tal-QEA) – li kollha jiżguraw l-affidabbiltà ta’ din id-dikjarazzjoni.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tas-snin preċedenti

Il-Kummissjoni tilqa’ l-analiżi tal-QEA u r-rikonoxximent (il-paragrafu 8.21 u l-annex 8.1) tal-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fir-Rapport Annwali 2021 u 2022.

Rakkomandazzjoni 8.1 – Jittieħdu aktar passi biex jiġi żgurat aċċess sħiħ għad-dokumenti

Jittieħdu passi sabiex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu lill-Qorti aċċess sħiħ, illimitat u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex il-Parlament iwettaq il-kompiti tiegħu f'konformità mat-TFUE; B’mod partikolari, jiżguraw li l-arranġamenti kuntrattwali ma’ organizzazzjonijiet

internazzjonali jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt tal-QEA li tirċievi, fuq talba tagħna, kwalunkwe dokument jew informazzjoni meħtieġa biex twettaq il-funzjonijiet tal-awditjar tagħna.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: tmiem l-2026.

Il-Kummissjoni **taċċetta parzjalment** ir-rakkomandazzjoni..

Il-Kummissjoni taċċetta l-ewwel parti tar-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi appoġġ lill-awdituri u tinvolvi ruħha mal-organizzazzjonijiet sħab biex tiffaċilita l-awditi tal-QEA.

Il-Kummissjoni ma taċċettax it-tieni parti tar-rakkomandazzjoni, peress li tqis li l-ftehimiet kuntrattwali eżistenti mal-organizzazzjonijiet internazzjonali diġà jipprovdu qafas biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tad-dokumenti b'mod li jippermetti l-kontrolli meħtieġa.

Rakkomandazzjoni 8.2 — Jiġu pprovduti aktar gwida lill-Istati Membri dwar ir-regoli applikabbli li jirregolaw is-sejħiet għal proposti

Tipprovdi aktar gwida lill-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża dwar l-obbligi tagħhom li jirrispettaw il-prinċipji ta' trattament ugwali u trasparenza fl-eżekuzzjoni ta' sejħiet għal proposti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: tmiem l-2025.

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se timplimentaha flimkien ma' rakkomandazzjoni simili maħruġa fir-Rapport Annwali 2023 (rakkomandazzjoni 8.1).

Fit-tieni nofs tal-2025, il-Kummissjoni qed tippjana li torganizza sessjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri (li jimplimentaw fondi taħt ġestjoni kondiviża). Matul din is-sessjoni, in-nuqqasijiet misjuba matul l-awditi fl-2024 se jingiebu għall-attenzjoni ta' dawk l-awtoritajiet, bħala kwistjonijiet li jeħtieġ li tingħata attenzjoni għalihom meta jiġu organizzati sejħiet għal proposti u fil-proċess tal-għażla.

Rakkomandazzjoni 8.3 – Segwitu tan-nuqqasijiet fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar

Segwitu tan-nuqqasijiet fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar u, jekk jinstab li jixħet dubju fuq opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata, jimplimenta miżuri ta' kontroll xierqa biex jitnaqqas ir-riskju li n-nefqa irregolari ma tiġix identifikata.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: tmiem l-2026.

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se timmonitorja s-segwitu xieraq mill-awtoritajiet tal-awditjar tan-nuqqasijiet identifikati, u se tkompli tipprovdi gwida fejn meħtieġ, b'mod partikolari, matul il-laqgħat organizzati regolarment mal-awtoritajiet tal-awditjar.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
KAPITOLU 9: IL-VIĊINAT U D-DINJA

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR

L-intestatura 6 tal-baġit tal-UE "Viċinat u d-dinja" hija mgħammra bi tliet strumenti ewlenin: l-istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI, Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument), l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III, Instrument for Pre-Accession Assistance), li jakkumpanja lill-pajjiżi kandidati fi triqthom lejn l-adeżjoni, u l-Istrument għall-Għajnuna Umanitarja, kif ukoll programmi mmirati oħra (pereżempju, l-Istrument Ewropew għall-Kooperazzjoni Internazzjonali dwar is-Sikurezza Nukleari). Permezz tal-NDICI-Ewropa Globali, l-UE għandha l-għan li tikkoopera mal-pajjiżi sħab, speċjalment dawk l-aktar fil-bżonn, biex jingħelbu l-isfidi tal-iżvilupp fuq terminu medju u twil u biex jintlaħqu l-valuri u l-interessi tal-UE, filwaqt li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urġenti u immedjati. NDICI-Ewropa Globali huwa implimentat permezz ta' ġestjoni diretta (mill-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet tal-UE lejn pajjiżi terzi) u ġestjoni indiretta (minn entitajiet bħal aġenziji tal-Istati Membri tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali jew pajjiżi sħab). Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni, l-assistenza tista' tingħata permezz ta' għotjiet, kuntratti ta' akkwist, appoġġ baġitarju, garanziji baġitarji, operazzjonijiet ta' taħlit u assistenza finanzjarja. Fir-rigward tal-Istrument għall-Għajnuna Umanitarja, il-mandat tiegħu hu li jsalva u jippreserva l-ħajja, jipprevjeni u jtaffi t-tbatija umana u jissalvagwardja l-integrità u d-dinjità tal-popolazzjonijiet affettwati minn diżastri naturali u kriżijiet ikkawżati mill-bniedem, anke fl-aktar kuntesti diffiċili.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-implimentazzjoni tal-NDICI u l-Istrument għall-Għajnuna Umanitarja isseħħ f'ambjenti riskjużi, kumplessi u li qed jevolvu dejjem aktar malajr. Hija kkaratterizzata mid-diversità: f'termini ta' dispersjoni ġeografika u ta' pożizzjoni remota, li tkopri bosta Delegazzjonijiet tal-UE (DUE) differenti fid-dinja fil-każ ta' NDICI; f'termini ta' entitajiet ta' implimentazzjoni u pajjiżi sħab bil-kapaċitajiet differenti tagħhom ta' ġestjoni u kontroll, li jvarjaw minn Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (NGOs, Non-Governmental Organisations) lokali żgħar għal Organizzazzjonijiet Internazzjonali; u f'termini ta' metodi ta' twassil tal-assistenza, inklużi proġetti tradizzjonali, appoġġ baġitarju, programmi ta' appoġġ għall-politika settorjali, kontribuzzjonijiet għal strumenti globali, taħlit, garanziji baġitarji, assistenza umanitarja multisettorjali u modalitajiet oħra ta' implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni hija sodisfatta bl-eżempji ta' kontrolli effettivi implimentati mill-Kummissjoni rrappurtati f'dan il-Kapitolu tar-Rapport Annwali tal-QEA. Il-Kummissjoni tieħu ukoll nota tas-sejbiet u hija impenjata li timplimenta azzjonijiet korrettivi xierqa fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni tinnota li l-awdituri tal-QEA vvalutaw is-sitt rakkomandazzjonijiet kollha maħruġa fir-Rapporti Annwali 2021 u 2022 tal-QEA (il-Kapitolu 9) bħala implimentati bis-sħiħ, u waħda mill-2020 bħala implimentata f'xi aspetti. Din ir-rakkomandazzjoni talbet lill-Kummissjoni tiżgura li l-entitajiet ivvalutati skont il-pilastru, prinċipalment l-organizzazzjonijiet internazzjonali, jagħtu aċċess aħjar għad-dokument lill-awdituri, u, b'mod aktar speċifiku, jippermettu lill-awdituri jżommu dokumenti li jappoġġaw is-sejbiet tagħhom. Il-Kummissjoni hija kunfidenti li diġà se jiġi osservat titjib matul id-Dikjarazzjoni ta' aċċertament 2025, wara żviluppi reċenti fid-djalogu tal-Kummissjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin.

Rigward xi osservazzjonijiet dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet awditjati, il-Kummissjoni tipprovdi kjarifiki dwar l-iżbalji rrapportati f'dan il-kapitolu tar-Rapport Annwali.

Fl-2024, ir-rati tal-iżball residwu kkalkulati mid-DĠ INTPA, id-DĠ NEAR[1] u d-DĠ ECHO għadhom taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %. Il-valutazzjoni tal-livelli ta' riskju ssir skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni, u hija żvelata fir-Rapport Annwali tal-2024 tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR, Annual Management and Performance Report).

Ir-rata ta' żball annwali tal-QEA tkejjel, fost l-oħrajn, żbalji f'kuntratti li xorta jistgħu jkunu soġġetti għal kontrolli u korrezzjonijiet mill-Kummissjoni fi snin kontabilistiċi sussegwenti. Permezz tal-istudju dwar ir-Rata ta' Żball Residwu (RER), il-Kummissjoni tistma livell ta' żball ibbażat fuq kampjun rappreżentattiv ta' kuntratti magħluqa – sa dak iż-żmien, ħafna kwistjonijiet se jkunu ġew solvuti. Għalhekk, ir-rata ta' żball tal-QEA u r-rata tal-iżball residwu tal-Kummissjoni għan-nefqa tad-DĠ INTPA u tad-DĠ NEAR fl-2024, li jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tan-nefqa għall-intestatura 6, mhumiex direttament komparabbli.

II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-livell ta' żball ta' 4.9 % stmat mill-QEA (§9.11). Il-Kummissjoni se tindirizza l-iżbalji identifikati mill-QEA permezz ta' segwitu xieraq mal-benefiċjarji tal-fondi tal-UE. Kif iddikjarat hawn fuq, ir-rati tal-iżball residwu rrappurtati mis-servizzi tal-Kummissjoni għadhom taħt is-soll ta' materjalità.

Tweġiba għall-Kaxxa 9.1

Infiq ineliġibbli: dispożizzjonijiet inklużi fil-kostijiet tal-pagi

Il-Kummissjoni tiċċara li l-kontribuzzjonijiet għall-fondi relatati mal-persunal biex jissodisfaw biss id-drittijiet statutorji stabbiliti jitqiesu bħala kostijiet eliġibbli f'konformità mal-qafas kuntrattwali applikabbli. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tqisx dawn il-kostijiet bħala dispożizzjonijiet.

Tweġiba għall-Kaxxa 9.2

Speċifikazzjonijiet tekniċi mhux ċari fl-akkwist pubbliku

L-eżempju deskritt fil-Kaxxa 9.2. jirreferi għal akkwist li għalih il-Kummissjoni qieset li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma speċifiċi biżżejjed biex jippermettu kompetizzjoni ġusta. Minħabba l-progress rapidu tat-teknoloġija tal-IT, xi offerenti offrew it-taħlita ta' parametri tagħhom stess matul il-proċess tal-offerti, li ppermettiet li tinkiseb prestazzjoni aħjar. Il-prestazzjoni tas-servizz magħżul kienet ħafna aħjar mill-minimu meħtieġ.

[1] Mill-1 ta' Frar 2025, id-DĠ NEAR (Viċinat u Tkabbir) inqasam f'żewġ DĠ separati: id-Direttorati Ġenerali għat-Tkabbir u għall-Viċinat tal-Lvant (DĠ ENEST) u għal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf (DĠ MENA).

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tas-snin preċedenti

Biex tindirizza r-rakkomandazzjoni 1 tar-Rapport Annwali 2020 tal-QEA, il-Kummissjoni intensifikat il-komunikazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali biex tqajjem kuxjenza dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-awdituri tal-QEA jiksbu aċċess għad-dokumenti meta jawditjaw proġetti ffinanzjati mill-UE.

Il-Kummissjoni ħadet ħafna passi f'dan ir-rigward: il-Kummissjoni ffaċilitat id-diskussjonijiet bejn l-organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u l-QEA u appoġġat l-inizjattivi kollha biex jinstabu soluzzjonijiet permanenti dwar l-aċċess għad-dokumenti u ż-żamma tagħhom. Il-kwistjoni hija inkluża regolarment fl-aġenda tal-laqgħat mas-sħab, inkluża l-laqgħa formali tal-grupp tal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA) bejn l-UE u n-NU u l-Grupp Konġunt ta' Referenza aktar operattiv li jiddiskuti sistematikament kwistjonijiet ta' awditjar u kontroll.

Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li minkejja l-isforzi kollha, għad hemm xi restrizzjonijiet rigward l-aċċess għad-dokumenti minħabba l-oqfsa legali eżistenti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi appoġġ lill-awdituri u tinvolvi ruħha mal-organizzazzjonijiet sħab biex tiffaċilita l-awditi tal-QEA.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra kollha msemmija fl-Anness 9.2 tal-kapitolu, il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjoni li dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati bis-sħiħ.

Rakkomandazzjoni 9.1 – Tara li żgur il-benefiċjarji jikkonformaw mal-limiti kuntrattwali fuq il-kostijiet ta' natura indiretta

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi proċeduri biex tiżgura li, qabel ma tapprova prefinanzjamenti jew tagħmel pagamenti, isiru l-kontrolli biex jiġi vverifikat li l-benefiċjarji ma jkunux talbu, bħala kostijiet diretti, kostijiet indiretti mġarrba minn organizzazzjonijiet li jimplimentaw attivitajiet ta' proġetti ffinanzjati mill-UE f'isimhom. Dawn il-verifiki jridu jaraw li żgur l-ammont totali mitlub bħala rimunerazzjoni għal kostijiet indiretti ma jaqbiżx ir-rata fissa miftiehma kuntrattwalment. Ir-Regolament Finanzjarju jipprevedi li, għall-ftehimiet ta' għotja, din ir-rata ma tridx taqbeż is-7 %.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: tmiem l-2026.

Il-Kummissjoni **ma taċċettax** ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni dejjem żammet il-pożizzjoni li, f'ġestjoni indiretta ma' entitajiet ivvalutati skont il-pilastru, il-kostijiet indiretti mitluba mill-benefiċjarji tal-għotjiet għandhom jingħaddu bħala kostijiet diretti tal-organizzazzjoni/sieħeb ivvalutat skont il-pilastru. Il-Manwal tal-Ftehim dwar il-Kontribuzzjoni tal-Kummissjoni jistipula li "l-ispejjeż indiretti mitluba mill-benefiċjarji tal-għotjiet mogħtija mill-organizzazzjoni u/jew mis-sħab tagħha għandhom jiġu koperti mill-ispejjeż eliġibbli

diretti tal-azzjoni u mhux mir-rimunerazzjoni". Din l-interpretazzjoni tapplika għas-servizzi kollha tal-Kummissjoni.

Rakkomandazzjoni 9.2 – Tara li żgur ikun hemm definizzjonijiet ċari u konsistenti ta' "dispożizzjoni" fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt u fil-linji gwida

Sabiex telimina l-ambigwità, sabiex tara li żgur ikun hemm interpretazzjoni konsistenti, u sabiex tnaqqas ir-riskju ta' żbalji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi u tistandardizza b'mod ċar it-termini "dispożizzjoni" fil-kundizzjonijiet kuntrattwali u fil-linji gwida tagħha għall-benefiċjarji.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: tmiem l-2026.

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Filwaqt li "dispożizzjonijiet għal telf jew djun futuri" huma definiti espliċitament bħala spiża ineliġibbli għal għotjiet taħt ġestjoni diretta, it-terminu "dispożizzjoni" jista' jiġi ċċarat aktar fil-ġestjoni indiretta. Għalhekk, il-Kummissjoni se tipprovdi spjegazzjoni ulterjuri dwar it-terminu "dispożizzjoni" permezz ta' gwida rilevanti.

Rakkomandazzjoni 9.3 – Tissimplifika u tistandardizza r-regoli dwar il-kambju tal-munita fil-ftehimiet ta' għotja

Sabiex tara li żgur hemm konsistenza, kif ukoll sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv u r-riskju ta' żbalji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissimplifika u tistandardizza r-regoli dwar il-kambju tal-munita fil-ftehimiet ta' għotja.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: tmiem l-2026.

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tqis li s-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni tar-regoli dwar il-kambju tal-munita fil-ftehimiet ta' għotja (ġestjoni diretta) jgħinu biex jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji mill-benefiċjarji. Il-Kummissjoni bdiet tindirizza dan permezz ta' dispożizzjoni inkluża fil-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja korporattiv, li se jintuża wkoll għal proġetti fir-relazzjonijiet esterni. Din id-dispożizzjoni l-ġdida hija konsistenti mad-dispożizzjoni tal-mudell tal-ftehim ta' għotja li jintużaw fi programmi oħra ta' finanzjament.

Европейски парламент Parlamento Europeo Evropský parlament Europa-Parlamentet Europäisches Parlament
Euroopa Parlament Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο European Parliament Parlement européen Parlaimint na hEorpa
Europski parlament Parlamento europeo Eiropas Parlaments Europos Parlamentas Európai Parlament
Parlament Ewropew Europees Parlement Parlament Europejski Parlamento Europeu Parlamentul European
Európsky parlament Evropski parlament Euroopan parlamentti Europaparlamentet

RISPOSTI TAL-PARLAMENT EWROPEW GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

KAPITOLU 10: AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

I. RISPOSTI TAL-PARLAMENT GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET

Ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet

10.7. Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri (QEA).

Skont l-Artikolu 1 tar-"Regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 400", il-gruppi politiċi jiġġestixxu l-fondi allokati lilhom skont il-prinċipji ta' ġestjoni indiretta tal-fondi b'applikazzjoni analoġika tal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju. Ir-Regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 400 infushom jissostitwixxu l-"ftehimiet ta' kontribuzzjoni" (kif imsemmi fl-Artikolu 157(3) u l-Artikolu 158(7) tar-Regolament Finanzjarju).

L-amministrazzjoni tal-Parlament hija soġġetta għar-Regolament Finanzjarju u r-regoli dwar l-akkwist tiegħu. Madankollu, għall-gruppi politiċi, il-Bureau adotta r-Regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 400, li fihom għadd ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għall-proċeduri ta' akkwist li jqisu s-sitwazzjoni partikolari u n-natura legali tagħhom.

Skont l-Artikolu 1.4 tar-Regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 400, il-gruppi politiċi għandhom ikunu responsabbli quddiem l-istituzzjoni għall-ġestjoni tal-approprjazzjonijiet, fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilhom mill-Bureau għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli. Huma għandhom jiżguraw li l-approprjazzjonijiet jiġu ġestiti f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet u għandhom jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jevitaw kwalunkwe nefqa li ma tkunx konformi ma' dawn ir-regoli.

L-amministrazzjoni tal-Parlament preċedentement għamlet sforzi biex tassisti lill-gruppi politiċi bl-għan li ttejjeb il-ġestjoni finanzjarja interna tagħhom, kif kien il-każ bis-sessjoni ta' taħriġ li ngħatatilhom fl-2023 u fl-2024 dwar dan is-suġġett. Is-servizzi kompetenti tal-Parlament dejjem jagħtu, fuq talba tal-gruppi politiċi, pariri personalizzati dwar kwistjonijiet ġenerali u f'każijiet individwali. L-amministrazzjoni tal-Parlament se tkompli tipprovdi gwida u taħriġ speċifiku lill-gruppi politiċi.

10.8. Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-QEA u jirreferi għall-osservazzjonijiet tiegħu taħt il-punt 10.7.

Bil-ħsieb li jiġu evitati każijiet simili, dawn il-kwistjonijiet (il-ħtieġa li jintlaħaq l-għadd meħtieġ ta' offerti u l-estensjoni possibbli tal-kuntratti qafas) se jiġu enfasizzati fit-taħriġ li jmiss għall-persunal finanzjarju tal-gruppi politiċi.

10.9. Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-QEA.

Bħala segwitu għal dawn is-sejbiet, l-amministrazzjoni se tinkludi modulu dwar il-VAT fit-taħriġ tagħha għall-persunal finanzjarju tal-gruppi politiċi. Il-kwistjoni tar-rimborż b'rata fissa għall-

ivvjaġġar tal-persunal se tiġi diskussa wkoll mal-gruppi politiċi.

10.10. Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-QEA.

Filwaqt li l-qafas legali ġenerali jista' tabilħaqq iħalli lok għall-interpretazzjoni f'ċerti sitwazzjonijiet, il-Parlament iqis li l-azzjonijiet meħuda rigward it-trattament ta' din it-tranżazzjoni huma f'konformità sħiħa mal-Artikolu 221 tar-Regolament Finanzjarju 2018. Il-Parlament qed jiżgura trattament ugwali għall-partiti politiċi kollha bis-saħħa ta' interpretazzjoni armonizzata tar-regoli.

10.11. Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet magħmula mill-QEA.

Biex tappoġġja l-konformità mar-regoli tal-akkwist, l-amministrazzjoni tal-Parlament torganizza laqgħat biannwali mal-benefiċjarji kollha biex tinfurmahom u tfakkarhom dwar ir-rekwiżiti relatati mal-proċeduri tal-offerti, inkluża l-ħtieġa li jiġu ddokumentati kif xieraq il-passi kollha. Barra minn hekk, f'Lulju 2023, il-Parlament organizza sessjoni ta' taħriġ iddedikata dwar l-akkwist għall-fondazzjonijiet u l-partiti politiċi Ewropej kollha.

L-amministrazzjoni tal-Parlament tibqa' impenjata li tappoġġja lill-partiti politiċi Ewropej u se tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' ġestjoni finanzjarja tagħhom permezz ta' gwida kontinwa u inizjattivi ta' taħriġ immirati.

10.12. L-amministrazzjoni tal-Parlament konsistentement ipprovdiet gwida lill-partiti politiċi, inkluż dwar id-definizzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess. Il-Parlament iqis li d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu II.1(5) tal-ftehim ta' kontribuzzjoni u l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju joffru biżżejjed ċarezza u gwida lill-benefiċjarji biex jiżguraw il-konformità mar-regoli applikabbli.

L-amministrazzjoni tal-Parlament tieħu nota tas-suġġeriment tal-QEA li gwida ulterjuri dwar l-interpretazzjoni tad-definizzjoni ta' kunflitt ta' interess tista' tkun ta' benefiċċju. Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-benefiċjarji jibqgħu responsabbli mill-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistemi effettivi ta' kontroll intern u miżuri preventivi biex jiżguraw il-konformità u jevitaw il-kunflitti ta' interess.

10.13. Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-QEA.

Sabiex il-kuntrattur ikun jista' jeżegwixxi s-servizzi kuntrattati sal-livell meħtieġ, il-kumplessità teknika u organizzattiva ta' dan il-kuntratt qafas ta' servizz teżiġi perjodu twil ta' introduzzjoni gradwali biex il-kuntrattur jikseb l-għarfien meħtieġ tal-infrastruttura tal-ICT tal-Parlament. Fil-prattika, dan il-proċess ta' tagħlim indispensabbli jieħu l-forma ta' perjodu ta' akkwiżizzjoni li jibda fl-istess ħin ma' perjodu ta' għoti tal-għeluq, fejn il-kuntrattur li jkun dieħel u ħiereġ ikun qed iwettaq il-kuntratt b'mod parallel. Għalhekk, huwa xieraq li jkun jista' jiġi stabbilit kuntratt ta' "servizzi fit-tul", meta l-awtorità kontraenti tkun tista' tibbenefika mis-servizzi tal-kuntrattur għal perjodu itwal minn 4 snin.

Konsegwentement, id-durata massima ta' 6 snin tal-kuntratt qafas tista' tiġi ġġustifikata bil-perjodu twil u d-diffikultà tal-kuntrattur biex jikseb il-fehim essenzjali tal-infrastruttura tal-ICT tal-Parlament, peress li dan jimponi l-ħtieġa li jkun hemm perjodu inizjali ta' introduzzjoni gradwali u perjodu ta' għeluq gradwali.

Fir-rigward ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Parlament iqis li t-tul tal-kuntratt qafas ta' massimu ta' 6 snin huwa leġittimu.

Madankollu, il-Parlament jista' jaqbel li l-ġustifikazzjonijiet mogħtija għad-durata estiża ta' dan il-kuntratt qafas jistgħu jiġu pperfezzjonati. Għalhekk, l-ispjegazzjonijiet għal kuntratti qafas

futuri possibbli b'durata itwal minn 4 snin se jkunu aktar dettaljati.

II. RISPOSTI TAL-PARLAMENT GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

10.22. Segwitu għar-**rakkomandazzjoni** li saret fir-**rapport annwali 2021 tal-Qorti tal-Awdituri:**

"**Rakkomandazzjoni 9.1** - L-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew għandha tirrevedi l-linji gwida tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku mill-gruppi politiċi, u għandha tipproponi reviżjoni ta' dawn ir-regoli lill-Bureau tal-Parlament biex jiġu allinjati aħjar mar-Regolament Finanzjarju. Għandha timmonitorja aħjar l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli.

Skadenza: sa tmiem l-2023"

Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-QEA.

L-amministrazzjoni tal-Parlament ħadet diversi azzjonijiet f'konformità mal-punti inklużi fir-rakkomandazzjoni 9.1:

(1) L-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew għandha tirrevedi l-linji gwida tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku mill-gruppi politiċi.

Ir-Regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 400 huma d-dokument ewlieni applikabbli għall-gruppi politiċi u ma hemm l-ebda dokument speċifiku uniku ieħor ipprovdut mill-amministrazzjoni tal-Parlament li jista' jservi bħala punt ta' referenza unifikat għall-interpretazzjoni ta' dawn ir-regoli għall-partiti politiċi. L-amministrazzjoni tal-Parlament mhijiex kompetenti biex tistabbilixxi jew tadotta linji gwida f'isem il-gruppi politiċi dwar kif għandhom jiġu applikati r-regoli dwar l-akkwist.

L-amministrazzjoni tal-Parlament kontinwament ipprovdiet assistenza u taħriġ lill-gruppi politiċi dwar, fost l-oħrajn, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku fl-2023 u l-2024, u se tkompli b'dan l-approċċ. Barra minn hekk, tingħata gwida *ad hoc* lill-gruppi politiċi fuq talba għall-kwistjonijiet finanzjarji kollha u b'mod partikolari l-proċeduri ta' akkwist (ara r-risposti għall-osservazzjonijiet taħt il-punt 10.7).

(2) L-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew għandha tipproponi reviżjoni ta' dawn ir-regoli lill-Bureau tal-Parlament biex jiġu allinjati aħjar mar-Regolament Finanzjarju.

Fir-rigward tar-reviżjoni tar-Regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 400, dan jaqa' taħt il-kompetenza tal-Bureau tal-Parlament.

(3) Il-Parlament Ewropew għandu jimmonitorja aħjar l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli.

Il-gruppi politiċi għandhom setgħat ta' uffiċjal awtorizzanti, u għalhekk għandhom l-obbligu li jistabbilixxu sistema ta' kontroll intern biex jiżguraw li r-regoli finanzjarji applikabbli għalihom (ir-Regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 400 u r-regoli ta' implimentazzjoni interni tal-Gruppi Politiċi) jiġu rrispettati. L-amministrazzjoni tal-Parlament ipprovdiet assistenza u taħriġ lill-gruppi politiċi u se tkompli tagħmel dan fir-rigward ta', fost l-oħrajn, il-konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u l-aħjar prattiki fil-proċeduri ta' akkwist (ara r-risposti għall-osservazzjonijiet taħt il-punt 10.7).

10.23. Il-Parlament jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-QEA.

Jekk jogħġbok irreferi għar-risposti għall-osservazzjonijiet 10.7 u 10.22 hawn fuq.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 10: L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR

Il-Kummissjoni tinsab sodisfatta bil-konklużjoni li l-livell ta' żball stmat fin-nefqa amministrattiva għadu taħt il-livell limitu ta' materjalità (il-paragrafu 10.5).

II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Osservazzjonijiet dwar it-tranżazzjonijiet eżaminati

B'rabta mal-osservazzjoni skont il-paragrafu 10.14, il-Kummissjoni tinnota li n-nuqqas ta' ċertifikati tal-ħajja reċenti għas-sħab tal-pensjonanti ma kienx jikkostitwixxi żball kwantifikabbli. Il-Qorti ma identifikat l-ebda pagament mhux dovut. Il-Kummissjoni tejbet is-sistema ta' kontroll tagħha permezz tal-introduzzjoni ta' indikaturi tal-ħajja minflok ċertifikat tal-ħajja, li se jiġi estiż għall-konjuġi matul l-2025.

B'rabta mal-osservazzjoni skont il-paragrafu 10.15, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-fornitur estern tas-servizzi propost ġie aċċettat fil-livell korrett u r-rata korrispondenti ta' kuljum.

B'rabta mal-osservazzjoni skont il-paragrafu 10.16, dwar it-tul ta' żmien estiż tal-kuntratt qafas, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-istandard legali, stabbilit mir-Regolament Finanzjarju, biex jinqabeż il-limitu ta' 4 snin ġie ssodisfat. Il-ġustifikazzjoni pprovduta fid-dokumenti tal-akkwist għall-qbiż tad-durata tal-kuntratt qafas lil hinn minn 4 snin hija komprensiva u proporzjonata. Filwaqt li r-Regolament Finanzjarju jirrikjedi ġustifikazzjoni għal kuntratti qafas li jaqbżu l-4 snin, huwa ma jimponix ġustifikazzjoni għal kull sena addizzjonali lil hinn mil-limitu ta' 4 snin.

B'rabta mal-osservazzjoni skont il-paragrafu 10.17, il-Kummissjoni tejbet l-applikazzjonijiet tal-IT sottostanti.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 10.1 — Tisħiħ tal-kontrolli qabel ma jiġu kkuntrattati servizzi tal-IT fil-Kummissjoni

Sabiex jiġi żgurat li tħallas għas-servizzi tal-IT minn fornituri esterni tas-servizzi bir-rati korretti, jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb iċ-ċarezza tar-rekwiżiti tal-kwalifiki fid-dokumenti tal-akkwist sabiex ittejjeb il-kontrolli fuq il-konformità.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: għall-proċeduri tal-offerti mnedija wara l-1 ta' Ġunju 2026.

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tkompli tiżgura kontrolli adegwati tal-kwalifiki u ttejjeb iċ-ċarezza tar-rekwiżiti tal-kwalifiki fid-dokumenti tal-akkwist għal sejħiet għall-offerti futuri għal servizzi tal-IT ipprovduti minn fornituri esterni tas-servizzi.

Rakkomandazzjoni 10.2 – Tisħiħ tal-indipendenza tal-kumitati ta' evalwazzjoni għal tranżazzjonijiet li jinkludu l-bejgħ ta' proprjetà

Sabiex tissaħħaħ l-indipendenza tal-kumitati ta' evalwazzjoni għal tranżazzjonijiet li jinkludu l-bejgħ ta' proprjetà, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-membri tagħhom ma jkunux kollha subordinati b'mod ġerarkiku għall-uffiċjal awtorizzanti responsabbli.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: għall-kumitati ta' evalwazzjoni maħtura wara l-1 ta' Ġunju 2026.

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Fi tranżazzjonijiet futuri li jinkludu l-bejgħ ta' proprjetà, in-nomina ta' persuni inkarigati mill-evalwazzjoni se ssir skont ir-rekwiżiti tat-Titolu V tar-Regoli Komuni tar-Regolament Finanzjarju u d-dispożizzjonijiet tal-Kumitat ta' evalwazzjoni tal-Artikolu 153, applikabbli għall-ġestjoni diretta.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI 2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 11: “Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”

I. IT-TWEĠIBIET FIL-QOSOR TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi l-Kapitolu 11 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF).

Fl-2024, il-Kummissjoni vvalutat 27 talba għall-pagament li jkopru 839 stadju importanti u mira, li sitta minnhom instabu li ma ntlaħqux b’mod sodisfaċenti. Hija żborżat EUR 85.3 biljun f’għotjiet u self abbażi ta’ 838 stadju importanti u mira milħuqa b’mod sodisfaċenti, inklużi ħamsa relatati mat-tneħħija tas-sospensjonijiet maħruġa fl-2023. Il-QEA eżaminat 395 stadju importanti u mira, li jkopru l-pagamenti kollha ta’ għotjiet. Minn dan, il-QEA identifikat sejbiet “b’impatt finanzjarju” għal 12-il stadju importanti u mira biss relatati ma’ sitt pagamenti taħt l-RRF lil sitt Stati Membri. Għat-383 stadju importanti u mira l-oħra awditjati, li jirrappreżentaw 97 % tal-popolazzjoni awditjata, il-QEA ma identifikat l-ebda kwistjoni finanzjarja.

Fir-rigward tal-konformità mal-kundizzjonijiet ta’ pagament u ta’ eliġibbiltà, il-Kummissjoni tinnota li t-12-il sejba tal-QEA b’impatt finanzjarju (§ 11.11) jirrappreżentaw 1.6 % tal-istadji importanti u l-miri totali relatati mal-għotjiet ivvalutati mill-Kummissjoni fl-2024. Bħal fis-snin preċedenti, it-12-il sejba kollha identifikati huma bbażati fuq differenzi fl-interpretazzjoni bejn il-QEA, minn naħa waħda, u l- Kummissjoni u l-Istati Membri, min-naħa l-oħra. Meta mqabbla mas-snin preċedenti, il-QEA żiedet l-għadd ta’ stadji importanti u miri awditjati u madankollu identifikat għadd aktar baxx ta’ sejbiet kemm f’termini assoluti kif ukoll f’termini relattivi. Il-Kummissjoni tqis li dan juri l-maturità tal-mudell ta’ implimentazzjoni tal-RRF u jirrifletti t-titjib li l-Istati Membri u l-Kummissjoni implimentaw matul dawn l-aħħar snin fis-sistemi ta’ monitoraġġ u kontroll tal-RRF. F’dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirringrazzja lill-QEA għall-iskrutinju u r-rakkomandazzjonijiet kontinwi tagħha, li kkontribwew għal dan ir-riżultat pożittiv.

Is-sitt sejbiet tal-QEA fejn il-QEA ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-“ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri” u s-sejba unika li l-QEA tqis bħala “treġġigħ lura” ta’ mira li ntlaħqet preċedentement huma dovuti għal differenzi speċifiċi għall-każ fl-interpretazzjoni tal-QEA jew tar-rekwiżiti legali stabbiliti mill-Kunsill jew tal-evidenza pprovduta mill-Istat Membru kkonċernat biex juri li r-rekwiżiti ġew issodisfati. Il-Kummissjoni vvalutat mill-qrib l-analiżijiet u l-konklużjonijiet tal-QEA għal kull każ u żżomm il-fehma tagħha li l-istadji importanti u l-miri ntlaħqu b’mod sodisfaċenti.

Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li f’każ wieħed, is-sejba tal-QEA ressqet xi fatti problematiċi għall-attenzjoni tal-Kummissjoni. Speċifikament, għal stadju importanti li kien jeħtieġ id-dħul fis-seħħ ta’ liġi, il-QEA identifikat li elementi ta’ dik il-liġi aktar tard ma ġewx implimentati mill-awtoritajiet. Filwaqt li l-Kummissjoni ma tqisx li tali avvenimenti sussegwenti jikkontestaw jekk il-pagament kienx legali u regolari, il-Kummissjoni tqis li tali avvenimenti jistgħu jindikaw treġġigħ lura mill-Istat Membru. Abbażi tas-sejbiet tal-QEA, il-Kummissjoni bdiet proċess ta’ rieżami formali mal-Istat Membru rilevanti, biex taċċerta l-fatti kollha u tipprovdi bażi għal passi sussegwenti.

L-erba’ sejbiet tal-QEA li jifdal relatati mal-perjodu ta’ eliġibbiltà tal-RRF u s-sejba unika tal-QEA dwar “finanzjament doppju” huma bbażati fuq differenzi fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali tar-Regolament RRF. Dawn id-differenzi fl-interpretazzjoni wasslu għall-istess sejbiet tal-QEA fis-snin preċedenti u huma mistennija li jkomplu matul il-ħajja tal-RRF. Wara r-rakkomandazzjonijiet

tal-QEA, il-Kummissjoni ppubblikat gwida ġdida dwar il-finanzjament doppju u l-eliġibbiltà[1]. Wara diskussjonijiet kostruttivi bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, il-QEA tagħti interpretazzjoni differenti minn dik applikata mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri dwar iż-żewġ kwistjonijiet (finanzjament doppju u eliġibbiltà) . Il-Kummissjoni tinnota li għalhekk ma tistax issolvi d-differenzi f'dan l-istadju tal-implimentazzjoni tal-RRF filwaqt li jifdal biss 18-il xahar ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, kwalunkwe bidla fil-qafas legali eżistenti jew fil-gwida tal-Kummissjoni ma ssolvix iżda pjuttost toħloq inċertezzi legali ġodda dwar l-eliġibbiltà tal-miżuri għall-Istati Membri. Il-Kummissjoni ssostni li l-interpretazzjoni tagħha tad-dispożizzjonijiet legali hija kompletament konformi mal-qafas legali. Barra minn hekk, il- Kummissjoni tfakkar li, fil-fehma tagħha, is-sejbiet dwar kwistjonijiet ta' eliġibbiltà ma għandhom l-ebda effett fuq il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti tal-RRF. Kif espress fit-tweġiba tal-Kummissjoni għar-rapporti annwali tal-QEA għall-[2]2022 u l-2023[3], wara li l-Kummissjoni tivvaluta l-eliġibbiltà tal-miżuri matul il-valutazzjoni tal- Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs), il-Kunsill jiddeċiedi permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jekk miżura hijiex eliġibbli jew le. Fl-istadju tal-pagament, il-Kummissjoni ma tistax tmur kontra l-Kunsill dwar jekk miżura hijiex eliġibbli jew le.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ma tqis li l-ebda stadju importanti u mira tħallsu bi żball. Fir-rigward tad-dewmien fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar, il-Kummissjoni qed tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri. Sat-30 ta' April 2025, 71 % tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar kienu ġew implimentati, b'xi rakkomandazzjonijiet li ttieħdu mill-Istati Membri qabel ma nħareġ ir-rapport tal-awditjar finali, li jirriflettu l-impenn proattiv u l-impenn tagħhom għall-implimentazzjoni tal-bidliet.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li għal xi rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni lill- Istati Membri, hemm dewmien fl-implimentazzjoni minn xi Stati Membri. Każijiet bħal dawn, li jirrappreżentaw 22 % tar-rakkomandazzjonijiet totali relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna, jibqgħu miftuħa lil hinn mill-iskadenza miftiehma mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni adottat approċċ konservattiv meta għalqet ir-rakkomandazzjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet jingħalqu biss ladarba l-Istat Membru jipprovdi evidenza kompluta u adegwata tal-implimentazzjoni tal-partijiet kollha tar-rakkomandazzjoni, li jfisser li anke jekk Stat Membru jlesti l-partijiet kollha ta' rakkomandazzjoni ħlief waħda, ir-rakkomandazzjoni tibqa' "miftuħa". Il-Kummissjoni tinnota wkoll li meta dan id-dewmien jikkonċerna sejbiet individwali, dan mhux neċessarjament jikkostitwixxi ksur tal-ftehim ta' finanzjament jew jiskatta tnaqqis b'rata fissa. Barra minn hekk, rakkomandazzjonijiet miftuħa relatati ma' sejbiet importanti ħafna jew kritiċi rilevanti għas-sistema kumplessiva ta' awditjar u kontroll jistgħu jiġġustifikaw ukoll iż-żieda ta' stadji importanti tal-awditjar u tal-kontroll matul ir-reviżjonijiet tal-pjan.

Il-Kummissjoni tinsab sodisfatta bir-rikonoxximent tal-QEA tal-istadji importanti tal-awditjar u tal-kontroll bħala pass pożittiv lejn it-tisħiħ tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni tqis li dawn l-istadji importanti jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tisħiħ tas-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri mingħajr ma jpoġġu f'dubju l-adegwatezza tas-sistema ta' kontroll tal-Istati Membri peress li jiżguraw li jiġu indirizzati d-dgħufijiet identifikati u li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Bl-istess mod, fir-rigward tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tinnota li l-QEA identifikat xi dgħufijiet abbażi ta' kampjun ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku. Madankollu, dawn

[1] COM(2024)474, Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza 2024, l-Anness II "Eliġibbiltà tal-miżuri taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – data tal-bidu għall-miżuri eliġibbli" u l-Anness IV "Kunċett ta' finanzjament doppju taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza"

[2] It-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 11 tar-Rapport Annwali 2022 tal-QEA, paġna 453

[3] It-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 11 tar-Rapport Annwali 2023 tal-QEA, paġna 481

id-dgħufijiet ma jixħtux dubju fuq ir- regolarità tal-proċeduri, u lanqas dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Istati Membri rnexxielhom jidentifikaw u rrappurtaw dgħufijiet huma stess.

Fir-rigward tal-assigurazzjoni pprovduta fir-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tal-2024 fl-oqsma tal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni rrevediet il-metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju tagħha, billi kklassifikat l-Istati Membri bħala ta' riskju medju fejn l-azzjonijiet korrettivi huma aċċettati mill-Istat Membru iżda għadhom ma ġewx ikkonfermati. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dan l-approċċ, applikat b'mod konsistenti fir-RAA tal-2024, jipprovdi aċċertament raġonevoli, u l-Kummissjoni ma taqbilx mal-fehma tal-QEA li qed tissottovaluta l-livell ta' riskju.

Il-QEA tirrapporta wkoll fluss ta' ħidma ġdid tal-awditjar dwar it-"traċċabbiltà tal-fondi tal-RRF" f'ħames Stati Membri. Din il-ħidma ma tqajjimx dubji dwar il-legalità jew ir-regolarità tal-pagamenti magħmula mill-Kummissjoni lill-Istati Membri. Il-QEA talbet informazzjoni dwar in-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali, li l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jiġbru u jippubblikaw skont il-qafas legali tal-RRF. Ix-xogħol tal-awditjar tal-Kummissjoni stess jikkonferma li l-ħames Stati Membri jiġbru d-data meħtieġa mill-qafas legali tal-RRF.

Il-Kummissjoni tfakkar li l-RRF tinkorpora kontrolli rigoruż biex tipprevjeni irregolaritajiet serji, inkluż frodi. Madankollu, il-linja ewlenija ta' difiża għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE hija f'idejn is-sistemi ta' kontroll nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw każijiet suspettati ta' frodi permezz ta' diversi mezzi, inkluża d-dikjarazzjoni maniġerjali li takkumpanja t-talbiet għal pagament, kif ukoll jinnotifikaw lill-awtoritajiet rilevanti, b'mod partikolari lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Il-fatt li 90 % tal-investigazzjonijiet li għadhom kif bdew mill-UPPE jirriżultaw minn notifiki magħmula mill-awtoritajiet nazzjonali juri li l-Istati Membri qed jissodisfaw b'mod diliġenti l-obbligi ta' rapportar tagħhom.[4]

Il-QEA tipprovdi żewġ rakkomandazzjonijiet, li waħda minnhom il-Kummissjoni taċċetta u l-oħra taċċettaha parzjalment.

II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Konformità mal-kundizzjonijiet ta' pagament u eliġibbiltà (§ 11.11.-11.26.)

L-ilħuq ta' ċerti stadji importanti/miri (§ 11.13.-11.17.)

Biex jirċievi pagament tal-RRF, l-Istat Membru jrid jikseb sett ta' stadji importanti (indikaturi kwalitattivi) u miri (indikaturi kwantitattivi) predefiniti li jkejlu l-progress tal-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti fl-RRP. Ir-Regolament RRF jirrikjedi li għal kull wieħed minnhom il-Kummissjoni tivvaluta jekk intlaħaqx "b'mod sodisfaċenti", mingħajr ebda kriterju dwar kif għandu jiġi interpretat ir-rekwiżit. Biex tipprovdi approċċ trasparenti u responsabbli, il-Kummissjoni ppubblikat qafas li jiddefinixxi kif tqis stadju importanti jew mira milħuqa b'mod sodisfaċenti

[4] Ir-rapport annwali tal-EPPO 2024, paġna 71.

f'konformità mal- bażi legali.[5] Għal kull stadju importanti jew mira, il-Kummissjoni teżamina l-evidenza kollha pprovduta mill-Istat Membru u tistabbilixxi l-analiżi tagħha f'"valutazzjoni preliminari" pubblika.[6] Qabel ma tadotta deċiżjoni tal-Kummissjoni u tagħmel il-pagament, il-Kummissjoni tirċievi l-opinjoni tal- Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju dwar il-valutazzjoni preliminari u ta' kumitat iddedikat ta' esperti tal-Istati Membri.[7] Il-Kummissjoni tqis li kull deċiżjoni ta' pagament hija għalhekk magħmula kemm b'mod trasparenti kif ukoll soġġetta għal skrutinju qawwi.

Mit-395 stadju importanti u mira li awditjat, il-QEA adottat fehma differenti mill-Kummissjoni għal sitt każijiet. Fis-sitt każijiet kollha, din il-fehma rriżultat jew minn interpretazzjoni differenti tar-rekwiżiti jew inkella minn interpretazzjoni differenti ta' jekk l-evidenza pprovduta turix li dawn ir-rekwiżiti huma ssodisfati. B'mod partikolari, għal każ wieħed, il-QEA tqis li l-Kummissjoni kellha twettaq ittestjar addizzjonali abbażi ta' kampjun (§11.14). Il-Kummissjoni tinnota li hija tapplika proċess rigoruż biex tivvaluta kull objettiv intermedju u rekwiżit fil-mira. Bħala għażla waħda f'dan il-proċess, tista' tapplika ttestjar sostantiv biex tikkonferma r-rekwiżiti kwantitattivi. Madankollu, tali ttestjar la huwa meħtieġ formalment u lanqas huwa dejjem meħtieġ biex jintlaħaq aċċertament raġonevoli. Għal tali każ uniku fejn il-Kummissjoni qieset l-evidenza disponibbli bħala suffiċjenti, il-QEA għandha interpretazzjoni differenti.

Fir-rigward tal-eżempju tal-istadju importanti Spanjol 408 "Aġġustament tal-perjodu ta' komputazzjoni għall-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar" (*il-Kaxxa 11.1*), il-liġi tal-pensjonijiet ippromulgata minn Spanja pprevediet reġim legali tranżitorju u dewmien sal-1 ta' Jannar 2026 għad-dħul fis-seħħ ta' żewġ elementi tal-metodu ta' kalkolu għall-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni. Dan l-approċċ progressiv għar-riforma tal-pensjonijiet kien konformi mal-RRP u l-prattika għal tali riformi madwar l-Unjoni. F'konformità mal-qafas ta' valutazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri, il-Kummissjoni qieset l-approċċ tranżizzjonali b'dewmien ta' elementi speċifiċi bħala devjazzjoni minima limitata u proporzjonali bbażata fuq il-merti speċifiċi tal-każ, u r-rikonoxximent li implimentazzjoni gradwali kienet espliċitament dak li kien ippreveda l-RRP ta' Spanja[8]. B'kuntrast ma' dan, il-QEA qieset li ż-żmien bejn il-pagament u d-data tal-applikazzjoni kien aktar minn devjazzjoni minima fiż-żmien, peress li l-elementi rilevanti tal-leġiżlazzjoni ma kinux daħlu fis-seħħ fis-sena tal-pagament li kien soġġett għall-opinjoni tal-awditjar tal-QEA. Fuq din il-bażi, il-QEA vvalutat li l-istadju importanti ma kienx intlaħaq b'mod sodisfaċenti. Il-metodoloġija tal-Kummissjoni għall-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri ma fihiex tali restrizzjonijiet għal devjazzjonijiet minimi fiż-żmien li għandhom ikunu limitati għal dawk fl-istess sena.

Il-Kummissjoni taqbel li f'xi każijiet l-istadji importanti u l-miri stabbiliti mid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill setgħu ġew abbozzati b'mod aktar ċar (§11.17). Hija tinsab sodisfatta wkoll bil-fatt li din is-sena l-QEA identifikat biss erba' każijiet bħal dawn, għadd ferm aktar baxx mis-sena preċedenti. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li ma tqisx dawn il-każijiet kollha bħala korretti. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tkompli bl-isforzi tagħha biex tissimplifika u tiċċara l-istadji importanti u l-miri fir-reviżjonijiet futuri tal-RRP, b'mod partikolari billi tneħħi kwalunkwe lingwaġġ

[5] COM(2023)99, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: *Sentejn wara Strument uniku fil-qalba tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE*, l-Anness I "Qafas għall-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri skont ir-Regolament RRF"

[6] Id-dokumentazzjoni kollha hija disponibbli permezz tas-siti web tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza speċifiċi għall-pajjiż; https://commission.europa.eu/business-economy-euro/economic-recovery/recovery-and-resilience-facility/country-pages_mt

[7] Kumitat tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; id-dokumenti kollha tal-laqgħa huma disponibbli fuq https://ec.europa.eu/transparency/comitology-register/screen/committees/C102400/consult?lang=mt

[8] Valutazzjoni preliminari pożittiva tal-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri relatati mar-raba' talba għall-pagament ippreżentata minn Spanja fl-20 ta' Diċembru 2023,, trażmessa lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju mill-Kummissjoni Ewropea, it-12 ta' Ġunju 2024, paġna 293

ambigwu jew mhux ċar, jew kwalunkwe speċifikazzjoni li taqbeż ir-rekwiżiti meħtieġa biex jintwera t-twettiq ta' miżura.[9]

Il-QEA tinnota li hija identifikat dgħufijiet serji f'żewġ stadji importanti, madankollu, il-QEA toqgħod lura milli tikkonkludi dwar l-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn iż-żewġ stadji importanti (ara § §11.16). L-istadju importanti Pollakk F1G "Dħul fis-seħħ ta' riforma li ssaħħaħ l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati" (*Kaxxa 11.2*) jirrikjedi d-dħul fis-seħħ ta' riforma li ssaħħaħ l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati permezz ta' riforma tar-reġim dixxiplinari tal-imħallfin. Il-Kummissjoni vvalutat l- issodisfar tad-diversi elementi tal-istadju importanti bħala milħuqa b'mod sodisfaċenti. Filwaqt li l-QEA tqis li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni għal erbgħa minn ħames rekwiżiti tal-istadju importanti F1G kienet korretta, fir-rigward ta' wieħed minn dawn il-ħames rekwiżiti tal-istadju importanti, il-QEA tikkonkludi li l-mod li bih inħatru xi membri tal-Awla tar- Responsabbiltà Professjonali (PLC) "*jista' jimmina l-indipendenza u l-imparzjalità*" tal-PLC. Fir-rigward tal-issodisfar tal-istadju importanti Pollakk F2G "Dħul fis-seħħ ta' riforma biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni tal-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema f'kawżi dixxiplinari u kawżi ta' immunità ġudizzjarja", (*Kaxxa 11.2*), il-QEA essenzjalment tirrepeti l-kummenti tagħha rigward il-ħatra tal-imħallfin għall-PLC. Il-Kummissjoni ma taqbilx mad-dikjarazzjonijiet tal-QEA dwar l-istadji importanti tal-F1G u tal-F2G".

Il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha tal-istadji importanti rilevanti fuq il-ġurisprudenza stabbilita tal- Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), inkluż fuq il-ħatra tal-imħallfin. L- interpretazzjoni tal-Kummissjoni ġiet appoġġata mill-opinjoni tad-29 ta' April 2025 mogħtija mill-Avukat Ġenerali Spielmann fil-Kawża C-521/21 dwar is-suġġett eżatt, u kkonkludiet li r-rakkomandazzjoni għall-ħatra maħruġa mill-Kunsill Nazzjonali Pollakk għall-Ġudikatura kif rikomposta fl-2018, fiha nnifisha ma tiskwalifikax lill-imħallef maħtur fid-dawl tar-rekwiżiti ta' tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit minn qabel bil-liġi.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-QEA ma ħarġitx opinjoni dwar din il-kwistjoni minħabba l-kawża pendenti C-517/24 dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari li titlob valutazzjoni tal-indipendenza tal-PLC. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-Kummissjoni kellha taċċerta l-indipendenza tal-PLC abbażi tal-ġurisprudenza eżistenti fiż-żmien tal- valutazzjoni. Abbażi ta' dan, ma kien hemm ebda raġuni biex il-Kummissjoni tqajjem dubji dwar l- indipendenza u l-imparzjalità tal-PLC bħala kamra, u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istadji importanti ntlaħqu b'mod sodisfaċenti.

Il-Kummissjoni tfakkar li l-Istadji Importanti F1G u F2G saħħew għadd ta' aspetti tal-indipendenza tal-qrati fil-Polonja permezz ta' riforma tar-reġim dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin. Ir-reġim dixxiplinari preċedenti, li r-riforma ppromulgata mill-Polonja ssostitwiet biex jintlaħqu l-istadji importanti, hedded l-indipendenza tal-imħallfin, pereżempju, minħabba li l-imħallfin kellhom jibżgħu minn sanzjonijiet dixxiplinari talli rreferew kawżi lill-QĠUE jew talli qajmu dubji dwar l-indipendenza u l-imparzjalità ta' mħallef ieħor. F'konformità mal-istadji importanti tal-F1G u l-F2G, ir-riforma issa teskludi b'mod espliċitu r-responsabbiltà dixxiplinari għal tali riferimenti lill-QĠUE jew għall-verifika tal-indipendenza ta' mħallfin oħra.

Finanzjament doppju (§11.18.-11.21.)

[9] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Il-mixja lejn l-2026,COM(2025)310

Kif innotat bi tweġiba għal sejba simili fir-Rapport Annwali tal-QEA tal-2022[10] u bi tweġiba għal Rapport Speċjali ddedikat tal-QEA[11] dwar dan is-suġġett, il-QEA tapplika kunċett differenti ta' "finanzjament doppju" mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Il-QEA tqis li *"l-finanzjament doppju jista' jseħħ meta l-istess kostijiet sottostanti ta' stadju importanti jew mira jiġu ffinanzjati darbtejn u/jew meta l-istess outputs/riżultati jiġu ddikjarati, u b'hekk iffinanzjati, darbtejn."* (§11.19). B'kuntrast ma' dan, il-Kummissjoni ssegwi l-kunċett ta' finanzjament doppju stabbilit mir-Regolament RRF, fejn "*L-appoġġ mill-Faċilità għandu jkun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut minn programmi u strumenti oħra tal-Unjoni. Proġetti ta' riformi u ta' investiment jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħra tal-Unjoni sakemm tali*

appoġġ ma jkoprix l-istess kost." Dan ifisser li l-appoġġ tal-Unjoni għal miżura waħda jista' jiġi minn diversi strumenti sakemm dawn *" ma jkoprux l-istess kostijiet*". F'dan ir-rigward, kemm fir-Regolament Finanzjarju kif ukoll fir-Regolament RRF, il-kunċett ta' finanzjament doppju huwa marbut mal-kostijiet. Il- Kummissjoni pprovdiet gwida[12], li tispjega kif il-kunċett ibbażat fuq il-kost ta' finanzjament doppju għandu jiġi applikat għal-loġika ta' implimentazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni tal-RRF.

Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li l-inklużjoni tar-riformi, li fil-biċċa l-kbira ma jinvolvu ebda kost, fl-RRPs hija kundizzjoni essenzjali għal valutazzjoni pożittiva tal-RRPs u għalhekk prevista b'mod espliċitu u saħansitra meħtieġa mir-Regolament RRF. Diversi premessi tal-RRF jelenkaw miżuri ta' riforma possibbli li x'aktarx ma jkollhom ebda kost dirett, bħal riformi biex jippromwovu software b'sors miftuħ, isaħħu d-djalogu soċjali, jew jimminimizzaw il-piż amministrattiv, u b'hekk jagħmluha ċara li l-koleġiżlaturi kienu qed jistennew u saħansitra kienu jeħtieġu miżuri mingħajr kosti biex jiġu inklużi fl-RRPs. F'ħafna każijiet, peress li ma hemm ebda kost relatat mal-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi, l-Istat Membru jiddikjara "kostijiet żero" fl-istima tal-kostijiet li jissottometti meta jħejji l-RRP tiegħu. Skont il-kunċett tagħha, il-QEA tqis tali azzjonijiet, li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jwettqu b'riżorsi għajr il-fondi tal-RRF, bħala "ffinanzjati" jew bħala "ffinanzjati darbtejn" jekk fondi oħra tal-UE jipprovdu kontribuzzjoni.

Is-sejba unika ta' "finanzjament doppju" li l-QEA tirrapporta fir-rigward tal-mira Kroata 217 "Programmi ġodda

ta' taħriġ introdotti fil-qafas tal-programm ta' taħriġ ġudizzjarju" (*Kaxxa11.3*) turi din il-kwistjoni. Il-mira hija relatata ma' riforma tal-ġustizzja kbira u ambizzjuża fil-Kroazja li tinvolvi diversi atti legali ġodda, l-istabbiliment ta' ċentri ġodda ta' medjazzjoni, u bidliet teknoloġiċi. Il-Kroazja indikat li l-kost għal din il-miżura għal-RRF huwa ta' EUR żero, jiġifieri l-Kroazja impenjat ruħha li timplimenta din il-miżura bis-sħiħ b'fondi għajr l-RRF. Il-QEA identifikat li xi whud mill-miżuri ta' taħriġ li l-Kroazja impenjat ruħha li timplimenta rċevew appoġġ mill-Fond Soċjali Ewropew. Filwaqt li l-QEA tikkonkludi li l-"*output ta' din il-mira ġie ffinanzjat darbtejn mill-baġit tal-UE*" (*Kaxxa 11.3*), il-Kummissjoni tqis li, peress li ma ntużaw l-ebda fondi taħt l-RRF għal din il-miżura, ma seta' jseħħ l-ebda finanzjament doppju.

[10] It-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 11 tar-Rapport Annwali 2022 tal-QEA, paġna 453

[11] It-tweġiba tal-Kummissjoni għar-Rapport Speċjali Nru 22/2025 tal-QEA: *Finanzjament doppju mill-baġit tal-UE*

[12] COM(2024) 474, Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza 2024, l-Anness IV "*Kunċett ta' finanzjament doppju taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza*"

Treġġigħ lura (§11.22.-11.23.)

F'konformità mar-Regolament RRF, l-ebda stadju importanti jew mira ma tista' titqies li ntlaħqet b'mod sodisfaċenti meta "*l-miżuri relatati ma' stadji importanti u miri milħuqa preċedentement b'mod sodisfaċenti*" ikunu treġġgħu lura mill-Istat Membru kkonċernat.

Il-QEA tirrapporta sejba waħda ta' "treġġigħ lura" ta' mira Griega (mira 50) relatata mal-ftuħ ta' 50 Unità tas-Saħħa Mentali (ara §11.23). Il-QEA diġà rrappurtat din il-mira fir-Rapport Annwali 2023 tagħha bħala sejba ta' "Lħuq mhux sodisfaċenti tal-istadji" b'impatt finanzjarju. Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din is-sejba u spjegat fit-tweġiba tagħha[13] li biex unità Griega tas-saħħa mentali titqies bħala "operazzjonali", il-QEA tistenna li din l-unità jkollha livell ta' persunal li jikkorrispondi għall-għadd massimu teoretiku ta' pazjenti li l-unità setgħet timmaniġġja u kkonkludiet li l-livell tal-persunal kien baxx wisq biex ħames unitajiet ikunu "operazzjonali". B'kuntrast ma' dan, il-Kummissjoni qieset li l-unitajiet irid ikollhom biżżejjed persunal biex jimmaniġġjaw l-għadd reali ta' pazjenti u qieset li l-Greċja kienet laħqet il-mira b'mod sodisfaċenti. Il-QEA issa tirrapporta li matul żjara fuq il-post sabet li l-livell tal-persunal kien baxx wisq (meta mqabbel mal-massimu teoretiku) għal ħames unitajiet, minbarra l-ħamsa li kienet diġà qieset bħala baxx wisq fis-sena preċedenti.

Minbarra l-argumenti li l-Kummissjoni ressqet is-sena l-oħra biex turi għaliex din il-mira ntlaħqet b'mod sodisfaċenti, li għadhom rilevanti, il-Kummissjoni tieħu nota tad-dispożizzjoni tar-Regolament RRF li t-treġġigħ lura jikkonċerna "*stadji importanti u miri milħuqa preċedentement b'mod sodisfaċenti*" u tinnota li l-QEA tirrapporta żball finanzjarju għall-istess mira għal sentejn konsekuttivi: l-ewwel li jiġi kkunsidrat li ma ġiex issodisfat u mbagħad jiġi kkunsidrat li dan jitreġġa' lura. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota d-dispożizzjoni tar-Regolament RRF, spjegata fil-gwida tal-Kummissjoni, li treġġigħ lura jrid ikun imputabbli għall-azzjonijiet jew l-ommissjonijiet tal-Istat Membru. Għalhekk, il-Kummissjoni tfakkar fit-tweġiba tagħha għall-unika sejba preċedenti tal-QEA ta' treġġigħ lura, li "*l-Istat Membru ma jistax jipprevjeni xi fluttwazzjonijiet fil-livell tal-persunal, pereżempju li esperti individwali jibdlu l-karigi. Bħala tali, il-Kummissjoni ma tqisx li l-Istat Membru "reġġa' lura" din il-mira minħabba t-tnaqqis temporanju fil-persunal impjegat.*"[14]. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-awtoritajiet ipprovdew evidenza li ssostitwew il-persunal li telaq, filwaqt li żguraw li l-livelli tal-persunal ikunu ogħla minn dak li l-QEA tqis li huwa l-minimu. Dan ikompli jenfasizza li l-Istat Membru ma kienx ħati għal tnaqqis temporanju fil-persunal u bħala tali ma hemm l-ebda imputabbiltà lill-Istat Membru. Il-Kummissjoni għalhekk ma taqbilx ma' din is-sejba.

Bidu tal-miżuri fil-perjodu ta' eliġibbiltà (§ 11.24.-11.26.)

Il-QEA tirrapporta erba' sejbiet relatati ma' differenza fl-interpretazzjoni tal-bażi legali. Kif innotat f'§11.24, il-Kummissjoni *tieħu bħala bażi għall-approċċ tagħha* d-dispożizzjoni legali fir-Regolament RRF li *"Il-miżuri mibdija mill-1 ta' Frar 2020 'il quddiem għandhom ikunu eliġibbli[15]."* Kif tfakkar il-Kummissjoni fit-tweġibiet tagħha għar-Rapport Annwali tal-QEA tal-2023, "*il-proposta leġiżlattiva tal-RRF saret f'Mejju 2020 u r-Regolament daħal fis-seħħ fi Frar 2021. Il-klawżola ta' "eliġibbiltà" li ġiet introdotta mill-koleġiżlaturi hija fil-fatt klawżola ta' retroattività, li tippermetti li l-miżuri li bdew mill-1 ta' Frar 2020 jiġu inklużi fl-RRPs. L-intenzjoni ta' din il-klawżola ta' retroattività kienet li tipprovdi lill-Istati Membri diġà matul il-proċess leġiżlattiv tal-RRF assigurazzjoni mill-ġdid li l-miżuri jiġu inklużi u li tiżgura li l-Istati Membri ma jwaqqfux jew inaqqsu l-investimenti fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u soċjali severa kkawżata mill-pandemija preċiżament sabiex ma ssirx restrizzjoni ulterjuri tal-kontrazzjoni ekonomika. Il-Kummissjoni pprovdiet gwida lill-Istati Membri f'Jannar 2021 (jiġifieri*

[13] It-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 11 tar-Rapport Annwali 2023 tal-QEA, paġna 484

[14] It-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 11 tar-Rapport Annwali 2022 tal-QEA, paġna 455

[15] Ir-Regolament RRF, l-Artikolu 17(2)

anke minn qabel ma daħal fis-seħħ ir-Regolament RRF) dwar kif se tapplika din il-klawżola, li mbagħad ġiet applikata b'mod konsistenti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri"[16].

Bi tweġiba għal rakkomandazzjoni preċedenti tal-QEA[17], f'Ottubru 2024, il-Kummissjoni ppubblikat gwida addizzjonali[18] li tistabbilixxi ż-żewġ testijiet li applikat biex tiżgura approċċ konsistenti: (1)"*L-implimentazzjoni tal-miżura proposta bdiet biss fl-1 ta' Frar jew wara dan?*"; u (2)"*Il-kostijiet imġarrba għal dik l-implimentazzjoni bdew biss fl-1 ta' Frar jew wara dan? B'mod speċifiku, qed jiġu rreġistrati l-kostijiet kollha (f'termini tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (European System of Accounts, ESA 2010)) wara l-1 ta' Frar 2020?*". Il-Kummissjoni tinnota li l-miżuri li għalihom il-QEA tirrapporta dan it-tip ta' sejba jgħaddu miż-żewġ testijiet.

Dan jinkludi l-eżempju tal-istadju importanti Franċiż 7-22 "Investiment biex jissaħħaħ it-tagħmir diġitali tal-Ministeru tal-Intern" (*Kaxxa 11.4*), li għalih il-QEA tirrapporta kwistjoni ta' eliġibbiltà fir-rigward ta' wieħed mis-sitt elementi tal-istadju importanti. Franza rrappurtat, bħala parti mill-azzjonijiet li saru biex issaħħaħ is-sistema tagħha ta' twissija u informazzjoni dwar il-popolazzjoni, li ġew installati sireni ta' emerġenza addizzjonali. Filwaqt li l-QEA tirrapporta li 13 minn kampjun ta' 30 sirena ġew ordnati qabel l-1 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni tinnota li x-xogħlijiet kollha ta' installazzjoni fl-aħħar mill-aħħar twettqu matul il-perjodu ta' eliġibbiltà u għalhekk huma eliġibbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li l-istadju importanti 7-22 la jirrikjedi b'mod speċifiku li jiġu installati s-sireni, u lanqas mira kwantitattiva speċifika għal tali sireni, iżda pjuttost titlob b'mod aktar ġenerali li Franza tiżviluppa bħala wieħed mis-sitt elementi ta' tali stadju importanti "sistema ta' twissija u informazzjoni dwar il-popolazzjoni", li Franza għamlet fi kwalunkwe każ permezz tal-forniment ta' software li jippermetti li tiġi attivata t-twissija u li jiġi mmonitorjat it-tagħmir. Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota li l-istadju importanti jintlaħaq bis-sħiħ anki meta s-sireni, li l-QEA tqis li huma ineliġibbli skont l-interpretazzjoni tagħha stess, huma eskluż.

2. Sistemi ta' monitoraġġ u kontroll eżaminati (§ 11.27.-11.43.)

It-tweġibiet tal-Istati Membri għar-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-awditjar tal-Kummissjoni (§11.27.-11.32.)

Il-Kummissjoni tissorvelja b'mod rigoruż l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar li toħroġ lill-Istati Membri. Abbażi ta' dan, il-maġġoranza (71 %) tar-rakkomandazzjonijiet kollha tal-awditjar, maħruġa s'issa u irrispettivament mil-livell ta' klassifikazzjoni tagħhom, kienu ġew implimentati sat-30 ta' April 2025. Il-Kummissjoni żżomm kuntatt mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat biex tifhem ir-raġunijiet għal kwalunkwe dewmien jew kwalunkwe nuqqas ta' informazzjoni dwar l-istat tal-implimentazzjoni. Meta jkun ġustifikat u rilevanti, il- Kummissjoni tista' taċċetta fuq bażi ta' każ b'każ estensjoni tal-iskadenza għall-implimentazzjoni, biex il-korp responsabbli jingħata biżżejjed żmien biex jindirizza s-sustanza tar-rakkomandazzjoni.

Il-QEA tippreżenta data dwar l-għadd ta' rakkomandazzjonijiet "kritiċi" u "importanti ħafna" miftuħa(*Illustrazzjoni 11.5*). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li mit-384 rakkomandazzjoni

[16] It-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 11 tar-Rapport Annwali 2023 tal-QEA, paġna 485

[17] It-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-Kapitolu 11 tar-Rapport Annwali 2023 tal-QEA, paġna 491

[18] COM(2024)474, Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza 2024, l-Anness II: *Eliġibbiltà tal-miżuri taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – data tal-bidu għall-miżuri eliġibbli.*

relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna maħruġa, 136 huma miftuħa (li jirrappreżentaw 35 % tat-total tar-rakkomandazzjonijiet importanti u kritiċi ħafna maħruġa). Minn dawn, l-iskadenza għall-implimentazzjoni stabbilita fir-rapport tal- awditjar kienet għaddiet 87 rakkomandazzjoni, li jirrappreżentaw biss 22 % tal-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet importanti u kritiċi ħafna maħruġa.

Il-Kummissjoni tfakkar li hija tapplika approċċ konservattiv ħafna u timmarka biss rakkomandazzjonijiet bħala "implimentati" ladarba l-Istat Membru jipprovdi evidenza adegwata, suffiċjenti u affidabbli tal-implimentazzjoni sħiħatagħhom. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, diġà pprovdew feedback dwar ir-rakkomandazzjonijiet li l-Kummissjoni qieset li (s'issa) ma kinux kompluti għalkollox jew adegwati għall-għeluq tar-rakkomandazzjoni, u li għalihom l-implimentazzjoni għadha għaddejja.

Barra minn hekk, kull darba li tiġi riveduta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni tivvaluta b'mod sistematiku l-ħtieġa għal stadji importanti addizzjonali tal-awditjar u l-kontroll. Għal dan, hija tqis jekk kwalunkwe rakkomandazzjoni li hija rilevanti għas-sistema ġenerali ta' awditjar u kontroll u relatata ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna tibqax miftuħa, b'attenzjoni partikolari għas-sejbiet li ma ġewx aċċettati mill-Istat Membru, jew li ma ġewx indirizzati fl-iskeda ta' żmien miftiehma. Meta tali stadji importanti ta' awditjar u kontroll jiġu introdotti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, dawn jimblukkaw kwalunkwe pagament ulterjuri sakemm jitwettqu b'mod sodisfaċenti.

L-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri (§ 11.33.-11.40.)

Ħtieġa għal stadji importanti ta' kontroll (§ 11.33.-11.35.)

Meta l-Istati Membri jippreżentaw talbiet biex jirrevedu l-RRPs tagħhom, il-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid l-adegwatezza tas-sistemi ta' kontroll proposti skont il-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament RRF. Din il-valutazzjoni mill-ġdid hija bbażata b'mod partikolari fuq l-informazzjoni miġbura permezz tax-xogħol tal-awditjar tagħha. Hekk kif il-Kummissjoni tqis li l-arranġamenti ta' kontroll tal-Istati Membri huma adegwati, hija tqishom kompletament funzjonali u effettivi fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tqis li l-ħidma tal-awditjar dejjem akbar tagħha żvelat dgħufijiet speċifiċi li jistgħu jiġu rimedjati minn stadju importanti ta' awditjar u kontroll mingħajr ma titqiegħed f'dubju l-adegwatezza tas-sistema ta' kontroll tal-Istati Membri. Konsegwentement, it-titjib sussegwenti tal-Istati Membri fis-sistemi ta' kontroll nazzjonali tejjeb il-livell ta' assigurazzjoni. Barra minn hekk, skont l-RRF, ir-regolarità tan-nefqa hija ddeterminata biss mill-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri.

Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li l-Kummissjoni tinsab sodisfatta bir-rikonoxximent tal-QEA tal-istadji importanti tal-awditjar u tal-kontroll bħala pass pożittiv lejn it-tisħiħ tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri, ma taqbilx mad-dikjarazzjoni (§11.33) li "*dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll ta' dawk l-Istati Membri li t-tieni jew it-tielet pagament tagħhom kienu kundizzjonali fuq l-ilħuq ta' stadji importanti ta' kontroll, joħolqu riskju għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE sakemm jintlaħqu, b'impatt potenzjali fuq ir-regolarità tan-nefqa*".

Filwaqt li l-Kummissjoni qed tivvaluta l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti tal-awditjar u tal-kontroll, l-impenji jistgħu jsiru mill-Istati Membri. Filwaqt li l-QEA tinnota (§11.34) li dawn l-impenji għandhom l-għan li jtejbu s-sistemi fis-seħħ, l-impenji ntużaw biex jiġi żgurat it-twettiq kontinwu tal-istadju importanti kkonċernat.

Sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri li jiżguraw konformità mal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat (§ 11.36.-11.39.)

Il-QEA tfakkar is-sejbiet ta' rapport speċjali reċenti tal-QEA li rrapporta xi dgħufijiet fil-kontrolli ta' xi Stati Membri fuq l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat (§11.36), li fil-fehma tagħha jfisser li x-xogħol li fuqu huma bbażati d-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni jipprovdi aċċertament insuffiċjenti. Il-Kummissjoni tenfasizza li filwaqt li d-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni jipprovdu informazzjoni supplimentari, l-assigurazzjoni tal- Kummissjoni dwar il-konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat hija bbażata fuq ix-xogħol tal-awditjar tal-Kummissjoni stess. Ir-rapport speċjali tal-QEA msemmi rrikonoxxa wkoll li l- Kummissjoni tejbet il-kontrolli tagħha fuq l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat u vvalutat dan bħala "żvilupp pożittiv"[19]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tirrevedi l-gwida tagħha lill-Istati Membri bl-għan li ttejjeb il-kontrolli relatati fil-livell nazzjonali.

Bħala parti mix-xogħol tagħha tal-2024 dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, il-QEA għażlet ukoll kampjun ta' 38 akkwist pubbliku f'ħames Stati Membri (CZ, EL, DE, FR, ES) għall-ittestjar sostantiv. Nieħdu nota tad-dgħufijiet identifikati u nirrikonoxxu li dawn ma jixħtux dubju fuq ir-regolarità tal-proċeduri. Dawn id-dgħufijiet lanqas ma jaffettwaw il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti.

Fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tfakkar li r-Rapport Speċjali 09/2025 tal-QEA sab li "*l-kontrolli mill-Istati Membri koprew ir-riskji prinċipali tal-għajnuna mill-Istat*" "[20] u kellhom "*verifiki tajbin tal-konformità mal-għajnuna mill-Istat*" *u* " *konformità tajba tal-għotja*"[21]. Fir-rigward tal-użu tal-awtodikjarazzjonijiet, nosservaw li dan jikkonċerna biss Stat Membru wieħed fir-Rapport Speċjali Nru 09/2025 tal-QEA[22].

Talbiet għall-pagament (§ 11.40.)

Għal ħames pagamenti, il-QEA tqis li l-Istati Membri kienu konxji ta' evidenza insuffiċjenti għal-ilħuq sodisfaċenti ta' xi stadji importanti u miri mingħajr ma enfasizzawha fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom. Il-QEA tirrapporta dan bħala ħames każijiet ta' "dgħufijiet fit-talbiet għall-pagament". Il-Kummissjoni tfakkar li huwa f'idejn l-Istat Membru individwali li jissottometti t-talba għall-pagament u d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tal-Istat Membru għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien tal-Istat Membru fiż- żmien tas-sottomissjoni. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-biċċa l-kbira tal-każijiet irrapportati jikkonċernaw każijiet fejn biċċa informazzjoni kienet disponibbli bħala parti mill-evidenza pprovduta mill-Istat Membru iżda ma ġietx enfasizzata fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni bħala riżerva. Il-Kummissjoni tinnota li d-dikjarazzjoni ma tistax tkun mistennija li tirrepeti u tkopri l-isfumaturi u l-informazzjoni kollha pprovduti fin-noti ta' trażmissjoni u l-evidenza ppreżentati għal stadji importanti u miri speċifiċi, li inkella ma jkollhomx wisq skop.

---

[19] Rapport Speċjali tal-QEA 09/2025: "*Sistemi biex l-infiq taħt l-RRF żgur jikkonforma mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u dwar l-għajnuna mill-Istat*," paragrafu 16

[20] Ir-Rapport Speċjali tal-QEA 09/2025, is-sottotitolu fil-paragrafu 69

[21] Ir-Rapport Speċjali tal-QE 09/2025, is-sottotitolu u l-paragrafu 72

[22] Ir-Rapport Speċjali tal-QEA 09/2025, il-paragrafu 73

L-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-frodi identifikata (§11.41.-11.43.)

Il-QEA tiddikjara li l-Istati Membri rrappurtaw għadd baxx ta' każijiet ta' frodi fid- dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni ppreżentati flimkien mat-talbiet għall-pagament meta mqabbla mar-rapport annwali tal- 2024 tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) (ara §11.42). Il- Kummissjoni tixtieq tfakkar li l-Istati Membri jużaw kif xieraq id-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni biex jirrapportaw iżda jistgħu jagħmlu dan ukoll permezz ta' diversi mezzi. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri huma obbligati jirrapportaw każijiet ta' frodi suspettata lill-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-OLAF u l-UPPE[23]. Iridu jżommu wkoll rekords ta' dawn il-każijiet għal ħames snin wara l-aħħar pagament, kif iddikjarat fl-Artikolu 11.1(d) tal-Ftehim ta' Finanzjament. Ir-rapport annwali tal-UPPE[24] jikkonferma li 90 % tal-investigazzjonijiet tal-UPPE li għadhom kif infetħu fil-fatt tnedew wara notifika mill-awtoritajiet nazzjonali[25], u jindika li s-sistemi tal-Istati Membri biex jidentifikaw u jirrapportaw każijiet ta' frodi suspettata huma element kritiku fil-ħidma tal-UPPE.

Mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-RRF u sas-27 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni rċeviet total ta' 75 notifika mill-UPPE, li minnhom 64 kienu każijiet attivi fi proċedimenti tal-Qorti jew investigazzjonijiet li għaddejjin filwaqt li 11-il każ ġew miċħuda. Il-Kummissjoni tfakkar li 80 % tal-każijiet notifikati li għaddejjin huma relatati ma' miżura waħda fi Stat Membru wieħed. Id-differenza bejn l-għadd ta' każijiet fir-rapport annwali tal-UPPE u l-każijiet irrapportati lill-Kummissjoni hija dovuta għall- fatt li l-UPPE jinforma lill-Kummissjoni bl-investigazzjonijiet tiegħu meta jqis li jkun meħtieġ li jkun jista' jieħu miżuri prekawzjonarji xierqa, jew meta l-UPPE jqis li għandu biżżejjed informazzjoni biex iressaq il-każ għal sentenza mill-Qrati nazzjonali.

Il-QEA tinnota li *"għadd ta' sommarji tal-awditi pprovduti mill-korpi nazzjonali tal-awditjar enfasizzaw l-inadegwatezzi fis-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll għall-iżgurar tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji*"(ara §11.43). Il-Kummissjoni tqis dawn ir-riżultati meta tagħżel l-istadji importanti u l-miri li għandhom jiġu awditjati *ex post* u ssegwi dawn il-kwistjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar.

3. It-traċċabbiltà tal-fondi tal-RRF (§11.44.-11.49.)

Il-RRF hija programm ibbażata fuq il-prestazzjoni li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw riformi u investimenti. Kif stabbilit fit-Taqsima 1, id-deċiżjonijiet kollha dwar il-pagamenti tal-RRF u l-flussi finanzjarji kollha lill-Istati Membri bħala benefiċjarji u deċiżjonijiet huma kompletament trasparenti. Barra minn hekk, ir-Regolament RRF jirrikjedi li l-Istati Membri jiġbru data għal skopijiet ta' awditjar u kontroll[26], b'mod partikolari dwar l-isem tar-riċevituri finali tal-fondi tal-RRF, u fejn rilevanti l-kuntratturi, is-sottokuntratturi, u s-sidien benefiċjarji rispettivi tagħhom. L-Istati Membri jeħtieġ ukoll li jżommu lista ta' kwalunkwe miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment skont l-RRP bl-ammont totali ta' finanzjament pubbliku ta' dawk il-miżuri. L-Istati Membri jridu jippubblikaw ukoll darbtejn fis-sena l-100 riċevitur finali li jirċievu l-ogħla ammont ta' finanzjament[27].

---

[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"), l-Artikolu 24.1

[24] Rapport Annwali tal-EPPO 2024

[25] Ibid., paġna 71

[26] Ir-Regolament RRF, l-Artikolu 22(2)(d)

[27] Ir-Regolament RRF, l-Artikolu 25a

Matul l-implimentazzjoni tal-RRF, il-Kummissjoni pprovdiet gwida dettaljata[28] u żgurat il-konformità tal-Istati Membri permezz ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u stadji importanti ta' kontroll. Il-Kummissjoni tinvolvi ruħha b'mod regolari b'mod bilaterali u fil-qafas ta' grupp ta' esperti ddedikat mal-Istati Membri biex tiżgura li jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa u jikkondividu l-aħjar prattiki biex jiġbru u jippubblikaw id-data meħtieġa. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll b'mod attiv lill-Istati Membri dwar l-obbligi eżistenti tagħhom, issegwi jekk l-aġġornamenti tad-data ma jiġux ipprovduti, u tanalizza d-data pprovduta biex twettaq segwitu mal-awtoritajiet nazzjonali fejn meħtieġ.

Għall-2024, minbarra l-ħidma regolari tagħha dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, il-QEA għażlet li tivvaluta s-sistemi nazzjonali ta' ħames Stati Membri biex "*tara jekk kinux kapaċi jittraċċaw il-fondi tal-RRF mill-baġit nazzjonali sar-riċevituri finali u lil hinn*" u "*tipprovdi data dwar in-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali*" (§11.46). Il-Kummissjoni tinnota li ż-żewġ elementi la huma meħtieġa mir-Regolament RRF, u lanqas ma jixħtu dubju fuq il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti tiegħu lill-Istati Membri. Barra minn hekk, hekk kif il-fondi tal-RRF isiru fondi nazzjonali ladarba jiġu żborżati lill-Istati Membri, huwa mistenni bis-sħiħ li dawn jitqassmu f'konformità mal-proċeduri baġitarji nazzjonali li jvarjaw bejn l-Istati Membri. Il-mod eżatt kif jiġu assenjati u żborżati l-fondi jiddependi fuq diversi fatturi, b'mod partikolari l-istrutturi ta' finanzjament nazzjonali eżistenti (eż. strutturi ċentralizzati jew federali), ir-riforma jew l-investiment speċifiċi (eż. l-akkwist tal-kostruzzjoni, is-sussidji, ix-xiri tal-ICT tal-iskola, jew l-għotjiet għax-xogħlijiet ta' iżolament tas-sidien tad-djar), u l-liġijiet, ir-regoli u d-dwana nazzjonali u settorjali speċifiċi, u jekk l-Istat Membru jikkontribwixxix b'fondi nazzjonali addizzjonali għal miżura speċifika jew le.

Fid-dawl ta' dan u d-dispożizzjoni espliċita tar-Regolament RRF li l-Istati Membri jistgħu jiddependu fuq is-sistemi ta' kontroll nazzjonali eżistenti, neċessarjament twassal għal xi diversità ta' disponibbiltà tad-data. Minħabba li l- Kummissjoni ma kinitx parti fid-diskussjonijiet sottostanti mal-Istati Membri, din tinnota biss li l-QEA talbet data li tmur lil hinn mir-rekwiżiti legali tar-Regolament RRF. Peress li għadu għaddej awditu tal-prestazzjoni ddedikat dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni mhux ser tagħti l-fehma tagħha għalissa dwar il-konklużjonijiet milħuqa minn dan il-fluss ta' ħidma.

4. Kwistjonijiet relatati mat-tfassil ta' miżuri, stadji importanti u miri (§11.50.-11.52.)

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-iżgurar ta' kopertura tajba tar-riformi u l-investimenti minn stadji importanti u miri huwa kruċjali biex jitkejjel il-progress tagħhom u hija tal-fehma li dan huwa l-każ għall-RRPs kollha. Bħal fis-sena preċedenti, il-QEA tiddikjara li l-istadji importanti u l-miri għandhom *"ikopru l-elementi ewlenin kollha tar-riforma jew l-investiment sottostanti, b'mod partikolari t-tlestija tagħha*" (§ 11.51). Kif ġie nnotat qabel,[29] ir-Regolament RRF jiddefinixxi b'mod espliċitu l-istadji importanti u l-miri li għandhom ikunu "miżuri ta' progress"[30]. Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota li s-sejbiet huma bbażati fuq standard ta' prestazzjoni tal-QEA u mhux fuq il-qafas legali tal-RRF. Fil-prattika, il-kopertura sħiħa jew l-inklużjoni tal-istadji importanti u l-miri tat-tlestija mhux dejjem ikunu rilevanti jew possibbli u f'xi każijiet jistgħu joħolqu piż amministrattiv sinifikanti, bi ftit impatt fuq ir-riżultati finali. Il-Kummissjoni stinkat biex tiżgura l-istadji importanti jew il-miri tat-tlestija

---

[28] Aktar reċentement: COM(2024)474, Rapport tal- Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza 2024,Anness V "*Riċevituri finali taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza:*"

[29] It-Tweġiba għar-Rapport Speċjali Nru 26/2023 tal-QEA, paġna 4.

[30] Ir-Regolament RRF, l-Artikolu 2(4): *"stadji importanti u miri" tfisser miżuri ta' progress lejn il-kisba ta' riforma jew investiment, bl-istadji importanti jkunu*

kisbiet kwalitattivi u l-miri jkunu kisbiet kwantitattivi"

sħiħa kull meta jkun possibbli, u tinnota li l-ħidma preċedenti tal-QEA tar-Rapport Speċjali 26/2023[31] ikkonfermat li huwa preżenti stadju importanti ta' tlestija għall-miżuri kollha minbarra 5 %. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinsab sodisfatta bis-sejba tal-QEA għall-2024 li dan huwa biss il-każ għal ħames miżuri relatati mat-395 stadju importanti u mira awditjati.

5. Ir-rapporti annwali tal-attività u r-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (§11.53.-11.58.)

Il-Kummissjoni tinsab sodisfatta bil-fatt li l-QEA tirrikonoxxi titjib fil-kontrolli tal-Kummissjoni tas-sistemi tal-Istati Membri relatati mal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat (§11.57). Fir-rigward tal-assigurazzjoni f'dawn l-oqsma (§11.56), il-Kummissjoni tfakkar li, wara rakkomandazzjoni li saret fir-Rapport Speċjali 09/2025 dwar is-sistemi ta' kontroll fuq l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, hija aċċettat li tirrieżamina l-metodoloġija tagħha għall-klassifikazzjoni tar-riskji tal-Istati Membri, kif rifless fir-RAA tagħha tal-2024. F'każijiet fejn l-Istati Membri jaċċettaw u jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw l-azzjonijiet korrettivi rakkomandati relatati ma' sejbiet importanti ħafna jew kritiċi dwar l-akkwist pubbliku tal-għajnuna mill-Istat, iżda l-Kummissjoni tkun għadha ma kkonfermatx l-implimentazzjoni tagħhom, l-Istat Membru se jiġi kklassifikat bħala ta' riskju medju. Madankollu, kif deskritt fit-tweġiba tal-Kummissjoni għar-Rapport Speċjali 09/2025, il-Kummissjoni ma qablitx li tikkategorizza sitwazzjonijiet bħal każijiet ta' riskju għoli.

Dan l-approċċ ġie applikat b'mod konsistenti matul l-eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju mwettaq fil-kuntest tar-RAA 2024, li jirfed id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Il-kriterji użati għall-valutazzjoni tar- riskju huma dettaljati u disponibbli fl-Anness 5 tar-RAA 2024.

Il-metodoloġija aġġustata tal-valutazzjoni tar-riskju hija riflessa f'sehem akbar ta' Stati Membri kklassifikati fil-kategorija ta' riskju medju fir-rigward tal-konformità mal-Artikolu 22(2)(a) u 22(5) tar- Regolament RRF. Il-Kummissjoni tqis li r-riżultati li jirriżultaw mill-metodoloġija riveduta tal-valutazzjoni tar-riskju jipprovdu aċċertament raġonevoli fir-rigward tal-livell ta' riskju assenjat lil kull Stat Membru. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma taqbilx mad-dikjarazzjoni tal-QEA li dan l-approċċ x'aktarx li jissottovaluta l-livell ta' riskju.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 11.1 – Estensjoni tal-kopertura tal-verifiki mwettqa matul il-valutazzjonijiet preliminari

Meta tivvaluta l-istadji importanti u l-miri appoġġati primarjament minn rapporti ta' monitoraġġ jew ta' implimentazzjoni, minflok ma tiddependi fuq id-data u l-kontrolli tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq biżżejjed ittestjar sostantiv biex tiżgura l-affidabbiltà tal-informazzjoni

[31] Rapport Speċjali 26/2023: *Il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;* paragrafu 31

li tappoġġa l-konformità tal-istati membri mar-rekwiżiti tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025.

Il-Kummissjoni **taċċetta parzjalment** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tivvaluta kull stadju importanti u mira b'mod rigoruż u trasparenti biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli li r-rekwiżiti kollha huma ssodisfati b'mod sodisfaċenti. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti speċifiċi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni tqis bħala kwistjoni ġenerali li ma tistax tikseb aċċertament raġonevoli li r-rekwiżiti huma ssodisfati biss mir-rapporti ta' monitoraġġ jew ta' implimentazzjoni. Dan huwa partikolarment il-każ meta tali rapporti jiġu prodotti direttament mill-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-iskop uniku li juru li ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Il- Kummissjoni għalhekk taqbel li aktar evidenza, inkluż – fejn rilevanti – ittestjar sostantiv, hija meħtieġa f'dawk il-każijiet. Madankollu, f'każijiet oħra fejn ir-rapporti ta' monitoraġġ jew ta' implimentazzjoni huma parti mis-sett ta' evidenza pprovdut mill-Istati Membri, il-Kummissjoni jeħtieġ li tivvaluta fuq bażi ta' każ b'każ jekk dan is-sett ta' evidenza huwiex biżżejjed biex il-Kummissjoni jkollha aċċertament raġonevoli.

Rakkomandazzjoni 11.2 — Jiġi indirizzat id-dewmien tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni mill-awditi *ex post*

Tanalizza r-raġunijiet għad-dewmien fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjonijiet marbuta ma' sejbiet kritiċi jew importanti ħafna u tqis li tapplika tnaqqis b'rata fissa.

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025.)

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni qed twettaq rieżami biex tivvaluta l-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha biex tiżgura kategorizzazzjoni xierqa tal-kwistjonijiet pendenti li fadal.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni żżomm il-possibbiltà li tapplika l-Qafas għat-Tnaqqis u l-Irkupru. Għalhekk, hija tirriżerva d-dritt li teżamina fuq bażi ta' każ b'każ jekk in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar "kritiċi" jew "importanti ħafna" tal-Kummissjoni ta' natura sistematika jikkostitwixxix ksur serju tal-obbligi tal-Ftehim ta' Finanzjament jew tal-Ftehim ta' Self, li jista' jwassal għal tnaqqis b'rata fissa ta' bejn 5 % u 100 % tal-allokazzjoni tal-RRF tal-Istat Membru.

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦALL-KAPITOLU 12 TAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI: Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali tal-QEA mill-2021

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) indirizzati lill-Kummissjoni (§12.7-12.12), **il-Kummissjoni tagħti l-akbar importanza lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet aċċettati kollha.** Il-Kummissjoni ssegwi l-azzjonijiet li impenjat ruħha li timplimenta u li jaqgħu taħt il-mandat tagħha. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li l-QEA tivvaluta r-rakkomandazzjonijiet bħala parzjalment implimentati meta l-Kummissjoni tqishom bħala implimentati bis-sħiħ. Il-QEA fil-fatt tivvaluta l-livell ta' implimentazzjoni skont ir-rakkomandazzjoni li fformulat, indipendentement minn jekk kinitx aċċettata bis-sħiħ mill-Kummissjoni jew le. Il-Kummissjoni, min-naħa l-oħra, tivvaluta l-livell ta' implimentazzjoni skont l-impenn li ħadet fir-risposti għal rapporti speċjali.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li **l-livelli ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni żdiedu meta mqabbla mal-livelli tas-sena li għaddiet** (§12.8), b'77 % tar-rakkomandazzjonijiet implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira tal-aspetti, meta mqabbla ma' 68 % s-sena li għaddiet.

F'aktar dettall, fir-rigward tal-livell ta' aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet (§12.4), l-għadd ta' rakkomandazzjonijiet mhux aċċettati fl-2021 naqas meta mqabbel mal-2020 (madwar tnejn fil-mija tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fl-2021 meta mqabbla ma' 7 % fl-2020). **Fir-rigward tan-nuqqas ta' aċċettazzjoni jew tal-aċċettazzjoni parzjali tar-rakkomandazzjonijiet**, dan jista' jkollu diversi raġunijiet. Dawn ikopru pereżempju (i) il-limiti involuti mill-qafas regolatorju eżistenti u/jew id-diffikultà li tiġi antiċipata l-leġiżlazzjoni futura tal-UE, (ii) il-mandat tar-rwoli u tal-kompetenzi (inklużi l-arranġamenti ta' responsabbiltà u ta' obbligu ta' rendikont) bejn l-Istituzzjonijiet, il-korpi, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati differenti tal-UE, (iii) il-komplementarjetà mal-politiki, mal-leġiżlazzjoni u mal-programmi, (iv) il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-fattibbiltà tar-rakkomandazzjonijiet u/jew tal-implikazzjonijiet tar-riżorsi u taż-żmien.

Fir-rigward tal-**implimentazzjoni f'waqtha tar-rakkomandazzjonijiet** (§12.18), il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjoni tal-QEA li l-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet implimentati fil-ħin mill-Kummissjoni żdied. Il-Kummissjoni tinnota f'dan il-kuntest li t-tempestività tal-azzjonijiet ta' segwitu għandha titqies ukoll flimkien mal-livell ta' aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet aċċettati kollha fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fir-rapporti speċjali tal-QEA. Madankollu, dan ma huwiex applikabbli għar-rakkomandazzjonijiet li l-Kummissjoni ma aċċettatx fl-ewwel lok, minħabba r-raġunijiet stabbiliti fir-risposti ippubblikati għar-rapport speċjali kkonċernat.

F'xi każijiet, l-azzjonijiet ta' segwitu jistgħu jirrikjedu aktar żmien milli kien mistenni inizjalment minħabba l-kumplessità tal-miżuri, l-iżviluppi leġiżlattivi jew relatati mal-politika, ir-restrizzjonijiet tar-riżorsi, il-fatturi esterni, jew il-ħtieġa li jiġu involuti istituzzjonijiet jew entitajiet oħra. Il-fatt li rakkomandazzjoni ma tiġix implimentata bis-sħiħ sad-data tat-tlestija inizjali mistennija ma jfissirx li din ir-rakkomandazzjoni mhux se tiġi implimentata minn hemm 'il quddiem. Iċ-ċirkostanzi li jevolvu, jew il-bidliet fil-politika jew fil-kuntest politiku, jistgħu tipikament iwasslu għal riprijoritizzazzjoni tal-azzjonijiet.

L-Anness jippreżenta r-risposti tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet li, skont il-valutazzjoni tal-QEA, għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ jew f'waqthom.

Anness – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport speċjali tal-2021 – il-Kummissjoni Ewropea

Rapport Speċjali Nru 01/2021: Ippjanar tar-riżoluzzjonijiet fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni

Risposta għar-rakkomandazzjoni 4, il-paragrafu 121: Il-Kummissjoni ma aċċettatx ir-rakkomandazzjoni. Kif jidher mid-dokument ta' diskussjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar il-Miżuri ta' Intervent Bikri (EIMs, Early Intervention Measures), jista' jkun hemm għadd ta' raġunijiet għaliex l-EIMs jistgħu ma jintużawx, u kwalunkwe limitu/skattatur huwa biss parti mill-istampa li għandha titqies bir-reqqa meta titfassal it-triq 'il quddiem f'dan il-qasam. Argument simili japplika fir-rigward tal-iskattaturi li Qed Ifallu jew Probabbilment Se Jfallu (FOLTF, Failing or Likely to Fail). L-FOLTF huwa ġudizzju superviżorju. L-iskattaturi kwantitattivi stretti jistgħu jipprevjenu azzjoni suffiċjenti f'waqtha jew, għall-kuntrarju, jisfurzaw dikjarazzjoni ta' FOLTF f'sitwazzjoni li fiha s-superviżur ma jivvalutax dan bħala l-każ. Tabilħaqq, l-iskattaturi FOLTF huma maħsuba biex jipprovdu biżżejjed flessibbiltà lis-superviżuri u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni meta jieħdu din id-deċiżjoni, meta jitqies li dan huwa ġudizzju superviżorju, li jrid iqis valutazzjoni li tħares 'il quddiem. Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar ukoll li l-Kummissjoni għandha d-dritt esklużiv ta' inizjattiva għal atti leġiżlattivi u emendi.

Rapport Speċjali Nru 02/2021: Għajnuna umanitarja mogħtija mill-UE għall-edukazzjoni: tgħin lit-tfal fil-bżonn, iżda jenħtieġ li tkun fuq żmien itwal u tilħaq aktar bniet

Tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet 4 a u 4b, paragrafu 70: Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni hija implimentata. Sabiex tiżgura dokumentazzjoni aħjar tal-analiżi, il-Kummissjoni tejbet il-linji gwida interni dwar kif għandha tiġi ddokumentata l-analiżi tal-kosteffiċjenza. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li t-tqabbil tal-kost medju tal-Edukazzjoni f'Emerġenzi għal kull benefiċjarju stabbilit mir-raggruppament edukattiv nazzjonali minflok ma' proġetti speċifiċi oħra ffinanzjati mill-Kummissjoni jipprovdi bażi ta' tqabbil usa' u sod.

Rapport Speċjali Nru 03/2021: L-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa fl-UE: sies sod, xquq fl-implimentazzjoni

Risposta għar-rakkomandazzjoni 2c, il-paragrafu 110: Il-Gwida u l-Mistoqsijiet u r-risposti ġew żviluppati mis-servizzi tal-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri għad-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (DAC, Directive on Administrative Cooperation) DAC6, DAC7 u DAC8. Din il-ħidma twettqet meta d-Direttiva kienet għadha ma ġietx implimentata jew ġiet implimentata biss reċentement mill-Istati Membri. Il-ħidma fuq gwida simili għad-DAC1 sad-DAC4 hija differenti fil-karattru peress li dawn id-direttivi diġà ġew applikati għal għadd ta' snin u għalhekk kwalunkwe gwida tirrikjedi fehim dettaljat ta' kif id-direttivi ġew implimentati mill-Istati Membri kif ukoll tal-ħtiġijiet tagħhom, li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Il-proġett ta' żjarat ta' Fiscalis (VISDAC) ikopri d-DAC1- DAC4 preċiżament minħabba li huwa meħtieġ rieżami fil-fond ta' kif dawn id-direttivi ġew implimentati u applikati fl-Istati Membri kollha biex ikun jista' jipprovdi gwida utli. Il-proġett VISDAC se jirriżulta f'lista tal-aħjar prattiki dwar l-użu tad-data (li xi wħud minnhom se jkopru l-analiżi tar-riskju) u se jipprovdi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar l-aktar azzjonijiet xierqa li għandhom jittieħdu. Għall-valutazzjoni tar-riskju, dan jista' jikkonsisti f'workshops Fiscalis li jippreżentaw l-aħjar prattiki segwiti minn grupp ta' proġetti li jista' jaħdem fuq il-linji gwida.

Rapport Speċjali Nru 04/2021: Kontrolli doganali: l-armonizzazzjoni insuffiċjenti tfixkel l-interessi finanzjarji tal-UE

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1d, il-paragrafu 63: Il-Kummissjoni wettqet l-attivitajiet ippjanati indikati fil-punt 1(d) tar-rapport speċjali. Il-Kummissjoni pprovdiet gwida speċifika biex tkopri dan l-aspett u fl-2024 aġġornat id-Deċiżjoni dwar il-Kriterji tar-Riskju Finanzjarju (FRC, Financial Risk Criteria). Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju u għamlet analiżi tal-istat ta' implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-FRC dwar dikjarazzjonijiet standard u simplifikati. Ir-Rapport "Update of the implementation of the FRC Decision" datat Diċembru 2023 juri titjib f'xi Stati Membri. Sadanittant, id-Deċiżjoni tal-FRC ġiet aġġornata, u minn April 2024 bdew japplikaw regoli ġodda. Iż-żjarat ta' monitoraġġ huma mistennija li jsiru sa tmiem l-2026.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1e, il-paragrafu 63: Il-Kummissjoni ħadet diversi azzjonijiet rilevanti biex tindirizza r-rakkomandazzjoni tal-QEA:

1) il-ħolqien tal-kapaċità li jiġu estratti listi ta' operaturi mis-Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskji Doganali (CRMS, Customs Risk Management System) (li dan ilu jsir minn Jannar 2022). Il-QEA ġiet infurmata.

2) aġġornament tad-Deċiżjoni dwar il-Kriterji tar-Riskju Finanzjarju (FRC) biex jiġi inkluż il-kunċett ta' operatur ta' interess u tal-livell ta' riskji (li ilu jsir minn April 2024), il-QEA ġiet infurmata. Kjarifiki ulterjuri għal dan il-kunċett tressqu mill-Gwida tal-FRC emendata f'Diċembru 2024.

3) bl-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni l-ġdid dwar l-Arranġamenti Tekniċi (IRTA, Implementing Regulation on Technical Arrangements) fis-7 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni kisbet il-bażi legali biex tipproċessa n-numri tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI, Economic Operators Registration and Identification) għall-analiżi u l-ġestjoni tar-riskju. L-użu tan-numri EORI se jippermetti li l-anomaliji osservati fil-livell tal-UE jiġu marbuta ma' operaturi ekonomiċi individwali. Il-kapaċità analitika li qed tiġi żviluppata se tisfrutta l-għarfien fil-livell tal-UE b'appoġġ għall-Istati Membri.

Rapport Speċjali Nru 05/2021: Infrastruttura għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi: aktar stazzjonijiet għall-iċċarġjar iżda vjaġġar ikkumplikat madwar l-UE minħabba l-installazzjoni irregolari tagħhom

Risposta għar-rakkomandazzjoni 5c, il-paragrafu 80: It-tħejjija għall-atti ta' implimentazzjoni u delegati tlestiet u l-adozzjoni hija mistennija mill-koleġiżlatur fit-tieni trimestru tal-2025. Wara dan, se tibda l-analiżi *ex post* rigward l-użu u l-prestazzjoni tal-infrastruttura appoġġata fuq bażi ta' kampjun / riskju wara l-implimentazzjoni.

Rapport Speċjali Nru 07/2021: Il-programmi spazjali tal-UE Galileo u Copernicus: is-servizzi ġew varati, iżda l-adozzjoni teħtieġ spinta ulterjuri

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1a, il-paragrafu 93: Il-Kummissjoni tqis li l-iżvilupp tal-istrateġija għadu għaddej sew, filwaqt li diġà ntlaħaq objettiv intermedju wieħed bil-pubblikazzjoni tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-istatus tal-adozzjoni mill-utenti fil-15 ta' Lulju 2024. Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent mill-QEA tal-progress li sar u taqbel li tqis din ir-rakkomandazzjoni hija implimentata f'xi aspetti.

Fir-rigward tat-tħassib li tqajjem mill-QEA dwar in-nuqqas ta' strateġija komprensiva finali, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li ż-żmien ta' din l-inizjattiva jiddependi kompletament fuq l-allinjament ma' prijoritajiet usa' tal-Unjoni, li se jipprovdu qafas koerenti għal inizjattivi speċifiċi għas-settur. Huwa importanti wkoll li jiġi mfakkar li l-ispazju huwa kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 4(3) tat-TFUE. Għalhekk, l-iżvilupp ta' strateġija effettiva jirrikjedi koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati biex jiġu ċċarati r-rwoli, jiġu integrati l-atturi rilevanti kollha, u jiġu stabbiliti miri

realistiċi u li jistgħu jitkejlu. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u impenn kostruttiv biex tiżgura l-adozzjoni b'suċċess tas-servizzi ta' Galileo u Copernicus.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1b, il-paragrafu 93: Il-Kummissjoni tixtieq ittenni li l-ispazju huwa kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri, li jirrikjedi koordinazzjoni u kollaborazzjoni b'saħħithom. Il-proċess ta' konsultazzjoni għall-Programm Spazjali tal-UE huwa stabbilit b'mod ċar mir-Regolament tal-UE dwar l-Ispazju, li daħal fis-seħħ f'Mejju 2021. Sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġati aktar, il-baġit għall-Programmi ta' Kollaborazzjoni Nazzjonali (NCPs,National Collaboration Programmes) żdied, u b'hekk setgħu jsiru sforzi aċċellerati fl-Istati Membri kif ukoll inizjattivi tranżnazzjonali u trasversali. Dan jirrifletti approċċ strutturat u kkoordinat biex titrawwem l-adozzjoni mill-utenti madwar l-UE. Il-progress fuq dawn l-isforzi huwa diskuss f'workshops tal-NCP. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tiżgura l-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet ta' Copernicus u l-inizjattivi tal-Istati Membri u tilqa' kwalunkwe djalogu jew kjarifika ulterjuri biex tindirizza l-osservazzjonijiet tal-Qorti.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 2a, il-paragrafu 96: Il-Kummissjoni tqis din ir-rakkomandazzjoni bħala implimentata. L-ambitu tar-rakkomandazzjoni kien li jiġi żviluppat qafas kunċettwali biex jiġu vvalutati l-benefiċċji u jittejjeb il-kejl tal-prestazzjoni. Dan il-proċess tlesta bil-pubblikazzjoni tad-dokument finali, kif rikonoxxut mill-QEA. Barra minn hekk, il-Kummissjoni żgurat il-baġit meħtieġ għall-2025 biex issaħħaħ dan il-qafas billi wettqet sessjoni ta' prattika bbażata fuq il-metodoloġija żviluppata. Dan il-pass, li jirrappreżenta azzjoni ta' segwitu proattiva addizzjonali għar-rakkomandazzjoni aċċettata, se jippermetti li tiġi stabbilita linja bażi inizjali, permezz tal-qafas kunċettwali l-ġdid, biex jiġu vvalutati l-benefiċċji tal-Programmi Spazjali tal-UE. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-implimentazzjoni tlestiet, u issa hija impenjata li tuża l-qafas kunċettwali żviluppat.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 2b, il-paragrafu 96: Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni hija implimentata. L-awditu twettaq f'kuntest differenti minn dak stabbilit mir-Regolament attwali dwar il-Programm Spazjali tal-UE (2021), li fih innifsu jirrappreżenta l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni li waslet. Filwaqt li r-rakkomandazzjoni biex jiġu inklużi l-benefiċċji soċjoekonomiċi hija tabilħaqq rilevanti, huwa importanti li jiġi enfasizzat li, fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tar-rapport tal-QEA, il-koleġiżlaturi kienu diġà laħqu ftehim politiku dwar l-indikaturi għall-Programm Spazjali tal-UE biex jirrapportaw dwarhom. Dawn l-indikaturi ġew miftiehma bħala parti mill-proċess leġiżlattiv, u l-Kummissjoni hija marbuta li timplimentahom u ssegwihom kif xieraq. L-indikaturi ma jistgħux jiġu riveduti mingħajr ma jiġi emendat ir-regolament attwali u d-deċiżjoni finali li jiġu approvati indikaturi speċifiċi dejjem se tibqa' prerogattiva tal-koleġiżlaturi. Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza tar-rakkomandazzjoni tal-QEA u qed taħdem b'mod proattiv biex ittejjeb il-kwalità tal-indikaturi definiti, fid-dawl ta' emendi possibbli tar-regolament fi proċessi leġiżlattivi futuri.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3b, il-paragrafu 101: Il-Kummissjoni taqbel mal-istatus tal-implimentazzjoni vvalutat mill-QEA. L-inizjattivi deskritti fir-rimarki tal-QEA huma eżempji tal-isforzi li għaddejjin biex tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet ta' Copernicus u l-inizjattivi tal-Istati Membri. Il-progress fuq dawn l-isforzi se jiġi diskuss matul il-workshops tal-Programmi ta' Kollaborazzjoni Nazzjonali u sussegwentement se jiġi rrapportat lura lill-Forum tal-Utenti.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3c, il-paragrafu 101: Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni hija implimentata. Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-progress li sar bl-infrastruttura tal-Ekosistema Spazjali tad-Data ta' Copernicus (CDSE, Copernicus Data Space Ecosystem) fl-appoġġ tal-aċċess għad-data ta' Copernicus. Fir-rigward tar-referenza għall-frammentazzjoni tad-data/tal-prodotti ta' Copernicus, huwa importanti li jiġi enfasizzat li Copernicus jipprovdi d-data u l-informazzjoni tiegħu lil diversi komunitajiet: l-awtoritajiet pubbliċi, ir-riċerkaturi, l-entitajiet kummerċjali u l-pubbliku ġenerali. B'mod partikolari għar-riċerkaturi, l-infrastrutturi ta' disseminazzjoni ta' Copernicus huma marbuta man-network GéANT li jipprovdi servizzi ta' aċċess għall-NRENs (in-Network Nazzjonali għar-Riċerka u l-Edukazzjoni). Copernicus qed jevolvi l-interfaċċi tiegħu mal-utenti billi jsegwi l-avvanzi teknoloġiċi u joffrilhom għodod ta' sfruttament ibbażati fuq il-cloud. L-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda qed issir inqas diffiċli u se tkompli tiffaċilita l-karatteristiċi tal-interoperabbiltà. Il-Kummissjoni tibqa' ffukata fuq li tiffaċilita l-aċċess sostenibbli għad-data ta' Copernicus u fuq li tiżgura kollaborazzjoni mal-atturi rilevanti.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 4b, il-paragrafu 104: Il-Kummissjoni taqbel mal-istatus tal-implimentazzjoni vvalutat mill-QEA. Minn meta sar l-awditu, saru sforzi sinifikanti minn diversi servizzi tal-Kummissjoni biex jiġu indirizzati u jingħelbu l-ostakli identifikati. Il-proċess tal-indirizzar ta' dawn l-ostakli jirrikjedi kollaborazzjoni kontinwa bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Barra minn hekk, peress li skont it-TFUE, l-ispazju huwa kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, hija meħtieġa kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u t-teħid ta' azzjonijiet immirati biex jiġi żgurat progress sostenibbli fir-rigward tal-użu tad-data u s-servizzi Spazjali tal-UE fl-oqfsa regolatorji tal-UE (li huwa approċċ konsistenti). Il-ħidma li twettqet s'issa turi impenn ċar għal dawn l-objettivi, u l-isforzi huma kontinwi biex tiġi żgurata implimentazzjoni komprensiva.

Rapport Speċjali Nru 08/2021: L-appoġġ li l-Frontex tagħti lill-ġestjoni tal-fruntieri esterni: mhuwiex suffiċjentement effettiv sal-ġurnata tal-lum

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3c, il-paragrafu 94: Ir-rakkomandazzjoni dwar il-benefiċċji potenzjali tal-estensjoni tal-ambitu tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà (VA, vulnerability assessment) tal-Frontex għal livell reġjonali u tal-UE ma setgħetx tiġi implimentata bis-sħiħ peress li ma kien hemm l-ebda reviżjoni għaddejja tal-qafas regolatorju tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG, European Border and Coast Guard) fiż-żmien meta l-QEA wettqet il-valutazzjoni tagħha. L-evalwazzjoni li twettqet fl-2022 ma kinitx tirreferi b'mod espliċitu għall-ambitu reġjonali u fil-livell tal-UE peress li din il-kwistjoni wriet li għandha interess limitat tal-Istati Membri. Fid-diskussjoni rilevanti (fl-2021 id-Diskussjoni Madwar Mejda ta' Livell Għoli dwar il-Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà tal-Frontex), l-Istati Membri enfasizzaw li r-rapporti tal-Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà (VA) (jiġifieri r-riżultati tal-VA) għandhom jibqgħu għal kull Stat Membru. Għalhekk, fin-nuqqas ta' appoġġ suffiċjenti fost l-Istati Membri biex jimmodifikaw il-mandat tal-VA sabiex jippermettu l-VA reġjonali, il-Kummissjoni, fi ħdan is-setgħat diskrezzjonali tagħha, iddeċidiet li tiffoka fuq l-elementi li potenzjalment jistgħu jwasslu għal rakkomandazzjoni għal titjib fil-VA – li twieġeb għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni tibqa' disponibbli għal kwalunkwe proposta f'dan ir-rigward, speċjalment fil-kuntest tar-riflessjoni dwar id-direzzjonijiet possibbli għall-Frontex wara l-2028, skont il-linja gwida politika tal-President għall-2024-2029, fir-rigward tat-tisħiħ tal-Frontex.

Rapport Speċjali Nru 09/2021: Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1d, il-paragrafu 111: Il-Kummissjoni tieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-QEA dwar l-informazzjoni pprovduta fl-Anness tal-Komunikazzjoni dwar id-Difiża tad-Demokrazija COM (2023) 630 final. Din tenfasizza li l-Anness innifsu kien maħsub biex

jipprovdi ħarsa ġenerali fil-qosor lejn l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2023) 630 tipprovdi informazzjoni dwar sorsi ta' finanzjament differenti biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija kontra d-diżinformazzjoni. L-informazzjoni ppubblikata ma tinkludix informazzjoni fil-qosor dwar in-nefqa li saret fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet, għalkemm l-attivitajiet iffinanzjati speċifiċi għandhom ammonti speċifikati u l-attivitajiet huma identifikati b'mod ċar.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 5a, il-paragrafu 119: Għalkemm il-Kummissjoni Ewropea għadha ma adottax formalment strateġija ġenerali dwar il-litteriżmu medjatiku, hija tappoġġa skambju regolari mal-Istati Membri dwar l-aktar prattiki u azzjonijiet importanti dwar il-litteriżmu medjatiku permezz tal-Grupp ta' Esperti tagħha dwar il-Litteriżmu Medjatiku (MLEG, Media Literacy Expert Group) u l-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media (li qabel kien il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA, European Regulators Group for Audiovisual Media Services)). Minħabba l-kompetenza u r-rwol kruċjali tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika dwar il-litteriżmu medjatiku, l-adozzjoni ta' strateġija globali mill-Kummissjoni se tirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib mhux biss bejn is-servizzi tagħha, iżda wkoll mal-Istati Membri. Sabiex jiġi żgurat proċess inklużiv għall-abbozzar ta' strateġija futura potenzjali dwar il-litteriżmu medjatiku, il-Kummissjoni bdiet skambji u inkludiet mistoqsijiet speċifiċi dwar il-litteriżmu medjatiku fil-konsultazzjoni pubblika tagħha u sejħa għal evidenza dwar it-Tarka Ewropea għad-Demokrazija li nħarġet fil-31 ta' Marzu 2025 [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14587-Tarka-Ewropea-g%C4%A7ad-Demokrazija_mt]. Fl-istess ħin se jsiru diskussjonijiet mal-Istati Membri, li jippermettu lill-Kummissjoni torbot l-azzjonijiet tagħha dwar il-litteriżmu medjatiku mal-prijoritajiet ta' politika tal-inizjattiva tat-Tarka u tidentifika oqsma ta' prijorità fejn l-azzjonijiet tagħha jistgħu jikkomplementaw dawk tal-Istati Membri.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 5b, il-paragrafu 119: Sabiex tiddefinixxi objettivi ċari li abbażi tagħhom tista' tivvaluta l-impatt tal-azzjonijiet tagħha fuq il-litteriżmu medjatiku, il-Kummissjoni tixtieq tintegra l-feedback li wasal mingħand il-partijiet ikkonċernati, inklużi l-Istati Membri, fil-kuntest tal-konsultazzjoni li għaddejja dwar it-Tarka Ewropea għad-Demokrazija. Dan se jiżgura li l-objettivi jqisu l-aktar ħtiġijiet u prijoritajiet ta' politika urġenti.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 5c, il-paragrafu 119: Minkejja n-nuqqas ta' strateġija formali dwar il-litteriżmu medjatiku, il-Kummissjoni qed tiżgura koordinazzjoni interna tajba tal-azzjonijiet dwar il-litteriżmu medjatiku fis-servizzi differenti tagħha u mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE. Il-Kummissjoni qed tikkonsulta wkoll lill-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati oħra biex tiżgura li dawn l-azzjonijiet ikunu rilevanti u jħallu impatt.

Rapport Speċjali Nru 10/2021: L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE: wasal iż-żmien li l-kliem jissarraf f'azzjoni

Risposta għar-rakkomandazzjoni 2b, il-paragrafu 104: Il-Kummissjoni aċċettat din ir-rakkomandazzjoni parzjalment.

F'konformità mal-impenn tagħha skont il-Ftehim Interistituzzjonali li jakkumpanja l-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, il-Kummissjoni se ssaħħaħ il-valutazzjoni tal-impatt tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-evalwazzjonijiet u fil-valutazzjonijiet tal-impatt għall-programmi u l-istrumenti ta' finanzjament futuri rilevanti tal-UE u se taġġorna l-gwida tagħha għal regolamentazzjoni aħjar, kif xieraq.

Il-Kummissjoni se teżamina jekk l-impatt potenzjali fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-programmi u l-istrumenti futuri ta' finanzjament tal-UE huwiex sinifikanti, meta tħejji proposti futuri għall-programmi ta' nfiq tal-UE.

Għall-programmi ta' nfiq rilevanti tal-UE, il-Kummissjoni se tippreżenta l-valutazzjoni tal-impatt tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-evalwazzjoni u fil-valutazzjoni tal-impatt u matul ir-rappurtar annwali dwar il-prestazzjoni, fil-limiti tad-data disponibbli.

Bħala miżura ta' sostenn, jekk jogħġbok qis li l-Kummissjoni aġġornat ukoll il-linji gwida u s-sett ta' għodod tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar, ippubblikati sal-25 ta' Novembru 2021. L-aġġornament tar-regolamentazzjoni aħjar jappoġġa l-identifikazzjoni, l-għażla u l-valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva aħjar tal-impatti sinifikanti fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-valutazzjonijiet u fl-evalwazzjonijiet tal-impatt, fil-limiti tad-data disponibbli, filwaqt li jirrispetta l-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar tal-analiżi proporzjonata.

Barra minn hekk, irrispettivament minn jekk humiex rilevanti għal inizjattiva partikolari, għad hemm il-ħtieġa li jsir rapportar dwar id-drittijiet fundamentali, inklużi l-impatti fuq il-ġeneru, fil-valutazzjonijiet tal-impatt kollha u li jiġi ġġustifikat għaliex dawn ma ġewx ivvalutati aktar, jekk dan ikun il-każ (riveduti fl-2021, Għodda #18 u 29 – Identifikazzjoni tal-impatti). Il-memoranda ta' spjegazzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni jispeċifikaw ukoll impatti sinifikanti fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, fejn rilevanti. L-implimentazzjoni sħiħa se sseħħ sal-31 ta' Diċembru 2025, meta l-evalwazzjonijiet *interim* jiġu ffinalizzati u jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-impatt għall-proposti tal-programm tal-QFP li jmiss. Fir-rigward tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), minħabba d-dħul fis-seħħ tal-PAK il-ġdida fl-2023, tmiem l-2025 se jkun kmieni wisq għal evalwazzjoni. Madankollu, sa tmiem l-2025, l-allokazzjoni tan-nefqa skont il-ġeneru se tkun disponibbli għall-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-PAK il-ġdida fl-2023. Barra minn hekk, f'Mejju 2023, il-Kummissjoni organizzat taħriġ għall-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK (PS tal-PAK) dwar l-inklużjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-baġit tal-UE. Barra minn hekk, f'Novembru 2022, in-Network tal-PAK tal-UE bl-appoġġ tal-Kummissjoni organizza avveniment dwar l-Avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fiż-żoni rurali fl-UE bil-parteċipazzjoni tal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni għall-PS tal-PAK biex jiġu sensibilizzati dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġi żgurat li l-aspetti tal-ġeneru jiġu ttrattati kif xieraq fl-implimentazzjoni tal-PAK 2023-2027. Barra minn hekk, bħala parti mill-attivitajiet tiegħu tal-bini tal-kapaċità, in-Network tal-PAK – Helpdesk Ewropew għall-Evalwazzjoni organizza workshop ta' prattika fi grupp dwar l-evalwazzjoni tat-tiġdid ġenerazzjonali fl-UE, fil-PAK, inklużi aspetti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3c, il-paragrafu 105: Il-Kummissjoni aċċettat din ir-rakkomandazzjoni parzjalment minħabba li ma tistax, f'dan l-istadju, tagħti impenji dwar il-kontenut ta' proposti leġiżlattivi futuri (kif iddikjarat fir-risposta oriġinali).

Għall-parti tar-rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni aċċettat, ir-rakkomandazzjoni bħalissa hija implimentata parzjalment permezz tas-Sett ta' Għodod rivedut għal Regolamentazzjoni aħjar tal-2021 - Għodda #43, Arranġamenti u indikaturi ta' monitoraġġ li tispeċifika li l-arranġamenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandhom jiġu analizzati fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt, għall-għażla ppreferuta jekk waħda tiġi speċifikata jew inkella abbażi tal-objettivi tal-inizjattiva.

Din il-parti tal-valutazzjoni tal-impatt għandha tinforma d-dispożizzjonijiet legali dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni li għandhom jiġu inklużi fil-proposta nnifisha. L-elementi ewlenin jistgħu jinkludu indikaturi u/jew rekwiżiti regolatorji ta' rapportar, li huma prerekwiżit biex jiġi żgurat il-monitoraġġ f'waqtu tal-inizjattivi tal-UE. L-arranġamenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li ġew identifikati inizjalment fil-valutazzjoni tal-impatt se jkollhom jiġu riflessi fil-proposta tal-Kummissjoni. Dawn jista' jkollhom jerġgħu jiġu riveduti aktar tard biex jirriflettu l-bidliet fil-proposta li saret fil-proċess leġiżlattiv biex jiġi evitat li l-indikaturi inizjalment magħżula ma jibqgħux jirriflettu l-objettivi tal-inizjattiva.

Barra minn hekk, għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ta' wara l-2027, ir-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju tirrikjedi li fejn xieraq, id-data miġbura b'rabta mal-indikaturi tal-prestazzjoni għandha tinqasam skont il-ġeneru u għandha tinġabar b'mod li tippermetti l-aggregazzjoni ta' tali data fil-programmi rilevanti kollha.

Minħabba li din ir-rakkomandazzjoni tirreferi għat-tħejjija ta' proposti leġiżlattivi futuri, il-Kummissjoni ma tistax timplimentaha bis-sħiħ qabel ma l-ewwel valutazzjonijiet/evalwazzjonijiet tal-impatt/passi preparatorji janalizzaw l-adegwatezza tal-ġbir u r-rapportar dwar tali data meta tħejji l-proposti għal programmi ta' finanzjament futuri tal-UE.

Fir-rigward tad-data diżaggregata skont il-ġeneru disponibbli f'konformità mal-QFP 2021-2027, id-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programm (mehmuża mar-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2023) jipprovdu l-informazzjoni rilevanti diżaggregata skont il-ġeneru disponibbli għal kull programm baġitarju tal-UE.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 4b, il-paragrafu 107: Il-Kummissjoni aċċettat din ir-rakkomandazzjoni parzjalment, peress li ma tistax timpenja ruħha dwar il-kontenut ta' proposti leġiżlattivi futuri.

Il-Kummissjoni tipproponi objettivi għal kull programm ibbażati fuq ir-rilevanza tagħhom għall-aspetti ewlenin tal-programm imsemmi. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-adegwatezza, inklużi l-objettivi u l-indikaturi relatati, meta tkun qed tħejji proposti għal programmi ta' finanzjament futuri tal-UE, fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-valutazzjoni tal-impatt jew ta' passi preparatorji oħra.

L-indikaturi tal-prestazzjoni mbagħad jintgħażlu abbażi tar-rilevanza tagħhom għal objettiv, disponibbiltà u kwalità partikolari tad-data, kif ukoll il-kosteffiċjenza.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 5a, il-paragrafu 108: Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni hija kompletament implimentata. Mill-abbozz tal-Baġit tal-2023, il-Kummissjoni żviluppat metodoloġija għat-traċċar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u applikatha għall-baġit kollu tal-UE, inkluża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-metodoloġija kienet ispirata mill-koeffiċjenti ddefiniti mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi. Maż-żmien, ir-riżultati wrew titjib kostanti, li jirriflettu xejra pożittiva fil-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri (punteġġi tal-ġeneru 1 u 2), flimkien ma' tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-punteġġ tal-ġeneru 0* (kontribuzzjoni mhux ċara).

Risposta għar-rakkomandazzjoni 5c, il-paragrafu 108: Il-valutazzjoni tad-definizzjoni ta' perċentwal tal-baġit tal-UE għall-appoġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri se ssir fil-kuntest tat-tħejjija għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali wara l-2027.

Rapport Speċjali Nru 11/2021: Appoġġ eċċezzjonali għall-produtturi tal-ħalib fl-UE fil-perjodu 2014-2016: Potenzjal għal titjib fl-effiċjenza futura

Risposta għar-rakkomandazzjoni 2a, il-paragrafu 87: Il-Kummissjoni ma aċċettatx ir-rakkomandazzjoni u ma ħadet l-ebda azzjoni ulterjuri. Kif imsemmi fir-risposta inizjali tagħha, il-kriżijiet tas-suq ma jistgħux jiġu predefiniti mil-limiti operazzjonali.

Rapport Speċjali Nru 12/2021: Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas: Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3a, il-paragrafu 74: Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni hija implimentata parzjalment u tfakkar li l-iskadenza għall-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, kif irrapportata fil-bażi tad-data ddedikata tar-RAD, hija stabbilita fil-31 ta' Diċembru 2025 u għadha ma għaddietx.

Diversi attivitajiet tal-Kummissjoni indirizzaw direttament lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni (eż. Il-Konferenza dwar il-Pjattaforma ta' Tranżizzjoni Ġusta Ottubru 2024 – sessjoni "Conversion, Rehabilitation and Repurposing of Sites after Coal Phase Out"- Din is-sessjoni indirizzat il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas fir-rigward tat-tindif mit-tniġġis tas-siti industrijali u għaliha attendew ukoll l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni).

Rapport Speċjali Nru 13/2021: L-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fis-settur bankarju huma frammentati u l-implimentazzjoni mhijiex suffiċjenti

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1a, il-paragrafu 115: Fir-rieżami tal-qafas tal-Unjoni tal-Ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT, anti-money laundering and countering the financing of terrorism), ippubblikat f'Ġunju 2024, il-mandat tal-Kummissjoni dwar Valutazzjoni tar-Riskju tal-Unjoni (URA, Union Risk Assessment) ġie rfinat biex jinkludi referenza speċifika għal "oqsma u setturi" tas-suq intern l-aktar esposti għar-riskji, li jimplika l-applikazzjoni ta' dimensjoni ġeografika speċifika fejn l-attivitajiet ma humiex komuni għall-Istati Membri kollha jew ivarjaw b'mod sinifikanti fil-volum/ir-riskju.

Il-Kummissjoni bħalissa qed tirrevedi wkoll il-metodoloġija tal-URA mal-Bank Dinji billi tesplora, fost l-oħrajn, ġabra mtejba ta' statistika li tippermetti l-applikazzjoni ta' elementi ġeografiċi b'mod aktar effettiv.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1b, il-paragrafu 115: Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni hija implimentata u tixtieq ittenni li l-pajjiżi terzi li ġejjin huma elenkati b'mod awtonomu mill-UE: L-Afganistan, il-Panama, Vanuatu u Trinidad u Tobago. Dawn il-pajjiżi tneħħew mil-lista mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF, Financial Action Task Force), iżda mhux mill-UE minħabba parametri referenzjarji speċifiċi tal-UE żviluppati ma' dawn il-pajjiżi flimkien mal-pjan ta' azzjoni tagħhom tal-FATF. B'segwitu għall-metodoloġija tal-2020, il-Kummissjoni żiedet b'mod sinifikanti r-riżorsi tagħha biex tkopri l-erba' Gruppi Konġunti kollha tal-FATF responsabbli għall-monitoraġġ tal-pajjiżi elenkati mill-FATF bil-għan li tinvolvi ruħha b'mod aktar attiv fil-proċess tal-FATF u tiżgura li kwalunkwe tħassib li għandha l-UE diġà huwa indirizzat b'mod effettiv fil-qafas ta' dak il-proċess. Dawn l-isforzi u l-involviment attiv tal-Kummissjoni fil-fluss tax-xogħol tal-FATF jispjegaw għaliex l-elenkar awtonomu jintuża biss b'mod eċċezzjonali, f'każijiet fejn ma jkunx possibbli li jiġi indirizzat b'mod effettiv it-tħassib tal-UE direttament permezz tal-proċess tal-FATF. Il-Kummissjoni titlob li l-merti ta' dan l-approċċ jiġu rikonoxxuti bis-sħiħ u li l-konklużjonijiet dwar ir-Rakkomandazzjoni jkunu jistgħu jiġu aġġustati għal "implimentati bis-sħiħ".

Rapport Speċjali Nru 15/2021: Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru matul il-pandemija tal-COVID-19: Id-drittijiet ewlenin mhumiex protetti minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1e, il-paragrafu 76: Il-Kummissjoni rrieżaminat ir-Regolamenti (KE) Nru 261/2004 u (KE) Nru 1107/2006. Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni li wriet ir-rabta mill-qrib bejn il-protezzjoni tal-passiġġieri kontra l-insolvenzi tal-linji tal-ajru u r-reżiljenza finanzjarja tal-linji tal-ajru, u wasslet għall-konklużjoni li l-kwistjoni għandha tiġi indirizzata flimkien mar-rieżami tar-Regolament 1008/2008 dwar is-Servizzi tal-Ajru, li jindirizza l-idoneità finanzjarja tal-linji tal-ajru.

Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li ttieħdu l-azzjonijiet rilevanti li jistgħu jittieħdu fil-qafas tar-regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri. Azzjoni futura dwar is-suġġett se jkollha ssir fil-qafas tar-Regolament dwar is-Servizzi tal-Ajru.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3c, il-paragrafu 79: F'konformità mas-sejbiet tar-rapport riċenti tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi (CPC, Consumer Protection Cooperation), u kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar il-Kummerċ Elettroniku adottata mill-Kummissjoni fit-5 ta' Frar 2025, (https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/e-commerce-communication-comprehensive-eu-toolbox-safe-and-sustainable-e-commerce) il-Kummissjoni qed tirrifletti fuq rieżami tar-Regolament, sabiex tkompli ssaħħaħ l-infurzar tal-liġi tal-UE dwar il-konsumatur, b'mod partikolari fir-rigward ta' prattiki illegali mifruxa.

Rapport Speċjali Nru 16/2021: Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima: Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1c, il-paragrafu 93: Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni hija implimentata bis-sħiħ. Il-Kummissjoni għamlet diversi sforzi fil-konfront tal-Istati Membri biex tipprovdi inċentivi għall-indirizzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG, greenhouse gas) mill-bhejjem u mill-fertilizzanti. L-istudju ppubblikat dan l-aħħar (Rough estimate of the climate change mitigation potential of the Common Agricultural Policy (CAP) Strategic Plans (EU27) over the 2023-2027 period) jindika li l-prattiki tal-Pjanijiet Strateġiċi (CSPs, CAP Strategic Plans) tal-PAK iwasslu għal mitigazzjoni ta' 35 miljun tunnellata ta' CO2e fis-sena, imqassma bejn 5 miljun tunnellata ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u 30 miljun tunnellata ta' sekwestru tal-karbonju mtejjeb fis-sena. Il-biċċa l-kbira tal-potenzjal ta' mitigazzjoni huwa fuq l-assorbiment tal-karbonju u t-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-użu tal-fertilizzanti, f'daqs li huwa sinifikanti meta mqabbel mal-objettivi klimatiċi tal-UE. Anke jekk l-effett ta' mitigazzjoni stmat mis-CSP ikun inqas rilevanti fil-każ tal-emissjonijiet tal-bhejjem, dan għandu jitqies b'mod li jikkumplimenta politiki nazzjonali oħra.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3a, il-paragrafu 95: Il-Kummissjoni ma aċċettatx ir-rakkomandazzjoni. Filwaqt li r-raġunijiet deskritti fir-rispons tal-Kummissjoni għal din ir-rakkomandazzjoni għadhom validi, il-Kummissjoni fittxet alternattiva għall-indikaturi ta' monitoraġġ. Fis-26 ta' Mejju 2025, il-helpdesk tal-evalwazzjoni tal-UE tan-Network tal-PAK tal-UE ippubblika studju (Rough estimate of the climate change mitigation potential of the CAP Strategic Plans (EU-27) over the 2023-2027 period | EU CAP Network), li fih ivvaluta l-potenzjal tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima ta' diversi interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK (CSPs, CAP Strategic Plans) fil-livell tal-UE għall-perjodu 2023-2027. Dan l-istudju jeżamina l-kontribut potenzjali tas-CSPs għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG, greenhouse gas), għat-titjib tal-assorbimenti tal-karbonju, u għall-konservazzjoni tal-ħażniet tal-karbonju eżistenti.

Rapport Speċjali Nru 18/2021: Is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni tal-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku: għodda xierqa li teħtieġ simplifikazzjoni

Risposta għar-rakkomandazzjonijiet 2a, 2b u 2c, il-paragrafu 96: Meta aċċettat dawn ir-rakkomandazzjonijiet biex "tqis li tipproponi li l-att legali rilevanti jiġi emendat", il-Kummissjoni kienet indikat "li mhijiex f'pożizzjoni li tagħmel impenji speċifiċi fir-rigward ta' proposti leġiżlattivi possibbli jew tal-eżitu tan-negozjati leġiżlattivi mal-koleġiżlaturi". Fil-kuntest tar-Rieżami tal-Governanza Ekonomika (EGR, Economic Governance Review), il-Kummissjoni fil-fatt qieset proposti

leġiżlattivi iżda ddeċidiet li ma tipproċedix f'dak l-istadju. Minflok, il-Kummissjoni bħalissa qed teżamina mill-ġdid il-ħtieġa li jsiru emendi għar-Regolament 472/2011, inkluż fir-rigward tas-Sorveljanza ta' Wara l-Programm (PPS, Post-Programme Surveillance) u s-sorveljanza msaħħa, biex tinintegrah aktar mill-qrib mal-qafas fiskali ta' wara l-EGR u biex tissimplifikah. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tnaqqas l-intensità tal-PPS, inkluż b'passi addizzjonali ta' simplifikazzjoni miċ-ċiklu tar-rebbiegħa tal-2025 'il quddiem tal-PPS, li qed ikollha effetti simili mingħajr ma teħtieġ bidla leġiżlattiva. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni temmen li dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma implimentati bis-sħiħ**.**

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3a, il-paragrafu 99: Ittieħdu azzjonijiet ta' effett simili bħal dawk rakkomandati mill-QEA filwaqt li dawn għad iridu jiġu formalizzati u ddokumentati permezz ta' reviżjonijiet għall-"ECFIN internal Vade mecum on euro area economic adjustment programmes" u għall-ftehimiet dwar il-forniment tad-data bejn il-pajjiżi tal-PPS u l-Kummissjoni.

Rapport Speċjali Nru 20/2021: L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura: huwa aktar probabbli li l-fondi tal-PAK jippromwovu użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3b, il-paragrafu 98: L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni għadha għaddejja. L-evalwazzjoni tal-impatt tal-finanzjament għall-iżvilupp rurali u l-appoġġ għas-suq fuq l-ilma se jkunu parti mill-evalwazzjoni *interim* dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) li għandha ssir sa Diċembru 2026. Barra minn hekk, l-istudju dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fl-agrikoltura fl-UE, b'attenzjoni speċjali għall-ġestjoni tal-ilma tnieda f'Novembru 2024 (riżultat finali dovut fir-raba' trimestru tal-2025). Il-Kummissjoni qed timplimenta r-rakkomandazzjoni f'konformità mad-data ta' implimentazzjoni fil-mira fir-rapport speċjali (2026).

Rapport Speċjali Nru 22/2021: Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li l-UE tieħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn l-investiment sostenibbli

Risposta għar-rakkomandazzjoni 5a, il-paragrafu 90: Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni hija implimentata. Fl-20 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppubblikat dokument ta' ħidma tal-persunal bit-titolu "l-Arkitettura tal-Integrazzjoni tal-Klima fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027" (ara https://europa.eu/!GcQXcq) li jinkludi Anness dedikat dwar kif il-prinċipju "La tagħmilx ħsara" qed jitħaddem fid-diversi programmi ta' nfiq tal-UE.

Il-Kummissjoni tenfasizza li f'Ġunju 2022, meta ġie ppubblikat id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-programmi tal-2021-2027 bdew joħorġu biss l-ewwel sejħiet tagħhom skont il-qafas il-ġdid.

Konsegwentement, kien għadu ma huwiex ċar kif il-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (DNSH, do no significant harm) jiġi applikat f'xi wħud mill-programmi l-ġodda, inkluż il-Programm Ewropa Diġitali (DEP, Digital Europe Programme). Madankollu, il-kontribut tad-DEP għall-objettivi klimatiċi huwa mmonitorjat kontinwament.

Diversi attivitajiet huma mistennija jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari Destinazzjoni d-Dinja, li se tiżviluppa mudell diġitali preċiż ħafna tad-Dinja biex jgħin fir-rispons għal diżastri naturali kbar, fl-adattament għat-tibdil fil-klima, u fit-tbassir tal-impatti soċjoekonomiċi tiegħu. Diversi inizjattivi oħra ġew ukoll integrati fil-programm u se jkomplu jiġu integrati biex jiġi żgurat li d-DEP jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika (pereżempju, l-ispazju tad-data tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Passaport Diġitali tal-Prodotti, l-użu ta' referenza ta' soluzzjonijiet ta' servizzi bbażati fuq il-cloud-to-edge, il-Qafas ta' Referenza tal-UE għall-Iffrankar tal-Enerġija, l-Ispazju tad-Data Agrikola, u l-Ispazju tad-Data dwar l-Enerġija).

B'mod parallel, il-Kummissjoni ħarġet linji gwida ġodda għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali li jeħtieġu Programmi ta' Ħidma rilevanti biex jispjegaw il-kontributi tagħhom għall-prijoritajiet ekoloġiċi. Dan jippermetti lis-servizzi tal-Kummissjoni jispjegaw l-implimentazzjoni tal-prinċipju tad-DNSH fejn rilevanti. Dan l-approċċ jgħin biex jiġi żgurat li l-objettivi klimatiċi jiġu integrati kif xieraq fil-programmi rilevanti kollha mill-fażi ta' programmazzjoni 'l quddiem. Dan huwa muri fl-aħħar Programm ta' Ħidma tad-DEP (ara t-taqsima "Ewropa Diġitali Ekoloġika"). Il-programm introduċa wkoll kriterju ta' evalwazzjoni fakultattiv għall-proġetti diġitali: il-punt sa fejn il-proġett jindirizza s-sostenibbiltà ambjentali u l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kemm f'termini ta' effetti diretti kif ukoll ta' għarfien dwar l-impatti ambjentali. F'dan il-kuntest, l-ewwel modulu tas-superkompjuter fuq skala eksa JUPITER, iffinanzjat mid-DEP, huwa kklassifikat l-ewwel fil-lista tal-aktar superkompjuters effiċjenti fl-enerġija madwar id-dinja.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 5d, il-paragrafu 90: Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni hija implimentata. Filwaqt li l-Kummissjoni se tkompli tuża l-metodoloġija tal-UE dwar il-klima (ara https://europa.eu/!GcQXcq) biex tirrapporta dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-mira ta' 30 % għall-infiq fuq il-klima, hija tipprovdi wkoll informazzjoni dwar in-nefqa baġitarja għal attivitajiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' intervent b'koeffiċjent klimatiku ta' 100 % bis-saħħa tal-issodisfar tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-Tassonomija tal-UE li tikkonċerna l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. Dan ilu jsir mis-sena 2023 fid-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programm, li jakkumpanjaw l-Abbozz tal-Baġit u r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza li d-dikjarazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-programm hija eżerċizzju annwali, b'informazzjoni aġġornata ġdida disponibbli kull sena. Il-programmi li rrapportaw dwar l-infiq rilevanti tat-tassonomija fl-ewwel eżerċizzju tal-2023 huma dawk rilevanti għall-infiq kopert mit-tassonomija.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 6a, il-paragrafu 91: Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni hija implimentata. Għandha dashboard intern għall-monitoraġġ ta' aspetti ta' finanzjament sostenibbli tat-tranżizzjoni ekoloġika, li dan l-aħħar ġie aġġornat u mtejjeb aktar. Dan jinkludi indikaturi dwar il-bonds ekoloġiċi, il-fondi sostenibbli, inklużi l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament dwar id-Divulgazzjonijiet relatati mas-Sostenibbiltà Finanzjarja (SFDR, Sustainable Finance Disclosure Regulation), fondi li jintraċċaw il-parametri referenzjarji klimatiċi tal-UE, il-prestazzjoni relattiva tal-istrumenti finanzjarji ekoloġiċi u l-użu tat-tassonomija.

Kien hemm ukoll diversi valutazzjonijiet tad-dominju pubbliku: f'Ġunju 2023, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' finanzjament sostenibbli li jinkludi aġġornamenti għat-tassonomija tal-UE u rendikont tal-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju sostenibbli. Il-pakkett kien jinkludi valutazzjoni tal-adozzjoni tal-qafas sal-lum, ħarsa ġenerali lejn xi sfidi nnotati mill-operaturi tas-suq, u sensiela ta' materjali ta' gwida biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni.

Wara dan, il-Pjattaforma tal-UE dwar il-Finanzi Sostenibbli, korp konsultattiv lill-Kummissjoni Ewropea (maħluq skont l-Artikolu 20 tar-Regolament dwar it-tassonomija), ġiet inkarigata bl-iżvilupp ta' metodoloġija għall-monitoraġġ tal-flussi finanzjarji f'investimenti sostenibbli fl-Unjoni Ewropea.

Ir-rapport finali tal-Pjattaforma, ippubblikat fit-11 ta' Marzu 2025, jipproponi arkitettura biex jitkejjel il-kontribut effettiv tal-finanzjament lejn l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, filwaqt li jibbaża fuq id-divulgazzjonijiet regolatorji kif ukoll fuq id-data tas-suq. Dan jippreżenta l-ewwel analiżi bbażata fuq din il-metodoloġija u d-data disponibbli, u jeżamina x-xejriet, b'mod partikolari bejn il-kumpaniji finanzjarji u dawk mhux finanzjarji. Ir-rapport finali jinkludi rakkomandazzjonijiet għal iterazzjonijiet futuri tal-ġbir tad-data u l-monitoraġġ sistematiku tal-flussi kapitali.

Il-Kummissjoni se tqis kif għandha tkompli fuq il-ħidma tal-Pjattaforma biex twettaq rapporti ta' monitoraġġ annwali regolari, filwaqt li tħares lejn il-kontribut tal-flussi finanzjarji lejn investimenti sostenibbli.

Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll l-ewwel pakkett Omnibus tagħha fis-26 ta' Frar 2025. Skont l-eżitu tan-negozjati, dan il-pakkett jista' jibdel l-ambitu tal-obbligi ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà fuq l-impriżi, u jaffettwa direttament kemm se tkun disponibbli data għall-monitoraġġ fil-futur.

Rapport Speċjali Nru 23/2021: It-tnaqqis tal-korruzzjoni kbira fl-Ukrajna: bosta inizjattivi tal-UE, iżda r-riżultati għadhom mhux suffiċjenti

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1b, il-paragrafu 91: F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' finanzjament sostenibbli li jinkludi aġġornamenti għat-tassonomija tal-UE u rendikont tal-implimentazzjoni fl-Ukrajna tal-qafas finanzjarju sostenibbli. Il-pakkett kien jinkludi valutazzjoni tal-adozzjoni tal-qafas sal-lum, ħarsa ġenerali lejn xi sfidi nnotati mill-operaturi tas-suq, u sensiela ta' materjali ta' gwida biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 7b, il-paragrafu 102: Il-gwerra fl-Ukrajna biddlet b'mod profond ix-xenarju ekonomiku, u b'hekk l-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni bħalissa ma hijiex fattibbli. L-intrapriżi tal-Istat (SOEs, State-Owned Enterprises) Ukreni ġew affettwati ħafna mill-invażjoni Russa u mis-sitwazzjoni ekonomika fraġli tal-Ukrajna. Sabiex ikunu jistgħu jiġu esplorati l-kundizzjonijiet għat-tneħħija ta' moratorji fuq d-dejn fuq l-SOEs, is-sitwazzjoni tal-pajjiż l-ewwel trid tistabbilizza. Ta' min jinnota li d-Digriet Presidenzjali tar-Repubblika Nru 64/2022 ilu li impona l-liġi marzjali fl-Ukrajna mill-24 ta' Frar 2022. Minħabba l-liġi marzjali fis-seħħ, il-pubblikazzjoni ta' rapporti finanzjarji tal-SOEs, inkluż id-dejn, ilha li ġiet sospiża minn Marzu 2022. Minn dak iż-żmien, rapport konsolidat tal-SOEs kollha ma huwiex disponibbli. Minkejja li xi aspetti ta' din is-sottorakkomandazzjoni huma impossibbli li jiġu implimentati minħabba ċ-ċirkostanzi deskritti hawn fuq, il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ lill-awtoritajiet Ukreni biex iwettqu għadd ta' riformi kruċjali li jservu ta' bażi għall-indirizzar tal-moratorji fuq id-dejn fil-futur.

Rapport Speċjali Nru 24/2021: Finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' Koeżjoni: ambizzjonijiet ta' valur, iżda kien għad hemm ostakli fil-perjodu 2014-2020

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1a, il-paragrafu 128: Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni hija implimentata parzjalment. Il-Kummissjoni ma tiddependix esklużivament fuq l-informazzjoni pprovduta minn kull Stat Membru rigward l-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti u twettaq il-monitoraġġ u l-analiżi tagħha stess. Il-Kummissjoni qed tuża kwalunkwe sors ta' informazzjoni disponibbli u tiġbor informazzjoni permezz ta' Kumitati ta' Monitoraġġ li huma magħmula minn rappreżentanti tal-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, is-sħab ekonomiċi u soċjali, il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-universitajiet.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1b, il-paragrafu 128: Fir-Rapporti Annwali tal-Attività, il-Kummissjoni tirrapporta dwar is-sitwazzjoni attwali tal-kundizzjonijiet abilitanti u mhux dwar l-attivitajiet ta' infurzar tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, hija tqis ir-rata baxxa ħafna ta' nuqqas ta' ssodisfar u l-progress sinifikanti f'dawn l-aħħar sentejn.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 2a, il-paragrafu 128: Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni hija implimentata bis-sħiħ. L-approċċ għar-rieżami ta' nofs it-terminu huwa stabbilit fil-qafas regolatorju, b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060. Barra minn hekk, il-

Premessa 24 tal-istess Regolament tispeċifika li kull programm "jenħtieġ li jipprovdi aġġustament sħiħ tal-programmi bbażati fuq il-prestazzjoni tal-programmi, filwaqt li jagħti l-opportunità wkoll li jitqiesu sfidi ġodda u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti".

Dan l-approċċ jippermetti flessibbiltà skont il-kuntest ta' kull programm. Is-servizzi tal-Kummissjoni pprovdew gwida speċifika lill-Istati Membri fil-forma ta' tweġibiet għall-mistoqsijiet. Il-mistoqsijiet u r-risposti kollha jiġu ppubblikati u għalhekk huma disponibbli għall-Istati Membri kollha, filwaqt li jiġi żgurat approċċ ċar u komuni sa fejn dan ikun meħtieġ. Id-dettalji tal-proċess u tas-sottomissjoni ġew spjegati lill-Istati Membri.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 2b, il-paragrafu 128: Il-Kummissjoni taqbel mal-valutazzjoni tal-QEA. F'konformità mal-Artikolu 18(1)(e) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-Kummissjoni se taċċetta kwalunkwe evalwazzjoni rilevanti bħala parti mill-bażi tal-evidenza għall-eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs it-terminu, inkluża l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, fejn xieraq.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3b, il-paragrafu 128: Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni hija implimentata bis-sħiħ. Il-valutazzjoni tat-talbiet motivati tal-Istati Membri għal emenda tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati jew tal-outputs/ir-riżultati li għandhom jinkisbu titwettaq mis-servizzi tal-Kummissjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet regolatorji rilevanti. B'mod partikolari, fir-rigward tal-adegwatezza tal-ammonti marbuta mal-issodisfar tal-kundizzjonijiet rispettivi jew il-kisba ta' riżultati, il-Kummissjoni u l-Istat Membru għandhom jiżguraw li r-riżorsi li jintużaw ikunu adegwati għall-investimenti li jsiru. Għalhekk, meta l-Istati Membri jitolbu emenda għal skema adottata tal-FNLTC, il-verifika tal-adegwatezza tal-ammonti proposti meta mqabbla mal-kundizzjonijiet jew ir-riżultati proposti terġa' ssir mill-Kummissjoni, abbażi tal-proposta aġġornata. Imbagħad, il-Kummissjoni tikkonferma li r-rispett tal-kriterji ġenerali pprovduti mill-Qafas regolatorju flimkien ma' analiżi bir-reqqa ta' każ b'każ tat-talbiet motivati tal-Istati Membri għal emenda tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati jew li l-outputs/ir-riżultati li għandhom jinkisbu huma biżżejjed.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 4b, il-paragrafu 128: Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni hija implimentata bis-sħiħ. F'konformità mal-qafas legali attwali, għan-nefqa ddikjarata taħt l-iskemi ta' Finanzjament Mhux Marbut mal-Kostijiet (FNLTC, Financing-Not-Linked-To-Cost), l-awditi u l-verifiki tal-ġestjoni huma limitati għall-verifika li l-kundizzjonijiet għar-rimborż mill-Kummissjoni ġew issodisfati jew li nkisbu r-riżultati. Il-Kummissjoni żviluppat nota ta' spjegazzjoni fejn spjegat fid-dettall kif tista' tikseb assigurazzjoni dwar il-konformità mar-regoli applikabbli billi tindirizzaha *ex ante*, fil-mument li tiġi approvata l-iskema FNLTC.

Matul l-awditi tal-operazzjonijiet, il-Kummissjoni tivverifika li l-awtoritajiet qed jiksbu assigurazzjoni skont l-arranġamenti deskritti fl-iskema. Il-Kummissjoni żviluppat listi ta' kontroll tal-awditjar rilevanti f'dak ir-rigward.

Rapport Speċjali Nru 25/2021: L-appoġġ tal-FSE għall-ġlieda kontra l-qgħad fit-tul: Jeħtieġ li l-miżuri jkunu mmirati, imfassla u mmonitorjati aħjar

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3, il-paragrafu 79: Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni hija implimentata f'xi aspetti. L-istudju ta' appoġġ tal-evalwazzjoni *ex post* għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 tnieda u jinsab fil-fażi finali, filwaqt li għaddej minn reviżjoni ulterjuri meħtieġa.

Il-pubblikazzjoni hija mistennija li sseħħ fit-tielet trimestru tal-2025.

Rapport Speċjali Nru 26/2021: Regolarità tal-infiq fil-politika ta' Koeżjoni tal-UE: Il-Kummissjoni tiddivulga, kull sena, livell ta' żball stmat minimu li mhuwiex finali

Risposta għar-rakkomandazzjoni 1, il-paragrafu 77: Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas implimentat ir-rakkomandazzjoni.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 2a, il-paragrafu 83: Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent mill-QEA għat-titjib fid-dokumentazzjoni tal-elaborazzjoni tal-pjan tal-awditjar. L-awditi inklużi fil-pjan tal-awditjar jirriżultaw minn eżerċizzju fi tliet stadji, allinjat mal-istrateġija tal-awditjar u r-riżorsi disponibbli fil-Kummissjoni/ id-Direttorat Konġunt tal-Awditjar għall-Koeżjoni (DAC, Audit Directorate for Cohesion):

1. Valutazzjoni tar-riskju f'żewġ stadji: l-ewwel fil-livell tal-awtoritajiet tal-awditjar, imbagħad fil-livell tal-programm

2. Analiżi tal-ammont ta' xogħol biex il-pjan tal-awditjar jiġi allinjat mar-riżorsi tal-awditjar disponibbli wara t-tnaqqis tar-riżorsi meħtieġa għal kompiti obbligatorji tal-awditjar dokumentarju.

3. Il-ħolqien ta' skedi informattivi speċifiċi għall-pajjiż li jirriflettu l-ħidma kumulattiva tal-awditjar imwettqa u r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju attwali, sabiex jiġu identifikati l-lakuni li fadal u l-ħtieġa ta' prijoritizzazzjoni u/jew kopertura.

Konsegwentement, ir-riflessjoni kwantitattiva fil-valutazzjoni tar-riskju hija kkomplementata b'analiżi kwalitattiva riflessa fl-iskedi informattivi tal-pajjiżi abbażi ta' ġudizzju professjonali, inkluż biex titqies id-data storika.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 2d, il-paragrafu 83: Il-Kummissjoni la aċċettat u lanqas implimentat ir-rakkomandazzjoni.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3a, il-paragrafu 86: Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent mill-QEA li tejbet il-metodoloġija tagħha għall-istima tar-riskju massimu. Il-Kummissjoni tikkonferma li hija ma aċċettatx ir-rakkomandazzjoni, madankollu eventwalment ħadet aktar azzjonijiet biex ittejjeb il-metodoloġija filwaqt li qieset ir-rakkomandazzjoni tal-QEA. Għal programmi li ġew awditjati mill-Kummissjoni jew mill-QEA (awditi tal-konformità) u li għalihom instabu żbalji, u li għalihom l-awtoritajiet tal-Istati Membri ntalbu jwettqu kontrolli addizzjonali, ir-riskju massimu żdied b'rata fissa mir-Rapport Annwali tal-Attività 2022. Għalhekk, il-Kummissjoni toħroġ riskji massimi fir-rapporti annwali tal-attività li jqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' kull programm u r-riskji possibbli li jifdal.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 3b, il-paragrafu 86: Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent mill-QEA għat-titjib fl-abbozzar tar-Rapporti Annwali tal-Attività l-aktar riċenti tagħha dwar kif għandha tinkiseb l-assigurazzjoni għal kull programm. Dawn ir-rapporti issa huma ffirmati u ppubblikati.

Risposta għar-rakkomandazzjoni 4, il-paragrafu 88: Il-Kummissjoni aċċettat din ir-rakkomandazzjoni parzjalment biss. Dan minħabba li, kif iddikjarat fir-risposti tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-Bord tal-Ġestjoni Korporattiva (CMB, Corporate Management Board) huwa l-korp xieraq biex jipprovdi gwida dwar il-kontenut tar-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR, Annual Management and Performance Report). Il-Kabinetti tal-President u tal-Kummissarju responsabbli għall-baġit, bħala osservaturi fis-CMB, huma parti minn dawn id-

diskussjonijiet. Il-Kummissjoni stabbiliet proċessi li bihom is-servizzi ċentrali joħorġu struzzjonijiet dettaljati, jipprovdu gwida u appoġġ, u jwettqu rieżamijiet kwalitattivi biex jiżguraw li l-informazzjoni fir-rapporti annwali tal-attività tad-dipartimenti tal-Kummissjoni tirrappreżenta sors affidabbli u rilevanti ta' informazzjoni għall-AMPR. Wara l-abbozzar tal-AMPR bl-użu tal-informazzjoni f'dawn ir-rapporti, is-servizzi ċentrali jorganizzaw konsultazzjonijiet bejn is-servizzi u proċess ta' adozzjoni kollegġjali sħiħ. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-kwalità tad-data u l-informazzjoni pprovduta fl-AMPR huma rilevanti u affidabbli.

Ir-rabta bejn il-livell ta' approvazzjoni tal-gwida dwar l-AMPR u l-problemi bil-kwalità tad-data msemmija mill-QEA għadha ma hijiex ċara.

Il-Kummissjoni tqis li, għall-parti li ġiet aċċettata, din ir-rakkomandazzjoni hija implimentata bl-istruzzjonijiet dettaljati miżjuda fl-anness tan-nota ta' orjentazzjoni għall-AMPR mis-CMB u bil-pubblikazzjoni tal-AMPR tal-2021 fis-7 ta' Ġunju 2022.

RISPOSTI TAL-FRONTEX GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 12: SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET LI SARU FIR-RAPPORTI SPEĊJALI TAGĦNA MILL-2021

Anness 12.2. L-Aġenzija tilqa' l-eżitu pożittiv tas-segwitu tal-SR 8/2021 bi 13 (72 %) rakkomandazzjonijiet implimentati bis-sħiħ u 2 (11 %) oħra implimentati f'xi aspetti. L-Aġenzija tixtieq tenfasizza li fil-każ tal-approċċ reġjonali lejn il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà (3(b)(ii)) u l-organizzazzjoni ta' eżerċizzji ta' rispons rapidu (4(a)), lanqas mhi meħtieġa mir-Regolament (UE) 2019/1896 attwalment applikabbli. Madankollu, l-Aġenzija wettqet intervent rapidu fil-fruntiera, organizzat u pparteċipat fi provi oħra u riallokazzjonijiet ta' malajr bl-effetti simili meħtieġa.

RISPOSTI TAL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI FL-INFURZAR TAL-LIĠI (EUROPOL) GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI KAPITOLU 12: SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET LI SARU FIR-RAPPORTI SPEĊJALI TAGĦNA MILL-2021

Rakkomandazzjoni 3b:

Fil-livell tal-UE ma hemm l-ebda qafas ta' rappurtar biex jinqabdu l-aspetti statistiċi speċifiċi tal-ħasil tal-flus u l-frodi tad-dokumenti relatati mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

L-investigazzjonijiet dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti jqisu kif xieraq l-aspetti tal-ħasil tal-flus u l-frodi tad-dokumenti, li s-SOCTA 2025[1] tidentifika bħala faċilitaturi ewlenin għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Fost ħafna oħrajn, l-eżempju tal-istqarrija għall-istampa tal-Europol[2] dwar 18-il arrest f'Task Force Operazzjonali (OTF) appoġġata mill-Europol fil-Bulgarija jenfasizza l-fokus investigattiv fuq l-użu ta' dokumenti foloz u sistemi finanzjarji paralleli minn kriminali organizzati involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

[1] https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/EU-SOCTA-2025.pdf
[2] https://www.europol.europa.eu/media-press/newsroom/news/bulgarian-authorities-arrest-18-for-smuggling-migrants-across-its-southern-border

Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2024

Werrej

Paġna

Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2024 550

Risposti tal-Kummissjoni Ewropea 588

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	**01 - 06**
Deskrizzjoni qasira	02 - 06
Implimentazzjoni finanzjarja tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ	**07 - 09**
Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-9, l-10 u l-11-il FEŻ — Rapport tal-awditur indipendenti	**I. - 34**
Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	10 - 14
Ambitu u approċċ tal-awditjar	10 - 14
Affidabbiltà tal-kontijiet	15 - 18
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	19 - 34
Valutazzjoni tal-kisbiet tal-proġetti matul iż-żjarat tal-awditjar li wettaqna	**35 - 37**
Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet	**38 - 41**
Konklużjoni	38 - 39
Rakkomandazzjonijiet	40 - 41
Annessi	
Anness I – Pagamenti taħt il-FEŻ lill-pajjiżi *benefiċjarji* prinċipali: l-Afrika, il-Paċifiku u l-Karibew	
Anness II – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet	

Introduzzjoni

01 Dan ir-rapport annwali jippreżenta s-sejbiet tagħna dwar id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ). Il-***Figura 1*** tagħti stampa ġenerali tal-infiq mill-FEŻ u l-popolazzjoni li awditjajna f'dan il-qasam fl-2024. Il-popolazzjoni li awditjajna għall-2024 (EUR 2 864 miljun) kienet tirrappreżenta aktar mid-doppju tal-ammont tal-pagamenti li saru matul is-sena (EUR 1 345 miljun), prinċipalment minħabba l-ammonti ta' prefinanzjament approvati.

Figura 1 – Il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp: stampa ġenerali finanzjarja għall-2024

(miljun EUR)



(*) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-*tranżazzjonijiet* ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu ***19***).

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet annwali tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għall-2024.

Deskrizzjoni qasira

02 Imnedija fl-1959, il-FEŻ kienu l-istrumenti prinċipali li permezz tagħhom l-Unjoni Ewropea (UE) iffinanzjat il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-pajjiżi Afrikani, mal-pajjiżi tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u mal-*pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej (PTEE)* sa tmiem l-2020. L-objettiv primarju tal-FEŻ huwa li jnaqqsu u eventwalment jeqirdu l-faqar, f'konformità mal-objettiv primarju tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-11-il FEŻ (li huwa wkoll l-aħħar wieħed) ikopri l-*qafas finanzjarju pluriennali (QFP)* 2014–2020.

03 Għall-QFP 2021–2027, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-pajjiżi AKP ġiet inkorporata fl-*Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali*, bħala parti mill-baġit ġenerali tal-UE, u l-kooperazzjoni mal-PTEE ġiet inkorporata fid-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Ekstra-Ewropea, inkluża Greenland. Madankollu, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ ma ġewx inkorporati fil-baġit ġenerali tal-UE u qed ikomplu jiġu implimentati u rrappurtati separatament sal-*għeluq* tagħhom.

04 Il-FEŻ huma implimentati f'ambjenti ġeopolitiċi u organizzattivi diffikultużi. L-attivitajiet tagħhom ikopru diversi reġjuni b'oqfsa legali u istituzzjonali li jvarjaw, u b'hekk hija meħtieġa l-kapaċità ta' adattament għal kundizzjonijiet regolatorji u operazzjonali differenti. Dawn huma partikolari fis-sens li:

(a) jiġu ffinanzjati direttament mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tar-Renju Unit abbażi ta' kwoti, jew "koeffiċjenti tal-kontribuzzjoni";

(b) huma mmaniġġjati mill-Kummissjoni, barra mill-qafas tal-baġit ġenerali tal-UE, u mill-Bank Ewropew tal-Investiment;

(c) minħabba n-natura intergovernattiva tal-FEŻ, il-Parlament Ewropew jeżerċita rwol aktar limitat fil-funzjonament tagħhom milli jeżerċita għall-istrumenti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE; b'mod partikolari, huwa mhuwiex involut fl-istabbiliment u fl-allokazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ. Madankollu, il-Parlament Ewropew huwa l-awtorità ta' *kwittanza*, minbarra għall-Faċilità ta' Investiment, li hija mmaniġġjata mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Ftehim tripartitiku konkluż fl-2012 bejn il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Kummissjoni u l-QEA[1] jistabbilixxi r-regoli għall-aċċess li għandna għal informazzjoni miżmuma mill-Bank Ewropew tal-Investiment dwar dawn l-operazzjonijiet; u

(d) il-prinċipju tal-*annwalità* ma japplikax għall-FEŻ: ftehimiet relatati mal-FEŻ normalment kienu jiġu konklużi għal perjodu ta' *impenn* ta' minn 5 sa 7 snin, u l-pagamenti jistgħu jsiru fuq temp ta' żmien li jkun ħafna itwal billi l-ftehim intern li jistabbilixxi l-11-il FEŻ[2] se jibqa' fis-seħħ sakemm ikun meħtieġ sabiex l-operazzjonijiet kollha jiġu implimentati bis-sħiħ.

05 Il-FEŻ huma mmaniġġjati kważi għalkollox mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Sħubijiet Internazzjonali (id-DĠ INTPA). Proporzjon żgħir (5 %) tal-pagamenti li saru fl-2024 taħt il-FEŻ kien immaniġġjat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (id-DĠ NEAR). Mill-1 ta' Frar 2025, id-DĠ NEAR inqasam f'żewġ DĠ separati: id-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir u għall-Viċinat tal-Lvant (id-DĠ ENEST) u d-Direttorat Ġenerali għal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf (id-DĠ MENA).

06 In-nefqa koperta f'dan ir-rapport tirrigwarda l-appoġġ li jitwassal f'76 pajjiż (ara l-***Anness I*** għall-pajjiżi *benefiċjarji* prinċipali) bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' metodi bħal kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi, *għotjiet*, *appoġġ baġitarju, stimi tal-programmi*, u *ftehimiet ta' delega* konklużi ma' entitajiet *ivvalutati skont il-pilastru* (bħal organizzazzjonijiet internazzjonali).

[1] Skont l-Artikolu 134 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ.

[2] L-Artikolu 14(3) tal-ftehim intern li jistabbilixxi l-11-il FEŻ.

Implimentazzjoni finanzjarja tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ

07 Il-bagit tad-9 FEŻ (2000–2007) kien ta' EUR 13.8-il biljun, u dak tal-10 FEŻ (2008–2013) kien ta' EUR 22.7 biljun. Il-ftehim intern li jistabbilixxi l-11-il FEŻ (2014–2020) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2015. Il-11-il FEŻ jipprovdi EUR 30.5 biljun, li minnhom EUR 29.1 biljun ġew allokati lill-pajjiżi AKP u EUR 0.4 biljun lill-PTEE, u EUR 1 000 000 000 ġew allokati għall-kostijiet amministrattivi.

08 Ir-riżorsi (jiġifieri l-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE u mir-Renju Unit) u l-pagamenti taħt il-FEŻ komplew jonqsu mill-2019 u l-2020 rispettivament, u ma sar l-ebda impenn ġdid mill-2023 'il hawn. Il-pagamenti huma mistennija li jkomplu jonqsu, għal ammont baxx ta' EUR 0.75 biljun fl-2026 (ara l-***Figura 2***).

Figura 2 — Xejra fl-impenji, fil-pagamenti u fir-riżorsi tal-FEŻ (jiġifieri kontribuzzjonijiet), inklużi t-tbassir tal-2025 u dak tal-2026



(*) L-impenji eċċezzjonali huma:
(1) ir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-9, l-10 u l-11-il FEŻ
(2) l-użu mill-ġdid tar-riżerva tal-10 u l-11-il FEŻ skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2022/1223

Sors: il-QEA, abbażi tar-rapporti annwali tal-QEA għall-perjodu 2019–2023, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1223 u COM(2024) 432 final.

09 Il-***Figura 3*** turi l-użu tar-riżorsi tal-FEŻ kemm fl-2024 kif ukoll b'mod kumulattiv għad-9, għall-10 u għall-11-il FEŻ.

Figura 3 — Użu tar-riżorsi tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2024

(miljun EUR)

	Sitwazzjoni fi tmiem l-2023		***Implimentazzjoni bağitarja matul is-sena finanzjarja 2024*** *(impenji netti wara dižimpenji/pagamenti netti wara rkupri)*				***Sitwazzjoni fi tmiem l-2024***				
	Ammont totali (ittondjat)	Rata ta' implimentazzjoni (% tar-riżorsi)	***Id-9 FEŻ[2]***	***L-10 FEŻ[2]***	***Il-11-il FEŻ[2]***	***Ammont totali (ittondjat)***	***Id-9 FEŻ***	***L-10 FEŻ***	***Il-11-il FEŻ***	***Ammont totali (ittondjat)***	*Rata ta' implimentazzjoni (% tar-riżorsi)*
A — RIŻORSI[1]	**65 990**		***-1***	***-92***	***45***	***-47***	***15 238***	***21 054***	***29 651***	***65 943***	
B — UŻU											
1. Impenji globali (deċiżjonijiet ta' finanzjament)	***65 423***	***99.1 %***	***-1***	***-73***	***-297***	***-371***	***15 238***	***21 005***	***28 809***	***65 053***	**98.7 %**
2. Impenji individwali (kuntratti individwali)	***64 605***	**97.9 %**	***-1***	***-35***	***77***	***41***	***15 237***	***20 964***	***28 444***	***64 646***	**98.0 %**
3. Pagamenti	***59 489***	**90.1 %**	***0***	***163***	***1 182***	***1 345***	***15 221***	***20 640***	***24 973***	***60 834***	**92.3 %**
C — *Impenji pendenti* (B1–B3)	**5 934**	**9.0 %**					***17***	***365***	***3 836***	***4 219***	**6.4 %**
D — Bilanċ disponibbli (A–B1)[3]	**567**	**0.9 %**					***0***	***49***	***842***	***890***	**1.3 %**

[1] Jinkludu allokazzjonijiet inizjali għad-9, għall-10 u għall-11-il FEŻ, kofinanzjament, imgħax, riżorsi varji u trasferimenti minn FEŻ preċedenti.

[2] Ammonti negattivi jikkorrispondu ma' *dižimpenji*.

[3] Il-bilanċ disponibbli jinkludi "*riżerva mhux mobilizzabbli*" (ma tistax tintuża mingħajr deċiżjoni unanima mill-Kunsill).

Sors: il-QEA, abbażi tal-kontijiet annwali tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għall-2024, u informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-Kummissjoni. Iċ-ċifri ppreżentati ma jkoprux il-parti tal-FEŻ li hija mmaniġġjata mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

Id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni pprovduta mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-9, l-10 u l-11-il FEŻ — Rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

I. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet annwali tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ, li jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-*prestazzjoni* finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti, in-noti għar-rapporti finanzjarji, u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2024, li ġew approvati fl-24 ta’ Ġunju 2025;

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi li l-ġestjoni finanzjarja tagħhom taqa’ taħt il-Kummissjoni[3].

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

II. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet annwali tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għas-sena li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2024 jippreżentaw b’mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fil-31 ta’ Diċembru 2024, ir-*riżultati* tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

[3] Skont l-Artikoli 43, 48–50 u 58 tar-*Regolament Finanzjarju* applikabbli għall-11-il FEŻ, din id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni ma tapplikax għar-riżorsi tal-FEŻ li huma mmaniġġjati mill-BEI.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul

III. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Nefqa

Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa

IV. Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjoni deskritta taħt "Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa", in-nefqa aċċettata fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 hija milquta minn livell materjali ta' *żball*.

Bażi għal Opinjoni

V. Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC, u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-istandards u kodiċijiet huma deskritti f'aktar dettall fit-taqsima "Responsabbiltajiet tal-awditur" fir-rapport tagħna. Irrispettajna wkoll ir-rekwiżiti tal-indipendenza u wettaqna l-obbligi etiċi tagħna skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professjonali tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti. Nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna.

Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa

VI. Il-*livell kumplessiv ta' żball stmat* minna għan-nefqa aċċettata fil-kontijiet tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għas sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa ta' 6.5 %. Għalhekk, l-effetti tal-iżbalji li sibna huma kemm materjali kif ukoll pervażivi għan-nefqa aċċettata tas-sena.

Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar

VII. Il-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar huma dawk li, fil-ġudizzju professjonali tagħna, kienu tal-akbar sinifikat fl-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati fil-kuntest tal-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji kollha kemm huma, u waqt li konna qed niffurmaw l-opinjoni tagħna dwarhom, iżda aħna ma nipprovdux opinjoni separata dwar dawn il-kwistjonijiet.

Imposti dovuti

VIII. Ivvalutajna l-imposti dovuti ppreżentati fil-kontijiet, li huma suġġetti għal livell għoli ta' stima. Fi tmiem is-sena 2024, il-Kummissjoni stmat li l-ispejjeż eliġibbli mġarrba, iżda li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati mill-benefiċjarji, ammontaw għal EUR 3 885 miljun (tmiem is-sena 2023: EUR 5 074 miljun).

IX. Eżaminajna l-kalkolu ta' dawn l-istimi tad-dovuti u rrieżaminajna kampjun ta' 30 pagament ta' prefinanzjament individwali u 24 fattura li ġew irreġistrati iżda għadhom ma ġewx ivverifikati, biex nindirizzaw ir-riskju li d-dovuti ġew iddikjarati b'mod skorrett. Ix-xogħol imwettaq ippermettielna naslu għall-konklużjoni li l-imposti dovuti rreġistrati fil-kontijiet finali kienu xierqa.

Responsabbiltajiet tal-maniġment (il-Kummissjoni)

X. F'konformità mal-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u mar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-FEŻ abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment, u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba *frodi* u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-FEŻ.

XI. Fit-tħejjija tal-kontijiet tal-FEŻ, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-FEŻ li jkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga kull kwistjoni rilevanti u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma jkunx biħsiebu jillikwida l-entità jew itemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollu l-ebda alternattiva realistika ħlief li jagħmel dan.

XII. Il-maniġment huwa responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-FEŻ.

Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet tal-FEŻ u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

XIII. L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet tal-FEŻ ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li l-awditu jkun neċessarjament qabad il-każijiet kollha ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw kull deċiżjoni ekonomika li tittieħed fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet tal-FEŻ.

XIV. Għad-dħul, aħna neżaminaw il-kontribuzzjonijiet kollha mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjonijiet tad-dħul.

XV. Għan-nefqa, neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament ladarba n-nefqa tkun ġiet imġġarrba, irreġistrata u aċċettata. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (minbarra pagamenti bil-quddiem) fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati ladarba r-*riċevitur* tal-fondi jkun ipprovda evidenza dwar l-użu xieraq tagħhom u l-istituzzjoni jew il-korp ikunu aċċettaw dik l-evidenza billi japprovaw il-pagament bil-quddiem, u dan għandu mnejn ma jseħħx qabel is-sena sussegwenti.

XVI. Aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

- nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet tal-FEŻ u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-FEŻ, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Aħna nfasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Każijiet ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huma aktar diffiċli biex jinqabdu minn dawk li jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi jaf tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jingħeleb il-kontroll intern. B'konsegwenza ta' dan, hemm riskju akbar li dawn il-każijiet ma jinqabdux.
- Niksbu fehim tal-kontroll intern rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa, iżda mhux bl-iskop li nagħtu opinjoni dwar l-*effettività* tal-kontroll intern.

- nevalwaw l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jintużaw mill-maniġment, kif ukoll ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru minn dawn tal-aħħar.

- nilħqu konklużjoni dwar l-adegwatezza tal-użu mill-maniġment tal-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbażi tal-evidenza għall-awditjar miksuba, dwar jekk tkunx teżisti inċertezza materjali minħabba avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità tal-FEŻ li jkompli bħala negozju avvjat. Jekk nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali bħal din, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet tal-FEŻ jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jaf iwasslu biex il-FEŻ ma jkomplix bħala negozju avvjat.

- Nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet annwali, inklużi d-divulgazzjonijiet kollha, u nivvalutaw jekk il-kontijiet annwali jkunux jirrappreżentaw it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' bażi b'mod ġust.

XVII. Nikkomunikaw mal-maniġment rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ippjanati tal-awditu u dwar sejbiet sinifikanti tal-awditjar, inklużi sejbiet dwar kwalunkwe defiċjenza sinifikanti fil-kontroll intern.

XVIII. Mill-kwistjonijiet li ddiskutejna mal-Kummissjoni, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet tal-FEŻ, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar għall-perjodu attwali. Niddeskrivu dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika jew meta, f'każijiet rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji għall-interess pubbliku.

L-4 ta' Lulju 2025

Tony Murphy
Il-President

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 il-Lussemburgu

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Ambitu u approċċ tal-awditjar

10 L-***Anness 1.1*** tar-Rapport Annwali 2024 tagħna dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jippreżenta l-approċċ u l-metodi tal-awditjar tagħna, li aħna napplikaw ukoll għall-awditjar tal-FEŻ.

11 L-osservazzjonijiet tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ huma bbażati fuq ir-rapporti finanzjarji[4] tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ, li ġew approvati mill-Kummissjoni[5], flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjonijiet tal-uffiċjal tal-kontabbiltà li rċevejna fl-20 ta' Ġunju 2025. Ittestjajna l-ammonti u d-divulgazzjonijiet, u vvalutajna l-prinċipji kontabilistiċi applikati, kif ukoll kwalunkwe stima sinifikanti magħmula mill-Kummissjoni u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

12 Biex nawditjaw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, aħna eżaminajna kampjun ta' 85 tranżazzjoni li kien rappreżentattiv tal-firxa sħiħa tal-infiq mill-FEŻ. Dan kien jinkludi 16-il tranżazzjoni relatati mal-*Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika*, tranżazzjoni waħda relatata mal-*Fond Fiduċjarju Bêkou*, 54 tranżazzjoni li ġew awtorizzati minn 14-il delegazzjoni tal-UE[6], u 14-il tranżazzjoni li ġew approvati mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni. Fejn konna qbadna żbalji fit-tranżazzjonijiet, analizzajna l-kawżi sottostanti biex nidentifikaw id-dgħufijiet potenzjali. Barra minn hekk, għat-tranżazzjonijiet li ġew awditjati fuq il-post, aħna wettaqna valutazzjonijiet tal-prestazzjoni, fejn kien fattibbli u rilevanti.

13 Għall-2024, eżaminajna wkoll dan li ġej:

(a) il-kontribuzzjonijiet kollha tal-Istati Membri;

(b) is-sistemi użati mid-DĠ INTPA u mid-delegazzjonijiet tal-UE għal: (i) verifiki *ex ante* li twettqu mill-persunal tal-Kummissjoni u minn awdituri esterni (ikkuntrattati mill-Kummissjoni jew mill-benefiċjarji) qabel ma saru l-pagamenti, (ii) monitoraġġ u superviżjoni, b'mod partikolari s-segwitu ta' awditi esterni u l-istudju dwar ir-*rata tal-iżball residwu (RER)*;

---

[4] Skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2018/1877 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323.

[5] F'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1877 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323.

[6] Il-Burundi, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Guinea-Bissau, il-Kenja, il-Malawi, il-Mauritania, Mauritius, il-Mozambique, in-Namibja, in-Niġerja, Sierra Leone, it-Togo, l-Uganda, iż-Żambja.

(c) l-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-*rapport annwali tal-attività (RAA)* tad-DĠ INTPA, il-konsistenza tal-metodoloġija biex jiġu stmati l-ammonti f'riskju, il-korrezzjonijiet u l-irkupri futuri, kif ukoll l-inklużjoni tagħhom fir-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni* tal-Kummissjoni; u

(d) is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna.

14 Kif indikat fil-paragrafu ***05***, id-DĠ INTPA jimplimenta l-biċċa l-kbira mill-istrumenti ta' għajnuna esterna ffinanzjati kemm mill-baġit ġenerali tal-UE kif ukoll mill-FEŻ. L-osservazzjonijiet tagħna dwar ir-RAA jirreferu għall-qasam kollu kemm hu ta' responsabbiltà tad-DĠ INTPA, mhux biss il-FEŻ.

Affidabbiltà tal-kontijiet

15 Sibna li l-kontijiet kienu ħielsa minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

16 Fil-31 ta' Diċembru 2024, l-għeluq kontabilistiku sħiħ tad-9 FEŻ (2000–2007) kien għadu ma seħħx — aktar minn 17-il sena wara l-introduzzjoni ta' *klawżola ta' estinzjoni* fl-2007. Dan jiġbed l-attenzjoni għall-kumplessità u d-durata twila ta' xi *programmi* tal-FEŻ. Tmien kuntratti għadhom għaddejjin taħt id-9 FEŻ.

17 Sibna li l-Kummissjoni, meta kkalkulat l-istimi tal-cut-off, ħadet inkunsiderazzjoni b'mod konsistenti l-estensjonijiet tal-perjodi ta' implimentazzjoni tal-kuntratt li seħħew wara li ntemm il-perjodu ta' rappurtar. Dan it-titjib huwa prinċipalment dovut għall-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjoni li saret fir-Rapport Annwali 2023 tagħna.

18 Bħal fi snin preċedenti, sibna li xi pagamenti ta' prefinanzjament kienu baqgħu ma ġewx approvati għal massimu ta' 16-il sena, inklużi EUR 446 miljun li kienu baqgħu ma ġewx approvati għal aktar minn 10 snin. Dawn il-pagamenti ta' prefinanzjament huma relatati prinċipalment mal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Infrastruttura fl-Afrika (EU-AITF). Minħabba n-natura fit-tul tal-operazzjonijiet appoġġati minn dan il-fond, kull sena tiġi approvata frazzjoni biss tal-prefinanzjament antik tal-AITF, u tali approvazzjoni testendi fuq ħafna snin.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

Dħul

19 It-tranżazzjonijiet relatati mad-dħul ma kienx fihom livell materjali ta' żball.

Nefqa

20 Mill-85 tranżazzjoni li eżaminajna, 34 (40.0 %) kien fihom żbalji. Fuq il-bażi tas-27 żball li kkwantifikajna, nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 6.5 % (ara l-*Figura 4*).

Figura 4 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet



Sors: il-QEA.

21 Il-*Figura 5* tagħti diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat minna għall-2024, skont it-tip ta' żball. It-tipi ta' żball li kkontribwew l-aktar għal-livell ta' żball stmat minna kienu nefqa ineliġibbli, nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn, approvazzjoni eċċessiva ta' prefinanzjamenti, nefqa mhux imġarrba u nuqqas serju ta' konformità mar-regoli dwar l-*akkwist pubbliku*.

Figura 5 — Diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat, skont it-tip ta' żball



Sors: il-QEA.

22 Il-***Kaxxa 1*** tippreżenta eżempji ta' żbalji li kkwantifikajna.

Kaxxa 1

Nefqa ineliġibbli imposta fuq il-proġett

Il-Kummissjoni ffirmat *ftehim ta' kontribuzzjoni* ma' organizzazzjoni internazzjonali biex tappoġġa l-protezzjoni u r-riintegrazzjoni tal-migranti fl-Afrika ta' Fuq. Il-kost totali tal-azzjoni kien ta' EUR 58 miljun, iffinanzjata kompletament mill-UE.

L-organizzazzjoni internazzjonali imponiet kostijiet ta' assistenza għar-riintegrazzjoni għal 4 496 migrant, li b'kollox kienu jammontaw għal EUR 7.2 miljun, inkluża *somma f'daqqa* ta' EUR 250 għal kull migrant li mil-Libja jmur lura lejn iċ-Chad. Dan l-ammont intalab biex ikopri l-kostijiet u s-servizzi ta' assistent għar-riintegrazzjoni impjegat mill-uffiċċju tal-organizzazzjoni fiċ-Chad.

Madankollu, din is-somma f'daqqa ma kinitx iddefinita b'mod ċar jew sostanzjata fl-anness tal-ftehim ta' kontribuzzjoni, kif meħtieġ mill-kundizzjonijiet ġenerali. Barra minn hekk, l-użu ta' din il-kategorija ta' kostijiet ma kienx ġie approvat permezz ta' rieżami *ex ante* mill-Kummissjoni u ma kienx speċifikat fil-kundizzjonijiet speċjali tal-kuntratt.

B'riżultat ta' dan, aħna qisna li dawn il-kostijiet kienu ineliġibbli.

Nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn u nefqa mhux imġarrba matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-kuntratt

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' għotja biex lil organizzazzjoni tipprovdilha appoġġ istituzzjonali. Il-valur totali tal-ftehim kien ta' EUR 23 miljun, b'kontribuzzjoni ta' EUR 17-il miljun mogħtija mill-UE.

Awditjajna kostijiet relatati mal-benefiċċji li xi membri tal-persunal kienu rċevew fi tmiem il-kuntratti tagħhom u sibna diversi żbalji.

F'każ wieħed, ma rċevejniex dokumenti essenzjali ta' sostenn, bħal kuntratt ta' impjieg u karta tas-salarju, biex nivverifikaw jekk il-membru tal-persunal kienx intitolat għall-benefiċċji mitluba, li b'kollox kienu jammontaw għal EUR 0.1 miljun. B'riżultat ta' dan, aħna qisna li dawn il-kostijiet kienu ineliġibbli.

Barra minn hekk, għalkemm il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-kuntratt dam minn Jannar sa Diċembru 2021, sibna li xi wħud mill-benefiċċji mitluba, li ammontaw għal EUR 0.7 miljun, kienu relatati ma' membri tal-persunal li l-kuntratti tagħhom kienu diġà ntemmu fl-2020. Dan kien ifisser li l-kostijiet relatati ma' dawn il-benefiċċji kienu ġġarrbu barra mill-perjodu ta' implimentazzjoni tal-kuntratt. Għalhekk, aħna qisna li dawn il-kostijiet kienu ineliġibbli.

Approvazzjoni eċċessiva ta' prefinanzjamenti: nefqa li ġiet aċċettata bħala eliġibbli mingħajr ma ġġarrbet

Awditjajna tranżazzjoni ta' EUR 1.8 miljun taħt ftehim ta' kontribuzzjoni konkluż ma' organizzazzjoni internazzjonali. L-azzjoni ġiet implimentata taħt *ġestjoni indiretta*, b'kontribuzzjoni ta' EUR 3.2 miljun mogħtija mill-UE.

It-tranżazzjoni kienet tikkonċerna l-approvazzjoni ta' prefinanzjament abbażi tar-rapport finanzjarju ppreżentat mill-organizzazzjoni internazzjonali għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2023.

Matul l-awditu li wettaqna sibna li r-rapport finanzjarju kien jinkludi EUR 0.4 miljun li kienu ġew approvati b'mod skorrett, billi l-ammont kien jikkonċerna *approprjazzjonijiet* baġitarji aktar milli nefqa reali. B'riżultat ta' dan, aħna qisna li dan l-ammont kien ineliġibbli.

Nuqqas serju ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku: defiċjenzi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u fil-kriterji għall-aġġudikazzjoni fl-akkwist għal pompi solari

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' għotja ma' organizzazzjoni mhux governattiva (NGO) u s-sħab tagħha għal proġett fl-Afrika tal-Lvant biex jitqawwew il-ktajjen tal-valur tal-produzzjoni tal-ħxejjex u tissaħħaħ l-emanċipazzjoni ekonomika taż-żgħażagħ. Il-proġett ġie stmat li jiswa EUR 0.6 miljun, b'finanzjament mill-UE sa massimu ta' EUR 0.5 miljun.

Bħala parti mill-proġett, il-NGO installat ħames pompi solari f'azjendi agrikoli li jibbenefikaw mill-proġett. Dawn il-pompi ġew akkwistati permezz ta' proċedura nnegozjata. Madankollu, it-talbiet għal kwotazzjoni mibgħuta mill-NGO lil tliet kumpaniji ma kinux jinkludu speċifikazzjonijiet tekniċi jew kriterji ta' evalwazzjoni. Żewġ kumpaniji ppreżentaw offerti, u l-kuntratt ġie aġġudikat lill-kumpanija li ppreżentat l-offerta l-aktar għalja. Ir-raġunijiet imsemmija fir-rapport ta' evalwazzjoni għal din id-deċiżjoni kienu l-prestazzjoni preċedenti tal-kumpanija u l-affidabbiltà perċepita tagħha.

In-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u ta' kriterji ta' evalwazzjoni ddefiniti kien ifisser li l-kompetitur bl-offerta li kienet aktar baxxa ma kellux l-opportunità għal valutazzjoni ġusta. B'riżultat ta' dan, ma kien hemm l-ebda aċċertament li bil-proċedura ta' akkwist żgur jinkiseb l-aħjar valur għall-flus, u aħna qisna li n-nefqa relatata kienet ineliġibbli.

23 Mis-27 tranżazzjoni li kien fihom *żbalji kwantifikabbli*, 8 kienu milquta minn żbalji minħabba li l-benefiċjarji ma ddikjarawx separatament is-somom f'daqqa jew il-kostijiet l-oħra ddikjarati taħt għażliet ta' kostijiet simplifikati (SCOs), iżda pjuttost bħala parti mid-diżaggregazzjoni tal-kostijiet tal-persunal jew tan-nefqa tagħhom. Il-kuntratti ma kinux ċari dwar x'jikkostitwixxi somma f'daqqa. Dan in-nuqqas ta' ċarezza jżid ir-riskju li l-benefiċjarji jirrappurtaw ħażin in-nefqa u jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-Kummissjoni tipprovdi gwida aktar ċara dwar l-użu u d-dikjarazzjoni ta' somom f'daqqa (ara l-***Kaxxa 1***).

24 Sibna li tliet tranżazzjonijiet kienu milquta minn approvazzjoni eċċessiva ta' prefinanzjamenti, u dan ikkontribwixxa 0.9 punt perċentwali għal-livell ta' żball stmat. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni aċċettat rapporti finanzjarji li kienu jinkludu pagamenti bil-quddiem, li ma jikkostitwux kostijiet imġarrba u għalhekk huma ineliġibbli (ara l-eżempju fil-***Kaxxa 1***). Fir-Rapport Annwali 2023 tagħna, aħna rrakkomandajna li l-Kummissjoni timplimenta biżżejjed kontrolli biex timmitiga r-riskju li jiġu approvati ammonti ineliġibbli mħallsa lill-organizzazzjonijiet ivvalutati skont il-pilastru. Il-Kummissjoni qablet li timplimenta r-rakkomandazzjoni sa tmiem l-2025.

25 Mis-36 tranżazzjoni relatati ma' kuntratti taħt ġestjoni indiretta ma' organizzazzjonijiet ivvalutati skont il-pilastru (organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji tal-Istat), 15 kienu milquta minn żbalji kwantifikabbli, li kkontribwew 2.8 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat. Għal kuntratti ta' dan it-tip, il-Kummissjoni taċċetta n-nefqa abbażi ta' rapport finanzjarju u dikjarazzjoni ta' ġestjoni. Din tal-aħħar hija awtodikjarazzjoni mill-organizzazzjoni vvalutata skont il-pilastru, li tiċċertifika li l-informazzjoni finanzjarja mressqa hija ppreżentata kif suppost, kompleta u preċiża, u f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-kuntratt.

26 Bħal fi snin preċedenti, ħabbatna wiċċna ma' dewmien biex nirċievu d-dokumentazzjoni mitluba mingħand xi organizzazzjonijiet internazzjonali u, konsegwentement, biex inwettqu xogħolna. Huma naqqsu l-aċċess tagħna għad-dokumenti sal-livell ta' konsultazzjoni elettronika temporanja biss f'ambjent fejn stajna biss naraw id-dokumenti, mingħajr ma ttrasferewhomlna. Dan fixkel l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-awditu li wettaqna. Dawn id-diffikultajiet baqgħu jippersistu minkejja t-tentattivi tal-Kummissjoni biex issolvihom billi tikkomunika kontinwament mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati. F'rapporti annwali preċedenti[7], irrakkomandajna li l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdulna aċċess għad-dokumenti li neħtieġu biex inwettqu l-kompiti tagħna f'konformità mat-TFUE. Fakkarna wkoll dwar din ir-rakkomandazzjoni fir-Rapport Annwali 2023 tagħna. Il-paragrafu ***8.13*** fil-***Kapitolu 8*** u l-paragrafu ***9.15*** fil-***Kapitolu 9*** tar-Rapport Annwali 2024 tagħna dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE wkoll jiddeskrivu din il-problema.

27 Fi 13-il każ ta' żball kwantifikabbli, il-Kummissjoni kellha biżżejjed informazzjoni biex tipprevieni, jew biex taqbad l-iżball u tikkoreġih, qabel ma taċċetta n-nefqa. Li kieku l-Kummissjoni għamlet użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, il-livell ta' żball stmat kien ikun aktar baxx bi 2.2 punti perċentwali.

28 Sibna wkoll 10 każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-*dispożizzjonijiet* legali u finanzjarji, iżda li ma kellhom l-ebda *impatt* finanzjarju dirett fuq il-baġit tal-UE. Dawn l-iżbalji, li ma kinux kwantifikabbli, kienu relatati ma', pereżempju, nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE dwar il-viżibbiltà (ara l-***Kaxxa 2***).

[7] Ir-Rapporti Annwali 2018 u 2020 dwar il-FEŻ.

Kaxxa 2

Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-viżibbiltà

Awditjajna l-approvazzjoni ta' prefinanzjament li jiswa EUR 38 miljun taħt ftehim ta' kontribuzzjoni ffirmat ma' organizzazzjoni internazzjonali u implimentat taħt ġestjoni indiretta. Il-proġett kellu l-għan li jqawwi s-sistema tas-saħħa b'appoġġ għall-kopertura tas-saħħa universali permezz ta' firxa ta' diversi attivitajiet. Il-kost totali ta' din l-azzjoni kien ta' EUR 215-il miljun, b'kontribuzzjoni ta' EUR 208 miljun (97 %) mogħtija mill-UE.

Il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE huma meħtieġa jippubbliċizzaw b'mod ċar il-fatt li l-UE ffinanzjat l-azzjoni kollha li jkunu qed jimplimentaw, jew parti minnha. Sibna diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-regoli dwar il-viżibbiltà: ma ssemmiet la l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE fix-xogħlijiet tal-arti prodotti għal forum dwar is-saħħa globali, la fuq is-siti elettroniċi uffiċjali ta' avvenimenti ta' kopertura tas-saħħa universali sussidjati, u lanqas fid-dokumenti rigward sottogħotja li l-organizzazzjoni internazzjonali aġġudikat lil entità pubblika f'pajjiż AKP.

29 Matul is-snin, b'mod konsistenti sibna inqas żbalji f'żewġ oqsma ta' nfiq minħabba l-kundizzjonijiet ta' pagament speċifiċi tagħhom. Dawn l-oqsma huma: (i) l-appoġġ baġitarju u (ii) il-proġetti suġġetti għall-"*approċċ nozzjonali*". Fl-2024, aħna awditjajna erba' tranżazzjonijiet ta' "*approċċ nozzjonali*" iżda l-kampjun tagħna ma kien jinkludi l-ebda tranżazzjoni ta' appoġġ baġitarju. Il-paragrafi ***9.20–9.22*** fil-***Kapitolu 9*** tar-Rapport Annwali 2024 tagħna dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE jagħtu aktar dettalji dwar l-appoġġ baġitarju u l-approċċ nozzjonali.

Rieżaminar tar-Rapport Annwali tal-Attività 2024 tad-DĠ INTPA

30 Fir-RAA 2024 tad-DĠ INTPA, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali ma tinkludi l-ebda *riżerva*. Id-DĠ INTPA naqqas sinifikattivament l-ambitu tar-riżervi (jiġifieri s-sehem tan-nefqa koperta minnhom), minn 16 % fl-2017 għal 1 % fl-2018, u mbagħad għal żero mill-2019 'il quddiem. Il-***Figura 6*** turi l-ambitu tar-riżervi li ġew ippreżentati kull sena fir-RAA mill-2011 sal-2024.

Figura 6 — Riżervi fir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ INTPA, 2011–2024



Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* mir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ INTPA, 2011–2024.

31 Id-DĠ INTPA jistma li l-ammont kumplessiv f'riskju fil-waqt tal-pagament huwa ta' EUR 89.7 miljun (1.1 % tan-nefqa fl-2024) u l-ammont kumplessiv f'riskju fil-waqt tal-għeluq huwa ta' EUR 78.6 miljun (0.97 % tan-nefqa fl-2024). Mill-ammont f'riskju fil-waqt tal-pagament, id-DĠ INTPA jistma, abbażi ta' *data* storika medja, li EUR 11.1-il miljun (12.4 %) se jiġu kkoreġuti mill-verifiki tiegħu fi snin sussegwenti (dan l-ammont huwa magħruf bħala l-"*kapaċità korrettiva*"). Minn dan l-ammont stmat, il-Kummissjoni rrappurtat li EUR 5.0 miljun fil-fatt ġew irkuprati fl-2024. Wara li ttestjajna 60.9 % ta' dan l-ammont implimentat (EUR 3.1 miljun), sibna li EUR 0.2 miljun ma kellhomx jiġu rrappurtati bħala kapaċità korrettiva implimentata.

Studju dwar ir-rata tal-iżball residwu 2024

32 Fl-2024, it-13-il studju tad-DĠ INTPA dwar l-RER kien twettaq minn kuntrattur estern. L-iskop tal-istudju huwa li tiġi stmata r-rata ta' dawk l-iżbalji li ma jkunux inqabdu mill-verifiki ta' ġestjoni kollha tad-DĠ INTPA fil-qasam kollu kemm hu ta' responsabbiltà tiegħu, sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar l-effettività ta' dawk il-verifiki. L-istudju huwa element importanti li fuqu hija bbażata d-*dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni* tad-Direttur Ġenerali, u jikkontribwixxi għall-informazzjoni dwar ir-regolarità fuq l-*azzjoni esterna* divulgata fir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni.

33 Ir-rapporti annwali preċedenti tagħna[8] dwar il-FEŻ diġà ddeskrivew il-limitazzjonijiet fl-istudji li jaf ikkontribwew għall-istima insuffiċjenti tal-RER, u fl-2022 irrakkomandajna li tittejjeb il-metodoloġija użata għall-istudju dwar l-RER biex b'hekk l-entrati ta' valur għoli jiġu estrapolati b'mod korrett. L-istudju dwar l-RER huwa bbażat fuq il-metodoloġija u l-manwal tal-RER ipprovduti mid-DĠ INTPA. Għall-istudju dwar l-RER tal-2024, id-DĠ INTPA uża daqs tal-kampjun ta' 401 tranżazzjoni. L-istudju stma li l-RER kumplessiva kienet ta' 0.48 %. Għad-disa' sena konsekuttiva, l-RER kienet taħt is-*soll ta' materjalità* tal-Kummissjoni, li huwa ta' 2 %.

34 Fl-2024, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrevedi l-metodoloġija tal-RER b'effett mill-2025. L-emendi għandhom l-għan, fost l-oħrajn, li jiddefinixxu b'mod aktar ċar it-trattament ta' entrati ta' valur għoli u li jiġi ffissat limitu massimu għall-possibbiltà li jkun hemm dipendenza kompleta fuq ir-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni u x-xogħol ta' awdituri oħra. Madankollu, jeżistu xi nuqqasijiet. Il-metodoloġija riveduta għadha tippermetti li l-iżbalji jiġu kklassifikati bħala "iżolati", u dan ifisser li jistgħu jiġu esklużi mill-estrapolazzjoni fil-kalkolu tar-rata tal-iżball residwu. Bħal fi snin preċedenti, l-awditu se jiffoka biss fuq il-kuntratti magħluqa filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-pagamenti tad-DĠ INTPA huma għall-kuntratti li għadhom għaddejjin. Ix-xogħol ta' tħejjija dwar l-implimentazzjoni ta' din ir-reviżjoni tal-metodoloġija għadha għaddejja u huwa mistenni li s-sena d-dieħla nkunu nistgħu nivverifikaw l-implimentazzjoni korretta tagħha (ara l-***Anness II***).

[8] Ir-Rapporti Annwali 2017, 2018, 2019 u 2020 dwar il-FEŻ.

Valutazzjoni tal-kisbiet tal-proġetti matul iż-żjarat tal-awditjar li wettaqna

35 Bħala parti miż-żjarat tal-awditjar li wettaqna, ivvalutajna wkoll il-ksib tal-proġetti li tlestew jew kważi tlestew. L-għan tagħna kien li nagħmlu osservazzjonijiet dwar aspetti tal-*prestazzjoni* li jmorru lil hinn mir-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Il-valutazzjoni tagħna kienet tinkludi, iżda ma kinitx limitata għal, rieżami tal-indikaturi tal-*output* u tal-eżiti, kif ukoll tar-riżultati tal-proġetti.

36 Ir-riżultati tal-verifiki li wettaqna kienu jvarjaw. F'xi każijiet il-finanzjament kien intuża b'mod effettiv u kkontribwixxa għall-ilħuq tal-objettivi tal-proġetti (ara l-***Kaxxa 3***).

Kaxxa 3

Implimentazzjoni b'suċċess ta' proġett

Il-Kummissjoni ffirmat *ftehim ta' delega* ma' aġenzija tal-Istat għal EUR 8.65 miljun biex ittejjeb it-trasparenza u l-effettività fil-ġestjoni tar-riżorsi pubbliċi f'pajjiż fin-Nofsinhar tal-Afrika u biex tappoġġa l-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku. Evalwazzjoni esterna kklassifikat il-proġett bħala "ta' suċċess kbir". L-awditu li wettaqna kkonferma li l-proġett kien ikkontribwixxa b'suċċess għat-tqawwija tal-ippjanar tal-baġit u l-ġestjoni tal-investiment. Kisbiet notevoli jinkludu l-introduzzjoni ta' bbaġitjar ibbażat fuq l-output, appoġġ għal bażi ta' *data* tal-investiment pubbliku, u l-pilotaġġ ta' uffiċċji mobbli biex tissaħħaħ il-ħidma tal-awtorità tat-taxxa nazzjonali ħalli jintlaħqu n-nies f'żoni remoti.

37 Madankollu, bħal fi snin preċedenti[9], identifikajna wkoll każijiet li fihom il-proġetti tal-UE ma rnexxilhomx jilħqu l-objettivi kollha tagħhom (ara l-***Kaxxa 4***). B'mod partikolari, l-infrastruttura mibnija taħt il-proġetti mhux dejjem saritilha manutenzjoni wara li tlestew il-proġetti, u dan qajjem tħassib serju dwar id-durabbiltà tagħhom. Il-Kummissjoni ma vvalutatx b'mod sistematiku l-istat tal-infrastruttura tal-proġetti qabel ma għamlet il-pagamenti finali; lanqas ma wettqet segwitu biex tara li din l-infrastruttura żgur tibqa' tintuża.

[9] Ir-Rapporti Annwali 2022 u 2023 dwar il-FEŻ.

Kaxxa 4

Proġetti li ma rnexxilhomx jilħqu l-objettivi kollha tagħhom

(a) **Serer imġarrfa u azjendi agrikoli abbandunati**

Awditjajna proġett ta' EUR 600 000 għall-promozzjoni tal-impjieg taż-żgħażagħ permezz tal-biedja sostenibbli fis-serer f'pajjiż fl-Afrika tal-Punent. L-inizjattiva kienet tinkludi l-kostruzzjoni ta' serer, sistemi ta' tisqija u faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal biex jingħata appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ. Madankollu, il-biċċa l-kbira mis-serer li rajna matul iż-żjarat li wettaqna fuq il-post kienu ġġarrfu ftit wara li suppost kellhom jitlestew minħabba strutturi dgħajfa u esponiment għal kundizzjonijiet estremi tat-temp. F'xi postijiet, is-sistemi ta' tisqija ma kinux qed jaħdmu minħabba li l-pompi solari kienu bil-ħsara, u b'hekk l-għelejjel tħallew jinxfu. Il-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal u dawk tas-separazzjoni tal-għelejjel ukoll jew saritilhom ħsara kbira jew inkella ġew abbandunati.

Stampa 1 — Serer imġarrfa u fi stat ħażin

Sors: il-QEA, verifika fuq il-post.

(b) **Iċ-ċentru għall-ikkunzar qatt ma ntuża u l-faċilitajiet fis-suq tal-pollam tħallew vojta**

Awditjajna proġett biex tiġi appoġġata l-kompetittività ekonomika f'pajjiż fil-Majjistral tal-Afrika. Il-proġett kien jinkludi l-bini ta' infrastruttura li b'kollox tiswa EUR 4 miljun. Żorna ċentru għall-ikkunzar u suq tal-pollam. Iż-żjara żvelat li ċ-ċentru għall-ikkunzar qatt ma kien intuża minħabba li ma kienx jissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti intenzjonati tiegħu billi l-baċiri ma kinux impermeabbli.

Bl-istess mod, il-faċilitajiet fis-suq tal-pollam baqgħu vojta xhur wara li tlesta. Huwa ma kellux ir-riżorsi meħtieġa għall-operat ta' kuljum: ma kellu l-ebda elettriku billi l-awtoritajiet lokali ma baqgħux iħallsu l-kostijiet tal-utilitajiet ladarba ntemm l-appoġġ mill-UE. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet amministrattivi meħtieġa dwar l-allokazzjoni tal-ispazju għall-bejgħ tal-pollam kienu għadhom pendenti fil-livell muniċipali.

Stampa 2 — Ċentru għall-ikkunzar li qatt ma ntuża

Sors: il-QEA, verifika fuq il-post.

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Konklużjoni

38 L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-kontijiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u l-bidliet fl-assi netti għal dik is-sena, skont ir-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

39 L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li, għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024:

(a) id-dħul tal-FEŻ ma kienx milqut minn livell materjali ta' żball;

(b) it-tranżazzjonijiet ta' pagamenti mill-FEŻ kienu milquta minn livell materjali ta' żball (ara l-paragrafi ***20***-***27***). Nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 6.5 %, abbażi tal-ittestjar li wettaqna fir-rigward tat-tranżazzjonijiet.

Rakkomandazzjonijiet

40 L-***Anness II*** juri s-sejbiet tas-segwitu li wettaqna tar-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-rapporti annwali preċedenti tagħna. Aħna għadna nqisu li r-Rakkomandazzjoni 1 mir-Rapport Annwali 2020 tagħna, dwar l-aċċess komplet u f'waqtu għad-dokumenti pprovduti minn organizzazzjonijiet internazzjonali, ġiet implimentata f'xi wħud mill-aspetti biss. Irrieżaminajna żewġ rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Annwali 2021 tagħna. Il-Kummissjoni kienet implimentat iż-żewġ rakkomandazzjonijiet fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

41 Irrieżaminajna wkoll sitt rakkomandazzjonijiet mir-Rapport Annwali 2022 tagħna dwar il-FEŻ u rakkomandazzjoni waħda mir-Rapport Annwali 2023 dwar il-FEŻ li kienet tirrikjedi azzjoni immedjata. Il-Kummissjoni kienet implimentat bis-sħiħ żewġ rakkomandazzjonijiet mill-2022, tlieta fil-biċċa l-kbira mill-aspetti u waħda f'xi wħud mill-aspetti, u implimentat bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni waħda mill-2023 (ara l-***Anness II***). Abbażi tar-rieżaminar u tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna għall-2024, aħna nagħmlu lill-Kummissjoni r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

Rakkomandazzjoni 1 — Tara li żgur ikun hemm konformità mar-regoli dwar il-viżibbiltà

Issaħħaħ il-kontrolli biex tara li l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-kuntratti, kif ukoll is-sħab ta' implimentazzjoni tagħhom stess, żgur jikkonformaw mar-regoli dwar il-viżibbiltà. Dan jista' jinkludi l-ħtieġa ta' evidenza ta' tali konformità qabel ma jiġi approvat l-ammont ta' prefinanzjament finali jew qabel ma jsir il-pagament finali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2027.

Rakkomandazzjoni 2 — Issaħħaħ il-verifiki relatati ma' somom f'daqqa jew kostijiet oħra ddikjarati taħt għażliet ta' kostijiet simplifikati

Biex jitnaqqas ir-riskju li l-benefiċjarji jitolbu b'mod skorrett somom f'daqqa jew kostijiet oħra ddikjarati taħt l-SCOs, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tipprovdilhom aktar gwida u tiċċara x'jikkostitwixxi somma f'daqqa; u

(b) tara, fir-rigward tal-kostijiet iddikjarati taħt l-SCOs, li l-metodoloġija ta' bażi żgur tkun saritilha valutazzjoni *ex ante* pożittiva f'konformità mal-proċeduri tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li tivverifika b'mod sistematiku li, meta jintalbu, tali kostijiet ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti kuntrattwali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026.

Rakkomandazzjoni 3 — Tieħu pass biex iżżid id-durabbiltà tal-proġetti

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu passi biex iżżid id-durabbiltà tal-proġetti biex b'hekk kwalunkwe infrastruttura mibnija taħt il-proġetti tiġi ppreservata. B'mod partikolari, jenħtieġ li:

(a) tikkollabora aħjar mal-awtoritajiet nazzjonali biex il-proġetti ta' infrastruttura jkollhom biżżejjed riżorsi għall-operazzjonijiet u l-manutenzjoni ta' kuljum, u biex ir-riċevituri finali jkollhom taħriġ u għarfien espert adegwati;

(b) issaħħaħ il-verifiki, pereżempju permezz ta' żjarat fuq il-post, relatati mal-użu reali ta' tali infrastruttura; u

(c) tieħu inkunsiderazzjoni s-sejbiet ta' dawn il-verifiki f'deċiżjonijiet jew fi strumenti ta' finanzjament futuri simili u tapplika t-tagħlimiet meħuda.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026.

Annessi

Anness I – Pagamenti taħt il-FEŻ lill-pajjiżi *benefiċjarji* prinċipali: l-Afrika, il-Paċifiku u l-Karibew

Pagamenti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-2024 — l-Afrika

Pagamenti mill-Fond Ewropej għall-Iżvilupp — l-Afrika



Sors: sfond tal-mappa © Mapbox u © OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

L-ewwel 10 — Pajjiżi benefiċjarji fi snin preċedenti (f'miljun EUR)

2019		*2020*		*2021*		*2022*		*2023*	
In-Niġerja	119	Is-Senegal	141	Is-Somalja	219	Il-Mozambique	104	Il-Mozambique	80
Il-Mali	103	Il-Burkina Faso	141	Il-Kongo (Kinshasa)	109	Is-Sudan	100	Madagascar	73
Il-Burkina Faso	94	Il-Benin	116	It-Tanzanija	101	L-Uganda	60	It-Tanzanija	67
L-Etjopja	91	Il-Mozambique	114	L-Uganda	84	Il-Kongo (Kinshasa)	57	Il-Kongo (Kinshasa)	57
Il-Kongo (Brazzaville)	91	In-Niġerja	104	In-Niġer	81	Iż-Żambja	56	Il-Kenja	57
In-Niġerja	91	In-Niġer	104	Il-Malawi	79	Il-Malawi	51	Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana	55
Il-Malawi	87	Il-Ghana	100	Il-Mozambique	74	Iċ-Chad	48	Iż-Żambja	55
It-Tanzanija	71	Iċ-Chad	95	Is-Sudan	70	It-Tanzanija	48	In-Niġer	53
L-Uganda	64	Il-Kongo (Kinshasa)	93	In-Niġerja	66	Il-Burundi	48	L-Uganda	43
Ir-Rwanda	60	L-Uganda	90	Il-Kenja	65	Il-Kenja	48	L-Eritrea	40

Pagamenti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-2024 — il-Paċifiku



Sors: sfond tal-mappa © Mapbox u © OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

L-ewwel 5 pajjiżi benefiċjarji fi snin preċedenti (f'miljun EUR)

2019		*2020*		*2021*		*2022*		*2023*	
Papua New Guinea	14	Timor Leste	19	Papua New Guinea	29	Papua New Guinea	23	Papua New Guinea	24
New Caledonia	13	Vanuatu	12	Timor Leste	9	Timor Leste	11	Timor Leste	7
Il-Polineżja Franċiża	11	Fiġi	11	Vanuatu	6	Fiġi	5	Fiġi	7
Timor Leste	7	Papua New Guinea	10	Fiġi	5	Vanuatu	4	Vanuatu	5
Il-Gżejjer Solomon	4	Il-Gżejjer Solomon	8	Il-Gżejjer Marshall	3	Kiribati	4	Kiribati	3

Pagamenti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-2024 — il-Karibew



Sors: sfond tal-mappa © Mapbox u © OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

L-ewwel 5 pajjiżi benefiċjarji fi snin preċedenti (f'miljun EUR)

2019		*2020*		*2021*		*2022*		*2023*	
Il-Haiti	35	Il-Haiti	76	Il-Haiti	47	Il-Haiti	18	Il-Haiti	19
Ir-Repubblika Dominicana	19	Il-Ġamajka	23	Il-Ġamajka	11	Il-Ġamajka	7	Is-Suriname	6
Il-Ġamajka	10	Ir-Repubblika Dominicana	15	Il-Guyana	8	Ir-Repubblika Dominicana	6	Il-Belize	4
Dominica	9	Il-Guyana	10	Il-Belize	7	Il-Belize	3	Ir-Repubblika Dominicana	4
Curaçao	7	Is-Suriname	3	Ir-Repubblika Dominicana	6	Dominica	3	Il-Ġamajka	3

Anness II – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet

Livell ta' implimentazzjoni: bis-sħiħ; fil-biċċa l-kbira mill-aspetti; f'xi wħud mill-aspetti; mhux implimentata; ma tistax tinsilet konklużjoni jew ma għadhiex rilevanti.

Livell ta' aċċettazzjoni: aċċettata; parzjalment aċċettata; mhux aċċettata; l-ebda informazzjoni.

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2020	**Rakkomandazzjoni 1:** Tieħu passi sabiex l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu lill-QEA aċċess komplet, illimitat u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa biex twettaq ix-xogħol tagħha f'konformità mat-TFUE, u mhux biss f'format li jinqara. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021.			Il-Kummissjoni żiedet il-komunikazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rigward l-aċċess li għandna għad-dokumenti. Xi organizzazzjonijiet internazzjonali jkomplu jipprovdu aċċess għad-dokumentazzjoni ta' sostenn li jkun biss f'format li jinqara (ara l-paragrafu *26*).

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
2021	**Rakkomandazzjoni 1:** Issaħħaħ il-kontrolli interni biex żgur l-ebda kuntratt ma jiġi ffirmat mingħajr l-eżistenza ta' bażi legali valida. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2023.	✓		Il-Kummissjoni armonizzat u ssimplifikat il-proċeduri u l-kundizzjonijiet kuntrattwali permezz tal-adozzjoni tal-"mudell ta' ftehim ta' għotja" u permezz tal-onboarding fl-*eGrants*. Dawn il-passi bħalissa qed jiġu ffinalizzati. Barra minn hekk, il-listi ta' kontroll rilevanti ġew imsaħħa biex żgur l-ebda kuntratt ma jiġi ffirmat mingħajr l-eżistenza ta' bażi legali valida. Il-persunal tal-kwartieri ġenerali u tad-Delegazzjoni ġie infurmat b'dawn il-bidliet permezz tan-nota li ntbagħtet f'Diċembru 2023.
	Rakkomandazzjoni 2: Tieħu miżuri xierqa bl-għan li tara li kwalunkwe impenn jew pagament bil-quddiem mitlub bħala kostijiet imġarrba mill-benefiċjarji fir-rapporti finanzjarji tagħhom żgur jitnaqqsu qabel ma jsiru l-pagamenti jew l-approvazzjonijiet. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2023.	✓		Il-Kummissjoni ħadet miżuri bħall-ħruġ ta' linji gwida, l-introduzzjoni ta' lista ta' kontroll addizzjonali u l-involviment fis-sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari fil-laqgħa tal-2024 tal-Grupp Tekniku Konġunt ta' Referenza KE-NU.
2022	**Rakkomandazzjoni 1:** Tivverifika li l-bilanċi kontabilistiċi kollha għall-FEŻ magħluqa jiġu approvati u li l-informazzjoni fil-kontijiet annwali tiġi aġġornata b'mod f'waqtu. Data mmirata għall-implimentazzjoni: fil-ħin għat-tħejjija tal-kontijiet għall-2023.	✓		

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Rakkomandazzjoni 2: Tivverifika li l-prefinanzjament u l-fatturi jiġu approvati b'mod f'waqtu. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.	✓		Fl-2024, id-DĠ INTPA wettaq analiżi tar-riskju dwar ir-riskji baġitarji u ħareġ struzzjonijiet bl-għan li jitnaqqas aktar l-ammont ta' prefinanzjament antik li għadu ma ġiex approvat.
	Rakkomandazzjoni 3: Tieħu miżuri xierqa biex jittejbu s-sistemi ta' kontroll tad-delegazzjonijiet tal-UE ħalli l-ammonti li jkunu għadhom ma ntefqux, iżda li jkunu ntalbu bħala kostijiet imġarrba, jiġu identifikati qabel ma jsiru l-pagamenti jew tiġi approvata n-nefqa. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.	✓		Il-Kummissjoni bħalissa qed tirrevedi l-istrateġija ta' kontroll tagħha. Fost l-eżiti mistennija hemm gwida mtejba dwar ir-rappurtar finanzjarju, iżda wkoll kontrolli *ex ante* mtejba, sabiex jiġu evitati aħjar l-iżbalji (inkluża l-approvazzjoni eċċessiva).
	Rakkomandazzjoni 4: Lill-benefiċjarji tal-proġetti tal-UE ttennilhom li jeħtiġilhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet kuntrattwali relatati mal-eliġibbiltà tal-VAT, u jwettqu l-verifiki meħtieġa biex jaraw li l-VAT deduċibbli żgur ma tiġix imposta fuq il-proġetti. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.	✓		

Sena	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Livell ta' aċċettazzjoni	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
	Rakkomandazzjoni 5: Tqis l-informazzjoni teknika u finanzjarja kollha disponibbli biex jiġu impediti, jew identifikati, u jiġu kkoreġuti l-iżbalji qabel ma tiġi aċċettata n-nefqa. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.			Il-Kummissjoni qed tirrevedi l-istrateġija ta' kontroll tagħha u, bl-appoġġ ta' kumpanija ta' konsulenza, nediet studju fl-2024 biex tinvestiga l-*effiċjenza* u l-effettività tal-kontrolli attwali u modi kif dawn jistgħu jittejbu. Il-konklużjonijiet huma mistennija li jaslu fl-2025.
	Rakkomandazzjoni 6: Ittejjeb il-metodoloġija użata għall-istudju dwar l-RER biex b'hekk l-entrati ta' valur għoli jiġu estrapolati b'mod korrett, u jiġi vverifikat li l-kuntrattur japplikaha kif suppost. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.			Il-Kummissjoni ma aċċettatx din ir-rakkomandazzjoni. Madankollu, f'Mejju 2024, wara rieżami tal-istrateġija ta' kontroll tad-DĠ INTPA, il-metodoloġija tal-RER ġiet ivvalutata mill-ġdid u l-metodoloġija għall-estrapolazzjoni ta' entrati ta' valur għoli ġiet iċċarata. Jenħtieġ li din il-metodoloġija l-ġdida tal-RER tidħol fis-seħħ fl-2025. Ix-xogħol ta' tħejjija fuq l-implimentazzjoni tagħha għadu għaddej u huwa mistenni li nkunu nistgħu nivvalutaw l-applikazzjoni korretta tagħha minn dik is-sena 'l quddiem (ara l-paragrafu ***34***).
2023	**Rakkomandazzjoni 1:** Meta tikkalkula l-istimi tal-cut-off matul it-tħejjija tal-kontijiet proviżorji, tieħu inkunsiderazzjoni l-bidliet fil-kuntratti li jkunu seħħew wara t-tmiem tal-perjodu ta' rappurtar. Data mmirata għall-implimentazzjoni: mill-kontijiet tal-2024 'il quddiem			

Risposti tal-Kummissjoni Ewropea għar-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2024

IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2024 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI: RAPPORT DWAR L-ATTIVITAJIET TAD-9, L-10 U L-11-IL FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP GĦAS-SENA FINANZJARJA 2024

I. IT-TWEĠIBIET FIL-QOSOR TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tinsab sodisfatta bir-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, tieħu nota tas-sejbiet u hija impenjata li timplimenta l-azzjonijiet ta' rimedju xierqa fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni tinnota b'sodisfazzjon it-tnaqqis tar-rata ta' żball - irrappurtat mill-Qorti għal 6.5 % din is-sena, meta mqabbel ma' 8.9 % u 7.1 % (fl-2023 u l-2022 rispettivament). Il-Kummissjoni qed iżżid l-isforzi tagħha biex tkompli tnaqqas ir-rata ta' żball fil-futur. Il-Kummissjoni tieħu nota tal-eżempju ta' kisba b'suċċess ta' proġett u tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-UE. Il-Kummissjoni hija impenjata li tieħu azzjonijiet ta' rimedju f'każijiet fejn is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-implimentazzjoni tal-FEŻ isseħħ f'ambjenti riskjużi, kumplessi u li qed jevolvu dejjem aktar malajr. Hija kkaratterizzata mid-diversità:

- f'termini ta' dispersjoni ġeografika, li tkopri bosta Delegazzjonijiet tal-UE (DUE) differenti fid-dinja;
- f'termini ta' entitajiet ta' implimentazzjoni u pajjiżi sħab bil-kapaċitajiet differenti tagħhom ta' ġestjoni u kontroll, li jvarjaw minn NGOs lokali żgħar għal Organizzazzjonijiet Internazzjonali; u
- f'termini ta' metodi ta' twassil tal-assistenza, inklużi proġetti tradizzjonali, appoġġ baġitarju, programmi ta' appoġġ għall-politika settorjali, kontribuzzjonijiet għal strumenti globali, taħlit, garanziji baġitarji, u modalitajiet oħra ta' implimentazzjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tiffaċċja sfidi biex tassenja persunal lil delegazzjonijiet li jinsabu f'pajjiżi li jinsabu f'diffikultà, kif ukoll nuqqas ta' professjonisti speċjalizzati kemm fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (DUE) kif ukoll fil-kwartieri ġenerali (HQ). Il-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u effiċjenti tal-FEŻ skont il-qafas legali u finanzjarju eżistenti. Il-Kummissjoni tkompli tadatta u tirfina l-proċeduri tagħha biex tkompli tnaqqas ir-riskju ta' żbalji, filwaqt li fost l-oħrajn tqis ir-riżultati tad-dikjarazzjoni tal-QEA dwar l-aċċertament. B'mod partikolari, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA) qed jadatta l-istrateġija ta' kontroll ġenerali tiegħu sabiex jindirizza l-kawżi ewlenin tal-iżbalji u jwieġeb għar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA.

Ir-rata ta' żball annwali tal-QEA tkejjel, fost l-oħrajn, żbalji f'kuntratti li xorta jistgħu jkunu soġġetti għal kontrolli u korrezzjonijiet mill-Kummissjoni fi snin kontabilistiċi sussegwenti. Permezz tal-istudju dwar ir-Rata ta' Żball Residwu (RER), il-Kummissjoni tistma livell ta' żball ibbażat fuq kampjun rappreżentattiv ta' kuntratti magħluqa – sa dak iż-żmien, ħafna kwistjonijiet se jkunu ġew solvuti. Għalhekk, ir-rata ta' żball tal-QEA u r-rata tal-iżball residwu tal-Kummissjoni għan-nefqa tal-FEŻ fl-2024 mhumiex direttament komparabbli.

II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA

1. Affidabbiltà tal-kontijiet

Il-Kummissjoni tinnota li mit-total ta' EUR 446 miljun f'pagamenti ta' prefinanzjament li jibqgħu mhux ikklerjati għal aktar minn 10 snin, EUR 426 miljun huma relatati ma' żewġ kuntratti taħt il-Fond Fiduċjarju għall-Infrastruttura UE-Afrika (AITF). L-għan ta' dan il-Fond Fiduċjarju huwa li jipprovdi appoġġ finanzjarju b'għotjiet għal proġetti ta' infrastruttura u b'hekk jimmobilizza l-finanzjament fit-tul disponibbli mill-Finanzjaturi tal-Proġetti (istituzzjonijiet finanzjarji speċifiċi li ġew iddeżinjati minn kull donatur tal-Fond Fiduċjarju). Iż-żewġ kuntratti se jintemmu fl-2030 u l-approvazzjoni annwali tal-ammont ta' prefinanzjament antik tal-AITF huwa limitat ħafna u mifrux matul is-snin. Bl-għan li jiġu riflessi aħjar il-kundizzjonijiet tal-kuntratt, l-ammont ta' EUR 392 miljun ġie kklassifikat mill-ġdid bħala prefinanzjament fit-tul. Dawk iż-żewġ każi jirrappreżentaw 96 % tal-prefinanzjament miftuħ totali li ilu aktar minn 10 snin. Barra minn hekk, total ta' 2.8 miljun huma marbuta ma' każ antik ta' litigazzjoni.

Biex tnaqqas il-prefinanzjament miftuħ antik li jifdal, il-Kummissjoni diġà stabbiliet u se tkompli twettaq diversi kontrolli annwali. Barra minn hekk, id-Dashboard tal-Portafoll skjerat mill-Kummissjoni minn Ottubru 2023 se jkompli jappoġġa t-tnaqqis tal-prefinanzjament miftuħ antik tal-FEŻ billi:

- jenfasizza l-isforz li għandu jsir minn kull Delegazzjoni jew unità; u
- jidentifika liema tranżazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bi prijorità.

2. Regolarità tat-tranżazzjonijiet

NEFQA

Il-Kummissjoni taqbel li gwida ulterjuri dwar is-somom f'daqqa tkun ta' benefiċċju (ara r-rakkomandazzjoni 2 (a) tar-rapport tal-QEA). Fl-istess ħin, hija tqis li 4 minn 8 żbalji huma relatati ma' tranżazzjonijiet ġestiti taħt il-mod ta' ġestjoni indiretta b'kuntratti implimentati minn entitajiet ivvalutati skont il-pilastru li jippreżentaw rapport finanzjarju globali li ma jinkludix lista dettaljata tan-nefqa. Għal kuntratti ġestiti taħt modalità ta' ġestjoni indiretta dawn is-somom f'daqqa huma komponent ta' kostijiet oħra (ħafna drabi kostijiet tal-persunal) u mhumiex viżibbli fir-rapport.

Il-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tindirizza l-iżbalji relatati ma' kuntratti ġestiti taħt ġestjoni indiretta ma' organizzazzjonijiet ivvalutati skont il-pilastru (ara § 25) billi tqajjem kuxjenza għall-persunal tagħha fuq bażi regolari permezz ta' noti, bullettini u taħriġ, dwar kif il-qafas kuntrattwali u l-proċeduri rilevanti jiġu implimentati b'mod korrett fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tal-informazzjoni teknika u finanzjarja disponibbli qabel ma tiġi aċċettata n-nefqa.

Il-Kummissjoni saħħet ukoll l-analiżi tagħha ta' sejbiet rikorrenti u sistemiċi sabiex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi l-iżbalji. Din l-analiżi kif ukoll l-aktar żbalji frekwenti huma diskussi ma' organizzazzjonijiet sħab, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti, f'laqgħat annwali tal-gruppi ta' ħidma bħall-Grupp ta' Ħidma tal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA, Financial and Administrative Framework Agreement) bejn l-UE u n-NU.

Il-Kummissjoni tilqa' l-osservazzjoni (ara§26) li hi kienet intensifikat il-komunikazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali biex tqajjem kuxjenza dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-awdituri tal-QEA jiksbu aċċess għad-dokumenti meta jawditjaw proġetti ffinanzjati mill-UE.

Il-Kummissjoni ħadet ħafna passi f'dan ir-rigward: il-Kummissjoni ffaċilitat id-diskussjonijiet bejn l-organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u l-QEA u appoġġat l-inizjattivi kollha biex jinstabu soluzzjonijiet permanenti dwar l-aċċess għad-dokumenti u ż-żamma tagħhom. Il-kwistjoni hija inkluża regolarment fl-aġenda tal-laqgħat mas-sħab, inkluża l-laqgħa formali tal-grupp tal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA) bejn l-UE u n-NU u l-Grupp Konġunt ta' Referenza aktar operattiv li jiddiskuti sistematikament kwistjonijiet ta' awditjar u kontroll.

Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li minkejja l-isforzi kollha, għad hemm xi restrizzjonijiet rigward l-aċċess għad-dokumenti minħabba l-oqfsa legali eżistenti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi appoġġ lill-awdituri u tinvolvi ruħha mal-organizzazzjonijiet sħab biex tiffaċilita l-awditi tal-QEA.

Rieżami tar-Rapport Annwali tal-Attività 2024 tad-DĠ INTPA

Id-DĠ INTPA jsegwi r-regoli u l-linji gwida korporattivi tal-Kummissjoni dwar jekk joħroġx riżerva skont ir-RAA (rapport annwali tal-attività). Fl-2024, ir-rata tal-iżball residwu ikkalkulati mid-DĠ INTPA għadhom taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %.

Studju dwar ir-rata tal-iżball residwu 2024

L-istudju dwar ir-Rata ta' Żball Residwu (RER, Residual Error Rate) huwa element importanti li fuqu hija bbażata d-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ INTPA; madankollu, mhuwiex l-uniku sors ta' assigurazzjoni. Id-DĠ INTPA għandu qafas ta' kontroll intern komprensiv u strateġija ta' kontroll li jkopru ċ-ċiklu sħiħ ta' implimentazzjoni. L-elementi kollha tal-qafas ta' kontroll iservu bħala elementi kostitwenti għall-aċċertament tiegħu li huwa rrappurtat fir-Rapporti Annwali tal-Attività tiegħu. Dan tal-aħħar huwa l-bażi għall-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR, Annual Management and Performance Report).

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-limitazzjonijiet f'termini ta' kontrolli stabbiliti fil-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA) man-Nazzjonijiet Uniti u qed tfittex soluzzjonijiet fattibbli, aċċettabbli għaż-żewġ partijiet. Il-Kummissjoni tkompli taħdem fuq it-titjib tal-metodoloġija tar-RER. Approċċ ġdid li jindirizza l-kummenti magħmula mill-Qorti diġà qed jintuża fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-istudju dwar ir-RER tal-2025.

3. Valutazzjoni tal-kisbiet tal-proġetti matul iż-żjarat tal-awditjar tal-QEA

Il-Kummissjoni taqbel dwar l-importanza li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-proġetti ta' infrastruttura (ara § 37 u l-Kaxxa 4 tar-rapport tal-QEA). Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, il-Kummissjoni tinvolvi sistematikament lill-awtoritajiet nazzjonali (u, fejn xieraq, lokali) mill-bidu nett, tfittex impenji fit-tul, tintegra s-sostenibbiltà fit-tfassil tal-proġetti u tfittex koordinazzjoni u sinerġija ma' sħab oħra b'mod partikolari biex tappoġġa/issaħħaħ l-oqfsa istituzzjonali għall-manutenzjoni.

Madankollu, id-durabbiltà fit-tul tal-proġetti infrastrutturali fl-aħħar mill-aħħar tiddependi fuq strateġiji u politiki nazzjonali, kif ukoll fuq l-impenn kontinwu tal-awtoritajiet nazzjonali biex jallokaw riżorsi finanzjarji u umani adegwati, biex jibnu fuq il-kapaċitajiet tekniċi eżistenti, u biex jiżviluppaw aktar il-qafas regolatorju. Dan huwa wkoll tħassib strateġiku għal donaturi oħra, b'mod partikolari l-Istati Membri tal-UE.

III. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 1 – Tara li żgur ikun hemm konformità mar-regoli dwar il-viżibbiltà

Issaħħaħ il-kontrolli biex tara li l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-kuntratti, kif ukoll is-sħab ta' implimentazzjoni tagħhom stess, żgur jikkonformaw mar-regoli dwar il-viżibbiltà. Dan jista' jinkludi l-ħtieġa ta' evidenza ta' tali konformità qabel ma jiġi approvat l-ammont ta' prefinanzjament finali jew qabel ma jsir il-pagament finali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2027.

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Rakkomandazzjoni 2 – Issaħħaħ il-verifiki relatati ma' somom f'daqqa jew kostijiet oħra ddikjarati taħt għażliet ta' kostijiet simplifikati

Biex tnaqqas ir-riskju li benefiċjarji jitolbu jitolbu somom f'daqqa jew kostijiet oħra ddikjarati taħt għażliet ta' kostijiet simplifikati b'mod mhux korrett, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tipprovdilhom aktar gwida u tiċċara x'jikkostitwixxi somma f'daqqa; u

(b) tiżgura, fir-rigward tal-kostijiet iddikjarati taħt għażliet ta' kostijiet simplifikati, li l-metodoloġija sottostanti tkun għaddiet minn valutazzjoni *ex ante* pożittiva f'konformità mal-proċeduri tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li meta jintalbu, tali kostijiet ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti kuntrattwali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026.

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni.

Rakkomandazzjoni 3 – Tieħu pass biex iżżid id-durabbiltà tal-proġetti

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu passi biex iżżid id-durabbiltà tal-proġetti biex b'hekk kwalunkwe infrastruttura mibnija taħt il-proġetti tiġi ppreservata. B'mod partikolari, jenħtieġ li:

(a) tikkollabora aħjar mal-awtoritajiet nazzjonali sabiex tivverifika li l-proġetti ta' infrastruttura jkollhom biżżejjed riżorsi għall-operazzjonijiet u l-manutenzjoni ta' kuljum, u li r-riċevituri finali jkollhom taħriġ u għarfien espert adegwati;

(b) isaħħaħ il-verifiki, pereżempju permezz ta' żjarat fuq il-post, relatati mal-użu attwali ta' tali infrastruttura; u

(c) tieħu inkunsiderazzjoni s-sejbiet ta' dawn il-verifiki f'deċiżjonijiet jew fi strumenti ta' finanzjament futuri simili u tapplika t-tagħlimiet meħuda.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026.

Il-Kummissjoni **taċċetta** r-rakkomandazzjoni**.** Il-Kummissjoni se tkompli tesplora modi innovattivi kif issaħħaħ id-disinn, l-użu effettiv u d-durabbiltà tal-infrastruttura appoġġata.

DRITTIJIET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat sakemm jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandha tkun responsabbli għall-ebda konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti tal-persunal tal-QEA, jew jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb permess ta' dan it-tip, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Kapitolu 3:

- Il-Figuri 3.1, 3.4, 3.5, 3.6, 3.7, 3.8:
  Dawn il-figuri tfasslu bl-użu ta' ikoni minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Kapitolu 6:

- Figura 6.2:
  Din il-figura tfasslet bl-użu ta' ikoni minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.
- Figura 6.3:
  Din il-figura tfasslet bl-użu ta' ikoni minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.
- Figura 6.4:
  Din il-figura tfasslet bl-użu ta' ikoni minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

- Figura 6.5:
  Din il-figura tfasslet bl-użu ta' ikoni minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Kapitolu 9:

- Anness 9.1:
  Maħluq mill-QEA b'"Tableau", sfond tal-mappa © Mapbox u © OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

Kapitolu 11:

- Figura 11.5:

  Din il-figura tfasslet bl-użu ta' ikoni , , u minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

- Figura 11.6:

  Din il-figura nħolqot bl-użu ta' ikoni , u minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

  L-ikoni fl-għamla ta' ger li ntużaw  ġew immodifikati mill-QEA, © **By Ramziia –** stock.adobe.com

- Figura 11.7:

  Il-Figura 11.7 tfasslet bl-użu ta' ikoni , minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

FEŻ:

- Anness I:
  Maħluq mill-QEA b'"Tableau", sfond tal-mappa © Mapbox u © OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

PDF	ISBN 978-92-849-5413-1	ISSN 2600-1675	doi:10.2865/0098253	QJ-01-25-038-MT-N

KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapporti Annwali 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2024 u dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

Ir-rapport annwali tagħna jippreżenta l-opinjoni tagħna dwar jekk il-kontijiet annwali tal-UE humiex affidabbli u jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi tad-dħul u tan-nefqa jikkonformawx mar-regoli u r-regolamenti applikabbli. Huwa jippreżenta wkoll l-analiżi li wettaqna tal-aspetti, relatati kemm mal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja kif ukoll mal-prestazzjoni, tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea